CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY
ST.GEORGE'S FIEF STREET
VICTORIA GOZO
TEL. 2156 0479

BULLETTIN TAL-ARCIDJOCESI U LITURGIJA TAL-KELMA

Nru. 37 **Ġunju, 1983**

WERREJ

Ir-raba librett kateketiku	p. 369
Kors ta' aġġornament għall-Kleru 1982	411
Rapporti tal-ħidma tal-Kummissjonijiet u uffiċċji djoċesani	468
Diskors u omeliji ta' l-Arċisqof u ċirkolarijiet tal-Kurja	504
Pastorali dwar il-Ġublew	514
Diskors u appelli tal-Papa	551
Jum il-Mezzi ta' komunikazzjoni soċjali	554
Eżempji ta' omeliji	561
Nomini ġodda	638

BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
U
LITURĠIJA TAL-KELMA

Nru. 37 Ġunju, 1983

MISSJONI DJOĊESANA

Ir-raba' librett Kateketiku

ID-DEVOZZJONI LEJN MARIJA

WERREJ

1. Daħla
2. Ġabra tal-*Marialis Cultus*
3. Siltiet mill-*Marialis Cultus*
4. Silta mill-*Familiaris Consortio*
5. Siltiet minn *Marija l-Mara l-Ġdida* (Prof. Mons. K. Sant)
6. Servizzi Marjani
   a. Ir-Rużarju spiċċa żmienu?
   b. Jitkellmu l-esperti
   c. Marija l-Ewwel Nisranija
   d. Ir-Rużarju ma' ħames koppji
   e. Kienet Mara (minn *Riflessi*, Ott. 1974)
7. Ideat pastorali
8. Litanija tal-*Lumen Gentium*
9. Strofi għall-Misteri tar-Rużarju
10. Kotba mil-Librerija Preca

Daħla

Dan ir-raba' u l-aħħar librett kateketiku marbut mal-Kungress Marjan, hu ta' natura pjuttost ġenerali: ID-DEVOZZJONI LEJN MARIJA.

Fl-ewwel paġni ta' dan il-librett, insibu l-parti aktarx teoretika, b'emfasi fuq l-Eżortazzjoni Apostolika *Marialis Cultus*, tal-Papa Pawlu VI.

Imma ħafna mill-paġni ta' dan il-librett huma meħuda minn għanijiet prattiċi, aktarx marbut mar-Rużarju, li jistgħu jiġu wżati fil-Parroċċi, fl-Għaqdiet, fl-Iskejjel, fil-Kunventi, fil-Prayer Groups u f'komunitajiet oħra insara.

Il-ħames servizzi marjani li qed nippreżentaw f'dan il-librett, ġew "maħduma" f'parroċċa waħda partikulari. Għalkemm mill-oriġinal qtajna riferenzi għal ċirkustanzi partikulari ta' dik il-parroċċa, jista' jkun li baqa' xi dettalji li ma jkunux jistgħu jiġu attwati minn kull komunità oħra. Imma s-servizzi li qed noffru huma biss "ideat", li jistgħu jiġu adattati skond iċ-ċirkustanzi.

Per eżempju, fejn jissemmew slides u mużika, kulħadd jużahom skond il-possibiltajiet u ċ-ċirkustanzi tiegħu.

Permezz ta' dan il-librett, nixtiequ nitolbu minn qalbna lil kulħadd (saċerdoti, reliġjużi, mexxejja taż-żgħażagħ, diriġenti ta' l-Għaqdiet u l-Gruppi eċċ.), biex, jekk għandhom xi forma ta' servizzi marjani, aġġornati u adattati, jibagħtu kopja lill-KUMMISSJONI KATEKETIKA NAZZJONALI (Istitut Kattoliku), kemm jista' jkun malajr. Jekk ikun il-każ, jiġifieri jekk nirċievu materjal tajjeb biżżejjed, forsi nkunu nistgħu noħorġu librett ieħor. Żgur li hawn ħafna inizjattivi u esperjenzi: jixraq naqsmuhom flimkien. Ħadd m'għandu jibqa' lura milli jagħmel il-ġid.

Il-Kummissjoni Kateketika tixtieq theġġeġ lill-operaturi pastorali kollha biex nieħdu l-okkażjoni tal-Kungress Marjan, ħalli nsaffu d-devozzjoni marjana tal-poplu tagħna, inqegħduha fuq bażi teoloġika b'saħħitha, u nuruha f'dawl li ma jaqtagħhiex mill-ħtiġiet profondi tal-Malti ta' llum. Hekk żgur ħadd ma jgħix li tkun xi forma ta' maġija, jew xi aljenazzjoni reliġjuża.

Niżżu ħajr lil kull min għenna biex nipproduċu dawn il-libretti, u lil kull min użahom.

Fuq kollox nirringrazzjaw lill-Mulej u lil Ommu, li huma dejjem magħna fil-ħajja u fil-ħidma tal-Knisja li tagħha aħna membri.

ĠABRA TAL-MARIALIS CULTUS

Bid-data tat-2 ta' Frar 1974 ħarġet l-eżortazzjoni appostolika *Marialis cultus* li l-Papa Pawlu VI bagħat lill-isqfijiet kattoliċi kollha tad-dinja.

L-eżortazzjoni għandha tliet taqsimiet: l-ewwel taqsima hi dwar id-devozzjoni lejn il-Verġni Marija fil-Liturġija; it-tieni taqsima titkellem fuq it-tiġdid li jeħtieġ isir fid-devozzjoni lejn il-Madonna; u t-tielet taqsima titkellem fuq l-*Angelus* u r-Rużarju.

Il-Liturġija u d-Dommi tal-Madonna

Fl-ewwel taqsima l-Papa jurina b'liema mod fil-Liturġija kollha d-devozzjoni lejn il-Verġni Marija hija marbuta b'rabta liema bħalha maċ-ċelebrazzjoni tal-misteru ta' Kristu tul is-sena liturġika — il-festi kollha tal-Madonna huma ċelebrazzjoni tal-misteru tas-salvazzjoni tal-Mulej, misteru li f'Marija deher fil-milja tiegħu.

Barra dan il-Madonna hija x-xbiha tal-Knisja hi u qegħda tqim lil Alla: bħal Marija, il-Knisja qawwija fil-fidi hi dejjem imhejjija biex tilqa' kull kelma li tiġi minn fomm Alla; bħal Marija, il-Knisja bla heda tfaħħar 'l Alla u titlob is-salvazzjoni għad-dinja kollha; bħal Marija, il-Knisja hi l-Omm ta' dawk kollha li jemmnu; u kif Marija offriet 'il Binha Ġesù għas-salvazzjoni tad-dinja, hekk ukoll toffrih il-Knisja kuljum.

Tiġdid tad-devozzjoni lejn Marija

Fit-tieni taqsima l-Papa jsemmi l-ħtieġa ta' tiġdid fid-devozzjoni tal-poplu nisrani lejn Marija, tiġdid li mingħajr ma jwarrab u jarmi kull ma writna minn missirijietna, jagħmlu aktar jaqbel mal-ħtiġijiet tal-lum.

It-tiġdid għandu jkun qabel xejn liturġiku u bibliku. Illum l-insara qed isiru jafu sewwa l-Kotba Mqaddsa, u l-Papa jrid għalhekk li jsir użu kbir mill-Iskrittura fid-devozzjonijiet kollha li jsiru f'ġieh il-Verġni Marija.

Dawn id-devozzjonijiet għandhom ikunu ispirati mil-Liturġija u għandhom iwasslu lill-fidili għal tisħib aktar sħiħ fil-Liturġija, iżda m'għandna qatt inħalltu flimkien dawn id-devozzjonijiet u ċelebrazzjonijiet liturġiċi, bħalma jiġri jekk wieħed igħaqqad flimkien ċelebrazzjoni ta' tridu jew ta' novena mal-Quddiesa, b'mod li l-Quddiesa tidher qisha l-okkażjoni għannovena.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna għandha tkun mibnija fuq dak li hemm fl-Iskrittura u għandhom jiġu evitati ċerti esaġerazzjonijiet u ċertu sentimentalizmu li mhuwiex ġustifikat mill-Iskrittura u li jdejqu lill-insara mhux Kattoliċi, li għandhom devozzjoni lejn il-Madonna, imma devozzjoni kollha kemm hi bażata fuq il-Kotba Mqaddsa.

Fil-Priedki mbagħad irridu nevitaw li nuru 'l Marija bħala xempju tal-mara f'suriet li mgħandhomx jeżistu: il-mara tallum tifraħ tara f'Marija 'l dik li minn rajha laqgħet l-istedina ta' Alla biex biha jseħħ il-pjan tiegħu, 'il dik li għażlet tkun verġni biex tagħti lilha nfisha kollha kemm hi 'l Alla, 'il dik li bla biża' ta' xejn stqarret li Alla jgħolli l-fqar u l-umli u jwarrab min hu setgħan, 'il dik li bil-ħidma tagħha seħħet il-missjoni ta' l-Appostli, 'l dik li dejjem uriet li kienet "mara ta' qawwa."

L-Angelus u r-Rużarju

Dwar l-'Angelus' il-Papa jgħid li mhux meħtieġ tiġdid, għax hu talba biblika, talba li tfakkarna fil-misteru ta' l-Għid tal-Mulej kollu kemm hu mill-Inkarnazzjoni sas-sebħ tal-qawmien mill-imwiet, talba li tqaddes it-taqsimiet ewlenija tal-jum, filgħodu, nofs in-nhar u filgħaxija.

Ir-Rużarju wkoll jista' jitqies bħala talba biblika għaliex jieħu mill-Evanġelju l-misteri tiegħu; u hu mqassam skond it-tliet taqsimiet ta' l-innu ta' San Pawl lil Kristu fl-ittra lill-Filippin (2,6-11) — iċċekken, miet, ġie msebbaħ. Ir-Rużarju mhux talba liturġika, imma devozzjoni għażiża li taqbel ħafna ma' l-ispirtu tal-Liturġija, għaliex il-kontemplazzjoni tal-misteri kollha tal-fidwa fir-Rużarju tgħin ħafna biex imbagħad nieħdu sehem sħiħ fiċ-ċelebrazzjoni liturġika tagħhom. Ta' min ifaħħar, igħid il-Papa, id-drawwa li daħlet fiż-żminijiet tallum li r-Rużarju jieħu sura ta' ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla, b'qari mill-Iskrittura u ħsieb qasir fuqu ma' kull posta tar-Rużarju.

Il-familja, igħid il-Papa, hi knisja żgħira, għandu jkun hemm talb flimkien — x'inhu aħjar mir-Rużarju bħala talba ta' kuljum fil-familja nisranija? Ir-Rużarju hu talba mill-aqwa u minnu nnifsu għandu jiġbed lejh il-fidili ħa jgħiduh, mingħajr ma jkun hemm bżonn li xi ħadd jimponih bil-fors.

It-tkattir ta' devozzjoni vera lejn l-Imqaddsa Verġni Marija, itemm igħid il-Papa, ma tistax ma tkunx ta' ġid kbir għall-Knisja u għas-soċjetà kollha tal-bnedmin illum.

SILTIET MILL-MARIALIS CULTUS

Mid-daħla

☐ L-iżvilupp tad-devozzjoni lejn l-Imqaddsa Verġni Marija mixtieq minna hu wirja tal-pietà ġenwina tal-Knisja. Din id-devozzjoni toqgħod eżatt fil-qima waħdanija li hi msejħa sew "nisranija", għax tieħu l-bidu u s-saħħa tagħha minn Kristu; issib l-espressjoni sħiħa tagħha fi Kristu; u bi Kristu tmexxi fl-Ispirtu lejn il-Missier. Fil-qasam tal-qima, din id-devozzjoni neċessarjament tirrifletti l-pjan ta' Alla għall-fidwa, li fih toqgħod tajjeb forma speċjali ta' ġieh għall-post singulari li Marija tokkupa f'dak il-pjan.

☐ Tabilħaqq, kull żvilupp awtentiku tal-qima nisranija ikollu neċessarjament warajh żieda li tixraq tal-ġieh lil Omm il-Mulej. Barra minn dan, l-istorja tad-devozzjoni, turi kif id-diversi forom ta' ġieh lill-Omm Alla, li l-Knisja approvat fil-limiti ta' duttrina sħiħa u tajba, żviluppaw f'subordinazzjoni armonjuża għall-qima lil Kristu, u daru ma' din il-qima bħala r-riferenza naturali u meħtieġa tagħhom. Hekk qed jiġri fi żmien tagħna...

☐ Fi żmienna, il-bidliet li seħħu fl-imġieba soċjali, fis-sensibilità tal-bnedmin, fil-modi ta' espressjoni ta' l-arti u l-letteratura u fil-forom ta' komunikazzjoni soċjali, influwenzaw ukoll il-wiri tas-sentiment reliġjuż. Ċerti drawwiet u devozzjonijiet li sa ftit ilu kienu jidhru adattati biex juru s-sentiment reliġjuż ta' ndividwi u tà' komunitajiet insara, illum jidhru li mhumiex adattati aktar, għax huma miżmuma bħala marbutin ma' mudelli soċjali u kulturali ta' l-imgħoddi.

☐ Min-naħa l-oħra, f'ħafna postijiet, xi nies qed ifittxu modi ġodda kif jesprimu r-relazzjoni li ma titbiddilx bejn il-ħlejjaq u l-Hallieq tagħ-

hom; ta' wlied ma' Missierhom. F'xi nies, dil-ħaġa tista' toħloq konfużjoni għal xi żmien. Imma min jafda f'Alla, meta jaħseb fuq dan kollu jsib li ħafna mix-xejriet tal-pietà moderna (per eżempju, l-interjorizzazzjoni tassentiment reliġjuż), huma mifhuma biex igħinu fl-iżvilupp tal-pietà nisranija in ġenerali, u tad-devozzjoni lejn il-Verġni Marija in partikulari. Iż-żmien tagħna, għalhekk, attent b'fedeltà għat-tradizzjoni u għall-progress tat-teoloġija u tax-xjenzi, għad jagħti s-sehem tiegħu ta' tifhir lil dik li, fil-kliem profetiku tagħha stess, kull nisel isejħilha hienja (ara Lq. 1,48)...

□ Aħna nixtiequ, għalhekk, nieqfu fuq numru ta' problemi dwar irrelazzjoni bejn il-liturġija u d-devozzjoni lejn il-Verġni Mqaddsa (Parti I), noffru konsiderazzjonijiet u direttivi biex igħinu fl-iżvilupp ta' din id-devozzjoni (Parti 2), u fl-aħħar nagħmlu ftit riflessjonijiet bl-iskop li ninkoraġġixxu t-tiġdid (b'mod dinamiku u aktar infurmat) tar-reċita tar-Rużarju, prattika li l-Papiet ta' qabilna rrikmandaw b'tant qawwa, u li hi tant imxerrda fost il-poplu nisrani (Parti 3).

Il-Verġni mbierka fil-Liturġija

□ Ir-riforma tal-Liturġija Rumana kienet titlob tiġdid bil-għaqal tal-Kalendarju Ġenerali. Dan il-kalendarju hu rranġat b'tali mod li jagħti prominenza xierqa liċ-ċelebrazzjoni tal-ħidma tas-salvazzjoni fi ġranet partikulari. Il-misteru ta' Kristu mill-Inkarnazzjoni sa l-istennija tal-miġja tiegħu mill-ġdid fil-glorja hu mqassam matul is-sena. B'hekk sar possibbli li t-tifkira ta' Omm Kristu fiċ-ċiklu ta' kull sena tal-misteri ta' Binha, isiru b'mod iktar maħsub.

□ Per eżempju fi żmien l-Avvent hemm bosta riferenzi, fil-liturġija, għal Marija, barra mis-solennità tat-8 ta' Diċembru, li hi ċelebrazzjoni tat-Tnissil bla tebgħa ta' Marija, u fl-istess ħin tat-thejjija bażika (ara Is 11, 1 u 10) għall-miġja tas-Salvatur, u tal-bidu sabiħ tal-Knisja bla tebgħa u bla tikmixa...

□ Żmien il-Milied hu tifkira mtawla tal-Maternità divina, verġinali u salvifika ta' Dik li l-verġinità tagħha ġabet is-Salvatur fid-dinja...

□ Maż-żewġ solennitajiet imsemmija (Tnissil bla tebgħa u Maternità Divina), għandhom jiżdiedu ċ-ċelebrazzjonijiet antiki u qaddisa tal-25 ta' Marzu u l-15 ta' Awissu.

□ Għas-solennità ta' l-Inkarnazzjoni tal-Verb, fil-Kalendarju Ruman, l-isem antik — it-Tħabbira tal-Mulej — reġa' ġie mġedded bi ħsieb, imma l-festa kienet u għadha ta' Kristu u tal-Verġni Mbierka: tal-Verb, li ssir "Iben Marija" (Mk 6,3), u tal-Verġni, li ssir Omm Alla.

Dwar Kristu, il-lvant u l-punent, fl-għana bla tarf tal-liturġiji tagħhom, jiċċelebraw din is-solennità bħala t-tifkira tal-"fiat" ħellies tal-Verb Inkarnat, li, waqt li daħal fid-dinja, qal: "Hawn jien: ġej nagħmel ir-rieda tiegħek o Alla" (Lhud 10,7: Salm 39, 8-9). Jikkommemoraw din il-festa bħaumana fil-Persuna waħda tal-Verb.

Dwar Marija, dawn il-liturġiji jiċċelebraw il-25 ta' Marzu bħala l-festa ta' Eva l-ġdida, il-Verġni ubbidjenti u fidila, li bil-"fiat" ġeneruż tagħha (Lq 1,38), bil-ħidma ta' l-Ispirtu saret Omm Alla, imma wkoll l-Omm vera tal-ħajjin; u billi laqgħet f'ġufha l-uniku Medjatur (ara I Tim 2,5), hi saret il-vera Arka tal-Patt u l-veru Tempju ta' Alla. Dawn il-liturġiji jiċċelebrawha bħala mument għoli fid-djalogu feddej bejn Alla u l-bniedem, u bħala

tifkira tal-kunsens liberu tal-Verġni Imbierka u tal-koperazzjoni tagħha fil-pjan tal-fidwa.

□ Is-solennità tal-15 ta' Awissu tiċċelebra l-Assunzjoni glorjuża ta' Marija fis-sema. Hi festa tad-destin tagħha ta' milja u barka; ta' glorifikazzjoni tar-ruħ bla tebgħa u tal-ġisem verġinali tagħha; tat-tixbih perfett tagħha ma' Binha rxoxtat; festa li tqiegħed quddiem l-għajnejn tal-Knisja, u tal-bnedmin kollha, ix-xbiha u l-prova li tfarrag tat-twettiq tat-tama aħħarija tagħhom, jiġifieri li din il-glorifikazzjoni sħiħa hi d-destin ta' dawk kollha li Kristu għamel ħutu...

□ Meta l-liturġija titfa' l-ħarsa tagħha lejn il-Knisja tal-bidu jew lejn il-Knisja ta' issa, dejjem issib lil Marija. Fil-Knisja tal-bidu narawha titlob ma' l-Appostli: fi żmienna hi attivament preżenti, u l-Knisja tixtieq tgħix il-misteru ta' Kristu magħha...

□ Nixtiequ nagħmlu enfasi fuq il-fatt li l-qima li l-Knisja kollha llum tagħti lill-Imqaddsa Marija hu ġej, anzi hu żvilupp u żieda bla waqfien fid-devozzjoni li l-Knisja ta' kull żmien tatha...

□ Marija ma hix biss eżempju għall-Knisja kollha fl-eżerċizzju tal-qima divina, imma hi wkoll, b'mod ċar, għalliema tal-ħajja spiritwali għall-insara individwi. Il-fidili, sa minn kmieni, bdew iħarsu lejn Marija u jimitawha billi jagħmlu ħajjithom att ta' qima lil Alla, u jagħmlu mill-qima tagħhom impenn ta' ħajjithom...

Tiġdid fid-devozzjoni lejn Marija

□ Qabel xejn jixraq bil-bosta li l-atti ta' pietà diretti lejn il-Verġni Marija jesprimu b'mod ċar in-nota Trinitarja u Kristoloġika li hi essenzjali u ntrinsika għalihom... Fil-Verġni Marija, kollox hu relattiv għal Kristu u jiddependi minnu. Kien għal Kristu li Alla l-Missier, mill-eternità, għażilha biex tkun l-Omm mimlija bil-grazzja, u żejjinha bid-doni ta' l-Ispirtu li ma ġew mogħtija lil ħadd. Ċertament, il-pietà nisranija ġenwina qatt ma naqset li turi ċar ir-rabta li ma tinħallx u r-relazzjoni essenzjali tal-Verġni mas-Salvatur Divin...

□ Il-fidili jkunu jistgħu japprezzaw b'iktar faċilità l-missjoni ta' Marija, fil-misteru tal-Knisja u l-post pre-eminenti tagħha fix-Xirka tal-Qaddisin, jekk. tingibed l-attenzjoni għar-riferenzi tal-Konċilju Vatikan II għall-kunċetti fundamentali tan-natura tal-Knisja bħala l-Familja ta' Alla, il-Poplu ta' Alla, is-Saltna ta' Alla u l-Ġisem Mistiku ta' Kristu. Dan iressaq ukoll il-fidili għal twettiq iktar fil-fond tal-fraternità li tgħaqqadhom ilkoll bħala wlied tal-Verġni Marija, "li, b'imħabba ta' omm, ħadet sehem fit-tnissil ġdid tagħhom u fil-formazzjoni spiritwali tagħhom" *(Lumen Gentium)*.

Hawn id-dokument isemmi erba' direttivi għad-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka: jitkellmu dwar il-bażi biblika, liturġika, ekumenika u antropoloġika tad-devozzjoni. Hawn taħt se nġibu siltiet mill-passaġġi ekumeniċi u antropoloġiċi.

Omm l-Insara

□ Minħabba l-karattru ekkleżjali tagħha, id-devozzjoni lejn il-Verġni Marija tikxef il-preokkupazzjonijiet tal-Knisja nnifisha. Fost dawn, l-aktar fi żmienna, hemm l-ansjetà tagħha għall-għaqda mill-ġdid fost l-Insara. B' dan il-mod, id-devozzjoni lejn Omm il-Mulej hi skond ix-xewqat profondi

u l-iskopijiet tal-moviment ekumeniku; jiġifieri tieħu aspett ekumeniku. U dan għal diversi raġunijiet.

□ L-ewwelnett, meta jagħtu ġieh b'imħabba partikulari lill-glorjuża Theotokos (Omm Alla), u meta jsejħulha "Tama ta' l-Insara," il-Kattoliċi jingħaqdu ma' ħuthom tal-Knejjes Ortodossi, fejn id-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka ssib l-espressjoni f'kitba sabiħa u duttrina soda. Il-Kattoliċi huma magħqudin ukoll ma' l-Anglikani: it-teologi klassiċi Anglikani ġa ġibdu l-attenzjoni għal bażi biblika b'saħħitha għad-devozzjoni lejn Omm il-Mulej, waqt li t-teologi Anglikani ta' llum qed jagħtu importanza dejjem akbar lill-post ta' Marija fil-ħajja nisranija. Fit-tifħir 'l Alla bl-istess kliem tal-Verġni (Lq 1, 46-55), il-Kattoliċi huma wkoll magħquda ma' ħuthom tal-Knejjes Riformati, fejn hemm imħabba ħajja għall-Iskrittura Mqaddsa.

□ Għall-Kattoliċi, id-devozzjoni lejn Omm Kristu u Omm l-Insara hi wkoll opportunità naturali u spissa biex ifittxu l-intercessjoni Tagħha ma' Binha, biex jiksbu l-għaqda ta' l-imgħammdin kollha fil-Poplu wieħed ta' Alla. Barra minn hekk, l-aspett ekumeniku tad-devozzjoni Marjana jintwera fix-xewqa tal-Knisja Kattolika li, mingħajr ma tnaqqas mill-karattru uniku ta' din id-devozzjoni, tingħata kull kura biex jiġu evitati esaġerazzjonijiet li jistgħu jfixklu aħwa oħra Insara dwar it-tagħlim veru tal-Knisja Kattolika. Il-Knisja tixtieq ukoll li kull wirja ta' qima li hi kontra d-drawwa korretta kattolika għandha titneħħa.

It-tip ta' mara

□ Id-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka għandha wkoll tagħti attenzjoni sewwa għal ċerti sejbiet tax-xjenzi umani. Dan igħin biex titwarrab waħda mill-kawżi tad-diffikultajiet li jinħassu fid-devozzjoni lejn Omm il-Mulej: id-diskrepanza li teżisti bejn xi aspetti ta' din id-devozzjoni u sejbiet antropoloġiċi moderni u l-bidliet profondi li seħħew fil-qasam psikosoċjoloġiku li fihom igħix u jaħdem il-bniedem ta' llum.

Ix-xirka tal-Verġni Imbierka preżentata f'ċertu tip ta' letteratura devozzjonali diffiċli tqabbilha ma' l-istil ta' ħajja ta' llum, speċjalment malmod tal-ħajja tan-nisa ta' llum. Fid-dar, l-ugwaljanza u l-koresponsabiltà tal-mara mar-raġel, fit-tmexxija tal-familja, ġustament qed jiġu magħrufa mil-liġijiet u l-iżvilupp tad-drawwiet. Fil-qasam tal-politika, f'ħafna pajjiżi n-nisa kisbu pożizzjoni, fil-ħajja pubblika, daqs dik ta' l-irġiel. Fil-qasam soċjali, in-nisa qed jaħdmu f'mergħa wiesgħa ta' mpiegi differenti: qed jitilqu kuljum 'il boghod mill-ambjent ristrett tad-dar. Fil-qasam kulturali, qed jinfetħu għan-nisa possibiltajiet ġodda, fi tfittix xjentifiku u attivitajiet intellettwali.

□ Bħala riżultat ta' dawn il-fenomeni, xi nies qed jiddejqu bid-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka: qed isibuha diffiċli jieħdu lil Marija ta' Nazaret bħala eżempju. Igħidu li l-wesgħat tal-ħajja tiegħu jidhru aktarx ristretti, paragunati mal-oqsma wiesgħa ta' ħidma miftuħa għall-bniedem ta' llum... Nixtiequ nagħtu l-kontribuzzjoni tagħna għal soluzzjoni, billi nagħmlu ftit osservazzjonijiet.

□ i. Il-Verġni Marija dejjem ġiet proposta lill-fidili mill-Knisja bħala eżempju li għandu jiġi imitat mhux preċiżament fit-tip ta' ħajja li kienet tgħix: inqas u inqas għall-isfond soċjo-kulturali li fih għexet, u li llum ma jeżisti kważi mkien.

Hi miżmuma bħala eżempju għall-fidili aktar għall-mod kif Hi, fil-ħajja partikulari tagħha, laqgħet ir-rieda ta' Alla (Lq 1,38): mod sħiħ u responsabbli. Hi semgħet il-kelma ta' Alla, u ħadmet fuqha. Il-karità u l-ispirtu ta' servizz kienu l-forza li mexxewha fl-azzjonijiet tagħha. Jistħoqqilha imitazzjoni għax kienet l-ewwel u l-iktar perfetta mid-dixxipli ta' Kristu. Dan kollu għandu valur ta' eżempju permanenti u universali.

□ 2. Nixtiequ ngħidu li d-diffikultajiet li semmejna huma marbuta ma' ċerti aspetti tax-xbiha ta' Marija li nsibu f'kitbiet popolari. Mhumiex marbuta max-xbiha ta' Marija fil-Vanġelu. Lanqas mhuma marbuta ma' "data" dottrinali li saru espliċitament permezz ta' proċess bil-mod u kuxjenzjuż, ta' tagħlim miksub mir-Rivelazzjoni. Għandu jkun kunsidrat aktarx normali għal ġenerazzjonijiet ta' nsara li jiġu wara xulxin, f'kuntesti socio-kulturali differenti, li esprimew is-sentimenti tagħhom dwar Omm Ġesù, b'mod u manjiera li kienu jirriflettu żmienhom.

Meta ħasbu fuq Marija u l-missjoni tagħha, dawn il-ġenerazzjonijiet differenti ta' nsara, ħarsu lejha bħala l-Mara l-Ġdida u n-Nisranija perfetta, u sabu fiha Verġni, Mara Miżżewġa u Omm' tip speċjali ta' mara u eżempju pre-eminenti ta' ħajja mgħoddija fi qbil mal-Vanġeli. Hajjitha kienet tiġbor fiha s-sitwazzjonijiet l-aktar karatteristiċi fil-ħajja ta' mara.

Meta l-Knisja tikkonsidra l-Istorja twila tad-devozzjoni Marjana, tifraħ għall-kontinwità ta' l-element ta' qima li turi, imma ma tintrabatx ma' xi forma ta' espressjoni partikulari ta' xi epoka kulturali ndividwali jew ma' l-ideat partikulari antropoloġiċi li jkun hemm marbuta ma' dawn l-espressjonijiet. Il-Knisja tifhem li ċerti espressjonijiet reliġjużi esterni, waqt li jkunu perfettament validi fihom infushom, jistgħu jkunu inqas adattati għall-bnedmin ta' żminijiet u kulturi differenti.

□ 3. Fl-aħħar nixtieq ngħid li ż-żmien ta' llum, xejn inqas minn ta' qablu, hu msejjaħ biex jivverifika t-tagħrif tiegħu tar-realtà billi jqabbilha mal-Kelma ta' Alla. Ukoll, b'rabta mas-suġġett li qed nikkonsidraw, għandhom jiġu mqabbla l-ideat antropoloġiċi ta' llum, u l-problemi li jiġu minnhom, max-xbiha tal-Verġni Marija kif jippreżentaha l-Vanġelu. Il-Qari ta' l-Iskrittura, taħt it-tmexxija ta' l-Ispirtu s-Santu, u bis-sejbiet tax-xjenzi umani u s-sitwazzjonijiet differenti tad-dinja ta' llum, għandhom igħinuna naraw kif Marija tista' tiġi kkonsidrata bħala mera tax-xewqat tal-bnedmin ta' llum. Hekk, il-mara moderna, ħerqana biex tieħu sehem fis-setgħa taddeċiżjonijiet li jittieħdu fil-ħwejjeġ tal-komunità, tista' taħseb f'Marija b'ferħ intimu: għax Marija, fi djalogu ma' Alla, tat il-kunsens attiv u responsabbli tagħha, mhux għas-soluzzjoni ta' xi problema personali, imma għal dak "l-avveniment ta' importanza dinjija", kif l-Inkarnazzjoni tal-Kelma ġiet imsejħa ġustament.

Il-mara moderna tapprezza li l-għażla ta' l-istat ta' verġinità minn Marija, li fil-pjan ta' Alla hejjiha għall-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, ma kenitx ċaħda ta' xi valuri ta' l-istat taż-żwieġ, imma għażla kuraġġuża li hi għamlet biex tikkonsagra ruħha totalment għall-imħabba ta' Alla.

Il-mara moderna tinnota, b'sorpriża li tagħti gost, li Marija ta' Nazaret, waqt li mogħtija bis-sħiħ għar-rieda ta' Alla, altru li ma kenitx xi mara ġwejda, jew xi waħda li l-pietà tagħha kienet iddejjaq lill-oħrajn. Għall-kuntrarju kienet mara li ma beżgħetx tistqarr li Alla jieħu ħsieb l-umli u l-oppressi, u jneħħi n-nies setgħana ta' din id-dinja mill-pożizzjonijiet privileġġati tagħhom (Lq 1,51-53).

Il-mara moderna tagħraf f'Marija, li "tidher fost il-foqra u l-umli tal-Mulej", mara ta' qawwa, li għamlet esperjenza ta' faqar u tbatija, ħarba u eżilju (Mt 2,13-23). Dawn huma sitwazzjonijiet li ma jistgħux jaħarbu l-attenzjoni ta' dawk li, bl-ispirtu tal-Vanġelu, jixtiequ jgħinu fil-ħelsien ta' l-enerġiji tal-bniedem u tas-soċjetà. U Marija tidher mhux bħala Omm mehdija biss bl-Iben divin tagħha, imma aktar bħala mara li b'għemilha għenet biex issaħħaħ il-fidi tal-komunità apostolika fi Kristu (Ġw 2,1-12), u li l-ħidma tagħha ta' Omm kienet imkabbra u saret universali fuq il-Kalvarju.

Dawn huma biss eżempji: imma eżempji li juru ċar li x-xbiha tal-Verġni Mbierka ma tilludix ix-xewqat profondi tan-nies ta' llum, anzi toffrilhom il-mudell perfett tad-dixxipli tal-Mulej: id-dixxiplu li jibni l-belt temporali tad-dinja, waqt li jħabrek fi triqtu lejn il-belt ta' dejjem fis-sema; id-dixxiplu li jaħdem għal dik il-ġustizzja li teħles lill-oppressi u għal dik l-imħabba li tgħin lill-batuti; imma fuq kollox id-dixxiplu li hu xhud attiv ta' dik l-imħabba li tibni lil Kristu fi qlub il-bnedmin...

☐ It-tielet parti ta' MARIALIS CULTUS tittratta dwar żewġ talbiet: l-Angelus u r-Rużarju. Fiha l-Papa jeżortana biex inħarsu d-drawwa ta' l-Angelus, bħala tifkira tal-Misteru ta' l-Għid, u d-drawwa tar-Rużarju, bħala "talba b'orjentament Kristoloġiku ċar." Insibu rakkomandazzjoni qawwija għar-Rużarju fil-familja "...It-Tieni Konċilju Vatikan wera kif il-familja l-ewwel u l-iktar ċellula vitali tas-soċjetà, turi lilha nnifisha bħala s-santwarju tal-Knisja fid-dar, permezz ta' l-imħabba tal-membri lejn xulxin, u permezz tat-talb flimkien li joffru lil Alla..."

☐ L-aħħar parti tad-dokument titkellem fuq il-valur teoloġiku u pastorali tad-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka.

SILTIET MILL-EŻORTAZZJONI APOSTOLIKA FAMILIARIS CONSORTIO

Par. 60. "Element fundamentali li xejn ma jista' jeħodlu postu fl-edukazzjoni għat-talb hu l-eżempju *bil-fatti* tal-ġenituri u x-xhieda talħajja tagħhom; huwa biss huma u jitolbu ma' wliedhom li l-missier u l-omm iwettqu s-saċerdozju regali tagħhom u jinżlu salfond tal-qalb ta' wliedhom u jħallu hemm sinjali li, jiġri x'jiġri wara, xejn mhu se jħassarhom.

Nisimgħu mill-ġdid l-appell li l-Papa Pawlu VI għamil lill-ġenituri: 'Ommijiet, tgħallmu intom lil uliedkom it-talb tan-nisrani? Thejjuhom flimkien mas-saċerdoti għas-sagramenti ta' l-ewwel snin... Iddarruhom, meta jimirdu, jaħsbu fi Kristu qiegħed ibati, u jitolbu l-Madonna u l-qaddisin? *TGHIDUH IR-RUŻARJU D-DAR?* U intom, missirijiet, tafu titolbu ma' wliedkom, mal-komunità kollha tal-familja, almenu xi darba? L-eżempju tagħkom ta' tjieba filħsieb u fl-eghmil, imwieżen bit-talb flimkien, jiswa daqs kemm huwa lezzjoni għall-ħajja u att ta' qima ta' siwi liema bħalu'."...

Par. 61. "B'rispett sħiħ għal-libertà ta' wlied Alla, il-Knisja dejjem ħajret u għadha tħajjar lill-insara għal xi devozzjonijiet b'ċerta ħerqa u insistenza. Fost dawn insemmu *IR-RUŻARJU*. 'Irridu issa, biex inkomplu dak li għamlu l-Papiet ta' qabilna' (igħid Pawlu VI fil-

Marialis Cultus), *'NIRRIKMANDAW BIL-HEĠĠA KOLLHA R-RUŻARJU FI HDAN IL-FAMILJA...* Hi ħaġa żgura li r-Rużarju għandna nqisuh bħala waħda mill-aqwa talbiet flimkien li l-familja nisranija hi mistiedna li tgħid, u ta' qawwa kbira. Inħobbu naħsbu u bil-ħrara kollha nittamaw li meta l-laqgħa fil-familja tinbidel f'mumenti ta' talb, ir-Rużarju jkun it-talba li tingħad l-aktar ta' spiss u bil-qalb.

B'hekk, il-vera devozzjoni lejn il-Madonna, li tidher fir-rabta sħiħa u fix-xebh bil-qalb kollha ma' l-imġieba spiritwali tal-Verġni Mqaddsa, issir strument mill-aqwa li jżomm sħiħa l-għaqda fl-imħabba tal-familja u jġib 'il quddiem l-ispiritwalità tal-miżżewġin u tal-familja. Marija, Omm Kristu u Omm il-Knisja, hi wkoll b'mod speċjali Omm il-familji nsara, Omm il-Knejjes tad-dar."

SILTIET MILL-KTIEB TAL-MONS. PROF. K. SANT

MARIJA, IL-MARA ĠDIDA

Fi Frar ta' l-1974 il-Papa ħareġ l-Eżortazzjoni Apostolika *Marialis Cultus* (MC) bl-iskop li jġedded u jirriforma l-Kult ta' Marija fuq bażi biblika u teoloġika soda. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu jitilqu mill-prinċipju: Il-Knisja minn dejjem qiegħdet lill-Verġni Marija quddiem il-fidili bħala xempju għal ħajjithom mhux preċiżament *mniħabba x-xorta ta' ħajja li hija kienet tgħix, u wisq inqas minħabba l-isfond soċjo-kulturali tagħha, li llum m'għadek issib tista' tgħid IMKIEN fid-dinja.* Għall-kuntrarju, il-Knisja tqegħidha bħala xempju għall-fidili l-aktar *għall-mod kif hija, fil-ħajja partikulari tagħha, laqgħet fil-milja tagħha u bir-responsabbiltà kollha r-rieda ta' Alla (ara Luqa 1,38), għax hi semgħet il-kelma ta' Alla, laqgħetha u wettqitha, kif ukoll għax f'kulma għamlet, Marija kienet immexxija mill-ispirtu ta' mħabba u ta' servizz.* Il-Madonna jistħoqqilha li wieħed jimitaha għax hi l-ewwel u l-aktar perfetta fost id-dixxipli ta' Kristu. Dan jibqa' jiswa dejjem u kullimkien biex il-ħajja ta' Marija jimxi kulħadd fuqha (MC 35).

Jiġifieri l-Papa qiegħed iġħidilna li biex inġeddu u nagħtu ħajja ġdida lill-Kult ta' Marija jeħtieġ li nwarrbu dawk il-forom marbuta ma' kulturi li għaddew, noħorġu l-valuri permanenti, u ninterpretawhom fid-dawl tal-kultura u s-soċjetà moderna.

Dawn il-valuri nsibuhom billi ngħarblu sewwa d-dokumenti biblici li jitkellmu fuq Marija, u napplikawhom għall-mara moderna. Għalhekk il-Papa jħeġġeġ "lit-teoloġi, lill-mexxejja tal-komunitajiet Insara u lill-fidili nfushom biex jistħarrġu dawn id-diffikultajiet bil-ħerqa li jixirqilhom" (MC 34). Id-diffikultajiet li jsemmi l-Papa huma dawk li l-mara moderna qiegħda ssib fl-imitazzjoni ta' Marija, kif s'issa kienet ippreżentata f'kotba u pratiki reliġjużi ġejjin minn kulturi u sistemi soċjali ta' l-imgħoddi.

F'dan l-artiklu biħsiebni nagħarbel fil-qosor kemm jista' jkun it-tagħrif li jagħtuna l-Evanġelisti dwar Marija u noħroġ mill-fosdqa kulturali u soċjali ta' 2000 sena ilu l-valuri umani u Kristjani li jinsabu moħbija fiha u li għadhom u jibqgħu validi għal dejjem.

Nistudjaw lil Marija fil-mumenti l-aktar importanti fil-ħajja tal-mara — l-għerusija, il-verġinità, il-maternità u l-personalità tagħha.

Il-Bniedma l-Ġdida (MC 57)

Marija mela kienet l-għarusa ta' Ġużeppi, il-Verġni għarusa ta' l-Ispirtu s-Santu, l-omm ta' Ġesù; dawn kienu tliet għażliet minn rajha. Nistaqsu għalhekk: X'kienu l-ispirazzjoni u l-prinċipju li wassluha għal dawn l-għażliet?

It-tweġiba tagħtihielna Marija stess meta tgħid lil Gabrjiel: "Hawn hi l-qaddejja *(doulê)* tal-Mulej, ikun minni skond kelmtek", Lq 1,38. Il-kelma Griega *doulê* tfisser *ilsira*; l-ilsir fi żmien Marija ma kellu ebda drittijiet quddiem sidu; dan seta' jagħmel bih li jrid; ħajtu kienet f'idejh, u l-ilsir kellu jagħmel dak li jgħidlu sidu bil-fors, il-volontà tiegħu kienet il-volontà ta' sidu. Meta Marija mela stqarret ruħha *lsira* ta' Alla hi issottomettiet ruħha, b'att deliberat u liberu, għar-rieda ta' Alla. Dan kien il-prinċipju fondamentali li fuqha kienet mibnija l-ħajja ta' Marija.

Il-figura ta' l-ilsir fir-relazzjoni tiegħu ma' sidu biex tfisser ir-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla ma kinitx xi ħaġa ġdida fit-tradizzjoni biblika. Il-persunaġġi l-kbar fl-istorja tas-Salvazzjoni — Abraham, Mosè, David, Hanna, Samwel, kollha stqarrew ruħhom ilsira ta' Alla. Iżda l-ikbar wieħed hu l-bniedem li Alla sejjaħ biex jifdi l-bnedmin; il-qaddej tal-Mulej, Is 42, 1-4; 49, 1-6; 5,4-9; 52,13-53,12; Ġesù u l-appostli applikaw din il-profezija għal Kristu, 'il Qaddej tal-Mulej li feda l-bnedmin b'att ta' obbedjenza assoluta lejn Alla l-Missier, Atti 8,35. L-Appostli applikaw dan ukoll b'xi mod għalihom infushom u twaħħdu ma' Kristu, xbihat tiegħu u kooperaturi tiegħu.

Marija kienet waħda minn dawk in-nies li huma msejħin fis-salmi l-fqar tal-Mulej, nies li t-tama tagħhom kienet biss f'Alla; l-innu tal-*Magnificat* ta' Marija hu innu tal-fqar tal-Mulej: fqar aktar fl-ispirtu, milli fil-ġid materjali: "Xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja *(doulê)* tiegħu... miegħi għamel ħwejjeġ kbar", Lq 1,48-49.

Minn din ix-xorta ta' spiritwalità midfuna kollha kemm hi f'Alla, kienu ħierġa l-virtujiet l-oħra li Marija kienet imżejna bihom: l-umiltà tagħha, Lq 1,48; l-imħabba lejn il-proxxmu, Lq 1,39-56; Ġw 2; il-kuraġġ fl-eżilju Mt 2,13-23; fid-dulur, Lq 2,34-35; Ġw 19,25; fil-faqar Lq 148; 2,24; il-premura għal binha, Lq 2,1-17; Ġw 19,25-27; l-osservanza tal-verġinità b'att ta' mħabba lejn Alla, Mt 1,18-25; Lq 1,26-38, u l-imħabba qawwija u kasta tal-miżżewġin, Mt 1,24-25. U fl-aħħar fl-ispirtu ta' orazzjoni, Lq 2,21-22-40; Atti 1,14, u l-ispirtu ta' riflessjoni siekta: "u kienet iżżomm kollox f'qalbha", Lq 1,29.34; 2,19.33.31, u taħseb fuq il-misteri kbar li kienu qegħdin iseħħu fiha u madwarha (MC 57). Hi l-mara qalbiena kapaċi tgħix il-prinċipji tagħha u tieqaf kontra l-inġustizzja u taqbeż għal min hu fil-bżonn, Lq 1,51.

San Pawl għallimna li Kristu hu l-bniedem ġdid, li ħa post il-qadim li hu Adam. Marija hi l-bniedma l-ġdida li ħadet post il-qadima li hi Eva. Htija tad-diżobbidjenza ta' Adam u ta' Eva daħlet il-mewt; minħabba l-obbedjenza ta' Kristu u ta' Marija daħlet il-ħajja, Rum 5,12. Hekk Marija saret l-ewwel xbiha profetika ta' Kristu binha, u tista' tgħidilna: "Ixbhu lili bħalma jiena nixbah lil Kristu" (1 Kor 4,16).

Marija mela hi l-mudell tal-mara nisranija, imsejħa hija wkoll biex tkun il-qaddejja tal-Mulej; biex biha Alla jinqeda ħalli jwassal lil Kristu lill-bnedmin; imsejħa biex bil-ħajja tagħha ta' verġni jew mara miżżewġa

tħobb b'qalb safja, iġġib il-ħajja fid-dinja, tnissel 'il Ġesù l-ewwel f'qalbha mbagħad f'uliedha, taqbeż għall-batut u tgħinu, issofri bil-kuraġġ, u tirrifletti fuq il-misteri kbar li jseħħu fiha u madwarha: il-misteru ta' l-imħabba konjugali, sinjal u frott ta' l-imħabba ta' Kristu lejn il-Knisja, u bil-Knisja lejn Kristu, il-misteru tal-ħajja.

Għeluq

Hekk ġrejna ġirja ħafifa mal-ħajja ta' Marija fl-istadji ewlenin tagħha: l-għażla ta' l-għerusija u l-ħajja miżżewġa, l-għażla tal-verġinità, l-għażla tal-maternità. Neħħejna l-qoxra frott ta' żmienha, u ħriġna l-valuri dejjiema li kienu l-kwiekeb li dawlu t-triq ta' Marija, kwiekeb li għandhom imexxu l-mara nisranija fid-dinja tallum: id-dimensjoni umana, spiritwali, Kristjana ta' l-imħabba konjugali u l-espressjoni fiżika tagħha; il-valur tal-verġinità espressjoni ta' l-imħabba assoluta u inkondizzjonata lejn Alla; il-valur tal-maternità bħala għajn tal-ħajja materjali u spiritwali; u fl-aħħar il-valur ta' l-att ta' sottomissjoni għall-volontà ta' Alla fiċ-ċirkustanzi tal-ħajja. Dawn il-valuri li għandhom jispiraw lill-mara kristjana moderna għatxana għall-perfezzjoni tagħha nfisha fi klima tal-libertà ta' l-ispirtu u l-imħabba erojka skond l-istat tagħha.

Il-Konċilju Vatikan II igħallimna li aktar ma l-bniedem isir jixbah lil Kristu, il-bniedem perfett, aktar isir bniedem perfett (GS 41); u aħna nistgħu ngħidu li aktar ma l-mara ssir tixbah lil Marija, Omm Kristu, il-mara perfetta, aktar issir mara perfetta.

Hawn hi l-bażi ta' l-emanċipazzjoni tal-mara.

IR-RUŻARJU SPIĊĊA ŻMIENU?

Proposta għal servizz ta' thejjija qabel il-festa tar-Rużarju

Mużika tal-bidu. Meta titbaxxa

Slide 1: Caption

A: Ir-Rużarju spiċċa żmienu?

Mużika

B: Fl-isem tal-Missier..... Illum se nippruvaw nagħtu risposta għal din il-problema: "Ir-Rużarju spiċċa żmienu?"

Slide 2: Kongregazzjoni fi Knisja

C: B'dan is-servizz tal-lejla se nhejju ruħna biex niċċelebraw kif jixraq, u b'ġid għal ruħna, ix-xahar sabiħ ta' Ottubru.., ix-xahar tal-Madonna tar-Rużarju... ix-xahar li jerġa' jgħaqqad il-parroċċa flimkien. Dan mhux b'kumbinazzjoni, iżda aħna nerġgħu ningħaqdu flimkien permezz tad-devozzjoni tant għażiża tar-Rużarju, għax permezz ta' Marija Omm il-knisja se naslu għand Ġesù.

Slide 3: Innu

B: Nibdew billi nkantaw jew ngħidu flimkien l-innu li nsibu fil-Brevjar għal festa tar-Rużarju. Dan l-innu, jagħtina tifsira sabiħa u filqosor tal-misteri tar-Rużarju.

Infaħħruk bil-qalb, omm Verġni
għall-ferħat li kellek f'ħajtek
għad-duluri li ridt tilqa'
u għall-glorji kbar li stħaqqlek.

Slide 4: Innu

Sliem għalik bil-ferħ mimlija
fit-tnissil qaddis, fiż-żjara,
fit-twelid, fl-offerta t'Ibnek
u fit-tempju meta sibtu.

Slide 5: Innu

Sliem għalik li nfnejt bin-niket
fl-agunija, u swat bla ħniena
fix-xewk iebes u l-mewt ħarxa
ta' Ġesù Omm twajba martri.

Slida 6: Innu

Sliem għalik, sultana hienja
fir-rebħiet ta' Kristu Ibnek
fin-nirien li bagħat bl-Ispirtu
u fil-ġieh u d-dawl tas-saltna.

Slide 7: Innu

Ersqu popli, ejjew aqtgħu
minn dil-ġabra ta' misteri
ward ifuħ: insġuh f'kuruna
lil Marija Omm l-Imħabba.

Slide 8: Innu

Glorja lilek, Kristu Sidna,
Bin Marija, Omm u Verġni
mal-Missier u mal-Ispirtu
ġieh jintraddlek issa w dejjem. Amen.

Slide 9: Marija

Nitolbu; sawwab f'ruħna Mulej, il-grazzja tiegħek, biex aħna li, bittħabbira tal-anġlu għarafna li Ġesù Ibnek sar bniedem, għat-talb tal-Verġni Mqaddsa Marija, bil-passjoni u l-mewt tiegħu naslu għas-sebħ tal-qawmien mill-imwiet.

Ftit waqtiet ta' mużika

Slide 10: Artal tar-Rużarju

A: Forsi teħduha bi kbira jekk ngħidulkom li mhux il-qaddisin kollha kienu devoti tar-Rużarju. Imma dan bilfors għax ir-Rużarju ma kienx jingħad minn dejjem. Beda fis-seklu tlettax fi żmien San Duminku filġlieda tiegħu kontra l-ereżija.

Slide 11: Caption

C: Imma żgur li l-qaddisin kollha kellhom imħabba lejn il-qofol ta' dak li hu r-Rużarju, jiġifieri talb u ħsieb fuq l-istorja tas-salvazzjoni tagħna, ta' kif Alla niżel fost il-bnedmin permezz ta' Ġesù, u nqeda wkoll b'Marija biex isalva l-bnedmin u jwassalhom għand il-Missier.

Slide 12: S. Pawl / ktieb

A: Dan ifissirulna tassew tajjeb il-qari minn San Pawl, li nkiteb ftit snin biss wara Ġesù u Marija; huwa kważi ħsieb għall-misteri tal-ferħ, tbatija, u glorja li niltaqgħu magħhom fir-Rużarju.

Slide 13: Sagra Familja

B: Isimgħu ftit x'kiteb San Pawl (Fil. 2,2-5):
"Kunu fehma waħda... ħa jkollkom l-istess imħabba... tagħmlu xejn bl-ambizzjoni... kunu umli u kull wieħed iqis lil ieħor aħjar minnu. Tfittxux kull wieħed li jaqbillu, imma li jaqbel lil ħaddieħor. Aħsbu bħal ma kien jaħseb Ġesù".

C: Mhux dan li jgħallmuna l-misteri tal-ferħ? L-umiltà ta' Ġesù, Ġużeppi u Marija? l-ubbidjenza tagħhom? Il-ħajja moħbija tagħhom u s-servizz tagħhom lill-oħrajn? Il-kliem ta' Ġesù li Marija żammet f'qalbha meta sabitu fit-tempju?

Slide 14: Kristu msallab

B: Aktar 'l isfel fl-ittra lill-Filippin naqraw "Għad li kellu n-natura t'Alla, Ġesù ma qagħadx ifittex tiegħu, li hu daqs Alla, imma tneżża' minn kollox, billi ħa n-natura ta' lsir, sar jixbah lill-bniedem, u ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib." (Fil. 2,6-8).

A: Indunajtu x'inhi t-tifsira ta' din is-silta?... it-tbatija u l-mewt ta' Ġesù li aħna nimmeditaw fil-misteri tat-tbatija, Ġesu', li jitneżża' minn kollox, ħbieb... ħwejjeġ... konsolazzjonijiet, għalina l-bnedmin u għassaħħa tagħna.

Slide 15: Risurezzjoni

B: Inkomplu nisimgħu x'qal San Pawl: "Għalhekk, Alla għollieh sassmewwiet u żejnu b'isem li hu fuq kull isem, biex fl-isem ta' Ġesù, il-ħlejjaq kollha, fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art jinżlu għarkobbtejhom, u kull ilsien jistqarr 'Ġesù Kristu hu l-Mulej għall-glorja t'Alla l-Missier'." (Fil. 2,9-11).

C: Dan il-kliem ifehemna x'inhu s-sens tal-misteri tal-glorja. Din il-glorja li jsemmi San Pawl, ma ngħatatx biss lil Kristu, imma tingħata wkoll lil min ibati u jmut miegħu. L-ewwel fl-ordni ta' din il-glorja tiġi Marija.

Slide 16: S. Pawl

B: B'hekk naraw kif anki S. Pawl, wieħed mill-ewwel qaddisin tal-Knisja, li għex sekli qabel bdiet id-devozzjoni tar-Rużarju, kellu filfatt qima għall-meditazzjoni li tqiegħdilna quddiem għajnejna din id-devozzjoni Marjana. Hekk kienu l-qaddisin kollha. Hekk jeħtieġ li nkunu aħna.

Ftit waqtiet ta' mużika

Slide 17: Marija

A: F'dan is-servizz li qiegħed isir lejliet l-ewwel ta' Ottubru, se nassistu għall-ħruġ f'nofsna tal-vara tar-Rużarju. Dan id-dħul tal-vara fost 4emgħa ta' nsara li qed thejji ruħha għall-Quddiesa, għandu jfisser ix-xewqa tagħna li ndaħħlu lil Marija f'qalbna, f'nofsna, f'ħajjitna, fil-familji tagħna u f'pajjiżna.

B: Waqt il-ħruġ tal-vara, inkantaw bil-qalb l-innu li aħna nsejħulu tal-Kungress Marjan (tal-1958) li għandu kliem tassew sabiħ tal-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila. Dan l-innu jfissrilna r-rabta li hemm bejn Marija u pajjiżna.

Slide 18: Innu

Ismagħha l-għanja,
Sidtna Marija
il-għanja ħelwa
tagħna l-Maltin
l-għanja li ntiżġet
minn nies għaqlija
u nstemgħet tidwi
f'eluf ta' snin.

Slide 19:

Għażiża ommna
Sidtna Marija
bis-sliem hennina
t'Ibnek Ġesù.

Slide 20:

B'kull naħa mwarrba tal-gżira tagħna
hemm l-isem tiegħek fil-blat miktub
tidħak xbihatek fil-knejjes kollha
fejn tqimek dejjem l-għanja tal-qlub.

Slide 21: Innu

Għażiża ommna
Sidtna Marija
bis-sliem hennina
t'Ibnek Ġesù.

Slide 22: Innu

L-għanja titolbok Sidtna Marija
li inti tibqa' magħna f'kull żmien
għalhekk int amar Ommna Marija,
li l-għanja tiegħek ma tmut imkien.

Slide 23: Innu

Għażiża Ommna
Sidtna Marija
bis-sliem hennina
t'Ibnek Ġesù.

Mużika

Slide 24: Santwarju Marjan

A: Aħsbu ftit v'inhu jiġri madwarna: F'pajjiżna, almenu minn barra, id-devozzjoni lejn Marija hija kbira. Hekk konna u hekk irridu nibqgħu. Iżda, ħafna ħwejjeġ juruna li mhux hekk se nibqgħu. Kulħadd jisma' l-kliem ħażin bil-Madonna li sar jidwi ma' Malta kollha, mill-irġiel, nisa, ġuvintur, tfajliet u saħansitra tfal... fl-uffiċċji, fabbriki, djar, fix-xogħol u fil-logħob.

C: Haġa oħra hija n-nuqqas ta' modestja f'kollox, ħaġa li tant kienet għażiża għal Marija u li tant kienet tispikka f'pajjiżna.

Slide 25: Caption / Marija

B: Ftit ilu għamilna ċerimonja simbolika; ħriġna l-istatwa ta' Marija f'nofsna biex infissru x-xewqa tagħna li ndaħħlu lil Marija f'qalbna, f'nofsna, f'ħajjitna u fil-familji tagħna. Issa se nagħmlu ċerimonja qasira oħra. Xi tfal se jtellgħu żewġ mapep ta' Malta u madwar kull waħda minnhom iqiegħdu kuruna sabiħa. B'dan nuru li Malta trid tibqa' marbuta ma' Marija u ma' Ġesù. Xi tfal oħra jqiegħdu xama' u fjuri u t-talba 'MARIJA ŻOMM LIL MALTA MARBUTA MIEGĦEK'.

C: Biex ningħaqdu aħna wkoll ma' dawn it-tfal fxi-xewqa tagħna li artna tibqa' marbuta ma' Marija, inkantaw flimkien l-innu "Għidtilna kelma". Xi kliem minn dan l-innu bdilnieh biex ikun aktar addattat għall-funzjoni tal-lejla, għalhekk nagħtu iżjed attenzjoni għall-kliem li jidher fuq il-liżar.

Slide 29; Innu

Għidtilna kelma Ġesù bin Alla
aħna nemmnuha għax tgħidha int
'Dik hija ommkom intom uliedha'
aħna nistagħġbu kemm int ħanin.

Slide 27: Innu

Deh wettaq int Marija
il-fehma fit-twemmin
għax aħna rridu lil Ġesù Ibnek (2)
isaltan dejjem fost il-Maltin.

Slide 28: Innu

It-tagħlim tiegħek tagħlim tas-sema
le Ġesù ħelu qatt ma niċħduh
aħna nixtiequ li Malta tagħna
tkun dejjem miegħek fil-qalb fir-ruħ.

Slide 20: Innu

Deh wettaq int Marija
il-fehma fit-twemmin
għax aħna rridu lil Ġesù Ibnek (2)
isaltan dejjem fost il-Maltin.

Slide 30: Innu

Ommok tgħidilna bħal darba f'Kana
biex dejjem nagħmlu kif tgħid int biss
għall-kelma tagħha wettaqt miraklu
u llum int timla qalbna bis-sliem .

Slide 31: Innu

Deh wettaq int Marija
Il-fehma fit-twemmin
għax aħna rridu lil Ġesù Ibnek (2)
isaltan dejjem fost il-Maltin.

Slide 32: Marija

A: X'se tkun il-konklużjoni tagħna llejla?... Din nistgħu neħduha mill-Vanġelu skond San Mattew. Ġesù llum jagħtina twissija: 'Bqajtu sa l-aħħar ma biddiltux fehmitkom'. (Mt 21,28-32).

C: Aħna taparsi ta' Ġesù, u m'aħna tiegħu xejn?... Taparsi miegħu, u m'aħna miegħu xejn?... Taparsi qed naħdmu għalih, u m'aħna naħdmu xejn, jew qed naħdmu għal ħaddieħor?...

Slide 33: Annunzjazzjoni

A: Jew aħna bħal Marija, li qaltlu 'Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej ħa jkun minni skond kelmtek', u li baqgħet tgħix din il-kelma sakemm waqfet taħt is-salib ta' Binha?

Slide 34: Kuruna

B: Ir-Rużarju huwa ħsieb fuq il-ġrajja tas-salvazzjoni tagħna, u jgħinna nagħmlu eżami sinċier tal-ħajja tagħna. Għalhekk inħeġġukom biex f'dan ix-xahar ta' Ottubru, barra mit-talb tar-Rużarju fil-familji, niġu nitolbuh u nimmeditawh flimkien magħna fil-knisja.

Slide 35: Mrija / Captions

C: Intemmu dan is-servizz billi nirringrazzjaw lil Alla bl-istess talba li rringrazzjatu Marija... il-Magnificat. Inkantaw flimkien: Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej.

JITKELLMU L-ESPERTI

Mużika tal-bidu. Meta titbaxxa l-mużika.

Slide 1: Caption

A: Fl-isem tal-Missier u tal-Iben... Ikun imfaħħar Ġesù Kristu. Dejjem ikun imfaħħar.

Terġa' togħla l-mużika u meta terġa' titbaxxa.

Slide 2: Caption

B: Erġajna ngħarna hawnhekk, biex flimkien ngħidu r-Rużarju. Illum qabel kull posta nagħmlu meditazzjoni qasira. Din il-meditazzjoni tagħna se tkun f'forma ta' ħsieb ta' xi persunaġġ li kien preżenti waqt il-ġrajja ta' dik il-posta. Permezz ta' dan il-ħsieb, naraw kif dak il-persunaġġ ħares lejn il-ġrajja ta' dik il-posta tar-Rużarju, u naraw x'tifsira għandha għalina l-insara tal-lum.

Ftit waqtiet ta' mużika

A: Alla tagħna, isma' t-talb tagħna, eħles għinna u ieqaf magħna.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben.....

Marija santissima, urina li int ommna, bħal omm isma' t-talb tagħna dak li twieled għalina ried ikun ibnek bħalna.

O Ġesù tiegħi, aħfrilna dnubietna, eħlisna min-nar ta' l-infern, u ħu l-ġenna l-erwieħ kollha, speċjalment dawk li l-aktar għandhom bżonn tal-ħniena tiegħek.

Slide 4: Caption

B: L-ewwel misteru tal-glorja ..... Ġesù jqum mill-mewt. Il-meditazzjoni fuq l-ewwel misterju nisimgħuha fil-ħsieb ta' Marija Maddalena.

Slides: Marija Maddalena

C: Għeżież ħuti nsara ..... l-ebda bniedem ma jista' jfisser il-ferħ kbir li aħna, dixxipli ta' Ġesù, ħassejna f'dak il-Ħadd li bidel l-istorja tad-dinja. Fi sbiħ il-jum, qalbna kienet mimlija niket u mrar għal dak li ġara fuq il-kalvarju, tlett ijiem qabel. Jiena stess kont waħda minn

Slide 6: Nisa

dawk in-nisa li filgħodu kmieni, morna lejn il-qabar biex nidilku l-ġisem tal-Imgħallem bil-fwejjaħ... sa dak il-ħin konna għadna rassenjati li Ġesù ħalliena għal kollox. Iżda mbagħad... sibna l-qabar battal... il-blata maqluba... rajna l-anġli... u bil-mod fehmna x'kien ġara: Ġesù kien qam mill-mewt. Għalhekk mhux kollox kien intemm iżda kollox kien għadu se jibda.

Slide 7: Hdejn il-qabar

Dak il-ħin għebu minn ġo qlubna n-niket u l-imrar. Spiċċaw it-tifkiriet koroh tal-jiem ta' qabel, it-tradiment ta' Ġuda, il-kuruna tax-xewk, it-triq tas-salib, it-tliet sigħat ta' l-agunija. Kollox insejna, għax Ġesù reġa' kien magħna, irxuxtat u rebbieħ fuq il-mewt u l-ħażen... u għalhekk, għeżież ħuti nsara, qawwu qalbkom b'tama qaddisa, għaliex wara n-niket jiġi l-ferħ, wara l-inkwiet il-paċi, wara t-tbatija s-sliem, u wara din il-ħajja, jiġi Kristu, irxuxtat u rebbieħ, biex idaħħalna miegħu f'saltna bla tmiem. Hu jixxotta kull demgħa minn għajnejna, u jibdel in-niket tagħna f'ferħ li ħadd ma jeħodulna.

Slides sa 17. Mis-sett tar-Rużarju

B: Missierna. 10 Sliema. Glorja.

Slide 18: Innu

Wara kull posta se nkantaw strofa. Din titkanta fuq l-innu ta' Fatima. Inkantaw flimkien.

Slide 19: Innu

Ġesù qam mill-qabar
rebbieħ fuq l-għedewwa
u 'l Ommu l-maħbuba
mar sellem bil-ħlewwa.
Ave, Ave.....

Slide 20: Blank

A: Marija santissma, urina li int ommna, bħal omm isma' t-talb tagħna, dak li twiled għalina ried ikun ibnek bħalna.
O Ġesù tiegħi, aħfrilna dnubietna, eħlisna minn nar ta' l-infern ħu l-ġenna l-erwieħ kollha, speċjalment dawk li l-aktar għandhom bżonn tal-ħniena tiegħek.

Slide 21: Caption

B: It-tieni misteru ..... Ġesù jitla' s-sema.
Il-meditazzjoni fuq dan il-misteru nisimgħuha fil-ħsieb ta' wieħed mill-appostli ta' Ġesù.

D: Għeżież ħuti nsara ..... matul l-erbgħin jum ta' wara r-resurrezzjoni, lil Ġesù rajnieh bosta drabi, kilna miegħu, mxejna miegħu... u smajna l-kelma tiegħu. Konna ħallejna kollox... insejna kollox warajna... konna naħsbu biss f'dak li qalilna hu, u konna ferħanin bla qies li hu kien jinsab magħna. F'dak iż-żmien, ilkoll xtaqna li dawk il-laqgħat miegħu ma jispiċċaw qatt... Iżda fl-erbgħin jum laqqagħna lkoll... il-knisja tiegħu kollha... dak iż-żmien konna biss xi ħames mitt ruħ.

Slide 23: Axxenzjoni

Qabel ma ħalliena qalilna: 'Morru, u għallmu lill-ġnus kollha dak li għallimtkom jien', u wara ftit ma rajniehx iżjed. Fehmna dak il-ħin, li Ġesù ġie mhux biss għalina, iżda għal kulħadd... it-tagħlim tiegħu ma kienx għalina biss, iżda d-dover tagħna kien li nwassluh lil kul-

ħadd. Għalhekk, għeżież ħuti nsara, tkunux biss insara tal-knisja, tkunux insara li tikkuntentaw biss billi tiġu żżuru lil Ġesù fid-dar tiegħu, iżda morru fid-dinja u tkunux tad-dinja... morru fid-djar tagħkom... fit-toroq... fil-postijiet tax-xogħol u tad-divertiment... fl-iskejjel... fil-ħwienet... fl-isptarijiet... u kullimkien wasslu l-messaġġ ta' Ġesù, mhux biss bil-kliem, iżda l-aktar bil-għaqal... bil-bżulija fuq ix-xogħol... bis-sinċerità mal-ħbieb... bil-mod kif titkellmu fuq ħaddieħor... bil-mod kif tittrattaw mal-oħrajn... bl-għajnuna li tagħtu lill-foqra u l-morda. Kunu l-melħ ta' l-art, il-belt sabiħa mibnija fuq għolja.

Slides 24 sa 33 mis-sett tar-Rużarju
B: Missierna. 10 Sliema. Glorja.

Slide 34: Innu
Inkantaw flimkien:

'Il fuq lejn missieru
fuq sħaba bajdana
l-Imgħallem intrafa'
biex juri t-triq tagħna.

Slide 35: Innu

Ftit waqtiet ta' mużika

Slide 36: Marija
A: Marija santissma, urina li int ommna, bħal Omm isma' t-talb tagħna, dak li twieled għalina ried ikun Ibnek bħalna.
O Ġesù tiegħi aħfrilna dnubietna, eħlisna minn nar ta' l-infern, ħu l-ġenna l-erwieħ kollha, speċjalment dawk li l-aktar jenħtieġu l-ħniena tiegħek.

Slide 37: Caption
B: It-tielet misteru: Ġesù jibgħat l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli.
A: Il-meditazzjoni fuq dan il-misteru nisimgħuha fil-ħsieb ta' S. Pietru.

Slide 38: Pietru.
B: Għeżież ħuti nsara... f'dawk il-jiem, kien hemm il-festa tat-tabernakli f'Ġerusalem, u kienu ngabru eluf kbar ta' nies minn kull parti tad-dinja. Aħna konna ninsabu miġburin flimkien f'dar waħda, bil-bibien u t-twieqi mbarrati u msakkrin sew. Konna beżgħanin, għaliex kien hemm ħafna li kienu jħarsu lejna bl-ikrah għax kienu jafu li aħna segwaċi ta' Ġesù... F'dawk il-jiem ħadd minna ma kien jixref millbieb 'il barra, għaliex ftit riedu biex jaħbtu għalina... F'daqqa waħda

Slide 39: nar
qam riħ kbir, li donnu ried iqaċċat id-dar mis-sisien, u fuqna lkoll tfaċċaw ilsna tan-nar... kien l-Ispirtu s-Santu li niżel fuqna. Hu ċċaralna moħħna u feṫilna qalbna, u l-aqwa ħaġa... neħħa minna kull ħjiel ta' biża' u ta' mistħija... sirna bnedmin ġodda. Hriġna dak il-ħin stess inħabbru l-kliem ta' Ġesù lil kulħadd... kullimkien... bla biża'. Eluf kbar ingħaqdu magħna... ħamest elef dak il-jum stess... u tlett elef l-għada. Naturalment kien hemm min fixkilna. Lili arrestawni u ħaduni quddiem il-qassis il-kbir. U f'dak il-post stess, fejn ftit ġimgħat

qabel kont bżajt u ċħadt lil Ġesù għal tliet darbiet... issa stqarrejt quddiem kulħadd, bla biża: 'Ġesu' hu Alla'... Għalhekk, għeżież ħuti nsara, neħħu minn qalbkom il-biża' u l-mistħija, għax dawn huma l-akbar ostakli għat-tixrid tas-saltna t'Alla. Għaliex min jagħmel il-ħażin, jagħmlu fil-beraħ u b'wiċċu minn quddiem, waqt li min jagħmel it-tajjeb jagħmlu bil-moħbi, għaliex jibża' jew jistħi? Ħuti, tajru l-biża' u l-mistħija, u siru vera suldati ta' Kristu, u uru lid-dinja, li bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu biss nistgħu nsibu l-paċi u s-sliem.

Slides 41 sa 50 mis-sett tar-Rużarju.
A: Missierna. 10 Sliema. Glorja.

Slide 51: Innu
Inkantaw strofa oħra mill-innu tar-Rużarju. Dan jitkanta fuq l-Ave ta' Fatima.

Slide 52: Innu

Dlonk ġie Ruħ il-qodos
bid-doni sbieħ tiegħu
u xeħet fl-appostli
mill-qawwa ta' driegħu.
Ave, Ave.....

Slide 53: Marjia
A: Marija Santissma, urina li int ommna, bħal omm isma' t-talb tagħna dak li twieled għalina ried ikun Ibnek bħalna.
O Ġesù tiegħi aħfrilna dnubietna, eħlisna min-nar ta' l-infern ħu l-ġenna l-erwieħ kollha speċjalment dawk li l-aktar jenħtieġu l-ħniena tiegħek.

Slide 54: Caption
B: Ir-raba' misteru: Marija mtella' s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Il-meditazzjoni fuq dan il-misteru nisimgħuha fil-ħsieb ta' San Ġwann.

Slide 55: Kalvarju
D: Waqt li kien qiegħed imut fuq is-salib, Ġesù lemaħ lil Ommu ħdejh... dar lejja u qalli: 'Ara Ommok'. Minn dak in-nhar stess ħadtha f'dari

Slide 56: S. Ġwann
għaliex issa kienet sfat weħidha fid-dinja. Minn dak il-jum baqgħet magħna, taqsam magħna l-ferħ... in-niket.. u l-ħidma tagħna. Ferħet magħna meta rajna lil Ġesù rxuxtat, talbet magħna qabel il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu, ferħet bit-tkattir tal-knisja ta' Binha u laqgħet bil-ferħ l-eluf kbar li bdew jemmnu fih. Tnikktet magħna għat-tħaġġir ta' Stiefnu, u l-persekuzzjoni tal-knisja. Iżda hi kienet dejjem soda fil-fidi tagħha f'Binha u kienet tqawwilna qalbna għax kienet taf li qatt mhu se jinsiena. Kienet saret l-Omm tagħna lkoll... omm il-knisja... iżda issa m'għadhiex magħna... binha sejħilha għal ħdejh. Aħna ma nitkellmux fuq il-mewt tagħha, iżda ngħidu li hi raqdet fil-Mulej. Jiddispjaċina li hi m'għadhiex magħna, iżda fl-istess ħin ninsabu ferħanin, għaliex nafu li hi, li sthoqqilha ssir Omm t'Alla, hi li kienet l-aktar qaddisa fost il-bnedmin kollha, issa qed tgawdi 'l Alla għaliex ġiet imtella' s-sema bir-ruħ u bil-ġisem... u min hemm għadha taqdi

l-missjoni tagħha ta' Omm tal-bnedmin kollha. Għalhekk, għeżież ħuti nsara, nagħtu qima u ġieh lil din l-Omm tagħna lkoll, bit-talb tagħna, iżda l-iżjed billi nikkupjaw il-virtujiet kbar tagħha... is-safa... il-fiduċja kbira li kellha f'Alla... il-mod kif kienet dejjem lesta biex tidħol għal min ikun jenħtieġ, il-perseveranza tagħha ma' Binha meta kollox kien jidher mitluf. Nafu li mhux dejjem se jirnexxilna nikkupjaw il-virtujiet tagħha, iżda nafu li hi dejjem lesta biex tgħinna sabiex aħna wkoll ingawdu lil Binha għal dejjem.

Slides 57 sa 66 mis-sett tar-Rużarju
B: Missierna. 10 Sliema. Glorja.

Slide 67: Innu
Inkantaw flimkien:

Slide 68: Innu

Sew wara li temmet
ħajjitha l-Madonna
fis ġiet imgħollija
tas-sema fil-ġenna.
Ave, Ave.....

Slide 69: Marija
D: Marija santissma, urina li int ommna, bħal omm isma' t-talb tagħna dak li twieled għalina ried ikun ibnek bħalna.
O Ġesù aħfrilna dnubietna, eħlisna min-nar ta' l-infern, ħu l-ġenna l-erwieħ kollha speċjalment dawk li l-aktar jenħtieġu l-ħniena tiegħek.

Slide 70: Caption
B: Il-ħames misteru: Marija nkurunata reġina tas-sema u ta' l-art. Il-meditazzjoni fuq dan il-misteru hija messaġġ minn Marija.
C: Maħbubin uliedi... jiena f'ħajti kont mara fqira, għalkemm minnisel tas-sultan David... kont ngħix f'raħal żgħir u ħadd ma kien jaf bija. Iżda l-Mulej ħares lejn iċ-ċokon tiegħi, u għamel miegħi ħwejjeġ kbar, tant li kull ġens, f'kull żmien lili sejjaħli mbierka u sultana tas-sema u l-art. Dan mhux qed ngħidu biex niftaħar, iżda għax nixtieq infakkarkom li jien kont bniedma bħalkom. Hajti, bħal tagħkom, kienet minsuġa bil-ferħ... it-tbatija... it-taqtiegħ tal-qalb... in-niket... u l-glorja. Fraħt bħalma tifraħ kull omm li żżomm għall-ewwel darba t-tarbija tagħha fi ħdanha... fraħt meta kont nara l-familja tiegħi miġbura flimkien. Hassejt taqtiegħ tal-qalb meta kelli naħrab b'ibni lejn l-Eġittu... meta tliftu fit-tempju u tant drabi oħra matul ħajti għaliex il-pjanijiet t'Alla mhux dejjem stajt nifhimhom, għalkemm dejjem baxxejt rasi għar-rieda tiegħu u obdejt anki meta ma stajtx nifhem. Matul it-tliet snin tal-missjoni ta' Ibni bqajt dejjem miegħu, anki meta kien tiela' fuq il-kalvarju. F'dak il-ħin ftakart fil-kliem li kien qal ix-xwejjaħ Xmun 'Lilek mara sejf għad jinfidlek qalbek'. U s-sejf tassew nifidli l-qalbi meta smajt lil Ibni jgħajjat fuq is-salib. Anki f'dak il-waqt, it-tama f'Alla ma naqsitnix... u tlett ijiem wara feġġ jum ġdid... Għalhekk, maħbubin uliedi, ibqgħu mexjin fi triqtkom b'tama qawwija u fidi sħiħa, kemm fil-ħin tal-ferħ u wkoll waqt it-tbatija u l-ħin tas-salib. Għidu bħali: 'Ikun minni skond kelmtek', u magħkom ukoll il-Mulej jagħmel ħwejjeġ kbar, u intom ukoll tkunu mberkin għal dejjem.

U fl-aħħar jiġi hu, ir-raġħaj it-tajjeb li jiġbor l-ulied imxerrda tiegħu, it-tabib il-kbir li jfejjaq kull mard, il-qassis il-kbir li jaħfer kull ħtija, il-muftieħ il-kbir li jiftaħ il-bieb tas-saltna bla tmiem. Hu jgħidilna: 'Idħlu miegħi fis-saltna li hejja għalikom missieri sa mill-bidu tad-dinja'.

Slides 73 sa 82 mis-sett tar-Rużarju
B: Missierna. 10 Sliema. Glorja.

Slide 83: Innu
Inkantaw issa l-aħħar strofa ta' l-innu tar-Rużarju.

Slide 84: Innu

Kuruna tal-kwiekeb
fuq rasha tiġama
kif Alla jaħtarha
sultana tas-sema.
Ave, Ave.....

Slide 85: Marija
D: Salve Regina. Missierna, Sliema u glorja skond il-fehma tal-Papa.

Slide 87: Marija
LITANIJA

Slide 87: Marija.

(Jekk ikun fadal ħin, jitkanta l-Innu 'Lilek Omm Alla')

Slide 88: Innu

Lilek, omm Alla, b'għaxqa insellmulek,
xħin tfiġġ il-għodwa l-għanja ngħannulek
bil-ferħ, bil-hena qlubna mogħnija:
Ave Maria, Ave Maria.

Slide 89: Innu

Xħin b'saħħa tiżreġ ix-xemx ħanina
f'nofs il-jum sbejjaħ biex ħajja ttina,
l-ilħna lejk nerfgħu, f'għanja smewwija:
Ave Maria, Ave Maria.

Slide 90: Innu

Xħin jgħib minn fuqna dad-dawl fiddieni
u d-dalma taqa' tal-lejl sewdieni,
lilek insellmu ja Omm qawwija:
Ave Maria, Ave Maria.

A: Fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben...
B: Illum, (fil-festa tar-Rużarju) se nimmeditaw flimkien dwar xi episodji mill-ħajja tal-Madonna. Waqt li (llum, aktar mis-soltu) niftakru fil-grazzji kbar li l-insara qalgħu permezz ta' din it-talba tar-Rużarju, nitolbukom tiftakru fit-talb tagħkom, fil-Papa, l-isqfijiet, is-saċerdoti, reliġjużi, u l-insara kollha, b'mod speċjali 'l dawk tal-parroċċa tagħna.
C: Niftakru wkoll, b'mod speċjali lil dawk l-insara, reliġjużi, u lajċi li qed jaħdmu għall-ġid materjali u spiritwali ta' l-oħrajn.

Intervall ta' mużika

A:Is-servizz tal-lejla jismu:
B: Marija l-ewwel nisranija.
C: Nirringrazzjawk, Mulej, talli għażilt lil Marija, bniedma bħalna, biex magħha tagħmel ħwejjeġ kbar.
C: Infaħħruk, Marija, talli kellek il-kuraġġ toffri ħajtek lil Alla. Ta' din insejħulek imbierka.
A: Mulej, għallimna, permezz ta' Marija kif għandna nġibu ruħna, miegħek u bejnietna.

Intervall ta' mużika

A: Araw: ix-xebba ssir Omm u jkollha Iben, u ssemmih Ghimmanu-el.
B: Meta Alla għarrafha bis-sejħa tiegħu, Marija kellha kriżi ta' fidi. Fl-Evanġelju nsibu kif wieġbet għas-sejħa tiegħu.
C: Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.
D: F'dak iż-żmien, l-anġlu Gabrjiel kien mibgħut mingħand Alla f'Nażaret, għand xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David; u x-xebba kien jisimha Marija. Daħal għandha u qalilha: 'Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek'.
Għal dan il-kliem tħawdet u bdiet taħseb, bejnha u bejn ruħha x'setgħet tfisser din it-tislima. Iżda l-anġlu qalilha: 'Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti se tnissel fi ħdanek u jkollok Iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli, u l-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru; u jsaltan fuq dar Ġakob għal dejjem u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem'.
Iżda Marija qalet lill-anġlu: 'Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?' Weġibha l-anġlu u qalilha: 'L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek; u għalhekk dak li jitwieled minnek ikn qaddis u jkun jissejjaħ Bin Alla. U ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, hija wkoll nisslet Iben fi ħdanha, u dan huwa s-sitt xahar għaliha li kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal; għax għal Alla mhemm xejn li ma jistax isir'. Imbagħad qalet Marija: 'Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej; ħa jsir minni skond kelmtek'.
A: Il-Kelma tal-Mulej.

Pawsa ta' silenzju

A: Meta l-problemi reliġjużi jħawduni, kif tħawdet Marija, kif nipprova nsolvihom? Billi ninsihom? Billi naħrabhom? Bid-diskussjoni? Bit-talb?...
B: ...Nifhem li d-dubji tiegħi dwar il-fidi m'għandhomx ibeżżguni jekk

jien nafda f'Alla tassew u nitolbu bil-qalb?
C: Meta t-twemmin tiegħi jitlob minni sagrifiċċju x'nagħmel? Ngħid li aħjar qatt m'għammduni? Niddispra? Jew bħal Marija nafda f'Alla u ngħidlu 'Ikun minni skond kelmtek'.
D: Ilkoll smajnieh il-proverbju: 'Il-mistoqsija oħt il-għerf'. Kemm jien għaqli fir-religjon tiegħi, billi nistaqsi lil min jista' jagħtini tweġiba?
A: Waqt li ngħidu bil-qalb it-talba li għallimna Ġesù, nipproponu li sakemm jiddependi minna tassew ikun li jrid hu kif fis-sema hekkda fl-art.
B: Missierna... Hobżna...
Issa wara kull invokazzjoni nwieġbu flimkien: *"Is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar"*.
— Sliem għalik Marija li Alla kellmek fis-skiet tat-talb.
— Sliem għalik Marija li ġbidt l-attenzjoni t'Alla biċ-ċokon u t-tjubija tiegħek.
— Sliem għalik Marija li ksibt il-grazzja t'Alla bil-milja kollha tagħha.
— Sliem għalik Marija li sħoqqlok issir Omm ta' min ħalqek.
— Sliem għalik Marija li niżel fik l-Ispirtu s-Santu biex iwettaq il-missjoni tiegħu.
— Sliem għalik Marija li ksibt il-qawwa t'Alla kontra d-dgħjufija talbniedem.
— Sliem għalik Marija li ma bżajtx mit-toqol tas-sejħa t'Alla għax kont tafda fih.
— Sliem għalik Marija li emmint li mhemm xejn li ma jistax ikun quddiem Alla.
— Sliem għalik Marija li emmint f'Alla, anki meta ma fhimtux. GLORJA.

Intervall ta' mużika

A: Issa naħsbu ftit fil-qalb ġeneruża li kellha Ommna Marija. Waqt it-tieġ f'Kana hija tat xhieda tal-ħajja nisranija billi ndaħlet biex tgħin lil dawk li kienu fil-bżonn.
B: Mill-Evanġelju ta' San Ġwann:
C: F'dak iż-żmien: sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u Omm Ġesù kienet hemm. U kien mistieden għat-tieġ Ġesù wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu. U billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: 'Ma għandhomx inbid'. Ġesu' qalilha: 'Aħna x'għandna x'naqsmu mara? Issiegħa tiegħi għadha ma waslitx'. Ommu qalet lill-qaddejja: 'Kull ma jgħidilkom, għamluh.' Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi għoxrin jew tletin gallun. Ġesù qal lill-qaddejja: 'Imlew il-ġarar bl-ilma'. U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: 'Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qed jieħu ħsieb il-mejda'. U huma marru jnewluhulu. Dak li kien qed jieħu ħsieb il-mejda, daq l-ilma mibdul f'inbid, u billi ma kienx jaf mnejn kien ġie, għad li l-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, dak li kien qiegħed jieħu ħsieb il-mejda sejjaħ lill-għarus u qallu: 'Kulħadd l-inbid tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom, iġibu dak li hu anqas tajjeb. Imma inti erfajt sa issa l-inbid ittajjeb'.
Dan l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu, Ġesù għamlu f'Kana tal-Galilija, u wera s-sebħ tiegħu; u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

D: Il-Kelma tal-Mulej.
Inroddu ħajr lil Alla.

Pawsa ta' silenzju

A: Meta ninduna li xi ħadd ikun fil-bżonn x'nagħmel? Ma nindaħalx bejn il-basla u qoxritha? Nagħmel ta' bir-ruħi li ma ndunajtx? Ngħid "miskin" u nibqa' għaddej? Nipprova ngħin?

B: Meta niltaqa' ma' Kristu fit-talb, nitlob għalija nnifsi biss? Inkellmu biss fuq il-bżonnijiet u l-problemi tiegħi biss? Jew bħal Marija nitlob ukoll għall-oħrajn?

C: Iż-żwieġ nisrani huwa differenti minn żwieġ ieħor, għaliex fih ir-raġel u l-mara jiltaqgħu ma' Kristu. Dan nemmnu fih tassew? X'qed nagħmlu biex Kristu jkun iċ-ċentru tal-familji tagħna?

D: Ġesù bidel l-ilma f'inbid. B'dan wera x'kellu jagħmel aktar 'il quddiem meta bidel il-ħobż u l-inbid f'ġismu u demmu. X'post għandha l-Ewkaristija f'ħajti? Tfisser l-aqwa laqgħa li jista' jkolli ma' Kristu f'din id-dinja?

A: Issa waqt li ngħidu bil-qalb it-talba li għallimna Ġesù, nippoponu bil-qalb li sakemm jiddependi minna, kulħadd ikollu l-ħobżna ta' kuljum.

B: Missierna... ħobżna...
Issa wara kull invokazzjoni nwieġbu flimkien: *Omm t'Alla u tagħna itlob għalina.*

B: Sliem għalik Marija, li għaraft taqsam ma' Ibnek u mal-mistednin il-ferħ tal-festa.
— Sliem għalik Marija li kont preżenti ma' Ibnek fl-aqwa mumenti tal-ħajja tiegħu.
— Sliem għalik Marija li qsamt ma' l-oħrajn l-anzjetà, it-tħassib u l-inkwiet tagħhom.
— Sliem għalik Marija li kont kapaċi tinduna bil-bżonnijiet ta' l-oħrajn mingħajr ma qalulek huma.
— Sliem għalik Marija li dħalt minn rajk għal dawk li kienu fil-bżonn.
— Sliem għalik Marija li kont taf li Ibnek dejjem lest biex jgħin, anki meta s-siegħa tiegħu kienet għadha ma waslitx.
— Sliem għalik Marija li kont ġeneruża u ressaqt quddiem Ibnek il-bżonnijiet ta' l-oħrajn.
— Sliem għalik Marija li emmint li Alla tassew jista' kollox.
— Sliem għalik Marija li dejjem kont ċerta li Alla jagħti każ talbżonnijiet tagħna kollha, materjali u spiritwali.
— Sliem għalik Marija li dejjem għallimtna nagħmlu dak li jgħidilna hu.
GLORJA.

Intervall ta' mużika

C: F'għajnejn id-dinja Marija kienet fqira u dgħajfa. Iżda b'kuraġġ kbir hi tat xhieda ta' ħajja nisranija għax baqgħet ma' Ġesù anki meta kulħadd kien kontrih u meta kollox kien jidher mitluf.

D: Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann.

A: Kien hemm taħt is-salib, Marija Omm Ġesù, oħtha, Marija ta' Ġakbu, Marija Maddalena, u d-dixxiplu l-maħbub ta' Ġesù. Meta Ġesu' ra lil

Ommu u lid-dixxiplu l-maħbub, qal lil Ommu: 'Mara, ara Ibnek'. Imbagħad dar lejn id-dixxiplu u qallu: 'Ara Ommok.' U minn dak il-ħin stess id-dixxiplu ħadha toqgħod għandu.
Imbagħad Ġesù li kien jaf li kollox kien mitmum, qal: 'Għandi l-għatx'. Kien hemm bieqja bil-ħall fil-qrib. Għamlu sponża bil-ħall fuq qasba u ressquha lejn xufftejh. Malli daq il-ħall, Ġesù qal: 'Kollox mitmum.'

B: Il-Kelma tal-Mulej.
Inroddu ħajr lil Alla.

(Pawsa ta' silenzju)

C: Għandi kuraġġ nerfa' s-salib tiegħi? Jew nipprova ninsieh fix-xorb? Fil-ħbiberiji? Jew nisħet xortija?

D: Kapaċi nibqa' ma' ħbiebi u mal-familja tiegħi, meta nkun imdejjaq jew inkwetat? Jew naħrabhom u niskarthom? Jew jekk nibqa' magħhom, inkissirhom bid-dwejjaq u l-inkwiet tiegħi?

A: Nemmen li Marija ġiet mogħtija lili wkoll bħala Ommi, propju f'ċirkostanzi ta' tbatija? Nemmen li hi żgur tifhem id-dwejjaq tiegħi?

C: Kapaċi nibqa' ma' min ikun qed ibati jew ikun jenħtieġ l-għajnuna tiegħi? Jew infittex l-ewwel skuża biex inwarrab?

D: It-talba li għallimna Ġesù, tagħmel enfasi fuq il-bżonn li nibqgħu marbuta m'Alla fiċ-ċirkustanzi kollha biex ma nidħlux fit-tiġrib u neħilsu mid-deni. Ngħiduha flimkien.

B: MISSIERNA.

Issa wara kull invokazzjoni ngħidu: *Mimlija bil-grazzja, idħol għalina.*
— Sliem għalik Marija li wrejt tant kuraġġ taħt is-salib ta' Ibnek.
— Sliem għalik Marija li ma stħajtx turi ruħek fil-Passjoni ta' Ġesù.
— Sliem għalik Marija li ma stħajtx tistqarr bil-preżenza tiegħek li kont temmen f'Ġesù.
— Sliem għalik Marija li bqajt ma' Ġesù sal-aħħar.
— Sliem għalik Marija li aċċettajt lilna midinbin bħala wliedek.
— Sliem għalik Marija li ħfirt ma' Ibnek lil min sallbu u qatlu.
— Sliem għalik Marija li għaraft tibqa' tħobb minkejja s-sejf li nifidlek qalbek.
— Sliem għalik Marija li mxejt wara Ġseù mit-twelid sal-mewt b'fidi u mħabba.
— Sliem għalik Marija li rajt lil Ibnek abbandunat mill-ħbieb li tant kien ħabb.

GLORJA.

Intervall ta' mużika

A: Sultan tas-sema ifraħ, għax dak li stħoqqlok iġġib fi ħdanek qam mill-mewt kif qal. Ifraħ u thenna Verġni Marija għax il-Mulej qam tassew mill-mewt. Hallelujah.

C: Qari mill-Evanġelju ta' San Mark.

D: Meta għadda s-Sibt, Marija ta' Magdala, Marija omm Ġakbu u Salome, xtraw xi fwejjaħ biex imorru jidilku 'l Ġesù bihom. U kmieni ħafna fl-ewwel jum tal-ġimgħa kif telgħet ix-xemx, marru ħdejn il-qabar.

U bdew jgħidu lil xulxin: 'Min se jgerbilna l-ġebla mid-daħla tal-qabar?' Iżda meta ħarsu raw li l-ġebla kbira kienet imressqa fil-ġenb; kienet ġebla kbira ħafna. Daħlu fil-qabar u raw żagħżugħ bilqiegħda, liebes libsa bajda. Inħasdu. Iżda hu qalilhom: 'Tinħasdux. Qed tfittxu lil Ġesù ta' Nażaret li kien imsallab. Qam, mhux hawn. Araw fejn kienu qiegħduh. Morru għidu lid-dixxipli li hu sejjer il-Galilija qabilkom.

B: Il-Kelma tal-Mulej.
Inroddu ħajr lil Alla.

(Pawsa ta' silenzju)

A: Nemmen bis-serjetà, li l-mewt mhix it-tmiem, iżda l-bidu? Meta nitlef lil xi ħadd għażiż, nemmen li għad nerġa' narah?

B: Nemmen tassew li Alla jirbaħ dejjem, anki fi żmienna? Jew meta nara l-ambjenti jitħassru nitlef it-tama fih?

C: Nemmen li Ġesù qam għal kulħadd u għalhekk aħna lkoll aħwa fih? F'qalbi għad hemm xi preġudizzji kontra xi ħadd?

D: Bħala nisrani x'qed nagħmel biex ir-resurrezzjoni ta' Ġesù u l-aħbar it-tajba tiegħu, inwassalha lil ta' madwari? Qatt ħsibt li Alla jrid li s-salvazzjoni tagħna tibda minn din id-dinja stess?

A: It-talba li għallimna Ġesù hija talba ta' tama. B'qalbna qawwija u mimlijin ferħ għaliex Ġesù rebaħ fuq il-mewt, id-dnub u kull xorta ta' ħażen, ngħidu flimkien:

B: MISSIERNA.

Issa wara kull invokazzjoni ngħidu flimkien: *Sultana tas-sema idħol għalina.*

— Sliem għalik Marija li qatt ma tlift it-tama f'Ibnek, lanqas matul it-tlett ijiem li dam fil-qabar.
— Sliem għalik Marija li kont l-ewwel li rajt lil Ibnek rebbieħ.
— Sliem għalik Marija li qsamt mal-appostli u mal-Knisja, il-ferħ tar-resurezzjoni.
— Sliem għalik Marija, li għext, batejt u rbaħt ma' Ibnek.
— Sliem għalik Marija li bqajt mal-Knisja biex ixxerred l-aħbar it-tajba t'Ibnek.
— Sliem għalik Marija li sseħibt ma' Ibnek fir-rebħa fuq il-mewt u l-ħażen.
— Sliem għalik Marija l-ewwel u l-aqwa nisranija.
— Sliem għalik Marija Omm tal-Knisja.
— Sliem għalik Marija, għax miegħek il-Mulej tassew għamel ħwejjeġ kbar.
GLORJA.

Intervall ta' mużika

B: SALVE REĠINA.
C: Skond il-fehma tal-Papa. MISSIERNA, SLIEMA U GLORJA.
A: Mulej ħniena.
Kristu ħniena.
Mulej ħniena.
Imqaddsa Marija, Itlob għalina.
Int li qist lilek innifsek qaddejja tal-Mulej. Itlob għalina.

Int li fanħart lil Alla għall-grazzji kbar li tak. Itlob għalina.
Int li kont l-ewwel li rajt il-wiċċ t'Alla. Itlob għalina.
Int li ħallejt pajjiżek biex tħares il-ħajja ta' Ibnek. Itlob għalina.
Int li fittixt lill-Ibnek meta nħeba minnek fit-Tempju. Itlob għalina.
Int li sofrejt ma' Ibnek. Itlob għalina.
Int li bqajt ma' Ibnek anki meta deher tellief. Itlob għalina.
Int li lqajt il-ġisem mejjet tiegħu. Itlob għalina.
Int li kont l-ewwel waħda li fraħt bil-qawmien tiegħu. Itlob għalina.
Sultana tas-sema u ta' l-art. Itlob għalina.
Haruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja. Henn għalina.
Haruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja. Henn għalina.
Haruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja. Agħtina l-paċi.
Itlob għalina qaddisa Omm Alla.
Biex ikun jistħoqqilna dak li wiegħdna Kristu.

Mużika tat-tmiem.

IR-RUŻARJU MA' ĦAMES KOPPJI

Istruzzjonijiet għal min se jieħu sehem

1. Mis-sagristija joħorġu; żewġ abbatini, żewġt itfal, ħames koppji u saċerdot bi spellizza u l-istola bajda. Is-saċerdot joqgħod fuq is-sedja biż-żewġ abbatini ħdejh. Il-koppji fuq suġġijiet in-naħa tal-ambone mnejn jaqraw il-ħsibijiet għal kull misteru.
2. Is-saċerdot imexxi r-Rużarju hu; i.e. jibda, jagħmel l-introduzzjoni, jikkontemplah, imexxi l-kant u jikkonkludi. Fl-iscript il-parti tas-saċerdot hija mmarkata "B".
3. Il-ħsibijiet għal kull misteru jinqraw minn koppja. Il-parti mmarkata "R" tinqara mir-raġel u l-parti mmarkata "M" tinqara mill-mara. Il-Missierna u l-ewwel ħames Ave Marijiet ta' kull posta jgħidhom ir-raġel, u l-aħħar ħames Ave Marijiet u l-Glorja tgħidhom il-mara. Għalhekk, meta jmisshom jaqraw, il-koppja jmorru ħdejn l-ambone u jibqgħu hemm sakemm jispiċċaw il-qari tagħhom.
4. Il-kontemplazzjoni ta' kull misteru, is-Salve Reġina u t-talb skond il-fehma tal-Papa jingħadu mis-saċerdot. Wara li jingħadu dawn ta' l-aħħar, il-koppji jistgħu jniżżlu xemgħa u fjura ħdejn l-istatwa tal-Madonna, simboli ta' fidi u ħajja ta' nsara li jħobbu lil Marija.
5. L-invokazzjonijiet ta' wara skond il-fehma tal-Papa jistgħu jingħadu waħda waħda mill-miżżewġin.
6. Il-Litanija u l-qari tal-bidu jistgħu jsiru jew mill-miżżewġin jew inkella mit-tfal jew abbatini.

Wara li l-proċessjoni tkun waslet fuq l-artal u kulħadd ikun mar f'postu.

B: Illum se nimmeditaw il-misteri tal-glorja, li jitfgħulna l-attenzjoni tagħna fuq il-ġrajjiet li tant kabbru l-fiduċja tal-Knisja tal-bidu, fejn il-Madonna kellha tant sehem. Biex nidħlu mill-ewwel fl-ispirtu ta' dawn il-misteri se nisimgħu silta mit-Testment il-Ġdid li tagħti sens lil dawn il-ġrajjiet u lil ħajjitna.

A: Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju.
Għażiż: ftakar f'Ġesù Kristu li qam mill-mewt, li hu min-nisel ta' David skond il-Bxara t-tajba li ħabbart jien. Għalih jien qiegħed inbati sa l-

irbit tal-ktajjen bħallikieku kont xi ħati mill-agħar. Imma l-kelma t'Alla mhijiex marbuta. Għalhekk kollox nieħu bis-sabar għall-imħabba ta' dawk li huma magħżulin, biex huma wkoll jiksbu s-salvazzjoni, li hi ta' sebħ għal dejjem fi Kristu Ġesù.

Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha: jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll; jekk insofru bis-sabar: għad insaltnu miegħu wkoll; jekk niċħduh, hu jiċħadna wkoll. Jekk nonqsu mill-kelma li tajna, hu jibqa' jżomm kelmtu, għax hu ma jistax iqarraq bih innifsu.

Il-Kelma tal-Mulej. Inroddu ħajr lil Alla.

Intervall ta' mużika.

B: Dan il-qari jistedinna nroddu ħajr lil Alla għal kull ma jagħmel magħna; joħloqna, jgħajjixna, jmantnina, jfejjaqna, jsalvana. Għalhekk ukoll, bi spirtu ta' radd il-ħajr, bejn misteru u ieħor se nkantaw l-innu LILEK MULEJ TIFHIR U GLORJA, bi strofi miktubin apposta bħala meditazzjoni fuq il-misteri. Nitolbukom minn issa biex kulħadd ikanta r-ritornell. Issa nagħtu bidu għar-Rużarju:

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben.....

Alla tagħna, isma' t-talb tagħna.....

B: O Ġesù tiegħi aħfrilna dnubietna.....

Nikkonsidraw fl-ewwel misteru tal-glorja: Ġesù jqum mill-mewt.

Jaqraw Mr. u Mrs. .....

R: Mulej, kelmtek żammejtha dejjem, anki din id-darba. It-tempju ta' Ġismek ħattewh, kissruh, farrkuh, ifflaġellawh, ksewh bis-swat, bl-insulti, bit-tbenġil. Qatluk iva, imma rebħuk le. Wara tliet ijiem Int erġajt bnejt dan it-tempju. Bnejtu isbaħ, glorjuż, jiddi. Lanqas ta' ġewwa ma kienu fehmuk. Lanqas tiegħek ma riedu jemmnu. Baqgħu ibsin u mbeżżgħin sa l-aħħar.

Imma Int ma tqarraqx; la fl-ikrah u lanqas fis-sabiħ. Għedt li se tbati u tmut. Iżda għedt ukoll li se tqum. U qomt Mulej. Mhux għalik waħdek. Qomt biex tagħti glorja lill-Missier, biex turi l-qawwa ta' l-Ispirtu, u biex tagħti kuraġġ lilna, li għad inqumu miegħek.

M: Mulej, int qomt biex aħna nibdew induqu l-Qawmien minn issa. Veru li r-rebħa ta' l-aħħar miegħek ingawduha wara mewtna, imma Int trid ukoll li ħajjitna tkun qawmien kontinwu, minn issa. Qajjimna Mulej. Ċaqlaq il-blata li żżommna moħbijin u midfunin. Agħti Mulej qawmien ġdid lill-Knisja tiegħek. Qajjem qaddisin ġodda, profeti ġodda, martri mimlijin bil-qawwa tiegħek. Mulej, agħti qawmien ġdid lil pajjiżna, lill-parroċċi tagħna, lill-familji nsara. Għas-setgħa tiegħek mhemm l-ebda għassa li tista' twaqqfek. Aħna biss nistgħu nwaqqfuk, Mulej, jekk nitilfu kull fiduċja fik. Imma aħna nemmnu fik. Mulej, kabbrilna l-fidi.

R: MISSIERNA HAMES AVE MARIA

M: HAMES AVE MARIA GLORJA.

B: Inkantaw flimkien strofa fuq l-innu LILEK MULEJ TIFHIR U GLORJA.

Int qomt mill-mewt rebbieħ fuq l-għadu
irbaħt il-mewt, id-dnub, u d-dinja
miegħek ukoll, irbaħna aħna
rebħet il-Knisja, maħbuba tiegħek.
Lilek Mulej tifħir u glorja (4).

Intervall ta' mużika

B: Marija santissma urina li Int Ommna.....
O Ġesù tiegħi, aħfrilna dnubietna.....
It-tieni misteru tal-Glorja: Ġesù tela' s-sema.

Jaqraw Mr. u Mrs. .....

R: Mulej, nistagħġeb mhux kif tlajt is-sema, imma kif inżilt fl-art. Postok hu ħdejn missierek. Aħna tajnik biss taħbit u tbatija, meta ma jistħoqqlokx ħlief tifħir u glorja. Imma mqar wara l-esperjenza qarsa li kellek tagħna, Int bqajt tħobbna. Wegħedtna li se tmur għand il-Missier biex thejjilna post. Imma kif qisek ma tgħaddix mingħajrna Mulej? Kemm tħobbha l-kumpanija u l-preżenza tagħna Mulej? Imbagħad mingħandna tirċievi indifferenza u dnubiet. Aħna moħħna biss fl-art. Ninsew il-Missier, li bagħtilna lilek, biex toħodna ħdejh. Ninsew lilek li ġejt turina t-triq. Infittxu biss lilna nfusna u l-valuri li jgħaddu. Mulej, aħna marbutin wisq mal-art.

M. Mulej, erfgħalna qlubna 'l fuq fejn hemm Int... fejn mort Int qabilna biex thejjilna post. Int taf, Mulej, li aħna distratti u maħkuma mill-valuri ta' din id-dinja. Bejn is-sema u l-art nagħżlu l-art, bejnek u l-flus nagħżlu l-flus, bejn it-talb u t-television nagħżlu t-television, bejn it-tagħlim u d-divertiment nagħżlu d-divertiment. Niskużaw ruħna billi ngħidu li kollox irid ikun. U ninsew li ħaġa waħda hija tassew neċessarja. Mulej, għollilna ħarsitna lejn is-sema. L-art hi sabiħa: ħafna valuri tagħha huma tajbin: ħidmitna fiha hi meħtieġa. Imma xejn ma joqgħod qablek, qabel is-sema, qabel l-imħabba tiegħek. Imlina bik, Mulej, u b'saltnatek.

R: Missierna u 5 Ave Maria.

M: 5 Ave Maria u Glorja.

B: Inkantaw flimkien:

Minn fuq din l-art tlajt ħdejn Missierek
wara t-taħbit qgħadt fuq lemintu
u lilna għax tħobb, post qed tlestilna
biex wara l-mewt ingawdu miegħek
Lilek Mulej tifħir u glorja (4).

Pawsa ta' silenzju

B: Marija Santissima, urina li Int Ommna.....
O Ġesù tiegħi, aħfrilna dnubietna .....
It-tielet misteru tal-Glorja: Ġesu' jibgħat l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli.

Jaqraw Mr. u Mrs. .....

R: Mulej, inbidlu bħal-lejl min-nhar. Ma baqgħux jingħarfu. Kienu qishom nies oħra. Żgur li kellhom xi esperjenza kbira; esperjenza li ma ħallithomx l-istess. Kienu l-istess nies li semgħu kelmtek u raw l-għeġubijiet tiegħek. Imma baqgħu mbeżżgħa u moħbija. Beżgħu li tmiss-

hom l-istess xorti ħażina li messet lilek talli kont sinċier iżżejjed, talli ħabbejt bla ma ħsibt għal rasek, talli tkellimt wisq kif ħassejtha. Iva, Mulej, fuq dawk li għażilt kien niżel l-Ispirtu tiegħek. Hekk wegħdthom u hekk sar. Neżgħu l-biża' u libsu l-kuraġġ. Saru kburin li jbatu għal Ismek. Ftakru f'kull ma għedtilhom. Qasmu artijiet u ibħra. Saru jafu jitkellmu quddiem kulħadd, kbarat u għorrief inklużi, Mulej, kont għamilt waħda minn tiegħek dak inhar.

M: Mulej, agħmel oħra minn tiegħek illum ukoll. Għaliex, Mulej, aħna l-insara ninsabu wisq moħbija, imwerwra, siekta u bla ebda inizjattiva? Għaliex, Mulej, ħaddieħor jaħdem lejl u nhar, jistampa, jħarref, idur bieb bieb, u aħna, li għandna l-verità, ninsabu b'idejna marbuta? Għaliex, Mulej, qed inħallu tinbena dinja fejn mhemmx post għalik? Aħna smajnieha, ukoll, Mulej, il-kelma tiegħek, u rajna ħafna għeġubijiet tiegħek. Imma jonqosna niftħu beraħ il-qalb tagħna għall-Ispirtu tiegħek. Ejja, Spirtu Qaddis, ħeġġeġ qlubna bin-nar ta' mħabbtek. Inżel mill-ġdid fina lkoll, wieħed wieħed u waħda waħda. Ġedded il-Knisja. Għin lir-raghajja tagħna. Agħti ħajja ġdida lill-familji nsara. Għallimna nitolbu. Qawwina biex naħdmu. Għalik, Mulej, xejn mhu impossibbli, lanqas il-bruda tagħna.

R: Missierna u 5 Ave Maria.

M: 5 Ave Maria uGlorja.

B: Inkantaw flimkien:

Lill-Knisja Int ma tlaqtx weħidha
Fuqha Int bgħatt l-Ispirtu tiegħek
Spirtu ta' għerf, qawwa, imħabba
biex magħha jkun tul iż-żmien kollu.
Lilek Mulej tifħir u glorja (4).

Pawsa ta' silenzju

B: Marija Santsisma, urina li Int Ommna .....
O Ġesù tiegħi, aħfrilna dnubietna .....
Ir-raba' misteru: Marija mtella' s-sema bir-ruħ u bil-ġisem.

Jaqraw Mr. u Mrs. .....

R: Baqgħet mara sal-aħħar, Mulej. Tagħtek kelma u żammitha sal-aħħar. Swietilha ħafna, Mulej. Qaltlek li jkun minnha skond kelmtek. Ma kienitx biss kelma sabiħa li qalitha fl-entużjażmu tas-sejħa li għamiltilha Int, Mulej. Kienet kelma ta' mara, li wasslitha biex tibqa' wieqfa taħt is-salib... post fejn ħafna jwarrbu u jċedu. Imma hi żammet kelmtha; baqgħet hemm. U Int ukoll żammejt kelmtek magħha, Mulej. Tfajt fuqha l-Ispirtu tiegħek, għamiltha kollha kemm hi speċjali, għalik. Hi ma ttraditekx... qatt, f'xejn. Ma bidlitek ma' ħadd, ma' xejn. U Int ridtha miegħek ukoll fil-glorja... mill-ewwel. Ma ħallejtx ġisimha jara t-taħsir. Hlistha mid-dnub... ħlistha mill-mewt... mit-taħsir. Kien jixirqilha, Mulej.

M: Mulej, aħna nies tad-dnub u tal-mewt. Nagħtuk kelma; u nerġgħu lura minnha. Sejjaħtilna: weġibnik... imma ttradejnik kemm-il darba. Bdilnik ma' kull ma dehrilna aħjar minnek. Moħħna biss fl-issa; x'sa

naqalgħu; x'jaqblilna, x'sa ndaħħlu. Marbutin wisq mal-ħajja li tintemm. Mulej, agħmilna nies ta' kelma. Kull ma għandna huwa tiegħek. Aħna maħluqa għalik u għalhekk m'għandniex mistrieħ, jekk ma nistriħux fik, bħal Marija. Mulej għaqqadna miegħek minn issa, ħudna għalik biss. Sakemm jogħġbok tħallina fl-art, erfagħlna ħsibijietna lejn is-sema... biex meta tiġi biex niġu miegħek għal kollox, inkunu ġa nħallejna minn kull irbit fieragħ. Int biss torbot fis-sod Mulej. Kull rabta oħra sservi biss biex tjassar.

R: Missierna u 5 Ave Maria.

M: 5 Ave Maria u Glorja.

B: Inkantaw flimkien:

Kellha raġun, Marija tfaħħrek
magħha għamilt ħwejjeġ tal-għaġeb
fil-glorja għollejtha, bil-ġmiel sebbaħtha
lilha kull nisel, imbierka jsejjaħ
Lilek Mulej tifħir u glorja (4).

Intervall ta' mużika.

B: Marija Santissma, urina li Int Ommna.....

O Ġesù, aħfrilna dnubietna .....

Il-ħames stazzjon: Marija Reġina.

Jaqraw Mr. u Mrs. .....

R: Mulej, Int ġeneruż wisq fil-ħlas tiegħek. Wegħedt frott abbundanti lil min iħaddem it-talenti tiegħek. Semmejt interessi ta' mija fil-wieħed... u fuq kollox il-ħajja ta' dejjem. Lil min daħal jaħdem fil-ħamsa ta' filgħaxija, tajtu dinar ukoll, għax int tajjeb. Mulej, Pietru staqsiek x'kien se jieħu talli ħalla kollox u ġie warajk. U Int weġibtu. Pawlu qal li qatt ma daħal f'qalb ta' bniedem x'lestejt Int Mulej, għal dawk li jħobbuk. Mela, x'lestejt Mulej, għal Marija? Tgħid ħaddmithom it-talenti tiegħek? Tgħid ħalliet kollox? Tgħid ġiet warajk? Ġiet żgur, Mulej, u waslet ħdejk sal-glorja. Min jaf x'festa għamiltilha! Min jaf xi sbuħija ta' laqgħa kienet dik tagħkom fis-sema! Tassew jixirqilha ssaltan miegħek.

M: Mulej, Int l-aqwa premju tagħna. L-isbaħ kelma li għad nistgħu nisimgħu mingħandek hi din: "Idħol fil-hena ta' Sidek." Mulej, aħna nistgħu nagħmlu ftit li xejn biex nimmeritaw lilek; anzi ma nistgħu nagħmlu xejn. Is-salvazzjoni tagħna nafuha biss lilek Mulej, li tħobbna. Agħtina Mulej, li nkunu fidili fil-ftit li nistgħu u għandna nagħmlu. Anki l-ħafna li nagħmlu hu ftit wisq quddiemek. Imma għallanqas fakkarna f'dak li qalu l-qaddisin tiegħek: li premju kbir jitlob xogħol kbir. Mulej, xennaq qlubna għalik. Kultant nixtiequ nakkwistaw lilek bla ma nħallsu l-ebda prezz. Ħa tiddi quddiemna x-xbieha ta' Marija. Jekk bħala nintelqu f'idejk, għad insaltnu aħna wkoll miegħek u magħha.

R: Missierna u 5 Ave Maria.

M: 5 Ave Maria u Glorja.

B: Inkantaw flimkien:

Miegħek batiet, u miegħek ħadmet
L-Omm li ħabbejt, li ħajtek qasmet
issa fis-sema miegħek issaltan
mimlija ġieh, miksija glorja.
Lilek Mulej, tifħir u glorja (4).

Interval ta' mużika.

B: Salve Reġina.

Missierna, Sliema u Glorja skond il-fehma tal-Papa.

Talba tal-fidili:

1. Mulej, nitolbuk tibgħat l-Ispirtu tiegħek fuq il-Papa u l-Isqfijiet biex permezz tagħhom tingħata ħajja ġdida lill-familji nsara. Nitolbu.
2. Mulej, nitolbuk tbierek l-Arċipriet/kappillan, is-saċerdoti, ir-reliġjużi u l-katekisti tal-parroċċa, biex jagħtu s-servizz tagħhom għall-formazzjoni ta' familji tajbin. Nitolbu.
3. Mulej, itfa' ħarstek fuq il-parroċċa tagħna, agħmilna familja waħda li temmen u tafda fik, u tħobb lilek qabel kull ħaġa oħra. Nitolbu.
4. Mulej, ħu ħsieb iż-żgħażagħ tagħna u tħallihomx jitbiegħdu mit-triq qaddisa li fiha ġew imrawma ħafna minnhom fil-familji tagħhom. Nitolbu.
5. Mulej, qaddes il-miżżewġin kollha tagħna, biex ikunu mera ta' ħajja nisranija, fit-trobbija u fl-edukazzjoni li jagħtu lil uliedhom. Nitolbu.
6. Mulej, tħallix li l-kura u l-attenzjoni li jiġu mogħtija t-tfal fil-familji, jintilfu bil-ħolqien ta' ambjent pagan li qed jinbet madwarna. Nitolbu.
7. Mulej, sejjaħ minn ħdan il-familji tal-parroċċa diversi żgħażagħ biex jaqduk bħala saċerdoti, reliġjużi u katekisti. Nitolbu.
8. Mulej, agħti għajnuna speċjali lil dawk il-familji li għandhom xi problema ta' għaqda, mard, xogħol jew niket ieħor. Nitolbu.
9. Mulej, għin lil uliedna namrati jew għarajjes, biex jibqgħu qribek, qrib is-Sagramenti, u qrib it-tagħlim u l-Knisja tiegħek. Nitolbu.
10. Mulej daħħal fil-familja ferħana tiegħek tas-sema lil ħutna li f'din iddinja kienu tant għeżież għalina fil-familja tagħna. Nitolbu.

Bħala konklużjoni tista' tingħad il-Litanija tal-Lumen Gentium paġ. 41.

KIENET MARA
Ir-Rużarju fil-ħajja ta' familja

Ħbieb, nixtiequ nippreżentawlkom il-membri ta' familja minn tagħna, Maltija.

Din il-familja m'għandha xejn speċjali. Hija familja tixbah ħafna lil tagħkom u lil tiegħi. Għalhekk nixtiequ li tiltaqgħu magħha.

L-aktar membru importanti ta' din il-familja huwa Joey. Għallanqas lilu jagħtu l-akbar importanza l-membri l-oħra tal-familja mill-ixjeħ saliżgħar. Naturalment; għaliex Joey huwa l-baby li lkoll isejħulu "l-baby tagħna." Naturalment; għax il-babies kollha narawhom ħelwin.

Hutu jgħiru daqsxejn għalih kultant, imma jħobbu jilgħabu li huma l-papà u l-mamà li jridu jieħdu ħsiebu.

Missieru u ommu ferħanin bih daqs li kieku kien l-ewwel tifel.

Ma ngħidu xejn għan-nanna. In-nannu — għalkemm l-oħrajn jgħidulu 'miskin' jinsab is-sema; iżda xorta waħda minn hemm jifraħ bin-neputi li m'ilux li tfaċċa f'din l-art.

Għaliex huma ferħanin? Le, mhux għax rebħu l-Lotterija Nazzjonali, mhux bil-flus... Biex nifhmu għaliex, ejjew immorru ftit lura fiż-żmien... ħafna snin qabel ma beda jeżisti Joey, u ħutu; meta n-nannu kien għadu fil-fjur ta' ħajtu, u n-nanna friska bħal warda; meta missier Joey kien għadu ma ltaqax max-xebba li saret martu. Hi kienet għadha tfajla għadha kif ħarġet mill-iskola u daħlet taħdem f'fabbrika.

Qalb Ġeneruża

Fil-fabbrika l-ħaddiema jidħlu fis-sebgħa ta' filgħodu.

Mary tagħmel 160 keffa kuljum. Carmen tagħmel 100 but kuljum. Rose tagħmel 100 but ieħor kuljum.

Tlett mitt tfajla jagħmlu l-parti tagħhom. Hekk jibqgħu sejrin sal-ħamsa ta' filgħaxija.

Fil-fabbrika tagħmel is-sħana. Tlett mitt tfajla lkoll jieħdu n-nifs. Minn kull ġisem toħroġ is-sħana. Fil-ħitan tal-fabbrika mhemmx twieqi. Aktar ma jgħaddi l-ħin, aktar tiżdied is-sħana.

It-tfajliet jistennew bil-ħerqa s-sinjal tal-break biex ikunu jistgħu jixorbu xi ħaġa...

It-tfajliet igorru bejniethom minħabba s-sħana.

It-tfajliet iridu li xi ħadd minnhom imur ikellem il-Manager biex jagħmel xi ħaġa ħa jnaqqas is-sħana...

Imma min? Liema mit-tfajliet kellha tkun li tmur titkellem għal sħabha? Biex forsi jaraha bħala troublemaker u jsib il-mezzi kif ikalaha 'l barra...

Għajnejn it-tfajliet daru fuq Jane. Kienet tfajla fuq tagħha u simpatika, u sħabha ħasbu li l-Manager jagħti kasha.

Iżda Jane bdiet tibża'... Ma setgħetx tifhem kif hi setgħet tagħmel din il-ħaġa; bdiet tibża' li m'għandhiex ħila, li l-Manager jgħajjat magħha, joħodha biċ-ċajt, jew isib skuża biex ikeċċiha...

Il-kuraġġ ta' Marija

It-tfajliet reġgħu lura għax-xogħol.

Mary tagħmel il-kfief. Carmen tagħmel il-bwiet.

Tlett mitt tfajla jagħmlu l-parti tagħhom. U Jane fosthom imħassba...

Jane baqgħet taħseb sakemm daqq nofsinhar, u l-grupp ta' madwarha beda jgħid l-Angelus, u bdiet taħseb fuq meta l-Anġlu żar lill-Madonna...

Deher l-Anġlu lil Marija, għax il-bnedmin sħabha kienu maħkuma millinġustizzja u kellhom bżonn ta' xi ħadd li jidħol għalihom.

Deher l-Anġlu biex jistieden lil Marija tagħti sehemha billi tkun omm Dak li kellu jmexxi l-bnedmin kollha.

Marija bdiet tibża'... Ma setgħetx tifhem kif hi setgħet tagħmel din il-ħaġa; bdiet tibża'...

Iżda l-Anġlu weġibha li mhux bil-ħila tagħha kellha tirnexxi, iżda bil-qawwa li kien se jagħtiha Alla jekk kemm-il darba hija taċċetta li tagħmel dak li jrid minnha.

Jane titlob:
"Ħanin Ġesù,

int li tajt il-grazzja lil ommna Marija li twieġeb 'iva' meta ġiet imsejħa biex tidħol għal ħaġa li ma setgħetx tifhem kif hi setgħet tagħmilha, billi wrejtha li għal Alla xejn ma huwa impossibbli,

u li Alla jagħżel iċ-ċkejknin u l-umli biex iwettaq il-ħsebijiet kbar tiegħu,

agħi lili, fiċ-ċokon tiegħi,

il-grazzja li nagħmel dak li qed titlobni permezz ta' sħabi,

imqar jekk ikolli nbati jien biex jinkiseb ftit ġid għal kulħadd.

Agħtini l-grazzja li ma nibżax mill-kbarat ta' din id-dinja u jirnexxili naqdi dmiri lejn sħabi."

It-thassib tal-ġenituri

Jane marret u kellmet lill-Management. Iżda dan m'għamel xejn. Jane tkellmet ma' sħabha, u raw li jekk iridu jagħmlu xi ħaġa kellhom jidħlu f'Union. Hekk għamlu, u għażlu lil Jane bħala shopsteward. Għal Jane bdew ħafna laqgħat, li għalihom sikwit kienet iddum barra filgħaxija.

Sadattant missierha u ommha d-dar jinkwetaw...

"Dik it-tifla se titkeċċa."

"Qabel, filgħaxija, kienet dejjem tidħol kmieni, daż-żmien ħadd ma jaf x'ħin sa tasal..."

"U minn dat-taħbit kollu, m'hi se tieħu xejn għaliha..."

"Se timbagħad mas-superjuri, biex igawdu sħabha."

"Għaliex kellha din it-tifla tinkwieta b'dan il-mod il-ġenituri tagħha?"

"Dari, konna naħdmu, u ma kellniex unions."

"Dari, it-tfajliet ma kienux imorru jaħdmu fil-fabbriki."

"Dari, ix-xebbiet ma kienux imorru laqgħat sa tard fil-għaxija."

"L-ulied dejjem hekk, kollha nkwiet."

"Jidhrilhom li jifhmu aktar mill-kbar."

Tiftakru l-istorja ta' Ġesù fit-Tempju?

Meta Kristu baqa' tlett ijiem fit-tempju, ommu staqsietu: "Għaliex għamiltilna hekk?"

Omm Ġesù ma setgħetx tifhem l-imġieba ta' binha.

U lanqas ma fehmet l-ispjegazzjoni li taha bi tweġiba għall-mistoqsija tagħha.

Omm Ġesù nkwetat dwar binha.

Iżda kellha fiduċja sħiħa fih.

Baqgħet iżżomm it-tweġiba li taha f'qalbha, taħseb fuqha.

Sakemm wasal il-jum meta binha miet fuq is-salib.

Allura setgħet tifhem li kien qed ihejjiha għat-telfa akbar tal-mewt li kellu jġarrab.

Allura fehmet li kien qed juriha minn qabel li meta kellu jonqos għal darb'oħra għal tlett ijiem, ma kellhiex titlef il-fiduċja.

Għaliex wara tlett ijiem kellu jirxoxta.

Għaliex wara tlett ijiem kellu jerġa' fostna.

Kultant iż-żgħar għandhom għerf akbar mill-kbar, aktar jifhmu l-ħsieb ta' Alla.

Il-ġenituri ta' Jane jitolbu:
"Ħanin Ġesù,

Int li ridt lil ommok Marija ġġarrab l-inkwiet li jġarrbu l-ġenituri kollha dwar uliedhom,

imqar meta dawn ma jkunux sfrattati jew ħżiena,

għaliex ma jifhmux dejjem l-imġieba tagħhom,

agħti lilna l-grazzja li qatt ma nitilfu l-fiduċja li naraw 'l uliedna jirritornaw, imqar meta nibżgħu li nkunu tlifnihom;

agħtina d-dawl biex nifhmuhom u nagħrfu nitkellmu magħhom b'mod il ma nħassrux ir-rabta tal-familja, iżda dejjem tikber l-imħabba ġewwa darna u r-rabta ta' bejnietna."

Wasal iż-żmien meta Jane ltaqgħet ma' ġuvni...

Marija tfittex dar

Għaddew ix-xhur u Jane u Joey tgħarrsu.

Iżda l-problemi ma naqsux... tħabtu sakemm fl-aħħar sabu flat mingħajr ir-rigal li ma setgħux iħallsu għalih.

Ġemmgħu sakemm bdew jimlew il-kmamar vojta bil-mobbli...

Forsi ma kienux jaslu kieku ommhom ma kienitx dejjem attenta tara jonqoshomx xi ħaġa li setgħet tagħtihom hi.

Ommhom kienet tinkwieta tara s-snin jgħaddu, u l-għarajjes jaħdmu biex jaqilgħu l-flus meħtieġa, u fl-istess ħin iridu jlaħħqu ma' mitt elf ħaġa oħra.

U kultant kienet tmur il-Knisja titlob 'l Alla jiftakar fihom...

Bħal meta f'Kana naqas l-inbid, u b'qalb ta' omm, il-Madonna ittendiet u daret fuq binha...

Għall-ewwel deher dak inhar li binha Ġesù kien weġibha "le" — għax qalilha "s-siegħa tiegħi ma waslitx."

Iżda ma kienx qed igħid għall-inbid tal-festa, għax dak kien se jipprovdilhom. Kien qed igħid għal-inbid li kellu jagħti biex jinbidel f'demmu.

Hekk ħafna drabi aħna naħsbu li Alla ma jkunx jisma' t-talb tagħna, jew ikun qed jirrifjutah; imbagħad insibu li hu jkun qed jaħseb f'xi ħaġa aqwa jew isbaħ għalina.

L-omm titlob:

"Ġesù ħanin, ħu ħsieb dawn uliedi kif ħadt ħsieb l-għarajjes ta' Kana. Inti ma tajthomx il-għana ta' din l-art, m'għandhomx flus il-bank, u m' għandhomx palazz fejn joqogħdu; iżda nirringrazzjawk li tajthom l-aqwa rigal li jista' jirċievi l-bniedem: id-don tal-imħabba għal xulxin."

Is-snin gerrbu, waħda wara l-oħra, waħda aktar mgħaġġla mill-oħra...

Wara t-tieġ ta' bintha, ġew il-magħmudijiet, il-preċetti u l-griżma tat-tfal...

Omm Jane saret nanna xiħa.

L-omm wahidha mnikkta

Miet ir-raġel, u bdiet tħossha waħidha...

Il-jum kien qed inin, u d-dwal tat-toroq għadhom kif jinxtegħlu. Ix-xitwa. Ix-xita tbexbex. L-art tiżloq. Iżda n-nanna titnikker tħares lejn ħanut li jbiegħ it-toys. Taħseb f'ulied bintha. U ħarsa ta' swied il-qalb timlilha wiċċha bħal dell. Għaliex. Jane ma ġġibilhiex it-tfal biex jarawha sikwit daqskemm tixtieq in-nanna. Jane tgħid li t-tfal iħabbtuha wisq, u n-nanna ma tiflaħx għalihom.

Veru, kull meta ġġibhom, in-nanna tgorr li joħdulha rasha; iżda xorta waħda tridhom. Aħjar l-għajjat tat-tfal minn dar fejn jinstema' biss lehen ir-Rediffusion.

Jane tixtrilha kull m'għandha bżonn, toħodha l-Knisja u għand it-tabib, iżda xorta waħda thossha abbandunata, tingħalaq dejjem aktar fiha nfisha. Fil-Knisja, thares lejn xbiha tad-Duluri.

Dak inhar li l-Madonna rat lil binha jmut fuq is-salib, bilfors ħasset li se tibqa' waħidha fid-dinja.

Lil binha kulħadd kien telqu... Hi u ftit nisa oħra biss baqgħu madwaru...

Biss il-Maddalena tbuslu riġlejh, u ż-żagħżugħ Ġwanni jolfoq...

Iżda Ġesù, fl-aqwa tat-tbatija, jaħseb fiha, jaħseb fina, jaħseb f'kulħadd...

"Mara, ara ibnek" — "Ara, ommok"...

U mill-għoli tas-Salib, l-Omm tara wara ftit lil binha mniżżel, bħal frotta taqa' mis-siġra, f'ħoġorha; u miegħu aħna lkoll mill-quċċata tas-suppervja tagħna, mill-għoli tax-xewqa tagħna li nkunu indipendenti, u li ma jkollna bżonn ta' ħadd...

U Ġwanni, li kien serrah rasu fuq sider Ġesù, issa jdur lejh, iżomm rasu merfugħa, biex l-Omm ma taqax taħt il-piż ta' Binha maqtul.

Imħabba lejn l-omm

Lura f'darha, l-omm baqgħet taħseb waħidha fuq żgħożitha u żewġha. Imbagħad rat lil Jane u 'l żewġha u 'l uliedha jaslu għandha, iġibulha rigal... u jistaqsuha:

"Ma sibna dar ġdida akbar milli kellna. Grazzja t'Alla. Għaliex ma tiġix toqgħod magħna, flok tibqa' waħdek f'din id-dar li issa saret kbira wisq għalik? Biex it-tfal ma jdejqukx tista' tieħu kamra fis-sular t'isfel maqtugħa għaliha."

Fid-dar il-ġdida, għalkemm ix-xiħa kienet kultant teqred u tgorr, kienet thossha mill-ġdid tiswa xi ħaġa...

Kultant kienet issajjar hi bil-għajnuna tan-neputijiet; u tirrakkontalna għal għoxrin darba l-istess stejjer ta' tfulitha.

Kienet tiġbor il-familja kollha flimkien biex igħidu r-Rużarju, u allura kienu jaħfru lil xulxin in-nuqqasijiet li bihom kienu jdejqu lil xulxin matul il-ġurnata... U allura kienu jaslu fit-tielet posta tal-glorjuż ,u jikkontemplaw il-misteru ta' meta niżel l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli, meta kienu miġburin flimkien fil-kamra magħluqa madwar ix-xwejħa Omm Ġesù, kienu jagħrfu li fl-għaqda ta' bejniethom kien hemm il-qawwa li tirbaħ iżżmien u tegħleb il-mewt; il-qawwa ta' l-imħabba ta' Kristu li ta ħajtu biex il-bnedmin kollha jsiru ħaġa waħda flimkien u miegħu. Hekk kienet titlob il-familja kollha:

"Ġesù ħanin, Int li wara l-Mewt u l-Qawmien tiegħek, bgħatt l-Ispirtu tiegħek lill-bnedmin kollha, biex bix-xhieda tal-imħabba ta' bejniethom, iħabbru l-messaġġ tiegħek lid-dinja kollha, kompli xerred fuqna u f'qalbna s-sliem li ebda tbatija ma tista' teqred, għax hi mibnija fuq irrabta mar-rieda tiegħek."

Is-servizzi li tajna fil-paġni ta' qabel huma ta' għajnuna kbira għat-talb u l-ħidma pastorali. Bi ftit ħsieb, immaġinazzjoni, diskussjoni u adattament, jistgħu jintużaw ma' diversi gruppi ta' żgħażagħ u anzjani. Nagħtu ftit suġġerimenti oħra:

1. Ir-Rużarju fil-Knisja, anke dak ta' kuljum, għandu jingħad b'serjetà, devozzjoni u spirtu ta' talb veru. M'għandux jingħad minn xi persuna li ma tkunx tidher li qed tagħmel sehem mill-komunità e.g. xi ħadd bil-microphone mill-Kor.

2. Almenu qabel jibda r-Rużarju, għandu jsir ħsieb qasir ta' introduzzjoni. Tajjeb tingħata wkoll xi intenzjoni partikulari, e.g. marbuta ma' ġrajjiet reċenti fil-ħajja tal-parroċċa, tal-pajjiż, tal-Knisja u tad-dinja. Il-ħajja dejjem tipprovdi għal dawn l-intenzjonijiet.

3. F'Mejju u f'Ottubru, ir-Rużarju fil-Knisja jista' jkun maħsub aħjar. Per eżempju:
   (a) għal kull jum tal-ġimgħa, jinstab grupp mill-parroċċa li jieħdu ħsiebu (saċerdoti, reliġjużi, katekisti, miżżewġin, abbatini, żgħażagħ, anzjani, għaqdiet, prayer groups eċċ.);
   (b) għal kull jum tax-xahar, jintgħażlu numru ta' toroq, isir talb speċjali għall-fidili li joqogħdu f'dawk it-toroq, jiġu mħeġġa jieħdu sehem eċċ.
   (c) għal kull jum tax-xahar tinstab intenzjoni partikulari, marbuta mal-misteri meditati, jew mal-ġrajjiet fil-ħajja tal-fidili, jew mal-liturġija tal-ġurnata — anzi jkun sew, fi ġranet ferjali, li l-Quddies li jitqaddes f'dawn il-ġranet tkun xi waħda mill-Quddies votivi, marbuta ma' l-intenzjoni.
   (d) qabel il-Liturġija, jista' jsir ħsieb qasir (5 minuti) minn saċerdoti jew lajċi, b'rabta ma' l-intenzjoni magħżula. Mal-lajċi mill-parroċċa, jistgħu jinstabu diversi oħrajn minn Għaqdiet Kattoliċi (Mużew, Azzjoni, Legion, Ż.H.N., Komm. Ħajja Nisranija), jew Gruppi Ġodda (Focolarini, Kariżmatiċi, Neo-Katekumenali, Prayer Groups, Third World Group, Moviment Missjunarju Malti eċċ.)

4. Biex tidher ir-rabta tar-Rużarju mal-Liturġija, nistgħu, wara skond il-fehma tal-Papa, ngħidu l-Lezzjoni l-qasira, ir-Responsorju, il-Preces (talba tal-fidili) u t-talba mill-Uffiċċju Divin tal-ġurnata. Jistgħu jingħadu wkoll l-Antifona u l-Magnificat.

LITANIJA TAL-LUMEN GENTIUM

*(meħuda mill-ktieb IR-RUŻARJU FIL-KNISJA, FIL-FAMILJA, FIL-GRUPPI, ta' Patri Luqa Azzopardi O.P. — 1974 — p. 78)**

Daħla: Insejħu lil Marija Verġni Omm Kristu u Omm il-Knisja, b'titli li tagħtiha t-Tradizzjoni Mqaddsa u li tennihomlha l-Konċilju Vatikan.

Litanija

Mulej ħniena	Mulej ħniena
Kristu ħniena	Kristu ħniena
Mulej ħniena	Mulej ħniena
Imqaddsa Marija Omm Alla	Itlob għalina
Omm Verġni tal-Kelma tal-Ħajja	,,
Omm il-Feddej Divin	,,
Omm l-Iben ta' Alla	,,
Bint wisq maħbuba tal-Missier Etern	,,
Tempju ta' l-Ispirtu s-Santu	,,
Sieħba ġeneruża u qaddejja umli tal-Mulej	,,
Membru ewlieni tal-Knisja u Omm tagħha l-aktar maħbuba	,,
Xbieha tal-Knisja u l-aqwa mudell tagħha fil-fidi u fl-imħabba	,,
Eva l-ġdida, "Omm il-Ħajjin"	,,
Knisja, Bint Sijon	,,
Bint Adam, u oħtna skond il-ġisem	,,
Omm tagħna fl-ordni tal-grazzja	,,
Verġni bla tebgħa	,,
Verġni mtella' fil-glorja tas-sema	,,
Sultana ta' l-univers	,,
Avukata tagħna u għajnuna tagħna	,,
Helsien tagħna u medjatriċi tagħna	,,
Xbiha u bidu tal-Knisja ġejjiena	,,
Sinjal ta' tama ċerta u ta' faraġ għall-poplu ta' Alla fid-dinja	,,
Kristu ismagħna	Kristu ismagħna
Kristu ilqa' t-talb tagħna	Kristu ilqa' t-talb tagħna

Talba: Nitolbu. Agħtina, o Alla li tista' kollox, il-għajnuna tat-talb tal-Verġni Mqaddsa Marija, u ferraħna bil-ħarsien tagħha, biex aħna l-fidili tiegħek, neħilsu minn kull deni fuq l-art u naslu fil-hena ta' dejjem fis-sema. Bi Kristu Sidna. Amen.

* Nirrikmandawh hafna ghal idejn kappillani, saċerdoti, reliġjuži, katekisti, eċċ.

STROFI GĦALL-MISTERI TAR-RUŻARJU

Tal-Ferħ

1. Qaddejja ta' Alla, tbaxxejt Int għal Kelmtu:
   weġibt Int għas-sejħa, għalkemm bqajt bla ħimtu. *Ave (3) Marija*
2. Biex taqdi lill-proxxmu ħaffift, hekk kif għażlek
   għarfuk bħal' Omm Alla, faħħart lil Min kabbrek. *Ave (3) Mairja*
3. Fis-skiet, fl-akbar faqar, wellidt lill-Messija:
   ħa jikber fi qlubna dan Ibnek Marija. *Ave (3) Marija*
4. Lill-Ibnek tarbija offrejt Int fit-tempju:
   stqarrewh b'dawl tal-popli, tawh lilna b'eżempju. *Ave (3) Marija*
5. Int sibtu iwettaq ix-xogħol ta' Missieru,
   u sibt li miċ-ċokon dak biss kien fi ħsiebu. *Ave (3) Marija*

Tat-Tbatija

1. Bħal Ommok Marija, Ġesù fl-Ort turina
   kif fl-hemm norbtu qalbna mar-rieda ta' Sidna. *Ave (3) Marija*
2. Għalkemm kont bla ħtija sawtuk mingħajr ħniena;
   imm'Inti bqajt thobbna, bqajt tbati għall-ħżiena. *Ave (3) Marija*
3. Int ħrabt darba l-folla li ssaltan riditek;
   ħallejth'imma meta bix-xewk rasek ksitlek. *Ave (3) Marija*
4. Jekk ridt li b'salibna kuljum warajk nimxu,
   salibek erfajtu, b'imħabbtek qaddistu. *Ave (3) Marija*
5. Fl-idejn ta' Missierek erħejt ir-ruħ tiegħek;
   f'idejk nerħu ruħna, ħa nsaltnu wkoll miegħek. *Ave (3) Marija*

Tal-Glorja

1. Sal-mewt Int obdejtu 'l Missierek tas-sema;
   Hu sebbħek u qajmek rebbieħ fuq kull setgħa *Ave (3) Marija*
2. Biex thejji post lilna Int tlajt ħdejn Missierek;
   'ma qabel Int ħtartna xandara ta' Kliemek. *Ave (3) Marija*
3. Kif wegħedthom minn qabel l-Ispirtu bgħattilhom
   ħa jxandru twemminhom bil-qawwa Hu mlihom. *Ave (3) Marija*
4. Marija faħħritek għax tgħolli liċ-ċkejken;
   Int lilha għollejtha, b'ġieh kbir ridt iżżejjen. *Ave (3) Marija*
5. Fis-sema Marija issaltan ma' Binha;
   kull nisel imbierka minn qalbu jsejħilha. *Ave (3) Marija*

KOTBA FUQ IL-MADONNA LI JINSABU GHALL-BEJGH FIL-LIBRERIJA PRECA

Woman clothed with the Sun
Praying with Mary
The Mother of God.
Mary of Nazareth by Giordani.
Mary daughter of Sion.
Our Lady of Fatima.
Mary; Mother of Christ and of Christians.
The image of Mary according to the Evangelists.
Woman wrapped in silence.
The Lady said... Come to Lourdes.
Mary; Pathway to fruitfulness
Papal Teachings about the Rosary
Mary's place in Christian Dialogue
Tribute to Mary
Rosary: A Gospel prayer
Sword of Sorrow
Our Lady after Vatican II
Little office of Blessed Virgin Mary
Mary in the New Testament
Mary and the Christian Gospel
Mary; the Womb of God
Mary Queen of the Apostles
The World's First Love
17 Papal Documents on the Rosary
Glories and virtues of Mary
Mary Hope of the World
Fatima Cove of Wonders
Marialis Cultus bil-Malti
Hienja Int li Emmint
Marija Mimlija bil-Grazzja

Films Super 8mm.

Fatima: Hope of the World
Mater Dei

IL-BNIEDEM FL-ISKRITTURA

P. Guido Schembri OFM

Daħla

L-istudju partikulari fuq il-bniedem jissejjaħ "antropoloġija". Hemm antropolija filosofika, teoloġika u biblika.

Sa minn żmien ilu, il-bniedem dejjem studja lilu nnifsu taħt dviersi aspetti, imma mhux dejjem b'mod sistematiku.

L-ewwel tentattiv ta' studju sistematiku fuq il-bniedem deher fis-seklu 16 mill-istudjuż ta' Leipzig, M. Hundt. Fis-sena 1594-96, O Casmann ippubblika f'Hannover żewġ volumi fuq dan is-suġġett (Psychologia antropologica sive animae humanae doctrina. Secunda pars anthropologiae: hoc est Fabrica humani corporis."

Wara l-istudji ta' Kant, Feuerbach, Marx, Kierkegaard u speċjalment ta' M. Scheler (li wara l-ewwel gwerra dinjija żviluppa l-antropoloġija verament filosofika) ħareġ il-ktieb SEIN UND ZEIT (1927) ta' Heidegger li kellu influwenza kbira fuq l-istudjużi u teoloġi kemm Kattoliċi kif ukoll Protestanti.

Fost it-Teoloġi, l-ewwel wieħed li ttenta jitkellem sistematikament fuq il-bniedem kien Tertulljanu f'DE ANIMA. Imbagħad, it-Teoloġi tal-Orjent thaddtu fuq il-bniedem u r-relazzjonijiet tiegħu ma' Alla, x'hin dawk tal-Oċċident thaddtu fuq il-bniedem l-aktar bħala midneb li għandu ħtieġa ta' Alla. It-Teoloġi tal-Medio Evo tkellmu fuq il-bniedem 'l hawn u 'l hemm fit-trattati teoloġiċi. Dan għadu jsir sal-lum, b'mod li nistgħu ngħidu li sa żminijietna għad m'hemmx dottrina tabilħaqq sistematika dwar il-bniedem. Hemm biss tentattivi.

Issa naslu għall-Kotba Mqaddsa. Dawn qatt ma jitkellmu fuq il-bniedem b'mod sistematiku. Anqas ma jitkellmu fuq il-bniedem b'mod xjentifiku: filosofiku, psikoloġiku, eċċ. Il-Biblista jista' biss jilmaħ fl-Iskrittura dak li irrivela Alla dwar il-bniedem. U din ir-rivelazzjoni tinsab imxerrda 'l hawn u 'l hemm fil-Kotba Mqaddsa.

Il-bniedem fit-Testment il-Qadim

a) Fl-eżistenza storika tiegħu, il-bniedem hu kreatura ta' Alla suġġett għal-limitazzjonijiet u bħala tali *persuna eżistenti sħiħa.* Il-ġisem (materja) fih in-NEFEX (il-ħajja puramente naturali u konkreta: Genesi 6:17) li s-sede tagħha hu d-demm (Genesi 9:4; Lev. 17:11; eċċ.) u fih ir-RUAH (l-organu tal-ħajja ta' l-ispirtu u tal-volontà speċjalment fir-relazzjonijiet ma' Alla (Salm 42:2; Is. 19:3; 26:9; Ġobb 32:8; Eżek. 14:3; 35:21; eċċ.) Dawn (ġisem,

nefex u ruah) huma tliet aspetti tal-persuna umana u mhux "kompositum" ta' partijiet diversi. Xi drabi tissemma il-LEB (qalb) li hi kkonsidrata bħala ċ-ċentru ta' l-atteġġjament morali u reliġjuż tal-bniedem (Genesi 20:5s Ġożwe 22:5; 1 Sam 12:20.24; eċċ.).

Ladarba l-bniedem *hu* (mhux għandu ġisem u ruħ, l-aħħar awturi tat-Testment il-Qadim ġibdu l-konklużjoni li dawn m' għandhomx jinfirdu minn xulxin għal dejjem (Is. 26:19; Dan 12:2ss; 2 Mak 7:14). Hekk bdiet it-tama fil-qawmien tal-ġisem, suġġett li jerġa' jmissu it-T.Ġ. (Mark 12:18; Ġw 6:39ss; Atti 24:15; 1 Kor 15). Id-duttrina ta' l-immortalità tar-ruħ tinsab fil-Ktieb tal-Għerf (2:22ss; 3:4).

b) Billi l-bniedem għandu l-ġisem, hu essere soċjali b'relazzjonijiet familjari, tribwali u nazzjonali. Għalhekk għandu jiġi mħares u maħbub minn ħutu l-bnedmin (Lev. 19:9-18, 34; 25:35-38) u għandu jħossu responsabbli lejhom (Is 3:13ss; Amos 8:4; eċċ.). Hija t-Torah li tirregola r-relazzjonijiet tal-bniedem ma' ħutu u ma' Alla.

c) Fir-relazzjoni tiegħu ma' Alla, il-bniedem għandu dejjem ikun konxju mil-limitazzjoni tiegħu ta' kreatura: billi ġismu ġej mill-materja (Ġen 3:19), huwa assolutament impotenti u dipendenti. Iżda fl-istess ħin għandu jkun konxju mid-dinjità tiegħu ta' xbieha ta' Alla (Ġen 1:26) u tal-pożizzjoni li jokkupa fuq il-ħlejjaq kollha (Salm 8; Ġen 2:7). Bħala persuna, hu l-uniku fost il-ħolqien li hawn fid-dinja li jista' jidħol f'komunikazzjoni konxja ma' Alla. Permezz taż-żewġ sessi, hu, mhux biss jikkomunika ma' Alla, iżda jissieħeb miegħu fl-opra tal-ħolqien (Ġen 1:27; 2:18, 21ss.).

d) Il-bniedem hu maħluq għall-ferħ u l-hena (ir-rakkont ta' l-Għeden). Iżda dis-sitwazzjoni ta' ferħ hija kondizzjonata minn ħajja responsabbli ta' obbedjenza lejn il-Ħallieq. Fil-ħbiberija tiegħu ma' Alla huwa jsib il-veru ferħ (Salm 43:4; 1 Slaten 4:20).

e) Minħabba d-deċiżjoni tiegħu ta' disobbidjenza lejn Alla, il-bniedem daħal f'sitwazzjoni ta' hemm u niket (Ġen 3). Għalkemm l-A.T. ma jiżviluppax id-dottrina tad-dnub oriġinali, iqis il-bniedem *bħala midneb* (Salm 143:2; Ġen 8:21). Il-kapitli 3-11 tal-Ġenesi juru l-kruha tad-dinja midinba li sabet l-eqqel f'konfużjoni u qerda. Skond Ġeremija (31:31-34) Alla biss jista' jnissel konverżjoni fil-qalb midinba.

f) It-Testment il-Qadim iqis il-mewt u t-tbatija bħala kondizzjoni tan-natura tal-bniedem, iżda jagħti wkoll x'nifhmu li huma effetti tad-dnub. Bil-ħbiberija tiegħu ma' Alla, il-bniedem tal-A.T. kien jittama f'ħajja ferħana f'din id-dinja. It-tama f'Salvatur u f'ħajja aħjar minn din preżenti żviluppat ruħha bil-mod.

Tagħlim dwar il-bniedem fil-Ġdid Testment

Fil-Vanġelu ma nsibux tagħlim espliċitu fuq il-bniedem

minħabba li l-Evanġelisti kienu mehdijin bil-persuna sovrana ta' Kristu u l-opra tas-salvazzjoni. Fost l-awturi tal-Ġdid Testment huwa San Pawl li jokkupa l-ewwel post fid-dottrina tiegħu dwar il-bniedem u dan minħabba l-preokkupazzjoni soterjoloġika tiegħu li bilfors kellha tmiss il-problema tal-bniedem fl-opra tas-salvazzjoni. L-istess preokkupazzjoni soterjoloġika ġibdet lil San Ġwann Evanġelista li jitkellem fuq il-bniedem bħala oġġett tal-fidwa li waqqaf Ġesu' (1 Ġw 4:9; eċċ.).

It-tagħlim fuq il-bniedem fil-Ġdid Testment jista' jingabar hekk:

a) It-tliet aspetti tal-bniedem fl-istruttura naturali tiegħu huma:

1. Il-ġisem (SOMA), l-organiżmu animat li kultant, b'tonalità diversa, jissejjaħ ukoll SARX;

2. Ir-ruħ (PSIKE'), dik li tagħti ħajja lill-bniedem u li hi s-sede ta' l-esperjenza tiegħu speċjalment bil-għajnuna tan-NOUS (intelliġenza);

3. L-ispirtu (PNEWMA) li, għalkemm tintuża b'tonalitajiet diversi, tfisser l-aktar "iċ-ċentru tal-persuna umana fl-aspirazzjonijiet traxxendenti li għandhom x'jaqsmu ma' Alla".

Dawn it-tliet aspetti jingħaqdu ħafna drabi fil-KARDIA (Qalb: LEB ta' l-A.T.) li hi marbuta mas-SINEIDESIS (Kuxjenza).

F'dawn insibu l-bniedem sħiħ: persuna responsabbli quddiem Alla u ħutu l-bnedmin. Ara 1 Tess 5:23 ma' ħafna passi oħra.

b) Din l-istruttura ġiet imfassla minn Alla. Il-bniedem hu xbieha t'Alla u din ix-xbieha hi l-qofol ta' l-essenza tal-bniedem (1 Kor 11:7; Ġakbu 3:9).

c) Biss fi Kristu Ġesu' l-bniedem isib il-mudell tal-ħajja integra tiegħu, għax Ġesu' hu "ix-xbieha ta' Alla li ma jidhirx" (Kol 1:15). Fi Kristu Ġesu' l-bniedem jilmaħ kif l-uman (soma-psike-pnewma-kardia) jista' jingħaqad u jitgħolla għad-divin biex isib is-sebħ (DOXA) tiegħu (Filip. 2:7s: Chirstus cum in forma Dei esset...)

c) Billi l-bniedem ġej minn Alla u hu xbieha ta' Alla li ssib il-milja tagħha fi Kristu Ġesu', hu ma jistax jgħix indipendentement minn Alla (R. Bultmann, E. Fuchs, etc.) imma b'relazzjoni, pożittiva jew negattiva, miegħu. Il-ħajja tal-bniedem mela hija f'għażla kontinwa u responsabbli li tkun marbuta ma' Alla jew le, deċiżjoni favur jew kontra r-rieda ta' Alla. Din id-deċiżjoni personali tissejjaħ LIBERTA' (ELEWTERIJA) (Gal 5:13; 1 Pet 2:16). Meta tittieħed deċiżjoni favur ir-rieda ta' Alla, il-bniedem isib il-KAJROS (żmien ta' salvazzjoni); meta d-deċiżjoni tkun kontra, allura jidħol fil-KRISIS (żmien ta' kundanna).

d) Adam kien l-ewwel li ħa deċiżjoni negattiva (Rum 5:12), u b'hekk daħal id-dnub fid-dinja li mhux biss ġab il-firda bejnu u bejn Alla (Rum 5:8, 10) iżda wkoll bejnu nnifsu. Biddnub mela l-bniedem isib ukoll firda fih innifsu u ma' ħutu l-bnedmin (Ġakbu 1:8). Din il-

firda tnissel il-mibegħda u l-miżerji kollha personali u soċjali fost l-umanità.

e) Fis-sitwazzjoni preżenti, il-bniedem hu fi gwerra kontinwa fih innifsu bejn il-qawwa tal-ġisem u l-konkupixxenza tiegħu (SARX) u l-qawwa ta' l-ispirtu (PNEWMA); ara Ġw. 1:13; 6:3; Rum 7:14, 17-20).

Meta l-bniedem jissieħeb ma' Kristu (Rum 8:1), u jitmexxa mill-Ispirtu (Rum 8:12-14) allura ma jibqax "sarkinos, kata sarx" imma jsir "pnewmatikos, psikikos, kata pnewma". Kif igħid San Ġwann: ma jibqax taħt il-ħakma tad-dlam imma jidħol fis-saltna tad-dawl. Ma jibqax "ekso antropos" (bniedem esterjuri) imma jsir "eso antropos" (interjuri).

f) Permezz tal-magħmudija, il-bniedem "jinża'" mill-bniedem il-qadim (Palajos), ġisem imħassar mid-dnub, u jsir bniedem ġdid (Kajnos), "imġedded skond ix-xbieha tal-Ħallieq tiegħu (Kol. 3:10), fil-ġustizzja u l-qdusija (Efesin 4:24). Il-magħmudija torbot il-bniedem ma' Kristu li fuq is-salib qered il-qawwa tad-dnub u, fil-glorja li kiseb sar "il-primoġenitu fost l-aħwa" (Rum 8:29) li ġew mifdijin mill-qawwa tad-dnub.

g) It-taqbida bejn il-ġisem u l-ispirtu ma tagħlaqx bil-magħmuidja. L-imgħammed ħa tabilħaqq "il-kapparra ta' l-Ispirtu" għall-wirt definittiv (Efesin 1:14), iżda jibqa' dejjem maħbut mat-tiġrib tad-dinja u tal-ġisem (Tit 2:12; Gal 5:16). Jibqa' hawn fi stat ta' "barrani u pellegrin" (1 Pet 2:11). Jinsab fi prospettiva soterjoloġika u eskatoloġika fl-istess ħin, għax fih teżisti tensjoni bejn is-salvazzjoni li oġġettivament ġiet diġà imwettqa u l-kompiment finali tagħha li għadu ma seħħx. Għalhekk in-nisrani jeħtieġlu jibqa' jġedded l-għażla tiegħu bejn Kristu u d-dinja, Alla u x-xitan (Mat 6:24).

h) Il-bniedem isib il-qawwa ta' Kristu fil-ġisem mistiku tiegħu li hu l-Knisja. Fil-Knisja, il-fidi u s-sagramenti jorbtu l-persuna tal-bniedem mad-destin ta' Kristu (2 Kor 5:15s.) u ma' ħutu l-Insara (2 Kor 7:3). Fl-Ewkaristija l-bniedem iduq il-benna ta' dan il-misteru.

i) Id-destin tal-bniedem hu destin ta' glorja eterna. Wara l-mewt il-bniedem isir PNEWMA, spirtu li hu wkoll persuna ħajja fi stadju intermedju. Għax kif Kristu ħa l-ġisem tal-miżerja tagħna u mbagħad għanih bil-glorja tal-qawmien, hekk wara l-istadju intermedju l-pnwema tagħna terġa' tingħaqad mal-ġisem glorjuż. Għax aħna ippredestinati, insiru "konformi max-xbieha ta' Ibnu" (Rom 8:29). "Għax kif ilbisna l-għamla tal-ġisem ta' l-art, hekk nilbsu dik tal-ġisem tassema" (1 Kor 15:46-49). Għax il-ġisem tagħna (sarx) għandu jissieħeb mal-glorja tal-qawmien" (Rom 8:11, 23).

L-ISPIRITWALITA' TAX-XOGĦOL

(notamenti meħudin fuq it-taħdita li għamel Dun Fortunat P. Mizzi)

1. Ix-xogħol hu *t-tweġiba* li l-bniedem — *kull* bniedem — jagħmel għas-sejħa ta' Alla l-imbierek. Dan ifissru ċar il-Papa Ġwann Pawlu II fl-enċiklika tiegħu fuq ix-xogħol tal-bniedem — *Laborem exercens* — u huwa mfisser ukoll mill-Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum, *Gaudium et Spes*.

2. Meta nħarsu lejn ix-xogħol mhux tant fid-dimensjoni oġġettiva tiegħu daqskemm fid-dimensjoni soġġettiva tiegħu, jiġifieri meta nqisu l-bniedem li jagħmlu, inkunu qed inħarsu lejh fid-dimensjoni awtentika tiegħu: huwa t-tweġiba tal-bniedem għas-sejħa u s-sejħat li jagħmillu Alla.

Din il-fehma tax-xogħol tista' tidher xi ħaġa ġdida, xi kunċett ġdid, imma fil-fatt hi kunċett qadim daqs il-bniedem. Dan għalliex ix-xogħol beda mal-ħolqien tal-bniedem, mal-ħsieb ta' Alla li joħloq il-bniedem. Id-deskrizzjoni tal-ħolqien tad-dinja fl-ewwel kapitlu tal-Ġenesi f'ċertu sens nistgħu nqisuha bħala l-ewwel Evanġelju tax-xogħol. Il-bniedem isir jixbah 'l Alla li ħalqu huwa u jaħdem, u ħalqu skond ix-xbieha tiegħu (*Laborem exercens*, 25). U blistess kliem li bih jinseġ il-ġrajja tal-misteru tal-ħolqien, il-Ktieb tal-Ġenesi jfisser il-veritajiet fondamentali dwar il-bniedem: Alla ħalaq il-bniedem biex jaħkem fuq l-art; ix-xogħol hu r-raġuni ewlenija tal-ħajja tal-bniedem fuq l-art sa mill-bidu tal-ħolqien tiegħu; fix-xogħol issehħ it-tweġiba għas-sejħa tiegħu.

3. Din hi realtà fondamentali li fuqha jeħtieġ li nibnu s-soċjetà jekk irridu nirbħu t-tensjoni li hemm bejn l-ideali ta' l-atruiżmu — l-imħabba — u l-loġika ta' l-egoismu. Fuq din ir-realtà timbena ċ-ċiviltà ta' l-imħabba, li fuqha kemm-il darba tkellem il-Papa Pawlu VI bħala l-għan ta' kull ħidma mhux biss fl-oqsma kulturali u soċjali, imma wkoll fl-oqsma ekonomiċi u politiċi. M'aħniex se naslu biex nilħqu dan il-għan jekk fi ħsibijietna u f'egħmilna aħna nibqgħu marbutin mal-prinċipju "għajn b'għajn u sinna b'sinna"; jeħtieġ li aħna nwarrbu dan il-prinċipju, u floku ndaħħlu prinċipju ieħor, spirtu ieħor fir-relazzjonijiet tal-bnedmin bejniethom. Id-dinja, is-soċjetà ssir aktar "umana" jekk fir-relazzjonijiet kollha ta' bejniethom il-bnedmin idaħħlu mhux biss il-ġustizzja imma wkoll dik "l-imħabba kollha ħniena" li hi l-qofol tal-messaġġ ta' l-Evanġelju (Ara *Dives in misericordia*, 14). Innisrani li hu kemm ċittadin tal-belt ta' l-art *(civitas mundi)* u ċittadin tal-belt ta' Alla *(civitas Dei)* (ara *Gaudium et Spes*, 43) għandu jħabrek biex il-belt ta' l-art tinbidel fil-belt ta' Alla, billi jgħix il-misteru/kmandament ta' l-imħabba: "Ħobb il-Mulej Alla tiegħek b' qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b' moħħok kollu. Dan hu l-kmandament il-kbir u l-ewwel wieħed. U t-tieni jixbhu: Ħobb il-għajrek bħalek innifsek. Dawn iż-żewġ kmandamenti huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-profeti" (Mt 22,37-40; ara wkoll Ġw 13,34-35).

4. In-nisrani jasal biex jibni ċ-ċiviltà ta' l-imħabba jekk jidħol fil-fond tal-misteru ta' l-imħabba, il-misteru ta' Alla li huwa Mħabba, kif igħidilna San Ġwann, Alla li wera mħabbtu fil-ħolqien, u l-aktar fil-ħolqien tal-bniedem, magħmul minn Alla ftit inqas mill-allat u mqiegħed fuq l-egħmejjel kollha ta' idejh (salm 8), Alla li jsejjaħ il-bniedem għall-imħabba, u jistenna mill-bniedem tweġiba għal din l-imħabba.

5. X'inhi s-sejħa għall-imħabba li Alla jagħmel lill-bniedem? Fil-misteru ta' mħabbtu, Alla wieħed fi Tliet Persuni, isejjaħ il-bniedem biex jikkonserva u jġib 'il quddiem dak li Hu, Alla l-Missier li jista' kollox, ħalaq mix-xejn bil-qawwa tas-setgħa tiegħu bla qjies; isejjaħ lill-bniedem biex fl-Iben Waħdieni tal-Missier, Alla veru minn Alla veru, jifdih u jsalvah; isejjaħ lill-bniedem biex fl-Ispirtu s-Santu, iqaddsu, jipperfezzjonah, iwasslu għall-feliċità, it-tgawdija, il-glorja.

6. B'liema mod se jwieġeb il-bniedem għal din is-sejħa ta' Alla? Il-bniedem iwieġeb b'misteru ta' mħabba, fil-Misteru ta' l-imħabba. Il-bniedem nisrani, bix-xogħol tiegħu, jissieħeb mal-bnedmin l-oħra kollha ħa jikkonserva u jġib 'il quddiem il-ħolqien kollu. Ma' Kristu, fl-Ispirtu s-Santu jifdih, isalvah, iqaddsu u jwasslu għall-perfezzjoni.

Bħal Kristu u ma' Kristu jaħdem għal tibdil radikali għall-aħjar tal-kundizzjonijiet tal-bniedem fid-dinja, u jqawwi fil-bnedmin l-oħra t-tama tal-liberazzjoni li tiġi minn Kristu, u magħhom jaqsam il-ferħ u n-niket, it-telf u r-rebħ. (Ara *Direttorju tal-Kleru* kap V). In-nisrani, bix-xogħol tiegħu, jissieħeb ma' Kristu fit-tbatija u l-mewt, biex ma' Kristu jirbaħ fuq it-tbatija u l-mewt u ma' Kristu jikseb il-glorja: miegħu jgħaddi mid-dlam għad-dawl, mill-qtigħ il-qalb għat-tama, mit-tbatija għat-tgawdija, mill-umiljazzjoni għall-glorja.

7. Meta nħarsu lejn ix-xogħol f' dan id-dawl, naraw kemm tqarraq dik il-fehma tax-xogħol li fuqha titkellem l-enċiklika *Laborem exercens* (n.7). Ix-xogħol il-bniedem jagħmlu mhux biex igħix hu biss, mhux biex igħin il-familja tiegħu biss; ix-xogħol mhux biss xi "job" biex ikollok flus kemm trid, biex trekken; ix-xogħol mhux mezz biex bih bniedem "juża" bnedmin oħra għall-interessi tiegħu, biex ikabbar ġidu, għaliex il-bniedem mhux xi biċċa għodda għall-produzzjoni. Din il-fehma tax-xogħol hija fehma egoistika, hija fehma li tiċħad il-veritajiet fondamentali li dejjem ħarġu mit-teżori tal-verità nisranija u l-aktar mill-bxara t-tajba ta' l-Evanġelju tax-xogħol.

L-għan ewlieni tax-xogħol huwa t-tibdil tas-soċjetà billi jiżviluppaha, jipperfezzjonaha u jqaddisha. Hekk biss ix-xogħol isir tweġiba għas-sejħa ta' Alla lill-bniedem għall-bini taċ-ċiviltà ta' l-imħabba.

Fil-ġrajja tal-bniedem kemm-il darba kien hemm tentattivi biex ikun hemm tibdil fis-soċjetà, iżda kull tentattiv biex tinbidel is-soċjetà, li kien mibni fuq il-vjolenza jew fuq ideoloġiji li m'humiex l-Evanġelju ta' Kristu, dejjem falla. Iżda jekk fallew l-isforzi kollha li saru għall-bini ta' soċjetà aktar umana, dan ma għandux jaqtagħlna qalbna: għadhom meħtieġa l-is-

forzi tagħna lkoll għall-bidla għall-aħjar tas-soċjetà. Iżda jeħtieġ li din il-bidla sseħħ mhux permezz tal-vjolenza u ta' ideoloġiji mingħajr Alla, iżda fid-dawl ta' l-Evanġelju.

8. B'liema mod se jwieġeb il-bniedem għas-sejħa ta' Alla biex tinbena ċ-ċiviltà ta' l-imħabba bil-ħidma tiegħu fid-dinja?

Il-bniedem iwieġeb kemm bħala individwu, kemm bħala membru tas-soċjetà tal-bnedmin, kemm bħala membru tal-Knisja.

a) Bħala individwu, il-bniedem iwieġeb billi jaqdi sewwa dmirijietu lejh innifsu u lejn l-oħrajn.

(i) Il-bniedem hu fid-dmir mhux biss li jgħix u jħares saħħtu kif jixraq (sussitenza), imma wkoll għandu jħabrek biex itejjeb dejjem aktar lilu nnifsu b'mod li jkun "dejjem aktar bniedem" (autosvilupp u autorealizzazzjoni). Dan jiksbu bil-ħidma tiegħu, bix-xogħol li jagħmel b'mod li jkun jixraq lid-dinjità tiegħu ta' bniedem, mingħajr ma jsir ilsir tax-xogħol. Min isir ilsir tax-xogħol jiċċaħħad millmistrieħ li jeħtieġlu u milli jagħmel użu tajjeb minn dan il-mistrieħ u mill-ħin liberu tiegħu ħa jtejjeb l-edukazzjoni u l-kultura tiegħu.

(ii) Il-bniedem hu fid-dmir imbagħad li jaħseb għall-familja tiegħu. Ix-xogħol hu l-pedament li fuqu timbena l-ħajja tal-familja: hu bix-xogħol li wieħed li jkollu familja jista' jmantniha; hu bix-xogħol tiegħu li l-bniedem jikseb l-edukazzjoni tal-familja — il-familja li hi l-ewwel skola ta' xogħol għal kull persuna, f'daru.

(iii) Il-bniedem, kemm jekk iħaddem, u kemm jekk jaħdem ma' xi ħadd jew jaħdem għal rasu, għandu wkoll dmirijiet lejn l-oħrajn kollha. Jekk hu bniedem li jħaddem huwa fid-dmir li jħares il-ħajja u s-saħħa tal-ħaddiema tiegħu fuq il-post tax-xogħol, jagħtihom salarju xieraq u jħaddem il-prinċipju tal-parteċipazzjoni. Iżda d-dmirijiet ta' min iħaddem m'humiex biss lejn dawk li jħaddem; għandu d-dmirijiet tiegħu lejn il-komunità li fiha jgħix, lejn pajjiżu, lejn issoċjetà kollha tal-bnedmin, għaliex il-bnedmin kollha, huma fejn huma, huma min huma, huma lkoll aħwa, u għandu jkun hemm solidarjetà sħiħa bejniethom.

Dawn id-dmirijiet ta' solidarjetà mal-bnedmin l-oħra — fuq livell komunitarju, nazzjonali jew internazzjonali — jorbtu wkoll kemm lil min jaħdem għal rasu u kemm lil min jaħdem ma' xi ħadd.

Min jaħdem ma' ħadd ieħor imbagħad għandu dmirijiet lejn min iħaddmu: għandu jkun leali lejh u jkun onest miegħu, jagħtih xogħol tajjeb bla tnikkir u ħala ta' żmien.

Hemm fl-aħħarnett id-dmirijiet ta' dawk kollha li jaħdmu lejn sħabhom fuq ix-xogħol: fost il-ħaddiema kollha għandu jkun hemm spirtu qawwi ta' solidarjetà sħiħa, fit-tħabrik tagħhom għall-ħarsien tad-drittijiet kollha tagħhom bħala bnedmin u bħala ħaddiema. Minn hawn tiġi l-ħtieġa li kull min jaħdem ikollu fih kuxjenza soċjali qawwija u jagħraf il-ħtieġa tal-kooperativi u tat-trade union.

b) Fil-qasam tax-xogħol is-soċjetà wkoll — qed nifhmu hawn dawk li huma responsabbli mittmexxija tagħha, l-awtoritajiet pubbliċi — għandha tweġiba x'

tagħti għas-sejħa ta' Alla biex timbena dinja aħjar, aktar umana. Kull soċjetà hi fid-dmir li thares il-libertajiet fondamentali tal-membri tagħha u ma tagħmel xejn li jista' jdgħajjifhom; hi fid-dmir ukoll li tagħmel dawk il-liġijiet kollha meħtieġa biex id-dinjità tal-bniedem fuq ix-xogħol tkun imħarsa sewwa, biex verament ix-xogħol ikun għall-bniedem u mhux il-bniedem għax-xogħol. Ebda soċjetà llum ma hi ħielsa mid-dmir li jkollha leġislazzjoni soċjali millaħjar, skond iż-żminijiet tallum.

c) Fid-dinja tax-xogħol il-Knisja wkoll għandha tweġiba x'tagħti, u l-Knisja t-tweġiba tagħtiha l-ewwelnett bil-maġisteru tagħha; biżżejjed insemmu d-dokumenti tal-maġisteru l-aktar għoli tal-Knisja f'dawn l-aħħar mitt sena u l-impenn kollu tal-Knisja għall-paċi fid-dinja u għall-bini ta' dinja aħjar, impenn li l-Knisja qiegħda twettaq bix-xhieda li tagħti, bil-kuntatti li tagħmel mas-setgħanin ta' l-art u bl-organizazzjoni tal-forzi kollha ta' l-apostolat tagħha.

Iżda ma rridux lanqas ninsew issehem li s-saċerdoti u r-reliġjużi jagħtu għal dan il-għan bix-xhieda tal-ħajja tagħhom u bil-ħidma fl-apostolat soċjali; dan barra l-eserċizzju tas-saċerdozju tagħhom bħala ministri ta' Alla u amministraturi tal-misteri qaddisa, l-aktar il-ministeru tar-rikonċiljazzjoni u l-ministeru ta' l-Ewkaristija.

Hemm ukoll imbagħad il-ħidma tal-lajċi impenjati, kemm bħala individwi u kemm bħala membri ta' l-għaqdiet ta' l-appostolat, li qegħdin jaħdmu minn ġewwa fil-movimenti soċjali, fit-Trade Unions, fil-kooperattivi u fil-politika biex f' kull imkien jinxtered l-ispirtu ta' Kristu.

9. Kull bniedem, hu min hu, għandu s-sejħa speċjali tiegħu, li m'hijiex is-sejħa ta' ebda bniedem ieħor, għax ir-realtà ta' kull bniedem m'hijiex dik ta' bniedem ieħor: kull bniedem huwa irripettibbli, ma hemmx ieħor bħalu. Għalhekk hi irripettibbli wkoll it-tweġiba li kull bniedem jagħti lis-sejħa li jagħmillu Alla għall-bini ta' dinja aħjar.

10. Minn hawn il-ħtieġa li kull nisrani jkun imħarreġ sewwa biex jagħti t-tweġiba tiegħu għas-sejħa li jagħmillu Alla. Għalhekk huwa meħtieġ l-appostolat soċjali għall-formazzjoni ta' l-insara biex ikunu jistgħu jagħtu sehemhom fil-ħidma għat-tibdil għall-aħjar tas-soċjetà. Dan jista' jseħħ billi f'kull azjenda, f'kull qasam ta' xogħol, f' kull parroċċa jitwaqqfu gruppi ta' nsara mpenjati u jissaħħu l-movimenti soċjali ta' ispirazzjoni nisranija.

FORUM: KIF SE NWASSLU L-MALTIN BIEX IQADDSU X-XOGHOL

Dun Joe Fsadni fid-dahla li ghamel ghall-forum, qal li l-fidi u l-hajja huma wisq separati. Ghall-iskop pastorali tal-Knisja hemm zewg problemi f'dan il-kuntest:

1. B'liema mod il-bniedem ser jifhem hajtu fil-kuntest tad-dinja tax-xoghol?; u
2. B'liema mod ser tghinu l-fidi, ir-relazzjoni m'Alla, biex iwiegeb ghall-problemi li qed jinholqulu, u biex din (il-fidi) tghinu jghix b'mod shih u komplet bhala bniedem?

Jigifieri, irridu nghinu l-haddiema jfittxu fil-hajja u fil-fidi. Pero' mhux zewg tfittixijiet separati, inkella jekk dan isir it-tnejn jispiccaw biex jitilfu d-dinamizmu proprju taghhom.

Jidher car li allura ahna s-sacerdoti biex naslu ghal din il-pastorali specjalizzata fost il-haddiema, irridu:

1. Niehdu l-hajja (dinja tax-xoghol ecc.) bis-serjeta; u
2. Niehdu wkoll it-tejologija bis-serjeta.

Illum il-problema mhux li l-Knisja Maltija m'ghandhiex il-finanzi jew numru ta' nies mehtiega ghal din il-pastorali, izda liema nterpretazzjoni ser taghti (permezz tassacerdoti u lajci mpenjati) ta' dak li qed jigri.

Dr. John Grech, ekonomista, ta harsa lejn l-ambjent ekonomiku Malti bhalissa. Fil-krizi serja li ghaddej minnha l-pajjiz hemm bosta forzi li qed jahdmu flimkien. Naturalment qed teffettwa wkoll irricessjoni internazzjonali li ghaddejja bhal mewga kerha fuq id-dinja kollha. Pero' biex wieħed jifhem dak li qed jigri issa f'pajjizna, wieħed irid iqis l-ghazliet fundamentali li pajjizna kien dahal ghalihom meta nbdiet l-industrijalizazzjoni, 20 sena ilu. Dak iz-zmien l-ghazla kienet li nigbdu investimenti barranin fuq bazi ta' kompetittivita ta' 'unskilled work'.

Illum gara li ma ghadniex izjed kompetittivi fix-xoghol. B'hekk l-istrategija ta' industrijalizazzjoni trid tinbidel. Dan ighodd ukoll ghal dawk il-ftit industriji godda li fihom qed titqiegħed tama zejda — bhal funderija u l-bacir il-gdid — it-tnejn jidhru mix-xejra dinjija li ser ikunu industriji li ma jiffunzjunawx sew.

Hemm ukoll fattur iehor importanti — pajjizna ghaddej minn perijodu difficili politikament. F'ghajnejn il-barrani l-istabbilita marret il-bahar.

F'dan il-bahar kollu ta' kuntest socjo/politiku/ekonomiku wieħed ma jridx jinsa fuq kollox il-BNIEDEM. Jidher car li l-kuncett tal-bniedem f'pajjizna qed jigi mcajpar.

Ghalhekk il-htiega li ahna l-insara niehdu l-vizjoni ottimista u dinamika dwar il-bniedem kif jaghtiha l-Papa Gwann Pawlu II fil-"Bniedem li Jahdem". Skond din il-vizjoni l-bniedem ghandu jkollu l-ewwel u l-ogħla post fil-holqien ghaliex hu li qed jahdem biex il-holqien ikompli. Bil-kapacita krejattiva li tah Alla l-Hallieq, il-bniedem qed ikompli jbiddel id-dinja. Kemm-il darba l-bniedem jitehidlu dan il-post ta' gieh li haqqu bi dritt, hu jibda jhossu insodisfatt u mfarrak. U dan hu li gara lil bosta haddiema f'pajjizna stess.

Il-Knisja trid tkun minn ta' quddiem nett fiz-zamma u fl-edukazzjoni tad-dinjita tal-bniedem.

Miss Carmen Vassallo, ghalliema, tkellmet dwar il-foqra godda

li hawn madwarna llum. Jekk ma nintebħux min huma: l-ilħna tagħhom ma nagħtux kashom. Hi dehrilha li l-faqar ġdid jidher sew flimħuħ morda — nies mingħajr maturità f'sens nisranija. Minħabba f'hekk leħen Kristu qed jiġi fgat illum. U dan l-aktar minħabba li l-moħħ marid qed jifred ir-reliġjon u l-ħajja. Minħabba f'hekk, u kontra l-ispirtu Evanġeliku qed jitnisslu valuri foloz bħal — 'Aħseb għal rasek!"

"Naħseb għall-ġid materjali".

"Inpattihielek lura!"

"Skarta, jew ħalli kollox kif inhu."

Jum il-Ħadd għal bosta tilef l-iskop u l-qdusija tiegħu.

Filwaqt li hu tassew diffiċli li tagħti riċetti maġiċi, żgur, pero', li għad jonqos ħafna x'nagħmlu fil-Knisja Maltija biex ngħaqqdu r-reliġjon u l-ħajja.

Is-Sur Joe Galea fl-analiżi tiegħu dwar jekk u b'liema mod teżisti spiritwalità fuq il-post tax-xogħol, deherlu li din fil-veru tifsir tagħha ma tantx teżisti. Il-Knisja min-naħa tagħha, fil-ħidma tagħha pastorali biex tkabbar din l-ispiritwalità, qed tkun wisq 'amateurish'. Hemm ukoll ċertu oqsma, bħal dawk talbiedja u s-sajd, li hi mhix qed tagħti kashom bl-iskop li minnhom joħroġ nukleju ta' ħaddiema tassew iffurmati spiritwalment.

Dun Ġwann Sammut saħaq fuq il-missjoni tagħna s-saċerdoti li hi waħda ta' tagħlim. Din iġġibilna dmir gravi — li aħna qabel xejn inkunu nafu sew il-messaġġ, u li nżommu rwieħna kontinwament aġġornati. Jekk nonqsu li dan nagħmluh, jiġrilna bħal ma kien qal B. Haring li nsiru "manipulated manipulators", jew skond il-kliem ta' Kristu nnifsu, "għomja jmexxu lill-għomja."

Biex naslu sew lejn messaġġ b' viżjoni sħiħa, hu dmir tagħna wkoll bħala saċerdoti li nkunu nafu d-dinja li qed ngħixu fiha llum. Hemm bżonn riflessjoni profonda dwar bosta fatturi u problemi, bħal: mobbiltà; stat li jindaħal f' kollox; valuri morali ġodda; edukazzjoni.

IT-TALB

P. Anġeliku M. Busuttil O.C.D.

(1) HTIEĠA TA' KULL BNIEDEM: *It-Talb huwa ħtieġa ta' kull bniedem li jagħraf il-qagħda kontinġenti tiegħu u għalhekk idur lejn l-assolut.*

Il-bniedem li jagħraf id-dipendenza tiegħu minn Hallieq u Sid ta' kollox, iħoss il-ħtieġa ta' kuntatt ħaj u personali miegħu, iħoss il-ħtieġa ta' kommunjoni kemm jista' jkun personali, qalb ma' qalb, ma' dan is-Sid setgħan.

Pawlu VI: "Il-formula ta' l-eżistenza tagħna jonqosha xi ħaġa li l-awtosuffiċjenza li naħsbu li għandna ma tasalx biex tagħti: teħtieġ bħal suppliment ta' kawżalità provvidenzjali, TEHTIEĠ LIL ALLA; għandha bżonn titolbu, issib fih dik is-sigurtà, dik il-milja, li t-Tjubija tiegħu biss tista' tagħti. JEHTIEĠ LI WIEHED JITLOB BIEX IGĦIX".

(a) *Għalhekk, it-TALB huwa fenomenu primarju f'kull reliġjon teistika, anzi huwa l-qalb ta' kull reliġjon,* l-att ċentrali tal-bniedem reliġjożament tajjeb. Il-psikoloġija reliġjuża dwar dan il-fenomenu tgħallimna li l-attività ta' min jitlob mhix att ta' xi fakultà jew funzjoni umana, imma att tal-persuna kollha kemm hi, li ddur lejn l-Assolut bħala REALTA' PREŻENTI li għandha qawwa u setgħa. It-Talb dejjem jissoponi fidi f'Xi Hadd ħaj, personali u preżenti bħala realtà, u mhux biss ideja filosofika jew teoloġika.

(b) Huwa għalhekk li t-TALB f'kull reliġjon juri l-ħtieġa ta' djalogu ma' Xi Hadd Assolut; jesiġi minn qabel irfigħ miċ-ċirkustanzi konkreti tal-ħwejjeġ ta' kuljum f'ġabra ġewwenija li tħalli lil min jitlob jinfetaħ beraħ għal Dan l-Assolut, għal Dan ix-Xi Haddieħor li jrid ikellem. Huwa hekk fit-Talb ta' kull reliġjon... imma din it-tendenza għad-DJALOGU HAJ tidher fl-aqwa tagħha fit-Talba Nisranija, fejn, kif sejrin naraw, id-Djalogu jsir misteru sopranaturali f'esperjenzi l-aktar ħajja.

(2) IT-TALBA BIBLIKA: *Jekk inħarsu lejn il-bniedem ta' talb tar-Rabta l-Qadima, malajr nintebħu li t-Talb Bibliku huwa xi ħaġa bil-wisq oġħla minn dan kollu li semmejna għal kull reliġjon teistika.*

It-Talba Biblika tinqata' għaliha bħala tweġiba għall-inizjattiva divina ta' Alla nnifsu, għax huwa Alla li jibda d-djalogu, waqt li l-bniedem jisma' leħnu u jilqa' kliemu.

Samwel: "Tkellem Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma' " (I, 3,10).

(a) It-Talba Biblika toħroġ mill-esperjenza tal-Poplu magħżul ta' Alla quddiem ir-Rivelazzjoni Divina: L-inizjattiva hija divina; huwa Alla li jitkellem l-ewwel u l-bniedem iqiegħed ruħu quddiemu, fil-preżenza tiegħu, sabiex joqgħod jisimgħu u jwieġeb f'attitudni li tidher ċara ħafna fil-kliem ta' Samwel u oħrajn.

(b) Barra minn hekk, Alla mhux biss huwa Hallieq u Sid, imma Raġħaj — Għarus — Difensur li jitlob fedeltà fl-imħabba. Fil-moħħ tal-bnedmin twajba tar-Rabta l-Qadima, minħabba r-rapporti speċjali ta' patt-allejanza li Alla waqqaf magħhom, Alla ma jitlobx minnhom kliem u sagrifiċċji daqskemm fedeltà sħiħa fl-imħabba, għax Alla nnifsu huwa dejjem fidil magħhom. Fi kliem is-Salm 18 biss, Alla huwa qawwa, blata, fortizza, sur, tarka, kenn, ħellies... għal kull min iħobbu u jittama fih.

(3) IT-TALBA WARA KRISTU: *Imma t-Talb Bibliku tar-Rabta l-Qadima hejja t-triq għat-Talba vera u l-aktar għolja u definittiva li ried Alla u li setgħet tibda sseħħ bl-Inkarnazzjoni ta' l-istess Kelma ta' Alla: Kristu Ġesù.*

Alla ried li l-bnedmin kollha jkunu jistgħu jersqu lejh fi Kristu u bi Kristu, Sid tal-bnedmin kollha u Medjatur Waħdieni bejn Alla u l-bniedem, hekk li wara l-miġja ta' Kristu, it-talb kollu jeħtieġ li jsir f'rabta sħiħa miegħu.

Ist. Ġen. tal-Liturġija tas-Sigħat: "Kristu jgħaqqad miegħu l-bnedmin kollha b'mod hekk sħiħ, illi bejn it-talba tiegħu u t-talba ta' kull bniedem hemm rapport l-aktar intimu. Għax huwa fi Kristu, u fi Kristu biss, li r-reliġjon umana tikseb is-siwi tagħha għas-salvazzjoni u tilħaq l-għan tagħha." (N. 6).

(a) It-Talba umana tlibbset id-dinjità ġdida u l-aktar għolja li tagħtiha l-Umanità Qaddisa ta' Kristu. Fl-Inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla biex ikun il-Feddej tal-bnedmin kollha, Kristu huwa l-pont waħdieni, il-kanal meħtieġ, il-bieb u t-triq uniċi li jgħaqqad il-bniedem ma' Alla, il-punt ta' kuntatt ħaj bejn Alla u l-bniedem, hekk li kull Talba umana (ukoll jekk mhux nisranija) ma tistax ma teħux frott mill-fatt li ISSA, fl-Issa Pawlina, saret għanja bin-nobbiltà ġdida li tagħtiha l-Umanità ta' Kristu.

(b) Issa, it-Talba ta' kull bniedem hija dejjem b'xi mod magħquda ġġettivament mat-Talba tal-Feddej Universali. Għalhekk tieħu frott mill-Fidwa tiegħu, għax l-umanità kollha kemm hi rċeviet qdusija ġdida, bħal ħolqien ġdid, mill-Inkarnazzjoni ta' l-Iben, kif ukoll għax Kristu f'għajnejn il-Missier huwa l-ewwel wieħed fost ħafna aħwa, Ras-Mexxej tal-bnedmin kollha.

(4) IT-TALBA NISRANIJA: *Imma t-Talb Nisrani jogħla bil-wisq aktar minn kull talba oħra sempliċement umana fi sħubija ma' Kristu Feddej.*

Id-dinjità tat-Talba Nisranija tiġi mill-fatt li, permezz tagħha, aħna nissieħbu ma' Kristu fl-imħabba tiegħu lejn il-Missier u fit-Talb li Hu kien jagħmel fuq l-art u għadu jagħmel illum fil-Knisja kollha... f'kull membru tal-Ġisem Mistiku tiegħu, fina lkoll. Tassew sabiħa hija s-silta ta' S. Wistin li ġġib l-Istruzzjoni Ġenerali tal-Liturġija tas-Sigħat.

S. Wistin: "Alla ma setax jagħti lill-bnedmin don akbar milli jqiegħed bħala Ras tagħhom il-Verb tiegħu li bih ħalaq kollox... hekk li fit-Talb tagħna... huwa Hu, is-Salvatur Waħdieni tal-Ġisem tiegħu, Sidna Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla, li jitlob għalina, jitlob fina, u huwa mitlub minna. JITLOB GĦALINA bħala s-Saċerdot tagħna, JITLOB FINA bħala r-Ras tagħna, HUWA MITLUB MINNA bħala Alla tagħna. Nagħarfu mela l-leħen tagħna fih u l-leħen tiegħu fina". (Enar. in psalmos 85, 1).

(a) It-Talb ta' l-imgħammdin jieħu mill-għana li mir-Ras tixtered fil-membri kollha tal-Ġisem Mistiku fil-ħajja sopranaturali li jirċievu. L-imgħammdin jintrabtu b'rabta liema bħalha u l-aktar intima ma' Kristu, hekk li minn għandu jirċievu r-rikkezzi ta' l-Iben Divin f'kull xorta ta' grazzja:- Il-kommunikazzjoni ta' l-Ispirtu li jagħti ħajja u qawwa ġdida lill-eżistenza u attività tan-nisrani fi ħdan il-Knisja; il-ħajja u s-sewwa fil-għarfien tal-veritajiet divini fil-ħajja teologali ta' Fidi, Tama u Mħabba; l-Adozzjoni divina li tagħmel mill-imgħammed iben ta' Alla u werriet tas-sema, b'sehem ħaj mill-istess ħajja divina fil-grazzja... rikkezzi li jgħollu kull Talba Nisranija fil-qawwa tagħha għas-salvazzjoni tad-dinja.

(b) Barra minn hekk, it-Talba Nisranija tieħu qawwa ġdida mis-Saċerdozju ta' Kristu, bis-sehem ħaj li l-Ġisem Mistiku kollu għandu minnu. L-imgħammdin kollha b'opra ta' l-Ispirtu Divin huma ikkonsagrati bħala bini spiritwali u saċerdozju qaddis, sabiex jiksbu s-setgħa li jagħtu lil Alla l-qima xierqa li jitlob il-Patt il-Ġdid, setgħa li ma tistax tiġi minn xi ħila umana, iżda biss minn Kristu f'dak li nsejħu s-Saċerdozju komuni tal-Fidili. Minħabba f'hekk, kull Talba Nisranija li biha n-nisrani jissieħeb ma' Kristu Feddej għandha qawwa tassew li twassal għas-salvazzjoni ta' dejjem fil-forza li jagħtiha Kristu Saċerdot.

(5) L-INNU TA' TIFĦIR: *It-Talba Nisranija tissokta fuq l-art l-Innu ta' Tifħir li minn dejjem hu l-Iben lill-Missier, għax Kristu ġab dan l-Innu fl-eżilju ta' din l-art u ried li aħna nkompluh tul iż-żmenijiet.*

Għalhekk it-Talb kien u għadu parti meħtieġa mill-missjoni ta' Kristu Saċerdot, anzi huwa r-ruħ tal-missjoni kollha tiegħu ta' salvazzjoni b'tifħir lill-Missier u għall-ġid ta' kulħadd.

Sacrosanctum Concilium: "Is-Saċerdot il-Kbir tar-Rabta l-Ġdida u ta' dejjem, Kristu Ġesù, waqt li sar bniedem ġabilna miegħu fl-eżilju ta' din l-art il-għanja li titkanta fis-smewwiet... Huwa jgħaqqad miegħu l-bnedmin biex ikantaw din il-għanja qaddisa ta' tifħir... Huwa jissokta din il-ħidma saċerdotali tiegħu bis-saħħa tal-Knisja, li bla heda tfaħħar 'il-Mulej u tħabrek għas-salvazzjoni tad-dinja..." (N. 83).

(a) Il-ħajja ta' Kristu fuq l-art kienet Talba waħda f'sottomissjoni sħiħa għar-rieda tal-Missier: "Hawn jien ġej Mulej biex nagħmel ir-rieda tiegħek" (Lhud 10, 9) ... "Inżilt mis-sema biex nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni" (Ġw. 6, 38). Imma Ġesù talab b'mod espliċitu f'ħinijiet imħollija proprju għalhekk, l-aktar fil-waqtiet l-aktar importanti ta' ħajtu u tal-missjoni tiegħu, kif jixhed l-Evanġelju; anzi wasal sabiex jagħmel mit-talb dak li jagħti ħajja u frott lill-istess Misteru ta' l-Għid tiegħu:

(i) Waqtiet importanti: Rivelazzjoni tal-missjoni tiegħu mill-Missier; qabel is-sejħa ta' l-Appostli; fit-Trasfigurazzjoni; qabel mirakli kbar; tkattir tal-ħobż u tberik tat-tfal; qabel l-istqarrija ta' Pietru; meta għallem liddixxipli kif jitolbu...

(ii) Fil-ħidma tiegħu matul il-jum: fid-deżert u fuq l-għoljiet; fil-għodu u filgħaxija; mal-lejl; fit-Tempju "kif kienet id-drawwa tiegħu"; waqt l-ikel...

(iii) Lejn l-aħħar ta' ħajtu: B'mod speċjali fl-Aħħar Ċena; fl-Agunija fl-Ort; fuq is-Salib...

Għalhekk l-Ittra lil-Lhud tgħidilna: "Meta kien igħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil Dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ minħabba fil-qima tiegħu lejn Alla" (Lhud 5,7) ... hekk li... "B'offerta waħda għamel perfetti għal dejjem lil dawk li Huwa jqaddes" (Lhud 10,14).

(b) Għalhekk Kristu glorjuż, dejjem ħaj, ISSA, jidħol għalina quddiem il-Missier: Għax Huwa jrid li aħna ningħaqdu miegħu fl-offerta tiegħu. Kristu, dak li għamel f'ħajtu, ikkmandana nagħmluh bħalu, u għallimna kif nitolbu.

(i) Ta' sikwit qal: "Itolbu," ukoll bi kliem ieħor li juri l-ħtieġa tat-talb bla heda: fittxu, saqsu, ħabbtu, iffittaw...; u mhux darba u tnejn, l-aktar fl-Evanġelju skond San Ġwann, żied: "f'ismi"...

(ii) Għallem it-Talba sabiħa tal-Missierna, meta l-Appostli saqsewh kif kellhom jitolbu; fiha jfissrilna x'għandna nitolbu qabel kull ħaġa oħra.

(iii) Qal li t-talb huwa meħtieġ u għandna nishru fih, u fisser li għandu jkun magħmul bl-umiltà, bil-perseveranza, bil-fiduċja fit-tjieba tal-Missier, xi drabi bil-fittaġni, imma dejjem b'fehma safja u skond ir-rieda ta' Alla nnifsu. (Ara: Istruzzjoni N.5, li turi fejn insibu dan kollu fl-Evanġelju).

(c) U l-Appostli fil-Knisja tal-bidu, minbarra li huma nfushom jiktbu talbiet ta' tifħir u ta' radd il-ħajr, iħeġġuna nitolbu bla heda ma' Kristu fil-għaqda ta' l-Ispirtu, ifissrulna l-qawwa ta' dan it-talb fit-tqaddis tagħna, juruna li għandu jkun, qabel xejn, ta' tifħir, ta' radd il-ħajr, ta' petizzjoni u ta' intercessjoni għall-ġid ta' kulħadd. (Ara: ib. għat-testi fl-Ittri ta' l-Appostli). Mill-bidu jidher ċar fil-ħajja tal-Knisja li n-nisrani jrid isir xebh ta' Kristu, Mudell perfett ta' kull min jemmen fih. Dan ifisser li l-Knisja f'kull żmien ma tistax ma tissoktax tkun dejjem il-kommunità ta' bnedmin li titlob ma' Kristu u fi Kristu lil Alla l-Missier fil-għaqda ta' l-Ispirtu Divin.

(6) ID-DMIR EWLIENI TAL-KNISJA: *It-Talb juri x'inhi l-Knisja, għax huwa d-dmir ewlieni tagħha fil-missjoni li Kristu fdalha f'idejha: Il-Knisja, 'l hemm minn kull definizzjoni li tagħlaq il-ħajja tiegħu fi ftit kliem, hija kommunità li titlob.*

Għalhekk l-Istruzzjoni tal-Liturġija tas-Sigħat tibda b'dan il-kliem: "It-Talb pubbliku u fil-komun li jsir mill-Poplu ta' Alla għandu bil-ħaqq kollu jitqies bħala wieħed mid-dmirijiet ewlenin tal-Knisja," kliem li juri l-importanza suprema tat-Talb fil-ħajja nisranija.

Pawlu VI: "Il-Knisja hija dik is-soċjetà ta' bnedmin li jitolbu. Għan ewlieni tagħha huwa li tgħallem kif wieħed jitlob. Hija skola ta' talb". (Insegnamenti vol. IV, 816).

(a) Il-Knisja hemm tirrealizza ruħha, fil-ġemgħa li titlob, għax hemm turi n-natura ġenwina tagħha u tikxef beraħ quddiem id-dinja fejn tinsab l-essenza tagħha bħala Poplu ta' Alla fost il-ġnus. B'hekk il-Knisja ssir sinjal li jidher quddiem kulħadd. Dan l-aktar fis-Sagrifiċċju ta' l-Ewkaristija, fejn, aktar minn kollox u fi grad l-aktar għoli, l-insara "jfissru u juru 'l-oħrajn il-misteru ta' Kristu u n-natura ġenwina tal-Knisja vera" (Sacr. Conc. N.2).

Għalhekk ir-reliġjon nisranija trid tibqa' dejjem u qabel kollox ir-Reliġjon tat-Talb, għax it-Talba Nisranija toħroġ mill-qalba ta' l-istess misteru ta' l-Inkarnazzjoni Redentiva ta' l-Iben ta' Alla, misteru li fl-ISSA ta' wara Kristu huwa s-sies waħdieni ta' kull rapport veru bejn Alla u l-bnedmin fi Kristu, għax il-ħajja ta' Kristu Ġesù hija Talba ta' għaqda l-aktar intima mal-Missier u ta' salvazzjoni għad-dinja kollha. San Pawl, fl-Ittri tiegħu, juri biċ-ċar, forsi aktar mill-Appostli l-oħra, kif għalih it-Talb huwa forza u qawwa għat-twettiq tal-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha.

(b) It-Talb, mela, huwa l-ħajja tal-Knisja bħala Poplu ta' Alla, Ġisem Mistiku ta' Kristu, Tempju Haj ta' l-Ispirtu s-Santu: Kemm jidhru sbieħ il-kliem ta' San Pawl fl-Ittra tiegħu lill-Efesin: "Imtlew bl-Ispirtu: kantaw flimkien salmi, innijiet u għana spiritwali; kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej; roddu dejjem ħajr għal kollox lil Alla u l-Missier, f'isem Sidna Ġesù Kristu" (Ef. 5,18-20).

(i) Il-Knisja, bħala Poplu ta' Alla hija l-kommunità ta' bnedmin li tqim lill-Missier b'offerti spiritwali u talb ta' tifħir u radd il-ħajr, li jikkaraterizzaw is-saċerdozju nisrani, kemm dak ministerjali kif ukoll dak komuni ta' l-insara kollha. (Ara: Lumen Gentium N. 9, 10, u 34).

(ii) Il-Knisja bħala l-Ġisem Mistiku ta' Kristu tieħu mir-Ras dejjem preżenti fl-azzjoni tiegħu ta' fidwa u glorifikazzjoni lill-Missier, hekk li, magħquda ma' Kristu fl-Ispirtu, tqim lil Alla fis-sewwa, għax Kristu-Ras huwa l-Feddej u Medjatur Waħdieni li ried isir il-Vittma safja u bla tebgħa fil-Knisja tiegħu. (Ara: ib. 7).

(iii) Il-Knisja bħala Tempju Haj ta' l-Ispirtu s-Santu hija l-għamara definittiva ta' Alla fost il-bnedmin, il-bini spiritwali li minnu l-Ispirtu nnifsu jitlob fina lill-Missier bi Kristu. (Ara: Istr. Ġen. N. 7). Kif jikteb San Pawl lir-Rumani, l-Ispirtu "jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem," għax Hu "jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna", minħabba li "aħna anqas biss nafu nitolbu kif imiss." (Rum. 8, 26).

(c) Għalhekk, il-Knisja hija l-Għarusa ta' Kristu li, bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, titlob il-miġja tal-Mulej fl-aħħar taż-żmien, għax in-nota eskatoloġika qatt ma tista' tonqos mill-ħajja nisranija. Fi kliem l-Apokalissi, il-Knisja tgħid u ttenni: "L-Ispirtu u l-Għarusa jgħidu Ejja! U min jisma' ħa jgħid: Ejja!" (22, 17)... "U iva, Kristu jiġi tassew... AMEN; EJJA, MULEJ ĠESU'!" (22, 20).

Il-Kristjaneżmu tassew li jaqbad mat-tradizzjoni Lhudija, iżda jipperfezzjona din it-tradizzjoni bl-ispirtu u l-preżenza ta' Kristu, li lilna daħħalna fil-misteru tiegħu bħala wlied il-Missier fl-Ispirtu tas-sewwa u l-imħabba.

(7) IT-TWEĠIBA FI KRISTU: *Jekk Kristu u l-Ispirtu Divin jirfdu kull talba b'dan il-mod, it-Talb Nisrani jseħħ tassew fil-Knisja bħala l-kommunità li tfaħħar u titlob lill-Missier, għax huwa Alla nnifsu li jerfa' l-bnedmin li jiffurmawha flimkien ma' Kristu u bi Kristu.*

F'kull bniedem li jemmen u jittama biex iħobb fi Kristu u bi Kristu, l-Ispirtu Divin iħaddem l-opra ta' l-Iben Feddej għall-glorja tal-Missier. Il-bniedem minnu nnifsu ma jistax jagħmel dan hu.

San Ġwann tas-Salib: "Min jista' qatt jeħles mill-mod kif iġib ruħu hu, u mill-kundizzjoni imperfetta tiegħu, jekk ma tkunx Int, O Alla tiegħi, li tgħollih sa ħdejk fis-safa ta' l-imħabba? Kif jista' jintrefa' fik il-bniedem imnissel u mrobbi fil-miżerja tal-kundizzjoni tiegħu, jekk ma tkunx Int, Mulejja, li taqbdu biex tgħollih bl-Id tiegħek li ħalqitu?" (Talba tar-Ruħ mimlija bl-imħabba, li tinsab fost is-Sentenzi tal-Qaddis).

(a) Dan, mill-ġdid, skond ma ried Alla nnifsu, huwa l-frott ewlieni tal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni redentiva ta' l-Iben. L-insara, qalb waħda u ruħ waħda għax magħquda ma' Kristu fl-Ispirtu, iqiegħdu lilhom infushom quddiem Alla, sabiex... fi Kristu stess jilqgħu l-Kelma tal-Missier, u bi Kristu stess iroddulu ħajr. U dan kollu, mill-ġdid, jidher fl-aqwa talqucċata tiegħu fit-TALBA EWKARISTIKA, imma fi gradi diversi, dan irid jidher dejjem f'kull Talba Nisranija li jisthoqqilha dan l-isem. Għax kull talba nisranija hija dejjem espressjoni ta' Fidi u Tama, kommunjoni ta' Mħabba, fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni tal-Kristu, il-Bniedem-Alla, is-Saċerdot-Medjatur perfett u etern. Għax kull Talba Nisranija hija tweġiba ħielsa, risposta libera umana għall-inizjattiva divina fid-don ta' Alla lill-

umanità permezz tal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni u l-issuktar tiegħu fil-ħajja tal-Knisja.

(b) U dan kollu turih l-istorja tal-Knisja, ukoll f'ħarsa ħafifa li nistgħu nagħtu: F'kull żmien kien hemm Għalliema kbar ta' l-Orazzjoni, tal-ħajja ta' talb. Biex insemmgħu xi whud:

(i) S. Injazju ta' Antjokja, u S. Klement ta' Ruma, fost ħafna oħra, jirrikmandaw il-fedeltà għat-talb, l-aktar fil-ġemgħa, fl-assemblea nisranija, hekk li, bil-mod il-mod, mill-għażla libera tal-bidu jibdew jissawru l-formuli ta' talb kommunitarju li, fl-Orjent u fl-Oċċident, taw ħajja lil-Liturġija bħala Talba Uffiċjali tal-Knisja, u bħala Talba-Mudell ta' kull talba privata-personali. L-istqarrijiet tal-Martri tal-bidu, fil-kliem użat: Amen — Hallelujah... juru dan fl-aqwa tiegħu.

(ii) Il-Kommunitajiet reliġjużi li żviluppaw fis-sekli ta' wara taw ħajja ġdida lit-talb vokali u l-orazzjoni mentali fil-pjetà nisranija tal-Poplu ta' Alla, hekk li taw qawwa ġdida bit-Talba ta' l-Uffiċċju Divin, bħala issuktar matul il-jum kollu, u matul il-lejl, tat-Talba Ewkaristika, fi thejjija u radd il-ħajr li jikkonsagraw il-ħin tal-ġurnata, siegħa wara l-oħra. San Benedittu fis-seklu VI qassam din it-Talba bi skema organika matul ġimgħa sħiħa, b'tifħir lill-Mulej seba' darbiet kuljum.

(iii) Qaddisin kbar bħal S. Bennard, S. Franġisk, S. Bonaventura u S. Ċertrude wasslu għal stil u skola ta' ħajja kontemplattiva fi ħdan il-Knisja f'meditazzjoni privata-personali f'ħajja ta' talb. Għax, max-xogħol u l-eżempju ħaj tal-Benedittini, Certosini u Cistercensi, irridu nżidu l-ħidma tal-Franġiskani, li fis-seklu XIII xerrdu l-Brevjar Ruman b'xejra unita ma' kullimkien. Biss, l-uniformità xi ftit żejda, flimkien ma' l-issuktar tal-Latin ukoll meta beda jsir lingwa mejta, ġabet bħal staġnar, nuqqas ta' dinamiżmu ħaj, sa fl-istess formuli liturġiċi, li bdew isiru dejjem aktar bħal ħaġa maqtugħa mill-ħajja tal-poplu nisrani, xi drabi tas-saċerdot li lanqas biss kien jifhem dak li kien ikun igħid u jlissen. Għalhekk il-poplu nisrani beda jfittex alternattivi oħra f'devozzjonijiet popolari, l-aktar lejn il-Madonna u xi Qaddisin. Iżda wkoll ħafna minn dawn id-devozzjonijiet popolari marru jieħdu ħajja mill-indirizz Kristoċentriku tat-Talb Liturġiku, għax iduru l-aktar mal-misteri ewlenin tat-Twelid u l-Passjoni ta' Kristu: Il-Bambin u l-Kurċifiss. Għalhekk swew bosta sabiex iqajmu skejjel ġodda ta' Orazzjoni mentali.

(iv) S. Tereża ta' Ġesù u S. Ġwann tas-Salib huma l-Għalliema per eċċellenza tal-ħajja ta' talb fis-seklu XVI. Il-Knisja tagħraf f'Tereża l-Kbira dik il-mara mogħnija b'kariżma speċjali sabiex, mill-esperjenza ta' ħajjitha stess f'dak li għaddiet minnu hi, tagħtina skola ta' talb, illum kanonizzata mill-Knisja, li fiha, b'teknika ta' thejjija fl-isforzi umani u perseveranza sħiħa, nithejjew sa ma Alla, jekk hekk ikun jogħġbu, jagħtina Hu d-don tal-kontemplazzjoni f'dak l-Ilma ħaj li minnu joħorġu xmajjar kotrana u safja. Din l-ewwel Duttur mara tal-Knisja Universali tagħtina l-gradi diversi tal-ħajja ta' talb, li fil-ħsieb tagħha juru l-livell milħuq ta' perfezzjoni nisranija: hekk, hija tfisser l-Orazzjoni diskursiva jew Meditazzjoni, l-Orazzjoni tal-Ġabra, l-Orazzjoni tal-Kwiet fejn tibda aktar tidher l-azzjoni ta' Alla, u l-Orazzjoni ta' Unjoni mistika, li l-Qaddisa taqsam f'Unjoni sempliċi, intensa u trasformanti. San Ġwann tas-Salib, imbagħad, isaħħaħ it-Triq tal-Perfezzjoni Tereżjana bil-loġika inflessibbli tiegħu, meta juri l-ħtieġa tal-purifikazzjoni tar-ruħ f'ċaħda wara l-oħra minn kull ħaġa li ma hix Alla,

sabiex Alla jsib l-imħabba safja li tilqa' l-azzjoni tiegħu, bil-ħajja vera li ġġib magħha fil-għaqda tar-rieda tal-bniedem mar-rieda ta' Alla nnifsu, dejjem u f'kollox. Għax il-qdusija trid tibqa' dejjem l-għaqda kemm jista' jkun sħiħa tar-rieda tal-bniedem mar-rieda divina.

(iv) Hemm skejjel oħra u sistemi oħra, bħall-Eżerċizzi Spiritwali ta' S. Injazju ta' Loyola, li mhux ta' min jinsa Biss, irridu nifhmu sewwa li dan l-iżvilupp ġenwin fl-orazzjoni mentali bħala triq ta' perfezzjoni fil-ħajja nisranija qatt ma hu mifrud — u qatt ma jista' jkun mifrud — mill-ħajja liturġika fil-Knisja. Anzi, kien proprju dan l-iżvilupp li, mill-aħħar tas-seklu XIX 'il hawn, ta spinta 'l quddiem lejn qawmien liturġiku ġdid li sab il-koronament tiegħu fil-Konċilju tal-Vatikan II... imma li, ladarba l-Knisja hija organiżmu ħaj, irid dejjem jissokta f'kull żmien.

Minn taħditiet intimi u ta' sikwit ma' Alla, fi Kristu u bi Kristu, il-bniedem irid jieħu l-akbar frott f'kull azzjoni liturġika, li, barra minn dak li tfisser u hi tassew, tiddependi wkoll mid-dispożizzjonijiet ta' l-individwu fil-frott li tagħti.

(8) ĦBIBERIJA MA' ALLA: *Għalhekk it-Talba Nisranija, ukoll dik liturġika-kommunitarja, trid dejjem tibqa' rapport ta' ħbiberija ma' Alla fi Kristu bl-Ispirtu, taħdita ta' mħabba mal-Missier ta' Kristu u tagħna fil-grazzja ta' l-Ispirtu.*

It-Talb nisrani huwa dejjem taħdita ta' wlied adottivi fl-Iben Waħdieni li hu Kristu Huna fl-umanità, espressjoni ħajja ta' l-immersjoni taddixxiplu fidil ta' Kristu fil-misteru trinitarju, meta l-bniedem jasal sabiex jidħol f'kommunikazzjoni interpersonali mat-Tliet Persuni Divini li jgħammru fih.

S. Tereża ta' Ġesù: "...Jiena nittama fil-ħniena ta' Alla, dak Alla li qatt ħadd ma ħa b'ħabibu tassew u baqa' bla ħlas xieraq, għax it-Talb mentali, fil-fehma tiegħi, mhux ħaġa oħra ħlief taħdita ta' ħbieb, taħdita ta' sikwit, qalb ma' qalb fis-skiet u l-ġabra, ma' Dak li nafu żgur li jħobbna". (Ktieb tal-Ħajja 8, 5).

(a) It-Talb Nisrani dejjem għandu karattru trinitarju f'taħdita ta' ħbiberija mat-Tliet Persuni Divini li jgħixu l-ħajja ta' mħabba fir-ruħ fil-grazzja; għalhekk dejjem għandu l-karattru filjali fil-grazzja ta' l-adozzjoni li biha ngħajtu: Abba, Missier! Aħna nindirizzaw it-talb tagħna lill-Missier, lill-Iben jew lill-Ispirtu s-Santu, imma ġeneralment nindirizzawh lill-Missier bi Kristu Sidna fl-Ispirtu Divin. Għalhekk Santa Tereża nfisha żżid li nafu żgur li Alla jħobbna — li huwa Dak li żgur iħobbna — meta lanqas biss ħelisha lil Ibnu l-Waħdieni, imma taħ għalina sal-mewt kiefra tas-Salib fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni redentiva b'opra ta' l-Ispirtu Divin; minn hawn il-ħeġġa ta' mħabbitha lejn l-Umanità Qaddisa tal-Kristu.

(b) Għalhekk it-Talb Nisrani huwa essenzjalment teologali f'ħajja ta' Fidi, Tama u Mħabba. Trid tkun il-Fidi f'Alla u fl-opra ta' Kristu Feddej li tqanqalna u ġġegħelna nagħarfu l-inizjattiva divina, li ddaħħalna f'rapport familjari ma' Alla f'dak kollu li l-istess Alla ried igħarrafna bih fir-Rivelazzjoni Divina, l-aktar fil-milja tagħha fil-Kelma magħmula bniedem għalina... Trid tkun it-Tama teologali li tqajjem fina x-xewqa ħerqana li naraw lil Alla u l-konvinzjoni tat-twemmin li narawh għax Hu jrid li jingħata lilna kollu kemm Hu. U trid tkun l-Imħabba li tagħti sura ġenwina lit-Talb Nisrani, meta, aktar milli ngħidu u npaċpċu aħna, nisimgħu fina leħen Alla nnifsu fi djalogu interpersonali, li għandu jsib il-quċċata tiegħu

f'kull laqgħa sagramentali... sa ma jasal il-waqt tal-laqgħa wiċċ'imb wiċċ tas-Sema. Dan id-djalogu jitlob smigħ u skiet fil-ġabra, għax huwa Alla li għandu x'igħidilna u x'jagħtina f'kull laqgħa tagħna miegħu, wisq aktar milli nistgħu ngħidulu jew nagħtuh aħna. Min jitlob tassew, aktar ifittex li jibqa' fidil u perseveranti fit-talb sa ma jagħraf x'irid igħidlu Alla, sa ma jisma' leħen Alla fil-qiegħ ta' qalbu li jgħidlu x'irid minnu, milli jara kif iwassal lil Alla dak li jrid hu.

Hekk, it-Talb Nisrani għandu s-sies tiegħu fil-Fidi, huwa għajta ta' Tama, u jesprimi l-Imħabba li biha min jitlob idur lejn Alla direttament sabiex jitħaddet miegħu, jisma' xi jrid minnu, ħalli jkun jista' jaqdih aħjar. Dan kollu jsib il-quċċata tiegħu fit-Talb Liturġiku, b'mod speċjali fit-Talba Ewkaristika; għax it-Talb Liturġiku huwa mibni kollu kemm hu fuq il-Kelma rivelata ta' Alla.

HEKK NIĠU GĦAT-TAQSIM EWLIENI TAT-TALB NISRANI:- Liturġiku jew le, Kommunitarju jew le, vokali jew le. Dak liturġiku minnu nnifsu jitlob li jkun kommunitarju u, fil-parti l-kbira tiegħu, vokali; iżda, dak kommunitarju mhux dejjem huwa liturġiku, u naturalment, dak vokali mhux dejjem huwa kommunitarju jew liturġiku.

(9) TALB LITURĠIKU JEW LE: *It-Talb huwa liturġiku jekk, minbarra li jkollu l-kwalitajiet meħtieġa biex juri l-misteri ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu, hekk tkun għarfitu l-Knisja bl-awtorità tagħha.*

Fil-prattika, il-Liturġija tas-Sigħat u s-Sagramenti jsawru t-Talb Liturġiku: l-Uffiċċju Divin juri aktar l-aspett axxendenti tat-talb, waqt li s-Sagramenti juru aktar l-aspett dixxendenti. Imma hija l-Ewkaristija li bħala Sagrament u Sagrifiċċju hija l-ogħla talba u l-aqwa grazzja. Biżżejjed naraw x'kiteb S. Ippolitu:

Traditio Apostolica: "Ibgħat l-Ispirtu qaddis tiegħek fuq l-offerta tal-Knisja qaddisa tiegħek... agħmel li dawk li għaqqadt flimkien biex jieħdu sehem mill-misteri tiegħek, jimtlew bl-Ispirtu s-Santu, biex iwettqu l-Fidi tagħhom fis-sewwa, ħalli jfaħħruk u jsebbħuk permezz ta' Ibnek Ġesù Kristu, li bis-saħħa tiegħu jingħata lilek kull ġieh u glorja, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, mill-Knisja qaddisa tiegħek, issa u għal dejjem."

(a) Fit-Talb Liturġiku, il-Knisja tgħaddi għar-realtà tagħha bħala komunità li titlob fl-esperjenza misterika, meta dak li ma jidherx huwa wisq ogħla minn dak li jidher, imma jrid jitfisser minnu. Mhux ta' b'xejn is-Sacrosanctum Concilium tgħidilna: "Is-Sagramenti għandhom bħala għan il-qdusija tal-bnedmin, it-tiswir tal-Ġisem Mistiku, kif ukoll biex tingħata qima lil Alla... Mhux biss jeħtieġu Fidi minn qabel, imma bil-kliem u bir-riti, igħajxuha, isaħħuha u jesprimuha: għalhekk jissejħu sagramenti tal-Fidi. Tabilħaqq jagħtu l-grazzja li jfissru, imma ċ-ċelebrazzjoni tagħhom tiswa biex thejji tajjeb u sewwa lill-fidili ħalli jirċievu din l-istess grazzja bi frott... u biex iqimu lil Alla kif jixraq u jħaddmu l-imħabba." (N.59).

Dan igħodd għal kull Sagrament, imma fuq kollox igħodd għall-Ewkaristija, għax, jekk l-istruttura taċ-ċelebrazzjoni ta' kull Sagrament trid thejji l-laqgħa ta' tqaddis ma' Kristu, biex min jiltaqa' ma' Kristu b'mod ħaj itawwal din il-laqgħa b'tifħir u ħajr... u jekk ta' sikwit il-qalba taċ-ċelebrazzjoni sagramentali hija talba li tiġbor fiha l-anamnesi ta' l-egħġubijiet tal-Mulej u l-invokazzjoni lill-Ispirtu ħalli jagħti l-grazzja mitluba, dan fuq kollox huwa hekk fil-Liturġija Ewkaristika li hija l-QUĊĊATA TAT-TALBA TAL-KNISJA FL-AQWA ANAMNESI-TIFKIRA U FL-OGĦLA

SEJHA-INVOKAZZJONI TA' L-ISPIRTU, li jagħmlu mill-Ewkaristija l-laqgħa l-aktar intensa (encounter ta' komunikazzjoni ta' mħabba), u għalhekk il-laqgħa l-aktar intima u sħiħa fl-aqwa radd il-ħajr, kif tfisser l-istess kelma: Ewkaristija.

(b) Fil-Liturġija tas-Sigħat, imbagħad, il-Knisja bħala kommunità li titlob, taqdi d-dmir tal-ministeru ta' tifħir u ta' interċessjoni fl-offerta talħidma umana tul il-jum u fil-lejl, hekk li l-Uffiċċju Divin fil-ħsieb tal-Knisja jrid jibqa' dejjem is-Sagrifiċċju ta' Tifħir. L-istess Sacrosanctum Concilium tfakkarna li l-Uffiċċju "huwa l-leħen ta' l-Għarusa nfisha li titħaddet ma' l-Għarus, anzi hija t-Talba ta' Kristu li f'għaqda mal-Ġisem tiegħu jgħolli sal-Missier." Għax "Kristu jissokta l-ħidma saċerdotali tiegħu bil-Knisja li waqqaf biex bla heda tfaħħar lill-Mulej u tħabrek għassalvazzjoni tad-dinja, mhux biss biċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, iżda wkoll b'modi oħra, l-aktar bir-reċita ta' l-Uffiċċju Divin". (N. 84 u 83).

Għalhekk KULL TALBA LITURĠIKA HIJA OGĦLA U AQWA MINN KULL TALB U EGĦMIL IEĦOR FIL-KNISJA, għax l-awtorità tal-Knisja tagħmel li t-Talb Liturġiku jsir azzjoni ta' qima lil Alla u ta' salvazzjoni għall-bnedmin, billi tagħti qawwa speċjali bil-ħidma ta' Kristu Saċerdot, preżenti bħala r-Ras tal-Ġisem Mistiku tiegħu u l-Medjatur Perfett,... hekk li kull azzjoni liturġika — dejjem fuq kollox l-Ewkaristija — issir għajn ewlenija tal-grazzja, għax fi Kristu u bi Kristu tagħmilna l-adoraturi ta' Alla fis-sewwa u fl-Ispirtu. Kull talb ieħor, ukoll jekk rakkomandat ħafna mill-Knisja lill-poplu nisrani bħar-Rużarju u l-Via Sagra, ma jistax jasal għal dan minħabba li jonqsu l-approvazzjoni tal-Knisja biex jitqies bħala Talb Liturġiku.

(10) TALB KOMMUNITARJU JEW LE: *It-Talb Nisrani tal-ġemgħa miġbura f'isem Kristu, ukoll jekk mhux liturġiku, huwa dejjem kommunitarju bi preżenza partikulari ta' Kristu, skond il-kliem magħruf tiegħu li Hu jkun f'nofs dawk li jinġabru f'ismu.*

Fit-tradizzjoni kostanti tal-Knisja, sa mill-bidu kif jixhdu l-istess Atti ta' l-Appostli u l-Ittri tagħhom, kif ukoll matul iż-żmenijiet kollha, it-Talb Kommunitarju (l-aktar meta huwa Liturġiku, imma mhux biss) dejjem ġie meqjus bħala aqwa minn talb ieħor, għax aktar jaqbel ma' l-essenza tal-Knisja li trid TURI U TIXHED IN-NATURA KOMMUNITARJA TAGĦHA WKOLL FIT-TALB, ANZI L-AKTAR FIT-TALB.

L-Istruzzjoni Ġenerali tal-Liturġija tas-Sigħat: "Jekk it-talb magħmul fil-kamra ta' ġewwa u bil-bieb magħluq jibqa' dejjem meħtieġ u ta' min ifaħħru, u mill-membri tal-Knisja jsir ukoll bi Kristu fl-Ispirtu..., madankollu, it-talb tal-ġemgħa miġbura flimkien għandu kobor liema bħalu, ladarba Kristu nnifsu qal: Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom (Mt. 18,20)". (N.9).

(a) Il-preżenza ta' Kristu, li f'ismu dejjem irid isir it-Talb Nisrani, tidher aktar u aħjar fit-Talb Kommunitarju. Huwa għalhekk li t-Talb Kommunitarju — ukoll dak mhux liturġiku, bħar-Rużarju fil-familja, il-Via Sagra flimkien, iċ-Ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla — minkejja kull distrazzjoni li jista' jġib miegħu u kull nuqqas ta' ġabra interjuri minħabba dawn id-distrazzjonijiet, minnu nnifsu għandu dinjità superjuri għat-talba individwali-privata-personali. Għax f'kull talba kommunitarja hemm preżenza partikulari ta' Kristu; dan l-aktar u fuq kollox meta t-talba kommunitarja tkun liturġika fl-istess ħin, bħall-Uffiċċju Divin. Għalhekk l-insara

għandhom jiġu edukati bil-mod il-mod, sabiex, skond ix-xewqa tal-Knisja, igħidu talanqas it-Talba ta' Sbiħ il-Jum u l-Għasar.

(b) Jibqa' minnu li t-Talb Kommunitarju (l-aktar dak Liturġiku) mhux dejjem jirrifletti l-qagħda ta' min jitlob. Il-ferħan jista' jkollu jtenni kliem ta' dwejjaq, għax qed igħid l-Uffiċċju ta' nhar ta' Ġimgħa, jew l-imdejjaq u l-imnikket, kliem ta' ferħ, għax qed igħid is-salmi tal-Hadd. Anzi, jekk nieħdu ż-żminijiet liturġiċi, nifhmu li mhux kulħadd se jkun ferħan u hieni għax ikun Żmien il-Għid. Fi kliem ieħor, is-sentimenti u l-ħsibijiet ta' min jitlob jistgħu ma jkunu jaqblu xejn mal-kliem li jkun qed ilissen bil-fomm f'nofs il-ġemgħa. Imma, fis-sagrifiċċju ta' dan kollu, li wieħed joħnoq fih is-sentimenti proprji tiegħu għax jagħmel tiegħu s-sentimenti u l-ħsibijiet tal-Knisja fiż-żmien, fil-waqt u fiċ-ċelebrazzjoni li tkun, aktar tidher tilma u tiddi l-għaqda fl-imħabba fi ħdan il-Knisja waħda ta' Kristu. Għalhekk, it-Talb Liturġiku-Kommunitarju, minnu nnifsu jitlob li jkun vokali billi jitlissen f'nofs il-ġemgħa, għax irid jgħaqqad qalb waħda u ruħ waħda lil dawk kollha li jieħdu sehem ħaj fih.

(11) TALB VOKALI JEW LE: *It-talb jista' jingħad bil-fomm, jitlissen bil-kliem jew le, imma qatt ma jista' jkun vokali biss, fis-sens li ma jkunx ukoll mentali talanqas sabiex min jitlob jaħseb min huwa hu, lil Min qed ikellem u x'qed igħidlu.*

Imma mbagħad hemm l-Orazzjoni Mentali li fiha ma jingħad ebda kliem bix-xufftejn u li trid timla l-vojt fil-ħtiġiet partikulari ta' min jitlob, għax fiha jista' dejjem jitħaddet ma' Alla qalb ma' qalb f'dak li jħoss hu. Biss, kull meditazzjoni, kull talba privata-personali, għandha dejjem tieħu ħajja u qawwa mit-Talb Liturġiku-Kommunitarju, li jrid jibqa' l-għajn safja u l-quċċata tat-Talb Mentali li jqanqal l-individwu għall-affetti ta' mħabba vera li ġġiegħlu jagħti ħajtu u ħidmietu lil Alla dejjem aktar bis-sħiħ u aħjar.

S. Tereża ta' Ġesù: "L-orazzjoni ma tikkonsistix filli wieħed jaħseb ħafna, imma filli jħobb ħafna; għalhekk fittxu dak li jqanqalkom l-aktar għall-imħabba vera." (Kastell Ġewwieni IV, 1, 1)... "Ma tinħtieġ ebda saħħa tal-ġisem, imma biss imħabba u drawwa." (Ħajja 7, 12)... "Ittrattaw miegħu bħalma ġġibu ruħkom ma' Missier, jew ma' ħukom, ma' sid, ma' għarus, daqqa mod u daqqa ieħor." (Triq tal-Perfezzjoni 28, 3).

(a) Hemm it-talbiet vokali tassew sbieħ li għandhom idaħħluna fl-oqħla meditazzjoni tal-misteri tal-Fidwa. Fost dawn: il-MISSIERNA mdaħħla fil-Liturġija bħala t-Talba li għallimna Kristu Sidna, is-SLIEMA li għandha ġġibilna quddiem għajnejna l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, il-GLORJA li tfakkarna fil-misteru tat-Trinità Qaddisa, kif ukoll talbiet oħra jew ġabra tagħhom stess flimkien bħar-Rużarju u l-Angelus.

(b) It-Talb Mentali, talanqas il-Meditazzjoni fl-ewwel gradi tiegħu, hu meħtieġ fil-ħajja tan-nisrani. B'ħidma umana fit-tfittxija ta' Alla huwa meħtieġ it-taħriġ fl-orazzjoni bħala esperjenza personali quddiem Alla, huwa meħtieġ bħala itinerarju ta' Fidi, Tama u Mħabba fil-ħajja ta' l-individwu li jfittex il-għaqda ma' Alla f'kull ħin; huwa meħtieġ bħala koperazzjoni attiva għall-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu li jagħmilna l-imħabba fil-Qalb tal-Knisja (fl-espressjoni sabiħa taċ-Ċkejkna S. Tereża tal-Bambin Ġesù). Għax il-Knisja hija Ommna li, fid-dimensjoni sagramentali tagħha, hija dejjem il-kommunità li titlob bi Kristu bħala r-Ras tagħha u li Kristu jitlob fiha bħala l-Feddej-Saċerdot-Medjatur.

(c) Għalhekk, it-talb jissokta bla heda fejn dejjem hemm l-imħabba li ma tħalliniex inneħħu minn moħħna u minn qalbna l-preżenza ħajja ta' Alla fina, hekk li, imqanqlin mill-azzjoni effikaċi tas-Sagramenti fina, kif ukoll mill-azzjoni tad-Doni ta' l-Ispirtu Divin f'ruħna, ħajjitna kollha tirrealizza l-kundizzjoni ta' Kristu, li minn ħajtu fuq l-art għamel talba waħda lill-Missier bħala l-akbar Adoratur tal-Missier, ir-Realizzazzjoni assoluta u suprema tar-reliġjożità fir-rapport tal-bniedem ma' Alla.

(12) SINTONIA FL-ISPIRTU WIEHED: *Mela, it-Talb privat-personali, kemm jekk vokali, kif ukoll jekk le, sa fl-oġħla kontemplazzjoni skond il-grazzji li jagħti Alla, għandu dejjem isib il-Għajn u l-Quċċata tiegħu fit-Talb Liturġiku-kommunitarju, hekk li jsir ħajja ta' min jemmen.*

Għax it-Talb, bħala parentesi ta' adorazzjoni f'waqtiet imħollija għalih, għandu għana spiritwali u frott bil-wisq akbar minn kull ħidma oħra, tajba kemm hi tajba minnha nfisha. Anzi, it-Talb jiswa wisq aktar minn kull ħidma ta' appostolat, ukoll dik l-aktar intensa u impenjattiva, skond il-ħsieb ta' San Ġwann tas-Salib u ta' Qaddisin oħra li att wieħed ta' mħabba safja f'għaqda ma' Kristu Feddej huwa ta' ġid għall-Knisja aktar mill-ħidmiet kollha ta' appostolat fil-għamliet diversi tiegħu.

Ġwanni Pawlu II: "Mingħajr talb, il-ħajja (fil-kuntest: reliġjuża, imma tista' tiġi applikata għall-ħajja nisranija kollha, b'mod speċjali tas-saċerdot) titlef it-tifsir tagħha u ma tilħaqx il-għan tagħha... Periklu kostanti għall-ħaddiema fl-appostolat huwa li hekk jintefgħu b'ruħhom u ġisimhom fil-ħidma proprja tagħhom għall-Mulej, illi jinsew il-Mulej ta' kull ħidma... Jeħtieġ ikollhom kuxjenza akbar ta' l-importanza ta' l-orazzjoni f'ħajjithom... b'zoni ta' silenzju effettiv u dixxiplina personali, biex jagħmlu eħfef il-kuntatt ma' Alla... Is-sehem ħaj fil-Liturġija tal-Knisja — Uffiċċju Divin, Ħajja Sagramentali — huwa mezz privileġġjat ta' kontemplazzjoni, l-iżjed fil-waqt l-aktar għoli tas-Sagrifiċċju Ewkaristiku, li fih it-talb interjuri jitħallat mal-kult estern". (Diskors moqri f'isem il-Papa mill-Kardinal Casaroli lis-S. Kongr. tar-Reliġjużi u Ist. Sek. fis-7/3/80).

(a) Għalhekk, it-Talb Nisrani jibqa' dejjem ħaġa waħda, kemm jekk ikun Liturġiku kemm jekk personali-privat, għax huwa l-istess misteru, l-istess ħajja sopranaturali li tikber fina — sakemm ikun għadu Talb Nisrani. Irid ikun id-dinamiżmu sagramentali tal-Knisja li jagħtina l-esperjenza preżenti ta' Kristu, sabiex kull talba tagħna tkun Talb Nisrani tassew,... waqt li trid tkun il-ħeġġa tat-talb kollu tagħna fil-ħajja ta' kuljum li tagħmel li nieħdu frott dejjem aktar bnin u kotran fl-istess Tlab Liturġiku fit-tħaddim tas-Saċerdozju ta' Kristu.

Dan kollu li għamel u wettaq Kristu f'ħajtu fuq l-art ifur mit-talba ħajja tiegħu lill-Missier, ħekk kif it-twaqqif tal-Knisja bħala realtà sagramentali mar iseħħ fit-talb ta' l-Appostli miġbura qalb waħda u ruħ waħda fit-talb, flimkien ma' Marija Omm is-Saċerdot Etern.

(b) Niftakru li ma hemm ebda talba mingħajr l-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, għax huwa dan l-Ispirtu Divin li jiżgura l-għaqda tal-kommunità li titlob fi Kristu u bi Kristu, huwa l-Ispirtu li jirfed kull talba ta' din il-kommunità, huwa l-Ispirtu li jiġi jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna dwar dak li jmissna nitolbu ħalli jkun xieraq u sewwa, huwa l-Ispirtu li jqanqal lil min jitlob għal sentimenti ta' ħajr u ta' sogħba, ta' tifħir u ta' interċessjoni, huwa l-Ispirtu li jiżgurana mill-awtenticità profonda ta' l-ubbidjenza ta' wlied fi ħdan il-Knisja ta' Kristu. Kemm huma sbieħ il-kliem

ta' l-Istruzzjoni Ġenerali tal-Liturġija tas-Sigħat: "Hu l-Ispirtu li jgħaqqad ħaġa waħda l-Knisja li titlob, dak l-istess Spirtu li jinsab sew fi Kristu, sew fil-Knisja kollha, u sew f'kull wieħed mill-imgħammdin... Ladarba huwa l-Ispirtu ta' l-Iben, Huwa jsawwab fina l-ispirtu ta' adozzjoni ta' wlied Alla. ... Mela, ebda Talb Nisrani ma jista' jsir mingħajr il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, li jgħaqqad ħaġa waħda l-Knisja kollha, u permezz ta' l-Iben iwassalha għand il-Missier." (N.8).

(c) Dmir tagħna llum huwa li nidħlu f'dik li qed isejħu "SINTONIA" bejn id-doni personali ta' l-Ispirtu u d-dimensjoni sagramentali tal-Knisja, jekk ma naslux għal dan, il-ħtija żgur la ma tkunx ta' l-Ispirtu Divin li, bħal fil-bidu sa mit-twaqqif tagħha, jibqa' jagħmel qalb waħda u ruħ waħda l-Knisja ta' Kristu f'dawk kollha li jemmnu u jilqgħu l-azzjoni tiegħu. Il-Papa Luciani fl-ittra tiegħu lil Santa Tereża l-Kbira (Ara: Illustrissimi) juri biċ-ċar kif din il-Qaddisa ta' doni u kariżmi l-aktar kbar b'ħidma tassew eċċezzjonali ta' l-Ispirtu f'ruħna setgħet tiftaħar fuq kollox li kienet Bint il-Knisja.

Kemm hu sewwa li nagħlaq bil-kliem ta' San Ċirillu ta' Lixandra li naqraw fit-Tieni Lezzjoni ta' l-Uffiċċju tal-Qari tat-Tlieta tas-Sitt Ġimgħa ta' l-Għid: KIF IL-QAWWA TAL-ĠISEM QADDIS TA' KRISTU TAGĦMILNA ĠISEM WIEĦED, ĦEKK L-ISPIRTU WAĦDIENI T'ALLA MSAWWAB FINA JGĦAQQADNA FLIMKIEN F'GĦAQDA SPIRITWALI U MĦUX JINQASAM F'KULL WIEĦED MINNA KULL WIEĦED GĦAL RASU... MELA, AĦNA LKOLL ĦAĠA WAĦDA FIL-MISSIER U L-IBEN U L-ISPIRTU S-SANTU, ĦAĠA WAĦDA GĦALIEX GĦANDNA LKOLL XEBĦ WIEĦED... ILKOLL NITQARBNU BIL-ĠISEM TA' KRISTU... ILKOLL GĦANDNA SEĦEM FL-ISTESS SPIRTU S-SANTU".

IL-BNIEDEM FI DJALOGU MA' ALLA

minn Dun Lawrenz Cachia

Introduzzjoni

Għalkemm qed noqorbu lejn l-20 anniversarju tal-Konċilju Vatikan it-Tieni, jixraq li dan l-artikolu jagħti importanza lid-dokumenti tal-Vatikan II.

Liema hu d-dokument tal-Konċilju li jitikellem dwar id-Djalogu bejn il-Bniedem u Alla? Bla dubju ta' xejn, il-Kostituzzjoni Dommatika DEI VERBUM, magħrufa wkoll bħala De Revelatione. Għalhekk se nieħdu parti żgħira, anzi l-ewwel parti mid-**Dei Verbum** u nimmeditawha flimkien.

Illi dan huwa d-dokument li għandnaa bżonn jidher ċar minn dawn il-kelmiet:

Hac revelatione Deus invisibilis
ex abundantia caritatis suae
homines alloquitur
et cum eis conversatur.

Bil-malti:

B'din ir-rivelazzjoni, Alla li ma jidhirx,
mill-abbundanza tal-imħabba tiegħu
jitkellem mal-bnedmin
u jitħallat magħhom.
Dan id-diskors ta' Alla ma hux sollilokwiju imma djalogu għax, kif ikompli l-Konċilju,
Lil Alla li jirrivela
għandha tingħata l-obbedjenza tal-fidi
..... (u dan iseħħ billi) ...
l-Ispirtu s-Santu jagħti l-ħlewwa
li biha nwieġbu 'iva'.

Bil-latin:

Deo rivelanti praestanda est obedientia fidei
....., opus est. Spiritus Sancti auxiliis
qui ... dat suavitatem in consentiendo.
Mela, id-djalogu bejn Alla u l-bniedem iseħħ:
Minn naħa ta' Alla permezz tar-Rivelazzjoni;
Minn naħa tal-bniedem permezz tal-'Iva' kollha ħlewwa tal-Fidi.

Iżda meta għidna ħekk għidna ħafna u ma għidna xejn. Għidna ħafna għaliex tajna fiftit kelmiet is-sustanza kollha u tajniha fi kliem awtorevoli; ma għidna xejn għaliex ma fissirniex xi tfisser **Rivelazzjoni** u xi tfisser **l-Iva** tal-Fidi. U biex nevitaw kull ekwivoku, irridu nżommu quddiem għajnejna li l-Patres tal-Vatikan II, meta tawna din il-formola, kellhom quddiem għajnejhom mhux biss id-definizzjonijiet tar-Rivelazzjoni tal-Vatikan I u l-konċett ta' Fidi ta' Trento, imma wkoll l-iżvilupp teoloġiku tas-snin reċenti. Dan l-iżvilupp jidher mhux biss mill-atti tal-Konċilju, imma wkoll mill-istess dokument.

L-EWWEL PARTI: JITKELLEM ALLA

Fuq xiex kellimna Alla?

L-ewwel ħaġa li rridu nistaqsu hija din: fuq xiex kellimna Alla? X'inhu l-oġġett tar-Rivelazzjoni?

Dan l-oġġett ma hux lista ta' veritajiet astratti li wieħed jiitgħallimhom u jaċċettahom b'għajnejh magħluqin. Dak li **prin'ipalment** kellimna fuqu Alla huwa HU nnifsu; u l-imħabba kbira tiegħu lejna l-bnedmin. Imħabba li waslet fl-isbaħ u l-ogħla svilupp tagħha meta Alla bagħat lil Ibnu fostna. Diġà l-Konċilju Vat. I kien qal li Alla irrivela lilu nnifsu u d-dekrieti tiegħu. B'dekrieti ta' Alla għandna nifhmu d-deċiżjoni tal-Missier li jibgħat lil Ibnu fid-dinja u li jsalva d-dinja bih.

Ma rridux neskludu, kif jagħmlu xi teoloġi protestanti, li hemm ukoll propożizzjonijiet li rridu naċċettaw fil-Fidi. Iżda l-qalba tar-Rivelazzjoni ma humiex il-propożizzjonijiet imma l-Persuna ta' Alla stess li joffri l-ħbiberija tiegħu lill-bniedem u jsalvah permezz ta' Ibnu l-waħdieni. Dan hu l-misteru li "għajn qatt ma rat, ebda widna qatt ma semgħet, u qatt ma daħal f'qalb ta' bniedem u li Alla lesta għal dawk li jħobbuh".

Billi l-imħabba ta' Alla tidher b'mod speċjali fi Kristu, għalhekk anke

Kristu, bħala bniedem storiku, u bħala persuna, jiġi qabel kull propożizzjoni astratta bħala oġġett tar-Rivelazzjoni.

Kif ikellimna Alla?

Inċiż ieħor importanti tad-**Dei Verbum** huwa dwar il-mod kif Alla jitkellem jew jiddjaloga mal-bniedem:

Haec revelationis oeconomia fit gestis
verbisque intrinsece inter se connexis.

Din l-ekonomija tar-Rivelazzjoni sseħħ bi ġrajjiet u bi kliem marbuta sewwa flimkien.

Mela Alla jiddjaloga magħna bil-għmejjel li jwettaq fl-istorja tal-bniedem. Anke fost il-bnedmin bejniethom, id-djalogu ma jsirx bil-kliem biss. Fil-parroċċa tiegħi żewġt koppja li huma t-tnejn muti, iżda jiftehmu bejniethom perfettament. Il-kelma **djalogu** ġejja minn **dia** u **logos. Logos** tfisser aktar minn **rhema.** Logos tista' tfisser messaġġ sħiħ; u mhux kull messaġġ jasal bil-kliem.

Il-messaġġ tal-preżenza tiegħu u tal-imħabba tiegħu, Alla wasslu u jwasslu lilna bil-ġrajjiet, xi whud minnhom tassew tal-għaġeb, li wettaq f'nofs il-poplu tiegħu. Dawn il-ġrajjiet nistgħu naqsmuhom fi tnejn: dawk naturali u dawk sopranaturali. Fuq l-eżempju tal-**Ittra lir-Rumani,** id-**Dei Verbum** issemmi ż-żewġ xorta ta' eventi jew ġrajja. Alla jirrivela lilu nnifsu wkoll, b'mod aktar sublimi, jew intimu, fl-istorja tas-salvazzjoni mifhuma f'sens strett.

Filwaqt li l-moderniżmu, u aktar tard Bultman, jitfgħu l-enfasi kollha fuq ir-rivelazzjoni t'Alla fil-ħolqien u fil-psikoloġija tal-bniedem, it-teologu protestant Barth jitfa' l-enfasi kollha fuq ir-rivelazzjoni soprannaturali u jqis dik naturali bħala mhux biss imperfetta imma saħansitra bħala xkiel. Għall-kuntrarju, Karl Rahner, f'sintesi diffiċli, imma sabiħa, jgħaqqad iż-żewġ rivelazzjonijiet flimkien mingħajr ma jiċħad id-differenza sostanzjali bejniethom. Ara b'mod speċjali wieħed mill-kotba reċenti tiegħu: **Corso Fondamentale sulla Fede.**

Dak li Rahner jagħmel fuq livell spekulativ, qaddisin kbar għamluh fuq livell prattiku: San Franġisk t'Assisi u San Ġwann tas-Salib it-tnejn tawna poeżija sabiħa dwar l-għarfien t'Alla mill-ħolqien tiegħu. Il-**Kantiku tal-Kreaturi** ta' San Franġisk jafu kulħadd; forsi anqas magħruf huwa il-**Cantico Espiritual** ta' Juan de la Cruz. Iżda t-tnejn ma baqgħux f'dan il-livell naturali imma għolew ħafna 'l fuq ibbażati fuq ir-rivelazzjoni soprannaturali.

Ir-Rivelazzjoni spiċċat jew għadha sejra?

Fr Gabriel Moran għandu ktieb li jismu: **God still Speaks.** Mill-banda l-oħra, smajna kemm il-darba li r-rivelazzjoni waqfet mal-mewt tal-aħħar Appostlu. Kif nirrikonċiljaw dawn iż-żewġ asserzjonijiet?

Qabel xejn, anke d-**Dei Verbum** jirripeti li wara Ġesù u l-Appostli "nulla nova revelatio publica expectanda est": ma għandniex nistennew rivelazzjoni pubblika oħra. Dan hu meħtieġ li ngħiduh kemm biex ma nagħtux importanza żejda lir-rivelazzjonijiet privati kif ukoll sabiex ma nippretendux li nbiddlu l-pedament li diġà tqiegħed li huwa Kristu. Forsi ftit teologi esprimew sewwa dan il-ħsieb bħalma esprimih San Ġwann tas-Salib f'paragrafu li se nieħu

mit-traduzzjoni tal-Brevjar:

> Meta tana dan l-Iben li waħdu huwa l-Kelma waħdanija tiegħu, Alla qalilna u irrevelalna kollox f'daqqa permezz ta' din il-Kelma waħdanija tiegħu, hekk li issa ma għandux iżjed x'jiġħidilna ..... B'dan il-Verb tiegħu qalilna tant ħwejjeġ kbar li ma baqgħalniex iżjed x'nixtiequ; għax dak li qabel kien jgħidulna ftit ftit, permezz tal-profeti, issa qalulna kollu permezz ta' Ibnu meta tana lil Ibnu kollu kemm hu.
> (Vol. 1 p. 29).

B'danakollu, hemm il-periklu li nifhmu ħażin dan il-kliem. Għax xi whud, meta jisimgħu li r-Rivelazzjoni ingħalqet mal-Appostli jitilfu l-interess għax jarawha ħaġa ta' elfejn sena ilu. Oħrajn jaqgħu f'dik li ġiet imsejħa **fidi vikarja:** għal dawn "nemmen dak kollu li temmen u tgħallem il-Knisja Mqaddsa" huwa att ta' fidi mhux f'Alla, imma fil-Knisja. Qishom qed jiktbu ċekk miftuħ lill-Knisja biex issarrfu hi kif jidhrilha. Allura jintilef id-djalogu personali bejn Alla u l-bniedem li jemmen!

Mela huwa żball li naħsbu li r-Rivelazzjoni saret lill-profeti u lill-appostli biss. L-Ittra lil-Lhud tgħid ċar li Alla "multifariam multisque modis olim loquens in prophetis (mhux lill-profeti imma bil-profeti) novissime, diebus istis, locutus est **nobis** in Filio".

Mela r-Rivelazzjoni saret u qed tiġi offerta lilna wkoll. Għadha sejra r-Rivelazzjoni naturali għaliex dak li Alla ħalaq darba, għadu qed jikkonservah u huwa wkoll awtur tal-evoluzzjoni tal-ħolqien (Teilhard de Chardin). Għadha sejra wkoll ir-Rivelazzjoni soprannaturali għaliex Alla tal-Eżodu għadu jwettaq egħmejjel ukoll mal-poplu tal-Għaqda l-Ġdida u jkellimna mill-Kotba Mqaddsa, anke jekk sostanzjalment ma jżid xejn ma' dak il-messaġġ li fi Kristu sab il-milja tiegħu (pleroma jew plenitudo).

Hawn tidħol bilfors l-idea tat-Tradizzjoni: idea oħra fondamentali fittagħlim nisrani u li mhux kulħadd jifhimha sewwa kif iridna nifhmuha l-Konċilju Vatikan II. It-Tradizzjoni ma hix xi għajn tar-Rivelazzjoni li tikkompeti mal-Iskrittura kif aktarx pinġewha fil-ġlidiet tal-imgħoddi mal-protestanti. It-Tradizzjoni hija l-istess ħajja tal-Knisja: ħajja li fiha Alla huwa wkoll il-protagonista. F'din il-Knisja ħajja Alla fdalna l-messaġġ tiegħu, miktub fl-Iskrittura imma akbar mill-Iskrittura għax huwa messaġġ ħaj u li jagħti l-ħajja. Hija din it-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja li mhux biss wasslitilna l-kotba tal-Iskrittura sħaħ, imma tgħinna nifhmuhom u napplikawhom għall-ħajja tagħna individwali u għall-problemi tas-seklu għoxrin. Għalhekk, waqt li l-kanoni tal-Iskrittura huwa magħluq, it-tradizzjoni tiżviluppa: **proficit.** Tiżviluppa għax tkabbar il-konoxxenza tal-messaġġ imwassal fl-istess tradizzjoni:

> sicque Deus sine intermissione cum dilecti Filii sponsa colloquitur.
> hekk Alla jitkellem mal-għarusa ta' Ibnu l-Waħdieni (il-Knisja) mingħajr ma jieqaf.
> In sacris enim libris Pater qui in coelis est filiis suis permanenter occurit et cum eis sermonem confert.

Il-Missier tas-sema, fil-Kotba Mqaddsa, jiltaqa' kontinwament ma' wliedu u jiddjaloga magħhom.

Qabel ma ngħidu fiex tikkonsisti t-tweġiba tagħna lil Alla f'dan id-djalogu, irridu nagħmluha ċara li biex inkunu nistgħu inwieġbu irridu, qabel, inkunu ftaħna widnejna u għajnejna biex nisimgħu u naraw dak li Alla jgħidilna kemm bil-ġrajjiet kif ukoll bil-kliem. Huwa veru li jrid ikun l-Ispirtu li jiftaħ l-għajnejn u l-widnejn: imma aħna rridu ni'ċaqalqu wkoll. Jekk qatt ma nieqfu nikkontemplaw il-ġmiel tal-ħolqien; jekk ma naqrawx il-Kotba Mqaddsa; jekk ma ninteressawx ruħna fl-istorja tal-Knisja, anke f'dik reċenti u kontemporanja ..... allura ma aħniex iħallu l-messaġġ t'Alla jasal liberu għandna u għalhekk ma nħossux il-bżonn li nwieġbu. Hemm bżonn ukoll li nitgħallmu "naqraw is-sinjali taż-żmenijiet" u naqrawhom b'mod spiritwali. F'dak li jiġri madwarna ma għandniex naraw biss "pulitka" jew "business"; għaliex anke f'dawn is-sinjali Alla ikellimna.

Kif inwieġbu?

Diġà għidna li t-tweġiba tagħna lil Alla, skond id-**Dei Verbum,** nagħtuha **bl-ubbidjenza tal-Fidi.** Imma bħalma għamilna fl-ewwel parti, irridu nispjegaw aħjar xi jfissru dawn il-kelmiet. U hawn naħseb li nistgħu nużaw analoġija: dak li għidna għall-Messaġġ ta' Alla lilna, napplikawh għar-risposta tagħna lilu.

Għalhekk ngħidu illi anke t-tweġiba tagħna lil Alla trid issir **gestis** et **verbis**: bil-għemil u bil-kliem. Bil-kliem billi nkunu nies ta' talb. Hawnhekk se nħalli barra din il-parti u nitkellem biss fuq għemil jew ġrajjiet li bihom, b'mod konkret, aħna nwieġbu lil Alla bl-ubbidjenza tal-Fidi.

L-att tal-Fidi ma jsirx biss bil-kliem imma wkoll bl-għemil. Iżda nibża' li dan l-aspett **(gestis)** tal-att tal-Fidi ma aħniex nagħtuh l-importanza kollha li tistħoqqlu. Dan jidher anke mill-fatt li, per eżempju, fil-katekiżmu u anke spiss fit-teoloġija l-kelmiet **att ta' fidi** jfissru r-reċita ta' dikjarazzjoni li biha naċċettaw b'mod intellettwali lista ta' propożizzjonijiet. Għal ħafna nies, għalhekk, l-att tal-fidi jfisser li tgħid numru ta' kliem wara xulxin.

Oħrajn, meta jisimgħu li l-ubbidjenza jew att tal-Fidi jridu jsiru bl-egħmil, jaħsbu li kulma huwa meħtieġ hu li tħares il-kmandamenti u, forsi, żżid magħhom xi opri hekk imsejħa soprarogatorji bħal sawm, pellegrinaġġi, viżti u l-bqija. Iżda San Pawl jgħid ċar u tond li l-att tal-Fidi li bih niġu ġustifikati quddiem Alla għandu jiġi mifrud mill-opri tal-liġi li ma jiġġustifikawx. San Tumas, hawnhekk jispjega (fil-Kummentarju fuq **Ad Romanos**) li San Pawl qed jeskludi mhux biss l-opri tal-liġi ċerimonjali (bħaċ-ċirkonċiżjoni) imma anke l-opri tal-liġi tad-dekalogu. Mela fiex jikkonsisti dan l-att jew għemil tal-Fidi? Jikkonsisti f'att li bih il-bniedem jintelaq totalment f'idejn Alla jew jiddedika ruħu totalment lil Alla **(se totum libere Deo committit)**. Din hija dedikazzjoni li qabel ma tasal biex tistqarr il-kunsens intellettwali għal numru ta' veritajiet proposti, tesiġi konversjoni tali-qalb maħduma fina mill-Ispirtu s-Santu "qui cor moveat et in Deum convertat". **(Dei Verbum).** L-opri tal-liġi u l-opri soprarogatorji huma meħtieġa imma bħala **effett** jew **sinjal** ta' din il-konverżjoni totali tal-qalb lejn Alla; ta' din l-għotja tal-persuna kollha kemm hi lil Alla.

Tweġiba waħda jew ħafna?

Kif diġà rajna, Alla l-Missier kellimna għall-ewwel gradwalment, sakemm fl-aħħar kellimna b'mod definitiv permezz ta' Ibnu. Hekk ukoll it-tweġiba tagħna lil Alla, minħabba n-natura dgħajfa tagħna, hija proċess twil jew mixja li fiha wieħed għandu jqis li jkun hemm progress jew żvilupp. Iżda dan ma jnaqqasx mill-verità li sa mill-bidu din l-għotja trid tkun totali.

San Pawl, wara li jagħmilha ċara li l-konverżjoni ta' qalbu kienet totali, hekk li għal Kristu "sofrejt it-telfa ta' kull ħaġa", ikompli jgħid li ma jikkunsidrax li "ilħaqt it-tmiem, jew diġà sirt perfett: imma nibqa' miexi biex infittex li nilħaq dan it-tmiem bħalma jiena maqbud minn Kristu".

Jidhirli li hawnhekk San Pawl qed jagħtina kriterju prattiku u ċar ta' jekk id-dedikazzjoni tagħna lil Alla għamilnihiex jew le. Xi tlifna minħabba fih? Dan hu kriterju li l-Bibbja tapplika wkoll għal dak il-bniedem li fih l-att tal-Fidi huwa meqjus bħala paradigma għalina lkoll: Abraham li hu msejjaħ il-missier tal-Fidi tagħna. L-ewwel rivelazzjoni ta' Alla lil Abraham ma kenitx dikjarazzjoni ta' propożizzjonijiet, imma kmand jew sejħa: "Oħroġ minn artek u minn niesek u minn dar missierek". U l-ewwel tweġiba tal-Fidi ma kenitx stqarrija ta' kliem imma bidu ta' mixja konkreta ħafna: "U Abraham telaq". L-awtur tal-**Ittra lil-Lhud** ikompli jispeċifika li Abraham telaq "bla ma kien jaf fejn sejjer". L-għotja ta' persuntu lil Alla kienet kbira daqskemm kienet kbira l-firda tiegħu minn dak kollu li ma kienx Alla: inkluż il-passat tiegħu u l-għeruq tiegħu.

Tajjeb li neżaminaw lilna nfusna spiss dwar din l-għotja tal-persuna tagħna lil Alla u dwar il-progress fit-tiġdid tagħha. Tajjeb li dawn l-ideat jippenetraw il-katekeżi tagħna għax huma biss jistgħu jelevaw ir-reliġjożità talpoplu tagħna li spiss inħossuha artifiċjali u esterna wisq.

Fl-aħħarnett anke t-tweġiba tagħna lil Alla, bħal kelma tal-Missier lilna, ssib il-quċċata tagħha fi Kristu, jiġifieri meta aħna nsiru ħaġa waħda ma' Kristu fil-ħsieb, fis-sentimenti u fl-imġieba tagħna.

Id-Djalogu ma' Alla u l-oħrajn

Hemm punt dwar kif Alla jkellem lill-bnedmin li ma dħalniex fih fl-ewwel parti għalkemm huwa mportanti. Ir-rivelazzjoni ssir aktar lill-poplu milli lill-individwu. Il-wegħdiet saru lil Abraham u lil nislu. Il-**mirabilia Dei** jew egħġubijiet tal-Mulej saru favur il-poplu elett. Dan ma jfissirx li Alla ma għandux ukoll interess speċjali f'kull individwu; imma jfisser li Alla għoġbu jorbotna flimkien anke fl-istorja tas-salvazzjoni. Anke t-tradizzjoni, kif rajna hija marbuta mal-Knisja jew komunità; anzi hija l-ħajja tal-Knisja.

Hekk ukoll it-tweġiba tagħna lil Alla fil-Fidi hija marbuta mal-komunità tal-kredenti fl-ewwel post, imma wkoll mal-komunità tal-bnedmin kollha. Mela d-dedikazzjoni tal-bniedem lil Alla mhux biss ma teskludix ir-rabta tiegħu ma' bnedmin oħra, anzi tesiġiha. Dan għandu jfisser żewġ ħwejjeġ:

a. Ma hux bniedem ta' Fidi sħiħa min ma hux bniedem ekkleżjastiku, mhux fis-sens magħluq tal-kelma, imma fis-sens ta' bniedem li jħobb il-Knisja fit-totalità tagħha inkluż l-midinbin li hemm fiha;
b. Ma hux bniedem ta' Fidi sħiħa min ma jinteressax ruħu fis-soċjetà

umana: anzi jekk noqgħodu għat-teoloġija tal-liberazzjoni, min ma jippruvax ibiddel għall-aħjar is-soċjetà umana.

Ippermettuli kelma dwar dan l-aħħar punt. F'taħdita li jiena nqis famuża, Jon Sobrino wera d-differenza kbira li hemm bejn it-teoloġija ewropea u dik latino-amerikana. Sobrino ħa l-ispirazzjoni tiegħu mill-kundanna li Marx għamel lill-filosofija idealista meta fit-teżijiet dwar Feuerbach qal: "Il-filosfi sa issa qagħdu jispjegaw ir-realtà; iżda dak li hemm bżonn huwa li nbiddlu din ir-realtà". Skond Sobrino, it-teoloġija ta' l-Ewropa, kemm kattolika kif ukoll protestanta, u hawn jinkludi ismijiet kbar bħal Rahner, Barth, u Pannenberg, ħadmet biex tispjega r-realtà fid-dawl tal-Fidi: iżda t-teologi latino-amerikani qed jitħabtu sabiex jibdlu r-realtà fid-dawl tal-Fidi jew Evanġelju.U jġib eżempju konkret: meta ngħidu li ċerti sitwazzjonijiet huma dnub mejjet, it-teologu ewropew joqgħod jifli x'inhu dnub u kif dik is-sitwazzjoni hija dnub; jipprova jara kif dan hu possibbli u, forsi, jipprova juri kif wieħed jista' jgħix ma' dik is-sitwazzjoni soċjali. Imma t-teologu latino-amerikan, meta jgħid li sitwazzjoni soċjali hija stat ta' dnub, jgħaddi malajr biex jara kif jista' jbiddel dik is-sitwazzjoni ħalli jneħħiha darba għal dejjem.

Ċertament irridu noqgħodu attenti sabiex ma nibdlux it-teoloġija f'teknika politika jew rivoluzzjonarja. Iżda hemm ħafna verità f'dak li jgħid Sobrino. Dan fehmitu wkoll il-Kumpanija ta' Ġesù meta fit-32 Kongregazzjoni Ġenerali għażlet bħala missjoni tagħha s-Servizz lill-Fidi u l-Promozzjoni tal-Ġustizzja. Kif spjega sewwa l-istess Sobrino dawn ma humiex żewġ mixjiet parallelli imma mixja waħda. Għax l-għotja tagħna lil Alla ma ssirx fil-vojt imma fis-sitwazzjoni reali u konkreta u din hija s-sitwazzjoni tar-relazzjonijiet tagħna ma' l-oħrajn.

Konklużjoni

It-tweġiba tagħna lil Alla li jkellimna fir-Rivelazzjoni ma ssirx biss bil-kliem (talb, reċita tal-Kredu) imma wkoll u fuq kollox bil-fatti. L-element radikali ta' dawn il-fatti hija l-għotja totali u inkondizzjonata tagħna lil Alla; din l-għotja ssir fl-isfond ta' l-eżistenza konkerta tagħna bħala membri ta' soċjetà umana.

L-istess konklużjoni nistgħu nesprimuha hekk: Alla kellimna kemm bil-kliem kif ukoll bil-ġrajjiet: it-tnejn sabu l-kuċċata tagħhom fil-Persuna ta' Kristu li huwa Kelma (Verbum) kif ukoll fatt (factum est). It-tweġiba tagħna wkoll issib il-kuċċata tagħha meta aħna nimmedeżinaw ruħna ma' Kristu kemm fl-għotja tiegħu lil Missier (il-ħobż tiegħi huwa li nagħmel ir-rieda Tiegħu) kemm ukoll fl-għotja tiegħu lill-proxxmu (nagħti ħajti għan-nagħaġ tiegħi).

Fuq dan l-isfond ikollha qawwa r-risposta tagħna lil Alla fit-talb għax tkun ħierġa minn qalb sinċiera.

IL-BNIEDEM F'RELAZZJONI TA' GĦAQDA U TA' KONFRONT MAL-BNEDMIN L-OĦRA

Minn P. Hugo Cremona O.P.

Jeħtieġ li l-ewwel u qabel kollox nistabbilixxu x'inhu l-bniedem jew min hu l-bniedem. Naħseb li lkoll naqblu li nistgħu u għandna niddefendu l-bniedem bħala l-kreatura, xebh t' Alla, li għandu spirtu immortali, u li hu mifdi minn Kristu.

Il-bniedem hu *kreatura* li tgħix f'univers maħluq ukoll minn Alla, iżda hu differenti minn kull maħluq ieħor, għax magħmul *xbiha t'Alla.*

Dan ix-xebh t'Alla m'huwiex fil-ġisem, għax il-ġisem pjuttost jersaq lejn id-dinja tal-annimali, imma *fir-ruħ,* li hija spiritwali, immortali u tirrikjedi li tgħix f'għaqda ma' Alla.

Billi l-bniedem dar kontra Alla, u għamel ħsara lilu nnifsu għax tilef l-armonija fir-relazzjonijiet tiegħu m'Alla stess u mal-bnedmin ħutu, Alla sar bniedem u miet fuq salib biex isalva l-bniedem mill-kundizzjoni miżerabbli li hu sab ruħu fiha.

Din hi l-veduta tal-bniedem li tippreżentalna l-fidi tagħna, u f'assemblea bħal din jidhirli li *hi din l-istampa* li għandna nieħdu bħala bażi għall-istudju tagħna. Id-diskors tiegħi jittratta fuq ir-relazzjoni ta' għaqda u konflitt ta' bniedem ma' bniedem. Issa ir-relazzjoni ta' bniedem ma' ieħor mhix xi ħaġa li żviluppat biż-żmien, imma ġejja min-natura tal-bniedem stess. Ma konniex naraw iddawl tad-dinja li kieku ma kienx hemm bnedmin qabilna (il-ġenituri) li tawna l-eżistenza — u lanqas ma konna ndumu wisq fid-dinja li kieku xi ħadd ma ħax ħsiebna u rabbiena. Lanqas ma nistgħu ngħidu li din id-dipendenza kienet teżisti biss fil-bidu ta' tfulitna, għax anke bħala adulti, aħna għandna rabta ma' l-oħrajn, u mhux biss minħabba *neċessità* imma wkoll minħabba 'qawwiet' oħra li jinsabu nkarnati fina. Hemm neċessitajiet li ma nistgħux nissodisfawhom waħedna — neċessitajiet tal-ġisem, bħal fatt li rridu nilbsu, nieklu, infiequ meta nkunu morda, u jkollna l-protezzjoni kontra l-vjolenza ta' min hu aqwa minna. Għandna neċessitajiet spiritwali, bħall-fatt li nesiġu spjega fuq x'inhi l-ħajja li nistennew twegiba għaliha mingħand l-istudjużi, il-filosfi, l-artisti, ix-xjenzati u t-teologi, u l-fatt imbagħad li nħossu li rridu naqsmu l-ferħ u n-niket tagħna ma' l-oħrajn. Imma, barra minn dawn, għandna wkoll fina 'qawwiet' oħra, bħall-qawwa li nħobbu, li ngħallmu, li ngħinu, 'l xulxin eċċ. li juruna li l-bniedem neċessarjament *min-natura tiegħu* għandu relazzjoni ma' l-oħrajn. Dawn huma kapaċitajiet li ma nkunux verament bnedmin jekk inħalluhom reqdin u ma nħaddmuhomx. Anzi nistgħu nżidu, li l-bniedem ma jilħaqx il-maturità jekk ma jiżviluppax f'relazzjoni ma' l-

oħrajn. It-tendenza għal relazzjonijiet soċjali ġejja min-natura stess tal-bniedem. U hu għalhekk li nistgħu, u għandna ninsistu, li hu dritt fundamentali tal-bniedem, li jkun jista' jassoċja ruħu tajjeb ma' l-oħrajn. l-mod kif il-bniedem jassoċċja ruħu ma' l-oħrajn huwa tant divers. Biżżejjed wieħed jieqaf jaħseb fuq kif ġejna f' kuntatt ma' l-oħrajn fil-ħajja tagħna. Xi whud nafuhom individwalment, oħrajn permezz ta' gruppi. U l-aktar tliet gruppi mportanti huma bla dubju ta' xejn, il-familja, il-grupp tax-xogħol, u l-oħrajn qribna fis-soċjetà.

Relazzjoni tal-bniedem maddinja li jgħix fiha

Il-bniedem neċessarjament igħix fid-dinja mimlija bilbnedmin. Jekk id-dinja li fiha jgħix tkun għaddejja minn tibdiilet radikali, hekk ukoll il-bniedem li huwa tant marbut magħha bilfors jinqabad minn dan iċ-ċaqliq. Il-Konċilju Vatikan II iwissina li qed ngħixu f'dinja li dejjem tinbidel, u jinsisti li ma nistgħux u m'għandniex ninjoraw la dan il-fatt u wisq aktar il-fatt li dan igib effetti fuqna, għax ir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin u d-dipendenza minn xulxin qegħdin jinbidlu kuljum (cf. Gaudium et Spes p.25).

Fid-dinja tagħna llum, kiber fuq li kiber il-progress teknoloġiku, li għandu effetti fuq il-bniedem u fuq ir-relazzjonijiet tiegħu ma' bnedmin oħra, wisq aktar mill-progress *biss* xjentifiku. Għax, waqt li l-progress xjentifiku hu aktar magħqud ma' l-għarfien tal-liġijiet tal-univers, il-progress teknoloġiku għandu x'jaqsam mal-produzzjoni u l-użu ta' għodda u magni u l-proċess li jissodisfa ċerti neċessitajiet (dak kollu li għandu x'jaqsam ma' 'doing'). It-teknika llum, barra milli tuża l-materja u l-enerġija tibbaża ruħha *ħafna* fuq informazzjoni. Dan, biex tagħtina prodott aktar sofistikat. Jidher ċar li l-prodott jimxi daqs kemm ikun reklamat u għalhekk, wieħed jistenna dan l-iżvilupp qawwi li għandna llum, fil-mezzi ta' komunikazzjoni. Ma tkunx tgħid kollox, jekk ma ssemmix ukoll li dan l-iżvilupp illum huwa organizzat u sistematiku, u dan ifisser li l-pass ta' l-invenzjoni huwa aktar mgħaġġel, b'mod li skoperta li ssir illum titfi l-oħra li saret biss il-bieraħ. Minnaħa l-oħra mbagħad hemm iddiffikultà li l-politiċi u gruppi finanzjarji dejjem lesti li jikkontrollaw kull progress kif jaqblilhom.

Żgur li l-progress teknoloġiku għandu effett mhux biss fuq il-persuna bħala ndividwu iżda wkoll fuq il-gruppi, u mhux l-ewwel darba li l-progress teknoloġiku wassal biex jissodisfa xi aspirazzjonijiet tal-bniedem għal progress soċjali.

Infatti hu minħabba l-progress teknoloġiku (qed nitkellmu fuq *progress*, u nammettu li *hu* progress) li:

1. qed jinbidlu l-mentalitajiet: L-istess dixxiplini li bihom il-bniedem kien jagħraf l-univers tiegħu nnifsu qegħdin jinbidlu, — il-matematika kif

tgħallimniha 20 sena ilu hija llum imwarrba. Fl-istess xjenzi tal-bniedem bħal soċjoloġija, l-istudju tal-ilsna, il-psikoloġija, illum jużaw il-computers.

2. qed jitbiddlu r-relazzjonijiet ta' bejn bniedem u ieħor: il-komunikazzjoni llum ibbażata aktar fuq media teknika — e.g. it-tmexxija tal-personnel tax-xogħol, kif jingħażel l-istess personnel, kif jiġi sfruttat il-ħaddiem, qed isir ukoll mill-computers — saret ħaġa impersonali, u m'għadhiex tiddependi mill-element uman.

e.g. fl-istess sptarijiet illum l-apparat tekniku qed jieħu post tan-nurse u li staff.

3. qed jinbidel ir-ritmu talħajja: minħabba l-kompetizzjoni li ħafna drabi tinħoloq, il-pass tal-produzzjoni jrid jiżdied, bir-riżultat li daħal il-'workshift', u l-istess industrija ssir 'out of date' wara ftit snin. Bliet sħaħ qed ikollhom iċedu posthom għal oħrajn mibnijin mawdar 'industrial estates', li meta jitlestew huma ġà antikwati u inadekwati. Attivitajiet ġodda jiżviluppaw f'postijiet oħra, u hekk tinħoloq il-problema ta' nuqqas ta' xogħol fil-lokal, ċaqliq tal-popolazzjoni, nuqqas ta' djar u ħtieġa kontinwa ta' 'refresher courses'.

Dan it-tibdil fir-ritmu talħajja mbagħad għandu konsegwenzi fil-kamp internazzjonali. Ħafna drabi jiġib miegħu:

a) saħħa akbar fin-nazzjonijiet industrijalizzati u stagnazzjoni fl-oħrajn li ma għandhomx mezzi.
b)aktar *awareness* fil-popli mill-*gap* ta' bejn in-nazzjonijiet.
c) espansjoni ekonomika talpajjiżi b'saħħithom li jippruvaw isibu swieq oħra barra l-pajjiż u jagħmlu investimenti (li jħallulhom il-qliegħ) f'pajjiżi li għadhom jiżviluppaw.

L-effett ta' dan kollu fuq irrelazzjonijiet tal-bnedmin bejniethom huwa pjuttost negattiv. Il-bniedem tal-lum minħabba l-progress teknoloġiku jidher li qed igħix taħt il-kundanna ta' dak li hu stess qed jipproduċi; mir-riżultati stess ta' dak li jipproduċu jdejh, u wisq aktar mill-ħidma ta' moħħu u t-tendenzi tar-rieda tiegħu. Dan jikkonkludih il-Papa preżenti fl-enċiklika 'Redemptor Hominis' (15), u jkompli, li l-bniedem tal-lum qed igħix f' *biża'* — il-biża' li dak li hu stess jipproduċi jdur kontrih. Igħid li ma jidhirx li l-iżvilupp tat-teknoloġija u l-iżvilupp taċ-ċivilizzazzjoni moderna, li hija mmarkata ħafna mill-progress teknoloġiku, qed jiżviluppaw proporzjonatament ma' żvilupp tal-morali u l-etika. Il-Papa jistaqsi: 'Dan il-progress, li huwa ġej mill-bniedem stess (il-bniedem hu l-awtur u l-promutur tiegħu) qed *iwassal* biex il-ħajja tal-bniedem tkun 'aktar umana' f'kull aspett tal-ħajja? Din tagħmlu aktar den li jissejjaħ bniedem? Id-domanda toħroġ b'ċerta insistenza jekk f'dan il-kuntest ta' progress il-bniedem huwiex aktar bniedem, jekk hux qed isir aħjar, aktar matur spiritwalment, aktar konxju tad-dinjità umana, aktar responsabbli, aktar miftuħ

għall-oħrajn? (R.H. par. 15).

Ma nifhimx li l-Papa għandu f'rasu li nwaqqfu l-progress. Żgur li le, anzi hu stess kemm il-darba jinkoraġġixxi l-progress. Għalhekk nifhem li jeħtieġ nagħtu s-soluzzjoni biex l-effetti ħżiena jitwarrbu, u l-bniedem jiżviluppa ta' bniedem, f'relazzjoni ta' għaqda ma' ħutu l-bnedmin. L-impenn tagħna nisrani, imma, jġegħlna nagħmlu riflessjonijiet fuq din is-sitwazzjoni li hi l-għerq ta' ħafna konflitti. Daqskemm il-fidi tagħna f'Ġesu' tnissel fina tama f'dinja soprannaturali, daqstant ieħor tobbligana wkoll *issa*, li mmexxu 'l quddiem l-iżvilupp serju tad-dinja temporali. Il-Knisja ma tistax tibqa' ndifferenti quddiem dan il-progress tekniku bit-tibdiliet li qed iġib fostna u fina. Bħala Omm, hi tifraħ bil-libertà u d-dinjità li jippromovi, kif ukoll bil-progress soċjali. Iżda bħal Għalliema (Maġistra) tifhem li ċivilizzazzjoni teknika tagħmel sejħa biex ikollha *formazzjoni ta' fidi adatta għall-mentalità tal-bniedem tal-lum*. Hi tifhem li meta l-bniedem qiegħed f' kuntatt permanenti ma' l-oħrajn permezz ta' strutturi soċjali tant numeruži, *l-ispiritwalità* tal-bniedem m'hijiex l-istess bħal meta hu jiltaqa' ma' Alla waħdu fis-silenzju. U fuq dan irridu nirriflettu *ħafna* aħna... u nimpenjaw ruħna b' ħeġġa u b'tama soda għall-iżvilupp spiritwali tal-bniedem.

Insistejt forsi żżejjed fuq li d-dinja tal-lum hija karatterizzata mis-sejbiet xjentifiċi u mit-teknoloġija. Għandna fenomenu ieħor li ma nistgħux ninjorawh. Dan huwa il-Media tal-Komunikazzjoni speċjalment ir-radio, it-television, l-istampa u ċ-ċinema. Dawn illum mhux qed jirriflettu d-dinja kif qed tevolvi ruħha — dak li Shakespeare isejjaħlul 'holding a mirror to nature' — għal kuntrarju dawn qed jikkontribwixxu għal din l-istess evoluzzjoni. Nispjega ruħi: fi żmienna qed naraw jitfaċċa tip ġdid ta' bniedem (persuna umana). Il-bniedem tal-lum huwa mmarkat fil-mod kif iħares lejn id-dinja madwaru, fil-'behaviour' tiegħu, u anke fil-mod kif jesprimi ruħu, *mill-audio-visual*. Il-maġġoranza tal-poplu f'dik li nsejħulha it-Tielet Dinja (fejn hemm aktar minn nofs tal-Insara tad-dinja) hija ibbumbardjata mill-mass media. Il-ġenerazzjoni l-ġdida fis-soċjetajiet industrijali tal-punent qed tieħu formazzjoni (u mhux biss informazzjoni) li primarjament ġejja mit-T.V. aktar milli mill-kotba ("T.V. based rather than book-based").

Minbarra dan, il-media tal-kumnikazzjoni ħolqu u qed ixandru forma ġdida ta' lingwaġġ. Din il-lingwa ġdida titfa' l-enfasi tagħha fuq l-'image', il-ħoss (sound), l-'information flash', is-slogan eċċ. eċċ. Għandna quddiemna lingwa totalment ġdida li ma tindirizzax ruħha primarjament bejn l-intelliġenza tal-bniedem, imma l-ewwel li tolqot hi l-fakultà tal-immaġinazzjoni, is-sens u l-emozzjoni. Dan barra li għandna splużjoni kulturali kull fejn titfa' ħarstek — kultura li ma

tridx taf bl-ebda riferenza għal dak li hu oġġettiv u b'mod partikulari twarrab kull valur universali.

F'sitwazzjoni bħal din ir-relazzjonijiet tal-bnedmin bejniethom ibatu żgur. Xejn xejn il-messaġġ nisrani, li hu biss jista' jgħaqqad il-bnedmin bejniethom, ma jistax jiftiehem u jasal għand min għandu jasal, jekk ma jsirx sforz qawwi u serju minn min ixandru u jippridkah. Id-dinja tal-lum u wisq aktar id-dinja ta' għada toffri challenge qawwi lill-Knisja u speċjalment lilna li aħna mpenjati li nwasslu l-messaġġ ta' għaqda fost il-bnedmin. Jeħtieġ assolutament li aħna nkunu *tassew preżenti fid-dinja* b'mod responsabbli issa u wisq aktar 'il quddiem, u dan nagħmluh f'kull settur. Biex inpoġġiha b'mod aktar sempliċi — din hi kwistjoni fejn l-appostlu modern irid jitgħallem lingwa ġdida, irid l-ewwel isib postu f'din id-dinja li abbraċċjat kultura ġdida, dinja li nbidlet. Mhuwiex biżżejjed, għalkemm assolutament neċessarju, li titgħallem tuża u tħaddem teknika ġdida u apparati moderni. Qabel ma tindirizza l-umanità anke bl-aktar mezzi sofistikati trid tkun *fihimt* din id-dinja moderna, għax b'hekk biss tista' tgħin il-bniedem.

Aħna nsara, u bħala nsara nemmnu b'qalbna kollha fli statement tal-Gaudium et Spes (24) li "Alla, li jieħu ħsieb kulħadd bħala Missier, ried li l-bnedmin kollha jagħmlu familja waħda u jittrattaw lil xulxin b'qalb ta' aħwa". Naħseb li ħadd ma jgħid li jiena pessimista żżejjed jekk ngħid li dan hu l-anqas li qed jiġi osservat fi żminijietna, m'aħniex nittrattaw lil xulxin b'qalb ta' aħwa! Inġibu ħafna raġunijiet, — u kultant dawn huma validi (għaliex il-bnedmin mhux igħixu ta' aħwa) — imma forsi *ftit nammettu* li t-taħwid, li ta' sikwit jinqala' fl-ordni soċjali, li veru li f'xi parti jiġu mittensjoni ta' għamliet ekonomiċi, politiċi u soċjali, imma fuq kollox *dawn jiġu mill-kburija u l-egoiżmu tal-bniedem*. Jekk l-individwu joqgħod attent għalih innifsu, nevitaw ħafna konsegwenzi, anzi dan jgħodd għallistess avvanz tas-soċjetà, għax, kif igħallem San Tumas, il-perfezzjonament tal-persuna u l-avvanz ta' l-istess soċjetà jiddependu minn xulxin.

X'tgħallem fl-aħħarnett il-Knisja fl-aħħar enċikliki u speċjalment fil-"Gaudium et Spes"? Tgħallem li fid-dinja tagħna *qed tikber id-dipendenza ta' wieħed mill-ieħor* u għalhekk, jeħtieġ aktar attenzjoni fejn jidħol il-ġid komuni talfamilja kollha tal-bnedmin. It-tensjoni u l-konflitti jikbru u jfarrku din il-familja meta ma ngħarfux id-dinjità għolja talpersuna tal-bniedem li għandha drittijiet u dmirijiet universali u invjolabbli. It-tensjoni twassal għall-firda fejn wieħed ma jistax igħix ħajja tassew ta' bniedem għax nieqes millikel, mill-ilbies, dar, jedd li jagħżel liberament l-istat talħajja u li jifforma familja, jedd għall-edukazzjoni, għax-

xogħol, il-jedd li jimxi skond il-kuxjenza tiegħu retta, il-jedd għall-protezzjoni tal-ħajja tiegħu privata, u għal libertà ġusta anke fi ħwejjeġ religjużi.

Fuq kollox, il-Kostituzzjoni, tinżel għall-konsegwenzi prattiċi u aktar urġenti, u tisħaq fuq ir-rispett lejn il-bniedem li bniedem ieħor għandu juri, kif ukoll tinsisti li kulħadd mingħajr eċċezzjoni għandu jikkunsidra lill-għajru bħal hu nnifsu ieħor. Titkellem fuq dawk li l-aktar li jkunu jbatu bħal xjuħ abbandunati u fuq il-ħsara li jġibu l-abort, l-ewtanasja, issuwiċidju voluntarju li jmorru kontra l-istess ħajja. Tikkundanna wkoll dak kollu li jnaqqas l-integrità tal-persuna, bħal mutilazzjoni, torturi tal-ġisem u tar-ruħ; dak li joffendi d-dinjità tal-bniedem, bħal kundizzjonijiet li ma jixirqux lill-bniedem, ħabs bla raġuni, diportazzjoni, jasar, prostituzzjoni, kummerċ ta' nisa u ta' żgħażagħ, jew kundizzjonijiet ta' xogħol li ma jixirqux.

Il-Kostituzzjoni wkoll tiġbed l-attenzjoni rigward ir-rispett u l-imħabba lejn dawk *li ma jaqblux magħna* u tisħaq b'mod speċjali fuq *l-egwaljanza essenzjali* fost il-bnedmin. Waqt li rridu nammettu, għax dan huwa fatt, li teżisti differenza fis-saħħa fiżika kif ukoll fil-qasam intellettwali u morali, *imma* fil-jeddijiet fundamentali tal-persuna trid titneħħa kull xorta ta' differenza fit-trattament sew soċjali sew kulturali minħabba s-sess, ir-razza, il-kulur, il-kundizzjoni soċjali, l-ilsien u r-religjon.

Il-Kostituzzjoni tkompli tinsisti li ħafna mill-gwaj ta' firdiet bejn il-bnedmin ġej minħabba li ħafna ma jagħtux kas ta' dak li qed jiġri madwarhom, — jew għax qalbhom birdet filgħażż, — jew għax iħaddnu etika purament individwalistika. Id-dmir tal-ġustizzja u ta' mħabba għandu jitħares billi kulħadd jagħti sehmu għall-ġid komuni skond kif jista' u skond il-ħtiġijiet ta' l-oħrajn (par 30).

Jidher ċar li fid-dinja tallum qed nonqsu ħafna li nżommu u nħarsu l-obbligi soċjali — u dan hu dmir *ta' kulħadd*, anzi dan għandna ngħodduh bħala l-*obbligu sagru tagħna*. Ma jistax ikollna l-hena u l-paċi u l-armonija bejnietna jekk il-bnedmin, wieħed wieħed u fi gruppi ma jħarsux il-virtujiet morali u soċjali huma stess u ma jinsistux fuqhom kontinwament fis-soċjetà. Jeħtieġ nirsistu u naħdmu bla heda llum aktar minn qabel biex ikollna bnedmin ġodda, u dan ma jistax iseħħ jekk ma nagħmlux lilna nfusna tassew umanità ġdida *skond il-Vanġelu*.

IR-RIKONĊILJAZZJONI

minn **Fr. Robert Soler S.J.**

(ara paġ. 366 — 368)

ORDNI GHALL-PENITENZA

— preżentazzjoni —

P. G. Beneditt Xuereb O.F.M.

Hu fatt li minn żmien għal żmien fl-istorja tal-Knisja kien hemm żviluppi nteressanti fiċ-ċelebrazzjoni tal-penitenza. Permezz tal-Profeti, u iktar u iktar permezz tal-Mulej Ġesù, *Alla dejjem sejjaħ lil uliedu għall-indiema*, u 'l dawk li wieġbu tahom il-maħfra ta' dnubiethom permezz tal-Knisja. Il-Knisja, min-naħa tagħha, din il-maħfra dejjem iċċelebrata fis-Sagrament tal-Penitenza, u aktar ma għadda ż-żmien, aktar saret konxja kemm mill-ħniena tal-Mulej u kemm mis-setgħa li Hu stess għaniha biha biex tgħin lil uliedha filġlieda tagħhom kontra l-ħażen. Hija fittxet li taddatta l-mod kif tiċċelebra s-Sagrament skond iċ-ċirkustanzi partikulari li wliedha jsibu ruħhom fihom. Fid-Digriet tal-Kongr. Mqaddsa tal-Kult Divin, li bih ġie promulgat l-ORDO PAENITENTIAE, naqraw:

"...matul il-medda tas-snin il-Knisja dejjem iċċelebrat (is-Sagrament tal-Penitenza) f'suriet differenti mingħajr qatt ma naqqset xejn minn dak li hu essenzjali f' dan is-Sagrament."

L-ORDO l-ġdid, għalhekk, promulgat fit-2 ta' Diċembru 1973, għandna nħarsu lejh mhux sempliċement bħala dokument ieħor f' sensiela twila ta' dokumenti li ħarġu wara l-Konċilju, jew bħala ktejjeb li fih insibu għadd ta' regoli ġodda dwar is-Sagrament tal-Qrar. Għandna nħarsu lejh bħala *stadju ieħor* fl-iżvilupp li semmejt fil-bidu; bħala strument umli talħniena ta' Alla, fis-sens li qed igħid lill-Knisja, b'mod awtorevoli, kif għandha ġġib ruħha llum dwar dan is-Sagrament. Dan l-ORDO għaldaqstant għandu r-'role' tiegħu x' jaqdi fir-rivelazzjoni tal-Ħniena ta' Alla lill-bniedem midneb tallum; lilna lkoll!

B'danakollu, ma għandniex inħarsu lejh dan id-Dokument bħallikieku kien l-aħħar kelma, jew li bih l-iżvilupp tas-Sagrament wasal fit-tmiem tiegħu, u għalhekk se jibqa' hemm għal dejjem kif inhu. L-ORDO PENITENTIAE ma jagħlaqx il-bieb; le. Fil-fatt il-Knisja ġa hija mpenjata biex tistudja u tapprofondixxi dan is-suġġett, u s-sena li ġejja s-Sinodu se jittratta fuq ir-RIKONĊILJAZZJONI U L-PENITENZA FIL-MISSJONI TAL-KNISJA.

L-ORDO hu att tal-Knisja, u għandu warajh elfejn sena ta' tradizzjoni u ta' esperjenza, u jiftaħ toroq ġodda għal ġejjieni. It-test għandna naqrawh u nifhmuh tajjeb, imma ma għandniex nieqfu fuqu biss. Fid-dawl tat-tagħlim tal-Konċilju kemm it-Teoloġija Morali u kemm it-Teoloġija Sagramentali qegħdin kull ma jmorru jiżviluppaw ruħhom, u l-Kommunità Nisranija wkoll qegħda għaddejja minn stadju ieħor ta' evoluzzjoni. Dan kollu bilfors jaffettwa l-mod kif jiġi ċċelebrat is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

Wara li għidt dan kollu, inwieġeb issa għad-domanda: X'fih l-ORDO PAENITENTIAE l-ġdid?

Barra mid-digriet tal-promulgazzjoni, id-dokument fih tliet partijiet li kull waħda minnhom għandha l-iskop preċiż tagħha:

I. Praenotanda: fiha nsibu tagħrif dottrinali.

II. Ordines: deskrizzjoni tat-tliet Riti, u eżempji ta' qari u talb.

III. Appendices: fihom insibu diversi dispożizzjonijiet.

I. PRAENOTANDA

It-tagħrif ta' qabel li nsibu fl-ORDO mhux sempliċi "Introduzzjoni". Inkunu iktar eżatti jekk inqisuh bħala *Kredu*, bħala *Stqarrija tal-fidi* fil-*misteru* tar-rikonċiljazzjoni fl-istorja tas-salvazzjoni tagħna. Fiha nsibu fil-qosor l-atti salvifiċi ta' Alla:

Il-Missier jieħu l-inizjattiva: Hu bagħat fostna lil Ibnu biex iħabbibna bid-Demm tiegħu, u jġib il-għaqda. Hawn jissemmew it-tappi ewlenin tal-missjoni ta' rikonċiljazzjoni ta' Kristu: l-istedina għall-indiema mill-Battista, u l-istedina ta' Ġesù u dak li Hu għamel mal-midinbin. *Ġesu'* laqa' għandu lill-midinbin, kien ifittixhom u jiekol magħhom, u jaħfrilhom dnubiethom biex iħabbibhom ma' Alla. Fl-Aħħar Ċena waqqaf il-Patt il-Ġdid u ta' dejjem, u fuq il-Kalvarju offra lilu nnifsu bħala Sagrifiċċju ta' Fidwa. Nhar Għid il-Ħamsin Pietru u Sħabu ħarġu mogħnijin b'setgħat speċjali jxandru f'isem Kristu l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet.

Dejjem konxja mis-setgħa ta' l-għaġeb li l-Mulej għaniha biha l-*Knisja* kompliet il-missjoni ta' Kristu, missjoni ta' rikonċiljazzjoni li Hu stess afdalha. Dan għamlitu permezz tal-Magħmudija, tas-Sagrifiċċju tal-Quddiesa u fuq kollox permezz tas-Sagrament tal-Penitenza (nn. 3-5).

Id-dokument, imbagħad, jiddeskrivi s-*Sagrament tal-Penitenza fil-partijiet tiegħu:* l-indiema, il-qrara, it-tewba u l-assoluzzjoni. Ma jqanqalx kwistjonijiet, la storiċi u lanqas dottrinali, dwar l-importanza ta' kull wieħed mid-diversi atti tal-penitent. Biss jidher ċar li l-indiema hija ferm importanti: *il-konverżjoni* hija ferm aktar ta' siwi mill-qrara tad-dnubiet wieħed, wieħed...

Tissemma d-distinzjoni bejn meta s-sagrament hu neċessarju għas-salvazzjoni (fil-każ ta' dnubiet gravi), u meta s-sagrament huwa utli, ta' siwi kbir għall-penitent (fil-każ ta' dnubiet venjali).

Għar-rikonċiljazzjoni tal-penitenti hemm imwaqqfin *diversi uffiċċji u ministeri.* L-ORDO jisħaq fuq ir-*role tal-Kommunità Nisranija* fiċ-ċelebrazzjoni tal-penitenza: hi strument ta' konverżjoni u għajn ta' maħfra. B'danakollu hija teżerċita l-ministeru tas-Sagr, tal-Penitenza permezz ta' l-Isqof u tal-Presbiteri (n.8).

Il-Ministri jeħtieġ li jkunu mogħnija mhux biss bil-*fakultajiet kanoniċi* li tagħtihom il-liġi, imma fuq kollox bid-doni l-aktar għoljin ta' l-Ispirtu. Huma għandhom ikunu kapaċi li *jagħżlu l-ispirti,* i.e., li jagħrfu sewwa l-egħmil ta' Alla fil-qiegħ tal-qalb ta' kull bniedem. Hekk huma jkomplu l-opra fejjieda ta' Kristu.

...Il-penitent niedem għandu huwa wkoll il-parti tiegħu fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament. Nistgħu ngħidu li s-Saċerdot u l-penitent "jikkonċelebraw" is-Sagrament tal-Qrar. Il-penitent li, għax niedem jaqla' l-maħfra mill-ministru tiegħu, għandu jxandar u jiċċelebra l-ħniena ta' Alla f'għaqda mal-Knisja kollha (n.11).

IL-PARTI PRATTIKA

Imbagħad l-ORDO jinżel aktar fil-*prattika* f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament, li issa jista' jiġi ċċelebrat fi tliet għamliet differenti:

a) Ir-rit għar-rikonċiljazzjoni tal-penitenti wieħed, wieħed.

b) Ir-rit għar-rikonċiljazzjoni tal-

penitenti flimkien, imma li jqerru u jirċievu l-Assoluzzjoni wieħed, wieħed.

c) Ir-rit għar-rikonċiljazzjoni ta' ħafna penitenti permezz ta' qrara u assoluzzjoni ġenerali.

Qabel ma jiddeskrivi dawn ir-riti differenti, l-ORDO jsemmi xi ħaġa dwar iċ-Ċelebrazzjonijiet Penitenzjali u l-Addattamenti li jistgħu jsiru.

— *Iċ-Ċelebrazzjonijiet Penitenzjali* huma ta' *utilità* kbira bħala mezz tal-konverżjoni, tal-bidla l-aktar profonda tal-qalb, u jservu ukoll ta għajnuna fit-tiġdid spiritwali. Kemm l-individwu u kemm il-Kommunità jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jimmeditawha, u jsir talb flimkien. Għad li t-tifsila tagħhom tixbah lil dik tar-Rit tal-Penitenza għall-ħafna penitenti flimkien, ma għandhomx jiġu mħawdin mas-Sagrament.

— It-tagħrif jagħlaq b'*direttivi dwar l-Addattamenti* li jistgħu jsiru għar-riti skond il-pajjiżi u ċ-ċirkustanzi. B'adattament għandna nifhmu applikazzjoni raġjonevoli tan-normi mogħtija, u mhux tibdil sostanzjali.

L-ORDO jagħti regolamenti dettaljati dwar il-kompetenza tal-*Konferenzi Episkopali*, ta' l-Isqof u anke tal-Konfessur f'dan il-proċess ta' addattament għall-bżonnijiet partikulari. Fil-każi ta' Assoluzzjoni Ġenerali jidher li l-aktar bniedem li hu mogħni b'setgħa li jagħmel addattamenti huwa l-*Isqof*. Imiss lilu li, b'konsultazzjoni mal-Konferenza Episkopali, jiddeċiedi jekk fid-djoċesi tiegħu jeżistux il-kundizzjonijiet li fihom għandha tingħata.

II. *In-Normi Prattiċi: ir-Riti jew l-Ordines.*

Ir-riti jew l-Ordines, jiġifieri s-sinjali u s-simboli sagramentali, insibuhom fit-tieni parti tal-ORDO.

1. *Ir-Rit għar-rikonċiljazzjoni tal-penitenti wieħed, wieħed.*

Dan ir-rit jinkoraġġixxi kemm lis-saċerdot u kemm lill-penitent biex *iwieġbu għall-ħniena li Alla joffrilhom.*

Bejn is-saċerdot u l-penitent għandu jkun hemm rapporti ta' ħbiberija: "Il-qassis għandu jilqgħu bil-qalb (lill-penitent) u jsellimlu bi kliem ta' ħlewwa". Mela, mhux laqgħa ta' iġri u ġerri, sempliċement biex issir formalità!

Wara t-tislima jsir qari mill-Kotba Mqaddsa, u l-penitent u s-saċerdot *jitolbu flimkien* qabel ma l-penitent jibda jistqarr dnubietu. Is-saċerdot, imbagħad, jagħtih *pariri siewja*, u wkoll it-*tewba*. Imbagħad isejjaħ il-ħniena t'Alla fuq il-penitent, u jagħtih l-*Assoluzzjoni*.

Hawn ir-rit jissuġġerixxi ġest sinifikattiv: li s-saċerdot *jifrex idejh* (jew idu l-leminija, almenu) fuq il-penitent hu u jgħid il-kliem ta' l-Assoluzzjoni.

Is-saċerdot u l-penitent, flimkien, jagħrfu l-ħniena ta' Alla u jagħtuh it-*tifħir* li jixraqlu għaddon ta' rikonċiljazzjoni u l-maħfra. Qabel ma jitlaq is-saċerdot igħid lill-penitent kliem ta' paċi u ta' inkoraġġiment, biex hekk iqawwi qalbu u jkompli jimpenja ruħu fit-tiġdid.

2. *Ir-Rit għar-rikonċiljazzjoni ta' ħafna penitenti li jqerru u jirċievu l-Assoluzzjoni wieħed, wieħed.*

F'dan ir-Rit insibu l-qadim u l-ġdid magħqudin flimkien.

Il-preparazzjoni għas-Sagrament u r-radd il-ħajr wara jsiru flimkien, fil-Komunità. Dawk kollha li jieħdu sehem jirrikonoxxu flimkien il-ħniena ta' Alla li jitolbuhielu, imma mbagħad kull wieħed jew waħda jirċievi s-Sagrament individwalment.

Il-preparazzjoni hija mfassla fuq il-mudell tal-Liturġija tal-Kelma fl-

ewwel parti tal-Quddiesa: xandir tal-Kelma u Omelija — skiet għall-eżami tal-kuxjenza — talb għall-maħfra u stqarrija ta' l-indiema. Hawn iċ-Ċelebrazzjoni Komuni tieqaf, u l-penitenti jmorru jqerru dnubiethom privatament għand is-saċerdoti li jkunu disponibbli, u jirċievu mingħandhom il-maħfra. Iċ-Ċelebrazzjoni tintemm b'talba ta' tifħir u ta' radd il-ħajr lil Alla minn dawk kollha li jkunu ħadu sehem fiha.

3. *Ir-Rit għar-rikonċiljazzjoni ta' ħafna penitenti flimkien permezz ta' qrara u assoluzzjoni ġenerali.*

Is-sura ta' dan ir-Rit tixbah ħafna lil ta' qablu, biss mingħajr qrara u assoluzzjoni ndividwali. Is-saċerdot li jippresjiedi jagħtu Assoluzzjoni waħda lil kulħadd.

In-norma għall-użu ta' dan ir-rit tagħmilha ċara li "*gravis necessitas requiritur*". Każ ovvju ta' dan hu l-periklu tal-mewt, u l-ORDO stess isemmi ieħor: meta l-għadd ta' penitenti jkun kbir ħafna u ma jkunx hemm numru ta' saċerdoti biżżejjed biex iqarru lil kulħadd f' ħin wieħed fi żmien xieraq, tant li l-penitenti — mingħajr ħtija tagħhom — ikollhom jibqgħu għal żmien twil mingħajr il-grazzja tas-Sagrament jew mingħajr it-tqarbin (n. 31).

Iċ-Ċelebrazzjoni tagħlaq bit-tifħir u r-radd il-ħajr lil Alla, imma l-ORDO jamar lis-saċerdot iwissi lill-fidili li, biex jiksbu l-frott ta' l-assoluzzjoni sagramentali mogħtija lil ħafna flimkien, jeħtieġilhom ikunu *mhejjija tajjeb*, i.e., li kull wieħed ikun jisgħobbih mid-dnub, ikun deċiż li jpatti għall-iskandli u għall-ħsara li forsi jkun għamel, u fl-istess ħin ikun lest, meta jasal il-waqt, li jqerr wieħed wieħed id-dnubiet gravi kollha li dak il-ħin ma jkunx jista' jqerr. Id-dokument igħid ċar u tond li "s-saċerdoti għandhom bir-reqqa kollha jfiehmu lill-fidili li dawn il-kundizzjonijiet u dawn id-diżpożizzjonijiet huma meħtieġa biex is-Sagrament ikun *igħodd*" (n.33).

III. *L-Appendici*

Fl-ewwel appendici nsibu direttivi dwar l-*assoluzzjoni miċ-ċensuri* u dispensazzjoni mill-irregolarità.

Fit-tieni hemm għadd ta' eżempji ta' ċelebrazzjonijiet penitenzjali għall-Avvent, Randan u matul is-sena, u għall-kategoriji differenti ta' nies: tfal, żgħażagħ, morda....

Fit-tielet, imbagħad, insibu "guidelines" għall-eżami tal-kuxjenza fuq sfond evanġeliku.

Osservazzjonijiet Ġenerali

1. Id-dħul 'in vigore' tar-Rit Liturġiku l-ġdid ma jġibx miegħu, mirakolożament, it-tiġdid mixtieq — u meħtieġ! Ir-Rit jista' jfisser ħafna u jista' ma jfisser xejn: *ħafna jiddependi mill-konfessur u l-penitent. Neħtieġu attitudni ġdida:* inqas legalista, u iktar biblika, evanġelika.

2. Inħarsu lejn is-Sagr. tal-Penitenza mhux għaliħ waħdu, imma *fil-kuntest sħiħ tal-penitenza nisranija* mxandra minn Kristu bħala kundizzjoni għad-dħul fis-Saltna tiegħu. Għalhekk għandna niskopru mill-ġdid it-*tliet egħmejjel* ta' penitenza li dejjem saħqet fuqhom it-Tradizzjoni nisranija: it-talb, l-eġħmejjel ta' ħniena u s-sawm, imma nifhmuhom aktar profondament, u nagħtuhom forom godda, adattati għan-nies ta' żmienna.

3. Inressqu ċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Qrar aktar *lejn il-Vanġelu* li jitkellem dwar ħafna laqgħat li ma kienux ta' iġri u ġerri! Kristu hu muri bħala dak li jifhem, jagħder u jħoss għall-midinbin, u jġiegħelhom *jagħmlu esperjenza* tal-maħfra li jagħtihom u l-

imħabba li għandu lejhom. Il-midinbin, imbagħad, huma murija bħala nies ta' fidi, nies ta' mħabba frott l-indiema vera, u deċiżi fl-impenn tal-konverżjoni li ġew imsejħin għaliha.

4. Issa, dan hu aktar possibbli meta l-penitent ikun iħossu mtaqqal minn ħtijiet gravi u għalhekk mifrud mill-imħabba ta' Alla. F'każi bħal dawn, il-penitent li jersaq iqerr jagħmel tassew esperjenza ta' rikonċiljazzjoni u jħossu li kiseb il-fejqan meħtieġ, u l-konfessur żgur li jimpenja ruħu aktar biex igħinu jdur lura lejn il-Missier.

Imma mhix tant faċli li dan iseħħ meta l-penitent iqerr biss dnubiet venjali jew 'imperfezzjonijiet' li kemm hu u kemm il-konfessur jafu li jistgħu jinħafru b'manjieri oħra. Il-penitent itawwal il-lista, u donnu ma jixbax igħid, waqt li l-konfessur iħoss li qed jaħli il-ħin u l-enerġija tiegħu, u lanqas biss jitħajjar jikkummenta! U dan idejjaq lill-penitent u lill-konfessur.

B'danakollu, fl-Ordo naqraw li l-qrar ta' spiss hu rimedju għad-dnubiet venjali wkoll (n.7). Is-Sagrament hu mezz biex nikbru fil-ħajja spiritwali, u nkunu nistgħu, megħjunin minnu, insaħħu l-grazzja tal-konverżjoni u nagħmlu progress fiha.

Biex naslu għal dan hemm bżonn ta' *edukazzjoni soda* u sħiħa kemm tal-konfessuri u xejn anqas tal-penitenti.

Il-parti (role) tal-konfessur

Naqraw fit-*Tagħrif:* "Skond il-pjan ta' Alla, kif l-Iben ta' Alla deher fostna f'sura ta' bniedem u rajnieh b'għajnejna, meta feġġet it-tjieba ta' Alla Salvatur tagħna, u l-imħabba tiegħu għall-bnedmin: hekk Alla jrid jagħtina s-salvazzjoni u jerġa' jġedded il-patt magħna meta niksruh, permezz ta' sinjali li jidhru" (n.6).

L-ewwel fost dawn is-sinjali hu l-konfessur innifsu. Hu mistenni li jinkarna fih il-figura tar-Ragħaj it-Tajjeb li jagħti ħajtu biex isalva n-nagħaġ tiegħu, u li fuq is-Salib xerred Demmu għall-maħfra tad-dnubiet (10c).

Dan iseħħ b'mod speċjali waqt l-Assoluzzjoni, imma r-Rit kollu, mill-bidu sal-aħħar, għandu jgħin lill-penitent biex jagħmel l-esperjenza ta' Kristu. Hekk nifhmu għaliex l-Ordo jisħaq tant fuq l-imġieba tas-saċerdot li għandha tkun kemm jista' jkun evanġelika:

— is-saċerdot għandu jilqa' lill-penitent bl-imħabba, qisu ħuh, u jekk jista' jkun isellimlu bi kliem ta' ħlewwa (n.16).
— is-saċerdot, bi ftit kliem meqjus, għandu jħajjar lill-penitent biex jafda f'Alla; igħinu jagħmel qrara sħiħa, iħeġġu biex jindem tassew mill-offiżi magħmula 'l Alla, u fl-aħħarnett jagħtih pariri xierqa biex jibda tassew ħajja ġdida; jekk ikun hemm bżonn, igħallmu x'inhuma d-dmirijiet tiegħu bħala nisrani (n.18).

Mhux faċli dan! għalhekk il-konfessur għandu jitlob lill-Ispirtu s-Santu biex jagħtih id-dawl u l-imħabba (n.15).

Il-Knisja tistenna mill-konfessur li jkun kapaċi:

— li jagħraf il-mard tar-ruħ u japplika r-rimedji meħtieġa; u
— li jaqdi dmiru ta' mħallef bilgħerf u l-għaqal kollu.

Minn hawn in-neċessità li l-konfessur ikompli jistudja bis-serjetà, u fl-istudju tiegħu jħalli li jkun immexxi mill-Maġisteru tal-Knisja. U mal-istudju jżid it-talb bla waqfien lil Alla. Bil-għajnuna tat-talb u ta' l-istudju sagru l-konfessur jirnexxilu "jagħraf l-ispirti", jiġifieri,

ikollu "għarfien intimu tal-ħidma ta' Alla fil-qiegħnett ta' kull bniedem." Dan l-għarfien hu "don ta' l-Ispirtu u wkoll frott ta' l-imħabba" (n.10a).

Kemm-il darba nisħqu fuq dan ma nintilfux f'ħafna irqaqat bla bżonn u lanqas ma naqgħu f'legaliżmu li jdejjaq. U nkunu qed nagħtu s-sehem sħiħ tagħna biex, mal-medda taż-żmien, inkomplu l-missjoni ta' rikonċiljazzjoni li seħħet fuq il-Kalvarju.

Il-parti (role) tal-penitent

L-Ordo jħares lejn il-penitent bħala "konċelebrant": "In-nisrani hu u jġarrab u jħabbar il-ħniena ta' Alla f'ħajtu, flimkien mas-saċerdot jiċċelebra l-liturġija li biha, bla heda, il-Knisja ġġedded lilha nnifisha" (n.11).

Qabel xejn għandu jħejji ruħu bit-talb għal dan is-Sagrament, u jfittex li jqabbel ħajtu ma' l-eżempju u l-Kmandamenti li jagħtina l-Mulej fl-Evanġelju, biex hekk jiddisponi ruħu biex jaqla' l-maħfra ta' Alla. Biex il-konfessur ikun jista' jgħinu, hu għandu jagħtih it-tagħrif kollu meħtieġ dwar l-istat tal-ħajja tiegħu, u jiftaħ qalbu miegħu dwar id-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom fil-ħajja nisranija (n.16).

L-iskop ta' din id-direttiva hu li l-penitent jieħu l-Qrar bis-serjetà, u jersaq bħala tweġiba għal-leħen ta' l-Ispirtu li jsejjaħlu għall-indiema, u wkoll biex jikkoopera malgrazzja tiegħu u jsir jixbah lil Kristu. Hekk il-qrara sagramentali tkun imnissla tabilħaqq mill-virtù tal-penitenza mifhumha bħala proċess ta' konverżjoni li jibda fil-qalb, imma jesprimi ruħu fil-ħajja prattika ta' kuljum (n.6).

It-*Tagħrif* isemmi wkoll it-tlett atti tal-penitenti, u l-enfasi sħiħa taqa' fuq l-indiema: "Minn din issogħba tal-qalb jiddependi jekk il-penitenza tagħna tkunx minnha, tkunx vera. Il-konverżjoni, il-bidla fil-bniedem, trid tkun mill-qiegħ ta' qalbu biex minn jum għall-ieħor iddawlu dejjem aktar u tagħmlu dejjem aktar jixbah lil Kristu" (n.6 a). Bħala missier is-saċerdot għandu jgħin lill-penitent biex inissel fih sentimenti ta' vera ndiema fil-mewt ta' Ġesù fuq is-Salib.

L-eżami tal-kuxjenza u l-qrara huma wkoll importanti, għax jesprimu minn barra l-indiema tal-qalb L-eżami jsir billi l-penitent iqabbel ħajtu mal-eżempju ta' Kristu, u mal-preċett ta' l-imħabba li jagħtina fl-Evanġelju. Il-qrara, imbagħad, jagħmilha "fid-dawl tal-ħniena ta' Alla". Hawn ukoll il-konfessur għandu jgħin biex il-penitent jara lilu nnifsu kif jarah Alla, u hekk jagħraf aħjar lilu nnifsu, bla taqriq.

Ta' min ifakkar ukoll li l-kelma "confiteor" għandha żewġ tifsiriet: stqarrija tad-dnubiet u tifħir lil Alla għall-ħniena li juri mal-midneb. Il-qrara għandha ssir bħala espressjoni ta' qalb niedma, u fl-istess ħin bħala radd il-ħajr lil Alla li jirrikonċilja b'mod sħiħ miegħu, u mal-kommunità, il-midneb li jdur lura lejh sogħbien.

Fl-aħħarnett l-Ordo jgħid: "Il-konverżjoni tkun sħiħa meta titpatta l-ħtija, tinbidel il-ħajja u tissewwa l-ħsara" (n.6a). Dan iġiegħelna nagħtu ħarsa mill-ġdid lejn il-penitenzi li nagħtu! Li nagħtu għadd ta' avemarijiet, vista jew rużarju... lill-penitenti ndistintament la hu skond l-ittra u lanqas skond l-ispirtu tad-direttiva li tgħid: "It-tpattija li tkun trid issir u l-qjies tagħhom għandhom ikunu jaqblu mal-ħtiġijiet ta' kull penitent, biex kull wieħed ikun jista' jsewwi l-ħsara li jkun għamel, u jitfejjaq b' mediċina li tmur kontra l-marda li biha kien mifni" (n.6a). Mela l-pe-

nitenza jeħtieġ li tkun mediċina u antidotu, isservi wkoll ta' għajnuna għal tiġdid sħiħ fil-ħajja spiritwali. Il-penitent għalhekk hu mistenni li jkompli l-konverżjoni tiegħu u juriha b'ħajja skond l-Evanġelju; igħix ħajja aktar imħeġġa blimħabba ta' Alla u tal-proxxmu, "għax l-imħabba tgħatti kotra kbira ta' dnubiet" (n.20).

KIF SER INHADDMU L-"ORDO PAENITENTIAE" IL-ĠDID

P.G. Beneditt Xuereb O.F.M.

A. Siwi pastorali tar-RIT fi ħdan il-Kommunità Ekkleżjali:

Ħaġa tassew stramba illi dan ir-Rit ġdid taċ-Ċelebrazzjoni Kommunitarja tas-Sagrament tal-Penitenza ġie mogħti daqshekk ftit importanza, meta l-Qrar huwa Sagrament daqshekk kbir u li jolqot lin-nisrani daqshekk mill-qrib. Fil-fatt anki jekk ħafna ma tantx raw ħwejjeġ ġodda fih, dan ir-Rit il-Ġdid żamm rabta tassew intima mal-passat — biss wera anki passi kbar fl-iżvilupp tas-Sagrament tal-Qrar. Ngħidu aħna, l-għaqda tal-qrara individwali ma' preparazzjoni biblika dwar il-penitenza, li dan l-aħħar ingħatat importanza kbira, issa ġiet imdaħħla forma għaliha tas-sagrament tal-Qrar.

Fit-tiġdid tal-Liturġija tagħha, tas-Sagrament tal-Maħfra, il-Knisja tipprovdi TLIET forom differenti taċ-Ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Maħfra, li ġejjin mill-esperjenzi, ħtiġijiet, ċirkustanzi u anki l-etajiet differenti tal-penitenti.

(i) Rit tal-Maħfra ta' penitenti individwali

(ii) Rit tal-Maħfra ta' ħafna penitenti, bi qrara individwali

(iii) Rit tal-Maħfra ta' ħafna penitenti, bi qrara ġenerali, u assoluzzjoni.

Dan ta' l-aħħar, sabiex jiġi użat, jeħtieġ il-permess ta' l-Isqof tal-post, barra mill-każ fejn l-assoluzzjoni ġenerali hija permessa.

B. Kif jitħaddem: in-Natura Ekkleżjali tal-Qrar:

Huwa ta' min jinkoraġġixxi, u jsaħħaħ, dan l-element fil-ħajja nisranija, u ta' min jagħmel użu tajjeb minnu, għaliex għandu l-qawwa li jserraħ il-moħħ ta' dawk li għandhom għal qalbhom ħafna, dan is-sagrament tal-Maħfra tad-Dnubiet kif dejjem kien mgħallem lilhom — biss issa jistgħu aktar jagħtuh valur nisrani bl-inqas taqlib fih.

Ta' min jagħmel ukoll possibbli l-fatt, li tista' tgħaddi għall-applikazzjoni tar-Rit il-ġdid, minn qrara strettament personali u individwali, għal waħda kommunitarja.

Dan ir-Rit, fil-fatt, jagħti tisħiħ u għajnuna liċ-Ċelebrazzjoni kommunitarja tas-Sagrament, ċelebrazzjoni li dehret illi twieġeb għal ħtiġijiet pastorali mhux biss fejn hemm nuqqas ta' saċerdoti, imma anki fejn iċ-ċelebrazzjoni ta' dan is-sagrament sar "ritwali" u bla sustanza, f'ċerti każi — rutina.

Iċ-Ċelebrazzjoni Kommunitarja ta' dan is-Sagrament jipprovdi żewġ tipi ta' ċelebrazzjoni:

(i) dak **Sagramentali**

(ii) dak **mhux Sagramentali.**

L-ewwel tip hu dak sagramentali għal maħfra ta' ħafna penitenti bi qrara individwali u assoluzzjoni. Din iċ-ċelebrazzjoni kommunitarja turi aktar biċ-

ċar in-natura ekkleżjali tas-sagrament tal-Qrar. Il-fidili miġbura flimkien jisimgħu l-Kelma li tħabbrilhom il-ħniena u tistedinhom għal tiġdid, għal konverżjoni (qari bibliku) u fl-istess ħin jaraw il-forma ta' ħajja ta' qabel imqabbla ma' dik li turihom il-Kelma t'Alla. (L-Omelija li għandha tkun ibbażata fuq il-qari Bibliku għandha tgħin lill-penitenti sabiex dawn jerġgħu jduru lejn Alla, tfakkarhom fl-aspett soċjali kemm tad-dnub u kemm tal-grazzja mġedda fihom, fid-dmir li għandhom li jpattu għal dak li jkunu wettqu l-ħażin, u fl-indiema li għandhom ikollhom għalih).

Sabiex is-saċerdot jgħin lill-penitent inissel fih dispjaċir u ndiema tannuqqasijiet tiegħu waqt l-eżami tal-kuxjenza, jista' jħeġġu b'xi invokazzjonijiet jew talb jew litanija skond l-età u d-dispożizzjoni tiegħu.

Dan l-eżami komuni tal-kuxjenza jista' jieħu post l-omelija imma jeħtieġ li jkun magħmul fuq talb u qari bibliku.

Ir-Rit tal-Maħfra:

Il-penitenti jinżlu għarkubbtejhom b'rashom baxxuta u jagħmlu akkuża ġenerali tad-dnubiet permezz ta' kwalunkwe xorta ta' att ta' l-Indiema: "Jiena nistqarr....." wara tinqara Litanija jew innu penitenzjali li jistqarr indiema għad-dnubiet u li jsejjaħ il-maħfra u l-ħniena t'Alla. Ir-Reċita tat-Talba tal-MISSIERNA wara, qatt m'għandha titħalla barra.

Issir il-Qrara individwali u l-Assoluzzjoni (wara flimkien mal-penitenza li tingħata u l-assoluzzjoni) skond formula li tintuża għal penitenti individwali. Issir ukoll Att ta' Ringrazzjament Kommunitarju.

Att ta' Ringrazzjament: fil-forma ta' xi salm jew innu jew Litanija skond il-bżonn li jkun. Fl-aħħar tingħalaq mis-saċerdot jew saċerdoti ċ-ċelebrazzjoni kollha b'talb ta' tifħir ferħ, u ringrazzjament.

Mela:

STRUTTURA SKEMATIKA TAR-RIT:

1. Kant tal-Bidu
2. Merħba mis-Saċerdot
3. Daħla qasira
4. Talba tal-ftuħ
5. Ċelebrazzjoni tal-Kelma: kant — skiet bejn il-kant.
6. Omelija — eżami tal-kuxjenza
7. Qrara ġenerali
8. Litanija (Salm Penitenzjali)
9. Missierna
10. Qrara individwali u Assoluzzjoni
11. Ringrazzjament
12. Rit ta' l-egħluq: Ferħ flimkien — Barka — Kant ta' l-Egħluq.

Ċ. ŻMIEN LI FIH L-AĦJAR LI TINŻAMM DIN IĊ-ĊELEBRAZZJONI:

Iż-żmien tar-Randan huwa ż-żmien li wieħed l-aktar jissuġġerixxi. — (speċjalment il-qrara kommunitarja). Hemm tliet żmenijiet l-aktar li jispikkaw. **Kull nhar ta' Ġimgħa:** (barra mill-Ġimgħa l-Kbira) — il-ġurnata tal-Ġimgħa hija dejjem ġurnata li ġeneralment nassoċjawha ma' xi penitenzi.

Kull nhar ta' Ħadd wara nofs in-nhar: (matul ir-Randan).

L-ewwel ġranet tal-Ġimgħa Imqaddsa (it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa): bħala tridu għall-Għid il-Kbir.

Għalkemm m'hemm xejn dwar dan, iċ-ċelebrazzjoni sagramentali ta' dan ir-Rit, jista' jiġi ntużat waqt missjonijiet fil-parroċċi, rtiri, pellegrinaġġi.

Imma sabiex nevitaw xi taħwid maċ-ċelebrazzjoni MHUX sagramentali, tas-sagrament tal-Penitenza, ta' min joqgħod attent sabiex ma jiġix użat dan ir-rit ta' spiss.

Il-preżenza ta' għadd ta' saċerdoti huwa fattur importanti sabiex tirnexxi ċ-ċelebrazzjoni tar-rikonċiljazzjoni tal-penitenti.

D. X'inhu l-valur u l-importanza ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet u għaliex ta' min iħeġġeġ l-użu tagħhom:

(Ċelebrazzjoni Penitenzjali NON-SAGRAMENTALI): Dawn

1. jgħinu sabiex iqajmu l-ispirtu tal-penitenza fil-kommunità nisranija;
2. jgħinu sabiex il-penitent ihejji ruħu għas-sagrament tal-qrar.
3. sabiex jgħinu lit-tfal u tippreparahom għall-formazzjoni tal-kuxjenza tagħhom dwar il-ħajja fi Kristu u l-ħelsien mid-dnub fi Kristu
4. sabiex tgħin lill-katekumeni fil-konverżjoni tagħhom
5. tajbin ħafna, għal postijiet ta' missjonijiet, fejn hemm nuqqas ta' saċerdoti sabiex jagħtu l-assoluzzjoni. Jgħinu l-parteċipanti jagħmlu ndiema perfetta, li permezz tagħha jirċievu l-grazzja t'Alla f'dak il-mument, bis-saħħa tar-rieda tagħhom li meta jkun possibbli jmorru jqerru.

Ċelebrazzjonijiet penitenzjali jistgħu jiġu adattati għal gruppi ta' nies fl-Avvent, fir-Randan u matul is-sena wkoll f'komunitajiet ta' tfal, żgħażagħ, morda, u oħrajn. Għal dan ix-xogħol, is-saċerdoti u l-kappillani jeħtieġ li jkunu megħjuna minn lajċi adattati u oħrajn.

HEMM ŻEWĠ FATTURI LI WIEĦED IRID JISTUDJA TAJJEB QABEL DAN KOLLU

(i) Id-Daħla għar-Rit tal-Penitenza jgħid ċar li l-fidili m'għandhomx iħalltu dawn iċ-ċelebrazzjonijiet maċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Penitenza. Huwa ċar li l-Knisja tixtieq iżżomm għalih is-sinjifikat u l-karattru speċjali tar-Rit tar-Rikonċiljazzjoni ta' ħafna penitenti. Dan jista' jiġi mfixkel minn żidiet bla ħsieb, ta' ċelebrazzjonijiet penitenzjali oħrajn.

(ii) Minħabba l-fatt li m'hemm xejn xi jżomm li wieħed iqarar waqt iċ-ċelebrazzjoni penitenzjali, il-karattru speċjali tar-rit tar-rikonċiljazzjoni ta' ħafna penitenti jista' jiġi mfixkel u mħawwad.

L-APPENDIĊI II tar-rit tal-penitenza jgħid:

li jista' jingħataw okkażjonijiet meta dan is-sagrament jista' jingħata waqt servizz penitenzjali wara l-qari u l-Omelija u r-rit tar-rikonċiljazzjoni ta' ħafna penitenti bi qrara individwali u assoluzzjoni (O.P. 4).

(iii) Fejn tidħol is-SALUS ANIMARUM, m'hemmx x'wieħed joqgħod ikejjel u ċ-ċelebrazzjoni titħalla fil-ġudizzju għaqli tas-saċerdot sabiex jagħmel użu tiegħu tajjeb huwa. SALUS ANIMARUM SUPREMA LEX! (O.P. 40b).

STRUTTURA SKEMATIKA TAĊ-ĊELEBRAZZJONI PENITENZJALI:

1. Innu tad-dħul.
2. Merħba.
3. Daħla qasira.
4. Talba tal-Bidu (Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla).
5. Qari (wieħed jew iżjed).
6. Kant, salmi u żmien qasir ta' skiet.
7. Qari ieħor (mill-Għorrief tal-Knisja u awturi oħrajn).
8. Omelija.

9. Eżami tal-Kuxjenza, jew Litanija.
10. Tiġdid tal-Wegħdiet, jew Litanija.
11. IL-MISSIERNA.
12. Talba ta' l-Egħluq.

Tislima u Barka — Egħluq — Kant ta' l-aħħar.

KIF INQADDSU JUM IL-MULEJ

Mons. C. Cassar

Il-Konċilju Vatikan II, fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija (SC 106) igħid hekk:

"Bi tradizzjoni li ġejja minn żmien l-Appostli, u li bdiet mill-jum stess tal-Qawmien ta' Kristu, il-Knisja tiċċelebra kull tmint ijiem il-misteru ta' l-Għid fil-jum li bil-jedd kollu jissejjaħ Jum il-Mulej jew Jum il-Hadd."

Il-Konċilju jkompli jgħid li l-Insara għandhom iqaddsu dan il-jum:

"F'dan il-jum, infatti, il-fidili għandhom jinġabru flimkien biex jisimgħu l-kelma t'Alla u jieħdu sehem fl-Ewkaristija."

Għan-Nisrani, għalhekk, il-Hadd hu jum ta' festa u ta' mistrieħ:

"Il-Hadd hu l-ewwel jum ta' festa li qatt kellha l-Knisja"; għandu jkun

— *"jum ta' ferħ u ta' mistrieħ mix-xogħol."*

Il-Konċilju jrid li, fil-Liturġija, il-Hadd jingħata preferenza fuq festi oħra:

"Ċelebrazzjonijiet oħra, sakemm ma jkunux ta' mportanza mill-akbar, m'għandhomx jieħdulu postu, għax il-Hadd hu ċertament il-bażi u l-qalba tas-sena liturġika kollha."

Fid-dawl ta' dan it-tagħlim, f' dan li ġej ser nitkellmu (i) fuq it-teoloġija tal-Hadd, u (ii) fuq il-Hadd u l-mistrieħ mix-xogħol.

I. Teoloġija tal-Hadd

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Hadd, igħid il-Konċilju, "bdiet mill-jum stess tal-Qawmien ta' Kristu." Għalkemm ma nsibu ebda rakkomandazzjoni ta' Ġesù biex id-dixxipli jħarsu dan il-jum, nistgħu ngħidu li bir-riżurezzjoni u d-dehriet tiegħu Ġesù kien il-bidu ta' din id-drawwa. L-Evanġelisti sinottiċi qagħdu ferm attenti li jindikaw eżatt il-jum li fih il-Mulej irxoxta u deher lid-dixxipli, u dan kien l-ewwel jum tal-ġimgħa (Mt 28,1; Mk 16,2; Lq 24,1). L-istess għamel San Ġwann fil-Vanġelu tiegħu (Ġw 20,1.19). Kien l-ewwel jum tal-ġimgħa meta Ġesù deher lin-nisa, lil Pietru, lid-dixxipli ta' Għemmaws, u lill-Appostli fiċ-ċenaklu. Tmint ijiem wara Ġesù reġa' kien f'nofs id-dixxipli tiegħu meta Tumas kien magħhom (Ġw 20,26). Ebda jum ieħor li fih Ġesù deher lid-dixxipli ma jissemma ħlief il-Hadd. Bl-attenzjoni li taw lil dan il-jum id-dixxipli wrew li kienu fehmu li Ġesù kien ikkonsagrah għalih.

Il-Hadd kien ukoll ifakkar lill-ewwel dixxipli f'meta Kristu nefaħ fuqhom, tahom l-Ispirtu s-Santu u s-setgħa li jaħfru d-dnubiet, u bagħathom kif il-Missier kien bagħat lilu (Ġw 20,19-23).

Il-ftit indikazzjonijiet li nsibu

fil-kotba tat-Testment il-Ġdid kollha juru li l-Insara ta' l-ewwel ġenerazzjoni minnufih għarfu l-importanza ta' l-ewwel jum tal-ġimgħa u bdew jiltaqgħu dak inhar. Id-dixxipli kienu miġburin fiċ-ċenaklu fl-ewwel jum tal-ġimgħa meta rċevew l-Ispirtu s-Santu (Atti 2,1). Mill-kap 20 ta' l-Atti ta' l-Appostli nifhmu li fi żmien il-vjaġġi missjunarji ta' San Pawl, jiġifieri qabel ma nkitbu l-Vanġeli, l-Insara kienu jiltaqgħu biex jiċċelebraw il-Ħadd. "Fl-ewwel jum tal-ġimgħa," jikteb San Luqa, "inġbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż" (Atti 20,7). San Pawl jgħarrafna li l-ġabra kienet issir fl-ewwel jum tal-ġimgħa (1 Kor 16,2); minn dan nifhmu li dan kien il-jum tal-laqgħa. Kien ukoll f'dan il-jum li San Ġwann irċieva r-rivelazzjoni ta' l-Apokalissi (Apok 1,10).

L-allużjoni għar-riżurrezzjoni hi suġġerita wkoll fl-isem li ngħata lil dan il-jum. San Ġwann isejjaħlu *hemera kyriaké*, Dies Dominica, Jum il-Mulej. Il-kelma Mulej hija marbuta mar-riżurrezzjoni, għax kien fil-glorja tar-riżurrezzjoni li Ġesù ġie magħruf bħala Mulej, jiġifieri Alla. L-allużjoni għar-riżurrezzjoni hi implikata wkoll fl-isem li ngħata lill-"qsim tal-ħobż" li kien isir fil-laqgħat ta' l-Insara. L-Ikla tal-Mulej, kif San Pawl isejjaħ l-Ewkaristija (1 Kor 11,20), tissejjaħ hekk mhux sempliċement għax ġejja minn Kristu, imma wkoll għax biha l-Insara f'Jum il-Mulej kienu jiċċelebraw ir-riżurrezzjoni tiegħu.

Għalhekk nistgħu ngħidu flimkien mal-Konċilju li "l-Ħadd hu l-ewwel festa li kellha l-Knisja". Il-jum tal-ġimgħa li fih Kristu rxoxta mill-bidu nett kien għall-Insara egħżeż mill-jiem l-oħra kollha. Bih kull tmient ijiem kienu jfakkru l-ikbar ġrajja fl-istorja tas-salvazzjoni. Kien biss minn madwar nofs it-tieni seklu li darba fis-sena bdew jagħmlu ċelebrazzjoni aktar solenni tal-Qawmien ta' Kristu fil-Ħadd il-Kbir, kif isejjaħlu San Gregorju Nażjanżenu.

Fit-tradizzjoni tal-Knisja, għalhekk, il-Ħadd hu fuq kollox *memorjal tar-riżurrezzjoni* ta' Kristu. "Il-jum imqaddes tal-Ħadd huwa *anamnesi* tal-Mulej," igħid Ps. Ewsebju ta' l-Ixandra (*Sermones*, 16,1). Kif jispjega San Ġustinu Martri, dak li qabel kien jissejjaħ Jum ix-Xemx inbidel, għax "Kristu huwa x-Xemx tal-ġustizzja li bdiet tiddi nhar il-qawmien" (*Apol*, 1,67). Għalhekk naqraw fl-*Ittra ta' Barnaba*: "Aħna ngħaddu fil-ferħ dan it-tmien jum meta Ġesù rxoxta". Pietru ta' l-Ixandra jżid igħid: "Aħna niċċelebraw il-Ħadd bħala jum ta' ferħ minħabba Dak li rxoxta f' dan il-jum" (*Ep. Can.*).

Nhar ta' Ħadd aħna nfakkru wkoll il-qawmien tagħna ma' Kristu. Jum il-Mulej, jikteb San Injazju ta' Antjokja, hu "l-jum li fih il-ħajja tagħna rxuxtat permezz tiegħu u ta' mewtu" (*Magn.* 9,1). "Billi aħna rxuxtajna ma' Kristu u għandna nfittxu l-ħwejjeġ ta' fuq", igħid San Basilju, "f'jum ir-riżurrezzjoni aħna nfakkru l-grazzja li rċevejna billi nibqgħu bil-wieqfa" (*Tract. de Sp.S.*, 27).

Imma l-Ħadd, skond Origene, hu wkoll "simbolu tad-dinja li ġejja, għax fih il-qawwa tar-riżurrezzjoni" (*Selecta in Psalmos*, 118,164). Ġesù li rxoxta u tela' s-sema għandu jerġa' jiġi (Atti 1,11); il-Knisja qegħda tistennih u tgħidlu: Marana-tha, Ejja, Mulej! (1 Kor 16,22; Apok 22,17.20). Hi tistenna "smewwiet ġodda u art ġdida" (Apok 21,1) mal-miġja tiegħu. Jum il-Mulej, għalhekk, hu wkoll *tħabbira tat-tieni miġja ta' Kristu* u ta' dak li l-Knisja tittama u tistenna. "Għandna nħarsu lejn dan il-jum," igħid San Basilju, "bħala xbieha

taż-żmien li ġej" (*Tract. de Sp.S.*, 27).

Id-drawwa ta' l-Insara sa minn żmien l-Appostli kienet li f'Jum il-Mulej jiltaqgħu għall-"qsim tal-ħobż". Fis-sena 112 Plinju ż-għir, gvernatur tal-Bitinja, bagħat jgħid lill-Imperatur Trajanu li f' jum fiss l-Insara kienu jiltaqgħu qabel is-sebħ biex ikantaw innu lil Kristu bħala Alla, u kienu jerġgħu jiltaqgħu aktar tard fl-istess jum għal Ikla (*Epistolae*, 10,96). San Ġustinu Martri jgħarrafna li "Fil-jum imsejjaħ tax-Xemx kulħadd jiġi mill-bliet u l-irħula għal-laqgħa biex jissieħeb fl-ikla ewkaristika" (*Apol.*, 1,67). Kienet tingħata l-ikbar importanza lill-fatt li l-Insara kellhom jiltaqgħu; Jum il-Mulej kien *jum il-laqgħa* u għalhekk ukoll *jum il-Knisja*. Fid-*Didascalia Apostolorum* (*Sir.*) naqraw hekk: "Billi intom membri ta' Kristu tintilfux barra l-knisja u ma tiltaqgħux, għax intom għandkom lil Kristu bħala kap, kif hu stess jgħallem u jistqarr: intom sħab magħna. Tid-disprezzawx lilkom infuskom, u ċċaħħdux lis-Salvatur tagħkom mill-membri tiegħu. Iċċarrtux u xxerrdux il-Ġisem tiegħu. Tqegħdux l-interessi temporali 'l fuq mill-kelma t'Alla, imma f'Jum il-Mulej ħallu kollox u iġru bil-ħerqa lejn il-knejjes tagħkom. Inkella liema skuża se jkollhom quddiem Alla dawk li ma jiltaqgħux f'Jum il-Mulej biex jisimgħu l-kelma tal-ħajja u jmantnu ruħhom bl-ikel divin li jibqa' għal dejjem?"

San Ġwann Grisostmu jżid dan il-kumment: "Li ma tmurx għal din l-Ikla, jgħid, ifisser li tinqata' minn mal-Mulej. Dik tal-Ħadd hi Ikla li aħna nagħmlu mal-Mulej u ma' l-aħwa."

L-Ewkaristija kienet dejjem il-qofol taċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Mulej. Anqas l-persekuzzjoni ma kienet meqjusa bħala raġuni biżżejjed biex wieħed ifalli l-laqgħa ewkaristika. Fl-atti tal-martri ta' l-Afrika ta' Fuq insibu li, fit-12 ta' Frar tas-sena 304 f'Kartaġni, innisrani Victor, meta staqsewh għala kiser l-ordni ta' l-imperatur, wieġeb: "Jien nisrani; għalhekk kont għal-laqgħa". Il-qassis Saturninu għall-istess mistoqsija spjega hekk: "Aħna għandna d-dmir li niċċelebraw Jum il-Mulej. Ma jkollniex il-ħajja jekk ma niċċelebrawx Jum il-Mulej."

Għal żmien twil l-attendenza għal-laqgħa ewkaristika f'Jum il-Mulej kienet frott tal-konvinzjoni. Kien biss mis-seklu 4 'l quddiem li f'ċerti postijiet bdew isiru liġijiet kanoniċi fuq din il-laqgħa. L-eqdem fosthom saru fil-Konċilji ta' Elvira (306), Sardica (343) u Kostantinopli (691).

Iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija tiġbor fiha t-tifsira nisranija profonda ta' Jum il-Mulej. Fiha infatti l-Knisja *tiltaqa'*, tgawdi l-*preżenza ta' Kristu, tiċċelebra r-riżurrezzjoni tiegħu* u *tistennih* sa ma jerġa' jiġi fil-glorja.

II. Il-Ħadd u l-Mistrieħ mix-Xogħol

Meta l-ewwel Insara ta' Ġerusalem bdew iħarsu Jum il-Mulej, għall-ewwel huma baqgħu jħarsu s-Sibt ukoll. Aktar tard meta ma baqgħux iħarsu s-Sibt, huma ma għaddewx għall-jum tal-Ħadd il-mistrieħ li qabel kienu jħarsu f' jum is-Sibt. Imma ġie żmien meta l-liġi Lhudija tas-Sibt influwenzat mhux ftit il-ħarsien ta' Jum il-Mulej.

Is-Sibt tal-Lhud

Xi studjużi jaħsbu li għal ħafna mijiet ta' snin fl-istorja tal-Lhud is-Sibt kellu biss karattru profan, familjari u soċjali. Kellu l-iskop li

jaqsam iż-żmien tax-xogħol u jipprovdi għall-mistrieħ, biex il-bniedem ma jsirx qiesu lsir. La kellu konnessjoni mal-kult, anqas mat-Tempju.

X'uħud mill-eqdem profeti, bħal Għamos, fil-predikazzjoni tagħhom ippruvaw jagħtu xejra morali lill-ħarsien tas-Sibt. Huma seħqu fuq il-ħtieġa li l-mistrieħ ikun marbut mal-ġustizzja u jservi għall-għajnuna ta' min hu dgħajjef jew fil-bżonn.

Fis-seklu 6 q.Kr., fi żmien l-eżilju ta' Babel, il-ħarsien tas-Sibt kiber fl-importanza u ħa xejra reliġjuża li qabel ma kellux. Meta l-Lhud kienu jinsabu f'art barranija u fost nies bi twemmin u drawwiet differenti, is-Sibt sar għalihom sinjal ta' identità nazzjonali; sar id-distintiv tagħhom bħala l-poplu tal-Patt u, għalhekk, simbolu tal-fidi f'Jahweh.

Mill-eżilju 'l quddiem insibu żewġ interpretazzjonijiet teoloġiċi tas-Sibt. It-tradizzjoni dewteronomista rat fih materjal tal-ħelsien mix-xogħol forzat fl-Eġittu fi żmien Mose', u fehmet is-Sibt bħala ċelebrazzjoni ta' ferħ għad-don tal-ħelsien. It-tradizzjoni saċerdotali min-naħa tagħha fissret il-mistrieħ tas-Sibt bħala memorjal tal-mistrieħ t'Alla wara l-ħolqien, u fehmet il-mistrieħ t'Alla bħala stat ta' hena li l-bniedem hu msejjaħ biex jissieħeb fih. Is-Sibt għalhekk sar bħal simbolu tat-tama ta' l-hena finali tal-bniedem fi ħdan Alla.

Fil-ġudaiżmu ta' qabel Kristu u ta' żmienu l-għorrief tal-Lhud intilfu f'ħafna rqaqat tal-Liġi. Huma għabbew il-mistrieħ tas-Sibt b'ħafna regolamenti bla bżonn, hekk li l-mistrieħ sar piż.

L-Insara u s-Sibt

Il-Lhud ħarsu mhux ftit bl-ikrah lejn Ġesù meta raw kemm kien ħieles mil-legaliżmu ta' żmienu. Għadd ġmielu mill-mirakli tiegħu infatti Ġesù għamilhom proprju nhar ta' Sibt. Fuq is-Sibt, Ġesu', fost l-oħrajn, qal: "Is-Sibt huwa magħmul għall-bniedem, mhux il-bniedem għas-Sibt" (Mk 2,27). "Bin il-bniedem hu Sid tas-Sibt ukoll" (Mk 2,28). "Missieri għadu sa issa jaħdem: mela naħdem jien ukoll" (Ġw 5,17). "Mela jiswa nhar ta' Sibt tagħmel il-ġid" (Mt 12,12).

Fl-ewwel snin tal-Knisja l-Insara, li kienu kollha Lhud, kienu għadhom ma ntebħux li permezz ta' Kristu huma kienu ħelsu millpiż tal-Liġi. Bħalma baqgħu jmorru t-Tempju u jagħmlu ċ-ċirkonċiżjoni, hekk, kif ġa għidna, baqgħu jħarsu s-Sibt. Imma meta ħafna li qabel kienu pagani saru Insara, dawn, speċjalment bil-ħidma ta' San Pawl, sostnew li l-Liġi tal-Lhud ma kienetx torbothom. Din il-pożizzjoni ġiet konfermata millaqgħa ta' l-Appostli u l-presbiteri li saret f'Ġerusalem madwar is-sena 49 (Atti 15). Minn dik il-laqgħa 'l quddiem l-Insara ma baqgħux iħarsu iżjed il-liġi tas-Sibt.

Ir-riflessjoni nisranija fl-Ittra lil Lhud (3,7 — 4,11) tat lill-mistrieħ tas-Sibt interpretazzjoni eskatoloġika. Il-mistrieħ tan-nisrani, skond din l-interpretazzjoni, huwa dak li n-nisrani jikseb fi ħdan Alla fis-Sibt li m'għandux tmiem.

Ġa minn żmien l-Appostli, għalhekk, l-Insara għarfu li għalihom *m'hemmx preċett divin* ta' mistrieħ mix-xogħol, kif kien hemm għal-Lhud. Il-Hadd nisrani m'huwiex is-Sibt Lhudi mressaq ġurnata lura. Il-Liġi mogħtija lil-Lhud ma torbotx lill-Insara. "M'għandniex nerġgħu lura ... lejn l-ewwel Liġi", igħid San Irinew, "għax aħna rċevejna l-Imgħallem tal-Liġi, l-Iben t'Alla... Ma jeżisti ebda kmand li joqgħod ġurnata jistrieħ

u ma jagħmel xejn min qiegħed iħares is-Sibt kuljum, jiġifieri min jagħti qima lil Alla fit-tempju ta' Alla, li hu l-ġisem tal-bniedem, u jagħmel il-ġustizzja l-ħin kollu" (*Dem. praed. apost.* 95-96).

Mistrieħ Spiritwali

Bħal San Irinew, ħafna mis-Santi Padri taw sens spiritwali lill-mistrieħ tas-Sibt, u sostnew li n-nisrani jħares is-Sibt f'dan is-sens billi jaħrab mid-dnub.

"Is-Sibt tal-Lhud hu l-figura tas-Sibt spiritwali li fih Kristu jsejħilna biex nieqfu minn kull ħidma karnali, nistrieħu minn kull xewqa ħażina, intajru minn fuqna l-madmad tad-dnub ... Iva, fi Kristu aħna qtajna t-tħassib tagħna ta' l-art, u hekk wettaqna s-Sibt spiritwali". (S. Ċirillu ta' l-Ixandra, *De ador. in sp. et ver.*).

"Għan-nisrani, tħares is-Sibt ifisser ma tagħmilx xogħol servili... Jiġifieri ma tagħmilx dnub... Min jagħmel id-dnub hu serv tad-dnub" (S. Wistin, *In Joh. Ev. tract.* 3,19).

"Nhar ta' Sibt il-Lhud ma kienu jippermettu ebda xogħol servili. Aħna nagħmlu l-istess nhar ta' Hadd, Jum ir-Riżurrezzjoni, fissens li ma nkunu lsiera ta' ebda vizzju jew dnub" (Ps. Glormu, *Ep.* 29,3).

Tertulljanu jikteb b'riferenza għall-Hadd:

"Aħna nwarrbu fil-ġenb il-ħsibijiet tagħna ta' kuljum, biex ma nagħtux lok lix-xitan" (*De. orat.*, 23);
imma dan biex l-insara jkollhom il-ħin li jissieħbu fil-laqgħa liturġika. Fil-kittieba ta' dak iż-żmien, infatti, spiss insibu twissijiet kontra l-għażż. Per eżempju fid-*Didascalia Apostolorum* (*Sir.*) insibu din ir-rakkomandazzjoni:

"F'jum il-Mulej ħallu kollox u iġru bil-ħerqa lejn il-knejjes tagħkom ... Imma intom, fidili, ilkoll kemm intom, dejjem u f'kull żmien, meta ma tkunux il-knisja, kunu assidwi fuq xogħolkom tul ħajjitkom kollha ... tkunux għażżenin."

San Ġlormu (*Ep.* 108, 20) u San Benedittu (*Regula mon.* c. 48) jgħidu lill-patrijiet u lis-sorijiet biex nhar ta' Hadd, meta ma jkunux mehdijin bil-*lectio divina*, jagħmlu xogħol manwali.

Mistrieħ Legali

Fis-seklu 4, pero', bdew isiru żviluppi ġodda. Il-kawżi tagħhom kienu kemm politiċi kif ukoll reliġjużi.

Fis-7 ta' Marzu tas-sena 321 l-ewwel imperatur nisrani kiteb hekk lir-rappreżentant tiegħu f' Ruma:

"Kostantinu lil Elpidju. Il-maġistrati kollha, in-nies li jgħammru fl-ibliet u n-nies tas-sengħa għandhom jistrieħu fil-jum meqjum tax-Xemx (= il-Hadd). Imma n-nies tal-kampanja jistgħu bla xkiel jaħdmu r-raba' għax spiss jiġri li dan ikun l-aħjar jum biex jiżirgħu l-qamħ jew iħawlu d-dwieli, u hekk ma tintilifx l-opportunità li tagħti l-providenza divina, għax l-istaġun it-tajjeb idum ftit."

Fis-seklu 6 din il-liġi fuq il-mistrieħ nhar ta' Hadd fl-ibliet, imma mhux fil-kampanja, ġiet inkorporata fil-Kodiċi ta' Ġustinjanu (*Corp. Juris Civilis*, 2,127).

Fis-Seklu 4 ġara fatt ieħor importanti. Sa dak iż-żmien ir-reliġjon nisranija kienet fittxet id-distakk minn dak li kellu x'jaqsam ma' l-Istat pagan u mar-reliġjon Lhudija. Issa pero' l-qagħda tagħha fl-Istat kienet inbidlet ta' taħt fuq u, barra dan, mniex tibża' mir-reliġjon Lhudija ma kellhiex. Għalhekk il-Knisja aċċettat l-influwen-

za tat-tnejn.

Fost tant ħwejjeġ oħra, bejn is-Seklu 4 u s-Seklu 6 l-liġi ta' Mose' fuq is-Sibt influwenzat l-osservanza nisranija tal-Ħadd.

Għal ħafna snin ma kien hemm ebda liġi oħra fuq il-mistrieħ tal-Ħadd ħlief il-liġi ċivili. Ebda wieħed mill-Konċilji li saru fir-raba' u l-ħames seklu ma għamel liġi kanonika fuq dan is-suġġett. L-ewwel regoli kanoniċi saru fil-Konċilju ta' Orleans (538). Dan il-Konċilju pprojbixxa x-xogħol tar-raba' nhar ta' Ħadd "għax hekk ikun iktar faċli li tmur il-Knisja u titlob." Mil-atti tal-Konċilju pero' jirriżulta li l-mentalità każistika, li kienet karatteristika tal-ġudaiżmu, kienet bdiet dieħla sewwa fil-Knisja; infatti kien hemm min kien jipprojbixxi li nhar ta' Ħadd wieħed jivvjaġġa jew jagħlef il-bhejjem. Insibu wkoll li Gregorju ta' Tours kien jhedded b'ħafna kastigi t'Alla lil min jaħdem il-Ħadd, fost l-oħrajn lin-nisa li dak inhar jagħmlu l-*make-up!*

Taħt l-influwenza ta' dawn l-ideat, f'xi postijiet bdew deħlin ukoll sanzjonijiet ċivili, jew aħjar penali, kontra min jaħdem il-Ħadd. Dawk attribwiti lir-re Ragobert I (+ 639) jinkludu l-konfiska tal-ġid, il-jasar u saħansitra l-mutilazzjoni tal-ġisem.

Qabel dan iż-żmien il-fraži "xogħol servili" kienet tfisser "xogħol tax-xitan," jiġifieri regħba (San Irinew) jew dnub in ġenerali (San Gregorju ta' Elvira). Imma Martin ta' Braga (+ 580) beda juża din il-fraži fis-sens ġdid ta' "xogħol tqil," speċjalment "xogħol fl-egħlieqi". Min-naħa tal-Knisja infatti l-projbizzjoni tax-xogħol nhar ta' Ħadd saret l-aktar minħabba n-nies tar-raba' biex huma jkunu jistgħu jmorru għall-quddies. Il-Konċilju ta' Rouen (650) jgħid li nhar ta' Ħadd dawk li jaħdmu fir-raba' jew fil-foresti, u li "jgħixu qishom bhejjem waqt li huma mifdijin biddemm ta' Kristu," għandhom għallinqas jintbagħtu għall-quddies minn dawk li jħaddmuhom.

L-ewwel Papa li semma l-mistrieħ tal-Ħadd bħala obbligu kien Gregorju l-Kbir (+ 604). Imma hu ma riedx li l-Insara jkollhom nhar ta' Ħadd l-istess obbligu li kellhom il-Lhud nhar ta' Sibt. Hu għamel liġi għall-belt ta' Ruma biex innies jieqfu mix-xogħol ta' l-art ("a labore terreno cessandum est") ħalli jkunu jistgħu jgħixu ħajja talġenna (*Ep.* 13,3).

Imma mis-Seklu 7 'l quddiem qabdet l-art sewwa fil-Knisja l-mentalità legalista: it-teoloġija bdiet it-triq tal-kazistika.

Il-kollezzjonijiet tal-liġijiet kanoniċi lokali, speċjalment fis-seklu 12, ippermettew ċerta uniformazzjoni tal-liġi tal-Knisja fuq il-Ħadd, imma żvilupp dottrinali importanti ma kienx hemm. Teologi Skolastiċi magħrufin, bħal Rajmond ta' Pennafort, San Tumas, Rikkardu ta' Mediavilla u, fis-sekli ta' wara, Cajetanu, Suarez u San Alfons eċċ., aktarx fittxew li jiddefinixxu x'inhu xogħol servili u liema xogħol hu permess jew projbit nhar ta' Ħadd.

Minn dan kollu ħawn forsi ta' min jiftakar f'din is-sentenza ta' San Tumas li jgħid:

"*Observatio diei Dominicae in nova lege succedit observantiae sabbati non ex necessitate legis, sed ex costitutione Ecclesiae et consuetudine populi christiani*" (II-II, q. 122, a.4, ad 4).

Il-Maġisteru Reċenti

Fi żmienna d-dokumenti uffiċjali tal-Knisja ma qagħdux iġħidu x'jista' wieħed jagħmel jew ma jagħmilx nhar ta' Ħadd, imma aktar

ippruvaw joħorġu s-sens nisrani u l-utilità għall-bniedem tal-mistrieħ mix-xogħol speċjalment f'Jum il-Mulej.

Wieħed mill-aktar dokumenti sinifikattivi huwa l-*Mater et Magistra* (1961) tal-Papa Ġwanni XXIII. Il-Papa jikteb hekk:

"Alla għandu dritt jordna lill-bniedem iħalli jum fil-ġimgħa għad-dmir tiegħu li jqim il-Kobor tiegħu ta' dejjem. Meħlus mill-ħsibijiet tad-dinja, hu għandu jerfa' moħħu lejn il-ħwejjeġ tas-sema, u jħares fil-fond tal-kuxjenza tiegħu biex jara fiex inhu m'Alla fir-relazzjonijiet neċessarji u invjolabbli li bilfors hemm bejn il-ħlejqa u l-Hallieq.

"Barra dan, il-bniedem għandu dritt li jistrieħ ftit mix-xogħol, u għandu bżonn jagħmel dan jekk irid iġedded is-saħħa ta' ġismu u jiffriska moħħu b'rikreazzjoni xierqa. Għandu wkoll jaħseb fil-familja, li l-għaqda tagħha tant tiddependi mill-kuntatt ta' spiss u mill-ħajja flimkien fil-paċi tal-membri tagħha kollha.

"Hekk ir-reliġjon u l-ġid morali u fiżiku lkoll jitolbu l-mistrieħ kull tant żmien. Minn ħafna mijiet ta' snin 'l hawn il-Knisja għażlet għaliha l-Ħadd bħala jum speċjali ta' mistrieħ għall-fidili, jum li fih huma jieħdu sehem fis-Sagrifiċċju mqaddes tal-Quddiesa, il-memorjal u l-applikazzjoni tal-ħidma ta' Kristu għall-fidwa ta' l-erwieħ.

"B'qalbna tqila, ma nistgħux ma niddeplorawx it-tendenza dejjem akbar f'ċerti nħawi li ma tiġix imħarsa, jew titwarrab għal kollox, din il-liġi. Ma jistax jonqos li din l-attitudni tagħmel ħsara lis-saħħa tal-ġisem u tar-ruħ tal-ħaddiema li aħna għandna tant għal qalbna l-ġid tagħhom.

"F'isem Alla, għalhekk, u f'ġieh l-interessi materjali u spiritwali tal-bnedmin, aħna nsejħu lil kulħadd, awtoritajiet pubbliċi, sidien u ħaddiema, biex iħarsu l-preċetti t'Alla u tal-Knisja, u biex jiftakru fir-responsabbiltajiet gravi tagħhom quddiem Alla u s-soċjetà."

Il-Konċilju Vatikan II, barra dak li ġa semmejna mill-Kostituzzjoni fuq il-Liturġija fil-bidu ta' dan l-artiklu, igħid hekk: "(Il-ħaddiema) għandhom igawdu mistrieħ u żmien liberu biżżejjed biex jieħdu ħsieb il-ħajja familjari, kulturali, soċjali u reliġjuża tagħhom" (*Gaudium et Spes*, 67. Ara wkoll *ibid.* 61).

Codex Juris Canonici 1983

Il-liġi l-ġdida tal-Knisja fuq il-Ħadd fl-essenzjal tagħha hija din:

Can. 1246 ‡1. Die dominica in qua mysterium paschale celebratur, ex apostolica traditione, in universa Ecclesia uti primordialis dies festus de praecepto servanda est. (...)

Can. 1247. Die dominica aliisque diebus festis de praecepto fideles obligatione tenentur Missam participandi; abstineant insuper ab illis operibus et negotiis quae cultum Deo reddendum, laetitiam diei Domini propriam, aut debitam mentis ac corporis relaxationem impediant.

Din 'il-liġi hija formulata b'mod differenti minn dak li nsibu fil-Kodiċi tal-1917. Hija formulazzjoni meqjusa ħafna li mhux biss tirrifletti l-ispirtu imma wkoll tittraskrivi l-kliem tal-Konċilju Vatikan II. Il-kummenti li nixtiequ nagħmlu fuq din il-liġi fil-limiti ta' dan l-artiklu nistgħu niġbruhom f'dawn il-punti:

1. Il-ħarsien tal-Ħadd huwa *preċett:* il-Ħadd infatti huwa nkluż fost id-"diebus festis de praecepto"; anzi huwa "primordialis dies festus de praecepto."

2. Ma' dan il-preċett jintrabat *obbligu;* infatti l-Can. 1245 jitkellem mid-dispensa "ab obligatione servandi diem festum."
3. *L-oġġett essenzjali ta' l-obbligu,* dikjarat b'enfasi, huwa *sehem fil-quddiesa:* "fideles obligatione tenentur Missam participandi". Wieħed jista' jissodisfa dan l-obbligu l-jum ta' qabel filgħaxija, Can. 1248 ‡1. Hemm ukoll rakkomandazzjoni li wieħed jissuplixxi b'xi talb ieħor meta, per eż. minħabba n-nuqqas ta' qassis jew minħabba mard eċċ., ma jkunx jista' jissodisfah, Can. 1248 ‡ 2.
4. Il-liġi titkellem biss ġenerikament minn dak li għandu jiġi evitat f'Jum il-Mulej.
— Dak li għandu jiġi evitat jissejjaħ "opera et negotia", jiġifieri xogħol, ħidma, attività, okkupazzjoni li tista' tkun ta' diversi xorta.
— Il-frażi "opus servile" ma tintużax. Fil-Kodiċi l-antik kienet hemm, cfr. Can. 1248. Issa tneħħiet apposta. Il-liġi l-ġdida ma tagħtix eżempji konkreti ta' dak li għandu jiġi evitat. Mhux hekk kien fil-Kodiċi ta' qabel, cfr. Can. 1248.
5. Dak li, skond il-liġi, għandu jiġi evitat nhar ta' Hadd, m'huwiex ix-xogħol bħala tali, kien liema kien, imma x-xogħol li jtellef u *in kwantu jtellef* xi ħaġa li tappartieni lill-Hadd nisrani. Dan ifisser li l-astensjoni mix-xogħol hija *mezz, mhux skop;* għalhekk għandha valur inferjuri u relattiv. Jekk ikunx hemm, u kemm ikun kbir, dan il-valur (u rispettivament l-obligu) f'każ konkret jiddependi miċ-ċirkustanzi.
— Il-kriterju biex wieħed jagħraf jekk jiswiex xi xogħol partikolari nhar ta' Hadd hu li jistaqsi: kemm jippermetti l-qima dovuta lil Alla? Kemm jaqbel ma' jum ta' ferħ u ta' festa? Kemm igħin jew itellef il-mistrieħ xieraq tal-*moħħ* u tal-*ġisem*? (Fih innifsu x-"xogħol tqil" mhux il-kriterju).
6. Il-kelma li tgħid li għandu jiġi evitat ix-xogħol nhar ta' Hadd tidher li m'għandhiex il-qawwa *sħiħa* ta' preċett. Il-kelma wżata "(fideles insuper) *abstineant*", hi aktar qawwija mill-frażi eżortattiva "valde commendatur" li nsibu fil-Can. 1248 ‡2 (dwar talb ieħor meta s-smigħ tal-quddies mhux possibbli), *għandha inqas piż ġuridiku* mill-frażi "fideles obligatione tenentur" li tippreskrivi s-smigħ tal-quddies.

Il-Hadd bħala Impenn Pastorali

Il-Hadd għandu post għal kollox speċjali fil-ħajja tal-Knisja. Darba fil-ġimgħa hu *Memorjal tar-Riżurrezzjoni.* Darba fil-ġimgħa hu *Sagrament tal-preżenza* ta' Kristu fost dawk li jiltaqgħu f'Ismu. Darba fil-ġimgħa hu *Jum il-Knisja* u jum il-laqgħa meta, speċjalment *permezz ta' l-Ewkaristija,* il-ġemgħa tattwa lilha nnifisha bħala Knisja, il-Poplu t'Alla u l-Ġisem ta' Kristu.

Is-sinifikat teoloġiku kbir ta' dan il-jum jeħtieġ li jinġieb u jinżamm f'moħħ il-fidili kollha *kontinwament* permezz ta' *katekeżi aġġornata* u ta' *ċelebrazzjoni denja,* mimlija bl-*ispirtu ta' fidi.*

Jeħtieġ ukoll li f'dan il-jum jinbena u jitrawwem is-*sens tal-komunità.* Il-pjetà individwalistika ma tgħaqqadx il-Knisja. Jeħtieġ li l-laqgħa ewkaristika tal-Hadd tkun laqgħa tassew — laqgħa tagħna ma' Kristu, u tagħna bejnietna, filferħ. Kull min jieħu sehem għandu jsib f'din il-laqgħa esperjenza, kemm spiritwali u kemm umana,

li minn rajh ma jagħżilx li jitlifha.

Il-liġi tal-Knisja fuq Jum il-Mulej għandha tiġi *spjegata sewwa* u tkun imħarsa sħiħa. *Imma* l-enfasi għandha tkun fuq il-*fidi* u l-*konvinzjoni*, mhux fuq l-obbligu u d-dnub. Kif m'għandniex nikkuntentaw irwieħna bil-ħarsien materjali biss tal-liġi, hekk m'għandniex ninħlew fl-irqaqat tal-każistika.

Bħal kull impenn tagħna l-bnedmin, hekk l-impenn għal Jum il-Mulej għandu bżonn jiġġedded sikwit. Jalla jiġġedded kull tmint ijiem.

L-ASPETT PASTORALI TAL-ĦADD BĦALA JUM IL-MULEJ

P. William Axiaq O.F.M.Cap.

Fuq il-bieb prinċipali tal-Casino hemm iskrizzjoni bil-Latin li naraha tiftaʼ ħafna dawl fuq l-aspett li rrid nitkellem dwaru fʼdan il-punneli. L-iskrizzjoni ddoqq: "Haec otia Deus dedit nobis". Waqt li nieħu l-laqa ma' din l-iskrizzjoni Latina, nixtieq naqlibha bil-Malti bil-mod li ġej: "Alla nnifsu tana dan il-mistrieħ, dan il-logħob".

Alla tana l-liġijiet tiegħu — filkas tagħna jrid li aħna nieqfu mixxogħol fis-seba' jum — mhux minħabba raġunijiet spiritwali u morali biss. Ir-raġuni prinċipali u fundamentali mhiex waħda ta' lewn reliġuż biss. Taħomlna anki minħabba raġunijiet umani u psikoloġiċi. Il-bniedem, tgħidilna l-Iskrittura Mqaddsa, mhuwiex spirtu biss, imma ġisem u ruħ ukoll. Ġaladarba hu mfassal fuq dawn it-tliet livelli, allura, bilfors iħoss il-bżonn taʼ dak kollu li jista' jissodisfah fil-ġisem, fir-ruħ u fl-ispirtu.

Meta nħarsu lejn il-liġi dwar il-ħarsien tal-Ħadd, anki kif ġiet imfissra u deċiża mill-Knisja, fiha nilmħu, barra affarijiet oħra, għajnuna ndispensabbli għall-istess ħajja psikika tal-bniedem, fil-kas tagħna nisrani u kattoliku.

Il-psikoloġija taʼ l-iżvilupp tgħallimna li l-bniedem jeħtieġlu jikber fʼdiversi dimensjonijiet i jolqtu l-iżvilupp sħiħ u kumpless tiegħu. Jikber fiżikament. Iġħaddi 'l quddiem intellettwalment filmoħħ, fil-memorja, fl-immaġinazzjoni u fil-fantasija. Jiżviluppa affettivament u emozzjonalment. Jimxi 'l quddiem moralment u soċjalment. U, biex inkuntu għidna kollox, jikber ukoll reliġjosament.

Fil-bniedem hemm istint reliġjuż li, maż-żmien, ma jibqax istint — ħaġa daqshekk primittiva — imma jgħaddi biex isir sentiment reliġjuż. U s-sentiment reliġjuż, minnaħa tiegħu, iwasslu biex, bil-mod il-mod, jagħmel esperjenza reliġjuża. Din taʼ l-aħħar hija l-aħħar tarġa tad-dimensjoni reliġjuża filbini tal-personalità tal-bniedem.

Il-Ħadd huwa okkażjoni u opportunità fil-ħajja tan-nisrani biex, permezz tiegħu, il-bniedem ikompli jimmatura psikikament. Ma jistax jikber jekk ma jieħux ħsieb din id-dimensjoni daqshekk importanti, kif igħidulna studjużi tal-psikoloġija reliġjuża.

Il-bniedem — iġħidilna Antoine Vergote, speċjalista fil-qasam tal-psikoloġija reliġjuża — mhuwiex reliġjuż ... reliġjuż irid isir. Ġaladarba l-affarijiet huma hekk, huwa għandu bżonn taʼ ċerti affari-

jiet, li jgħinuh isir reliġjuż. Dawn l-affarijiet nistgħu nsejħulhom: esperjenzi, espressjonijiet, atteġġjamenti. Hemm affarijiet oħra imma, biex ma nikkomplikawx ilkwistjoni żżejjed, nillimita ruħi għal dawn it-tlieta biss.

Victor Frankl — l-awtur tal-Logoterapija" — fit-teorija tiegħu jitkellem ħafna minn dik li huwa jsejħilha "psikoloġija tal-għolli". Isejħilha hekk biex jurina li jekk Freud Sigmund igħidilna li hemm il-psikoloġija tal-profond li trid "teħles" il-bniedem mill-illużjonijiet ta' l-inkonxju, b'daqshekk ma rridux ninsew li hemm dimensjoni fil-ħajja psikika tal-bniedem, li jieħu sehem attiv fiha, waqt li ġġibilu bosta sodisfazzjonijiet, li jserħuh tassew fuq livell affettiv u emozzjonali.

Hawnhekk se nsemmi ftit ħwejjeġ li jinħassu fil-quddiesa tal-Ħadd, u li jiġbru fihom ċerta dinamika, li żgur tiġi kkomunikata lil min ikun preżenti tassew għaliha.

Il-bniedem, min-natura tiegħu stess, iħoss il-bżonn ta' l-ordni. Mingħajr ordni ma jgħix. L-ordni huwa esiġenza ta' l-istess ħajja psikika tiegħu. Aħna l-Maltin għandna qawl li din il-ħtieġa jfissirha tajjeb ħafna. Il-proverbju jgħid: "Żomm l-ordni u l-ordni jżomm lilek".

Matul il-ġimgħa, l-ordni ma tantx inżommuh fil-ħajja ta' kulijum. Dan jiġri mhux għaliex aħna disordinati — għalkemm jista' jagħti l-kas — imma għaliex il-ħajja, hija kif inhi, ma tantx tippermettilna nżommu ċertu ritmu kif nixtiequ aħna. Tant jinqalgħu affarijiet bla ħsieb, li lanqas inkunu nafu fejn se naqbdu nagħtu rasna. Haġa li tagħmilna nervużi għall-aħħar.

Il-quddiesa, bit-tliet kwarti li tieħu, toffrilna dan il-bżonn bilmod kif tordna kemm il-liturġija tal-Kelma kif ukoll il-Liturġija ta' l-Ewkaristija. Dan l-ordni minnu nnifsu jissodisfa l-ħajja psikika ta' min ikun miġbur fil-quddiesa.

Il-bniedem, barra l-bżonn ta' l-ordni, għandu wkoll bżonn tar-rit fil-ħajja affettiva tiegħu. Ir-rit, bilmod kif inhu mfassal u spjegat, u bil-manjiera kif inhu varjat, iġib ħafna serħan fil-ħajja psikika tal-bniedem.

Fil-quddiesa — fil-qari mill-Kotba Mqaddsa, fil-parti varjabbli u nvarjabbli tal-quddiesa u fit-talba komunitarja — hemm espressjonijiet, li jirnexxielhom ifissru s-sentimenti u x-xewqat li jkunu għaddejjin fil-moħħ u l-qalb tal-bniedem, u li minħabba fihom mhux l-ewwel darba matul il-ġimgħa jħossu frustat fi bżonn daqshekk meħtieġ f'ħajtu, għaliex ċerti affarijiet tant huma intimi, li qatt ma jirnexxielu jlibbishom iddiskors l ijixirqilhom.

Fir-rit hemm xi ħaġa żgura li se tfissirlek dak li jkun għaddej fik u li forsi inti m'għandikx ħila tispjega kif tixtieq. Il-Liturġija hija l-ikbar interpretu u għajnuna tal-ħajja psikika tiegħek.

Barra l-bżonnijiet li diġa' semmejt, il-quddiesa tal-Ħadd toffri bżonn mitlub ħafna mill-ħajja psikika ta' kull bniedem. Dan huwa l-bżonn tas-simboliżmu. Għadna ma nistgħux nobsru kemm ma nistgħux ngħaddu psikikament mingħajr simboli. Studjużi serji tal-psikanalisi jgħidulna li ċertu mard fi żmenijietna jeżisti, għaliex il-bniedem ta' l-um qed jiġi mċaħħad minn ċerti simboli u simboliżmi, li tant iġibu paċi u serenti fil-ħajja psikika tiegħu.

Hawnhekk bilfors jiġina quddiem għajnejna t-tliet kunċetti bażiċi fil-psikoloġija analitika ta'

Gustav Jung. Dawn huma l-"unconscious", l-"archetypes of the collective unconscious" u s-"symbol". Proprjament it-tlieta jinteressawna hawnhekk, imma se ngħid xi ħaġa żgħira ħafna dwar l-aħħar tnejn, waqt li ċerti espressjonijiet inħallihom bl-Ingliż.

L-"archetypes" huma "organs of the prerational psyche". Dawn ma nistgħux naslu għalihom direttament jekk mhux permezz tas-simboli. Regina Bechtle, S.C., f'artiklu fuq Jung u r-reliġjon, tgħid: "In contradistinction to signs, symbols in Jung's terminology are mediators of an unknown reality, polyvalent in meaning, capable of arousing many different thoughts and feelings because they arise spontaneously from the soil not only of past and forgotten consciousness but of the as yet-unrealized unconscious. Etymologically, symbol (from the Greek sym-ballo) connotes a process of totalizing or unifying, and herein lies its therapeutic power (1).

Barra l-bżonnijiet kollha li diġa' semmejt, biex nagħlaq, inpemmi wkoll il-bżonn tar-ritmu fil-ħajja psikika ta' l-individwu, il-bżonn ta' l-istimolazzjoni u l-bżonn tal-bniedem li perjodikament jingema' ma' ħaddieħor, biex jagħmel kuraġġ, ħalli jgħix il-ġrajjiet interjuri tal-ġurnata ta' kuljum b'mod ħieles.

Il-quddiesa tal-Hadd, jekk tkun organizzata tajjeb u tkun imżewqa b'kant li jserraħ, barra li tgħajjex l-ispirtu, tkun ukoll ta' fejda kbira għar-ruħ. Ikoll kemm aħna għandna bżonn tal-melodija fil-ħajja psikika tagħna. Il-kant reliġjuż kapaċi fuq li kapaċi jġib dan l-effett fuq dawk preżenti għall-quddiesa.

Fil-quddiesa nkunu miġbura ma' ħaddieħor. Haddieħor jistimolana bl-imġieba tiegħu kemm bilex nitolbu, kemm biex inkantaw, kemm biex nagħmlu esperjenza reliġjuża t'Alla. Dan kollu jiġbor fih esiġenza psikika, barra li jiġbor fih bżonn spiritwali.

Fil-quddiesa, in-nisrani mhux suppost li jintilef qalb il-kongregazzjoni, imma suppost iħossu ħaġa waħda magħha. B'dan il-mod huwa jista' jirbaħ ċerta biża', li tista' tingema' f'ħajtu matul il-ġimgħa, u flimkien ma' ħaddieħor iħoss il-ħila, biex jaffronta l-ħajja b'iżjed kuraġġ, għax jaf li għandu s-"support" ta' ħaddieħor.

Romano Guardini fi "The Spirit of the Liturgy", isejjaħ il-Liturġija "il-logħba t'Alla". Alla jrid li l-Knisja tiegħu tilgħab din il-logħba, għaliex hija ta' ġid kbir għall-Poplu tiegħU. Tolqtu f'kull naħa. Minħabba f'daqshekk nistgħu ngħidu, waqt li dak li se ngħid nadattah għall-aspett psikoloġiku tal-kwistjoni li qbadt, l-istqarrija tal-martri ta' Abitina: "Mingħajr il-ġurnata tal-Hadd ma nistgħux ngħaddu".

(1) Heaney J.J. *Psyche and Spirit* Paulist Press, New York, 1973, pp. 57-78.

L-ASPETT PASTORALI TAL-HADD BHALA JUM IL-MULEJ

Arċipriet P. Xuereb

M'hemmx dubju li dan is-suġġett jolqot mhux lill-Kappillani biss. Hadd minna ma jista' jgħid ma jimpurtanix. Huwa xogħol tal-Presbiterju kollu; qassisin żgħażagħ u qassisin xjuħ, qassisin teachers, djoċesani u reliġjużi. U għalhekk il-jum tal-Hadd għall-qassisin mhux biss mhux jum ta' mistrieħ imma talli għandu jkun ta' ħidma aktar minn ġranet oħra. Ma jistax Jum il-Mulej ikun jum ta' ferħ, ta' ċelebrazzjoni u ta' festa jekk mhux permezz tagħna s-saċerdoti. Huma aħna l-animaturi li għandhom jikkomunikaw dan il-ferħ fil-jum tal-Hadd.

Hemm bżonn nifhmu kemm huwa urġenti dan ix-xogħol tagħna. Għall-ħabta ta' Mejju, fuq ir-RAI, kien hemm il-programm 'FLASH'. Mike Bongiorno, fil-'Prova Opinioni' staqsa kif it-Taljani jgħaddu l-jum tal-Ħadd. U rriżulta li skond id-Doxa, persentaġġ żgħir ħafna jitolbu jew imorru l-Knisja nhar ta' Ħadd. Ħafna jaraw it-T.V., ħafna joħorġu passiġġata, oħrajn jaraw l-isports, oħrajn jivvjaġġaw. U fit-tnax il-post, issemma li t-Taljani jmorru l-Knisja. Aħna, ħawn Malta, m'aħniex f'din is-sitwazzjoni. Però żgur li 'l hemm mixjin. U ċ-ċensiment tal-Quddies ta' nhar ta' Ħadd li sar f'Ottubru għad juri kemm dan huwa veru. Għad jurina kemm qed jonqos anke fostna l-Maltin is-smigħ tal-quddiesa fil-jum tal-Ħadd u tal-Festi. Żgur li se jkun hemm qabża bejn iċ-ċensiment tal-1967 u dak ta' issa.

Mil-lat pastorali, l-Ħadd, lilna s-saċerdoti, għandu jgħaqqadna aktar m'Alla, ma' sħabna l-qassisin l-oħra u mal-lajċi jew aħjar mal-fidili.

Jgħaqqadna m'Alla. Is-saċerdot hu l-bniedem t'Alla (homo Dei). Fid-Direttorju tal-Kleru, kap 11 hemm "kif is-saċerdot għandu jagħti xhieda ta' ħajja intima mal-Missier". Jekk kull nisrani għandu 'se totum libere Deo committi', kemm aktar u aktar kull qassis. Jekk kull nisrani għandu, f'mixja kontinwa, jikkonverti lejn Alla, kemm aktar u aktar kull qassis.

Dan jista' u għandu jagħmlu kull qassis permezz tal-liturġija tal-Ħadd u spe'jalment bil-quddiesa, bil-predikazzjoni tal-omelija u bl-amministrazzjoni ta' l-Ewkaristija u tas-sagramenti. Dawn il-mezzi li permezz tagħhom inressqu lill-bnedmin lejn Alla, għandhom, qabel kulħadd iressqu lilna. U aktar ma nagħmluhom ispirati mill-fidi u mhux sempliċement bħala rutina jew xi ħaġa li jkollna nagħmluha bil-fors, aktar iħallu frott fil-kommunità fejn neżerċitaw il-ministeru saċerdotali tagħna. Tajjeb li kull qassis jistaqsi lilu nnifsu: qed nagħmlu dan jien? Il-Ħadd lili, qed tassew jgħaqqadni aktar m'Alla? Barra dan ma ninsewx li s-saċerdot għandu jopera 'in persona Christi'. U l-lajċi dan iridu jarawh. Fil-qassis iridu jaraw il-preżenza ta' Kristu. Kristu għandu jinkarna fil-preżenza tal-qassis. Fi kliemna, f'għemilna, waqt il-quddiesa, waqt li nqarru, waqt li nippriedkaw, il-fidili jridu jaraw u jħossu din il-preżenza ta' Kristu u t'Alla fil-qassis.

Jgħaqqadna ma' sħabna saċerdoti. Ġeneralment, fil-bidċa l-kbira tal-parroċċi, m'hemmx il-kappillan waħdu. Aktarx f'kull parroċċa hemm numru ta' qassisin jew patrijiet. Dawn speċjalment nhar ta' Ħadd, għandhom jaħdmu f'team u juru li huma tassew team. F'team, mhux kulħadd ifendi għal rasu, imma kulħadd, minkejja li għandu x-xogħol speċifiku tiegħu, jadem flimkien ma' l-oħrajn. Imma x'qed jiġri? Xi drabi xi whud ikunu maqtulin

bix-xogħol u oħrajn inqas biss imiddu jdejhom. Biex ma nsemmux li xi whud imorru jqaddsu f'xi kappella tas-sorijiet jew xi mkien ieħor u wara jitilqu lejn id-dar u ma jerġgħux jidħru qabel l-għada fil-għodu.

F'ittra li dehret f'fuljett ta' parroċċa kien hemm miktub: "Hija ħasra li fil-knisja tagħna għandna tant affarijiet sbieħ u għadna nsebbħu t-tempju dejjem aktar, imbagħad affarijiet oħrajn li huma aktar sinjali ħajjin tar-reliġjon, ma jeżistux jew isiru biex ikunu saru. Jiddispjaċini nara li rari quddiesa ta' nhar ta' Ħadd tkun organizzata tajjeb. Mhux l-ewwel darba li ma jkunx hemm qassis fil-knisja ħlief dak li jkun qed iqaddes... U jkompli jgħid: "xi ħaġa hemm bżonn issir u l-ewwel ċaqlieqa għandha tiġi mill-qassisin."

Kieku fil-quddies tal-Ħadd speċjalment, min jaf ikanta jmexxi lkant u oħrajn jgħinu fit-tqarbin u oħrajn iqarru u oħrajn jieħdu ħsieb l-abbatini... kieku jkun hemm aktar għaqda bejnietna stess. U jkun hemm aktar għaqda bejnietna stess. U jkun hemm aktar ferħ li għandu jkun il-karatteristika ta' Jum il-Ħadd — il-jum tal-Mulej.

Jħgaċqadna mal-Fidili: jew malkommunità parrokkjali. S'issa ħafna għaḍhom jiġu l-Knisja nhar ta' Ħadd. Żgur li ħafna minnhom ma jafux għaliex. Jiġu għax drawwa. Dan jidher mill-mod kif iġibu ruħhom; jidħlu tard, joħorġu kmieni, jinħbew wara xi pilastru, kultant jitkellmu jew joqgħodu f'pożizzjoni li xejn ma turi li qed jieħdu nteress f'dak li qed isir. Kultant jidħlu wkoll bi lbies mhux xieraq.

Jekk aħna niħalltu aktar magħhom, nhar ta' Ħadd, dan jista' jgħinhom ħafna. Nkunu fosthom mhux bħala C.I.D. imma bħala ħbieb tagħhom. Anke minħabba l-preżenza tagħna biss fosthom, ċertu difetti li semmejna jinqatgħu u huma jedukaw ruħhom bil-mod il-mod għal aktar parteċipazzjoni f'dak li jkun qed isir.

Imma aħna x'qed nagmlu? Ngħidulhom jiġu l-knisja u lilna rari jarawna ħlief il-ftit mumenti li nkunu nqaddsu. Ngħidulhom jiġu għalladorazzjoni u aħna ma mmorrux. Irriduhom ikantaw u aħna ma niftħux ħalqna.

Kultant jiġri li tant għandna quddies f'xulxin li ma jkollniex ċans la li norganizzaw tajjeb u wisq anqas li niltaqgħu man-nies. Ningħaqdu wkoll mal-fidili billi nippreparaw tajjeb l-omelija. Ma nistgħux nippretendu li nafu biżżejjed u naqbdu nitkellmu bla preparazzjoni tajba. U aktar ma nsiru nafu n-nies aktar inkunu nistgħu ninżlu għall-livell talpoplu. Huwa dmir gravi tagħna li nippreparaw meta nafu li dawk li se jisimgħuna (kultant mijiet) aktarx indumu ġimgħa oħra ma jerġgħu jidħlu fil-knisja.

U l-aħħar ħaġa. Fil-weekends ġeneralment isiru l-parties, tiġijiet engagements etċ. Hafna drabi nkunu mistiedna għal dawn l-okkażjonijiet. Hawn ukoll hu mezz ieħor kif il-Ħadd ilaqqgħana mal-fidili. Mhux fit-talb biss imma wkoll f'mumenti ta' festa. Jidhirli li dawn l-okkażjonijiet m'għandniex nitilfuhom. Fihom nistgħu niltaqħgħu ma' nies li ma narawhomx bħadi oħra. U joħorġu frott żgur. Basta aħna ma ninsewx li qegħdin hemm ukoll bħala qassisin u mhux nattendu biss biex nixorbu l-whisky.

L-OSSERVANZA TA' JUM IL-MULEJ F'MALTA KIF JARAHA LAJK

V. Mulè Stagno

Jidher li f'Malta l-osservanza tal-Ħadd mhix mieqsa, almenu għal dik li hi attendenza għall-Quddies. Hekk jinnutaw il-Maltin li jsiefru, kif ukoll il-barranin li jiġu Malta.

Jinħass iżda, jekk wieħed jidħol aktar fil-fond, li din l-osservanza, għalkemm hija drawwa mferrxa sew, għandha aktarx l-għeruq tagħha fit-tradizzjoni, u hija pjuttost imbuttata mill-momentum ta' l-imgħoddi milli mqanqla spontanjament minn xi motivi tal-fidi.

Il-"mistrieħ" ta' jum il-Ħadd ma jidhirx li qed jintuża bħala spazju għal Alla, iżda pjuttost bħala vojt għad-divertiment u għall-kumdita' personali — jekk nistgħu **neħilsu** mill-Quddiesa s-Sibt tant aħjar, biex il-Ħadd ikun kollu tagħna; — F'xi każi anzi nsibu wkoll fit-tendenza li f'jum il-Ħadd wieħed ifittex 'l Alla inqas flok aktar: il-viżita lil Ġesu' Sagramentat u r-Rużarju fil-familja, li wieħed forsi jinfilza mar-rutina tax-xogħol matul il-ġimgħa, għandu mnejn ma jsibx spazju għalihom bejn xi ħarġa u l-programmi tat-T.V. ta' nhar ta' Ħadd.

L-attendenza fil-knisja hija mbagħad x'aktarx assoċjata ma' sinjali li xejn ma juru applikazzjoni mill-qalb għal dak li jkun qed jiġi ċċelebrat: min jidher mgħaġġel; min jidħol tard; min jibqa' ħdejn il-bieb ħalli jdabbar rasu kmieni; min jidher indifferenti — forsi jaqra l-gazzetta! U dan mhux dejjem b'tort esklussiv tal-kongregazzjoni li f'ċerti każi issib sitwazzjonijiet u problemi li xejn ma jħeġġu lil dak li jkun ħalli jġib ruħu aħjar: ċerti knejjes huma diżordinati; rari tara saċerdoti għas-sorveljenza u għal servizzi oħra barra ċ-ċelebrant; ftit huma l-knejjes attrezzati biex jiġbdu l-attendenza ta' koppji żgħażagħ bit-tfal; ftit huma l-omeliji li jqajmu interess; xi saċerdoti ġieli jidhru huma wkoll fuq ix-xwiek biex jeħilsu ...

F'atmosfera bħal din ma niskantawx li tintilef id-dimensjoni divina u s-sens ta' ċelebrazzoni (!) li suppost janimaw l-attività' ta' jum il-Mulej; ma niskantawx li tikber l-assenza għall-inqas raġuni; li tikber il-passività' u jiġi skoraġġit kull inpenn u attività'; li ħafna jfittxu parroċċi barra minn tagħhom fejn forsi jsibu inqas diżordni; li ħafna jitbiegħdu mill-formalità' ta' gruppi żgħar fejn isalltan ukoll is-sens komunitarju, kważi ineżistenti fil-parroċċa.

Dwar ix-xogħol, għalkemm forsi mhux fuq skala kbira, dan isir ukoll u jidher li qed jiżdied. Jidher ukoll li dan qed isir dejjem iżjed fil-miftuħ mingħajr ebda sforz biex jiġi evitat l-iskandlu. Dan barra milli x-xogħol neċessarju żdied ħafna wkoll u f'moħħ dawk li jagħmluh l-idea talmistrieħ nhar ta' Ħadd m'għandiex sinjifikat.

Hawn ukoll is-sitwazzjoni hija problematika billi ftit huma dawk li jistgħu jqabbdu 'l ħaddieħor jagħmel xogħol li fil-parti kbira jkunu kapaċi jagħmlu huma fl-uniku ħin disponibbli — dak ta' tmiem il-ġimgħa. Oħrajn jirraġunaw li la huwa leċitu taħdem għall-knisja nhar ta' Ħadd, m'għandux ikun mod ieħor għall-bżonnijiet personali.

Problema oħra li ħolqot ambigwità' f'moħħ il-Maltin kienet it-

tneħħija riċenti tal-festi kmandati li, għalkemm mhumiex strettament "jiem il-Mulej" bħall-Ħadd, dawn minn dejjem kienu assoċjati flimkien sa minn fuq il-bank tal-katekiżmu.

Il-katekesi, dik ta' l-adulti, forsi hija l-aktar ħaga li tinħass nieqsa dwar dan is-suġġett billi l-Malti għadu bażikament radikat f'mentalità' każistika u legalistika li, wkoll fl-aqwa tagħha, ittellef millaʼmosfera u s-sens oriġinali posittiv ta' **ċelebrazzjoni** li jridu jitrawmu qabel ma Jum il-Mulej jista' jiġi mħares kif jixraq għall-finijiet kollha tiegħu. Il-valur terapewtiku, dak psikoloġiku u soċjali tal-kult kif ukoll tal-mistrieħ mixxogħol u l-eriġenza ta' riġenerazzjoni spiritwali sistematika, li kollha jistgħu jiġu milħuqa bl-osservanza xierqa ta' jum il-Ħadd, mhumiex magħrufin sew, li b'hekk ħafna jaslu li jfittxu alternattivi artifiċjali u sistetiċi fi sfond sekulari biex jissodisfaw l-isteps esiġenzi meta għandhom mezzi faċli li kilfu l-apprezzament tagħhom. Forsi bħal meta skartajna l-Qrar u bdejna morru għand il-psikjatra.

Rapporti tal-ħidma tal-Kummissjonijiet u Uffiċċji Dpoċesani

KUMMISSJONI EMIGRANTI U TURISTI

Is-Segretarjat tagħna, magħruf bħalia 'KUMMISSJONI EMIGRANTI U TURISTI iħaddan fih l-attivitajiet tal-Knisja fl-aspett ta' movimenti:-

Il-Kummissjoni Emigranti
l-Apostolat tal-Baħar
L-Apostolat ta' l-Avjazzjoni
St. Paul Tourist Council.

Marbuta ma' dawn il-ħidmiet prinċipali u d-diversi ħidmiet tagħhom, hemm il-Catholic Enquiry Centre u l-Catholic Information Centre, il-Kummissjoni Ekumenika u non-Kristjani, is-Segretarjat tas-Saċerdoti Maltin barra mid-Djoċesi u l-Moviment Missjunarju.

Hu Segretarjat wiesa, diffiċli u responsabbli: **wiesa** għaliex jilħaq ħafna nies; **diffiċli** għaliex dawn huma nies li jekk huma Maltin mhumiex residenti Malta, jekk huma barranin huma residenti f'Malta għal xi żmien u mhumiex neċessarjament Kattoliċi, **responsabbli** għaliex irid jagħti xhieda tal-ħajja kattolika f'Malta lill-barranin.

1. IL-KUMMISSJONI EMIGRANTI hi għas-servizz ta' l-emigranti, qraba ta' l-emigranti, emigranti prospettivi, saċerdoti missjunarji ta' l-emigranti, u kull min jaħdem għall-ġid ta' l-emigranti, kemm barra minn Malta kif ukoll f'artna.

Dar l-Emigrant hi għas-servizz tal-Maltin li riturnaw lura Malta u għalhekk kenn lill-Maltese American Association u Friends of Australia Association, tal-kommunitajiet barranin residenti f'Malta ta' lingwa Ingliża, Taljana, Tedeska u Franċiża.

Dar l-Emigrant hi ċentru ta' laqgħat dwar il-policies li jeffettwaw lill-emigranti Maltin u venue ta' laqgħat ma' personalitajiet li jinteressaw rwieħhom mill-emigranti u rifuġjati.

Il-Kummissjoni Emigranti hi affiljata mal-Kummissjoni Pontificia per l-Emigrazione e Turismo, hi membru tal-Kunsill tal-International Catholic Migration Commission u tal-Catholic Committee for Intra-European Migration, tal-Cor Unum u hi rikonoxxuta mill-Uffiċċju tal-United Nations High Commission for Refugees u tal-Inter-Governmental Committee for Migration. Iżżomm relazzjonijiet mal-ambaxxati konċernati.

Il-ħidma tal-Kummissjoni Emigranti tinqasam fi tlieta:—

SOĊJALI u għalhekk tagħti servizz ta' Social Work, torganizza korsijiet ta' thejjija għall-emigrazzjoni (Migrants' Training Courses) ta' tagħlim ta' Ingliż għall-Emigranti prospettivi u ta' tagħlim tal-Malti (Maltese Language Courses) għal ulied l-emigranti li jirriturnaw lura jew jiġu Malta għall-holidays, torganizza magħmudijiet, tagħti korsijiet ta' katekumenat, thejji lit-tfal u l-adulti għall-Griżma ta' l-Isqof, tagħti pre-nuptial talks lin-non Catholics li jiżżewġu ma' Maltin Kattoliċi u torganizza 'Convalidation of Marriages'.

MASS MEDIA. Tipparteċipa fin-nofs siegħa xandir fil-Ġimgħa fuq il-mezzi tan-xandir 'Magazine ta' l-Emigranti'; toħroġ il-"Lil Hutna"; toħroġ press releases u żżomm kuntatti mal-mezzi ta' komunikazzjoni (radio u stampa) għall-emigranti Maltin. Tagħti s-servizz tal-'Migration Research Centre'.

Il-programm tal-Kummissjoni Emigranti jsir b'żewġ modi: dak ta' kulljum jew skond orarju u dak li jimxi b'kalendarju ma' l-istaġuni.

L-uffiċċju tal-Kumissjoni Emigranti jiftaħ kulljum: Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.00 a.m. — 12.30 p.m. u mit-3.00 p.m. — 6.30 p.m.; nhar ta' Sibt: 8.00 a.m. — 1.00 p.m.

A.

(a) l-għadd ta' każi ġodda miftuħa matul is-sena 1983 kien:

Australia	189
Kanada	173
U.K.	86
Żwiġijiet	42
	490

(b) l-għadd ta' files f'idejn il-Kummissjoni Emigranti hu:

Australia	8226
Canada/USA	5598
U.K.	3832
Żwiġijiet	300
Total	15956

(ċ) l-għadd ta' każi ġodda fis-sena 1982 kien relattivament baxx. Iżda meta wieħed iqis li l-bibien ta' l-emigrazzjoni għall-Awstralja, Kanada u r-Renju Unit ingħalqu prattikalment għal kollox, wieħed jifhemm malajr li l-counselling kien ikbar. Barra minn dan ma nfetħux każi ġodda fuq files li kienu ġa jeżistu bħal enquiries, wirt, mewt, ħabs, adoptions, żwiġijiet eċċ.

B.

(a) Kull tielet Erbgħa tax-xahar ġiet organizzata l-Griżma ta' l-Isqof: matul is-sena 1982 is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof ġie amministrat lil 168 tfal u 14 adulti. Irċevew l-Ewwel Tqarbina 82 tfal u 1 adult. (Dawn ma jinkludux it-tfal Taljani u Tedeski).

(b) Matul is-sena ġew imħejjija għall-Magħmudija b'kors ta' katekumenat 9 adulti u 3 tfal. Ġew mgħammda wkoll 3 trabi jew infants.

(ċ) Ġew konvalidati 3 żwiġijiet u mogħtija kors lil 10 koppji.

Ċ.

(a) Ġew organizzati tliet courses 'Good wife to a foreigner' li bdew f'Marzu, Ġunju u Novembru. Għalihom attendew tfajliet li kienu se jiżżewġu jew ma' emigranti jew barranin (Taljani, Tedeski, Ingliżi, Skoċċiżi, Olandiżi, Belġjani, Pakistani, Amerikani, Griegi, Afrikani).

(b) Żewġ Courses ta' orjentazzjoni li bdew fi Frar u Novembru lill-emigranti prospettivi. Dan hu kors popolari ħafna li għalih prattikament jattendu dawk li se jkunu jemigraw għall-Awstralja.

I. Il-qraba ta' l-emigranti mhux biss ġew mgħejjuna biex iżuruhom fi gruppi jew għal xi okkażjoni bħal twelid, għerusija, żwieġ, mewt, diżgrazzji oħra iżda l-gruppi ġew ippreparati b'laqgħat għal dawn il-visti importanti u ta' ġid.

Il-Kummissjoni Emigranti imbagħad għandha kalendarju staġjonali tagħha.

Fir-Rebbiegħa (Marzu/Mejju) tikkonċentra fuq Jum l-Omm u torganizza lotterija ta' ticket b'xejn għall-Awstralja u Kanada/Stati Uniti bejn l-ommijiet li ilhom ma jiltaqgħu ma' uliedhom għal tliet snin. Din hi l-ħmistax-il darba li l-Kummissjoni Emigranti organizzat din il-lotterija. Torganizza wkoll it-tqassim tal-Hampers lill-ommijiet, offruti minn uliedhom; il-ħarġa popolari għall-ommijiet ta' l-emigranti u laqgħa soċjali għall-ommijiet ta' saċerdoti u reliġjużi li qegħdin jaħdmu għall-knisja bogħod minn artna. Jum l-Omm hu rivelazzjoni: Il-kobor ta' l-omm f'qalb il-Maltin u l-firxa tal-ħidma tal-knisja Maltija fid-dinja.

F'Marzu ssir il-vista lill-War Graves.

Fis-sajf (Ġunju/Awissu) il-ħidmiet prinċipali huma erbgħa:-

1) il-Griżma lit-tfal ta' l-emigranti: lezzjonijiet tal-katekiżmu, laqgħat tal-ġenituri, rehearsals, qrar, parties... 2) flights għall-Kanada u l-Istati Uniti; 3) socials għall-visiting migrants; 4) laqgħa ma' l-Arċisqof għas-Saċerdoti li jiġu minn barra għal btala.

Fil-Harifa (Settembru/Novembru) attendenza għal-laqgħat internazzjonali (ICMC ĠENEVA, RUMA), funzjoni taċ-Ċimiterju u preparazzjoni għall-korsijiet.

Fix-Xitwa (Diċembru/Frar) Jum l-Emigranti, niffokaw fuq it-tqassim tal-hampers li l-emigranti jibgħatu lil qrabathom għall-okkażjoni tal-Milied, il-Christmas Party, il-Gruppi għall-Awstralja.

Din is-sena organizzajna refresher courses għas-Social Workers li ġbarna flimkien ma' nies esperti biex nistudjaw il-liġijiet li jeffettwaw lilli-emigranti u tfajna ż-żerriegħa għal twaqqif ta' English Ladies Group u nisperaw li jieħu l-ħajja matul issena li ġejjna.

Dar l-Emigrant rat diversi ambaxxaturi, Migration Officers u membri ta' organizazzjonijiet Internazzjonali deħlin għal raġunijiet ta' studju; saret iċ-ċentru tal-gruppi residenti u l-veru pont bejn il-Maltin ta' Malta u l-Maltin ta' barra.

2. IL-ĦIDMA TA' L-APOSTOLAT TAL-BAĦAR tiddependi mill-għadd ta' vapuri li jidħlu Malta. Il-programm tiegħu naqas ħafna. Iżda baqa' jopera l-ħidma tiegħu fil-knisja ta' Liesse u ta' Ċejlu. Il-ħidma tiegħu baqgħet preżenti fost in-nies tax-xatt u l-baħħara. Ma naqasx il-Quddies abbord u l-viżti fuq il-vapuri kull meta dan kien possibbli.

3. L-APPOSTOLAT TA' L-AV-

JAZZJONI permezz tad-Direttur jew Kappillan tal-Airport jopera mill-Kappella St. Christopher & St. Barbara fiż-żona militari ħdejn l-Air Terminal, Luqa.

Il-Kappella hi miftuħa kuljum mis-6.00 a.m. sad-9.15 p.m. Is-Sibt isiru żewġ Quddisiet fil-għaxija: 5.30 p.m. u 7.15 p.m. u l-Ħadd ikun hemm 4 Quddisiet: 7.30 a.m.; 8.15 a.m.; 11.00 a.m. (għat-Taljani) u 12.30 p.m. Isir Quddies kuljum fin-12.35 p.m. Fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar issir Quddiesa wkoll fl-Air Malta Head Offices fin-12.30 p.m.

Il-Kappella hi għas-servizz tal-Airport Personnel u għalhekk tilħaq l-Air Crews, l-Air Malta Ground Staff, Customs Officers, Security Corps, Airport Police, Immigration Officers, Control Tower, Mets, Comms Staff, Taxi-Drivers, Task Force, Armed Forces, Dejma Corps u Italian Military Mission.

L-uffiċċju tal-Kappillan ikun miftuħ kuljum bejn is-1.30 p.m. u 5.30 p.m.

Jinżammu l-festi tal-Madonna ta' Loretu, Patruna ta' l-Avjazzjoni u ta' S. Barbara, Patruna tal-Forzi Armati.

Il-Kappillan ta' l-Airport għandu r-rokna tiegħu fil-magazine mensili ta' l-Air Malta 'Flying Colours'.

Il-Kappillan ta' l-Airport Fr. Daniel Sammut jaħdem id f'id mal-Kappillani tal-Forzi Armati Fr. Patrick Cachia u mal-Kappillan tal-Komunità Taljana Fr. Joe Bajada.

4. L-attività b'risq it-Turisti tinqasem f'erbgħa setturi:-
   1. St. Paul Tourist Council.
   2. Chaplaincies tal-komunitajiet tal-lingwa Ingliża, Taljana, Tedeska u Franċiża.
   3. Kappillani Hotels
   4. Quddies fuq ix-xtajtiet fis-sajf.

Is.St. Paul Tourist Council irid jagħti servizz ta' tagħrif Kristjan lit-turisti u responsabbli li jagħti xhieda tal-ħajja kattolika lit-turisti li jżuru artna.

Dan il-Kunsill jiltaqa' darba kull xahar u żamm bħala attivitajiet prinċipali: is-seating għall-proċessjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u l-visti tal-Cribs. Ma żammux il-visti ta' Sta Marijiet u naqqas mit-Tours tal-knejjes lejliet il-festi. Iżda żamm kuntatt mal-Board tat-Turiżmu biex jinfurmah bil-festi u bagħat lill-gazzetti t-Test Uffiċjali tal-Kummissjoni Pontificia għall-okkażjoni ta' Jum it-Turiżmu.

Il-Kappillani personali żammew il-Quddies bl-Ingliż f'diversi ċentri, il-Quddies bit-Taljan f'Sta. Katerina u l-Quddies bil-Franċiż u Tedesk f'Sta Barbara.

Il-Kappillan tal-lingwa Ingliża sab diffikultajiet mal-Parish Council li ilu jeżisti u jaħdem snin twal. Il-Kappillan tat-Taljani għall-kuntrarju waqqaf il-Kunsill Parrokkjali u sejjer tajjeb ħafna. Il-Kappillan tat-Tedeski hu attivissmu bid-diversi ħidmiet li titlob kappellanija.

Il-Kappillan tal-Franċiżi iċċelebra wkoll il-festa ta' Santa Giovanna d'Arco.

Hadt gost nara inizjattiva titwieled fi ħdan il-Kummissjoni Emigranti b'risq in-nisa Ingliżi residenti f'Malta.

It-Turisti naqsu. L-għadd ta' residenti naqas u xjieħ, għalhekk anki dan is-settur għadda minn żmien diffiċli din is-sena. Iżda x-xrar għadu hemm. Malli wieħed jonfoħlu jsib il-ġamar. Is-Saċerdoti baqgħu jagħtu s-servizz tagħhom fil-lukandi u jieħdu ħsieb il-personnel fiż-żminijiet sbiħ tal-Milied, il-Għid u fil-festi ta' devozzjoni. Spiċċat il-festa

ta' Sta. Marta, Patruna tal-Lukandiera. Il-Quddies fuq ix-xtajtiet ta' l-Għadira, l-Armier u l-Bajja ta' San Tumas kompla jsir.

5. IL-ĦIDMA EKUMENIKA. Malta hi kattolika. Iżda l-edukazzjoni filkamp ekumeniku u fil-kamp tannonkristjani hu meħtieġ. Ġie mħares l-Ottavarju tal-knejjes u nżammu kuntatti tajba mal-ministri taddenominazzjonijiet l-oħra. Il-kamp tan-nonkristjani ma qabadx ritmu tajjeb.

SEGRETARJAT ĦIDMA SOĊJALI U KARITATIVA (CARITAS MALTA)

Ikun ta' siwi jekk fil-bidu tar-Rapport Ġenerali għas-snin 1981/83 nagħti ħarsa lejn l-orjentament li kien ġie deċiż mill-Assemblea Ġenerali tas-Segretarjat li kienet saret fl-1980.

Dak in-nhar, l-Assemblea Ġenerali approvat Pjan ta' Azzjoni u iddeċidiet li l-ħidma tas-Segretarjat kellha tikkonċentra fuq dawn is-setturi li ġejjin:

a. Id-Djar ta' l-Anzjani tal-Knisja jkomplu jtejbu u jiżviluppaw is-servizzi tagħhom.

b. Jiġi żviluppat programm ta' għajnuna lill-parroċċi bil-għan li l-kommunità parrokkjali ssir taf bilħtiġijiet tan-nies fil-bżonn, jitħarrġu grupp ta' nies mill-għaqdiet tal-parroċċa u nies volontarji oħra; u jingħataw servizzi skond il-ħtiġijiet li jkun hemm fil-parroċċa.

ċ. Jissokta l-iżvilupp tat-taħriġ talvoluntieri tal-Caritas.

d. Jinfirxu iżjed is-servizzi ta' pariri li l-Caritas qed tagħti liż-żgħażagħ fid-diffikultà u lill-familji li jeħtieġu l-għajnuna.

e. Jingħataw is-servizzi tal-voluntieri tal-Caritas fil-Crisis Intervention Centre li kellu jinfetaħ iżjed tard.

f. Tingħata għajnuna lill-inkapaċitati, speċjalment lill-għomja fi djarhom.

Id-Djar ta' l-Anzjani

1.1 Fil-15 ta' April 1980, twaqqfet fi ħdan is-Segretarjat il-Kummissjoni tas-Superjuri tad-Djar tal-Knisja għall-Anzjani. Dawn jgħoddu erbatax-il Dar. B'riżultat tal-laqgħat li baqgħu jsiru regularment, il-Kummissjoni ħadet diversi deċiżjonijiet li bihom tejbet u żviluppat is-servizzi li dawn l-istituzzjonijiet jagħtu lill-anzjani li jgħixu fihom, li llum ilaħħqu 500 raġel u mara.

1.2 Suġġett importanti kien dak ta' struttura waħda ta' ħlasijiet li tkun tgħodd għall-anzjani kollha li jkunu jridu jidħlu jgħixu fid-Djar tal-Knisja. Ġiet miftehma l-ogħla rata li tista' tintalab kif ukoll il-prinċipju li għandhom ikunu aċċettati anke dawk l-anzjani li m'għandhom l-ebda dħul ta' flus ħlief il-pensjoni. Kważi d-Djar kollha ffirmaw dan il-ftehim fondamentali.

1.3 Id-Djar kollha llum għandhom l-istess sistema ta' kif iżommu record ta' l-anzjani li jidħlu fihom billi addottaw formola waħda bejniethom li qed tintuża minnhom ilkoll.

1.4 Sar titjib strutturali f'diversi Djar Inxtara wkoll tgħammir biex

jirrendi l-ħajja ta' l-anzjani fid-Djar aktar komda. Qed tingħata 'Occupational Therapy' f'xi whud mid-Djar. Hafna mid-Djar illum għandhom il-'Common Room' li fiha jistgħu jingħabru l-anzjani biex jitkellmu flimkien, jaqraw kotba u rivisti u gazzetti, jaraw it-televiżjoni f'ambjent sabiħ.

1.5 Il-Kummissjoni saħqet ferm fuq il-ħtieġa ta' ikel sustanzjuż u varjat, ħaġa li tgħin ħafna għall-kuntentizza tal-anzjani fid-Djar. Saħqet ukoll fuq il-ħtieġa li l-istaff tad-Djar jibni relazzjonijiet personali mar-residenti, jiltaqa' magħhom regularment u jiddiskuti magħhom ħwejjeġ li jolqtu lilhom.

Is-Sena ta' l-Anzjani

2.1 Avolja ma ġietx dikjarata hekk uffiċjalment mill-Ġnus Magħquda, s-sena 1982 kienet iddedikata għall-anzjani u hawn Malta s-Segretarjat ta s-sehem tiegħu biex titqajjem kuxjenza dwarhom fi ħdan il-kommunità.

2.2 Fi Frar 1982, saret Assemblea Ġenerali għall-Gruppi Parrokkjali li jaħdmu fost in-nies fil-bżonn, bilgħan li jiddiskutu fuq l-"Anzjani, Membri Sħaħ tal-Kommunità". Hadu sehem 250 anzjani u voluntari u l-kelliema ewlenin kienu Mons. Victor Grech, Dr. Quareshi Hayat, epidemjologu, u s-Sur Charles Pace, assistent soċjali psikjatriku.

2.3 Il-Kummissjoni tas-Superjuri tad-Djar ta' l-Anzjani waqqfet Sottu-Kummissjoni apposta biex thejji diversi inizjattivi favur l-anzjani.

F'April 1982, saret Ġurnata Flimkien għal dawk li jaħdmu fost l-anzjani u fiha 24 sorijiet u 10 voluntiera tal-Caritas qasmu flimkien ir-riflessjonijiet tagħhom dwar l-aspett spiritwali tal-ħidma fost l-anzjani.

2.4 F'Mejju 1982, ġie organizzat Seminar ta' jumejn għal dawk kollha li jaħdmu fost l-anzjani fil-parroċċi u fid-Djar ta' l-Anzjani. Hadu sehem bħala kelliema ewlenin: Sr. M. Joseph Ignatius tal-Little Sisters of the Poor minn Franza u Father Brian Connolly, qassis mill-Irlanda, attiv ħafna fil-Moviment Internazzjonali ta' l-Anzjani: LA VIE MONTANTE. F'dan is-Seminar l-attenzjoni kienet ikkonċentrata fuq l-ispiritwalità u l-psikoloġija ta' l-anzajni.

Ċentrali għall-Anzjani

2.5 Fil-livell parrokkjali infetħu seba' ċentri għall-anzjani fil-parroċċi ta' S. Girgor Sliema, S. Ġiljan, Żejtun, Kunċizzjoni Hamrun, Ħal Tarxien, S. Ġużepp Haddiem Birkirkara u Ħal Balzan. Fihom jattendu 250 anzjani għal attivitajiet soċjali, kulturali, edukattivi u reliġjużi. Wieħed jinnota li minnhom 220 huma nisa u 30 biss huma rġiel.

Irrid insemmi l-fatt li s-Sorijiet tal-Karità f'Ħal Tarxien u s-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù fiż-Żejtun offrew b'xejn il-lokal tagħhom biex fih jinfetħu ċ-ċentri għall-anzjani. U l-Little Sisters of the Poor fil-Ħamrun u fin-Naxxar qed ihejju parti mid-Djar tagħhom biex tkun tista' tintuża għall-istess għan. F'Jannar 1982, is-Sottu-Kummissjoni kienet bagħtet ittra lill-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri tas-Sorijiet b'suġġerimenti dwar is-sehem tar-reliġjużi fil-ħidma fost l-anzjani. Issemmew ċentri għall-anzjani, offerta ta' ikla sħuna lil dawk l-anzjani, l-iżjed irġiel, li jgħixu weħidhom.

Kotba għall-Anzjani

2.6 Il-Caritas fehmet il-ħtieġa li jkun hawn letteratura stampata

b'tipi kbar apposta għall-anzjani u waqqfet Kummissjoni għal dan, li s-sena li għaddiet ippublikat il-Vanġelu ta' San Mark bil-prezz irħis ta' 20ċ, grazzi għall-koperazzjoni finanzjarja tal-Inter Wheel Club ta' Malta.

Laqgħat Flimkien

2.7 L-anzjani ġew imlaqqgħin flimkien b'inizjattiva tal-Caritas għal diversi drabi tul l-istess sena: darbtejn għall-Festa ta' lAnzjani, li fiha talbu u daħku u ħadu sehem f'Quddiesa; darba għal Wirja ta' Xogħolijiet maħdumin minnhom; u darbtejn oħra biex jieħdu sehem fl-Avvent fit-thejjija li qed issir f'Malta u Għawdex għall-Kungress Marjan tal-1983.

Il-Gruppi Parrokkjali

3.1 Il-Caritas matul dawn is-sentejn li għaddew offriet is-servizzi tagħha lill-kappillani biex tgħinhom joħolqu kuxjenza dwar in-nies fil-bżonn fost il-membri tal-kommunità tagħhom. Kien sar esperiment fl-1979 fil-parroċċa ta' Bormla u llum nieħu gost ngħid li kienu diversi l-kappillani li, f'dawn l-aħħar sentejn, talbu lil Caritas is-servizzi tagħha biex tikkordina l-ħidma soċjali fil-parroċċa tagħhom, tagħti taħriġ lill-voluntieri lokali li tibqa' tgħinhom fil-formazzjoni tagħhom.

Il-Caritas sa llum setgħet tilqa' t-talba ta' tlettax-il kappillan: San Duminku - Valletta, Rabat, Kunċizzjoni - Hamrun, Żejtun, Fgura, San Bastjan - Hal Qormi, Naxxar, San Ġużepp Haddiem - Birkirkara, Żurrieq, l-Isla, l-Imsida, Kristu Re - Raħal Ġdid u San Pawl - Valletta. F'dawn il-parroċċi llum hemm grupp parrokkjali li ħa jew qed jieħu taħriġ ta' sitt xhur, li għamel inkjesta fost innies tal-parroċċa biex isir jaf sew il-ħtiġijiet li jeżistu, ikkonċentra fuq dak li deherlu li hu l-ewwel bżonn fil-parroċċa.

3.2 Hawn min għażel l-anzjani li joqgħodu weħidhom, hawn min għażel l-inkapaċitati, hawn min għażel il-familja. Diġà semmejt iċ-Ċentri ta' l-Anzjani li whud minn dawn il-gruppi rnexxielhom iwaqqfu. Illum hawn parroċċi fejn voluntiera minn għaqdiet diversi u oħrajn li qatt ma kienu f'għaqda, qed jaħdmu flimkien f'inizjattivi li bihom l-inkapaċitati żgħażagħ iħossuhom integrati maż-żgħażagħ l-oħrajn; jew qed ikollhom min jeħodhom regularment il-baħar fil-jiem tas-sajf fl-istess bajjiet popolari fejn imur ħaddieħor; jew li l-anzjani li joqogħdu weħidhom qed ikollhom min iżurhom regularment u jagħti każhom.

3.3 Mhux il-gruppi kollha mexjin bl-istess ritmu fl-iżvilupp tagħhom, iżda l-Caritas hija konvinta minn ħaġa waħda: permezz tagħhom innies tal-parroċċa bil-mod il-mod jaslu biex jintebħu aħjar bir-responsabbiltà li huma lkoll għandhom lejn dawk fosthom li jsibu rwieħhom fid-diffikultàjiet tal-ħajja. Huwa fil-livell lokali jew parrokkjali li l-wiċċ sabiħ tal-Knisja li taqdi jista' jidher u jintmess fil-ħajja konkreta ta' kuljum. Jidhirli li bis-servizz li qed tagħti lill-parroċċi l-Caritas iżjed waslet biex tilħaq il-għan tagħha: dak li tagħmel il-Knisja kollha CARITAS ħajja, imħabba inkarnata fost innies li għandhom bżonn.

Il-Kommunità tal-Voluntiera

4.1 Kien pass għaqli tal-Caritas meta fl-1977 għarfet tinqeda bir-riżorsi sbieħ taż-żgħażagħ tagħna u twaqqaf grupp ta' voluntiera lesti li jagħtu mħabbithom u ħinhom lin-

nies fid-diffikultajiet. Illum dal-grupp kiber u ssaħħaħ, il-kommunità tal-voluntiera żżewqet b'diversi koppji miżżewġa, infirxet fost mijiet ta' żgħażagħ oħra li bħala awżiljarji qed jaħdmu spalla ma' spalla mal-voluntiera tagħha; u twaqqaf il-grupp sabiħ magħruf bħala Koperaturi tal-Caritas li jaħdmu biex jiksbu fondi li bihom jista' jissokta x-xogħol li qed dejjem jikber.

Hidma fost in-nies fil-bżonn

4.2 Il-voluntiera tal-Caritas imorru regularment fil-ħafna Djar ta' l-Anzjani u tat-Tfal li għandha l-Knisja u jagħtu attenzjoni individwali lir-residenti tagħhom. Għandhom kuntatt regulari ma 'ommijiet miżżewġa, prostituti, familji mkissrin, persuni li qegħdin jew li kienu għall-kura mentali, tfajliet u nisa li qed ibatu emozzjonalment. Igħinu fis-servizz ta' pariri, fil-ħruġ tal-fuljett regulari tal-Caritas magħruf bħala INFORM, fiċ-Ċentru ta' Dokumentazzjoni li ftit ftit qed jinbena fl-Uffiċċju tal-Caritas, fil-gruppi parrokkjali u fiċ-Ċentri għall-Anzjani. Żvilupp ieħor fi ħdan il-kommunità tal-voluntiera kien il-pass ġeneruż li bdew jagħmlu wħud minnhom li qed jiftħu mhux biss qalbhom iżda wkoll djarhom għal nies emozzjonalment disturbati, li jkunu jeħtieġu kenn għal xi żmien.

4.3 L-Awżiljarji huma mseħbin mal-kommunità fil-ħidmiet kollha li għandhom, kif ukoll fis-servizz ta' 'reception' fl-uffiċċju tal-Caritas. Uħud minn dawn l-awżiljarji tant jidħlu fil-qalb fil-ħidma tagħhom li jintagħżlu biex jissieħbu fil-kommunità bħala membri sħaħ.

4.4 Il-Koperaturi tal-Caritas, minkejja li huma ommijiet tal-familja, isibu l-ħin biex jiltaqgħu kull xahar, jidħlu għal diversi inizjattivi li bihom jiffinanzjaw il-ħidmiet tal-Caritas u jgħinu lill-Istaff u s-servizzi diversi tal-Caritas.

4.5 Jixraq li nsemmi wkoll il-fatt li llum fost il-voluntiera tal-Caritas jeżisti grupp ta' dawk li jridu jagħtu għadd ta' snin minn ħajjithom għan-nies fid-diffikultajiet; u xi whud minnhom qed jimmaturaw l-ideja li jagħżlu das-servizz bħala l-ħajja permanenti tagħhom.

Formazzjoni tal-Voluntiera

4.6 Dan l-iżvilupp seta' jsir biss bħala frott tal-formazzjoni nisranija li l-Caritas tqis bħala indispensabbli għal min irid jgħin lill-bniedem fil-bżonn. Dil-formazzjoni tfisser laqgħa kull ġimgħa, seminars, irtiri fi gruppi żgħar u fi grupp kbir, ħajja ta' kuntatt personali mal-Mulej u familjarità ma' l-Ewkaristija u l-Kelma t'Alla.

4.7 Din il-formazzjoni ma tingħatax biss fuq livell spiritwali iżda jingħata wkoll taħriġ soċjali. L-iskop tal-laqgħat soċjali huwa li jiżviluppa fil-membri l-kapaċitajiet tat-Tmexxija, Ħidma fi Gruppi, Ippjanar, eċċ. Hekk il-membri jiġu mħarrġa bħala mexxejja biex ikunu jistgħu jħarrġu lil ħaddieħor huma stess.

4.8 Taħriġ soċjali jingħata wkoll lill-voluntieri tal-iS.P.A.S. minn Frar sa Mejju 1981. Dan il-Kors li tfassal b'kordinament ma' l-Azzjoni Kattolika, kien jittratta dwar il-kwalità ta' relazzjoni li l-voluntier għandu jkollu ma' l-anzjan, il-familja, u l-morda; kif ukoll dwar ir-riżorsi fil-kommunità u l-użu tagħhom.

4.9 Ġie organizzat ukoll, bejn Mejju u Lulju 1981, Kors għall-istaff u l-voluntiera li jaħdmu fid-Djar ta' l-Anzjani. Dan il-Kors kien jikkonsisti f'għaxar laqgħat, u fih ġew

diskussi l-ħtiġijiet fiżiċi, spiritwali, psikoloġiċi u soċjali ta' l-anzjani.

Servizz ta' Parir

5.1 Kif kien imwieġeb fl-aħħar Assemblea Ġenerali, is-servizz ta' pariri li toffri l-Caritas liż-żgħażagħ u lill-familji fid-diffikultajiet soċjali infirex meta żewġ assistenti soċjali ssieħbu b'mod permanenti ma' li staff ċkejken li kellha. Qed ingħid għal Angie Pace u Sr. Salvina Bezzina, Soru tal-Karità. It-tnejn huma nies kwalifikati fil-qasam tagħhom u s-servizz li taw f'dan l-aħħar sentejn ħaffef sew ir-ritmu tas-servizz li diġà kien qed jagħti d-Direttur Mons. Victor Grech. Mijiet kbar ta' nies għamlu użu mis-servizz ta' pariri li toffri l-Knisja permezz tal-Caritas lin-nies fid-diffikultajiet.

5.2 Dan is-servizz qed jużah kulħadd: nies minn kull klassi soċjali, irġiel u nisa tal-familja, żgħażagħ ġuvintur u tfajliet, nies li jsibu rwieħhom f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u tkissir fiż-żwieġ bil-problemi soċjali li jġibu magħhom, prostituzzjoni, droga, alkohol, omosesswalità, mard, emerġenza. F'diversi każi fejn jidħlu familji bi problemi soċjali, naħdmu id f'id mal-Moviment ta' Kana.

Għajnuna lid-Drogati u lill-Familjari tagħhom

5.3 Fil-qasam partikulari tad-Droga, il-Caritas għadha kemm ippublikat ktejjeb ta' pariri lill-ġenituri li jridu jgħinu lil uliedhom biex jilqgħulhom minn qabel jew jirkuprawhom jekk diġà ntlaqtu mill-abbuż tad-drogi.

Barra minn hekk, bdiet tagħti ħajja ġdida lill-Kummissjoni Drogi. F'Lulju 1982, il-Caritas ħatret Sottu-Kummissjoni bil-għan li tistudja l-qagħda tal-problema tad-droga f'Malta, u li tissuġġerixxi pjan ta' azzjoni biex jitwettaq mill-Caritas. Din is-Sottu-Kummissjoni hejjiet Programm Edukattiv għal żgħażagħ b'diffikultajiet u l-ġenituri tagħhom.

5.4 Fil-qasam partikulari tal-alkohol, il-Caritas tagħmel użu mis-servizzi siewja li joffru l-'Alcoholics Anonymous' billi tgħaddilhom dawk in-nies li jridu jegħlbu l-abbuż taxxorb u ilha żmien ġmielu toffri lil dawn il-voluntiera l-użu tal-uffiċċju tagħha għall-ħidma tagħhom.

5.5 Fil-qasam tar-rijabilitazzjoni l-voluntiera tal-Caritas għenu fil-ħidma li ssir f'Dar il-Kenn u Merħba Bik, tas-Sorijiet tar-Ragħaj it-Tajjeb. Waħda mill-voluntiera għamlet xhur sa torqod 5 darbiet fil-ġimgħa f'waħda minn dawn id-Djar biex issir tassew midħla tat-tfajliet u n-nisa miżżewġa li jgħaddu żmien ta' rijabilitazzjoni hemmhekk.

Kummissjoni Familja

6.1 Il-Caritas Malta, flimkien mal-Caritas Ewropeja, qed titfa' dejjem iżjed l-attenzjoni tagħha fuq il-familja, l-iżjed fuq il-familji bi problemi soċjali. Waħda mit-temi li ser jiġu studjati fil-Konferenza Ewropeja tal-Caritas Internationalis f'Marzu 1983, hija "Il-Familja". U l-Caritas Malta għażlet din it-tema bħala l-ewwel prijorità għal dawn is-sentejn. Il-Kunsill tal-Caritas Malta ħatar Kummissjoni biex tistudja l-kawżi taż-żwiġijiet imkissra u tfassal pjan ta' azzjoni skond il-ħtieġa. B'kordinament mal-Moviment ta' Kana, bdew jiġu mfassla Encounter Weekends għall-għarajjes u miżżewġin.

Għajnuna ta' Emerġenza

7.1 Il-Caritas daħlet f'għajnuna

ta' emerġenza f'każi ta' persuni li sabu rwieħhom fil-ħtieġa finanzjarja għax kellhom bżonn jitilgħu ma' xi ħadd tal-familja biex jagħmel operazzjoni f'pajjiż barrani jew sab ruħu xott mill-flus għal xi żmien għal raġuni jew oħra. F'dawn il-każi sibna l-koperazzjoni pronta, ġeneruża u kwieta tas-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika, tal-League of Friends, tas-Sliema Lions Club, tad-Dami tal-Karità u s-Soċjetà ta' San Vinċenz de Paul, il-Medallion Services u diversi individwi li jafu jaħbu lil idhom ixxellugija dak li tagħmel idhom il-leminija.

7.2 Imbagħad, kien hemm il-każi nazzjonali u internazzjonali ta' emerġenza. Il-Kummissjoni Emerġenza tal-Caritas għenet darbtejn lill-bdiewa u familji fi djarhom filħsarat li ġarrbu fil-għargħar: l-ewwel darba wara l-għargħar ta' Ottubru 1982 f'għotja ta' Lm 11,000 u dan l-aħħar wara l-maltemp ta' Ottubru 1982 f'għotja ta' Lm 1,500. Fl-għotjiet li ngħataw lill-bdiewa milquta mill-għargħar sibna koperazzjoni mill-Moviment Azzjoni Soċjali.

Il-Kummissjoni Emerġenza bagħtet ukoll Lm 3,020 lill-vittmi tat-terremot ta' Ottubru 1980 fl-Alġerija, u Lm 71,920 inġabru mill-Parroċċi bħala parti mill-għotja nazzjonali ta' Malta lill-vittmi tat-terremot fl-Italja li sar f'Novembru 1980.

Ridna wkoll ngħinu lil ħutna fil-Lebanon u fil-Polonja u tlabna l-awtorizzazzjoni tal-pulizija biex tkun tista' ssir ġabra apposta kull darba iżda ma kellniex tweġiba għat-talba tagħna.

Koperazzjoni

8.1 Il-bniedem fil-bżonn jistħoqqlu l-aħjar sura ta' għajnuna u din tista' tingħatalu biss jekk ikun hemm koperazzjoni bejn dawk l-individwi, assoċjazzjonijiet u awtoritajiet li jridu jgħinuh. Kien għalhekk li l-Caritas dejjem ħadet il-linja tal-koperazzjoni ma' dawk kollha li fil-pajjiż u fil-Knisja qed jaħdmu fil-qasam soċjali.

8.2 U koperazzjoni tajna u sibna f'ħafna oqsma. L-ewwel nett il-koperazzjoni bejn l-assoċjazzjonijiet li jinsabu affiljati flimkien fil-Kunsill tal-Caritas: il-Moviment Azzjoni Soċjali, is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika, il-Moviment ta' Kana, il-Konferenzi ta' San Vincenz, id-Dami tal-Karità ta' San Vincenz de Paul, il-Għaqda Franġiskana għall-Għomja, is-St. Jeanne Antide Welfare Campaign. Ħafna mid-deċiżjonijiet li wasslu għall-iżvilupp fil-ħidma tal-Caritas ittieħdu fil-laqgħat li r-rappreżentanti ta' dawn l-Assoċjazzjonijiet fil-Kunsill jagħmlu regularment kull xahrejn.

8.3 Insemmi, mbagħad, iċ-Ċentru Ħidma Soċjali tal-Ministeru tax-Xogħol u Servizzi Soċjali li miegħu nżommu kuntatt regulari għall-ġid ta' ħafna nies fid-diffikultajiet; il-Ministeru tas-Saħħa li ta permess lill-voluntiera tagħna jżuru regularment il-pazjenti fl-Isptar Monte Carmeli — voluntiera li ngħataw ukoll kors ta' taħriġ minn Dr. Abraham Galea u uffiċċjali oħrajn tal-Ministeru.

8.4 Koperazzjoni kbira sibna fi ħdan il-Caritas Ewropeja. Uħud mill-Caritas Nazzjonali għenuna filħlas tal-vjaġġi li jeħtiġilna nagħmlu għal-laqgħat internazzjonali. Il-Caritas Paderborn tatna għajnuna finanzjarja li biha rranġajna l-uffiċċju tal-Caritas fil-Furjana, ħallasna parti

min-nefqa tas-salarji u żewġ terzi mill-ispiża tal-lift meħtieġ għal min irid jitla' sal-uffiċċju tagħna. Il-Caritas Spanja tatna l-fertilizzanti li għaddejna lill-bdiewa li ġarrbu ħsarat fil-għargħar.

Fl-Ewropa sibna wkoll il-koperazzjoni tal-Organizazzjoni Kattolika Ġermaniża għall-Għomja li tatna għadd kbir ta' arloġġi u tape-recorders għall-għomja Maltin.

Tajna l-koperazzjoni tagħna fil-livell Ewropew billi ħadna sehem sħiħ bħala Membri fil-Kummissjoni Permanenti tal-Caritas Ewropeja, fil-Kummissjoni taż-Żgħażagħ fid-Diffikultajiet u fil-Kumissjoni tal-Kura gall-Anzjani — it-tnejn tal-Caritas Ewropeja.

8.5 Hadna gost naħdmu flimkien mal-Kunsill Ġenerali għall-Inkapaċitati li għamilna fl-1981, kif ukoll il-laqgħat Marjani tas-sena li għaddiet. Hdimna mal-Bħaqda tal-Pensjonanti li tat tagħrif siewi lill-anzjani f'xi Ċentri Parrokkjali.

8.6 Ma nistax ma nsemmix, avolja ma tantx inħobbu l-pubblicità, lill-Inner Wheel Club ta' Malta u d-diversi fergħat tiegħu. Mingħajr ħsejjes dawn in-nies tawna għajnuna finanzjarja gall-istampar tal-kotba u għax-xiri ta' letteratura siewja għaċ-Ċentru tagħna ta' Dokumentazzjoni.

Djakonija

9.1 Dan kollu li semmejt tul dan ir-rapport bl-ebda mod ma jimliena b'xi sens ta' importanza. Qed ingħid biss li bħala Caritas aħna qaddejja battala u għamilna dak li bħala nsara kellna nagħmlu.

9.2 Sodisfazzjon wieħed jagħtina dan ir-rapport — is-sodisfazzjoni li l-Caritas, bil-ħidma li qed tipprova tifrex favur l-inqas fost ħutna, qed tirrendi iżjed kredibbli l-Knisja Maltija. Għaliex jekk il-qima f'Alla fil-liturġija u x-xandir tal-Kelma fl-evanġelizzazzjoni huma indispensabbli għall-Knisja biex tilħaq il-missjoni tagħha, daqshekk ieħor hija indispensabbli d-djakonija jew il-qadi tal-foqra. Hija d-djakonija li tissokta fejn tieqaf il-liturġija u hija d-djakonija li tirrendi kredibbli l-evanġelizzazzjoni.

9.3 Għalhekk nittama bil-ħerqa li d-djakonija jew qadi jkollu l-post li jixraqlu fil-Pjan Pastorali li qed jinħema għall-Knisja Maltija.

DUN ANG. SEYCHELL,
Segretarju Amministrattiv.

1. Struttura Ġdida u l-Media Centre

Fil-bidu ta' din is-sena Mons. Arċisqof talab lill-K.K.S. tippreżentalu studju kif il-Knisja f'Malta tista' tagħmel l-aħjar użu mill-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali. Il-Kummissjoni ippreżentat studju komprensiv. Dan ġie diskuss fit-tul bejn Mons. Arċisqof u membri mill-K.K.S.

Fost il-proposti mressqa kien hemm talba li ssir re-organizzazzjoni strutturali. Wara ħafna xogħol, laqgħat, studju u taħbit ieħor, din bdiet isseħħ mill-1 ta' Jannar wara emendi li saru fl-istatut tal-Media Centre.

Tul l-1982 il-membri tal-K.K.S. taw kontribut kbir fix-xogħol tal-Media Centre. Dan il-kontribut kien essenzjali ħafna biex il-Media Centre jimxi 'l quddiem.

Taqsima Film

It-Taqsima Film hija magħmula minn għadd ta' voluntieri qassisin u lajċi li regolarment jaraw il-films li joħorġu; jiddiskutuhom u joħorġu l-*Gwida*. Din tintbagħat f'għadd ta' parroċċi, ċentri u skejjel. Il-membri tat-taqsima jżuru wkoll dawk iċ-ċentri li jistednuhom biex jagħmlu 'talk' jew jieħdu sehem f'diskussjonijiet dwar il-films.

Tliet gazzetti jippubblikaw kuljum ir-rating li toħroġ it-Taqsima. Ix-xogħol tat-Taqsima huwa mportanti ħafna. Lgħadd ta' nies li jsegwu r-ratings huwa akbar milli wħud jaħsbu. Barra minn hekk iċ-ċensuri, id-distributuri talfilms u wħud mis-cinemagoers isegwu b'interess attiv ir-ratings maħruġa. Mhux l-ewwel darba jew tnejn li ċ-ċensuri, distributuri u cinema owners ikkuntattjaw lit-Taqsima. Is-sidien taċ-ċinemas f'Tas-Sliema baqgħu sodi fil-ban tagħhom fuq films 'H'. Is-sidien ta' l-Embassy complex jikkuntattjawna regolarment biex jevitaw re-issue li jkun klassifikat *H*.

Sfortunatament mhux il-kappillani kollha jagħtu l-istess importanza lit-Taqsima Film. Infatti tul l-1982 kien hemm dawn il-parroċċi li ma ridux jibqgħu jirċievu l-Gwida:

Burmarrad, Għaxaq, Kirkop, Lija, Luqa, Manikata, Paola — Kristu Re, Safi, Sta. Venera, Sliema — Ġesu' Nazzarenu, Valletta — San Duminku, Żebbuġ.

Uħud minn dawn qatgħu l-abbonament għax qalu li ma jaffordjawx iħallsu l-Gwida li tiswa Lm3.50 fis-sena.

Klabb Qari Nisrani

Waħda mill-inizjattivi li l-aktar kellha suċċess din is-sena kienet it-twaqqif tal-Klabb Qari Nisrani. Tul l-1982 il-Klabb ippubblika erba' kotba tas-sensiela li huma: ILLUSTRISSIMI;

JUMEJN MA' KLARA; JIENA FRANĠISKU, u WOJTYLA: IL-PAPA TA' L-IMPENN SOĊJALI. Ippubblika wkoll traduzzjoni tal-*Familiaris Consortio.*

Għall-aħħar tas-sena l-Klabb waqqaf it-Taqsima Junior tiegħu. L-ewwel pubblikazzjoni kienet *Ġej il-Ħabib.* Dan il-ktejjeb intlaqa' tajjeb ħafna.

Uffiċċju Stampa

Fil-limiti tal-possibbli sar kollox biex il-pubbliku jkun jaf aħjar b'dak li jkun qed jiġri fil-Knisja f'Malta. L-Uffiċċju Stampa ħareġ 71 press release fil-waqt li saru għadd ta' konferenzi stampi u diversi kuntatti informali ma' ġurnalisti Maltin u barranin.

L-Uffiċċju Stampa jieħu ħsieb ir-relazzjonijiet pubbliċi għall-Arċisqof, il-Kurja, l-uffiċċju tagħha, xi kummissjonijiet u affarijiet uffiċjali oħra. Din is-sena sar xogħol minħabba l-Pjan Pastorali u l-Kungressi Marjani.

L-Uffiċċju ħa ħsieb ukoll ir-relazzjonijiet pubbliċi ta' l-Istitut Kattoliku, Media Centre, Klabb Qari Nisrani u enti oħra. Minkejja dawn l-isforzi li saru f'dan il-qasam, għad hemm ħafna u ħafna xi jsir.

Dokumentazzjoni

Din is-sena saru sforzi biex tiġi organizzata aħjar it-Taqsima ta' Dokumentazzjoni. Qed isir sforz biex il-monitoring tal-gazzetti li jsir kuljum, ikun computerized. Dan jagħti possibiltajiet kbar: p.e. jekk xi ħadd jixtieq jaf x'ġabet fil-paġna ta' l-ittri gazzetta partikulari dwar id-divorzju dan ikun jista' jsir immedjatament mill-cmoputer. It-Taqsima tad-dokumentazzjoni tgħin ukoll lil dawk li jkunu jeħtieġu xi forma ta' tagħrif li jaqa' fil-kompetenza tagħha.

Edukazzjoni

Il-K.K.S. kompliet bil-pjanijiet tagħha biex tiżdied il-Media Education fostna. F'għadd minn dawn l-inizjattivi kien hemm il-koperazzjoni shiħa tal-Media Centre. Il-ħidma saret fuq livelli differenti. Wieħed mil-livelli kien il-livell ta' konxjentazzjoni, jiġifieri li dejjem aktar nies u għaqdiet ikunu persważi mill-ħtieġa ta' dan it-tip ta' edukazzjoni.

Illum nistgħu ngħidu li din il-ħidma bdiet tħalli riżultati. Għadd ta' skejjel tal-Knisja llum qed jgħallmu dan is-suġġett fl-iskejjel tagħhom. Żiedu ħafna wkoll l-għadd ta' għaqdiet li, fit-tfassil tal-programmi tagħhom, jagħtu każ ta' dan.

L-organizzazzjoni tal-Jum Mondjali saret ukoll b'dan l-iskop, jiġifieri li toħroġ ċara t-"Two flow" essenzjali għal kull att ta' komunikazzjoni u l-edukazzjoni meħtieġa biex dan iseħħ.

Il-K.K.S. organizzat għadd ta' korsijiet. Ġie organizzat kors għat-teachers f'media education, u ieħor għall-ġenituri dwar l-użu tat-T.V. fil-familja. Saru wkoll għadd ta' korsijiet fuq kif wieħed jaqra fil-pubbliku. Dan sar b'enfasi speċjali għal-letturi.

Ħidmiet oħra

Il-K.K.S. ħadet ħsieb ukoll li tippubblika 'flyers' bil-Pastorali tar-Randan u ieħor bit-talba tat-tberik u tagħrif dwar il-*Laborem Exercens*. Il-K.K.S. tippubblika regolarment is-*Servizz Aħbarijiet Kattolići*. Dan is-servizz jinkludi fih sunt ta' dak li jidher dwar il-Knisja f'għadd ta' gazzetti barranin. Is-servizz għandu għadd ta' abbonati iżda jintuża wkoll minn xi gazzetti.

Matul din is-sena, beda x-xogħol biex jinfetaħ ħanut bil-kotba reliġjużi fil-Belt. Sar ħafna xogħol fuq il-ħanut u kważi kien mgħammar b'kollox, lest biex jinfetaħ. Iżda xi ftit ilu kien hemm attentat biex jaħarquh. B'xorti tajba n-nar ma laħaqx għamel ħsarat kbar u l-ħsarat li saru qegħdin jiġu rranġati biex dan il-ħanut ikun jista 'jinfetaħ. Qed isiru arranġamenti ma' l-organizzazzjoni l-ġdida dwar dan.

Fr. J. Borg
Chairman

TRIBUNAL EKKLESJASTIKU

Matul is-sena 1982 ġew ippreżentati fil-Kanċellerija tat-Tribunal 30 każ ġdid, beda l-proċess ta' 31 każ, u ġew konklużi 27 każ.

Is-27 każ konklużi huma mqassmin b'dan il-mod:

21 każ ta' nullità taż-żwieġ; 1 każ ta' dispensa "super rato et non consummato"; 1 każ ta' dispensa "in favorem fidei"; 4 każijiet ta' Rogatorji minn Tribunali esteri.

Il-21 każ ta' nullità huma mqassmin b'dan il-mod:

1. ingħataw 12-il sentenza li minnhom 7 kellhom eżitu affirmattiv, u 5 eżitu negattiv;

2. skond il-"capita" eżaminati f'dawn is-sentenzi, ingħataw dawn id-deċiżjonijiet (f' sentenza waħda jista' jkun eżaminat aktar minn "caput" wieħed). Il-"capita" eżaminati mit-Tribunal fil-kawżi msemmija huma dawn, flimkien ma' l-eżitu tagħhom:

i. simulatio totalis: 5; affermattivi 2, negattivi 4
ii. bonum fidei: 2 negattivi
iii. bonum sacramenti: 1 negattiv
iv. bonum prolis: 3; 1 affirmattiv, 2 negattivi
v. conditio: 1 affirmattiv
vi. error personae: 2 negattivi
vii. defectus discretionis iudicii: 2 negattivi
viii. inabilitas assumendi onera coniugalia: 5; affirmattivi 2, negattivi 3
ix. defectus consensus ob anomalia psycho-sexualis: 1 negattiva
x. impotentia mulieris ob vaginismum: 1 affirmattiva

3. Kien hemm 2 każijiet affirmattivi tal-"casus exceptus". F'dawn il-każijiet ġie ippruvat li ż-żwieġ kien invalidu għaliex

waħda mill-partijiet kienet ġa miżżewġa validament qabel.

4. Kien hemm 3 każijiet ta' "reictio libelli" għaliex ma ġiex ippruvat li kien hemm xi fundament biex tibda kawża għarraġunijiet miġjuba mill-attur.

5. Kien hemm 4 kawżi li ġew dikjarati "derelicta"; wieħed minnhom għaliex il-partijiet irranġaw iż-żwieġ bejniethom; ittlieta l-oħra għaliex għal aktar minn sentejn il-partijiet ma wrewx interess fit-tkomplija tal-kawża bħal p.e. ma ippreżentawx xhieda jew inkella ma ġewx jixhdu meta ġew imsejħa u dan evidentement jinkludi l-attur ukoll.

Bħalissa l-imħallfin qegħdin jipproċessaw 32 każ. Minbarra dan għad baqa' 47 każ jistennew biex jibda l-proċess tagħhom u dan, minbarra numru ieħor li għad qed jiġi diskuss preliminarjament il-każ tagħhom, u għadha għalhekk ma ġietx preżentata d-domanda tagħhom. Dawn l-47 każ huma mqassma b'dan il-mod: ippreżentati fis-sena:—

1979	4 każi
1980	18-il każ
1981	10 każi
1982	12-il każ

Dwar it-Tribunal tal-Appell matul is-sena li għaddiet ġew ippreżentati 8 każijiet għallappell. Dan it-Tribunal ikkonferma 6 sentenzi affirmattivi mogħtija mit-Tribunal tal-ewwel istanza, 5 "per decretum" u 1 "per sententiam". Ġew preżentati wkoll 2 rikorsi kontra d-deċiżjoni ta' "reiectio libelli" u d-deċiżjoni tal-ewwel istanza ġiet konfermata fiż-żewġ każijiet.

Kif jidher mill-istatistika, għalkemm sar ħafna xogħol għad hemm numru konsiderevoli ta' każijiet li ilhom jistennew is-snin biex jibda l-proċess tagħhom. Ħafna minn dawn huma każijiet pietużi, iżda minħabba nuqqas ta' mħallfin u staff tat-Tribunal mhux possibbli li nlaħqu ma' l-għadd dejjem jikber tal-każijiet li qed jiġu preżentati. Ta' għajnuna kbira qed ikun għad-djoċesi l-kontribut tar-religjużi: biżżejjed ngħidu li l-imħallfin tal-ewwel istanza huma kollha religjużi, minbarra minni, u fittieni istanza tlieta mill-ħames imħallfn huma religjużi. Ix-xogħol tagħhom ir-religjużi qegħdin jagħmluh b'mod l-aktar disinteressat. J'alla jkomplu jgħinuna f'dan ix-xogħol pastorali hekk ta' siwi.

Fl-aħħarnett, b'riferenza għall-akkużi li dejjem isiru li biex tagħmel kawża trid ħafna flus, nixtieq ngħid li mis-27 każ konklużi fis-sena 1982, 7 biss ħallsu l-ispejjeż tal-kawża; l-għoxrin l-oħra, min għal skuża u min għal oħra, ma taw ebda kontribuzzjoni. Ta' min isemmi wkoll li fi tliet każijiet li ma għamlu ebda kontribuzzjoni, il-Kurja kellha tħalsilhom ukoll l-ispejjeż tal-psikjatra, li jilħqu mal-Lm35 għal kull każ.

Mons. A. Said Pullicino

Matul dawn l-għoxrin sena mill-pubblikazzjoni tal-Kostituzzjoni Liturġika (S.C., 3 Diċ. 1963), ir-riti u t-testi liturġiċi ġew riformati u pubblikati. Saru t-traduzzjonijiet k o l l h a għall-Malti u ġew ippubblikati l-kotba kollha tal-Liturġija. Illum f'idejn kull kappillan u saċerdot jeżistu t-testi kollha meħtieġa għal ċelebrazzjoni riformata u aġġornata. Illum il-pastorali liturġika għandha f' idejha l-isbaħ biċċa għodda għall-ministeru ta' kult divin li bih il-poplu nisrani jsib lil Alla u jitqaddes.

Imma, fil-konkret, x'qiegħed isir illum mill-Kummissjoni Liturġika u x'qed isir fil-parroċċi?

Wara l-ewwel xogħol iebes tat-traduzzjonijiet u l-applikazzjoni ta' testi u riti ġodda, il-Kummissjoni Liturġika issa preokkupata bil-ħidma tal-pastorali liturġika fl-Arċidjoċesi. Hawnhekk insemmu dan:

A. Pubblikazzjonijiet pastorrali

(i) Il-"Bulettin ta' l-Arċidjoċesi u Liturġija tal-Kelma "jippubblika perjodikament iddokumenti dottrinali u pastorali tal-Knisja li għandhom x'jaqsmu mal-Liturġija. B'hekk kull saċerdot jista' jżomm ruħu aġġornat fil-moviment liturġiku. Jippubblika wkoll skemi ta' omeliji, invokazzjonijiet tat-Talba Universali u ħwejjeġ oħra li jolqtu l-pastorali liturġika. Jonqos biss li wieħed jaqrahom ,jistudjahom u jqegħdhom fil-prattika. Ta' dan ixxogħol infaħħru u nirringrazzjaw ħafna u speċjalment lil Monsinjur Ġużeppi Lupi.

(ii) Dawn l-aħħar snin kellna wkoll pubblikazzjonijiet oħra ta' omeliji u kotba liturġiċi kateketiċi u pastorali.

(iii) Ġew stampati f'għadd kbir kotba ta' l-innijiet li xterdu mal-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

B. Movimenti pastorali

(i) Kummissjonijiet Liturġiċi fil-parroċċi. F'xi parroċċi organizzati, fejn hemm Kunsill Parrokkjali li jaħdem, twaqqfet ukoll Kummissjoni Liturġika li tieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal-liturġija fil-knisja. Hemm grupp ta' letturi, kanturi, kor ta' kantanti, organisti, dawk li jieħdu ħsieb in-nies fil-knisja u dawk li jieħdu ħsieb l-offerti.

(ii) Isiru laqgħat ta' formazzjoni liturġika għall-kleru u l-aktar għal-lajċi impenjati, bħalma huma l-letturi u l-animaturi tal-liturġija. Isiru wkoll "quizes" għat-tfal u ż-żgħażagħ biex iqajmu aktar interess, studju u tagħlim. Jiġu organizzati ġimgħat tal-Liturġija, iċċentrati fuq iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa jew fuq is-Sagramenti l-oħra. B'hekk isiru kummenti fuq ir-riti u testi liturġiċi u tagħlim fuq in-natura tas-Sagramenti. Saru ħafna taħdidiet fuq is-Sagrament tal-penitenza u r-rikonċiljazzjoni. Dawn xi drabi jieħdu għamla ta' diskussjoni.

(iii) U hawn jidħol ix-xogħol speċifiku u partikulari tad-Delegat ta' l-Isqof għal-liturġija, P. Ġwann Frendo O.P. Ix-xogħol tiegħu jinqasam fi tnejn:

a) Hemm ix-xogħol ta' rapporti fuq il-liturġija fil-parroċċi. S'issa għand l-Arċisqof jinsabu diversi rapporti li juru l-andament tal-pastorali liturġika fil-parroċċi. Dan sar wara li d-delegat tal-Liturġija ltaqa' għal ħin twil mal-kappillani konċernati u ddiskutew flimkien punti li jolqtu l-ħajja liturġika fil-parroċċa. Huma jaraw id-diffikultajiet u jistudjaw x'jista' jsir għall-aħjar. Xi drabi d-delegat jiltaqa' mal-katekisti u l-ġenituri tat-tfal u ż-żgħażagħ li jkunu qed jitħejjew għall-ewwel tqarbina u l-Griżma.

b) Hemm ix-xogħol ta' għajnuna fil-parroċċa. Id-delegat tal-Liturġija jmur sikwit fil-parroċċi fejn isejħulu l-kappillani biex jiltaqa' mal-kummissjoni liturġika parrokkjali u jippjanaw flimkien ħidma ta' pastorali liturġika.

Flimkien mal-kappillan jorganizza korsijiet qosra ta' tagħlim għal-letturi u animaturi tal-Liturġija, kif ukoll għall-katekisti (katekeżi liturġika). Huwa jagħti lezzjonijiet f'dan il-kors kateketiku ta' pastorali liturġika.

Id-Delegat tal-Liturġija jissejjaħ ukoll meta tinqala' diffikultà ta' natura liturġika, u jiddiskutiha mal-kappillan jew il-kummissjoni parrokkjali.

Jorganizza ġimgħat liturġiċi u ċelebrazzjonijiet partikulari bħalma huma: Ċelebrazzjoni komunitarja tal-Penitenza għar-rikonċiljazzjoni tal-midinbin; u ċelebrazzjoni komunitarja tas-sagrament tal-morda.

Eħluq

Dawn huma l-ħidmiet ewlenin li qed isiru fil-qasam tal-pastorali liturġika fil-parroċċi u fi knejjes oħra tad-djoċesi, bilgħan li l-moviment liturġiku jissokta u jissaħħaħ.

Ma rridux ninsew, iżda, il-kors ta' l-Aġġornament tal-Kleru li qed isir kull sena, f'żewġ sessjonijiet, u li qed jiswa ħafna wkoll għall-formazzjoni pastorali liturġika tal-kleru. Ta' dan ifaħħru lill-organizzaturi.

U issa x'jonqos? Għodod biex naħdmu għandna ħafna: kotba, mużika, mezzi oħra pastorali... Min jaħdem għandna wkoll. Jonqos l-interess ta' *min imexxi* fil-parroċċi u fil-knejjes, u superjuri oħra; jekk ifittxu li jorganizzaw u jitolbu l-għajnuna lid-Delegat tal-Liturġija fid-Djoċesi, żgur li jsibha.

P. Ġwann Frendo o.p.
Kunvent Ġesu' Nazzarenu
Sliema.

Bir-raġun kollu, fid-diskors tal-**Papa Ġwanni Pawlu II** lill-Isqfijiet Maltin (waqt il-viżita ad limina), paragrafi importanti kienu jitkellmu mill-katekisti, katekiżmi u edukazzjoni nisranija in ġenerali. Dan hu diskors li jgħodd għal kull djoċesi f'kull żmien. Imma hu rilevanti b'mod partikulari għad-djoċesi tagħna, f'dan iż-żmien tat-tfassil tal-Pjan Pastorali, li żgur ikollu bħala kolonni ewlenin l-evanġelizzazzjoni u l-katekeżi.

F'dan il-kuntest tidher urġenti l-ħtieġa ta' Kummissjoni Kateketika li tkun veru ta' servizz għad-Djoċesi f'dan il-qasam tant vitali għall-Knisja. Matul is-sena 1982, saret riflessjoni fuq l-esperjenzi tal-passat. Saru diversi diskussjonijiet, formali u informali, dwar riformi li jistgħu u għandhom isiru **fl-istruttura** tal-Kummissjoni, biex din taqdi sewwa l-missjoni tagħha fid-Djoċesi. Is-suġġerimenti tagħna lill-Arċisqof ġew milqugħa. Nittamaw li fil-bidu tal-1983 (is-Sena Mqaddsa, is-Sena Marjana u s-Sena tal-Pjan Pastorali), il-Kummissjoni Kateketika, imġedda u aġġornata, tkun tista' taqdi aħjar ix-xogħol li sa jiġi afdat f'idejha mill-Pjan Pastorali.

L-ewwel ħidma tal-Kummissjoni hi l-formazzjoni ta' **katekisti.** F'dan il-qasam qatt ma nistgħu ngħidu li qed isir biżżejjed. Il-Knisja teħtieġ numru kbir ta' katekisti u ta' katekisti tassew iffurmati. Din il-ħtieġa qed tiġi mifhuma mhux biss mill-Kummissjoni Kateketika imma minn diversi parroċċi. Fil-fatt, barra l-korsijiet li organizzajna aħna bħala Kummissjoni, aħna stess għenna diversi parroċċi jorganizzaw korsijiet għalihom. Qed isir emfasi dejjem ikbar fuq il-ħtieġa li jinstabu iżjed katekisti, anke minn oqsma mhux tradizzjonali, e.g. miżżewġin. F'dil-ħaġa qed isir progress.

Il-Korsijiet li kellna aħna matul l-1982 kienu dawn:

◆ **Kors ta' metodoloġija Kateketika għall-għalliema ta' Reliġjon ta' Forms I, II u III ta' l-Iskejjel Sekondarji** (għalaq fit-2 ta' Ġunju 1982). Kien kors impenjattiv ħafna, għax il-programm kellu 31 sessjoni, u kien jinkludi diversi aspetti tal-missjoni tal-katekisti f'dawn il-klassijiet ta' l-iskejjel sekondarji. Xtaqna li ntwera aktar interess min-nies konċernati. Fil-fatt għall-Kors inkitbu 36.

◆ **Kors ta' Fotografija għas-Servizz tal-Katekeżi** (għalaq fid-29 ta' April 1982). Imħabba n-natura talkors innifsu, in-numru ta' parteċipanti llimitajnih għal 20. Dan il-kors, li organizzajnih flimkien mal-Media Centre, mill-ewwel ħoloq interess kbir ... interess li baqa' jinżamm sa l-aħħar. Hajr mill-qalb lis-Sur Alfred Cauchi. Dan il-Kors speċjalizzat kien maħsub għal dawk l-għalliema u katekisti li xtaqu jiksbu teknika fil-lingwaġġ modern għas-servizz ta' l-Evanġelizzazzjoni u l-katekeżi. B'dan il-mod mhux biss tikber il-kompetenza personali ta' dawn il-katekisti, imma jikber ukoll in-numru ta' Maltin li jistgħu jagħtu kontribut lill-katekisti l-oħra f'dan il-qasam.

◆ **Kors għall-Katekisti Miżżewġin** (għalaq fit-8 ta' Marzu). Kif għedna iktar 'il fuq, qed nissuġġerixxu lill-

parroċċi li jfittxu katekisti ġodda minn oqsma mhux "tas-soltu" e.g. miżżewġin. F'dan is-sens, kemm biex nagħtu eżempju u kemm biex nagħtu servizz ta' formazzjoni ġenerali, flimkien mal-Grufan (Gruppi Familji Nsara), organizzajna dan il-Kors għall-Katekisti fuq il-kontenut. Għall-Kors inkitbu 22 koppja u 16 miżżewġin (mhux koppji), konkorrenza tajba ħafna. Iċ-ċertifikati tal-Kors ġew mogħtija lill-parteċipanti minn Mons. Arċisqof, fl-aħħar ta' Forum dwar il-Familja organizzat mill-Grufan stess. Hu ta' kuraġġ tiskopri li diversi miżżewġin li segwew dan il-Kors baqgħu jagħtu kontribut siewi fil-parroċċi tagħhom, speċjalment fil-katekeżi ta' l-adulti. Jalla jsiru aktar korsijiet bħal dan.

Kors għall-Katekisti Parrokkjali ta' l-Ewwel Tqarbina (Ott 23, 1982 — Frar 5, 1983). Minkejja li milux li sar kors għal din il-kategorija (25 Ott 1980 — 2 Jan 1981) għal dan il-Kors applikaw mal-120, u l-interess hu kbir ħafna. Dan il-Kors hu marbut mal-Gwida ġdida li għadha kif tħabbret għal idejn il-katekisti konċernati, bl-isem **"Hekk ħabbna l-Missier"**. Il-Kors hu ta' 14-il sessjoni.

Kellna ppjanat Kors dwar l-Ispiritwalità ta' l-Adulti. Fil-fatt, imħabba li kellna nistennew risposta mingħand oħrajn, wara talba tagħna biex norganizzawh magħhom, — fil-fatt fl-aħħar ġiet risposta negattiva — dan il-Kors ma lħaqniex tellajnih. Nittamaw li norganizzawh aktar tard.

Korsijiet oħra li saru kienu dawn:

Kors għall-House Mothers (xi 40), li jieħdu ħsieb it-tfal fl-Istituti li għandha l-Knisja. Kors ta' 8 lectures, li sar fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Djoċesana għad-Djar tat-tfal.

Kors qasir ta' tlett lectures lill-katekisti subien tal-Mużew, li jieħdu ħsieb l-edukazzjoni nisranija tat-tfal fis-sena ta' qabel l-Ewwel Tqarbina u fis-sentejn ta' wara. Dawn il-lectures saru fid-Dar Ċentrali tal-Mużew il-Blata l-Bajda.

Kors għall-katekisti tal-Parroċċa San Ġejtanu, Hamrun. 4 lectures. Il-Kummissjoni ħasbet kemm fl-istruttura tal-Kors u kemm billi pprovdiet xi lectures.

Kors għall-katekisti ta' B'buġa. Il-Kors kien itwal — 8 lectures.

Għodda importanti fil-qasam kateketiku huma l-pubblikazzjonijiet. Minkejja l-limitazzjonijiet tagħna bħala Kummissjoni, nistgħu ngħidu li l-kontribut li tajna huwa wieħed konsiderevoli.

Mingħajr ma ttraskurajna oqsma oħra, dis-sena tajna attenzjoni speċjali għall-katekeżi parrokkjali. Hi xewqa tagħna li sa Ottubru 1983, ikollna lesti l-gwidi kollha għal idejn il-katekisti u l-libretti kollha għal idejn it-tfal. Fil-preżent is-sitwazzjoni hi din:

- ◆ il-gwida għall-katekisti tas-sena qabel l-Ewwel Tqarbina — ħarġet;
- ◆ il-ktejjeb għal idejn it-tfal ta' l-istess sena — joħroġ f'Jannar 1983;
- ◆ il-gwida għall-katekisti tas-sena wara l-ewwel tqarbina — toħroġ fl-Għid 1983.
- ◆ il-ktejjeb għat-tfal ta' l-istess sena — joħroġ f'Ottubru 1983;
- ◆ il-gwida għall-katekisti tat-tieni sena wara l-Griżma — qed tinkiteb;
- ◆ il-ktejjeb għat-tfal ta' l-istess sena — qed jitħejja;
- ◆ il-gwida għall-katekisti tas-sena qabel il-Griżma — ħarġet.

◆ il-ktejjeb għat-tfal ta' l-istess sena — joħroġ f'Jannar 1983.

Dan ix-xogħol hu fil-linja tax-xewqa murija mill-Papa lill-Isqfijiet, li aħna jkollna l-katekiżmi tagħna. Hi ħidma li titlob impenn u ħsieb. Il-katekeżi għal dawn l-erba' snin ta' importanza kbira ġiet maħsuba skond programm imfassal għaċ-ċirkustanzi lokali tagħna. Xi xewqa tal-Kummissjoni li l-Gwida għall-katekeżi — li għalissa huma stensiljati, għax meqjusa bħala esperimentali — aktar tard jiġu stampati. Magħhom jiżdiedu noti apposta għall-ġenituri.

Bħala għajnuna għall-**Katekeżi sagramentali** ta' l-Adulti, il-Kummissjoni ħarġet ktejjeb sabiħ bl-isem: **LEJN IŻ-ŻWIEĠ FIL-MULEJ.** Dal-ktejjeb, maħruġ b'koperazzjoni mal-Moviment ta' Kana, għandu jgħin lill-aġħrajjes biex ihejju ruħhom tajjeb għal żwieġ nisrani, billi juri l-egħrusija bħala proċess — mixja — li fih l-aġħrajjes jikbru fl-imħabba ta' xulxin u fl-imħabba lejn Alla. L-istil huwa oriġinali, u jagħti gost lil min jaqrah. Il-ktieb jinkludi wkoll ġabra tat-tagħlim ewlieni tagħna l-Insara, fi kliem id-dokumenti tal-Konċilju Vatikan II, li l-Papa Pawlu VI sejjaħlu: "L-aqwa katekiżmu taż-żminijiet ta' llum". Nittamaw li l-kappillani u dawk kollha impenjati fil-katekeżi sagramentali ta' l-Adulti, imexxu dan il-ktieb li jwieġeb għall-ħtiġiet ta' l-aġħrajjes insara.

Għal dik li hi katekeżi, erġajna stampajna edizzjoni oħra ta' **DINJA AĦJAR**, it-test ta' tagħlim reliġjuż għar-raba' klassi ta' l-iskola sekondarja. Hasra li ma sar ebda progress sostanzjali, ebda sviluppi pożittiv fil-proġett ta' programm kateketiku u testi relattivi għall-livell primarju.

Hriġna wkoll **IL-ĠIMGĦA MQADDSA**, ktejjeb li jiġbor fih, mit-tlett kopji tal-Missal Kateketiku, dak kollu li jintuża minn Ħadd il-Palm sa l-Ħadd il-Għid tas-snin A, B u Ċ. Magħhom żidna il-Quddies tat-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa tal-Ġimgħa l-Kbira.

N.B. L-ewwel Edizzjoni tal-Missalin sena B hi eżawrita. Edizzjoni oħra toħroġ biex tintuża meta jerġa' jmiss is-Sena B.

Il-Kummissjoni ġiet afdata bl-**aspett Kateketiku tal-Kungress Marjan 1983**, bit-tema, Marija Omm il-Ħniena u r-Rikonċiljazzjoni. Il-materjal Kateketiku li ħejjejna hu ndirizzat għaż-żgħażagħ u l-Adulti, u hu mqassam f'erba' libretti:

a) Ottubru 1982 — Marija fil-Lumen Gentium
b) Avvent 1982 — Dives in Misericordia
ċ) Randan — 1983 — Ordo Poenitentiae
d) Mejju 1983 — Marialis Cultus.

B'tema Marjana wkoll, ħejjejna għall-pubblikazzjoni għaxar "għajnuniet" pastorali li sejjaħnilhom "Devozzjoni lejn MARIJA TAL-VANĠELU". Dawn l-għajnuniet huma riflessjonijiet dwar dak kollu li nsibu dwar Marija fl-Iskrittura. Il-materjal ġie mqassam taħt għaxar titli li huma tradizzjonali u moderni fl-istess ħin. Kull "unit" fih abbundanza ta' suġġerimenti (slides, back-ground music, siltiet mill-Bibbja, siltiet mill-Konċilju, siltiet minn dokumenti Pontifiċji, attivitajiet, talbiet, domandi għall-eżami tal-kuxjenza. Dawn l-għajnuniet huma utli mhux biss bħala katekeżi adattata għas-Sena Marjana, imma għaż-żminijiet kollha. L-iskop prinċipali tagħhom hu li jgħin ir-riflessjoni li

twassal għal vera devozzjoni lejn Marija.

Hidmiet oħra

Wara pawsa kemxejn twila s-sena l-oħra, il-laqgħat għad-Delegati Parrokkjali bdew jerġgħu jsiru regolarment darba fix-xahar. Il-Kummissjoni tqis ix-xogħol tad-delegati parrokkjali bħala importanti ħafna fil-koordinament u fil-promozzjoni tal-katekeżi fuq bażi parrokkjali. Il-laqgħat tad-delegati parrokkjali fiċ-Ċentru tal-kummissjoni għandhom il-ħsieb li, barra milli jagħtu informazzjoni dwar x'qiegħed isir fuq bażi nazzjonali, jagħti wkoll formazzjoni, aġġornament u suġġerimenti dwar attivitajiet kateketiċi fil-parroċċa. Għad fadal numru ta' parroċċi li m'għandhomx delegat. Nittamaw li l-parroċċi kollha jieħdu ħsieb li jwaqqfu l-Kumitat Katekетiku Parrokkjali, u li jżommu kuntatt mal-Kummissjoni permezz tad-Delegat Parrokkjali.

Il-membri tal-Kummissjoni għamlu diversi laqgħat, ma' Malta kollha, lill-ġenituri li jkunu se jressqu lil uliedhom għall-Ewwel Tqarbina u l-Griżma. Bi djalogu bejn Kummissjoni, Kappillani u Katekisti, dawn il-laqgħat jistgħu, u għandhom isiru b'aktar regolarità, b'aktar serjetà u impenn u b'aktar profitt. Din hi forma ta' katekeżi ta' l-adulti mill-iktar utli.

Saru żewġ taħdidiet lill-grupp ta' ġenituri li wliedhom inkapaċitati qegħdin fil-kindergartens statali: "L-iżvilupp reliġjuż ta' l-inkapaċitati u kif il-ġenituri jiżviluppaw is-sens ta' Alla f'uliedhom! Ingħataw ukoll ftit, ideat bil-miktub lil dan l-istess grupp fuq "kif inħejju 'l uliedna għall-Ewwel Tqarbina."

Il-Media Centre, li minnu aħna sehem b'mod attiv, qed tfassal proġett biex tkun aktar effiċjenti u tħaddem aħjar il-potenzjalitajiet tagħha. F'din is-sena ħafna mill-ħidma tagħna f'dan il-qasam kienet f'dan il-proġett, għalkemm ma naqasx ix-xogħol ta' produzzjoni, fosthom il-feature "it-talba ta' San Franġisk". Qed isir xogħol iktar impenjattiv fuq il-ktieb "Lejn iż-Żwieġ fil-Mulej", li ħriġna dis-sena stess. Minbarra dan, saru diversi korsijiet dwar l-użu u t-teknika ta' l-awdjoviżivi.

Il-Membri tal-Kummissjoni jieħdu sehem regolari u attiv

a) fil-**Kunsill Pastorali**
b) fil-**Kummissjoni Familja**
ċ) fid-**Direzzjoni ta' l-Istitut Kattoliku**
d) fil-Kumitat **Librerija ta' l-Istitut Kattoliku.**

Għalkemm fil-Kunsill Presbiterali m'aħniex rappreżentati direttament, ħadna sehem kbir fit-tfassil tad-Direttorju Liturġiku — li hu aktar kateketiku milli Liturġiku — li ġie diskuss fi ħdan l-istess Kunsill. Dnub li dak id-Direttorju qala' daqqa mhux mistennija — rigward il-katekeżi parrokkjali — qabel ma għadu biss ġie publikat. Dnub ikbar li d-daqqa li ġiet mogħtija ma ġietx irtirata.

Ringrazzjament u Tamiet

Niżżu ħajr minn qalbna lill-individwi u lill-gruppi ekkleżjali kollha li fil-passat, l-aktar tul l-1982, ħadmu id f'id magħna biex jimxi 'l quddiem fid-djoċesi l-valur "katekeżi". Għandna tama qawwija li bit-tfassil u t-tħaddim tal-Pjan Pastorali għad-Djoċesi, dan il-valur ikompli jieħu f'moħħ kulħadd li l-rijorganizzazzjo-

ni tal-Kummissjoni, mistennija għall-bidu ta' 1983, tkun taqbel max-xogħol li żgur jitħalla f'idejha minn dan il-Pjan Pastorali. Il-Kummissjoni teħtieġ aktar persuni li jingħataw b'impenn għas-servizz ta' dan il-valur tant vitali għall-ħajja fid-djoċesi. M'għandniex dubju li b'rieda tajba, dawn il-persuni jinstabu. Bil-għajnuna t'Alla u bil-koperazzjoni tal-gruppi u l-individwi kollha konċernati, nistgħu nagħtu lill-Knisja strument tassew utli ta' evanġelizzazzjoni u katekeżi aġġornata.

JOSEPH BORG MICALLEF,
President.

DUN PAWL CAMILLERI,
Segretarju.

UFFIĊĊJU KLERU

Il-Hidma ta' l-Uffiċċju Kleru hija mfissra ġod-Direttorju tal-Kleru nru. 21 u fl-Appendiċi IV nru. 6 ta' l-istess Direttorju tal-Kleru.

Spiritwalità

1. Permezz tal-Kummissjoni ta' l-Irtiri l-Uffiċċju ta il-kontribuzzjoni sħiħa tiegħu biex jara li l-irtiri tal-Kleru, din is-sena bħal fl-aħħar snin jaslu li jħallu l-frott meħtieġ. Sar progress rigward l-għażla tal-Predikatur, il-format jew il-metodu użat fl-irtir. Mons. Salv Grima, li ta ħajtu għal dan l-iskop, kien ta' inkoraġġiment kull ħin.
2. Mill-lista li tinżamm fl-Uffiċċju jirriżulta li l-Kleru u djoċesan bħala regola, jattendu għall-irtir darba kull sentejn, numru konsiderevoli, li jiżdied minn sena għall-oħra, jagħmel irtir kull sena, waqt li numru żgħir joqgħod jistenna l-ewwel jew it-tieni 'reminder' biex jinkitbu għall-irtir.
3. Din is-sena inħass sewwa l-bżonn li f'kull irtir ikun hemm 'animatur' li flimkien mal-Predikatur u d-Direttur tad-Dar jikkordinaw aħjar l-irtir.
4. Kien hemm tentattiv li d-Dar tkun fornita b'sistema ta' loudspeakers fil-kurituri u b'tagħmir ta' tapes ta' kant u diskorsi adatti biex jgħinu tinħoloq aktar atmosfera tajba għall-Irtir imma l-ispejjeż tad-Dar għadhom, s'issa ma jlaħħqux għal dan.
5. Haġa li kienet u għadha ddejjaq lil numru kbir ta' ritirandi hija li xi whud għadhom ma kkonvinċewx lilhom infushom mill-bżonn tas-silenzju waqt il-ħin ta' l-irtir.

Aġġornament teoloġiku

6. L-aġġornament tal-Kleru, huwa immexxi bħal każ ta' l-Irtiri, minn Kummissjoni, li tagħha l-Uffiċċju Kleru huwa membru. L-Uffiċċju jieħu ħsieb li jgħin fl-organizzazzjoni tal-Laqgħat, fix-xogħol tas-Segreterija u jżomm lista ta' l-attendenza.
L-attendenza, din is-sena,

bħas-sena li għaddiet, tista' tgħid li kienet pożittiva mija fil-mija jekk tneħħi l-invalidi u l-anzjani u dawk raġunevolment skużati. Dan l-appoġġ sħiħ min-naħa tal-Kleru jitlob li dawn il-korsijiet jibqgħu u jkunu organizzati sewwa u b'mod intelliġenti.

7. Jixraq li dan il-Kors ikollu 'follow up' ta' Laqgħat imħejjija mill-istess Kummissjoni għall-Laqgħat Distrettwali u Parrokkjali tal-Kleru għal matul is-sena. B'hekk kull sena, il-Kleru kollu jkollu 'tema komuni' fuq hiex jipprofondixxi fil-Laqgħat tiegħu.

Hidma Pastorali — Mandat u Evalwazzjoni

8. L-Uffiċċju biex ikun jista' jżomm aġġornat fuq il-Hidma ta' kull membru tal-Kleru Djoċesan, jipprova li jżomm kuntatt għaddej, mas-Superjur immedjat, mal-Qassis individwali u ma' oħrajn meta jkun il-każ.
   Dan il-kuntatt isir permezz ta' telefon, kitba, vista personali u fuq il-post. Il-Jum ta' nhar ta' Tlieta u fil-għaxijiet matul il-ġimgħa, ġeneralment hu ddedikat lil din il-kwalità ta' xogħol.

9. Każijiet u diffikultajiet fuq din il-ħaġa ma jonqsux. Anzi li jlaħħqu ma' tlieta jew erba' fil-ġimgħa; uħud ta' natura personali, ħafna imħabba esiġenzi pastorali, xi whud minħabba mard, mistrieħ, għixien, eċċ. Xi whud huma żgħar, oħrajn huma serji, delikati u sensittivi, li jitolbu għaqal, prudenza u komprensjoni.
   Bil-għajnuna tal-Konċernat u bil-kooperazzjoni ta' oħrajn skond il-każ, daqqa malajr u daqqa ħadu ftit fit-tul, dejjem waslu għal soluzzjoni ġusta.
   F'dawn il-korsijiet tinħass sewwa l-utilità tal-Uffiċċju u tgħidx kemm isir ġid fil-kwiet u moħbi f'dan ir-rigward.
   Monsinjur Arċisqof u Mons. Vigarju dejjem taw attenzjoni partikulari f'dan ir-rigward u l-għajnuna kienet tkun immedjata meta jkunu informati bil-każ.

10. It-twettiq tal-mandat u l-evalwazzjoni tiegħu jitolbu li kull saċerdot ikollu 'time-table' tal-ħidma tiegħu li s'issa f'numru mhux żgħir tal-Kleru m'aħniex iddixxiplinati għaliha. Biss wasal iż-żmien, imħabba diversi fatturi, il-Hidma Pastorali trid tkun organizzata aħjar u b'mod aktar dixxiplinat.

Ġenerali

11. L-uffiċċju ma' tul is-sena ħa ħsieb li jiġbor l-informazzjoni kollha mitluba mill-Board tar-Riċerka għall-Pjan Pastorali, rigward il-Kleru Djoċesan. Din l-informazzjoni tagħti kwadru ċar tan-numru, età, distribuzzjoni, preparazzjoni u ħidma tal-Kleru Djoċesan kollu.

12. Saret vista fid-dar lill-Qassisin invalidi u Anzjani li ma joħorġux, billi kienet is-sena ddedikata lill-Anzjani.

13. Meta kien infurmat fil-ħin, ħa parti fil-funerali u avveni-

menti oħra tas-Saċerdoti.

14. Mil-lista li tinżamm fl-uffiċċju jidher ċar li l-maġġoranza tal-Kleru Djoċesan qiegħed iqaddes b'suffraġju tas-saċerdot ħuh meta jmut. Xi uħud però għadhom ma bdewx jirritornaw in-nota li tintbagħtilhom.

15. L-istess rigward il-ġranet tas-safar. Mhux il-kleru kollu li jara lil Monsinjur Arċisqof qabel ma jsiefer jew inkella jibgħat lura n-nota rigward is-safar mibgħuta mis-Segreterija.

DUN ANG VELLA.
1-1-83.

UFFIĊĊJU RELIĠJUŻ

L-Uffiċċju għar-Reliġjużi ġie mwaqqaf b'Digriet tad-9 ta' April, 1979.

L-Uffiċċju fdat lil saċerdot reliġjuż, maħtur wara konsultazzjoni mal-Kunsill tal-Provinċjali. Din il-ħatra hi għal perijodu ta' ħames snin.

L-għan ta' dan l-Uffiċċju hu l-inserzjoni u l-koordinament tas-saċerdoti reliġjużi fil-ħidma pastorali tal-Komunità djoċesana. Iżda, dan ix-xogħol qed isir indipendentement mill-Uffiċċju tar-reliġjużi, għax inkwantu għall-Parroċċi dawn huma kompetenza ta' kull Ordni Reliġjuż u inkwantu għall-ħatriet ta' reliġjużi fil-ħidma pastorali tad-Djoċesi, dan isir direttament bi ftehim bejn l-E.T. Mons. Arċisqof u l-Provinċjal tar-reliġjuż konċernat.

Id-Delegat u Kap ta' l-Uffiċċju Reliġjużi jżomm kuntatt ma' l-Uffiċċji l-oħra tas-Segreterija Pastorali. Fil-fatt, mal-Kapijiet ta' l-Uffiċċji l-oħra u bejnietna kien hemm dejjem kooperazzjoni sħiħa. Hekk sar fil-laqgħat tad-Dekanati, fil-ħruġ tal-fuljett 'Ilkoll Aħwa fi Kristu', fil-Kummissjonijiet ta' Aġġornament teoloġiku u ta' l-Irtiri tal-Kleru, fil-ġbir ta' informazzjoni dwar ħidma ta' reliġjużi fid-Djoċesi.

Barra minn dan, l-iskedarju tar-reliġjużi jinżamm aġġornat, biex meta tinqala' xi ħtieġa jkun jista' jingħata tagħrif tajjeb. Il-Kap ta' l-Uffiċċju Reliġjużi huwa għad-dispożizzjoni tal-Kunsill tal-Provinċjali u ta' dawk ir-reliġjużi li jmorru jikkonsultawh. Ġieli wkoll jiġi mitlub jieħu sehem f'xi laqgħat tal-Kurja dwar xi problema tar-reliġjużi u f'xi attività mfassla mill-Kunsill tal-Provinċjali.

SALVINO J. DARMANIN, S.J.

KUNSILL DJOĊESAN TAL-APOSTOLAT TAL-LAJĊI

Biex jiżgura l-koordinament tal-Għaqdiet u Movimenti fuq livell djoċesan, kif ukoll l-inseriment tagħhom dejjem akbar fl-apostolat ġenerali tal-Knisja, il-K.D.A.L. żamm matul is-sena 1982 ħdax-il laqgħa tal-Kunsill, li tnejn minnhom kienu ta' talb u formazzjoni, u dsatax-il laqgħa tal-Eżekuttiv tiegħu.

Il-Kunsill kellu tlett laqgħat speċjali matul is-sena 1982. F'dik ta' Mejju, Fr Joe Inguanez, Segretarju tal-"Working Committee" tal-Pjan Pastorali Djoċesan, iddiskuta mal-membri l-Kwestjonarju li kellu jintbagħat lill-Għaqdiet u Movimenti biex fuq iċ-ċensiment li jirriżulta minnu tittieħed l-informazzjoni neċessarja ta' dawk kollha li jridu jħaddnu l-Pjan Pastorali kif jolqot lil-lajċi.

Fil-laqgħa ta' Ġunju, li għaliha kienu mistiedna d-Diriġenti ta' l-Għaqdiet, Mons J. Lupi, Segretarju djoċesan, ta tagħrif dettaljat dwar iż-żewġ Kungressi Internazzjonali fuq il-Madonna li ser isiru f'Malta f'Settembru 1983, u dwar il-Missjoni Djoċesana li thejji t-triq għalihom billi ssir konverżjoni talpoplu. L-Għaqdiet matul din il-Missjoni għandhom jaħdmu biex jiġbdu lil kulħadd fil-parroċċi permezz ta' kuntatt individwali, biex jiġbdu l-familji fuq bażi parrokkjali għad-dispożizzjoni tal-kappillani u biex jikkoordinaw mad-Djoċesi.

F'dik ta' Diċembru, li fiha kienu preżenti wkoll id-Diriġenti tal-Għaqdiet u Movimenti, Fr Paul Chetcuti S.J. spjega l-proġett ta' "Evanġelizzazzjoni miż-Żgħażagħ għaż-Żgħażagħ".

L-Eżekuttiv żamm seba' laqgħat speċjali skond il-ħtiġijiet li nqalgħu minn żmien għal żmien. Fi Frar 1982 l-Eżekuttiv iltaqa' ma' Dun Ġorġ Dalli, direttur tal-Istitut Kattoliku u ma' Fr Joe Borg dwar l-integrar tal-K.D.A.L. fir-riforma tal-Istitut Kattoliku, meta l-KDAL offra l-użu talkmamar tiegħu lill-Għaqdiet għallaqgħat tagħhom u kamra biex tintuża għal privat b'xejn fl-iskema imnedija mill-Istitut Kattoliku.

F'Ġunju 1982 l-Eżekuttiv iltaqa' mad-Diriġenti tal-Għaqdiet u ddiskuta l-Abbozz ta' Statut għat-twaqqif tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (K.D.Ż).

F'Lulju 1982 l-Eżekuttiv mas-Segretarji tal-Għaqdiet semgħu lil Mons J. Lupi jispjega x'qed isir bħala preparazzjoni għal Kungressi Marjani 1983 u għall-Missjoni, u x'kollaborazzjoni u thejjija qed jistenna mill-Għaqdiet biex Malta tiġġedded fl-ispirtu nisranija permezz ta' Marija.

F'Awissu 1982, wara l-attakki li saru lil Mons Arċisqof fil-pubbliku, l-Eżekuttiv sejjaħ id-Diriġenti tal-Għaqdiet, u minħabba ċ-ċirkustanzi nkitbet ittra ta' solidarjetà ma' l-Arċisqof f'isem l-Għaqdiet kollha filwaqt li dawn esprimew ubbidjenza għax-xewqat ta' l-Eċċellenza Tiegħu.

L-Eżekuttiv kellu laqgħa f'Settembru 1982 mar-rappreżentanti tal-Kunsill Djoċesan tal-Apostolat tal-Lajċi t'Għawdex dwar ko-operazzjoni bejn iż-żewġ Kunsilli u ntlaħaq ftehim li kellha tingħata attenzjoni lin-numru ta' ħaddiema u stu-

denti Għawdxin li qegħdin joqgħodu Malta.

Biex il-poplu jkun edukat u mgħallem jilqa' kontra l-materjaliżmu u l-idejat pagani li qed jinbtu fostna, l-Eżekuttiv, f'Novembru 1982 stieden lil Fr Joe Borg u lil nies imdaħħla fil-ġurnaliżmu għal diskussjoni fuq il-Mezzi li għandhom jintużaw.

Meta l-kampanja dwar id-divorzju bdiet titqanqal sewwa, l-Eżekuttiv stieden lid-Diriġenti ta' l-Għaqdiet 1982, u ttieħdu d-deċiżjonijiet biex isir sforz koordinat biex il-poplu jkun edukat sewwa ħalli jifhem il-ħsara li jġib id-divorzju minn naħa reliġjuża u soċjali.

Proġetti u Hidma li twettqu matul l-1982

1. Fl-4 ta' Marzu 1982 saret laqgħa ta' tagħlim għall-poplu dwar l-Enċiklika "Laborem Exercens" fl-Istitut Kattoliku. Il-panel kien jikkonsisti minn: Dr John Grech, Fr Joe Fsadni u Miss Doris Borg. Saret propaganda kbira għaliha billi intbagħtet ċirkulari lill-Presidenti tal-Għaqdiet, lill-Kunsilli Parrokkjali, lill-Kappillani u lill-membri tal-K.D.A.L. Sar poster u saru avviżi fil-ġurnali.

2. Pellegrinaġġi ta' Penitenza. Saret insistenza mar-rappreżentanti tad-Dekanat li jkun.

Bħala għeluq ta' dawn saret il-Via Crucis mal-Arċisqof nhar is-Sibt 3 ta' April 1982 li, għall-ewwel darwa, kienet organizzata mill-K.D.A.L. Inġiebet il-Vara l-Kbira mill-Knisja ta' Ġieżu, inkiteb ':'script" għal tal-apposta u mużika nofsha oriġinali u nofsha popolari. Saret propaganda kbira permezz ta' press releases, avviżi speċjali fil-gazzetti, posters u leaflets, ċirkularijiet lill-kappillani u lill-għaqdiet. Membri mill-Għaqdiet qraw siltiet adattati u tqassmu leaflets għall-okkażjoni li kellhom il-kliem tal-kant. Kien sar ukoll "rehersal" tal-organizzazzjoni kollha fil-Knisja ta' Sta. Katerina d'Italia.

3. Wara ħafna ħidma mill-Konsultur Ekkleżjastiku, Mons Alwiġ Deguara, il-Kunsill żdied b'sitt Movimenti ġodda ta' Spiritwalità:

Opera di Maria (Focolarini)
Moviment Missjunarju
Third World Group
Grupp Kultura Marjana
Moviment Kariżmatiku
Moviment Neo-Katekumenali

Ir-rikors biex dawn jissieħbu fil-K.D.A.L. kien approvat minn Mons Arċisqof fit-12 ta' Marzu 1982.

4. Fl-1 ta' Mejju 1982 il-K.D.A.L. organizzat il-Festa ta' San Ġużepp Haddiem. It-tema kienet "Viva l-Haddiem". Oriġinali kienet is-"slide feature" dwar l-Enċiklika "Laborem Exercens" li saret qabel il-konċelebrazzjoni minn Mons Arċisqof.

Saru offerti tal-għodod minn ħafna ħaddiema, waqt li l-offerti talquddiesa tellgħuhom ix-xjuħ tal-Istitut "Little Sisters of the Poor". Dawn ingħataw ċekk ta' £100.

Ġie mitbugħ ktieb bil-qari tal-quddiesa u l-kant. Saret propaganda kbira permezz ta' poster attrajenti, avviżi fil-gazzetti kollha u ċirkularijiet lill-Għaqdiet u Kappillani.

5. Bħala bidu għall-Missjoni Djoċesana l-Arċisqof mexxa pellegrinaġġ ta' kleru u reliġjużi fit-13 ta' Mejju 1982 mill-Knisja ta' Sta. Katerina għall-Kon-Katidral ta' San Ġwann fl-istatwa tal-Madonna Ta' Fatima. Dan il-pellegrinaġġ ingħaqad mal-operaturi kollha li kienu f'San Ġwann, fejn saret konċeleb-

razzjoni. Din kienet ukoll att ta' ringrazzjament għall-fejqan tal-Papa. Il-K.D.A.L. ħeġġeġ permezz ta' ċirkulari lill-membri tal-għaqdiet biex jattendu, u kellu sehem fl-organizzazzjoni kollha.

6. Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ. Il-Presidenti tal-Għaqdiet, flimkien mal-Kunsill, qiesu li ż-żgħażagħ kellhom jieħdu prijorità fuq affarijiet oħra fit-tlett laqgħat li nżammu fl-1981. Inħatar "working committee" sabiex jipprepara abbozz ta' statut. Saru diversi laqgħat mar-rappreżentanti tal-Għaqdiet u Movimenti, mad-Diriġenti u ma' esperti f'dan il-kamp, meta dan l-abbozz kien diskuss u rivedut. Fil-25 ta' Awissu 1982 l-abbozz intbagħat lis-Segretarju tal-Arċisqof, li laqgħu favorevolment. Għandha ssir laqgħa il-Ħadd 16 ta' Jannar 1983 biex titwaqqaf dil-Kummissjoni.

7. Missjoni Djoċesana. Fil-ftuħ tal-Missjoni Djoċesana li sar fl-1 ta' Ottubru 1982 fil-Knisja tal-Mosta, il-K.D.A.L. bagħat ċirkularijiet iħeġġu l-membri tal-Għaqdiet u Movimenti biex jattendu bi ħġarhom.

Wara ż-żewġ laqgħat li Mons. J. Lupi kellu mal-Kunsill u mal-Eżekuttiv dwar il-Missjoni f'Ġunju u Lulju 1982, bħala l-ewwel pass biex jintgħarfu x'inhuma r-riżorsi li jeżistu fost il-lajċi, intbagħtet ċirkulari lill-Għaqdiet kollha biex jagħtu l-ismijiet tal-kelliema li lesti joffru s-servizzi tagħhom waqt il-Missjoni. Il-K.D.A.L. kien inkarigat ukoll biex jiġbor l-attività li kull Għaqda/Moviment ser twettaq matul il-Missjoni, għala għaqda kif ukoll fuq livell djoċesan. Fil-25 ta' Awissu 1982 intbagħtet tweġiba lil Mons Lupi fejn kien hemm bit-dettal il-ħidma li kull għaqda kellha twettaq, kif ukoll dawn is-suġġerimenti fuq skala djoċesana:—

(a) Laqgħa Marjana Nazzjonali fuq il-fosos tal-Furjana.

(b) Pellegrinaġġ bil-lejl għal Santwarju Marjan.

(ċ) Wirja devota lejn il-Madonna fuq il-baħar.

Il-K.D.A.L. ġie inkarigat ukoll biex jieħu ħsieb il-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu matul il-ġimgħa li ser jingieb hawn Malta.

8. Ġurnaliżmu. Il-K.D.A.L. fassal "Code of Ethics" biex jiġi propost lill-operaturi tal-Komunikazzjoni Soċjali f'Malta. Huwa ibbażat fuq id-dokument tal-Konċilju Vatikan II "Inter Mirifica" u fuq id-Dokument maħruġ mis-Segretarjat tal-Vatikan fuq il-Mezzi ta' Komunikazzjoni. Dan intbagħat lil Mons Lupi. Intbagħtet ċirkulari lill-għaqdiet biex jagħtu ismijiet ta' dawk li kapaċi jikkontribwixxu b'artikoli u ittri fil-ġurnali; u diġà nżammu żewġ seduti ma' dawn il-kontributuri.

9. Proġett ta' "Evanġelizzazzjoni miż-Żgħażagħ għaż-Żgħażagħ" Fr. Paul Chetcuti S.J. kien diġà spjega dal-proġett lid-Diriġenti tal-Għaqdiet f'Diċembru 1982, minħabba li jinvolvi apostolat individwali u speċjalizzat minn membri żgħażagħ li jinsabu f'diversi għaqdiet u għalhekk ikun hemm il-ħtieġa li l-għaqdiet jissagrifikaw il-membri tajbin għal dan il-proġett. L-"steering committee" ta' dan il-proġett kien jinkludi wkoll lill-Konsultur Ekkleżjastiku u s-Segretarju tal-K.D.A.L. sar ħafna xogħol ta' appelli, ċirkulari tajiet, avviżi eċċ.

10. Il-K.D.A.L. issieħeb fil-"European Lorum of National Laity Councils and Committee" bħala full member. Il-laqgħa li tmiss ta' dan

il-Forum ser issir f'Dublin fl-1984.

11. Saru "Press Releases" dwar: is-sospensjoni u t-tkeċċija ta' ħaddiema; il-wiri ta' films "H"; il-programm ta' ħidma tal-KDAL għassena 1982/83; u l-loqgħa tal-Kunsill li nżammet f'Ottubru 1982.

12. Membri tal-Kunsill jokkupaw post f'dawn il-kummissjonijiet:-

a) Kunsill Pastorali.
b) Kunsill Rappreżentattiv Djoċesan.
ċ) Kummissjoni Djoċesana Films.
d) Kummissjoni Familja.
e) Caritas.
f) Bord tad-Diretturi tal-Istitut Kattoliku.

Żewġ membri tal-Eżekuttiv huma fil-Kumitat Organizzattiv tal-Kungressi Marjani 1983.

13. Għas-sena 1983 hemm dawn il-proġetti:-

i) Twaqqif tal-K.D.Z. (Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ).

ii) Twaqqif ta' Kummissjoni Ġurnaliżmu.

iii) Laqgħat ta' Talb għal membri tal-Għaqdiet/Moviment kull tielet ġimgħa tax-xahar minn Jannar sa Ġunju 1983 fi knejjes differenti l-Belt bi skop li tixtered id-devozzjoni tar-Rużarju (bħala parti mill-Missjoni Djoċesana).

iv) Twettiq tal-programm talmiġja tal-Kwadru tal-Madonna ta' Pinu hawn Malta.

v) Attività djoċesana popolari waqt il-Kungressi.

vi) Ko-ordinament mal-K.D.A.L. t'Għawdex.

vii) L-organizzazzjoni tal-Via Crucis mal-Arċisqof matul ir-Randan u l-Festa ta' San Ġużepp Haddiem.

viii) Laqgħat ta' Tagħlim.

ix) Riforma tal-Għaqdiet rigward l-ispiritwalità, u żieda fin-numru.

x) Riforma tal-Istatut tal-K.D.A.L.

FRANK BUSUTTIL,
President — KDAL.

SEGRETARJAT GHALL-EDUKAZZJONI

1. Is-Segretarjat ta' l-Edukazzjoni nisranija huwa mmexxi minn reliġjuż provinċjal li jagħtih żmien kemm jippermettulu l-impenji l-oħra li għandu, u minn soru li taħdem "full time" skond l-orarju tal-Kurja.

2. Għal ħafna raġunijiet, s'issa s-Segretarjat ikkonċentra fuq ix-xogħol u l-animazzjoni ta' l-iskejjel tal-Knisja; f'oqsma oħra tajjeb li jimxi bi prudenza kbira. Min-naħa ta' l-iskejjel ukoll kien hemm xi reżistenza li naqset ħafna għalkemm ma spiċċatx għal kollox.

3. Bis-saħħa tas-Segretarjat l-iskejjel tal-Knisja qegħdin aktar u aktar jimplimentaw l-ideat li jinsabu fid-dokumenti tas-S. Sede li jirrigwardaw kemm in-natura ta' l-iskola kif ukoll l-impenn tas-surmastrijiet, reliġjużi jew lajċi. Tqassmu eluf ta' sintesi tad-dokument "L-iskola kattolika" u saru diversi seminars fuqu. Hekk ukoll qed jitħejja seminar għas-surmastrijiet kollha fuq l-aħħar dokument: 'Il-lajċi bħala xhieda tal-fidi fl-iskola".

4. Id-Delegat kellu u għad għandu parti kbira fil-ġlieda għall-ħajja ta' l-iskejjel. Taħt it-tmexxija ta' l-

Arċisqof huwa għandu kuntatt kontinwu mal-F.P.T.A. u mal-P.S.A. mal-"working committee" u mal-Provinċjali li għandhom l-iskejjel. Jieħu ħsieb ukoll isemmi l-vuċi tal-Knisja u ta' dawn l-iskejjel fil-ġurnali.

5. Irnexxielu wara ħafna laqgħat u diplomazija jikkonvinċi l-"heads" ta' l-iskejjel primarji biex ineħħu ċ-ċelebrazzjoni ta' l-ewwel tqarbina mill-iskejjel ħa ssir fil-parroċċi. F'kumitat mar-rappreżentanti tal-Kulleġġ tal-kappillani u tal-Provinċjali qiegħed jistudja mezzi biex l-iskejjel jintegraw ruħhom fil-parroċċi u kemm jista' jkun jgħinu lill-kappillani, speċjalment fil-qasam taż-żgħażagħ.

6. Xogħol "routine" li jsir mis-Segretarjat huwa l-ġbir ta' l-informazzjoni fuq l-iskejjel e.g. numru ta' tfal jew studenti, klassijiet, programmi, kwalifiki tas-surmastrijiet, u dan l-aħħar, kif qiegħda ssir l-animazzjoni spiritwali ta' l-istudenti. Din l-idea dieħla f'ċerti skejjel, iżda fi skejjel oħra għadha fi stadju ta' kalma. Il-kawża ta' dan hu l-ħafna "overwork" ta' ħafna "heads" u finnuqqas ta' nies kompetenti għal dan ix-xogħol ta' fejda.

7. Is-Segretarjat organizza flimkien ma' l-Arċipriet ta' San Pawl, il-Belt, laqgħa għal "school leavers" qrib il-festa ta' S. Pawl u waqt il-Quddiesa li saritilhom l-Arċisqof waslilhom messaġġ importanti ħafna.

8. Saru riċerki fuq il-ħtieġa tal-preżenza ta' saċerdoti, speċjalment fl-iskejjel tas-sorijiet, u l-Uffiċċju kleru tal-Kurja ġie mgħarraf bil-ħtiġijiet li hemm biex kemm jista' jkun jipprovdi għalihom.

9. Saru laqgħat għall-"Heads" ta' l-iskejjel u tfassal programm ta' attivitajiet: saret diskussjoni fuq il-ħtiġijiet u l-iżviluppi li għandhom isiru fil-ġejjieni. Għal-laqgħa kien hemm preżenti l-Arċisqof li, wara li sama' l-opinjonijiet tal-"Heads", kellu kliem ta' inkoraġġiment għalihom.

10. Id-Delegat jirrappreżenta l-"private schools" fil-"Board of Religious Studies" tal-Università u jattendi regolarment il-laqgħat biex iwassal it-tagħrif meħtieġ.

11. Bil-kunsens tar-Rettur tal-Università u flimkien maċ-"Chief Religious Inspector" ta' l-iskejjel tal-Gvern saret ġurnata ta' studju fl-Università fuq il-programm u l-kontenut tar-Reliġjon, li saret fl-Istitut Kattoliku.

12. Is-Seminar li sar l-Università illimita ruħu għall-kontenut tal-programm, u għalhekk inħass il-bżonn ta' studju fuq il-ħajja spiritwali fl-iskejjel; dan l-istudju sar matul nofs ta' nhar għand is-sorijiet ta' St. Joseph, Blata l-Bajda.

13. Id-Delegat jattendi l-laqgħat tas-Sezzjoni taż-Żgħażagħ tal-K. D.A.L.

14. Flimkien mal-Fakoltà ta' l-Edukazzjoni tal-Università organizza "refresher course" ta' għaxart ijiem għat-"teachers" tal-iskejjel primarji tal-Knisja. Ġa saret talba għal kors simili din is-sena.

15. B'kuntatti mal-Media Centre ħajjar għall-korsijiet dwar il-Media f'xi skejjel: din il-kollaborazzjoni se twassal għall-parteċipazzjoni sħiħa tal-iskejjel tal-Knisja fl-operazzjonijiet tal-Media Centre.

16. Sar "pilot survey" fi tliet skejjel sekondarji fuq l-atteġġjament ta' l-istudenti lejn il-Knisja u l-ħajja parrokkjali. Hemm ħsieb li dan is-

survey jestendi ruħu għall-iskejjel kollha, bil-koperazzjoni tal-M.A.S.

17. Bħala parti mill-Missjoni Djoċesana id-Delegat qiegħed jaħdem ma' membri oħra biex jagħti lill-istudenti informazzjoni u materjal ta' tagħlim reliġjuż skond iż-żmien li jkun.

18. Permezz ta' kontribuzzjoni żgħira mill-iskejjel is-Segretarjat seta' jakkwista l-għamara u l-"equipment" meħtieġa, u jħallas ir-'running costs".

Br. DOMINIC ROSSO F.S.C.

L-ISTITUT KATTOLIKU

Wieħed irid jara x'inhuma l-iskopijiet ta' l-Istitut Kattoliku wara li jkun talab u studja fuq il-ħtiġijiet tal-Knisja f'Malta. F'dan l-eżerċizzju rajna ċar li l-Istitut Kattoliku għandu jkun post li: (1) ixerred it-tagħlim nisrani; (2) ikabbar il-kultura nisranija; (3) jorganizza attivitajiet għall-Animazzjoni Spiritwali.

1. Tagħlim Nisrani

(i) Biex jagħmel dan l-Istitut Kattoliku l-ewwelnett ħaseb biex jaġġorna l-Librerija li kienet diġà eżistenti. Illum il-Librerija ta' l-Istitut Kattoliku hija "Lending Library".

(ii) Bħalissa wkoll hemm grupp eżistenti mwaqqaf mill-Istitut Kattoliku biex jieħu ħsieb jibda jorganizza Laqgħat, Forums, Debates, eċċ. biex inxerrdu aktar it-tagħlim nisrani fost il-poplu. Dan il-grupp se jibda l-ħidma tiegħu kmieni s-sena d-dieħla. Għal dan il-għan qegħdin jiġu rranġati u mhejjija awli u kmamar għall-konferenzi.

2. Kultura Nisranija

(i) Għal dan il-għan l-Istitut Kattoliku se jipprova jagħmel użu aħjar mill-Awditorjum tiegħu. Għal dan il-għan l-Istitut Kattoliku waqqaf il-grupp tad-drama residenti tiegħu (M.A.S.K. Membri Atturi Stitut Kattoliku).

Diġà saru rappreżentazzjonijiet ta' Drammi Kulturali b'messaġġ minn din il-għaqda. Il-M.A.S.K. se tieħu ħsieb ukoll torganizza play forums fl-Istitut Kattoliku stess u f'dawk il-parroċċi li jitolbu dan is-servizz.

(ii) L-Istitut Kattoliku wkoll jorganizza Cine-Forum darba fix-xahar biex b'hekk jagħti aktar edukazzjoni fuq il-film ħalli wieħed ikun kapaċi janalizza aktar il-film.

(iii) Irranġa spazju tajjeb biex ikunu jistgħu jittellgħu wirjiet u Exhibitions fuq suġġetti reliġjużi u kulturali.

3. Animazzjoni Spiritwali

(i) Għal dan il-għan diġà thejjew Kappella u 3 Prayer Rooms. Qiegħed isir ukoll xogħol strutturali fuq Retreat Space ħalli fl-Istitut stess ikunu jistgħu jsiru rtiri bil-magħluq għal sa 16-il persuna.

(ii) Qegħdin jiġu organizzati diġà diskussjonijiet u Prayer Groups kull nhar ta' Ġimgħa.

(iii) Ġie rranġat il-Bar biex ikun jista' joffri l-ikel ħalli jkun possibbli li fl-Istitut isiru irtiri u seminars ta' ġurnata. Fil-fatt dawn diġa' bdew.

(iv) Qegħdin jiġu mhejjija Counselling Rooms ħalli l-Istitut Kattoliku jkun verament Ċentru ta' għajnuna għal kulħadd. Barra minn dan qiegħed isir ukoll taħriġ lil grupp ta' żgħażagħ ħalli huma wkoll ikunu ta' għajnuna f'dan il-qasam.

Barra minn dan l-Istitut Kattoliku xtaq ukoll li jgħin fil-qasam soċjali tal-poplu Malti. Għal dan il-għan ħejja skema ta' Privat b'xejn li minnha qegħdin jibbenifikaw madwar 600 student.

Dan serva wkoll biex aktar nies isiru midħla ta' l-Istitut Kattoliku. B'hekk l-attivitajiet tiegħu jkollhom aktar aċċess għall-poplu.

Dmir ieħor li jħoss l-Istitut Kattoliku huwa li juża l-Auditorium tiegħu bħala mezz ta' rikreazzjoni onesta għall-familja Maltija. Għal dan il-għan qiegħed jiġi rranġat l-Auditorium biex fuqu jkunu jistgħu jittellgħu Drammi ta' ċerta klassi.

Nemmen li l-Mulej qiegħed ibierek din il-ħidma għax mhix qegħda ssir mingħajr diffikultà.

KUMMISSJONI DJOĊESANA FAMILJA

Il-Kummissjoni Djoċesana Familja twaqqfet f'Lulju 1980, taħt il-Presidenza ta' Monsinjur Arċisqof. L-għan tal-Kummissjoni huwa biex tikkoordina l-ħidma pastorali tal-familja li ssir fl-Arċidjoċesi ta' Malta u biex jiġu studjati sitwazzjonijiet partikulari li jolqtu l-ħidma pastorali tal-familja u tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

Il-Kummissjoni Djoċesana Familja hija magħmula hekk:

President: L-Eċċ. Rev. Monsinjur Arċisqof.

Segretarju Djoċesan: Mons G. Lupi.

Segretarju: Dun Louis Camilleri.

Membri: Rappreżentanti ta' dawn l-organizzazzjonijiet:

Moviment ta' Kana

Kummissjoni Emigranti

Caritas

K.D.A.L.

Kulleġġ tal-Kappillani

Kulleġġ tal-Viċijiet

Kunsill Pastorali

Żgħażagħ Haddiema Nsara

Kummissjoni Kateketika Nazzjonali

Legion of Mary

Individwi.

Matul l-1982, il-Kummissjoni Djoċesana Familja iltaqgħet regolarment fil-Kurja tal-Arċisqof, Floriana. B'kollox, fl-1982 saru tmien laqgħat, f'Jannar, Mejju, Ġunju, Lulju, Settembru, Ottubru u Novembru.

Fost l-attivitajiet li wettqet il-Kummissjoni Djoċesana Familja matul din is-sena, kienu dawn:

1. Sar studju u ntbagħtu tweġibiet għal kwestjonarju li l-Kunsill Pontifiċju għall-Familja bagħat lill-Konferenza Episkopali dwar il-ħidma pastorali tal-familja fid-Djoċesi.

2. Ġiet diskussa l-problema tal-I.U.D. (Intra Uterine Device), wieħed mill-kontraċettivi li qed jintużaw f'Malta u li barra li huwa kontraċet-

tiv huwa wkoll mekkaniżmu li jwettaq l-abort (abortifacient). Bħala riżultat ta' din id-diskussjoni, Dr. E. Licari kiteb artiklu dwar l-I.U.D. li ġie ppublikat fil-Bulletin Djoċesan u ġie ssuġġerit li jiġi ppublikat ukoll fil-fuljetti parrokkjali u riviżti.

3. Ingħata tagħrif dwar il-problemi taż-żwiġijiet ta' Maltin ma' barranin, b'riferenza speċjali għaż-żwiġijiet mal-musulmani, u l-ħidma li l-Kummissjoni Emigranti qegħda tagħmel f'dan ir-rigward.

4. Saret diskussjoni dwar il-Missjoni Djoċesana u l-Kungress Marjan u l-ħidma li l-Kummissjoni Familja għandha tagħmel f'dawn l-attivitajiet.

5. Ġie studjat il-"Familiaris Consortio". Saret diskussjoni kemm dwar il-ħidma pastorali li qegħda ssir għall-familja skond il-"Familiaris Consortio" u x'hemm bżonn li jsir, speċjalment rigward it-thejjija tal-għarajjes għaż-żwieġ, il-home visits, il-problema tad-divorzjati, il-gruppi tal-familji eċċ.

6. Saret laqgħa għal awturi Maltin bil-għan li jiġu mistiedna jiktbu novelli u plays bi sfond ta' valuri insara tal-familja fid-dawl tal-"Familiaris Consortio". Għandha ssir laqgħa oħra ta' follow up.

7. Ġie mistieden rappreżentant tal-Kummissjoni tad-Djar tat-tfal fejn ta tagħrif u saret diskussjoni dwar il-'fostering' u l-'problemi families'.

8. Saret diskussjoni dwar it-tagħlim tal-etika morali lit-tobba u saru arranġamenti biex l-istudenti tal-mediċina jerġa' jibda jsirulhom laqgħat dwar is-suġġett.

F'Novembru, il-Kunsill Pontifiċju Familja stieden lill-Konferenza Episkopali biex tieħu sehem fl-ewwel Kungress Ewropew dwar il-Ħidma Pastorali tal-Familja li organizza dan il-Kunsill. Tliet membri tal-Kummissjoni Djoċesana Familja marru għal dan il-Kungress li sar f'Ruma bejn it-22 u 26 ta' Novembru 1982, f'għeluq l-ewwel anniversarju mill-publikazzjoni tal-"Familiaris Consortio". Minbarra Malta, għal dan il-Kungress kien hemm rappreżentanti minn 17-il Konferenza Episkopali oħra, kollha mill-Ewropa, u kienu jinkludu isqfijiet, saċerdoti, miżżewġin u sorijiet, b'kollox 70 persuna kollha involuti fil-ħidma pastorali tal-familja.

Il-Kungress kien ibbażat fuq tlett dokumenti prinċipali li kienu jittrattaw dwar:

1. Il-Missjoni tal-familja: Il-valur fundamentali u l-Inspirazzjoni tal-"Familiaris Consortio", mill-Eċċ. Tiegħu l-Arċisqof Josef Tomko, Segretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet.

2. L-għeruq tal-"Familiaris Consortio": Dawl u Dellijiet tal-Familja llum", mill-Eċċ. Tiegħu l-Isqof Jacques Julien.

3. Tweġibiet Pastorali għall-Familja llum fid-dawl tal-Familiaris Consortio, mill-Eċċ. Tiegħu l-Arċisqof Lucan Moreira Neves, Segretarju tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Isqfijiet.

Wara kull dokument kien hemm diskussjoni fi gruppi, maqsuma skond il-lingwi differenti, dwar punti mqajjma mill-kelliema u suġġerimenti għall-pastorali tal-familja.

Fit-tmiem tal-Kungress, il-parteċipanti kellhom udjenza speċjali mal-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu II, li wara li kellimhom, iltaqa' ma' kull parteċipant individwalment.

IL-MOVIMENT TA' KANA

1. Korsijiet ta' Thejjija għaż-Żwieġ

Matul l-1982, il-Moviment ta' Kana organizza 39 kors għall-għarajjes, li għalihom bil-koperazzjoni tal-Kappillani attendew madwar 1,800 koppja għarajjes. Dawn il-korsijiet jikkonsistu f'seba' laqgħat li fihom jingħata tagħlim dwar l-aspett reliġjuż, morali, psikoloġiku, legali u prattiku taż-żwieġ. Il-Moviment ta' Kana qed ihejji pjanijiet biex jibdel il-format ta' dawn il-korsijiet b'mod li jsiru aktar fuq bażi ta' gruppi ta' diskussjoni u hekk ikun hemm aktar parteċipazzjoni mill-għarajjes, u biex tingħata aktar importanza lill-ispiritwalità tal-għarajjes. Diġà sar kors ta' dan it-tip bħala prova u dan irnexxa ħafna. Iżda qabel ma l-Moviment ta' Kana jkun jista' jdaħħal dan il-format fuq skala akbar jeħtieġ iħarreġ iżjed group leaders.

Matul is-sena saru wkoll tlett Seminars għall-għarajjes, u għal quddiem, minbarra li jkomplu dawn is-Seminars, il-Moviment ta' Kana qed jippjana irtiri għall-għarajjes.

2. Counselling:

Matul din is-sena, 1635 persuna jew koppji ġew fiċ-Ċentri tal-Moviment ta' Kana għal counselling. Dawn kienu maqsumin hekk:

Cuonsellors: 920, Tobba: 469; Avukati: 256.

Dawn il-każi jinkludu problemi sesswali u infertilità, separazzjonijiet u annullamenti, eċċ.

Il-Moviment ta' Kana bħalissa għandu 14 counsellors lajċi, 4 saċerdoti, 5 tobba u 2 avukati għall-counselling. Matul din is-sena għamilna kors ta' taħriġ għall-counsellors ġodda, attendew għall-kors għaxar persuni li minnhom ġew magħżula sitta.

3. Korsijiet fl-Ippjanar Naturali tal-Familja

Dawn huma korsijiet speċjalizzati ta' sitt laqgħat li fihom jiġu mgħallma l-metodi naturali tal-ippjanar tal-familja, i.e. il-metodu tat-temperatura u l-metodu tal-ovulazzjoni (Billings).

Fl-1982, saru 15-il kors, kemm fl-Istitut Kattoliku, kemm fil-Parroċċi tal-Gżira, San Ġwann, Żejtun u Floriana. Attendew għalihom 281 koppja, kemm miżżewġin u kemm għarajjes, il-bieċa l-kbira għarajjes.

Il-Moviment ta' Kana qed ihejji biex jagħmel research xjentifiku dwar l-Ippjanar tal-Familja bil-għan li jinkiseb tagħrif dwar kemm jafu x'tgħallem il-Knisja dwar l-Ippjanar tal-Familja, jekk hux qed jimxu fuq dan it-tagħlim, x'diffikultajiet isibu, eċċ.

4. Gruppi Familji Nsara

Fil-bidu ta' din is-sena, il-GRUFAN iċċelebra egħluq l-għaxar anniversarju tiegħu. Il-Gruppi Familji Nsara huma gruppi ta' koppji miżżewġin li jiltaqgħu regolarment kull xahar biex jieħdu formazzjoni spiritwali kif ukoll jaraw x'ħidma pastorali/soċjali għandhom iwettqu.

Ħidma oħra li jwettqu l-Gruppi Familji Nsara hija l-Marriage Encounter, li jikkonsisti f'Week-End għall-grupp ta' koppji miżżewġin li fih jgħaddu minn esperjenza li tgħinhom jgħarfu aħjar lil xulxin u l-ħajja taż-żwieġ tagħhom b'mod li jkunu jistgħu jgħixu aħjar is-Sagrament taż-Żwieġ.

5. Eżerċizzi tar-Randan

Din is-sena l-Moviment ta' Kana organizza żewġ korsijiet speċjalizzati ta' Eżerċizzi għall-għarajjes u seba' għall-miżżewġin.

6. Kors Familji Aktar Ferħana:

Kors ta' sitt laqgħat għat-tfajliet u nisa miżżewġin li fih jitgħallmu ħjata, tisjir, crochet, kura tat-tfal, etika morali u ħwejjeġ oħra. Din is-sena kien is-27 kors li organizza l-Moviment ta' Kana u attendew 200 persuna.

7. Childbirth Classes

Korsijiet ta' għaxar laqgħat għan-nisa fit-tqala bi thejjija għall-ħlas. Din is-sena saru erba' minn dawn il-korsijiet li huma mfittxija ħafna.

8. Korsijiet għan-nisa tad-dar

Korsijiet għan-nisa tad-dar li fihom barra li jitgħallmu ħwejjeġ prattiċi u ta' interess għalihom ikollhom ukoll diskussjonijiet ta' natura spiritwali. Matul l-1982 saru erba' minn dawn il-korsijiet.

9. Laqgħqt

Laqgħat diversi għall-miżżewġin, dwar suġġetti konnessi mal-familja, bħalma huma kif jifhmu lil xulxin, relazzjoni mal-ulied, abort, divorzju, ippjanar tal-familja, eċċ. Saru diversi minn dawn il-laqgħat.

HIDMA PASTORALI FOST IL-ĦADDIEMA

◆ Matul is-sena li għaddiet, minbarra l-ħidma ndividwali saċerdotali li tkompliet f'diversi postijiet taxxogħol, kien hemm ukoll ħidma ta' kuxjentizazzjoni dwar il-primat talbniedem kif joħroġ mill-Enċiklika tal-Papa, 'Laborem Exercens'. Din il-ħidma saret permezz ta' 'working group' imwaqqaf għal dan il-għan. Dan ħa ħsieb jorganizza diversi laqgħat, sew f'Malta u kemm f'Għawdex, u flimkien mal-Media Centre, ħadem slide feature, stampa fuljett u skemi għal omeliji u eżerċizzi tar-Randan.

Dak li għadu ma sarx, u li għadu jinħass il-bżonn tiegħu, hi forma popolarizzata ta' l-Enċiklika. Il-kitba lesta: jonqos l-'editing' u stampi eċċ.

◆ Kampliet issir insistenza, iżda mingħajr ebda ħjiel ta' xi riżultat, ma' l-Arċisqof kif ukoll fis-Senat Presbiterjali, dwar il-ħtieġa ta' twaqqif ta' Kummissjoni Ġustizzja u Paċi. Din għandha tkun adattata għaċ-ċirkustanzi preżenti ta' Malta, u allura, fost l-oħrajn, tkun komposta minn nukleju żgħir ta' madwar 5/6 minn nies.

◆ Il-punt ewlieni hu dan:

Il-ħidma ta' ko-ordinament fost dawk li qed iwettqu xi ħidma pastorali fost il-ħaddiema, matul is-sena li għaddiet kompliet tmur lura ħafna. Mhux ta' b'xejn li, minħabba li mhux qed issir riflessjoni profonda u tejoloġika bejn dawn in-nies, din il-ħidma pastorali baqgħet limitata għall-aspett sagramentali.

Il-fatti huma dawn:

1. In-nies li qed iwettqu din il-ħidma pastorali huma diġà mgħobbija b'ħafna xogħol ieħor. Allura

laqgħa, ukoll ta' darba kull xahrejn, tidher piż ieħor żejjed. L-attendenza għal dawn il-laqgħat, minkejja sforzi kuntrarji, kienet wisq fuq bażi ta' deċiżjoni tassew individwali.

2. Din il-pastorali, li fil-Knisja mad-dinja kollha hi meqjusa bħala waħda speċjalizzata, u bħala riżultat ta' għażla ('option') li l-Knisja tkun għamlet rigward is-settur talħaddiema, f'Malta bosta baqgħu jifhmuha kif iridu huma. Mhux ta' b'xejn li għadna 'l bogħod ħafna milli jkollna 'pastorali d'insieme' għal dan l-ambjent.

3. Ma kienx hemm 'pressure' biżżejjed minn naħa ta' l-Awtoritajiet biex jinħoloq dan l-ispirtu ta' ħidma flimkien. B'hekk xi individwi baqgħu mhux biss jaħdmu għal rashom, imma — u agħar — jirrepetu l-istess żbalji ta' strateġija u metodi pastorali li mhumiex qed jagħtu tweġiba sħiħa.

Aktar minn sitt snin ilu kien ħareġ 'guidelines' għal strateġija ta' pastorali għal dan l-ambjent partikulari, iżda malajr intesa eċċ. eċċ.

Dan hu diskors li diġà sar 'ad nauseam', u kollox, bejn wieħed u ieħor, baqa' fejn kien. Però, minkejja li mhux xi diskors ħelu għallwidna, b'lejltà lejn il-komunità ekkleżjali, JRID JIBQA' JSIR!

Fr. JOE FSADNI,
Ko-Ordinatur.

KUMMISSJONI DJOĊESANA DJAR TAT-TFAL

Il-Kummissjoni tad-Djar tat-Tfal ġiet eretta kanonikament fit-12 ta' Settembru 1956; l-iskop ta' din il-Kummissjoni hu li jikkoordina l-ħidma li ssir f'Malta mill-ħafna Istituti (issa jissejħu Djar tat-Tfal) li jieħdu ħsieb it-tfal, li għal żmien twil kienu awtonomi u kienu jbatu ħafna żvantaġġi minħabba f'hekk.

Il-Kummissjoni hi presjeduta minn Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca; għandha lil Mons Ġużeppi Lupi bħala viċi-president u lil Mons Maurice Grech bħala segretarju.

'Dmir il-Kumissjoni jkun li jfassal il-policy li fuqha għandhom jimxu d-Djar tat-Tfal biex it-Tfal ikollhom dik il-kura u dik l-imħabba kollha li għandhom dritt għaliha skond il-fehmiet u t-tagħrif mogħti mill-aqwa esperti tad-dinja tal-lum fil-kura tat-Tfal (Arċisqof G. Mercieca: Mandat Ġdid)'.

Dan jirrigwarda 13-il Dar tat-Tfal li jieħdu ħsieb xi 350 tifel u tifla milletà tat-twelid sa tmintax-il sena, filmaġġuranza; fil-każ ta' Fatima Hostel, tfajliet li jaħdmu, fuq it-18-il sena.

"L-esekuzzjoni ta' din il-policy tkun f'idejn is-segretarju tal-Kummissjoni megħjun mill-Uffiċċju Djoċesan tad-Djar tat-Tfal li tiegħu jkun il-kap uffiċċju. Is-segretarju tal-Kummissjoni jkun għalhekk responsabbli tal-ħajja nterna tad-Djar tat-tfal u tat-tmexxija tagħhom skond il-policy tal-Kummissjoni; għandu mbagħad responsabbiltà speċjali bħala rappreżentant fittmexxija tad-Djar tat-Tfal li huma tad-Djoċesi (Mandat Ġdid)'.

L-Uffiċċju Ċentrali f'65 Old Mint Street, il-Belt, jieħu ħsieb id-dħul, ħruġ u transfers minn Dar għal oħra, tat-tfal kollha li japplikaw. Dan

jinvolvi aċċertament li jkun hemm raġunijiet sodi biex it-tfal jiġu ammessi f'Dar; investigazzjoni ta' l-istat tal-familja konċernata, u jekk it-tfal ikunu ammessi kuntatt kontinwu ma' din il-familja; fid-Dar isir studju ta' kull tifel u tifla flimkien ma' l-istaff tal-Uffiċċju Ċentrali; u fejn hemm bżonn tiġi mitluba l-għajnuna ta' psikoloġi jew psikjatri jew speċjalisti oħra. Kull tant żmien issir konferenza fuq kull tifel u tifla bejn kull min hu konċernat fit-trobbija tat-tfal, inklużi ġenituri u teachers u social workers jiddiskutu flimkien ma' l-istaff tad-Dar u tal-Uffiċċju Ċentrali l-istat ta' kull tifel u tifla, u jippjanaw għall-futur.

Il-Kummissjoni, permezz tal-Uffiċċju Ċentrali tieħu ħsieb ukoll tat-training tal-istaff tad-Djar li huma reliġjużi, sorijiet u patrijiet. Dan isir kemm f'Malta, permezz ta' korsijiet u lectures minn esperti miġjuba minn barra, u esperti lokali, u kemm billi jintbagħtu barra membri ta' l-istaff tad-Djar. Dan isir biex jintlaħaq u jinżamm l-istandard professjonali li hu meħtieġ f'dan ix-xogħol. Billi l-istaff jitbiddel minn żmien għal żmien, l-Uffiċċju Ċentrali jieħu f'idejh ukoll il-familjarizzazzjoni ta' staff ġdid li jiġi introdott fid-Dar.

Dan japplika wkoll għas-Social Workers u Valunteer Helpers li jgħinu fix-xogħol u li jeħtieġu jsiru jafu xi ħaġa fuq il-problemi emozzjonali tat-tfal fid-Djar.

Rigward finanzi, il-pubbliku hu mħeġġeġ li jgħin lid-Djar individwalment u direttament. Meta jkun hemm wisq ċentralizzazzjoni jintefqu aktar u jinġabru inqas flus. Iżda l-Uffiċċju Ċentrali jrid dejjem iżomm quddiem għajnejn il-pubbliku l-ħidma li qed issir u l-ħtiġijiet tad-Djar. Meta Dar tkun fil-bżonn iktar mill-oħrajn irid jingħatalha għajnuna xierqa. Id-Djar kollha issa aċċettaw il-prinċipju li jgħinu lil xulxin u jgħinu lill-Uffiċċju Ċentrali li ma jirċievi ebda fondi għall-ispejjeż tat-tmexxija tiegħu. B'dan il-mod ukoll jistgħu jitħallsu s-social workers. It-tfal kollha fid-Djar ma jħallsu xejn.

L-Uffiċċju Ċentrali jżomm kuntatt kontinwu u ta' kuljum mad-Djar tat-Tfal kollha. Informazzjoni tingħata lid-Djar u vice versa rigward it-tfal, il-familji tagħhom u l-problemi tad-Djar. Ninkoraġġixxu u norganizzaw il-kuntatt bejn l-istaffs tad-diversi Djar.

Jinżamm kuntatt kontinwu ma' ħafna kappillani li mill-parroċċi tagħhom jiġu ħafna mit-tfal fid-Djar. Tingħatalhom informazzjoni u jintalbu pariri mingħandhom. Din hi parti essenzjali mill-ħidma tal-Kummissjoni għall-ġid tat-tfal.

Fid-Djar li tmexxi l-Kummissjoni, l-istaff ta' sorijiet u patrijiet huma dedikati u jaqdu dmirijiethom b'imħabba kbira; id-'duty' hours, biex insejħulhom hekk, huma ta' 24 siegħa kuljum. Jieħdu sehem fi staff meetings u jiktbu rapporti regolari fuq it-tfal, jgħinu fiż-żamma tar-records tad-Dar, iżommu kuntatt ma' l-iskejjel fejn imorru t-tfal. Dan minbarra t-tisjir, tindif, ħasil ta' ħwejjeġ, tiswija, għajnuna fil-homework, u kuntatt personali mat-tfal li fil-każ tad-Djar, huma tfal ta' stat emozzjonali delikat ħafna u xi drabi anki disturbat.

Il-Kummissjoni, permezz tal-Uffiċċju Ċentrali, tmexxi wkoll l-Adoption Society, li ilha għal xi xhur issa ma teżerċita għal kollox il-ħidma tagħha minħabba n-nuqqas ta' tfal

offruti għal adozzjoni. Japplikaw ħafna koppji, u l-proċedura ta' konsiderazzjoni mill-kumitat tas-Soċjetà għadha għaddejja, bir-riżultat li għandha 'waiting list' ta' koppji approvati u 'waiting list' wisq itwal ta' koppji li għadhom ma ġewx kunsiderati.

ILI-Kummissjoni tieħu ħsieb ukoll ta' ommijiet mhux miżżewġa, kemm qabel it-twelid tat-tarbija, u kemm wara bl-għajnuna li tipprovdi rigward it-tarbija. Xebbiet f'din il-qagħda jsibu ħafna diffikultajiet u ftit ħniena; il-Kummissjoni tgħinhom fid-diffikultajiet u fl-istess ħin tikkontribwixxi biex jitnaqqas il-periklu ta' abort.

Fl-aħħar nett il-Kummissjoni qegħda tipprova tinteressa lil min hu adattat f'dak li hu msejjaħ 'fostering'. Dan ifisser li koppja, anki familja, jieħdu f'darhom tifel jew tifla li għixu fid-Djar tat-Tfal u għalkemm ommhom ma tridx tagħtihom għall-adozzjoni, tittraskurahom u kuntenta tħallihom fid-Dar. Każijiet oħra huma ta' tfal ta' familji mifruda li huma wkoll traskurati, u tfal ta' familji fejn il-ġenituri huma morda u ma jistgħux jagħtu attenzjoni lil uliedhom. Din il-'fostering' titlob ġenerożità kbira għax tfisser li l-familja tagħti lit-tifel jew tifla daqs kemm kieku ġew adottati, iżda jafu li ma jkollhom ebda dritt fuq it-tfal, u li min jum għall-ieħor jistgħu jittieħdu lura.

Ċirkulari Nru. 113

L-GĦAJNUNA LID-DJAR TAT-TFAL NHAR IL-KANDLORA

Nhar it-Tnejn 7 ta' Frar fis-6.30 p.m. il-Kappillani ta' Malta kollha, waqt Quddiesa li ssir fil-Konkattidral ta' San Ġwann, b'wirja ta' qima u ta' lejalta lejn Monsinjur Arċisqof, joffrulu xama' li tkun ġiet imbierka nhar l-Erbgħa, 2 tax-xahar, festa tal-Presentazzjoni ta' Ġesu' fit-tempju, magħrufa fostna bħala l-Festa tal-Kandlora.

Huwa xieraq li madwar Monsinjur Arċisqof għal din il-Quddiesa, flimkien mal-Kappillani, tingabar ukoll rappresentanza konsiderevoli tan-nies ta' kull parroċċa ta' Malta.

B'hekk nagħtu wirja tal-vera Knisja li, fil-kliem tal-Konċilju, għandha tkun sinjal ta' għaqda intima ma' Alla u tar-rabta tal-bnedmin bejniethom.

Waħda mill-manjeri li bihom tintwera r-rabta ta' bejnietna hi l-ħeġġa tagħna li ngħinu lil dawk li huma fil-bżonn.

Hu għalhekk ta' min ifaħħar id-drawwa li meta l-Kappillani jersqu biex jippresentaw ix-xama tagħhom lill-Monsinjur Arċisqof xi lajċi għan-nom tal-Parroċċa kollha, jagħmlu wkoll l-offerta tagħhom li tkun tikkonsisti minn oġġetti tal-ikel u anki minn għotjiet ta' flus li n-nies tal-Parroċċa, minn rajhom, jagħtu bejniethom biex jitqassmu liċ-ċkejknin li jinstabu fid-'Djar tat-Tfal' immexxijin mill-Knisja.

Biex wieħed jiffaċilita l-organizzazzjoni ta' dil-ħidma karitatevoli tkun ħaġa flokha li kull offerta tiġi kkonsenjata lir-Rettur tal-

Knisja li fiha wieħed jisma' l-Quddies is-Sibt 29 ta' Jannar fil-Quddies ta' fil-għaxija jew il-Ħadd 30 ta' Jannar fil-ħin tal-Quddies kollu.

Maħruġa mill-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, illum 18 ta' Jannar 1983.

Annetto Depasquale
Kanċellier

Mons. Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

DISKORS TA' L-ARĊISQOF

Qegħdin infakkru l-preżentazzjoni ta' Ġesu' fit-tempju, qegħdin ingibu quddiem għajnejna lil Ġesu' dak il-ħin li ġabuh fti-tempju meta Xmun, raġel sewwa u tajjeb, filwaqt li feraħ u radd il-ħajr lil Alla għaliex bil-miġja tal-Messija l-bnedmin jista' jkollhom il-fidwa u l-ħelsien tagħhom, ħabbar li Ġesu' għad ikun tiġrif u qawmien għal ħafna.

Qegħdin niftakru f'dak kollu li ġara u ntqal f'dik l-okkażjoni, iżda rridu wkoll niftakru li din iċ-ċerimonja tal-lejla hija grazzja minn Alla, hija stedina ħa ngħixu s-sejħa tagħna ta' nsara billi naraw li jkun hemm qbil bejn il-fidi u l-ħajja nisranija tagħna.

Dan il-qbil irid l-ewwel jidher fil-qagħda tagħna mal-Papa u mal-Knisja. Fuq dan il-qbil inħoss li għandna nroddu ħajr lil Alla għaliex tidher ċara f'pajjiżna l-għaqda li hemm bejn l-Isqof u l-kleru, bejn l-Isqof u l-lajċi kattoliċi Maltin, u l-għaqda ta' dawn bejniethom u ma' l-Isqof tagħhom. Din il-għaqda qiegħda tidher u tinħass ukoll il-lejla meta wieħed jara dan in-numru sabiħ ta' kappillani, saċerdoti u lajċi li ġew minn kull parroċċa ta' Malta, miġburin madwar l-Isqof tagħhom quddiem Ġesu'.

Aħna s-saċerdoti nuru l-qbil bejn il-fidi u l-ħajja nisranija kull meta nwasslu t-tagħlim ta' Ġesu' kif tfissirulna l-Knisja tiegħu, kull meta ntennu li l-ispirtu ta' Ġesu' jrid jidħol f'kull ħidma tagħna, hi x'inhi n-natura ta' din il-ħidma. Meta s-saċerdot jaqdi dan id-dmir tiegħu, għandu jistenna li, bħal Ġesu', se jsib min imerih, jakkużah li hu ingust fil-ħajja tiegħu u saħansitra jpingħu għadu ta' sħabu

Dan kollu għadda minnu Ġesu' u minn dan kollu jrid jgħaddi s-saċerdot li, fost it-tagħlim qarrieq u l-inġustizzji ta' kull xorta, ixandar lil Ġesu' u l-ħajja tiegħu b'imħabba vera. Illum aħna s-saċerdoti nitolbu l-grazzja lil Ġesu' biex, bil-ħajja u l-kelma tagħna, nibqgħu dejjem sinjal ta' dawl u faraġ

fost it-tbatija u l-qtigħ il-qalb.

Il-lajċi qegħdin illum juru dan il-qbil bejn il-fidi u l-ħajja nisranija tagħhom fil-għoti ta' flus u ħwejjeġ oħra biex igħinu LIL MIN HU FIL-BŻONN AKTAR MINNU. Qegħdin tagħmlu ħaġa tajba u ta' min ifaħħarkom; iżda nħoss il-ħtieġa li nfakkarkom li l-imħabba għallproxxmu mhix biss kwistjoni ta' tneħħija ta' ġuħ u ta' tnaqqis ta' faqar. Kif igħidilna l-Papa Pawlu VI "mhux biżżejjed titħabat kontra l-miżerja, għad li din hija ħaġa urġenti u meħtieġa; għandha titwaqqaf dinja li fiha kull wieħed, mingħajr differenzi ta' razza, ta' reliġjon u ta' nazzjon, igħix ħajja tassew tixraq lill-bniedem".

Min iħobb lil Ġesu', min irid jimxi fuq it-tagħlim tiegħu, mhux biss irid igħin u jagħti; irid ukoll jara 'l Alla fil-proxxmu tiegħu u dan iseħħ meta s-servizz tiegħu favur il-fqir u d-dgħajjef huwa mibni fuq l-għaqda tiegħu m'Alla. L-egħmil tagħna jrid ikun mibni fuq l-ispirtu ta' Ġesu'. Jekk inħobbu l-ewwel 'l Alla, naslu biex inħobbu l-proxxmu tagħna. Meta din l-imħabba tagħna għall-proxxmu hija mibnija fuq l-imħabba ta' Ġesu' lejna, aħna naslu biex inħobbu 'l kulħadd u ma nagħmlu ebda diskriminazzjoni ma' ħadd, u nagħtu s-sehem tagħna biex ma jkun hemm fostna ebda sura, taħt pretest jew ieħor, ta' diskriminazzjoni.

Meta nwarrbu 'l Alla, nistgħu naslu biex ngħinu l-proxxmu tagħna; iżda l-filantropija mhix l-imħabba li biha Ġesu' iħobbna u li qalilna biex inħobbu 'l xulxin. Minn dan nagħarfu li aħna nħobbu wlied Alla, meta nkunu nħobbu 'l Alla u nħarsu l-kmandamenti tiegħu. Għax hawn qiegħda l-imħabba ta' Alla, li nħarsu l-kmandamenti tiegħu (ara IGw 5,2).

RENDIKONT TAL-ĠABRA MILL-PARROĊĊI

Attard 178.00,0; Balluta 354. 50,2; Balzan 30.00,0; Birgu 128. 00,0; Birkirkara (Sta. Elena) 635.58,0; Birkirkara (S. Ġ. Ħaddiem) 110.00,0; Birżebbuġa 10. 00,0; Bormla 121.00,0; Burmarrad 97.05,0; Dingli 80.00,0; Fgura 173.00,0; Fleur-de-Lys 74.00,0; Floriana 138.50,0; Għargħur 65. 75,0; Għaxaq 96.70,0; Gudja 63. 00,0 Gwandamanġa 71.00,0; Gżira 270.00,0 Ħamrun (Kunċizzjoni) 105.00,0; Ħamrun (S. Gejtanu) 275.00,0; Kalkara 110. 00,0; Kirkop 25.00,0; Lija 332. 00,0; L-Isla 225.00,0; Luqa 150. 00,0; Marsaskala 30.00,0 Marsa (Marija Reġina) 121.00,0 Marsa (Trinità) 176.00,0; Marsaxlokk 75.00,0; Manikata 49.00,0; Mdina 83.00,0; Mellieħa 240.00,0; Mġarr 88.00,0; Mosta 372.00,0; Mqabba 50.00,0; Msida 184.70,0; Naxxar 160.00,0; Pawla (Kristu Re) 483.90,0; Pawla (Lourdes) 64.00,0; Qormi (S. Ġorġ) 220.36, 0; Qormi (S. Bastjan) 140.25,0; Qrendi 170.00,0; Rabat 450.00,0;

Safi 60.00,0; San Ġiljan 725.00,0; San Ġwann 276.26,5; Santa Lucia 160.00,0; San Pawl il-Baħar 208.00,0; Santa Venera 81.00,0; Siġġiewi 70.00,0; Sliema (S. Girgor) 300.00,0; Sliema (Nazzarenu) 130.00,0; Sliema (Sacro Cuor) 223.00,0; Sliema (Stella Maris) 341.00,0; Tarxien 250.00.0; Ta' Xbiex 90.00,0; Valletta (S. Duminku) 335.92,0; Valletta (S. Pawl) 326.20,0; Valletta (S. Wistin) 157.75,0; Valletta (S. Ġwann) 79.00,0; Żabbar 361.65,0; Żebbuġ 280.00,0; Żejtun 127.00,0; Żurrieq 552.00,0; English Parish 25.00,0; N.N. 20.00,0.

Total 12,254.07,0.

DISKORSR TA' L-ARĊISQOF LILL-ISTUDENTI TAL-AĦĦAR KLASSI FL-ISKEJJEL SEKONDARJI

Knisja ta' San Pawl, il-Belt
11 Frar 1983

Qiegħed nieħu gost kbir narakom miġburin flimkien quddiem Ġesu'. Intom studenti talaħħar klassijiet sekondarji. Għal xi whud intom tistgħu tidħru nies mingħajr esperjenza, madankollu l-presenza tagħkom illum f'din id-dar ta' Alla turi li intom nies li tafu tħarsu u taraw: qegħdin tistqarru min intom u tgħidu xi tridu fil-ħajja tagħkom u ta' l-oħrajn.

Intom żgħażagħ ġeneruż. Tħossu li għandkom troddu ħajr lil Alla għaliex matul iż-żmien li għaddejtu l-iskola, iltqajtu ma' nies u 'teachers' sewwa u tajba li kienu ta' għajnuna kbira għalikom. Qegħdin turuhom irrikonoxxenza tagħkom u titolbu 'l Alla biex bħalhom, intom ukoll tkunu għal ħaddieħor ta' għajnuna u eżempju tajjeb. Inotm tagħrfu t-tajjeb filħajja, tgħożżuh u tridu tgħadduh lill-oħrajn.

Ġejtu quddiem Ġesu'; dan juri li intom żgħażagħ li tħobbu s-sewwa u s-sabiħ; ġejtu quddiem Ġesu' għaliex għandkom ħerqa kbira li taraw lilna l-kbar ninħabbu bejnietna; qegħdin turu d-disapprovazzjoni tagħkom għall-firda ta' bejnietna u tridu li ħadd minn sħabkom, illum jew għada, ma jiġi mwegġa' jew imwarrab minħabba l-fehmiet tiegħu; tridu li l-politika tkompli twettaq ilmissjoni nobbli tagħha ta' servizz għal kulħadd u mhux tiġġenera fi qsim u firda saħansitra ta' persuni ta' l-istess familja. Tridu tikbru u titilgħu nies ħielsa, li titgħallmu taraw b'għajnejkom u taħsbu b'moħħkom u mhux maħkuma minn ħaddieħor.

Intom tistmellu l-kruha ta' ħajja ta' din ix-xorta, madankollu intom nies li għandkom fiduċja li s-sewwa u s-sabiħ li tħobbu tistgħu tiksbuh. Għalhekk ġejtu quddiem Ġesu'; tafu tagħżlu bejn Alla u l-bniedem, il-bniedem li jaf jagħmel wegħdiet sbieħ imma fiergħa, u Alla li dejjem jagħti l-paċi u l-ġid li jwiegħed. Ġejtu quddiem Ġesu' biex tistqarru li intom minn Ġesu' tistennew kollox; qegħdin titolbu lil Ġesu' jagħ-

tikom rieda tajba biex flimkien miegħu taħdmu għal ħajja aħjar.

Qegħdin tħossu li jekk aħna rridu ntejbu l-imġiba ta' bejnietna, jeħtieġ l-ewwel li nkunu nafu aktar min hu Ġesuu' għall-bniedem, billi nipprofondixxu t-tagħlim tiegħu. Huwa Ġesu' li jressaqna lejn xulxin, huwa Ġesu' li jimpenjana naħsbu f'xulxin u naħdmu għall-ġid tagħna lkoll.

Ġesu' għallimna nħobbu lil kulħadd u jwissina biex ma nagħmlu deni lil ħadd u ma nħallu lil ħadd jinqeda bina biex isir deni u inġustizzji lill-ħaddieħor. Ġesu' jgħallimna naqbżu għal min hu fqir, li, fuq kollox, huwa dak li ma għandux l-opportunità jew ma għandux il-kuraġġ, minħabba xi biża', li jiddefendi ruħu quddiem l-inġustizzji.

Intom ġejtu quddiem Ġesu' biex titgħallmu minn għandu kif tirrispettaw, tħobbu u tgħinu lil xulxin. Il-presenza tagħkom hija tama qawwija f'ħajja aħjar, għaliex illum qegħdin titolbu lil Ġesu jdawwalkom u jqawwikom bl-għajnuna tiegħu biex taħdmu għalih, biex tagħtu sehemkom ħalli Ġesu' jkun jista' jilħaq aktar nies, billi taħdmu biex il-Knisja jkollha dejjem il-libertà sħiħa li xxerred il-kelma ta' Ġesu'.

Ġesu' qiegħed jitlobkom tgħinuh, qiegħed jitlobkom tgħinu l-Knisja tiegħu biex ikollha l-paċi mibnija fuq il-ġustizzja u l-imħabba. Il-Knisja ta' Ġesu' teħtieġ l-għajnuna tal-bnedmin għaliex, għalkemm id-dritt u d-dmir li tgħallem u tmexxi fittriq tas-sewwa hu mogħti lilha minn Ġesu' nnifsu, l-esperjenza tgħallem li l-Knisja jkollha tfixkil min-nies ta' l-art.

Kunu nies qalbiena, kunu fiduċjużi f'Alla. Alla huwa s-Sid ta' l-istorja. Hu jmexxi u jippermetti kollox għall-ġid tagħna.

Ħobbu l-Knisja, u jekk xi ħadd minnkom għada jeħodha kontra l-Knisja u jippersegwitaha, tinsewx li l-Knisja tistennikom dejjem għaliex intom ukoll jekk issiru egħdewwa tagħha, tibqgħu għaliha wliedha l-eghżież. Ħobbu l-Knisja: agħtu s-sehem tagħkom, tkun xi tkun il-kariga jew professjoni tagħkom, biex il-Knisja tkun dejjem ħielsa u hekk il-bnedmin kollha jaraw li Ġesu' hu t-triq li twassal għall-paċi u l-għaqda li intom tixtiequ.

Il-ġurnata ta' Ħamis ix-Xirka huwa jum kbir għas-saċerdoti mxerrda mad-dinja kollha: huwa l-appuntament tagħna s-saċerdoti ma' Ġesu', jew aħjar, il-laqgħa li Ġesu' jixtieq iżomm ma' kull wieħed minna.

Ġesu' jrid jiltaqa' magħna s-saċerdoti f'dan il-jum li jfakkarna fl-Ordinazzjoni tagħna li aħna rċevejna bil-Ministeru tal-Isqof li għadda lil kull wieħed is-sagrament li ingħata l-ewwel darba lill-Appostli fl-aħħar ċena f'Ħamis ix-Xirka. Ġesu' jieħu pjaċir jiltaqa' magħna biex jgħinna niftakru li kien hu li tana sehem mis-saċerdozju tiegħu. Ġesu' llum qed jara dan l-għadd sabiħ ta' saċerdoti miġburin miegħi f'dan it-Tempju, kif ukoll is-saċerdoti li huma morda jew li dalgħodu ma setgħux ikunu magħna. Ġesu' qed jarana u jberikna, għax jaf li aħna qegħdin quddiemu u li qegħdin inħarsu lejh bħala l-bidu waħdieni u għal dejjem tas-saċerdozju tagħna.

Ġesu' jafna lkoll b'isimna, għax kien hu li sejħilna u għamilna ħbieb tiegħu, u llum qiegħed ilaqqagħna miegħu biex igħinna ngħixu s-saċerdozju tagħna fost il-komunità nisranija Maltija f'dawn iż-żmenijiet li għaddejja minnhom.

Qed ngħixu fi żmenijiet fejn mhux dejjem jidher qbil bejn dak li nemmnu u dak li nagħmlu. Dan in-nuqqas ta' fedeltà lejn is-sejħa tagħna jfixkel lil xi whud minna milli jiltaqgħu ma' Ġesu' u għalhekk, għax ma jafux lil Ġesu', ipoġġu kull tama tagħhom biss fil-bnedmin ta' din l-art jew jaħdmu fuq sistemi li mhumiex mibnija fuq l-imħabba nisranija. Dan kollu jidher ċar fil-ħajja li qegħdin ngħixu bħalissa f'pajjiżna fejn qed tonqos l-għaqda ma' Alla u tikber il-firda bejnietna.

Quddiem din is-sitwazzjoni, x'qed jitolbu minna s-saċerdoti? Ġesu' qed jitlob minna li nkunu dawl u farag għall-poplu Malti. Ġesu' qed igħidilna li dan nistgħu nagħmluh biss jekk ngħixu biss l-identita' tagħna ta' saċerdoti b'ġenerożità u fedeltà sħiħa lejn Kristu u l-Knisja tiegħu. Inkunu dawl għall-poplu tagħna jekk aħna nwasslu lill-oħrajn il-verità sħiħa ta' Alla kif tgħallimna l-Knisja, mingħajr ma nidentifikaw jew nirriduċu dan it-tagħlim għal xi sistema socio-politiku jew ideoloġija oħra.

Ġesu' huwa l-Imgħallem tagħna u s-saċerdot, bħala Ministru ta' Ġesu', u li jaħdem f'isem Ġesu', għandu d-dmir u l-obbligu li din il-verità jwassalha sħiħa, din il-verità li għandha tirregola kull attività tal-bniedem.

Kif qalilna l-Papa fl-Ittra li bagħat lis-saċerdoti kollha din is-sena fl-okkażjoni ta' Ħamis ix-Xirka, is-saċerdot jista' jagħmel dan daqskemm isib lil Ġesu', u jgħix bih, miegħu u fih. Din hija l-identità tas-saċerdot.

Kif se ngħixu din l-identità tagħna ta' saċerdoti? X'titlob minna din l-identità tagħna?

Din l-identità titlob minna li aħna nidhru li aħna saċerdoti kemm fil-ħsebijiet u x-xewqat tagħna kif ukoll fl-imġieba tagħna. Dan ifisser li aħna nkunu ngħixu f'għaqda sħiħa ma' Alla permezz tal-ħajja qaddisa tagħna msaħħa bit-talb u s-sagrifiċċju.

Iż-żmenijiet li għddejjin minnhom f'Malta jeħtieġu tassew il-

presenza ta' saċerdoti li jkunu veri ministri ta' Alla, li kif talab Ġesu' fl-Aħħar Ċena: "ikunu ħaġa waħda bejniethom, biex id-dinja temmen".

Din l-għaqda tagħna ma' Alla u bejnietna ġġegħelna nħossu li hu dmir tagħna li naħdmu għar-rikonċiljazzjoni fost il-poplu tagħna billi nħeġġu r-rispett lejn xulxin u lejn il-fehmiet ta' xulxin.

Il-Ministru ta' Alla, li jaħdem għar-rikonċiljazzjoni, fil-waqt li jgħallem u jxerred il-verità u jieqaf mill-ħażin, irid ikun bniedem li jippriedka u jwassal il-ħniena ma' min jiżbalja, għax l-imħabba ta' Ġesu' ma tħalli barra lil ħadd u tittama li l-bniedem jista' dejjem jaqbad it-triq it-tajba.

Ngħixu wkoll l-identità tagħna ta' saċerdoti fl-imġieba tagħna meta aħna nuru preferenza ma' min hu batut u fqir, speċjalment ma' dawk li huma l-iktar fqar għax jinsabu 'l bogħod minn Alla.

Dan huwa dak li Ġesu' qed jitlob minna — li nġeddu l-fedeltà shiħa tagħna lejh, b'mod speċjali f'din is-sena mqaddsa tal-Ġublew tar-Rikonċiljazzjoni.

Ġesu' jaf d-dgħufija tagħna u n-nuqqasijiet tagħna, iżda jaf ukoll li l-imħabba tiegħu għalina hija ikbar mill-infedeltà kollha tagħna, u għalhekk, fil-ġurnata tal-lum, ried jiltaqa' magħna biex ineġġigħna nkomplu ngħixu l-vokazzjoni saċerdotali tagħna mingħajr biża' għaliex Ġesu' weġħedna li aħna nħieb tiegħu u li hu jibqa' dejjem magħna.

Ċirkulari Nru. 117

IL-FESTA TA' S. ĠUŻEPP — IL-FESTA TAD-DULURI
IL-FESTA NAZZJONALI

Nhar s-Sibt, 19 ta' Marzu, il-Knisja tiċċelebra l-festa ta' San Ġużepp.

Sa minn żmien ilu l-Papa Ljun Ttlettax qiegħed il-Knisja taħt il-protezzjoni ta' dan il-Qaddis u stieden lill-insara jitolbuh biex "jeqred minn ġo nofsna l-erruri u l-ħażen li qegħdin imardu d-dinja".

Monsinjur Arċisqof jixtieq ħafna li l-Maltin kollha jħarsu l-jum tal-festa ta' San Ġużepp bis-smiegħ tal-Quddies u bir-resqan lejn is-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin.

Biex dawk kollha li jixtiequ jisimgħu l-Quddies isibu l-faċilità li jagħmlu dan, Monsinjur Arċisqof jitlob lir-Retturi tal-Knejjes li, fejn hu meħtieġ, iżommu l-programm tal-Quddies tal-ġranet tal-Ħdud.

Monsinjur Arċisqof sejjer iqaddes Quddiesa Pontifikali f'San Ġwann fid-9.15 a.m. Jikkonċelebra miegħu l-Kapitlu tal-Katidral.

Tkun ħaġa xierqa li għal dil-Quddiesa ningabru f'numru kbir madwar Monsinjur Arċisqof, li jġib l-isem ta' dan il-Qaddis, u li fil-waqt li noffrulu l-Quddiesa b'wirja ta' l-imħabba tagħna lejh, nitolbu lill-Mulej jagħnih bis-saħħa u b'dehen qaddis biex ikompli jaqdi l-missjoni tiegħu fostna għal bosta snin li ġejjin.

Nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Marzu, il-Q.T. il-Papa sejjer jiftaħ is-Sena Mqaddsa li tfakkarna fil-ġrajja tal-Fidwa tal-Umanità.

Hi xewqa ħerqana tal-Papa li din is-sena tkun sena ta' rikonċiljazzjoni tal-bnedmin ma' Alla u tal-ftehim tal-bnedmin bejniethom.

Fil-ħsieb tal-Papa din il-bidla fil-qalb tal-erwieħ tista' titwettaq biss jekk il-bnedmin, bħala individwi, jiftħu l-qalb tagħhom biex fiha jsaltan Kristu; u, jekk is-Soċjetà, bħala familja ta' bnedmin magħqudin bejniethom, toqrob aktar lejn Ġesu' u tagħraf fih it-triq waħdenija tal-paċi, tal-ġustizzja u tal-imħabba.

Fir-resqan tagħna lejn Ġesu' għandom sehem kbir it-talb u l-penitenza. Fil-fatti l-Q.T. il-Papa jixtieq li l-insara kollha tad-dinja jissieħbu miegħu fiċ-ċelebrazzjoni tal-ftuħ tas-Sena Mqaddsa billi f'kull djoċesi l-Isqof tal-post jippresiedi ċelebrazzjoni ta' talb u ta' penitenza.

Hi għalhekk xewqa ta' Monsinjur Arċisqof li l-purċissjoni tad-Duluri li dak in-nhar issir f'ħafna Parroċċi tkun ċelebrazzjoni ta' talb u penitenza ħalli b'hekk nissieħbu mal-Papa b'mod xieraq fil-ftuħ tal-Ġublew. L-Arċisqof stess se jieħu sehem fil-purċissjoni tad-Duluri li ssir il-Belt u jistieden biex jissieħbu miegħu lis-Saċerdoti tal-Belt u tal-Furjana li ma jkunux impenjati f'xi ħidma pastorali. Biex aktar nissieħbu ma' Ġesu' li ċarċar demmu fuq is-Salib biex jifdina u jsalvana, din id-darba l-purċissjoni tad-Duluri tieqaf fil-Pjazza ta' quddiem San Ġwann u Monsinjur Arċisqof iqaddes fil-beraħ.

Matul il-Quddiesa tinqara l-Pastorali tal-isqfijiet fuq il-Ġublew. Monsinjur Arċisqof jordna lill-Kappillani biex jistiednu lil dawk kollha li huma fdati għal kura pastorali tagħhom biex jieħdu sehem fil-purċissjoni li ssir fil-Belt jew inkella f'dik li ssir fl-eqreb Parroċċa.

Mal-ftuħ tas-Sena Mqaddsa se jkun obbligatorju r-rit il-ġdid tal-Penitenza. Il-Kappillani u r-Retturi tal-Knejjes li għad ma ħadux foljetti għan-nies u għas-saċerdoti huma mitlubin jagħmlu dan mill-aktar fis. Il-foljetti jittieħdu mis-Segreterija tal-Kurja (Dun Frans Schembri).

Monsinjur Arċisqof jixtieqni wkoll infakkar li nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, Malta sejra tiċċelebra l-Jum Nazzjonali.

In konnessjoni ma' dan il-Jum, Monsinjur Arċisqof jordna lill-Kappillani u lis-Superjuri Reliġjużi li:

a) qabel xejn iħeġġu lin-nies li jattendu l-knejjes tagħhom, biex jitolbu ħalli l-Maltin iħossu d-dmir li jwarrbu minn bejniethom dak kollu li jġib il-firda, il-ġlied u l-vjolenza u jżommu rwieħhom magħqudin bħala familja waħda, li tagħraf lil Alla bħala Missier ta' kull ġid materjali u spiritwali.

b) jitkanta l-Innu Malti wara l-Quddiesa lejliet u nhar il-Festa.

c) jixgħelu l-Frontispizji tal-knejjes kollha ta' Malta nhar is-Sibt 26 ta' Marzu u nhar l-Erbgħa 30 ta' Marzu mis-6 sal-11 p.m.

Nhar is-Sibt 26 ta' Marzu 1983 fid-9.30 a.m. Monsinjur Arċisqof sejjer iqaddes Quddiesa Pontifikali fil-Konkattidral ta' San Ġwann.

Maħruġa mill-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, illum 10 ta' Marzu 1983.

Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

Annetto Depasquale
Kanċellier

NOTA:
Minħabba li Monsinjur Arċisqof ser iqaddes Pontifikal fid-19 u s-26 ta' Marzu f'dawn il-ġranet il-Kurja ma tiftaħx.

Ċirkulari Nru. 118

IL-ĠIMGĦA TAS-SAGRIFIĊĊJU

Kull min għandu tagħrif anki l-aktar ewlieni tal-Vanġelu jaf biżżejjed x'għożża kellu Ġesu' lejn il-preċett tal-imħabba tal-aħwa u tal-karità lejn dawk kollha li jinsabu fil-bżonn. Ġesu' mhux biss għamel tiegħu l-Kmandament tal-karità lejn il-proxxmu iżda għanih b'tifsira ġdida meta Hu ried jidentifika ruħu ma' dawk kollha li huma l-vittma ta' għamla ta' tbatija.

Hu għalhekk li l-Knisja riedet li matul il-medda taż-żmien, tibqa' tingħaraf bħala l-veru ġisem mistiku ta' Kristu l-aktar mill-ħidmiet tagħha ta' karità.

Il-Konċilju Vatikan II jgħallimna li "il-Knisja tqis li l-ħidmiet tal-karità huma dritt li ħadd ma jista' iċaħħadha minnhom. Għalhekk — ikompli jgħallem il-Konċilju — il-ħniena mal-morda u mal-foqra kif ukoll kull egħmil ieħor karitatevoli u ta' għajnuna magħmula biex itaffu l-bżonnijiet ta' kull xorta ta' bnedmin il-Knisja żżommhom f'qima speċjali" (Dig. tal-Apostolat tal-Lajċi p. 8).

Kull nisrani għandu jħoss li dan id-dmir jorbtu matul il-jiem kollha ta' ħajtu. Tant hu hekk li Ġesu' ried li s-segwaċi tiegħu jintgħarfu mill-imħabba lejn għajrhom.

Iżda jekk hu dejjem dover tagħna li naħsbu f'dawk li jinsabu fil-bżonn dan id-dover jorbotna ħafna aktar matul il-ġranet li jfakkruna fl-akbar att ta' mħabba li wriena Ġesu' meta bil-passjoni u l-mewt tiegħu ried iwassalna għall-glorja tal-qawmien.

Okkażjoni flokha biex nuru li aħna tassew nifhmu s-sbuħija u l-utilità tal-karità nisranija sejra tkun il-Ġimgħa tas-Sagrifiċċju, organizzata bħas-snin ta' qabel mis-Segretarjat tal-Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika.

Din il-ġimgħa sejra tibda fil-25 ta' Marzu, festa tad-Duluri u tispiċċa fl-1 ta' April, il-jum li jfakkarna fil-Passjoni u fil-Mewt ta' Ġesu' fuq is-Salib.

Mons. Arċisqof jistedinna biex matul dawk il-ġranet inżidu fl-ispirtu ta' mortifikazzjoni u ta' karità nisranija.

Maħruġa mill-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, illum, 14 ta' Marzu 1983.

Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

Annetto Depasquale
Kanċellier

ITTRA LIS-SAĊERDOTI MILL-VIGARJU ĠENERALI DWAR ĦAMIS IX-XIRKA

Kurja Arċiveskovili, Floriana

25 ta' Marzu 1983

Għażiż Ħija fis-Saċerdozju,

Fil-31 ta' Marzu li ġej il-Knisja tiċċelebra 'Ħamis ix-Xirka'. Dak inhar fil-għodu, fid-9.30, fil-Konkattidral ta' San Ġwann, Monsinjur Arċisqof iqaddes il-Quddiesa tal-Griżma.

Monsinjur Arċisqof talabni nistiednek ħalli flimkien mal-membri tal-kleru djoċesan u regolari tad-Djoċesi tikkonċelebra miegħu.

L-aċċettazzjoni ta' din l-istedina tidher kemm hi f'waqtha meta wieħed iżomm quddiem għajnejh li hi xewqa tal-Knisja li, f'kull Djoċesi, għall-Quddiesa tal-Griżma jipparteċipaw is-Saċerdoti kollha biex jagħtu xhieda tal-għaqda sħiħa li teżisti bejn il-Presbiterju, li tiegħu l-Isqof hu r-Ras u l-Missier.

Barra minn dan matul dil-Quddiesa, aħna s-Saċerdoti konċelebranti jkollna l-okkażjoni ħalli, f'riġlejn ir-Raġħaj tagħna, inġeddu l-weġħdiet li għamilna meta, għall-ewwel darba tlajna l-Altar Imqaddes.

Ebda ġurnata ma hi tant f'lokha daqs dik ta' Ħamis ix-Xirka biex nissiġillaw għal darba oħra l-konsagrazzjoni ta' l-imħabba kollha tagħna lejn Kristu u lejn l-erwieħ afdati għall-kura pastorali tagħna.

Ħamis ix-Xirka — fi kliem il-Papa Ġwanni Pawlu II — "huwa jum it-twelid tas-Saċerdozju ta' kull wieħed minna".

Kien f'Ħamis ix-Xirka li Ġesu' għamilna ministri tal-Ewkaristija, seħibna fil-missjoni tax-xandir tal-Vanġelu u għażilna bħala qaddejja tal-Poplu tal-Patt il-ġdid.

Hu għalhekk li jkun ġest mill-isbaħ jekk kull saċerdot, li ma jkunx impenjat f'ħidmiet pastorali, jagħmel minn kollox biex jattendi għall-Quddiesa tal-Griżma tal-Ħamis li ġej.

Fil-waqt li bi pjaċir kbir inwassallek il-Barka Pastorali ta' Monsinjur Arċisqof, ninġhaqad ma' l-istess Eċċellenza tiegħu biex nixtieqlek Għid mimli b'ferħ qaddis.

Ħuk fi Kristu Saċerdot
Mons. Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

PASTORALI TA' L-ISQFIJIET DWAR ĠUBLEW TAL-FIDWA

"Iftħu l-bibien lill-Feddej." B'dan il-kliem il-Papa beda l-bolla li biha ħabbar li s-sena 1983 se tkun sena mqaddsa bħala tifkira tal-1950 sena tal-Fidwa. Hija sena, igħidilna l-Papa, bħal tas-soltu, imma li se niċċelebraw mhux bħas-soltu, iżda b'mod straordinarju permezz ta' Ġublew.

Hija sena bħal tas-soltu, għaliex kull sena l-Knisja tiċċelebra l-misteru ta' Fidwa u twassal il-Fidwa lill-bnedmin kollha bit-tħabbira tal-Kelma ta' Alla u biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti u b'dawk il-mezzi kollha li bihom il-poplu nisrani minn rajh juri li hu poplu reliġjuż. Iżda hija sena mhux bħal tas-soltu, għaliex din is-sena l-grazzja tal-Fidwa se nghixuha b'sens nisrani aktar fil-fond permezz taċ-ċelebrazzjonijiet kollha tal-Ġublew.

L-għan ewlieni tal-Ġublew huwa t-tiġdid spiritwali tal-Poplu kollu ta' Alla, imma dan it-tiġdid ma jistax iseħħ mingħajr penitenza u konversjoni. Kristu stess bla heda jistedinna biex nindmu u nemmnu fl-Evanġelju (ara Mk 1,15), waqt li San Pawl Missierna jħeġġiġna biex nagħmlu ħbieb ma' Alla (ara 2 Kor 5,20) ħa neħilsu mid-dnub. Kulħadd hu msejjaħ għall-konversjoni, għaliex kulħadd hu midneb, u għalhekk jeħtieġ li jinbidel fih in-nifsu, mill-fond ta' qalbu, fil-fehmiet u l-imġieba kollha ta' ħajtu. Il-Kelma ta' Alla li tħabbrilna lil Alla bħala "għani bil-ħniena" tqanqalna għal din il-konversjoni, li mbagħad iseħħ l-aktar permezz tas-sagrament tal-Penitenza u tintwera minn kull xorta ta' egħmejjel ta' mħabba u ta' qadi għal oħrajn.

Fis-Sagrament tal-Penitenza Kristu l-Feddej jiltaqa' mal-bniedem midneb, fil-persuna tal-ministru tiegħu, u jaħfirlu dnubietu. L-imħabba kollha ħniena ta' Alla għall-bniedem, fis-Sagrament tal-Penitenza, tiltaqa' mal-imħabba kollha sogħba tal-bniedem għal Alla, biex iseħħ ġrajja ta' ħniena u mħabba li timla bil-ferħ mhux biss il-Knisja kollha imma wkoll il-qtajja' ta' l-anġli fis-sema: "Ikun hemm ferħ kbir fost l-anġli ta' Alla għall-midneb wieħed li jindem" (ara Lq 15, 10) igħidilna l-Mulej Ġesù.

Is-Sagrament tal-Penitenza, li hu s-sagrament li bih iseħħ ir-Rikonċiljazzjoni tagħna ma' Alla, li bih mill-ġdid insiru ħbieb ta' Alla, jitolbu l-istess misteru tal-Fidwa, u għalhekk tul din is-sena tal-Ġublew, aħna u niċċelebraw il-misteru tal-Fidwa, għandna nħabirku biex mill-ġdid niksbu "s-sens tad-dnub", jiġifieri nagħarfu kemm hu ikrah id-dnub u b'liema mod joffendi lil Alla. Id-dinja llum tilfet is-sens tad-dnub, għaliex insiet lil Alla; għad-dinja qisu Alla ma jeżistix, u la Alla ma jeżistix, ma jeżistix

l-anqas id-dnub. Is-sena tal-Ġublew tal-Fidwa se tgħinna biex mill-ġdid niksbu s-sens ta' Alla, jiġifieri nagħarfu li hemm Alla, għani bil-ħniena, li għall-imħabba u l-ħniena tiegħu għalina l-bnedmin lanqas lil Ibnu stess ma ħafirha u tah għall-Fidwa tagħna, biex aħna niksbu l-akbar ġieh li jista' jkollna: li ngħixu l-istess ħajja ta' Alla, il-ħajja tal-grazzja.

Matul is-sena tal-Ġublew se niksbu grazzja kbira, jiġifieri se nagħarfu mill-ġdid l-imħabba ta' Alla għalina u se naraw sewwa l-għana bla qjies tal-misteru tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien mill-imwiet tal-Mulej. Iżda dan niksbuh jekk ninfirdu għal kollox mid-dnub u millmentalità tad-dinja tad-dnub. U flimkien ma' din il-grazzja hemm ir-rebħ ta' l-indulġenza tal-Ġublew li l-Knisja, bis-setgħa li għandha minn Kristu, tagħtiha lil dawk kollha li niedma u soġġbiena jagħmlu dak li hu mitlub mill-Ġublew.

Il-Ġublew jibda nhar il-25 ta' Marzu, solennità tat-Tħabbira tal-Mulej u jagħlaq fit-22 ta' April tas-sena 1984, nhar l-Għid il-Kbir. Mal-bidu tal-Ġublew ikun obbligatorju f'pajjiżna l-Ordni l-ġdid tas-Sagrament tal-Penitenza, Ordni mitlub mill-Konċilju Vatikan II biex igħinna nifhmu aħjar kif il-qrar huwa s-Sagrament li fih niltaqgħu ma' Kristu li jaħfrilna dnubietna biex iħabbibna mill-ġdid ma' Alla l-Missier, bil-qawwa tal-Fidwa li hu kiseb għalina fuq is-Salib.

L-indulġenza tal-Ġublew tintrebaħ b'kull wieħed minn dawn il-modi li ġejjin:

A

Ċelebrazzjoni komunitarja, imsieħba ma' għadd ta' egħmejjel tal-ħniena li bihom nuru li tassew għandna l-fehma li nikkonvertu. Din iċ-ċelebrazzjoni tista' tkun:

i. Quddiesa ċelebrata ħa tinkiseb l-indulġenza tal-Ġublew. Meta r-rubriki jippermettu, il-Quddiesa għandha tkun waħda minn dawn il-Quddisiet votivi li jinsabu fis-Sagramentarju Malti: għar-rikonċiljazzjoni (p. 907), għallmaħfra tad-dnubiet (p. 931), għall-grazzja ta' l-imħabba (p. 932), għall-għaqda tal-qlub (p. 933), tas-Salib imqaddes (p. 940), ta' l-Ewkaristija (p. 941), tad-Demm ta' Kristu (p. 944). Tista' tintuża waħda mit-Talbiet ewkaristiċi tar-Rikonċiljazzjoni (pp. xv - xxii).

ii. Ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla, li tista' tkun adattament jew estensjoni ta' l-Uffiċċju tal-Qari jew it-Talba ta' sbiħ il-Jum jew ta' Għasar ċelebrati biex tinkiseb l-indulġenza tal-Ġublew.

iii. Ċelebrazzjoni penitenzjali li tista' tagħlaq bi qrara u assoluzzjoni individwali (it-tieni sura ta' l-Ordni l-ġdid tal-penitenza).

iv. Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija jew ta' Sagrament ieħor fil-Quddiesa.

v. Via Sagra għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew.

vi. Irtir ta' xi ġranet jew missjoni.

F'kull ċelebrazzjoni jrid isir talb skond il-fehmiet tal-Papa. Il-fehmiet ewlenin tal-Papa għall-Ġublew huma li l-Evanġelju jixxandar lill-ġnus kollha, u li l-Knisja kullimkien tkun ħielsa minn kull xkiel biex tista' taqdi l-missjoni tagħha fid-dinja.

B

Żjara, jew wieħed għal rasu jew, aħjar, bħala familja, fil-knejjes li se nsemmu hawn taħt:

f'Malta: il-Kattidral ta' l-Imdina, il-Kon-kattidral ta' S. Ġwann il-Belt, il-knisja tal-Kappuċċini, il-Furjana, iddedikata lis-Salib imqaddes, u l-knisja ta' S. Marija ta' Ġesù, il-Belt, fejn hemm miqjum il-Kurċifiss mirakuluż, u f'kull knisja parrokkjali.

f'Għawdex: il-Kattidral, is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, u f'kull knisja parrokkjali.

F'dawn iż-żjajjar għandu jkun imħares is-sens ta' pellegrinaġġ li bis-simboliżmu tiegħu jfisser il-ħerqa tarruħ għall-ħbiberija ma' Alla l-Missier, ma' Ibnu, il-Feddej tad-dinja, u ma' l-Ispirtu s-Santu li bih isseħħ is-salvazzjoni tagħna.

Min ma jiflaħx imur fil-knejjes li semmejna, jista' jirbaħ l-indulġenza tal-Ġublew billi jżur il-knisja tal-parroċċa tiegħu. Min hu marid, min hu fid-djar tax-xjuħ u/jew il-ħabs, biex jirbaħ l-indulġenza biżżejjed jissieħeb spiritwalment mal-familja jew il-parroċċa tiegħu u joffri t-tbatijiet tiegħu lil Alla. Ir-reliġjużi tal-klawsura jistgħu jirbħu l-indulġenza tal-Ġublew fil-monasteru jew fil-knisja tal-kunvent tagħhom.

C

Pellegrinaġġ Ruma bi żjajjar lill-erba' Bażilki patrijarkali (S. Pietru, S. Pawl, S. Ġwann Lateran u S. Maria Maggiore), lill-katakombi u lill-Bażilka ta' S. Croce in Gerusalemme.

———— o ————

Tul is-sena tal-Ġublew l-indulġenzi l-oħra jibqgħu jintrebħu; l-indulġenza plenarja tista' tintrebaħ f'kull ġurnata darba biss; l-indulġenzi kollha jistgħu jiġu applikati għall-erwieħ tal-Purgatorju.

Illum 19 ta' Marzu 1983, solennità ta' San Ġużepp, Għarus tal-Verġni Marija.

† ĠUŻEPPI,
Arċisqof ta' Malta.

† NIKOL,
Isqof ta' Għawdex.

Mid-diskors tal-Papa waqt l-*Angelus* il-Ħadd, 20 ta' Marzu 1983

IL-KNISJA MALTIJA

Un affettuoso pensiero desidero oggi rivolgere ai vescovi della Repubblica di Malta che ho avuto la gioia di incontrare nel mese di dicembre scorso in occasione della loro visita ad limina Apostolorum, e insieme con essi saluto anche tutti i cari fratelli e sorelle cattolici che in quel nobile paese rappresentano la stragrande maggioranza della popolazione.

La Chiesa di Dio che e' in Malta, santamente fiera delle proprie origini apostoliche, ha dato sempre e continua a dare al presente, una vivace e sincera testimonianza di fervida fede cristiana: su una popolazione cattolica di 330,000 unità, svolgono il loro intenso apostolato 653 sacerdoti diocesani (1), 443 religiosi, 108 religiosi non sacerdoti e 1553 religiose professe; senza contare le migliaia di laici — fanciulli, giovani, uomini e donne — cristianamente impegnati nei loro specifici ambienti di studio, di lavoro, di professione.

Ci sono inoltre due Seminari maggiori e 2 Seminari minori: nell'anno academico 1980-81 c' erano 132 seminaristi di Filosofia e di Teologia e 613 seminaristi di scuole medie.

Particolarmente feconda, efficace e varia e' l'attività della Chiesa nel campo educativo e assistenziale: durante il 1981 le numerose scuole cattoliche erano frequentate da circa 25000 allievi; e nei diversi centri di assistenza e di beneficenza numerosi operatori pastorali prestavano la loro opera a tutela degli anziani, dei bambini e dei disadattati.

Mentre esprimo a tutti i fedeli cattolici della Repubblica di Malta compiacimento e ammirazione per la loro vitalità spirituale, auspico che, nella piena fedeltà ai loro pastori, continuino a dare un incisivo esempio della parenne efficacia del messaggio evangelico per l'autentica promozione dell' uomo e della società.

(i) In-numri li ta l-Papa huma ta' Malta u Għawdex flimkien; fin-numru tas-saċerdoti djoċesani, barra dawk li qegħdin Malta u Għawdex, hemm magħdudin ukoll dawk is-saċerdoti, Maltin u Għawdxin, li għalkemm inkardinati Malta, qegħdin jagħmlu ħidma pastorali f'pajjiżi barra minn Malta.

"Jien għamiltek dawl għall-ġnus biex twassal is-salvazzjoni sa truf l-art". (Atti 13, 470)

"In-nagħaġ tiegħi jisimgħu leħni u jiena nagħrafhom u huma jimxu warajja" (Ġw 10, 27)

Dan naqraw fil-liturġija tar-Raba' Ħadd ta' l-Għid, il-Ħadd li fih niċċelebraw Jum dinji ta' talb għall-Vokazzjonijiet. Din hi l-kelma ta' Alla li titħabbrilna biex naħsbu ħsibijiet għoljin fid-dawl tal-fidi tal-Għid.

Il-Kelma ta' Alla tħabbrilna misteru li deher fil-ħajja tal-bniedem. Seħħet ġrajja deċisiva: il-Mulej Ġesu', il-Ħaruf ta' Alla, offra lilu nnifsu għas-salvazzjoni tad-dinja. Minn dak il-waqt, bdiet ġrajja ġdida, u l-Knisja ta' Ġesu', bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, hi msejħa biex twassal din il-Bxara ta' salvazzjoni lill-ġnus kollha, sa truf l-art kollha. Hi missjoni li titlob sforz kbir, missjoni fdata lil nies umli, bħalma kienu l-Appostli u s-suċċessuri tagħhom u sħabhom fil-ħidma, imsejħin minn kull ġens, sena wara l-oħra, b'wegħda li ebda setgħa tad-dinja qatt ma tista' tasal biex iġġib fix-xejn.

Il-misteru ta' din il-missjoni li ma tieqaf qatt, hu mdawwal mill-presenza tal-Mulej Ġesu', li, għalkemm qiegħed fis-sebħ tiegħu ta' dejjem, huwa wkoll dejjem magħna: "Ara jiena magħkom dejjem sa l-aħħar taż-żmien" (Mt 28, 20). Huwa magħna, jafna, iħallina nisimgħu leħnu, isejħilna, imexxina, mhux biss biex joffri s-salvazzjoni tiegħu lil kull wieħed minna, imma biex isalva lill-oħrajn permezz tagħna.

Fost is-sejħat tiegħu, nistgħu nagħżlu għalihom dawk is-sejħat għal tishib aktar fil-qrib fil-missjoni tiegħu: is-sejħa għas-saċerdozju, is-sejħa għall-ħajja reliġjuża, is-sejħa għall-ħajja missjunarja. Dawn is-sejħat huma privileġġ li, fil-fatt, mhux ħlief imħabba u sagrifiċċju bla qjies fl-għoti sħiħ tiegħek innifsek għal Alla u għall-Knisja. Kif nistgħu qatt inroddu ħajr lil Alla għal din il-fiduċja kollha li jurina?

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet kienet dejjem ta' ferħ kbir għalija, u din is-sena nixtieq norbot qalbi ma' din iċ-ċelebrazzjoni b'mod speċjali, għaliex hi l-*għoxrin* waħda. Għaddew għoxrin sena mindu l-maħbub Papa Pawlu VI ġie mnebbaħ biex jistieden il-Knisja kollha ħa timmedita u titlob, permezz ta' "Jum" speċjali, għall-vokazzjonijiet li b'mod speċjali huma marbutin max-xandir tal-Evanġelju. Rajna ħafna ħwejjeġ sbieħ, u ħafna ħwejjeġ inqas sbieħ ukoll, tul dawn l-għoxrin sena.

Rajna t-tmiem sabiħ tal-Konċilju Vatikan II li ta importanza kbira għall-istudju bir-reqqa tal-vokazzjoni u l-missjoni saċerdotali, reliġjuża u missjunarja, fid-dawl ħaj tal-Kelma ta' Alla u t-Tradizzjoni nisranija. Il-Konċilju ħallielna wirt

għani ta' tagħlim, li l-insara kollha għandhom dritt u dmir li jkunu jafuh sewwa, ukoll sabiex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet aħjar għall-ħajja personali tagħhom.

Tul dawn l-għoxrin sena xi knejjes batew, mhux biss minħabba persekuzzjonijiet minn barra, imma wkoll minħabba diffikultajiet fi ħdanhom, li kienu ta' ħafna tigrib għall-Knisja, tigrib li ġie minn min kien imissu taha farag kbir.

Imma l-Mulej farragna wkoll għax tana li naraw f'ħafna postijiet fid-dinja l-bidu ta' qagħda ġdida, għaliex f'dawn il-postijiet qiegħed dejjem jikber l-għadd ta' dawk li qegħdin iwiegbu għas-sejħa tiegħu. Inroddu ħajr lil Alla għal dan il-qawmien ġdid li jferraħna u għal dawn is-sinjali ta' ġenerożità mġedda: il-Mulej qiegħed jisma' t-talb tal-Knisja tiegħu.

Dawn l-aħħar għoxrin sena kienu żmien mimli esperjenzi spiritwali u pastorali dwar il-vokazzjonijiet. Il-Papa ta' qabli, il-Papa Pawlu VI, u jiena wkoll, f'kull okkażjoni u l-aktar f'dawn il-messaġġi ta' kull sena, ridna nagħtu importanza kbira lil xi punti, li rrid illum insemmihom fil-qasir, għalkemm huma ċari biżżejjed ġewwa moħħkom:— *il-kelma ta' Alla* u l-vokazzjonijiet. Il-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi huma fil-Knisja u għall-Knisja skond il-pjan li Alla, f'imħabba għalina, ried jirrivelalna. Dawn il-vokazzjonijiet għalhekk għandhom il-missjoni proprja tagħhom li ma għandha x'taqsam xejn ma' ebda ideal kollu kemm hu tal-bnedmin, hu kemm hu sabiħ u għoli. Jalla l-Mulej Ġesu' jagħtina l-grazzja li nkunu nafu, nemmnu, naċċettaw, fuq il-kelma tiegħu, dawn is-sejħat li huma parti mill-misteru tal-imħabba tiegħu kollha ħniena.

— *It-talb* u l-vokazzjonijiet. Il-Knisja hi don ta' Alla għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Għalhekk il-vokazzjonijiet għall-qadi sħiħ tal-Knisja huma wkoll don speċjali ta' Alla. Għalhekk nitolbu dan id-don minn għandu biss, għax hu biss jista' jagħtihulna. Nitolbuhulu b'qalbna miftuħa għad-dinja kollha, aħna u naħsbu fil-ġid tal-bnedmin kollha. Ftakru li l-Mulej Ġesu' stedinna nitolbu għall-vokazzjonijiet, proprju għax il-Qalb ħanina tiegħu rat it-tbatijiet tad-dinja: "Ra n-nies u thassarhom għax kienu mdejqa u mitluqa bħal nagħaġ bla ragħaj. *Imbagħad qal* lid-dixxipli tiegħu: 'Il-ħsad kbir, imma l-ħaddiema ftit. Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema fil-ħsad tiegħu'.' (Mt 9, 36-38)

— *Ix-xhieda* u l-vokazzjonijiet Tafuh tajjeb dan il-kliem tal-Konċilju: "It-tħabrik għall-vokazzjonijiet saċerdotali" — u dan igħodd għal kull vokazzjoni għall-ħajja konsagrata lil Alla — "huwa dmir tal-komunità nisranija; dan għandha taqdih qabel xejn billi tgħix ħajja għal kollox nisranija" (*Optatam totius*, 2). Il-Mulej Ġesu' tkellem fuq "l-art tajba" li tat frott, u "dan... mija, dak sittin u l-ieħor tletin" (Mt 13, 23). Fejn hemm fidi, talb, imħabba,

appostolat, ħajja nisranija, hemm joktru d-doni ta' Alla. Għeżież ħuti u wliedi, ħa naħsbu sewwa fuq din ir-responsabbiltà kbira tagħna!

— *Sejħa personali* u l-vokazzjoni. Alla jsejjaħ lil min irid, minn rajh, imqanqal minn imħabbtu. Imma jrid ukoll isejjaħ permezz tagħna. Hekk għamel il-Mulej Ġesu'. Kien Indri' li sejjaħ lil ħuh Pietru. Ġesu' sejjaħ lil Filippu, u dan sejjaħ lil Natanael (ara Ġw 1, 35ss). Wieħed ma għandux jibża' jgħid ċar u tond liż-żgħar, u lil dawk ukoll li ma għadhomx tant żgħar, bis-sejħa tal-Mulej. Ħaġa bħal din hi att ta' ġieh u ta' fiduċja. U tista' tkun mument ta' dawl u ta' grazzja.

U għalhekk nistedinkom ilkoll biex tissieħbu miegħi f'din it-talba: Mulej Ġesu', f'din is-Sena Mqaddsa, li fiha se ngħixu mill-ġdid il-ġrajja u l-misteru tas-sagrifiċċju li int offrejt għas-salvazzjoni tad-dinja, isma' t-talba tagħna:

— permezz tal-Ispirtu tiegħek ġedded il-Knisja biex tkun tista' toffri lid-dinja dejjem aktar bil-kotra l-frott tal-Fidwa;

— permezz tal-Ispirtu tiegħek saħħaħ il-fehma qaddisa ta' dawk li taw ħajjithom lill-Knisja: fis-saċerdozju, fid-djakonat, bħala reliġjużi, fl-istituti missjunarji, fis-suriet l-oħra ta' ħajja ikkonsagrata lilek; int sejjaħtilhom għall-qadi tiegħek: agħmilhom imseħbin mill-aqwa miegħek fil-ħidma tas-salvazzjoni;

— permezz tal-Ispirtu tiegħek kattar is-sejħat għall-qadi tiegħek: int taqra qlub il-bnedmin u taf li ħafna huma lesti jimxu warajk u jaħdmu għalik; agħti liż-żgħar u lil dawk ukoll li m' humiex aktar żgħar, dik il-ġenerożità li jeħtieġu biex jilqgħu s-sejħa tiegħek, agħtihom ilqawwa li jeħtieġu biex jaċċettaw is-sagrifiċċji li titlob minnhom, agħtihom il-ferħ li jġorru s-salib li hemm marbut ma' din l-għażla tagħhom, kif kont int l-ewwel wieħed li rfajt issalib, żgur mill-qawmien millimwiet.

Nitolbuk, Mulej Ġesu', flimkien ma' Ommok, l-Imqaddsa Verġni Marija, li kienet ħdejk fis-siegħa li kont toffri s-sagrifiċċju tiegħek għall-fidwa tagħna; nitolbuk bl-intercessjoni tagħha, biex ħafna minn fostna, illum ukoll, ikollhom dak il-kuraġġ u dik l-umiltà, dik il-fedeltà u dik l-imħabba, li jwassluhom biex igħidu "iva", kif hi wieġbet "Iva" meta ġiet imsejħa biex tissieħeb miegħek fil-missjoni tiegħek għas-salvazzjon ta' kulħadd. Amen.

Nafda din it-talba lill-ħniena ta' Alla, ħa jismagħha u jwettaqha. It-tama tagħna għal dan hi akbar illum minħabba s-Sena Mqaddsa, li qegħdin niċċelebraw b'tifkira tal-Fidwa li kisbilna l-Mulej Ġesu'. Minnu nitolbu kotra ta' grazzji, u jien, bil-qalb kollha, nagħti l-barka appostolika lilkom ilkoll, ħuti miqjuma fl-episkopat, lilkom issaċerdoti, lilkom ir-reliġjużi rġiel u nisa, u lill-poplu kollu ta' Alla, u b'mod speċjali lil dawk kollha li qegħdin iħejju ruħhom fis-Seminarji u l-Isti-

tuti reliġjużi.

Mill-Vatikan, 2 ta' Frar 1983, festa tal-Presentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju ta' Ġerusalem, fil-ħames sena tal-pontifikat.

Joannes Paulus pp II

Mid-diskorsi tal-Papa fl-Amerika tan-Nofs

COSTA RICA — L-omelija waqt il-Quddiesa fil-Parco de la Sabana, San Josè

HABBRU L-BXARA TAL-VANĠELJU SAĦĦU L-IMĦABBA TAGĦKOM GĦAL KRISTU U GĦALL-KNISJA

....."Kristu ħabb il-Knisja u ta lilu nnifsu għalliha" (Ef. 5, 25). Għadna kemm smajna dawn il-kelmiet fil-qari tal-Quddiesa. F'dan il-kliem insibu miġbur kollu kemm hu l-għan taż-żjara tiegħi: li nħabbar il-Bxara t-tajba tal-Evanġelju u nsaħħaħ l-imħabba tagħkom għal Kristu u għall-Knisja tiegħu.

Iva, ħuti. Nixtieq li f'din il-laqgħa tagħna nħosu ruħna msejħin mill-ġdid biex inxandru u nkabbru l-imħabba tagħna għall-Knisja Mqaddsa Kattolika, l-Għarusa ta' Kristu li hu ħabb "sal-mewt". Din il-laqgħa ta' fidi madwar l-altar hi ġa prova tal-imħabba tagħħna għal Knisja.

Jekk intom ingbartu hawn f'isem Kristu, jekk jien ġejt hawn minn Ruma, jekk l-isqfijiet tagħkom li stednuni hawn għandhom il-ħsieb li din iż-żjara tiegħi u t-tweġiba tagħkom għaliha, ikunu l-bidu ta' tiġdid shih fil-ħajja nisranija: dan kollu ġej mill-imħabba tagħkom għall-Knisja, li tħobbuha bħalma ħabbha Kristu, sal-mewt.

Il-Knisja opra ta' Kristu

Ġesu' Kristu hu żgur il-pedament waħdieni (ara I Kor 3, 12), ir-Raġħaj ewlieni (ara Gw. 10; 2 Piet 5, 4) u r-Ras tal-Knisja (ara I Kor 12, 12; Kol 1. 18). Hu waqqafha fuq Pietru u s-suċċessuri tiegħu. Hu jmexxiha u bla heda jaħjiha.

Il-Knisja hi opra tiegħu: fiha jidher u biha hu preżenti fid-dinja. Hi l-Għarusa tiegħu, u hu ta lilu nnifsu għaliha, għażiilha għalih, taha l-ħajja u jżommha ħajja. Anzi ta ħajtu għaliha biex hi jkollha l-ħajja. Għalhekk mill-ġemb minfud ta' Kristu — kif smajna fl-Evanġelju — ħarġet il-Knisja, kif Eva ħarġet minn ġenb Adam.

Ħuti, jeħtieġ inkunu nafu sewwa din il-verita': Kristu "ħabb" u għadu jħobb il-Knisja. Hi l-istess imħabba tal-Missier għad-"dinja", għall-bnedmin, għalina lkoll, li ġagħlitu joffri lill-Iben il-waħdieni tiegħu għall-mewt, biex kull min jemmen fih ma jmutx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem (Gw. 3, 16).

Għalhekk jekk Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha, din ifisser li l-Knisja jistħoqqilha tkun maħbuba minna.

Il-Knisja omm l-insara kollha

Iżda xi nsara xi kull tant iħarsu lejn il-Knisja qishom qegħdin barra minnha. Jikkritikawha qishom ma għandhom xejn x'jaqsmu magħha. Iżommu ruħhom 'il bo-

għod minnha qisu r-relazzjoni magħha ta' Kristu, li waqqafha, hi xi ħaġa li ġiet b'kumbinazzjoni mill-ħajja u l-mewt tiegħu; bħallikieku Kristu ma jinsabx ħaj fil-Knisja bit-tagħlim tiegħu u bil-ħidma tiegħu fis-sagramenti mqaddsa; bħalli kieku l-Knisja m'hijiex il-misteru ta' Kristu fdat f'idejn il-bnedmin.

Għal xi whud il-Knisja tidher xi ħaġa barranija għalihom, xi ħaġa li ma jimpurtahomx minnha. Iżda għal dawk li jafu x'inhi l-Knisja, li Knisja hi Omm.

Iva, ħuti, il-Knisja hi ommkom, omm l-insara kollha. Hi welditna għall-ħajja ta' dejjem bil-Magħmudija, is-sagrament tat-twelid ġdid (ara Ġw 3,5). Wasslitna għall-kobor ta' wlied Alla bil-Griżma. Tmantnina bla heda bil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, kull darba li tiċċelebra l-misteru tal-mewt u l-Qawmien tal-Mulej. Permezz tas-Sagrament tal-Penitenza tħabbibna mill-ġdid mal-Missier u magħna stess, bil-qawwa tar-rikonċiljazzjoni li sehħet permezz tal-mewt ta' Kristu (ara 2 Kor 5, 29).

B'dan il-mod il-Knisja iddaħħalna fit-triq li twassal għand il-Missier bi Kristu: timxi magħna bit-tagħlim tagħha, bil-predikazjoni u l-ħidma tal-ministri tagħha.....

Naħsbu f'dak li qed jiġri fid-dinja

..... Din il-Knisja, bit-tagħlim u l-eżempju tagħha, u tal-qaddisin u tal-għorreif tagħha, tħeġġiġna biex mhux naħsbu biss fil-ħwejjeġ tar-ruħ imma wkoll f'dak li qiegħed jiġri fid-dinja u fis-soċjeta' li tagħha aħna membri. Tħeġġiġna biex nimpenjaw ruħna ħa neqirdu kull xorta ta' inġustizzja, biex naħdmu għall-paċi u negħilbu l-mibgħeda u l-vjolenza, u nġibu 'l quddiem id-dinjita' tal-bniedem, u nħossu ruħna responsabbli tal-foqra, tal-morda, tal-imwarrbin, tal-maħqurin, tar-rifuġjati, tal-eżiljati, ta' dawk kollha li kellhom ħallu djarhom u ta' kull min jeħtieġlu, b'mod jew ieħor, is-solidarjeta' tagħna.

Dmirijietna lejn il-Knisja

Iżda jeħtieġ naħsbu wkoll fid-dmirijiet li għandna lejn il-Knisja. L-ewwelnett, ilkoll kemm aħna, aħna responsabbli tal-Knisja. Aħna membri, tagħha u wliedha, u bħala membri ħajjin tal-Ġisem ta' Kristu, ilkoll irridu nagħtu sehemna għall-kobor ta' dan il-Ġisem. Għal dan iħeġġiġna San Pawl (I Kor 12, 15-16) meta jitkellem fuq il-ġisem u l-ħafna membri tiegħu.

Kull membru, fil-Knisja, għandu l-ħidma proprja tiegħu, ir-responsabbilta' tiegħu. "Kulħadd appostlu? kulħadd profeta? kulħadd mgħallem?" jistaqsi San Pawl. Le, imma kulħadd, jaqdi l-misjoni proprja tiegħu, waqt li jirispetta dik ta' l-oħrajn, f'għaqda shiħa, u skond l-istruttura ġrerarkika tal-Knisja.

Iżda ħadd ma jista' jgħid: il-Knisja, il-qdusija tagħha, il-missjoni tagħha fid-dinja, il-qima ta' Alla, lili ma jimpurtanix minnhom. Kulħadd, isqfijiet, sa-

ċerdoti, patrijiet u sorijiet, lajċi, huma fid-dmir li jibnu l-Knisja, bl-Ispirtu tiegħu (ara Ef 2, 20-22). Imma kif timbena l-Knisja?

Kif timbena l-Knisja

Jibni l-Knisja min iżomm dak li wieġed fil-Maġmudija u jgħix ħajja qaddisa, jiċħad id-dnub, jerfa' salibu wara Kristu, u bl-imġiba tiegħu juri 'l ħutu l-verita' shiħa u ħienja tal-Evanġelju.

Jibnu l-Knisja dawk li, fir-rabta taż-żwieġ, jagħmlu l-familja tagħhom vera knisja fid-dar u jkunu ta' eżempju għal kulħadd; li jżommu l-għaqda ta' bejniethom u l-kelma li taw lil xulxin li jkunu ta' xulxin sal-mewt, u jgħożżu l-ħajja sa mill-ewwel mument tat-tnissil fil-ġuf, (u għalhekk ma jaċċettawx l-abort) li jimpenjaw ruħhom li jrabbu fil-fidi u jagħtu edukazzjoni nisranija lil uliedhom.

Jibnu l-Knisja dawk li ħsiebhom f'għajrhom, u l-aktar fil-fqar u l-abbandunati, l-imwarrbin u l-maħqurin; dawk li jħossu d-dmir tas-solidarjeta' ma' min qed ibati, l-aktar f'dan iż-żmien ta' kriżi ekonomika li qed theżżeż is-soċjeta' kollha kemm hi.

Jibnu l-Knisja dawk li jgħallmu kif ittejjeb jew tbiddel dak li qed ifixkel jew joħnoq l-iżvilupp shiħ tal-bniedem u tal-bnedmin kollha.

Jibnu l-Knisja dawk li jaqdu bli-fedelta' kollha l-ministeru u l-qadi fdat lilhom mill-isqfijiet: il-katekisti, ... dawk li jħejju 'l aħwa ħa jirċevu kif jixraq is-sagramenti mqaddsa, u dawk li huma impenjati fil-għaqdiet tal-appostolat.

Jibnu l-Knisja ż-żgħażagħ li għalihom Kristu hu l-idejal, u li b'qalb kbira, b'entużjażmu liema bħallu u b'safa ta' qalb jingħataw għall-qadi tal-oħrajn u hekk ikunu l-ħmira li tbiddel is-soċjeta' li xjaħet u tniktet.

F'kelma waħda; jibnu l-Knisja dawk kollha li jħabirku biex ikunu qaddisin, biex jagħmlu dejjem u f'kollox ir-rieda ta' Alla ħalli l-Knisja, minkejja li thaddan fiha bnedmin midinba, turi dejjem fedelta' shiħa għassejħa tagħha għall-qdusija. Din hi l-aqwa prova tal-imħabba tagħkom għal-Knisja.

Ħuti, ejja nħobbu l-Knisja; inħossu r-responsabbilta' tagħna għaliha, għall-fedelta' tagħha għall-Kelma ta' Alla, għall-missjoni li fdalha Kristu, għassejħa tagħha li tkun 'sagrament', jigifieri sinjal u strument tar-rabta shiħa ma' Alla u tal-għaqda tal-bnedmin kollha" (Lumen gentium 1). Ħobbuha l-Knisja kif thobbu lill-Verġni Marija Ommna, Ħobbuha kif ħabbha Kristu, sal-mewt...

KRISTU GHANDU BŻONNKOM U QIEGHED ISEJHILKOM FIL-KNISJA

.....Ġejt naqsam magħkom, bħala ħukom, esperjenza umana u ekklesjali, u ngħidilkom kelma li jiena żgur twieġbu għaliha bil-qawwa kollha ta' qalbkom. Kristu, iż-żagħżugħ ta' dejjem, għandu bżonnkom u qed isejħilkom fil-Knisja, "iż-żogħżija vera tad-dinja" (Konċilju Vatikan II, messaġġ liż-żgħażagħ). Il-Konċilju Vatikan II, fl-eqħluq tiegħu, l-aħħar messaġġ li baqħat kien għalikom iż-żgħażagħ, għalikom li "għad tieħdu minn idejn missirijietkom it-torċa u se tgħixu fid-dinja hija u għaddejja minn tibdiliet tassew kbar fi ġrajjietha" (Messaġġ liż-żgħażagħ, 6).

L-isqfijiet tal-Konċilju b'fiduċja kbira qalulkom: "Għalikom, żgħażagħ, għalikom il-Knisja, permezz tal-Konċilju, l-aktar li xegħlet dawl, dak id-dawl li jdawwal il-ġejjieni" (ibid 2).

Dan il-messaġġ igħodd ħafna għaż-żmien tal-lum u għalhekk irrid nitkellem fuqu magħkom biex naraw kif jista' jdawwal aħjar il-mixi tagħkom u jgħinkom fl-impenn kbir tagħkom li tkunu l-ħmira u t-tama tal-bnedmin u tal-Knisja.

L-ideali taż-żgħażagħ

Naf li spiss tistaqsu kif se tgħixu ħajjitkom, b'mod li tkun tiswa għal xi ħaġa, kif se ġġibu ruħkom biex tgħixu ħajja sħiħa u mhux tintilfu fil-vojt, x'tistgħu tagħmlu biex ittejbu s-soċjeta' li fiha tgħixu u ssibu fejqan għall-ħażen kollu li bih hi mgarrba, ħażen li jistmerru l-għatx tagħkom għas-sinċerità', għall-imħabba bejn l-aħwa, għall-ġustizzja, għall-paċi u għas-solidarjeta'. Naf li tixtiequ jkollkom ideali nobbli, ukoll jekk jiswew ħafna, u ma tridux tgħixu ħajja mdallma, billi tqarrqu kontinwament, fi ħwejjeġ żgħar u fi ħwejjeġ kbar, lill-kuxjenza tagħkom ta' żgħażagħ u ta' nsara. Naf ukoll biex tilħqu dan il-għan lesti biex turu attegġjament pożittiv lejn il-ħajja u lejn is-soċjeta' li fiha tgħixu.

Impenjaw ruħkom favur it-tajjeb

Mhux biżżejjed toqgħodu taraw il-ħażen li hawn madwarkom u tistmerruh bla ma tagħmlu xejn. U lanqas hu biżżejjed li toqgħodu tikkritikaw. Ma taslu mkien jekk toqgħodu tgħidu li ma tistgħu tagħmlu xejn quddiem il-ħażen kollu li hawn u taslu biex taqtgħu qalbkom. Le, m'hijiex din it-triq li twassal għas-soluzzjoni.

Kristu qed isejħilkom biex timpenjaw ruħkom favur dak li hu tajjeb, ħa teqirdu l-egoiżmu u d-dnub fis-suriet kollha tiegħu. Kristu jridkom tibnu soċjeta' li fiha jiġu 'l quddiem dawk il-valuri li Alla jrid jara fil-qalb u fil-ħajja ta' kull bniedem. Kristu qed jistedinkom biex tkunu veri wlied Alla — tistgħu tħabirku biex is-soċjeta' tgħixu fl-imħabba ta' xulxin bħal aħwa, tkunu onesti u tfittxu l-ftehim bejnietkom. Kristu jqawwilkom qalbkom biex fil-ħsibijiet u l-egħmil kollu tagħkom jiddi dak li hu l-qofol tal-Evanġelju: l-imħabba ta' Alla u l-imħabba tal-proxxmu (ara Mt. 22, 40).

Hekk biss — jekk tifhmu sewwa x'inhu l-bniedem fid-dawl ta' Alla tistgħu tħabirku biex is-soċjeta' li qed taħsbu biex tibnu turi rispett għad-dinjità', għal-liberta' u għad-drittijiet ta' kull persuna; u dawn il-persuni huma intom

(ibid. 3), intom u dawk — u dan tinsewh qatt — li huma wlied Alla, u jissejħu **ħutkom.**

Impenn iebes

Dan l-impenn favur il-bniedem mhux ħaga ħafifa. Tħabrek biex tgħolli l-bniedem u tara li d-dinjita' tiegħu hi magħrufa u mħarsa jitlob sforzi kbar. Biex tkompli tħabrek għal dan il-għan, trid tkun imqanqal minn raġunijiet hekk għoljin li jgħluk tirbaħ l-għeja u l-qtigħ il-qalb, d-dubju u t-tbissima wkoll ta' dawk li, moħħhom biss fil-kumditajiet tagħhom, iqisu f'ħiet baħnan min lest biex jaqbeż għal ħaddieħor.

Għalikom żgħażagħ insara, ir-raġuni ewlenija li tqanqalkom u tasal biex tbiddel egħmilkom, hi l-fidi fi Kristu. Din il-fidi tgħallimkom li jiswa tħabrek biex titjieb, jiswa taħdem biex ikun hemm soċjeta' aktar ġusta, jiswa taqbeż għal min hu bla ħtija, għal min hu maħqur, għal min hu fqir; jiswa tagħti dinjita' dejjem aqwa lill-bniedem ħuk.

Jiswa għax il-bniedem mhux biss xi ħadd li jgħix, ibati, jifraħ, jiġi sfruttat, u jtemm ħajtu bil-mewt; imma hu xi ħadd maħluq xbieha ta' Alla, imsejjaħ biex ikun għal dejjem ħabib ma' Alla, xi ħadd li Alla jħobb u jrid li jkun maħbub minnu.

Iva. Alla jrid mhux biss li dan ix-xi ħadd ikun rispettat — u din hi l-ewwel ħaġa — imma, *maħbub* ukoll mill-bnedmin l-oħra.

Dan hu l-għan għoli li għalih qiegħda issejħilhom il-fidi nisranija tagħkom. Din hi t-triq li twassalkom fil-qalb tal-bniedem u tgħaddi mill-għaxqa ta' Alla fih. Għalhekk il-Konċilju ried li s-soċjetà taċċetta li jixxandar it-teżor tal-fidi dejjem ġdid u dejjem qadim (ibid 4).

Filosofiji qarrieqa

Il-knisja tittama li intom tkunu qawwijin u kuraġġużi, b'fehmiet ċari u ma taqtgħux qalbkom, f'dan il-mixi tagħkom; u b'ħarsitkom f'dak li hu tajjeb u mqanqlin mill-fidi tkunu kapaċi tieqfu lill-filosofiji tal-egoiżmu, tal-pjaċiri, tal-qtigħ il-qalb, tax-xejn, tal-mibegħda, tal-vjolenza (ibid 4). Tafu xi frott morr jagħtu. Kemm dmugħ, kemm demm inxtered minħabba l-vjolenza, frott tal-mibegħda u tal-egoiżmu!

Żagħżugħ li jħalli l-egoiżmu jirbħu, ifaqqar l-orizzonti tiegħu, jitlef l-enerġija morali tiegħu, ifarrak żogħżitu, għax ma jħallix il-personalità tiegħu tiżviluppa sewwa. Min-naħa l-oħra, min hu tassew bniedem, ma jingħalaqx fih innifsu, imma jkun miftuħ għal kulħadd: jikber, jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu u jiżviluppa daqskemm jaqdi u jagħti lilu nnifsu lill-oħrajn b'qalbu kollha.

Moħbija wara l-egoiżmu hemm il-filosofija tal-pjaċiri: kemm żgħażagħ, jaħasra, iħallu ruħhom jitkaxkru mill-kurrent tax-xalar bla raġan li jpinġuhulhom bħala l-aqwa valur tal-ħajja! Hu proprju dan li jwassalhom għal-libertinaġġ, għall-alkoliżmu, għad-drogi; u għal tant vizzji oħra li qegħdin jeqirdu l-qawwa kollha ħeġġa taż-żagħżugħ u idgħajfulu l-ħila tiegħu għat-tiġdid meħtieġ tas-soċjeta'.

Mill-egoiżmu u mill-pjaċiri fihom infushom joħroġ waħdu dak il-qtigħ il-qalb li jwassal għal-filosofija tax-xejn. Il-veru żagħżugħ jemmen fil-ħajja u huwa kollu tama; huwa żgur li Alla qiegħed isejjaħlu fi Kristu biex ikun il-bniedem li hu, kollu kemm hu, sakemm ikun raġel magħmul, fl-aħjar ta' żmienu (ara Ef 4, 13).

Le għall-mibegħda u għall-vjolenza

U x'nista' ngħidilkom, egħżież żgħażagħ, dwar il-kruha tal-mibgħeda u tal-vjolenza? Hu fatt tassew li nnikket li f'dan il-mument il-pajjiżi tal-Amerka tan-nofs qed jaħsdu l-frott kollu mrar taż-żerriegħa li mżergħat tal-inġustizzja, tal-mibegħda u tal-vjolenza.

Quddiem qagħda bħal din ta' mwiet u ta' konfronti, il-Papa jħoss li għandu jtenni quddiemkom, żgħażagħ, il-kelma ta' Kristu: "Nagħtikom kmandament ġdid li tħobbu lil xulxin" (Gw. 13.34), u l-kelma solenni li tenna l-Papa ta' qabli, Pawlu VI f'Bogotà': "Il-vjolenza la hi nisranija u lanqas evanġelika" (diskors tat-23 ta' Awissu 1968).

Iva, egħżież żgħażagħ, intkom għandkom ir-responsabbilta' li tkissru din il-katina ta' mibgħeda li tnissel mibgħeda, u ta' vjolenza li tnissel vjolenza. Jekk dan ma tagħmlux, id-demm ikompli jinxtered, u għada d-dmugħ ikun xhieda tanniket ta' wliedkom. Nistedinkom għalhekk, bħala ħabib u bħala ħukom, biex bil-qawwa kollha ta' żogħżiltkom tiġġielldu kontra l-mibgħeda u l-vjolenza, sa kemm fil-pajjiżi tagħkom jerġgħu jsaltnu l-imħabba u s-sliem.

lill-oħrajn il-lezzjoni tal-imħabba,

Intom imsejħin biex tgħallmu ta' l-imħabba nisranija..... intom imsejħin biex flok il-mibgħeda tibnu ċ-ċivilta' tal-imħabba.

Dan tista' tagħmlu tassew għaliih jekk timxu fit-triq tal-ħbiberija vera — dik li dejjem twassal għal dak li hu tassew għoli u ta' ġieħ, dik il-ħbiberija li titgħallmu mingħand Kristu, li għandu jkun dejjem l-eżempju tagħkom u l-imħabba kbira tagħkom — intom u tiċħdu bil-qawwa kollha lil kull min ifittex il-mibgħeda u l-wiri kollu tagħha bħala mezz għall-bini ta' soċjeta' ġdida.

Le għall-ateiżmu

Il-messaġġ tal-Konċilju jistedinkom ukoll biex ma taċċettax l-ateiżmu, li hu sinjal ta' xjuħija u ta' għeja (ibid 4), Quddiem l-ateiżmu, intom iż-żgħażagħ tridu tistqarru l-fidi tagħkom għax tagħti tifsir lill-ħajjitkom: il-fidi f'Alla ġust u tajjeb (ibid 4).

Tridu dejjem turu din il-fidi f'ħajjitkom u hekk bix-xhieda tagħkom ħajja, ferħana, kollha tama, jistagħna l-oħrajn, għax il-fidi tagħkom tolqot lil kull min jarakom. Ix-xhieda nisranija tagħkom, ta' żgħażagħ qawwija, kapaċi tirbħu kull rispett uman, għandha qawwa kbira għax-xandir tal-Evanġelju.

Hekk għandkom iġġibu ruħkom quddiem il-ħajja. Jekk timxu b'dan il-mod, iġarrbu l-ferħ ta' min jiġġieled u jbati għall-ġid, ta' min juri lil-oħrajn l-għaliex tat-tama tiegħu, ta' min jara f'kull bniedem il-wiċċ ta' Kristu, ta' min bla heda jġedded fih iż-żogħżija tiegħu, ta' min iwassal bxara ta' ottimiżmu lil dinja li forsi mingħajr ma taf, qiegħda tistenniha. Fi żmienna wkoll Ġesu' ta' Nażaret għadu l-għajn u l-bidu tal-verita', tad-dinjita', tal-ġustizzja, tal-imħabba.

Iva u le

Ħbieb, mill-esperjenza tiegħi ta' professur f'università', naf li jogħġbukom fatti li jaslulkom bi ftit kliem. Ħaġa ħafifa niġbor fi ftit kliem kull ma għidtilkom. Hu miġbur f'żewġ kelmiet: Iva u Le.

Le għall-egoiżmu.

Le għall-inġustizzja.

Le għall-pjaċiri bla raġan.

Le għall-qtigħ il-qalb.

Le għall-mibgħeda u l-vjolenza.

Le għall-mixi mingħajr Alla.

Le għan-nuqqas ta' responsabbilta' u għall-egħmil ta' nofs kedda.

Iva għal Alla, għal Kristu, għall-Knisja.

Iva għall-fidi u għall-impenn li titlob.

Iva għar-rispett tad-dinjita', għal-liberta' u tad-drittijiet talbnedmin.

Iva għal kull sforz biex tintrefa' l-bniedem u jasal għand Alla.

Iva għall-ġustizzja, l-imħabba u s-sliem.

Iva għas-solidarjeta' ma' kulħadd, u l-aktar ma' dawk l-aktar fil-bżonn.

Iva għat-tama.

Iva għad-dmir li tinbena soċjeta' aħjar.

Ftakru li biex tgħixu llum tridu tħarsu lejn l-imgħoddi u tmorru 'l hemm minnu għall-ġejjieni.....

Jalla Kristu jqanqalkom dejje mbil-kelma u l-eżempju tiegħu. Ilqgħuhom b'qalbkom kollha, bilħeġġa kollha tagħkom, u agħmluhom. Isimgħu x'parir jagħtikom San Ġakbu: "Kunu intom dawk li tagħmlu l-kelma u mhux tisimgħuha biss, u hekk tqarrqu bikom infuskom. Għax jekk xi ħadd jisma' l-kelma u ma jagħmilhiex ikun bħal bniedem li jara f'mera l-wiċċ li bih twieled, jara lilu nnifsu, jitlaq u malajr jinsa kif kien" (Gak. 1.22-24).

Il-barka ta' Alla u t-talba tiegħi tkun magħkom f'din il-ħidma.

Jalla l-Verġni Marija, Omm Kristu l-Feddej tagħna, tkun seħbitkom, oħtkom, il-ħabiba tagħkom, li fiha tafdaw, Ommkom issa u dejjem. Amen.

IS-SISIEN TEOLOĠIĊI U EKKLESJALI TAL-GĦAQDA FIL-KNISJA

Kristu reġa' waqqaf l-għaqda fost il-bnedmin

Il-qari mill-Kotba Mqaddsa llum ikellimna fuq l-Għaqda: l-ewwelnett fuq l-għaqda tal-Knisja, tal-Poplu ta' Alla, tal-"merħla" tar-Ragħaj il-waħdieni; imma wkoll, kif igħallem il-Konċilju Vatikan II, fuq l-"għaqda tal-bnedmin kollha", li tagħha l-Knisja qisha hi "sagrament u sinjal", bħalma hija sagrament u sinjal ukoll tal-għaqda sħiħa ta' kull bniedem ma' Alla *(Lumen gentium,* 1).

Il-firda bejniethom li l-bnedmin wirtu mill-imgħoddi, firda li ġabha d-dnub tas-suppervja (ara Ġen 1, 4, 9) ilha teżisti l-mijiet ta' snin. Konsegwenza ta' din il-firda huma l-gwerer, il-moħqrija, il-persekuzzjonijiet, il-mibgħeda, il-ġlied ta' kull xorta.

Iżda Ġesu' Kristu ġie biex jerġa' jwaqqaf l-għaqda li kienet iltilfet, biex ikun hemm "merħla waħda u raġħaj wieħed" (Ġw 10, 16), raġħaj li n-nagħaġ jagħarfu leħnu, iżda ma jagħarfux leħen wieħed barrani *(ibid* 4-5). Hu l-bieb waħdieni li minnu rridu nidħlu *(ibid. 1).*

L-għaqda tant kienet l-għan tal-ministeru ta' Kristu li ġie fid-dinja biex imut ħalli "jiġbor lil ulied Alla li kienu xterdu" (Ġw 11.52) Hekk igħallimna l-evanġelista San Ġwann, huwa u jurina 'l Kristu jitlob lill-Missier għall-għaqda fil-komunità li kien se jafda f' idejn l-Appostli (Ġw 17, 11-12).

Ġesu', bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet, u bl-għoti tal-Ispirtu s-Santu, reġa' waqqaf l-għaqda bejn il-bnedmin, taħa lill-Knisja tiegħu, u, kif igħid il-Konċilju, għamilha "sagrament jew sinjal u strument ta' l-għaqda sħiħa ma' Alla u tal-għaqda flimkien tal-bnedmin kollha" *(Lumen gentium, 1).*

L-għaqda tal-Knisja

Il-Knisja hi l-familja ta' Alla u kif f'familja għandu jkun hemm għaqda u ordni, hekk ukoll fil-Knisja. Fiha ħadd ma għandu dritt ta' ċittadinanza aktar minn ħadd ieħor: la Lhudi, la Grieg, la Isir, la ħieles, la raġel, la mara, la fqir, la għani, għax ilkoll huma "ħaġa waħda fi Kristu" (ara Gal 3, 22).

Din il-għaqda tinbena fuq "Mulej wieħed, fidi waħda, Magħmudija waħda, Alla wieħed u Missier ta' kulħadd, li jsaltan fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd" (Ef 4, 5) kif tgħid l-ittra lill-Efesin u kif soltu tkantaw fiċ-ċelebrazzjonijiet tagħkom.

Għandna nifhmu sewwa kemm huma għoljin u kemm huma sodi l-pedamenti ta' din l-għaqda li tinsab fil-Knisja kollha... u proprju għalhekk għandna nqisu sewwa wkoll il-perikli li jistgħu jheddu din l-għaqda u l-ħtieġa li ngħożżu u nsaħħu din l-għaqda li hi don ta' Alla fi Kristu.

Għaliex... dan id-"don" hu aktar għażiż proprju għax malajr "jitfarrak" u jkun "mhedded".

X'ihedded l-għaqda fil-Knisja

L-għaqda fil-Knisja tkun imhedda meta dak kollu li jżommha sħiħa — il-fidi, il-Kelma ta' Alla, is-sagramenti, l-ubbidjenza lill-isqfijiet u lill-Papa, is-sens tar-responsabbiltà u ta' vokazzjoni ta' kulħadd lejn il-missjoni ta' Kristu fid-dinja — jitwarrab fil-ġenb minħabba raġunijiet ta' din id-dinja, ideoloġiji li ma nistgħux naċċettawhom, għażliet temporali, fehmiet dwar il-Knisja li ma jaqblux mal-fehma vera tagħha.

Iva, ħuti: meta n-nisrani, hi x'inhi l-kondizzjoni tiegħu, jagħżel kull sura oħra ta' tagħlim jew ta' ideoloġija li ma taqbilx mat-tagħlim tal-Appostli u tal-Knisja, meta jqis il-missjoni tal-Knisja skond dan it-tagħlim, meta jipprova jfisser il-katekeżi u l-predikazzjoni fiddawl ta' dawn il-kategoriji, meta jitwaqqfu "maġisteri paralleli" mal-maġisteru tal-Knisja... imbagħad tiddgħajjef l-għaqda fil-Knisja, issir aktar iebsa l-missjoni tagħha li tkun "sagrament ta' għaqda" għall-bnedmin kollha.

L-għaqda fil-Knisja tfisser u titlob minna li negħelbu għal kollox dawn it-tendenzi li jġibu l-firda: tfisser u titlob li nqisu mill-ġdid l-ordni tal-valuri li għandna: tfisser u titlob minna li naraw li fehmiet dottrinali u l-pjanijiet pastorali tagħna jkunu jaqblu mal-Maġisteru tal-Knisja kif imfisser mill-Papa u mill-isqfijiet. Dan igħodd ukoll għat-tagħlim soċjali tal-Knisja kif għallmuh il-Papiet ta' qabli u kif għallimtu jien.

Ebda nisrani, u wisq anqas ebda bniedem, li għandu xi titolu ta' konsagrazzjoni fil-Knisja, għandu jitgħabba bir-responsabbiltà li jikser din l-għaqda, billi jmur kontra r-rieda tal-isqfijiet li l-Ispirtu s-Santu għamel għassiesa sabiex jirgħu l-Knisja ta' Alla (Atti 20, 22).

Dan igħodd għal kull pajjiż u għal kull sitwazzjoni, li ebda żvilupp jew ħidma għat-titjib tal-qagħda soċjali għandhom iġibu fix-xejn l-identità u l-libertà reliġjuża ta' kull poplu li jkun, u lanqas id-dimensjoni spiritwali tal-bniedem u l-karattru qaddis tal-missjoni tal-Knisja u tal-ministri tagħha.

Opra u don ta' Kristu

L-għaqda fil-Knisja hi opra u don ta' Kristu. Tinbena b'relazzjoni miegħu u madwaru. Issa Kristu ried jafda f'idejn l-Isqfijiet ministeri importanti ħafna għall-għaqda fil-Knejjes tagħhom. (ara *Lumen gentium*, 26). Huma, f'xirka mal-Papa u qatt mingħajru, (*ibid* 22) għandhom id-dmir li jġibu 'l quddiem l-għaqda fil-Knisja u hekk jibnu f'din l-għaqda l-komunitajiet, il-gruppi, it-tendenzi u l-kategoriji ta' nies li jkun hemm fil-knejjes tal-post u fil-Knisja universali...

Xhieda tal-għaqda tal-Knisja f'xi post li jkun, hu r-rispett għad-direttivi li jagħtu l-isqfijiet lill-kleru u lill-fidili tagħ-

hom. Din il-ħidma pastorali organika hi garanzija tal-għaqda tal-Knisja: dmir li bih huma mgħobbijin l-aktar is-saċerdoti, ir-religjużi u l-operaturi l-oħra tal-pastorali.

Iżda d-dmir li tibni u tgħożż l-għaqda hu wkoll parti mir-responsabbiltà tal-membri kollha tal-Knisja, marbutin flimkien b'Magħmudija waħda, bi stqarrija waħda tal-fidi, bl-obbedjenza lejn l-isqof tagħhom u bil-fedeltà lejn is-suċċessur ta' San Pietru.

Ħuti egħżież, żommu sewwa f'moħħkom li xi kultant l-għaqda tkun imħarsa biss jekk kulħadd ikun kapaċi jiċħad il-fehmiet, il-pjanijiet u l-impenji proprji tiegħu, ukoll jekk tajbin — aktar u aktar imbagħad meta ma jkollhom x'jaqsmu xejn mal-Knisja. Dan hu meħtieġ li jsir biex jiġi mħares il-ġid tax-xirka mal-isqof, mal-Papa u mal-Knisja kollha, li hu wisq aqwa.

Knisja mifruda ma tistax taqdi l-missjoni tagħha li tkun "sagrament jew sinjal" u strument tal-għaqda fil-pajjiż. U għalhekk wissejtkom u għidtilkom kemm hi ħaġa fiergħa u prikoluża taħseb li flimkien mal-Knisja (biex ma ngħidx kontra l-Knisja) madwar l-isqof, ikun hemm knisja oħra meqjusa bħala knisja "kariżmatika" u mhux istituzzjonali, "ġdida" u mhux tradizzjonali, knisja li għad tkun, flok l-oħra, il-Knisja tal-poplu.

Irrid illum inwettaq dan il-kliem hawn quddiemkom.

Il-Knisja trid iżżomm l-għaqda biex topponi, direttament u indirettament, is-suriet kollha tal-materjalismu li magħhom tiltaqa' fil-missjoni tagħha fiddinja.

Trid iżżomm l-għaqda biex tkun tista' tħabbar il-bxara vera tal-Evanġelju — skond irregoli tat-Tradizzjoni u tal-Maġisteru — u żżommha ħielsa minn kull tagħwiġ ġej minn ideoloġiji tal-bnedmin jew minn programmi politiċi.

L-Evanġelju meta nifhmuh b' dan il-mod iwassal għall-verità u l-libertà ta' wlied Alla, u dawn b'hekk ma jiġux imqarrqa minn propaganda ta' mument u li ġġib fix-xejn kull ma wieħed ikun tgħallem; fl-istess ħin l-Evanġelju, meta nifhmuh hekk, isawwar il-bniedem għall-ħajja ta' dejjem.

L-Ewkaristija sinjal ta' l-għaqda

L-Ewkaristija fiha nfisha hi sinjal ta' l-għaqda u ġġibha. Aħna lkoll ħaġa waħda, għalkemm ħafna, għax ilkoll nieħdu sehem minn ħobża waħda (I Kor 10, 17) li hija l-ġisem ta' Kristu. Fit-talba ewkaristika li se nagħmlu minn hawn u ftit ieħor se nitolbu lill-Missier sabiex bis-sehem tagħna fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu nkunu ġisem wieħed u ruħ waħda fi Kristu (III Talba ewkaristika).

Biex niksbu dan jeħtieġ impenn serju u ċar li nirrispettaw il-karattru fundamentali tal-Ewkaristija bħala sinjal ta' għaqda u rabta ta' mħabba.

Għalhekk l-Ewkaristija ma tistax tiġi ċelebrata mingħajr l-isqof (jew mingħajr ministru leġittimu, jiġifieri saċerdot) li

fid-djoċesi tiegħu hu l-president ta' ċelebrazzjoni ewkaristika li tassew jistħoqqilha dan l-isem (ara *Sacrosanctum Concilium* 41). U l-Ewkaristija ma tiġix ċelebrata kif jixraq ukoll jekk din ir-rabta ekkleżjali tintilef jew tinbidel għaliex ma tkunx imħarsa l-istruttura liturġika taċ-ċelebrazzjoni kif ġiet magħmula mill-papiet ta' qabli u minni. L-Ewkaristija, li wieħed ifassal biex tkun taqbel malfehmiet u l-ideat tiegħu jew għal skopijiet li ma għandhom x'jaqsmu xejn magħha, ma tibqax aktar l-Ewkaristija tal-Knisja. Flok tgħaqqad, tifred.

Jalla din l-Ewkaristija li jiena, is-suċċessur ta' San Pietru u l-pedament li jidher tal-għaqda tal-Knisja (*Lumen gentium* 18), qiegħed nippresiedi, u li fiha qed jieħdu sehem l-isqfijiet tagħkom madwar il-Papa, tkun ta' eżempju għalikom u tqanqalkom biex iġġeddu l-imġiba tagħkom ta' nsara.

Għeżież saċerdoti, ġeddu l-għaqda bejnietkom u mal-isqfijiet tagħkom biex tħarsuha u tkabbruha fil-komunitajiet tagħkom. U intom, ir-reliġjużi, kunu dejjem magħqudin malpersuna u d-direttivi tal-isqfijiet. Jalla s-servizz ta' kulħadd għall-għaqda jkun servizz pastorali favur il-merħla ta' Ġesu', f'ismu. U intom isqfijiet, kunu dejjem qrib is-saċerdoti tagħkom.

L-ekumeniżmu veru

Hawn jidħol l-ekumeniżmu veru, jiġifieri l-impenn għallgħaqda tal-insara kollha u talkomunitajiet insara kollha. Nerġa' ntenni li din l-għaqda tista' tinbena biss fi Kristu, f' Magħmudija waħda (ara Ef 4, 5) u fl-istqarrija ta' fidi waħda. L-impenn għall-għaqda sħiħa tal-insara kollha ma jistax ikollu riferimenti u kriterji oħra u għandhom jintużaw dejjem metodi ta' ħidma flimkien u ta' riċerka. Ma għandux iservi ħlief li jagħti xhieda ta' Kristu, ħalli d-dinja temmen (Ġw 17.21).

L-impenn f l - ekumeniżmu għall-iskopijiet oħra ma jasalx ħlief biex iġib għaqdiet taparsi u fl-aħħarnett iwassal għallfirdiet oħra. Kemm tkun ħaġa ta' niket jekk dak li jmissu jgħin biex isseħħ l-għaqda sħiħa tal-insara u li hu wieħed mill-impenji ewlenin tal-pastorali tal-Knisja, f'dan il-mument tal-istorja tagħha, isir għajn ta' firdiet akbar u aġħar għax il-bnedmin ma jarawx 'il bogħod, għaliex mexjin bi kriterji żbaljati.

San Pawl iħeġġiġna biex inżommu fi Spirtu wieħed irrabta tas-sliem (Ef 4, 3). Jien intennilkom dan il-ħsieb u nerġa' ngħidilkom x'inhu l-pedament u l-għan ta' din l-għaqda: ġisem wieħed u ruħ waħda l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda, Alla wieħed u Missier ta' kulħadd li jsaltan fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd (Ef 4, 5).

L-IDENTITA' TAS-SAĊERDOT — L-IMPENN TAL-MISSJONI TIEGĦU

Il-grazzja tas-saċerdozju

... F'dan il-waqt ħekk qawwi ta' xirka saċerdotali nixtieq naqsam magħkom xi ħsibijiet tiegħi bix-xewqa li nsaħħaħ fikom l-identità tas-saċerdozju tagħkom u l-impenn tagħkom f'dawn iż-żminijiet.

Fil-ħajja tagħna bħala saċerdoti rridu bla heda nġeddu l-grazzja li ngħatat lilna bit-tqegħid ta' l-idejn (ara 2 Tim 1,6). It-tifkira tal-grazzja saċerdotali li tibqa' fina dejjem bil-qawwa tal-karattru, tgħinna biex niġġeddu f'din il-grazzja li tagħmilna xebħ ma' Kristu u konsagrati fl-Ispirtu s-Santu. Hi l-grazzja tal-kobor sħiħ tagħna bħala bnedmin u bħala nsara. Għaliex Alla ma taniex spirtu ta' biża' imma Spirtu ta' qawwa, ta' mħabba u ta' raġan. Mela tistħu xejn minħabba x-xhieda għal Sidna (2 Tim 1,7-8).

Bil-qawwa ta' l-ordinazzjoni, aħna ministri ta' Alla, u dak li nagħmlu, nagħmluh **in persona Christi, in virtute Spiritus Sancti**, bil-milja kollha tagħna ta' bnedmin, imqawwija minn din il-grazzja. Din il-verità turina x'għana għandu s-servizz tagħna fil-Knisja, għax bħala xempju għandu lil Kristu, il-mibgħut mill-Missier, u bħala servizz, jaqdi l-missjoni tiegħu bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Aħna u naħsbu fuq din il-grazzja ħekk kbira, ma għandniex nibżgħu minħabba li aħna dgħajfin; ma għandniex nibżgħu quddiem id-diffikultajiet li l-esperjenza stess turina, kemm niltaqgħu magħhom aħna u naqdu l-ministeru tagħna ta grazzja u ta' rikonċiljazzjoni.

Xi kull tant l-imħabba pastorali tagħkom li timbuttakom, u x-xewqa li żżommu l-paċi u l-għaqda, jitolbu minnkom l-offerta ta' ħajjitkom, offerta li tridu tagħmlu jew ftit kull jum jew b'sagrifiċċju wieħed darba, kif għamlu xi whud minn ħutkom.

Fedeltà għat-tagħlim tal-Knisja

Jiena u nfakkarkom li għandkom tkunu fidili lejn Kristu, l-Imgħallem waħdieni tagħna, u lejn l-Evanġelju tiegħu, nixtieq inħeġġiġkom biex iżżommu ħajja u sħiħa fikom id-dutrina tal-fidi tal-Knisja, għax jiswa' tagħti ħajtek għaliha.

Ma jaqbilx tagħti ħajtek għal xi ideoloġija, għal xi sura ta' Evanġelju mdgħajjef u strumentalizzat, għal xi għażla partiġġjana. Is-saċerdot li ġew lilu fdati l-Evanġelju u l-għana tad-depożitu tal-fidi, għandu jkun l-ewwel wieħed li jħoss ruħu ħaġa waħda ma' din l-integrità tal-fidi biex ikun ukoll dak li jgħaddi lill-oħrajn, bil-fedeltà kollha, d-dutrina tal-Knisja, f'rabta sħiħa mal-Maġisteru tagħha; u din il-fidi jrid iwassalha mhux biss fid-djoċesi tiegħu jew f'pajjiżu, imma għandu jfittex li tkun miftuħa għad-dimensjoni missjunarja tal-Knisja.

Għalhekk is-saċerdot, biex igħallem il-fidi lill-poplu, għandu jixrob mill-Evanġelju f'riġlejn Ġesù tul sigħat sħaħ ta' talb personali, ta' meditazzjoni tal-Kotba Mqaddsa, ta' tifħir lill-Mulej fil-Liturġija tas-Sigħat; għandu jsaħħaħ fih dejjem aktar l-għarfien ta' dan il-messaġġ kif tifhmu l-Knisja, u jżomm ruħu dejjem aġġornat permezz ta' studju

dejjem sejjer, studju li jitlob minnu mpenn għall-formazzjoni permanenti biex jitgħallem aktar fil-fond, jagħraf aħjar il-punti l-aktar importanti, u jwettaq bil-fatti dak kollu li tgħallem it-teoloġija, fil-partijiet kollha tagħha; domma, morali, liturġija, pastorali, spiritwalità. Dan kollu mibni fuq teoloġija biblika soda.

X'jistenna l-poplu nisrani mis-saċerdot

Il-poplu nisrani jistenna minnkom dan ix-xandir eżatt tal-fidi kattolika, miżrugħa b'id miftuħa, fl-art għammiela tal-fidi tradizzjonali u mwettqa mit-tjieba reliġjuża tal-poplu, li, jekk jeħtieġlu jkun dejjem evanġelizzat, hu madankollu ġa mħejji mill-Ispirtu s-Santu biex jilqa' din l-evanġelizzazzjoni u din il-katekeżi.

Il-qagħda ta' pajjiżkom, ma turikomx il-ħtieġa li għandkom issaħħu l-ħidma tagħkom għax-xandir tal-Evanġelju? Il-poplu tagħkom mhux qed jitlobkom tgħidulu għaliex għandu jemmen u jittama, għaliex għandu jħobb u jibni mill-ġdid? mhux qed jitlobkom tgħidulu li dan jista' jseħħ biss bi Kristu u bil-Knisja tiegħu?

Għalhekk iħeġġiġkom biex ma ċċaħdux lill-foqra tal-Mulej millħobż tal-Evanġelju, l-ikel sod tal-fidi nisranija, żgur u sħiħ, biex jagħarfu jagħżlu dak li hu sewwa, meta qed jixxandru fosthom tagħlim u ideloġiji li mhumiex il-messaġġ ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu. Fix-xogħol tagħkom fil-Knisja din għandha tkun l-ewwel ħidma tagħkom. Ftakru, ħuti egħżież... li intom m'intomx xi diriġenti soċjali, jew "leaders" politiċi, jew impjegati ma' xi setgħa ta' din id-dinja **(diskors fil-Messiku lis-saċerdoti u r-reliġjużi 27-1-79).**

Iż-żgħażagħ, bil-ġenerożità kollha tagħhom, qegħdin jistennew minn għandkom kelma awtorevoli: ma għadhomx jemmnu aktar fil-wegħdiet li malajr isirulhom mis-soċjetà kapitalista, u xi drabi qed jiġu mqarrqa mid-dehra fiergħa ta' xi mpenn rivoluzzjonarju li jrid ibiddel kollox, xi kull tant ukoll permezz tal-vjolenza. Mhux forsi qegħdin jistennew tant żgħażagħ oħra din il-bxara ta' Kristu li ssalva u teħles lill-bniedem, li tbiddel il-qlub u tqajjem rivoluzzjoni sħiħa fis-sliem, frott tal-imħabba nisranija? U jekk jinġibdu minn "leaders" oħra, dan mhux għaliex Kristu ma ġiex ippreżentat lilhom sewwa u bla qerq?

Ħidma għall-għaqda

Intom saċerdoti mgħobbijin b'responsabbiltà kbira f'din is-siegħa tal-Knisja. F'idejkom nafda ħidma meħtieġa ta' għaqda u ta' djalogu. Issaċerdot hu l-qaddej tax-xirka tal-Knisja. Hu fid-dmir li jlaqqa' l-komunità tal-insara biex igħixu l-Ewkaristija b'mod li tkun tassew iċ-ċelebrazzjoni tal-misteru ta' Kristu għajn u skola ta' ħajja għal kull komunità. Għalhekk postu hu l-ewwel-nett fuq l-altar biex ixandar il-kelma ta' Alla u jiċċelebra s-sagramenti, biex joffri s-sagrifiċċju u jqassam il-ħobż tal-ħajja. L-insara li jeħtieġu pariri u kliem ta' faraġ, iridu li s-saċerdot dejjem isibuh u jagħarfuh minnufih ukoll mill-mod kif jilbes; dawk kollha li jeħtieġu l-grazzja tal-maħfra u tar-rikonċiljazzjoni jistennew li tkun ħaġa ħafifa għalihom li jsibu s-saċerdot lest biex jaqdi dan il-ministeru hekk meħtieġ għas-salvazzjoni, sagrament li bih permezz tal-kuntatt per-

sonali wieħed jikber u jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu bħala nisrani.

Illum, aktar milli fl-imgħoddi, minħabba n-nuqqas ta' saċerdoti u l-ħtiġijiet kbar tal-komunitajiet insara, is-saċerdot hu msejjaħ biex, b'mod intelliġenti, iġib 'il quddiem il-ħidma tal-lajċi, jagħti ħajja lill-komunità, ħalli l-insara jidħlu għar-responsabilta ta' dawk il-ministeri li huma taghom minħabba l-Magħmudija li rċevew.

X'ferħ għandu jġarrab il-ministru ta' Alla meta ma' dwaru jara tikber komunità li laħqet il-kobor tagħha, fejn hemm il-ministeri tal-katekeżi, tal-karità u tal-promozzjoni tal-bniedem! X'ferħ meta din il-komunità tkun tista' taħdem mal-grazzja ta' Alla biex vokazzjonijiet saċerdotali ġodda jiżguraw li jkun hemm min se jieħu l-post ta' dawk li hemm illum fi ħdan il-komunità nisranija! Halluni ninsisti fuq dan id-dmir, li jmissu jħalli bla sabar il-qalb ta' kull saċerdot! Id-dmir li jkun strument ħa jġib 'il quddiem il-vokazzjonijiet saċerdotali bil-kelma u t-talb tiegħu, bl-eżempju u x-xhieda ta' ħajja konsagrata kollha kemm hi għall-qadi ta' Kristu u tal-aħwa.

Bniedem ta' Djalogu

Is-saċerdot għandu jkun bniedem li jfittex id-djalogu. Bħala medjatur għandu, bil-kuraġġ kollu, jissogra jkun pont bejn fehmiet kontra xulxin, ħa jġib 'il quddiem il-fteħim, u jfittex soluzzjonijiet ġusti għall-problemi u qagħdiet diffiċli ħafna.

L-għażla tan-nisrani, u wisq aktar dik tas-saċerdot, tista' tkun xi kull tant drammatika: għalkemm irid jeħodha bil-qawwa kollha kontrra l-ħażen, ma għandu jkun qatt kontra ħadd, għax ilkoll aħwa jew jekk huma egħdewwa, għandu jħobbhom skond l-evanġelju; għandu jħaddan lil kulħadd, għal kull ulied Alla u jrid jagħti ħajtu, jekk hemm bżonn, għal ħutu kollha. F'dan jinsab id-dramm tas-saċerdot, imbuttat minn tendenzi kontra xulxin, magħfus minn għażliet partiġjani.

Imsejjaħ biex jagħmel għażla favur il-foqra, ma jistax jagħlaq għajnejh għal dak il-faqar kbir li hemm fejn Alla ma jgħammar f'qalb il-bniedem, ilsir tas-setgħa, tal-pjaċiri, tal-flus, tal-vjolenza. Il-missjoni tas-saċerdot trid tkun fost dawn l-foqra wkoll. Għalhekk is-saċerdot hu xandâr tal-ħniena ta' Alla u mhux biss ħabbàr tal-ġustizzja. Irid jerġa' jxandar il-messaġġ tal-konversjoni lil kulħadd, u jħabbar ir-rikonċiljazzjoni ma' Kristu, li hu l-paċi tagħna, biex iġarraf il-ħajt li qed jifred il-bnedmin minn xulxin (Ef 2,14). Dan il-ministeru tas-saċerdot jikseb importanza speċjali f'din is-sena Mqaddsa tal-Fidwa li ridt inxandar biex tiġi ċelebrata fil-Knisja kollha. Egħżież saċerdoti, kunu intom ix-xhieda ta' din il-fidwa għal kulħadd. Xandru miegħi: "Ifthu l-bibien għal Kristu l-Feddej". Qiesu l-Mulej qiegħed joffrilna okkażjoni li nġeddu suriet li nsejna tal-ministeru tagħna: il-konversjoni lejn Kristu, meħtieġa minn kulħadd, miftuħa għal kulħadd; is-sejħa għar-rikonċiljazzjoni minnufih tal-bnedmin kollha, fuq kull livell. Konvertiti u rikonċiljati, inkunu aħna quddiem il-bnedmin kollha xhieda u ministri tal-Fidwa ta' Kristu, lesti biex nibdew mexjin fit-triq, jekk hemm bżonn, li twassal għal din ir-rikonċiljazzjoni bejn l-aħwa.

Ħajja ta' qadi fl-imħabba

Il-ħajja tas-saċerdot, bħal dik ta' Kristu, hi ħajja ta' qadi fl-imħabba. L-aqwa xhieda ta' għażla sħiħa għal Kristu u għall-Evanġelju hi li tkun tista' tassew tgħid dan il-kliem tat-talba tal-Knisja: ngħixu mhux għalina nfusna imma għalih li miet u rxoxta għalina (Talba ewkaristika IV). Tgħix għalih jiġifieri tgħix bħalu, u l-kelma tiegħu ma tammettix skużi: "Min irid ikun l-ewwel fostkom għandu jkun l-ilsir tagħkom. Hekk ukoll Bin il-bniedem, ma ġiex biex ikun moqdi imma biex jaqdi u jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra" (Mt 20, 27-28).

Is-sempliċità tagħkom, il-faqar u t-tjieba tagħkom, għandhom ikunu sinjal ċar tal-konsagrazzjoni tagħkom għall-Evanġelju; lesti dejjem biex tisimgħu, tilqgħu, tgħinu materjalment u spiritwalment lil ħutkom, u tagħtu xhieda li ma ġejtux biex tkunu moqdija, imma biex taqdu. Fis-safa tal-fehma tal-qadi tagħkom, fin-nuqqas ta' rbit mal-ġid materjali, issibu l-ħelsien meħtieġ biex tkunu xhieda ta' Dak li ġie fostna bħala l-Qaddej tal-Mulej u ta lilu nnifsu kollu kemm hu, għax ta ħajtu għalina.

Ibqgħu ħaġa waħda bejnietkom

Eghżież saċerdoti, jalla b'din il-laqgħa tiġġedded fikom dik il-ħeġġa ta' nhar l-ordinazzjoni tagħkom, li stagħniet bl-esperjenza ta' mħabba u fedeltà lejn Kristu u l-poplu tiegħu.

Ibqgħu ħaġa waħda bejnietkom. Żommu quddiem għajnejkom li fl-għaqda tinsab il-qawwa tal-Knisja. Żommu dejjem ruħkom f'għaqda ma' l-isqfijiet tagħkom, għaqda wisq aktar meħtieġa, aktar ma jkunu iebsin iċ-ċirkustanzi li fihom tkun tinsab il-knisja tal-post. Fil-qawwa ta' l-għaqda hemm ukoll il-garanzija ta' qawwa morali quddiem is-soċjetà, u tkunu tistgħu turu x'inhi u tħarsu bil-qawwa kollha l-kawża ta' dawk li huma l-aktar fil-bżonn. Għall-kuntrarju, bil-firdiet tagħkom jipprofittaw dawk li jridu jinqdew bil-ministeru tagħkom għall-għaniet tagħhom.

Bħala suċċessur ta' San Pietru, irrid inwettaqkom bl-imħabba u bl-appoġġ tal-Knisja kollha li qed tħares lejkom bit-tama li tara mwettqa l-paċi fost il-ġnus tagħkom...

IŻ-ŻWIEĠ HU MĦABBA GĦAL XULXIN, MIXI GĦALL-MATURITA' BĦALA BNEDMIN U BĦALA NSARA

Il-misteru taż-żwieġ

... Ir-rabta taż-żwieġ hi misteru mill-aktar għoli: hu l-pjan imħejji mill-bidu li Alla l-Ħallieq ried jafda lill-libertà dgħajfa tal-bniedem. Il-qari mill-Ktieb tal-Ġenesi wassalna bil-ħsieb għall-bidu tal-misteru tal-ħajja u tal-imħabba tal-miżżewġin: "Nagħmlu l-bniedem skond ix-xbieha tagħna, bħalna... Alla ħalaq il-bniedem skond ix-xbieha tiegħu, iva, skond ix-xbieha ta' Alla ħalaqhom u għamilhom raġel u mara" (Ġen 1, 26-27).

Alla ħalaq ir-raġel u l-mara xbieha tiegħu, bħalu, u naqqax fihom il-misteru ta' l-imħabba li tagħti l-frott, u li għandha l-bidu tagħha f'Alla stess. Għaliex huma raġel u mara huma magħmulin għal xulxin u x-xirka tagħhom flimkien hi xirka li tagħti frott: "Nisslu u kattru u imlew l-art u aħkmu fuqha" (Ġen 1,28).

Alla ried jafda 'l bniedem u fdalu f'idejh l-egħjun tal-ħajja; sejjaħ lir-raġel u lill-mara biex igħinuh fil-ħidma tiegħu tal-ħolqien. Naqqax għal dejjem fil-kuxjenza tal-bniedem ix-xewqa għat-tkattir tiegħu nnifsu fi ħdan rabta bejn tnejn li ma tintemm qatt: "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed" (Ġen 2,24).

Dak li Alla għaqqad ma jifirdux il-bniedem

Kliem il-Mulej li smajna fl-Evanġelju jwettqu l-barka li biha fil-bidu l-Ħallieq bierek iż-żwieġ: "Minħabba f'hekk ir-raġel iħalli 'l missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u t-tnejn isiru ġisem wieħed... Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem" (Mt 19, 5-6).

Dan it-tagħlim tal-Imgħallem dwar iż-żwieġ ġie milqugħ mill-ewwel komunità nisranija bħala mpenn ta' fedeltà lejn Kristu fost id-devjazzjonijiet kollha ta' dinja pagana. Il-kliem ta' Kristu hu kliem solenni li ma jammettix eċċezzjonijiet: "Dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem". Kliem jgħodd għal kull kuntratt validu taż-żwieġ, u l-aktar għaż-żwieġ bejn l-insara għax iż-żwieġ tagħhom hu sagrament.

Dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem. L-awtoritajiet ċivili ma jistgħux, ma għandhomx jifirdu dak li għaqqad Alla. Ma jistgħux u ma għandhomx jifirduh il-miżżewġin insara, li quddiem l-altar intrabtu b'patt ta' mħabba li minnu ma jistgħux jerġgħu lura, għax imwettaq minn Alla bil-grazzja tas-sagrament.

Il-pjan ta' Alla għall-miżżewġin

Fir-rieda ta' Kristu, mfissra lilna bi kliemu, għandna naraw xi ħaġa aktar minn liġi: fiha għandna naraw il-pjan moħbi ta' Alla għall-miżżewġin. Iż-żwieġ hu ġrajja ta' mħabba bejn tnejn, mixja lejn kobor sħiħ bħala bnedmin u bħala nsara. Biss meta juru dejjem aktar dak li huma bħala persuni, tissaħħaħ ir-relazzjoni ta' mħabba li thaddan il-ħajja kollha kemm hi tagħhom it-tnejn bħala miżżewġin.

It-triq iebsa, iżda tista' tkun. U

l-grazzja taż-żwieġ hi wkoll l-għajnuna meħtieġa biex jintrebħu dawn id-diffikultajiet. Min-naħa l-oħra l-ksur tar-rabta taż-żwieġ mhux biss tmur kontra l-liġi ta' Alla, imma twaqqaf il-proċess tal-kobor sħiħ tar-raġel u l-mara, u ma jaslux biex ikunu għal kollox dak li huma bħala persuni.

Ma nistgħux għalhekk naċċettaw dik il-mentalità li qiegħda tinxtered fis-soċjetà u qiegħda ddgħajjef irrabta taż-żwieġ u tgħin l-egoiżmu: il-ħelsien minn kull xkiel fil-ħajja tas-sess.

L-imħabba nisranija tal-miżżewġin għandha bħala eżempju lil Kristu li jagħti lilu nnifsu kollu kemm hu lill-Knisja, u hi msieħba fil-misteru ta' l-Għid tal-mewt u l-qawmien tal-Mulej, is-sagrifiċċju tiegħu kollu mħabba, ferħ u tama.

Ukoll meta joktru d-diffikultajiet, is-soluzzjoni m'hijiex il-ħarba minnhom, m'hijiex il-ksur tar-rabta taż-żwieġ, imma hi l-perseveranza tal-miżżewġin. Dan tafuh mill-esperjenza, egħżież miżżewġin: il-fedeltà tagħkom lejn xulxin fiż-żwieġ tiffurmakom u tkabbarkom; turi fikom il-qawwa tal-imħabba nisranija; toħloq familja ġdida bit-tiġdid ta' mħabba li tkun għaddiet mill-mewt u l-qawmien; hi l-prova li hemm relazzjoni kollha kemm hi nisranija bejn iżżewġ miżżewġin li jitgħallmu jħobbu 'il xulxin bl-imħabba ta' Kristu; hi l-garanzija li se jkun hemm ambjent adatt għall-edukazzjoni sħiħa ta' l-ulied.

Miżżewġin fi Kristu

L-Appostlu San Pawl fakkarna x'inhi l-għajn u x'inhu l-eżempju ta' din l-imħabba bejn il-miżżewġin, li tinbidel f'tenerezza u attenzjoni liema bħalha għal xulxin. "Dan il-misteru — qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja — huwa kbir. F'kelma waħda intom ukoll, kull wieħed minnkom, għandu jħobb lil martu bħalu nnifsu, u l-mara għandha ġġib rispett lil żewġha" (Ef 5, 31-33).

B'ħarsithom fi Kristu, il-miżżewġin isaħħu mħabbithom f'dan il-pjan misterjuż tal-grazzja. "Qatt ħadd ma bagħad 'il ġismu stess, iżda jmantnih u jieħu ħsiebu bħalma jagħmel Kristu mal-Knisja" (Ef 5,1-29). Hekk il-miżżewġin jitgħallmu jħarsu lejn xulxin b'imħabba tassew li tinbidel f'delikatezza, tenerezza u attenzjoni għal xulxin. Jintebħu li kull wieħed hu marbut ma' Alla b'relazzjoni personali; u t-tnejn huma marbutin ma' xulxin bil-preżenza ta' Kristu u bil-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu, biex igħixu għal xulxin fi pjan ta' ħajja li tingħata lil ulied u li tkun mixi lejn il-qdusija fil-familja. Sa mill-ewwel żminijiet tal-Knisja kienu jaraw din id-dimensjoni tal-grazzja u għalhekk kienu jpinġu 'l Kristu bejn iż-żewġ miżżewġin.

L-appostolat tal-familja

Iżda din il-grazzja ma tridx tidher biss fi ħdan il-familja. Trid tkun ukoll għajn ta' frott fl-appostolat. Il-miżżewġin insara għandhom ikunu miftuħin għall-ħidma tal-evanġelizzazzjoni fil-qasam proprju tal-familja. Imkissrin mill-esperjenza, u mqawwijin bix-xirka tagħhom ma' familji oħra, jitħabbrilhom l-Evanġelju u jħabbru l-Evanġelju fil-familja nisranija, f'ċentri fejn jiġu milqugħin il-familji, u minn fejn toħroġ ħidma għall-mixi 'il quddiem tas-soċjetà.

Għalhekk għandu jkun hemm attenzjoni speċjali għall-pastorali tal-

familja, li fiha l-miżżewġin jistgħu jgħinu ħafna u li mingħajrha ma jistgħux iġħaddu r-rgħajja ta' l-erwieħ. Ħafna huma l-ħidmiet li jistgħu jsiru f'din il-pastorali tal-familja, kif urejt fil-**Familiaris Consortio** (65-85).

F'dan il-qasam jistgħu jgħinu ħafna l-movimenti u l-gruppi ta' spiritwalità fost il-miżżewġin... u jiena bil-qalb kollha inħeġġiġhom f'din il-ħidma.

Ulied u ġenituri

Aspett importanti ħafna fil-ħajja tal-familja hi r-relazzjoni bejn il-ġenituri u l-ulied. L-awtorità u l-ubbidjenza li għandu jkun hemm fi ħdan il-familja nisranija jridu jkunu mibnijin fuq l-imħabba ta' Kristu u jridu jwasslu biex kull wieħed ikun dak li hu bħala persuna. San Pawl dan igħidu b'żewġ kelmiet: **fil-Mulej** (Ef 6, 1-4) jiġifieri kull ma jsir fi ħdan il-familja għandu jsir skond ir-rieda ta' Alla, fil-preżenza tiegħu, għaliex Hu qiegħed fuq il-knisja tad-dar li hi l-familja (**Lumen gentium**, 11). Biss bil-qawwa tal-imħabba tassew jingħelbu l-konflitti li jqumu bejn nies li ma għandhomx l-istess età. Bis-sabar, bit-tfittix tal-verità, jistgħu jingħaqdu flimkien dawk il-valuri li kull żmien iġib miegħu.

Għalhekk ma għandu qatt jonqos fil-familji t-talb flimkien... biex bla heda lkoll jiġġeddu fit-tajjeb u fissens ta' Alla. F'sura ta' ħajja bħal din jistgħu jinbtu l-vokazzjonijiet għas-saċerdozju u għall-ħajja reliġjuża, li huma sinjal ta' barka u ta' mħabba ta' Alla.

Iva u le

Egħżież miżżewġin... ġeddu l-wegħda tagħkom ta' fedeltà lil xulxin. Qiesu bħala servizz speċjali fil-Knisja l-edukazzjoni sħiħa ta' wliedkom. Issieħbu mal-isqfijiet u s-saċerdoti fl-evanġelizzazzjoni tal-familja. U ftakru dejjem li l-veru nisrani, wkoll bis-sogru li jkun "sinjal li jmeruh", għandu jkun jaf jaqdi sewwa l-għażliet li fil-fatt jagħmel skond il-fidi tiegħu. Għalhekk għandu jgħid **le** għar-rabta mhux imqaddsa taż-żwieġ u għad-divorzju, għandu jgħid **le** għall-isterilizzazjoni, u l-aktar jekk imposta lil xi ħadd jew lil xi grupp etniku għal xi raġunijiet fiergħa; għandu jgħid **le** għall-kontraċċettivi, **le** għad-delitt ta' l-abort li hu qtil ta' bniedem bla ħtija.

In-nisrani jemmen fil-ħajja. Għalhekk igħid **iva** għall-imħabba li ma tintemm qatt fiż-żwieġ, iva għall-ħajja li, b'responsabbiltà sħiħa tingħata bl-użu taż-żwieġ, **iva** għall-ħarsien tal-ħajja, iva għas-sħuħija tal-familja u għall-għixien flimkien tal-miżżewġin li ġġib 'il quddiem l-għaqda bejniethom u tgħin għall-edukazzjoni sħiħa ta' l-ulied, taħt il-ħarsien tal-imħabba tal-missier u ta' l-omm li jgħinu 'l xulxin u jwasslu għall-formazzjoni ta' bnedmin ġodda. L-**iva** tal-Ħallieq, milqugħ minn ulied Alla, u **iva** għall-bniedem. Joħroġ mill-fidi fil-pjan tal-bidu ta' Alla. Hu għajnuna vera għall-bini ta' soċjetà fejn iċ-ċiviltà ta' l-imħabba tirbaħ l-egoiżmu tal-infiq bla rażan, u l-kultura tal-ħajja fuq il-kapitulazzjoni quddiem il-mewt.

Fil-Honduras — omelija fis-santwarju ta' S. Marija ta' Suyapa

IL-PREŻENZA TA' MARIJA F'PENTEKOSTE ĠDIDA

Marija fil-Knisja

... Il-qari li għadna kemm smajna jgħinna nifhmu l-misteru u l-impenn tal-preżenza tal-Verġni Marija f'kull knisja tal-post, f'kull pajjiż.

L-Evanġelju ta' San Ġwann ifakkarna fil-preżenza ta' Marija taħt issalib u fl-aħħar kelmiet tal-Mulej li bihom ħabbar li Marija hi Omm iddixxipli kollha: "Mara, hawn hu ibnek"! Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hawn hi ommok". U minn dak ilħin id-dixxiplu ħadha għandu" (Ġw 19, 26-27).

Fis-siegħa ta' Ġesù, ta' Ommu u tal-Knisja kliem il-Feddej huma solenni u jagħmlu dak li jgħidu. Marija saret omm id-dixxipli ta' Kristu, omm il-bnedmin kollha. Dak li bilfidi jilqa' t-tagħlim tal-Imgħallem għandu l-privileġġ u x-xorti li jilqa' l-Verġni Marija bħala Ommu, jilqagħha bil-fidi u l-imħabba fost l-egħżeż ġid li għandu, żgur li dik li għamlet kull ma qalilha l-Mulej, aċċettat bil-qalb kollha li tkun omm dak li jimxi wara Kristu. Għalhekk mill-bidu tax-xandir tal-fidi u f'kull post fejn jixxandar l-Evanġelju, fittwaqqif tal-Knisja f'kull post. Il-Verġni Marija tkun hemm bħala dik li hi Omm dawk li huma xebħ ma' Kristu, u li jagħmlu l-Knisja.

Dan stajna narawh fil-kliem tal-Atti ta' l-Appostli: "Ilkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija Omm Ġesù u ma' ma' ħutu" (Atti 1.14).

Fil-bidu tal-Knisja, nhar Għid il-Ħamsin, tinsab Marija, Omm id-dixxipli ta' Ġesù bid-dmir li tgħaqqadhom flimkien bħal aħwa fi spirtu wieħed u ssaħħaħhom bit-tama ħa jilqgħu l-qawwa ġejja mill-għoli, l-Ispirtu tal-Mulej li jaħji u jwettaq il-Knisja ta' Kristu.

Kif ġa fissruh Missirijiet il-Knisja, din il-preżenza ta' Marija għandha tifsir kbir: "Wieħed ma jistax jitkellem fuq il-Knisja jekk ma jkunx hemm Marija Omm il-Mulej flimkien ma' ħutu (ara Kromazju ta' Aquileia, **Sermo XXX**, 7; S.C. 164, p. 134; **Marialis cultus** 28). U hekk kull darba li titwaqqaf il-knisja f'xi pajjiż... Marija jew turi ruħha b'mod speċjali kif ġara f'Guadalupe, jew id-dixxipli tal-Mulej jitolbu li tkun preżenti fosthom billi jiddedikawlha il-knejjes tagħhom ħalli l-Knisja jkollha dejjem magħha l-preżenza ta' l-Omm bħala garanzija tal-imħabba tal-aħwa u tal-għoti tal-Ispirtu s-Santu.

Tiġbor fiha l-Evanġelju kollu

F'Marija l-Evanġelju jseħħ fil-milja tiegħu: Marija hija membru għoli u singulari tal-Knisja u xbieha u mudell l-aktar perfett tagħha (**Lumen gentium**, 53). Hi l-ewwel nisranija, tħabbira u don ta' Ġesù Kristu Binha, il-milja tal-beatitudni, xbieha perfetta ta' dixxiplu ta' Ġesù.

Għaliex tiġbor fiha nfisha l-Evanġelju kollu, hi meqjusa bħala Omm li tgħallem il-fidi: lilha nitolbu filġlied u t-taħbit li jiġina minħabba l-fedeltà tagħna għall-messaġġ nisrani: hi, l-Omm, li ssejjaħ l-ulied — 'il fuq minn kull ma jista' jifridhom — biex iħossuhom żguri taħt l-istess saqaf, madwar il-mejda tal-Kelma u tal-Ewkaristija.

Marija biss setgħet tagħmel lid-dixxipli qabel u wara Għid il-Ħamsin, qalb waħda u ruħ waħda (ara (Atti 4, 22; 1,14), qisu Kristu ried igħidilna li ried jafda fit-tħassib ta' Ommu l-missjoni li tagħmel il-Knisja familja waħda fejn issaltan l-imħabba u fejn l-ewwelnett hu maħbub min l-aktar qed ibati. Iva, f'Marija għandna eżempju ta' mħabba li tmur 'l hemm mill-fruntieri kollha tad-dinja, rabta ta' mħabba bejnietna lkoll li, minħabba l-fidi u l-amgħmudija tagħna, aħna dixxipli u aħwa ta' Kristu.

Il-"mara ġdida"

Marija hi wkoll il-"mara ġdida". Fiha l-Mulej uriena s-sinjali ta' mħabba ta' omm, tad-dinjità tal-bniedem imsejjaħ biex ikun f'xirka mat-Trinità qaddisa, id-dija ta' mara li tilħaq il-qofol tan-natura tal-bniedem fil-ġmiel sopranaturali, fil-għerf, fl-għoti sħiħ tagħha, fit-tisħib attiv u responsabbli għall-qadi tal-misteru tal-Fidwa.

Ma tistax taħseb f'Marija, bħala mara, bħala għarusa, bħala omm, mingħajr ma tqies l-influwenza għall-ġid li bħala omm u bħala mara għandha fuq in-nisa biex tiġi 'l quddiem id-dinjità tagħhom, biex ikollhom sehem sħiħ u attiv fis-soċjetà u fil-Knisja.

Jekk hu veru li kull mara tista' tħares lejn Marija u fiha tara mera tad-dinjità u tas-sejħa tagħha, kull nisrani għandu jkollu l-ħila jara — f'tifla, f'xebba, f'omm, f'xiħa — xi ħaġa mill-misteru ta' dik li hi l-"mara ġdida", ħa tkun għalih stedina għassafa u għar-rispett, sejħa qawwija biex jiżgura għall-mara nisranija, għan-nisa kollha, dak il-progress, dak l-iżvilupp spiritwali li jwassalhom biex jaraw bħala mudell tagħhom il-Verġni ta' Nazaret, ta' Betlem, ta' Kana u tal-Kalvarju, Marija fil-hena tal-maternità, fin-niket tal-għaqda ma' Kristu msallab, fil-ferħ tal-qawmien ta' Binha, u issa fil-glorja fejn hi l-ewwel waħda fost il-bnedmin kollha u t-tama tagħhom ilkoll.

Marija hi Omm

Eghżież ħuti... irrid niġbor għalikom kelmiet il-lezzjoni sabiħa tal-Evanġelju ta' Marija: il-Verġni hi Omm, il-Verġni hi Eżempju.

Ma nistgħux nilqgħu għal kollox lil Marija bħala Omm jekk ma noqogħdux għall-kelma tagħha li biha turina 'l Ġesù bħala Mgħallem tal-verità li rridu nisimgħu u nagħmlu: "Agħmlu dak li jgħidilkom", kelma li tgħidilna bla heda meta tkun iġġorr 'il Binha fuq spallejha jew turihulna b'ħarsitha.

Trid li jkollna sehem mill-hena tagħha għax emmnet (Ara Lq 1, 45), għax laqgħet u għamlet dak li qalilha u riedha tagħmel il-Mulej (Lq 8,21). Tisma' u tgħix il-kelma. Dan hu s-sigriet tad-devozzjoni lejn il-Verġni Marija li twassalna biex ikollna sehem sħiħ fl-imħabba tagħha ta' omm sakemm tkun tista' ssawwar fina, f'kull wieħed minna, 'il Kristu.

Għalhekk irridu nwarrbu 'l bogħod minna kull ma hu kontra l-Evanġelju: il-mibgħeda, il-vjolenza, l-inġustizzji, in-nuqqas ta' xogħol, l-impożizzjoni ta' ideoloġiji li jbaxxu d-dinjità tar-raġel u tal-mara; għandna nġibu 'l quddiem kull ma jaqbel mar-rieda tal-Missier, li hu fis-smewwiet: l-imħabba, l-għajnuna lil xulxin, l-edukazzjoni fil-fidi, il-kultura, il-promozzjoni tal-foqra, ir-

rispett għal kulħadd u l-aktar għal dawk li huma fil-bżonn, li qegħdin ibatu, li huma mwarrbin fil-ġenb. Għaliex ma nistgħux insejħu lil Marija bħala Omm waqt li nmaqdru u naħqru lil ulied.

Min-naħa tagħha l-Madonna, marbuta mar-rieda ta' Kristu fuq issalib, tiżgurana dejjem li tibqa' tħobbna bħala omm, li tidħol għalina bil-qawwa tal-intercessjoni tagħha, li tkun magħna fil-ħtiġijiet kollha tagħna, tkun il-faraġ tagħna fiddiffikultajiet. Hi, "il-fqajra tal-Mulej" (**Lumen gentium**, 55) hi qrib il-foqra, qrib dawk li qegħdin ibatu, u tqawwihom u tfarraġhom bl-eżempju tagħha.

Marija Eżempju

Marija hi eżempju, l-ewwelnett ta' dawk il-virtujiet teologali li jagħżlu n-nisrani: il-fidi, it-tama, l-imħabba. Eżempju ta' dik il-perseveranza fl-Evanġelju li tgħinna nimxu magħha "il-pellegrinaġġ tal-fidi" (**ibid** 68). Eżempju ta' għoti tiegħek innifsek għall-appostolat b'mod li tkun tista' tgħin fix-xandir tal-Evanġelju u l-kobor tal-Knisja (ara **ibid** 65). Eżempju ta' ħajja kollha kemm hi mogħtija għal Alla u għall-bnedmin, għall-pjan tiegħu ta' salvazzjoni u ta' fedeltà lejn il-poplu tiegħu.

Intom u ssejħulha bil-kliem l-Anġlu u intom u taħsbu fuq il-ħajja tagħha skond l-Evanġelju, waqt li tgħidu r-Rużarju, intom ikollkom dejjem quddiem għajnejkom l-eżempju l-aktar perfett tan-nisrani.

"Hawn hi ommok". Il-Papa jtennilkom kliem Ġesù. Ilqgħuha f'darkom. Ilqugħha bħala omm u eżempju tagħkom. Hi tgħallimkom it-triq tal-Evanġelju. Turikom min hu Kristu u tgħallimkom tħobbu l-Knisja. Turikom it-triq tal-ħajja. Tqawwilkom qalbkom fid-diffikultajiet tal-ħajja. Filha l-Knisja u n-nisrani jsibu faraġ u tama għaliex "hi tiddi bħala sinjal ta' tama żgura u ta' faraġ għall-poplu ta' Alla fil-mixi tiegħu, sakemm jasal Jum il-Mulej" (**ibid** 68).

Talba lil Marija

B'din it-tama, bħala sinjal ta' mpenn tagħna lkoll, bħala wiri tal-fiduċja tagħna fiha bħala Omm u eżempju tagħna, nagħmlilha din it-talba...

Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, imbierka fost in-nisa, Omm Alla u Omm tagħna, o Verġni mqaddsa Marija.

Fil-pellegrinaġġ tiegħi fil-pajjiżi ta' l-Amerika tan-nofs, ġejt f'dan issantwarju ta' Suyapa, biex inqiegħed taħt il-ħarsien tiegħek l-ulied dawn in-nazzjonijiet aħwa, aħna u nġeddu l-istqarrija tal-fidi tagħna, it-tama sħiħa fil-ħarsien tiegħek, l-imħabba għalik bħala wliedek, kif riedna Kristu stess.

Nemmnu li int Omm Kristu, Alla magħmul bniedem, u Omm id-dixxipli ta' Ġesù. Nittamaw li miegħek niksbu l-ħena ta' dejjem, ħena li tiegħu int il-pleġġ u tħabbira bittlugħ tiegħek fis-sema. Inħobbok għax int Omm il-ħniena, kollok tjieba u faraġ għalina. Nafdalek il-pajjiżi kollha tal-Amerika tan-nofs. Agħmel li jibqgħu jgħożżu bħala l-aktar ħaġa għażiża li għandhom il-fidi f'Ġesù Kristu, l-imħabba għalik u l-fedeltà lejn il-Knisja.

Għinhom jaslu fit-triq tas-sliem, għal tmiem ta' tant inġustizzji, għall-inpenn favur min qed ibati, għar-rispett tad-dinjità ta' uliedek

kollha bħala bnedmin u bħala nsara.

Int li int omm il-paċi, waqqaf il-ġlied, temm għal dejjem il-mibgħeda, tħallix isir aktar qtil. Int, li int omm, ixxotta d-dmugħ ta' dawk li qed jibku, li tilfu l-eġħżież tagħhom, tal-eżiljati u ta' dawk li huma bogħod minn djarhom; agħmel li kulħadd ikollu l-ħobża ta' kuljum, il-kultura tiegħu, xogħol xieraq. Bierek ir-raġħajja tal-Knisja, is-saċerdoti, id-djakni, il-patrijiet, is-sorijiet, is-seminaristi, il-katekisti, il-lajċi li qed jaħdmu fl-appostolat. Jalla jkunu, bix-xhieda tal-fidi u l-imħabba tagħhom, bennejja tal-Knisja li tagħha int l-Omm. Bierek il-familji, biex ikunu familji nsara, fejn jintwera rispett sħiħ għall-ħajja, fedeltà għar-rabta taż-żwieġ, edukazzjoni sħiħa għall-ulied, miftuħin għas-sejħa biex jikkonsagraw ruħhom lil Alla. Nafdalek il-valuri taż-żgħażagħ ta' dawn il-pajjiżi; agħmel li fi Kristu jkollhom eżempju sħiħ ta' l-għoti tagħhom infushom għall-oħrajn; qawwi fi qlubhom ix-xewqa li jikkonsagraw ruħhom kollha kemm huma għas-servizz tal-Evanġelju.

F'din is-sena mqaddsa li sejrin niċċelebraw, agħti d-don tal-konverżjoni lil dawk li tbegħdu u l-grazzja tar-rikonċiljazzjoni lill-ulied kollha tal-Knisja, ħa jkun hemm frott kotran ta' ġustizzja, ta' mħabba bejn l-aħwa, ta' solidarjetà.

Aħna u nġeddu l-għoti tagħna lilek, Omm u eżempju tagħna, inwegħduk kif int wegħidt lil Alla, li nkunu fidili għall-Kelma li tagħti l-ħajja.

Irridu ngħaddu mid-dnub għall-grazzja; mill-jasar għall-ħelsien veru fi Kristu; mill-inġustizzja li twarrab fil-ġenb, għall-ġustizzja li tagħmel lil kull wieħed bniedem xieraq; mill-insensibiltà għas-solidarjetà ma' min l-aktar qiegħed ibati; mill-mibgħeda għall-imħabba; mill-gwerra li għamlet tant ħerbiet għall-paċi li ġġedded u tagħti ħajja ġdida lil dawn l-artijiet.

Sinjura ta' l-Amerika, Verġni fqira u sempliċi, Omm kollok tjieba u mħabba, int tama u faraġ tagħna, ejja imxi magħna, biex flimkien niksbu ħelsien tassew fl-Ispirtu li jgħattina bid-dell tiegħu, fi Kristu li twieled minn ħdanek, u fil-Missier li ħabbek u għażlek bħala l-ewwel waħda fostna l-bnedmin. Amen.

F'Haiti — omelija f'egħluq il-Kungress Ewkaristiku

MARIJA U L-EWKARISTIJA

L-Għid tal-Mulej

Smajtu l-qari mill-Kotba Mqaddsa. Il-qari mill-Esodu jkellimna fuq l-"Għid" tal-ħelsien fl-imgħoddi. Għid ta' wlied Israel li tiegħu l-Għid tagħna huwa wkoll tifkira. Dak l-Għid tal-Lhud kien Għid ta' ħelsien, għaliex il-ħaruf li offrew u kielu fakkarhom fit-tiġdid tax-xirka tagħhom ma' Alla u bejniethom u fil-"mogħdija" tal-Mulej biex igħin u jkun qrib u jeħles il-poplu tiegħu imjassar fl-Eġittu mill-Fargħun, ħa jmexxih lejn l-art imwegħda. Fl-Evanġelju ta' San Ġwann jissemma' l-Għid li qegħdin niċċelebraw, u l-"mogħdija" li fuqha jitkellem l-Evanġelju hi l-mogħdija ta' Ġesù stess, li għalih kienet waslet "is-siegħa" biex minn din id-dinja jgħaddi għal għand il-Missier (Ġw. 19,1). Ma kinitx għalih, għad-dixxipli tiegħu, għalina ħruġ mill-Eġittu, ħruġ li seħħ fiżżmien u f'imkien. Imma kif b'mod tassew tal-għaġeb ifissru San Luqa fir-rakkont tat-Trasfigurazzjoni (ara 9,31), il-ħruġ ta' Kristu hu t-tluq tiegħu minn din id-dinja biex jerġa' lura għand il-Missier, tluq li kellu jseħħ f'Ġerusalem, u li seħħ fis-"siegħa" tal-Passjoni tiegħu, tal-mewt u l-qawmien tiegħu.

Dan il-ħruġ u dan it-tluq huma egħmil ta' mħabba. "Hu li kien ħabb lil tiegħu, ħabbhom għall-aħħar" (Ġw. 13,1). Kienet l-imħabba li wasslet lil Kristu għall-mewt fuq is-salib: "Habbni u ta ruħu għalija" (Gal 2,20). U kienet l-imħabba li wasslitu biex iħallilna l-Ewkaristija.

Is-Sagrament tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu

L-Ewkaristija, kif igħallimna l-katekiżmu, hi s-sagrament tal-ġisem u d-demm tal-Mulej, li hu stess offra darba għal dejjem għal kulħadd (ara Ef. 9,26-28), biex jeħlisna mid-dnub u l-mewt, u ħallih f'idejn il-Knisja biex iġedded l-istess offerta tiegħu taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid u jkun għal dejjem ikel għalina lkoll li ninġabru madwar dan l-altar.

L-Ewkaristija hi s-sagrifiċċju, l-aqwa sagrifiċċju, dak li Kristu offra fuq is-salib, is-sagrifiċċju li l-isqfijiet u s-saċerdoti jġeddu kull darba għall-insara kollha u għall-mejtin.

L-Ewkaristija hi fl-istess ħin ukoll ikel spiritwali: biha nirċievu 'l Kristu kollu kemm hu, Alla u bniedem, li jitmagħna bih innifsu u jagħmilna bħalu, lil kull wieħed minna u lilna lkoll flimkien. Hi l-Ewkaristija li ġġib il-għaqda fil-Knisja, il-Ġisem mistiku ta' Kristu, "għax la l-ħobża hi waħda aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed, ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda" (2 Kor 10,17).

Aħna naduraw u nemmnu li hemm Kristu taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid fl-Ewkaristija meta tinsab fit-tabernaklu biex l-insara jkunu jistgħu jiġu jitolbu lill-Mulej u jikkontemplawh fis-sagrament imqaddes, tul il-jiem, u biex ikun jista' jitwassal lill-morda u lil dawk li qegħdin imutu. Aħna nqimu pubblikament l-Ewkaristija waqt Kungress ewkaristiku jew fil-festa tal-Corpus. Din il-

preżenza ta' Kristu fostna, fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, u dejjem f'relazzjoni magħha, hi għalina l-insara sinjal tal-Għimmanu-el — Alla magħna — kif Israel kien isejjaħ il-Messija li kellu jiġi (ara Is 7; Mt. 1,23).

Sinjal ta' mħabba

L-Evanġelista San Ġwann, li wasslilna l-wegħda ta' din l-Ewkaristija (Ġw 6,51-59) u wriena s-siwi tagħha għall-fidi tad-dixxipli u għall-fidi tagħna (ara Ġw. 6,60-71), isemmilna wkoll, fir-rakkont tal-aħħar Ikla, il-ħasil tar-riġlejn, (ara Ġw. 13,1-14).

Għaliex San Ġwann ried idaħħal ir-rakkont tal-ħasil tar-riġlejn fil-ġrajja tal-Aħħar Ikla, flok ir-rakkont tat-twaqqif tal-Ewkaristija kif għamlu l-evanġelisti l-oħra u kif għamel San Pawl (I Kor 11,17-24)? Igħidilna hu stess l-għaliex, billi jgħaqqad ir-rakkont tal-ħasil tar-riġlejn mal-kliem li bihom iħabbar l-imħabba bla qjies tal-Mulej għalina: "Habbhom għall-aħħar" (Ġw 13,1) u ma' l-esortazzjoni tal-Imgħallem liddixxipli biex jagħmlu bħalu: "Jekk jien, li jien il-Mulej u l-Imgħallem, ħsiltilkom saqajkom, hekk intom għandkom taħslu saqajn xulxin" (Ġw 13,14).

Żgur li dan tifhmuh, ħuti... Min jissieħeb fl-Ewkaristija hu mistenni jimxi fuq l-eżempju ta' Ġesù, li bih tqarben: hu msejjaħ biex ikun jixbħu f'imħabbtu, u jaqdi l-proxxmu tiegħu sa jaħsillu saqajh. U bħalna hekk il-Knisja... li trid tkun koilha kemm hi mogħtija għall-ġid tal-aħwa, ta' kulħadd u l-aktar tal-aktar fqar... Il-Knisja tiċċelebra kontinwament l-Ewkaristija. U l-Ewkaristija hi s-sagrament tal-imħabba u tal-qadi.

Bħala slogan tal-Kungress Ewkaristiku tagħkom għażiltu dan: "Jeħtieġ li ħawn issir xi bidla." Issa fl-Ewkaristija se ssibu l-qawwa u l-perseveranza biex timpenjaw ruħkom f'dan il-proċess ta' bidla.

Wara li l-Papa semma l-bidla li kien jeħtieġ issir f'Haiti, kompla jgħid li din il-ħtieġa għall-bidla, għall-konversjoni, innies ta' Haiti, għandhom ħossuha wkoll huma u jirrikorru lejn il-Verġni Marija, Omm is-Sokkors perpetwu, patruna talpajjiż tul il-mijiet tas-snin. Il Papa mbagħad kompla jgħid:

Id-devozzjoi għall-Madonna

Din id-devozzjoni (lejn il-Madonna) hi ħelsien u ġġib il-ħelsien. Niftakru ftit fi kliem San Pawl lil Galatin: 'Meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' l-ulied" (Gal 4,4-5).

Din il-mara, imbierka fost in-nisa ara Lq 1,42) intom tafuha tajjeb. Għax hi aċċettat minn rajha, għax emmnet, għax obdiet, seħħ "il-ħelsien" tagħna, li ħallas għalih Binha bilmewt tiegħu. Għax hi ssieħbet flopra tal-fidwa ta' Binha ingħata lilna li nkunu wlied adottivi ta' Alla.

Għalhekk inħobbuha u nqimuha bħala Ommna. Għalhekk għandna nkunu nixbħuha fil-fidi, fl-ubbidjenza u fl-impenn tagħha li tgħin fil-missjoni ta' Binha, f'kull qagħda li fiha nkunu ninsabu, fil-qagħda li fiha tinsabu intom f'Haiti.

Għalhekk meta titolbu, intom u tgħidu r-Rużarju, u timmeditaw il-misteri tal-ħajja, tal-mewt u tal-qawmien ta' Kristu u tingħaqdu f'qalbkom ma' Marija li hi dejjem preżenti f'dawn il-misteri, ħossu dejjem li qegħdin b'hekk tintrabtu

li tgħixu u ġġibu ruħkom bħala dixxipli veri tal-Mulej, li qegħdin tissieħbu fil-misteri tiegħu u tiksbu lfrott tagħhom.

Jalla d-devozzjoni tagħkom lejn il-Madonna tkun devozzjoni intelliġenti u attiva, devozzjoni li tkun tixraq lill-irġiel u lin-nisa li rċevew f'qalbhom l-Ispirtu ta' l-Iben ta' Alla jgħajjat: Abba' Missier! (ara Gal 4.7). Id-devozzjoni tagħkom ma għandhiex tkun sura ġdida ta' "jasar" taħt l-elementi tad-dinja (Gal 4,3), bħalma huma ċerti drawwiet, ispirati mill-biża' u l-qtigħ il-qalb quddiem qawwiet li wieħed ma jagħrafx ifisser!

Le, intom ulied Alla, meħlusin minn Kristu, imwieled mill-Verġni Marija. Kunu nies jixirqilhom li jkunu wlied Alla u wlied Marija! Intom aċċettajtu li tiċħdu d-dnub u temmnu fi Kristu, ma' Marija. Erfgħu raskom u magħha għarfu kemm Alla jħobb b'mod speċjali lil dawk li jiċċekknu, lil dawk li huma bil-ġuħ, lil dawk li jgħixu fl-imħabba (ara Lq 1, 46-55). ...

SACRA PAENITENTIARIA APOSTOLICA

FACOLTA' CHE IL SANTO PADRE CONCEDE A TUTTI I CONFESSORI IN OCCASIONE DELL'ANNO GIUBILARE STRAORDINARIO DELLA REDENZIONE

Il Santo Padre, in occasione e durante l'intero corso dell'Anno Santo Straordinario della Redenzione, concede a tutti i sacerdoti muniti della giurisdizione per le confessioni sacramentali la facoltà di assolvere i penitenti, senza l'onere del ricorso alle Autorità competenti, da tutte le censure "latae sententiae", non dichiarate, che cesseranno con l'entrata in vigore del nuovo Codice di Diritto Canonico.

Resteranno pertanto riservati esclusivamente alla Sede Apostolica i casi di attentato contro la Persona del Santo Padre, di consacrazione di Vescovi senza nomina pontificia, di profanazione delle specie eucaristiche, di violazione del sigillo sacramentale, di assoluzione del complice "in peccato turpi."

Il Santo Padre poi desidera che gli Ordinari diocesani, per la durata dell'Anno Santo Straordinario, concedano ai confessori di cui sopra, loro sudditi, la facoltà di assolvere, senza l'onere del ricorso, dalla censura, non dichiarata, relativa all'aborto procurato, che resterà in vigore anche nel nuovo Codice di Diritto Canonico.

L-Arċisqof, hawn Malta, qiegħed jagħti l-fakoltà kif imfisser hawn fuq.

ITTRA TAL-PAPA ĠWANN PAWLU II LIS-SAĊERDOTI KOLLHA

ĦAMIS IX-XIRKA 1983

Għożież ħuti fis-saċerdozju ta' Kristu!

1. Nixtieq inkellimkom fil-bidu tas-Sena Mqaddsa tal-Fidwa u tal-Ġublew straordinarju, li nfetaħ f'Ruma u fil-Knisja kollha nhar il-25 ta' Marzu. L-għażla ta' dan il-jum, solennità tat-Tħabbira tal-Mulej u tal-Inkarnazzjoni tiegħu, għandha tifsir speċjali. Dan għaliex il-misteru tal-Fidwa kellu bidu meta l-Verb sar bniedem fil-ġuf tal-Verġni ta' Nazaret bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, u laħaq il-qofol tiegħu nhar il-Għid bil-mewt u l-qawmien tal-Feddej. U huwa minn dawk il-jiem li aħna nikkalkulaw is-sena tagħna tal-Ġublew, għaliex nixtiequ li proprju f'din is-sena l-**misteru tal-Fidwa** jkun b'mod speċjali **preżenti u jagħti frott kotran** fil-ħajja tal-Knisja. Nafu li dan il-misteru hu dejjem preżenti u jagħti frott kotran fil-Knisja, u huwa dejjem imsieħeb mal-mixi tal-Poplu ta' Alla f'din id-dinja, u jagħtih sura fih innifsu. Iżda d-drawwa li kull ħamsin sena ta' dan il-mixi tal-Poplu ta' Alla jkollu tifsira speċjali, ġejja mill-qedem. Jiena nixtieq ngħożż din it-tradizzjoni qadima, u jiena żgur li fiha nfisha din it-tradizzjoni għandha sehem mill-misteru taż-żmien magħżul minn Alla, żmien li fih iseħħ il-pjan tas-salvazzjoni.

U hekk, fil-bidu ta' din is-Sena ġdida tal-Fidwa u tal-Ġublew straordinarju, ftit jiem wara li nfetaħ, jaħbat Ħamis ix-Xirka 1983. Nafu lkoll li dan il-jum ifakkarna fil-jum li fih il-Mulej, flimkien ma' l-Ewkaristija, waqqaf is-saċerdozju ministerjali. Is-saċerdozju twaqqaf minħabba l-Ewkaristija, u għalhekk minħabba l-Knisja li, bħala x-xirka tal-Poplu ta' Alla, tissawwar bl-Ewkaristija. Ilkoll kemm aħna għandna sehem mis-saċerdozju ministerjali u ġerarkiku. Irċevejnih f'jum l-ordinazzjoni tagħna bil-ministeru tal-Isqof, li għadda lil kull wieħed minna **s-sagrament li ngħata l-ewwel darba lill-Appostli** — ingħata fl-Aħħar Ikla, fiċ-Ċenaklu, nhar Ħamis ix-Xirka. Għalhekk, għalkemm jum l-ordinazzjoni tagħna mhux l-istess għal kulħadd, Ħamis ix-Xirka ta' kull sena hu l-anniversarju tas-saċerdozju ministerjali tagħna lkoll. Kull wieħed minna hu mwieled fir-rivelazzjoni tas-Saċerdozju wieħed u għal dejjem tal-istess Kristu Ġesù. Din ir-rivelazzjoni seħħet fiċ-Ċenaklu nhar Għid il-Ħamsin, lejliet il-Kalvarju. Kien proprju dak in-nhar li Kristu ta bidu għall-misteru ta' l-Għid: 'fetħu'', bil-muftieħ tal-Ewkaristija u tas-Saċerdozju.

Għalhekk, nhar Ħamis ix-Xirka, aħna,, ''il-ministri tal-Patt il-ġdid'' (1) **niġabru flimkien** mal-isqfijiet fil-Kattidrali ta' kull Knisja tal-post, **niġabru flimkien** quddiem Kristu — il-bidu waħdieni u għal dejjem tas-saċerdozju tagħna. F'din il-laqgħa ta' Ħamis ix-Xirka, **insibuh mill-ġdid,** u fl-istess ħin — bih, miegħu u fih — **insibu mill-ġdid lil-na nfusna.** Imbierek il-Missier, u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu għall-grazzja ta' din il-laqgħa.

2. Għalhekk, f'dan il-waqt hekk importanti, irrid inxandar mill-ġdid is-Sena tal-Fidwa u l-Ġublew straordinarju. Irrid inxandru b'mod

speċjali lilkom u quddiemkom, ħuti egħżież fis-saċerdozju ta' Kristu — u nixtieq flimkien magħkom, almenu għal ftit taż-żmien, nimmeditа fuq it-tifsir tiegħu. Għaliex il-Ġublew għandu jolqot lilna b'mod speċjali bħala saċerdoti tal-Patt il-ġdid. Jekk il-Ġublew hu **stedina** għal dawk li jemmnu, għall-ulied kollha tal-Knisja, biex igħarblu ħajjithom u s-sejħa tagħhom **fid-dawl tal-misteru tal-Fidwa** lilna qiegħda ssir l-istess stedina, imma b'qawwa akbar. Mela s-Sena Mqaddsa tal-Fidwa u l-Ġublew straordinarju għalina jfissru li aħna fid-dmir li nqisu s-saċerdozju tagħna mill-ġdid fid-dawl li fih Kristu stess daħħlu fil-misteru tal-Fidwa.

"Ma nsejħilkomx aktar qaddejja ... sejjaħtilkom ħbieb" (2). Dan il-kliem intqal proprju fiċ-Ċenaklu, meta l-Mulej waqqaf l-Ewkaristija u s-saċerdozju ministerjali. Kristu għarraf lill-Appostli u lil dawk kollha li kellhom jirtu minn għandhom is-saċerdozju ministerjali, li f'din is-sejħa u f'dan il-ministeru jridu **jsiru ħbiebu — iridu jsiru ħbieb tal-misteru** li hu ġie biex iwettaq. Tkun saċerdot ifisser li jkollok ħbiberija speċjali mal-misteru ta' Kristu, mal-misteru tal-Fidwa, li bih Kristu ta ġismu "għall-ħajja tad-dinja" (3). Aħna li kull jum niċċelebraw l-Ewkaristija, is-Sagrament tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, għandu jkollna rabta intima mal-misteru li minnu għandu l-bidu tiegħu dan is-sagrament. Is-saċerdozju ministerjali għandu t-tifsir tiegħu biss fi ħdan il-misteru ta' Alla — u jseħħ biss fi ħdan dan il-misteru.

Bil-qawwa tas-saċerdozju tagħna, minħabba dak li kull wieħed minna sar dak in-nhar tal-ordinazzjoni tiegħu, aħna sirna "ħbieb", aħna **x-xhieda li ninsabu qrib ħafna dik l-imħabba** li turi ruħha fil-Fidwa. "Għax Alla hekk ħabb id-dinja, li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem" (4). Din hi l-imħabba fit-tifsir tagħha ta' fidwa. Dan hu l-misteru tal-fidwa, bħala mħabba. Hu l-Iben il-waħdieni ta' Alla li jieħu din l-imħabba mingħand il-Missier u jagħtiha lill-Missier billi jġibha fid-dinja. Hu l-Iben il-waħdieni ta' Alla li, b'din l-imħabba, jagħti lilu nnifsu għas-salvazzjoni tad-dinja, għas-salvazzjoni ta' dejjem ta' kull wieħed u waħda minn ħutu.

B'kemm qawwa kull wieħed minna hu mwettaq fis-saċerdozju permezz tal-misteru tal-Fidwa! Hu proprju dan li tfakkarna l-liturġija ta' Ħamis ix-Xirka. Hu proprju dan li għandna nimmeditaw tul din is-Sena Mqaddsa. Hu proprju dan li rridu nfittxu fit-tiġdid spiritwali tagħna, għaliex is-Sena tal-Ġublew il-Knisja tqisha bħala żmien ta' tiġdid għal kulħadd u għal kull wieħed. Jekk irridu nagħtu xhieda lill-oħrajn ta' dan it-tiġdid, jekk irridu nagħtu xhieda ta' dan lil ħutna l-insara kollha, irridu nkunu xhieda ta' dan it-tiġdid għalina wkoll, u ngħiduh lilna nfusna wkoll: is-Sena Mqaddsa tal-Fidwa hija għalina **sena ta' tiġdid fil-vokazzjoni tagħna.**

Jekk aħna nġeddu minn ġewwa l-vokazzjoni qaddisa tagħna, inkunu nistgħu nħabbru aħjar u b'aktar qawwa "is-sena tal-grazzja tal-Mulej" (5). Il-misteru tal-Fidwa m'huwiex biss xi fehma tat-Teoloġija, imma huwa fatt li jibqa' għal dejjem, fatt li bih Alla, fi Kristu, jħaddan il-bniedem miegħu b'imħabba għal dejjem — u l-bniedem jagħraf

din l-imħabba, iħalliha tmexxih, iħalliha timlieh u tbiddlu minn ġewwa, u biha jsir "ħolqien ġdid" (6). Il-bniedem, maħluq mill-ġdid bl-imħabba, dik l-imħabba li tintwera lilu fi Kristu, jerfa' għajnejn ruħu lejn Alla u flimkien mas-salmista jgħid: "il-fidwa għandu bil-kotra" (7). Dan il-kliem, f'din is-sena tal-Ġublew, għandu joħroġ b'qawwa kbira minn qalb il-Knisja kollha. U dan irid iseħħ, ħuti egħżież, bix-xhieda tagħkom u bil-ministeru tagħkom.

3. Il-Fidwa hi marbuta mal-maħfra b'rabta liema bħalha. Alla fdiena f'Ġesù Kristu, għax ħafrilna f'Ġesù Kristu; Alla ġiegħelna fi Kristu nsiru "ħolqien ġdid", għaliex fih tana d-don tal-maħfra.

Alla ħabbeb id-dinja miegħu fi Kristu (8). U għaliex Alla ħabbeb id-dinja miegħu fi Kristu, "il-kbir fost il-ħlejjaq kollha" (9), **l-għaqda tal-bniedem ma' Alla** twettqet b'mod li l-bniedem ma jistax jerġa' lura minnha. Din l-għaqda li "l-ewwel Adam", fih innifsu, aċċetta darba li tittieħed mingħand il-ġens kollu tal-bnedmin, ma tistax tittieħed aktar mingħand il-ġens tal-bnedmin, għaliex issa għandha l-eġħruq tagħha u hi msaħħa fi Kristu, "it-tieni Adam". U hekk il-ġens tal-bnedmin, fi Kristu, hu dejjem "ħolqien ġdid". Dan għaliex, fi Kristu u bi Kristu, il-grazzja tal-maħfra tad-dnubiet għal kull bniedem ma tintemm qatt: "il-fidwa għandu bil-kotra".

Egħżież ħuti, tul is-sena tal-Ġublew irridu nifhmu sewwa li aħna qegħdin għall-qadi ta' din ir-rikonċiljazzjoni ma' Alla, li seħħet darba għal dejjem fi Kristu. Aħna l-qaddejja u l-ministri ta' dan is-sagrament, li fih il-Fidwa tidher u sseħħ bħala maħfra tad-dnubiet.

X'tifsir għandu l-fatt li Kristu, wara li qam mill-imwiet, mill-ġdid daħal fiċ-Ċenaklu fejn f'Ħamis ix-Xirka kien ħalla l-Appostli flimkien mal-Ewkaristija u s-sagrament tas-saċerdozju ministerjali, u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li jżommuhomlhom ikunu miżmuma" (10).

Kif qabel kien tahom is-setgħa li jiċċelebraw l-Ewkaristija, is-setgħa li jġeddu b'mod sagramentali s-Sagrifiċċju tiegħu ta' l-Għid, issa jagħtihom is-setgħa li jaħfru d-dnubiet.

Tul is-sena tal-Ġublew, intom u taħsbu kif is-saċerdozju ministerjali tagħkom hu mdaħħal fil-misteru tal-Fidwa ta' Kristu, żommu dan dejjem quddiem għajnejkom! Il-Ġublew hu żmien speċjali li fih il-Knisja, skond drawwa antika ħafna, fi ħdan il-komunità kollha tal-Poplu ta' Alla, tagħraf mill-ġdid il-qawwa tal-Fidwa **permezz ta' maħfra aktar qawwija tad-dnubiet,** ta' dik il-maħfra tad-dnubiet li aħna, is-saċerdoti tal-Patt il-ġdid, wara l-Appostli, sirna l-ministri.

Bħala konsegwenza tal-maħfra tad-dnubiet fis-Sagrament tal-Penitenza, dawk kollha li, bil-ministeru tas-saċerdoti, irċevew dan is-sagrament, jistgħu jiksbu frott aktar mill-Fidwa ta' Kristu, billi tinħafrilhom ukoll it-tpattija għal dnubiethom li, wara l-maħfra mid-dnub, ikunu għad iridu jagħmlu jew f'din id-dinja jew fl-oħra. Il-Knisja temmen li kull maħfra tiġi mill-Fidwa mwettqa minn Kristu. Fl-istess ħin il-Knisja temmen u tittama li Kristu stess jaċċetta l-medjazzjoni tal-Ġisem mistiku tiegħu għall-maħfra tad-

dnubiet u għat-tpattija tagħhom fiż-żmien. U għaliex fuq il-misteru tal-Ġisem mistiku ta' Kristu, li hu l-Knisja, jinbena, fid-dawl tal-ħajja ta' dejjem, **il-misteru tax-Xirka tal-Qaddisin,** tul din is-Sena tal-Ġublew, il-Knisja tħares lejn dan il-misteru b'tama speċjali.

Il-Knisja tixtieq tagħmel dejjem aktar użu mill-merti tal-Verġni Marija, tal-Martri u tal-Qaddisin, u trid tinqeda bil-medjazzjoni tagħhom, biex dejjem aktar tidher, fil-frott u l-qawwa tagħha għas-salvazzjoni, il-Fidwa li kiseb Kristu. B'hekk id-drawwa tal-indulġenza, marbuta mas-Sena tal-Ġublew, tikseb it-tifsir sħiħ tagħha skond l-Evanġelju, b'mod li l-ġid li ġie mis-Sagrifiċċju li Kristu offra għas-salvazzjoni tagħna, permezz tal-ġenerazzjonijiet kollha tal-Martri u tal-Qaddisin, mill-ewwel żminijiet sallum, jagħti mill-ġdid il-frott tiegħu, bil-grazzja tal-maħfra tad-dnubiet u tal-konsegwenzi tagħhom, fi qlub il-bnedmin tal-lum.

Egħżież ħuti fis-saċerdozju ta' Kristu! tul is-sena tal-Ġublew jalla tkunu b'mod speċjali **għalliema tal-verità ta' Alla** dwar il-maħfra tad-dnubiet, verità li l-Knisja ma tehdiex tħabbar. Xandru din il-verità bl-għana spiritwali kollu tagħha. Araw kif se ddaħħluha fil-moħħ u l-qalb tan-nies ta' llum. U flimkien ma' dan it-tagħlim, tul din is-Sena Mqaddsa, fittxu li tkunu, b'ġenerożità liema bħalha u b'rieda sħiħa, **ministri tas-Sagrament tal-Penitenza,** li bih ulied il-Knisja jiksbu l-maħfra tad-dnubiet. Jalla, fis-servizz tal-konfessinarju, taraw dehra m'hemmx oħra bħalha u prova ta' x'inhu s-saċerdozju ministerjali, ta' dak is-saċerdozju li, tul il-ġrajja kollha tal-Knisja, sa żmienna, ħallewlna eżempju mill-isbaħ tant saċerdoti qaddisin u ragħajja tal-erwieħ. U jalla **t-toqol tal-ministeru** saċerdotali jgħinkom tifhmu dejjem aktar kif is-saċerdozju ta' kull wieħed minna hu mdaħħal fil-misteru tal-Fidwa ta' Kristu li seħħet bis-Salib u l-qawmien tiegħu.

4. B'dan il-kliem li qiegħed niktbilkom, nixtieq inħabbar, b'mod speċjali, lilkom, il-Ġublew tas-Sena Mqaddsa tal-Fidwa. Kif tafu mid-dokumenti li ġa ġew pubblikati, il-Ġublew se jiġi ċelebrat f'Ruma u fil-Knisja kollha mill-25 ta' Marzu sa l-Għid tas-sena d-dieħla. B'dan il-mod il-grazzja speċjali tas-sena tal-Fidwa qiegħda tiġi fdata lil ħuti fl-Episkopat, bħala r-ragħajja tal-komunità universali tal-Knisja Kattolika. Fl-istess ħin din il-grazzja speċjali tal-Ġublew qiegħda tiġi fdata wkoll lilkom, ħuti fis-saċerdozju ta' Kristu. Intom, f'għaqda ma' l-isqfijiet tagħkom, intom ir-ragħajja tal-parroċċi u tal-komunitajiet l-oħra tal-Poplu ta' Alla f'kull parti tad-dinja.

Is-Sena tal-Fidwa, il-Knisja trid tgħixha **billi tibda** proprju minn **dawn il-komunitajiet tal-Poplu ta' Alla.** Għalhekk hawn irrid infakkarkom f'xi siltiet mill-Bolla tal-Ġublew, li dan igħiduh ċar ħafna: "Is-Sena tal-Fidwa", kont ktibt (11), "għandha tħalli marka speċjali **fil-ħajja kollha tal-Knisja,** biex l-insara jitgħallmu jerġgħu jsibu **fil-ħajja li jgħixu kuljum,** l-għana kollu tas-salvazzjoni li ilu jingħata lilhom sa minn żmien il-Magħmudija tagħhom"... "It-tifsir għoli u l-ġmiel moħbi ta' din is-Sena li l-Mulej qiegħed jagħtina li niċċelebraw, narawh mill-fatt li se nerġgħu nsibu

u se ngħixu mill-ġdid il-ħajja tas-sagramenti tal-Knisja, li permezz tagħhom il-grazzja ta' Alla fi Kristu tasal f'kull wieħed u waħda minna u f'kull komunità" (12).

Biex niġbru kull ma għidna, is-Sena tal-Ġublew trid tkun "sejħa għall-indiema u l-konversjoni" biex "iseħħ tiġdid spiritwali fl-individwi, fil-familji, fil-parroċċi, fid-djoċesijiet, fil-komunitajiet reliġjużi, u fl-oqsma kollha tal-ħajja nisranija u tal-appostolat" (12). Jekk din l-istedina tiġi milqugħa bil-ġenerożità kollha, tqanqal moviment, li jibda mill-parroċċi u mill-komunitajiet l-oħra kollha u, kif għadni kemm għidt lill-presbiterju tal-Knisja ta' Ruma, jagħti ħajja ġdida lid-djoċesijiet u għalhekk ma jistax ma jkunx ta' ġid għall-Knisja kollha. Proprju biex ngħin dan il-moviment, fil-Bolla tiegħi ma għamiltx ħlief tajt xi direttivi ġenerali u ridt inħalli "f'idejn il-Konferenzi Episkopali u l-isqfijiet ta' kull djoċesi t-tfassil ta' regolamenti konkreti u proposti skond il-qagħda u d-drawwiet tal-post u skond il-għan tal-1950 anniversarju tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu". (14).

5. Għalhekk, ħuti egħżież, bil-qalb kollha nistedinkom taħsbu kif tistgħu tiċċelebraw il-Ġublew imqaddes tas-Sena tal-Fidwa f'kull parroċċa, u fil-komunitajiet l-oħra tal-Poplu ta' Alla li fihom intom twettqu l-ministeru saċerdotali u pastorali tagħkom. Irridkom taħsbu kif tistgħu u għandkom tiċċelebraw il-Ġublew fi ħdan dawn il-komunitajiet u, fl-istess ħin, f'għaqda sħiħa mal-knisja tal-post u mal-Knisja universali. Irridkom tagħtu attenzjoni speċjali lil dawk l-oqsma li huma msemmijin fil-Bolla, is-sorijiet tal-klawsura, il-morda, dawk li huma l-ħabs, ix-xjuħ u dawk li b'xi mod jew ieħor qegħdin ibatu (15). Nafu sewwa li kliem l-Appostlu "Jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja" (16) iseħħu bla heda u b'ħafna suriet.

Jalla dan il-Ġublew straordinarju, bil-ħeġġa u l-ħerqa pastorali tagħkom, ikun tassew, fi kliem il-profeta, "sena tal-grazzja tal-Mulej" (17) għal kull wieħed minnkom, egħżież ħuti, u għal dawk kollha li Kristu, is-Saċerdot u r-Raġħaj, ried jafda lill-ministeru pastorali u saċerdotali tagħkom.

F'dan il-jum qaddis ta' Ħamis ix-Xirka 1983, ilqgħu dan kliemi bħala sinjal ta' mħabbti; u itolbu għal min qiegħed jiktbilkom, biex qatt ma jonqos mill-imħabba li dwarha Kristu tliet darbiet staqsa lil San Pietru. B'dawn ix-xewqat tajba, imberikkom ilkoll.

Minn San Pietru, nhar is-27 ta' Marzu, Ħadd il-Palm, 1983, il-ħames sena tal-Pontifikat.

Ioannes Paulus pp II.

(1) Ara 2 Kor 3,6. (2) Ġw 15,15. (3) Ġw 6,51. (4) Is 3,16. (5) Lq 4,19; Is 61,2. (6) 2 Kor 5,17. (7) Salm 129,7. (8) ara Kor 5,19. (9) Ara Kol 1,15. (10) Ġw 20,22. (11) Bolla **Aperite portas**, 3. (12) ibid. (13) Bolla, 11. (14) ibid. (15) Bolla 11 A.B. (16) Kol 1,24. (17) Is 61,2; Lq 4,19. (18) ara Ġw 21,15.

RITWAL TAL-ĠUBLEW

Skond il-Bolla *Aperite portas* iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew irid ikollha sura ta' *żjara-pellegrinaġġ* lill-knejjes indikati għar-rebħ tal-Ġublew.

Iċ-ċelebrazzjoni komunitarja tal-Ġublew għandha ssir skond ordni ispirat mil-liġijiet u d-drawwiet liturġiċi. L-ordni hu dan li ġej:

Rit tad-dħul

Fejn hu possibbli, l-insara jingabru f'post qrib il-knisja fejn se ssir iż-żjara-pellegrinaġġ.

Malli l-insara jkunu miġburin, iċ-ċelebrant isellem lin-nies (b'tislima bħal dawk tal-bidu tal-Quddiesa) u jagħti tifsira qasira ta' dak li se jsir; jitkanta innu adatt u tingħad talba qasira għall-għajnuna ta' Alla.

Jibda miexi l-pellegrinaġġ u tul il-mixi tingħad il-litanija tal-Qaddisin, jew jitkanta l-*Miserere* jew il-*Benedictus* jew xi innu popolari skond l-ispirtu tal-Ġublew.

Jimxi quddiem saċerdot bis-salib tal-Via Sagra.

Ċelebrazzjoni tal-Ġublew

(N.B. Jixraq li fil-knejjes fejn jista' jintrebaħ il-Ġublew, fuq l-altar ikun hemm Kurċifiss kbir li jkun tassew jixraq il-misteru tal-Fidwa v.g. il-Kurċifiss li jintuża għall-adorazzjoni tas-Salib).

Meta kulħadd jkun f'postu, tibda ċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew li tista' tkun ta' aktar minn sura waħda, jiġifieri:

A. Quddiesa solenni fl-ispirtu tal-Ġublew. Meta r-rubriki jippermettuh din tista' tkun:

(i) il-Quddiesa għas-sena mqaddsa (Ordni għas-sena Mqaddsa 1975 p. 97). (ii) il-Quddiesa votiva tal-Ewkaristija. (ii) il-Quddiesa votiva tas-Salib imqaddes. (iv) il-Quddiesa votiva tad-Demm għażiż ta' Kristu. (v) il-Quddiesa votiva għar-rikonċiljazzjoni. (vi) il-Quddiesa votiva għall-maħfra tad-dnubiet. (vii) il-Quddiesa votiva għall-grazzja ta' l-imħabba. (viii) il-Quddiesa votiva għall-għaqda tal-qlub.

Meta titqaddes waħda minn dawn il-Quddisiet tista' tintuża waħda miż-żewġ talbiet ewkaristiċi għar-rikonċiljazzjoni li hemm fis-Sagramentarju.

Iċ-ċelebrant, permezz ta' l-interventi qsar tiegħu fil-bidu tal-Quddiesa, qabel il-qari, qabel il-prefazju u fl-aħħar tal-Quddiesa, u permezz ta' l-omelija, li hi obbligatorja, għandu jħeġġeġ lill-insara biex jidħlu fl-ispirtu tal-Ġublew.

Wara l-omelija, jingħad il-KREDU; fit-talba tal-fidili (li tista' tkun dik tas-Sena Mqaddsa 1975 — Ordni p. 105) għandu jkun hemm talb skond il-fehmiet tal-Papa (ix-xandir tal-Evanġelju sa truf l-art kollha u l-libertà tal-Knisja biex taqdi l-missjoni tagħha); wara t-tqarbin jingħad jew jitkanta t-*Te Deum*, u fl-aħħar jitkanta innu lill-Madonna.

Jekk il-Quddiesa ssir filgħaxija, wara t-Talba ta' wara t-tqarbin, jiġi espost Ġesu' Sagramentat, ikun hemm ftit mumenti ta' skiet,

tingħad it-Talba għall-Papa (Ordni għas-Sena Mqaddsa p. 102), *Te Deum*; wara l-barka innu lill-Madonna.

B. Ċelebrazzjoni solenni (infra Missam) ta' Sagrament: Magħmudija; Griżma, Sagrament tal-Morda.

Fil-Magħmudija u l-Griżma ma jingħadx il-Kredu, iżda fit-Talba tal-fidili jiżdiedu l-invokazzjonijiet skond il-fehmiet tal-Papa, jitkanta t-*Te Deum,* u fl-aħħarnett jitkanta innu lill-Madonna.

Ċ. Ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla.

(i) Din tista' tieħu s-sura ta' Mixja ta' RIKONĊILJAZZJONI tul ġimgħa sħiħa, kuljum, jew tul seba' ġimgħat, b'ċelebrazzjoni darba fil-ġimgħa skond kif hemm imfisser fl-Ordni għas-Sena Mqaddsa 1975. F'xi mument taċ-ċelebrazzjoni jingħad il-Kredu, u l-funzjoni tagħlaq bil-kant tat-*Te Deum* u innu lill-Madonna.

(ii) tista' tkun ċelebrazzjoni ta':
l-Uffiċċju tal-Qari (fit-tliet ijiem tal-Għid).
Tifħir ta' sbiħ il-jum u ta' l-Għasar, fil-Ħdud u s-solennitajiet.

Din iċ-ċelebrazzjoni trid tkun bil-parteċipazzjoni tan-nies, u għalhekk, min jagħmel din is-sura ta' ċelebrazzjoni, irid jaħseb biex in-nies ikollhom f'idejhom il-kotba li hemm publikati bil-Malti.

F'din iċ-ċelebrazzjoni tal-Lawdi jew tal-Għasar, flok il-lezzjoni qasira tinqara lezzjoni jew l-Evanġelju tal-Quddiesa tal-ġurnata li tkun u ssir l-omelija.

(iii) i -żewġ suriet ta' din iċ-ċelebrazzjoni jistgħu jagħalqu b'espożizzjoni qasira sagramentali; wara ftit waqtiet ta' talb fis-skiet skond il-fehmiet tal-Papa (iċ-ċelebrant għandu jgħin b'intervent qasir ta' kliem meqjus), tingħad it-talba għall-Papa (Ordni Sena Mqaddsa 1975 p. 102) jitkanta t-*Te Deum*, u wara l-barka, jitkanta innu lill-Madonna.

D. Ċelebrazzjoni penitenzjali bi qrara individwali, kif imfissra fl-Ordni l-ġdid għas-Sagrament tal-Penitenza. Wara t-talba ta' radd il-ħajr jingħad il-Kredu, u jingħad it-*Te Deum,* u wara r-rit ta' l-egħluq jitkanta innu lill-Madonna.

Jekk iċ-ċelebrazzjoni se tagħlaq b'espożizzjoni ewkaristika, it-talba ta' radd il-ħajr tingħad quddiem Ġesu' Sagramentat, u wara ftit talb fis-skiet, jitkanta t-*Te Deum,* u wara l-barka, jitkanta innu lill-Madonna.

E. Ċelebrazzjoni tal-Via Sagra.

Issir skond ir-rit imfisser fir-Ritwal Malti (suriet oħra jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kurja ħa jkunu jistgħu jintużaw għar-rebħ tal-Ġublew). Il-Via Sagra tagħlaq b'espożizzjoni ewkaristika: wara ftit waqtiet ta' skiet introdotti b'omelija qasira, jingħad il-Kredu, Talba għall-Papa, *Te Deum,* u wara l-barka, innu lill-Madonna.

F. Purċissjoni penitenzjali fil-knisja.

Tibda quddiem l-altar tas-Sagrament bil-kant ta' innu ewkaristiku u tal-MISSIERNA; tmur quddiem l-altar tal-Kurċifiss u jitkanta l-innu *Vexilla* jew *Parce Domine* (Ħenn għalina); imbagħad quddiem l-altar jew l-istatwa tad-Duluri u jitkanta l-innu *Stabat Mater* jew it-Talba tal-fidili għas-sena mqaddsa, jitkanta t-*Te Deum,* u

disin li għalihom hemm devozzjoni kbira fost in-nies tal-parroċċa u hemm tingħad talba lill-qaddis; il-purċissjoni tispiċċa quddiem l-altar maġġur u wara li tingħad talba lit-titular tal-parroċċa, jiġi espost Ġesu' sagramentat, isir qari mill-Iskrittura skond id-direttivi tar-Ritwal għaċ-ċelebrazzjonijiet ewkaristiċi barra l-Quddiesa, issir omelija qasira fuq il-qari biex il-fidili jifhmu l-ispirtu tal-Ġublew, ikun hemm ftit waqtiet ta' talb fis-skiet, tingħad it-talba għall-Papa jew it-Talba tal-fidili għas-sena mqaddsa, jitkanta t-Te Deum, u, wara l-barka, jitkanta innu lill-Madonna.

TELEGRAMM FL-OKKAŻJONI TAL-FTUĦ TAL-ĠUBLEW TAL-FIDWA

It-telegram minn Malta

Clero Popolo Maltese uniti Arcivescovo inizio Anno Santo straordinario venerando Crocefisso Miracoloso venerato nella chiesa Francescana Santa Maria di Gesu' alla Valletta promettono unione con Cristo Redentore con attività di pace tra popolo fedele stop fedeltà incondizionata magistero Chiesa uniti nella fede predicataci Paolo Apostolo Padre stop Arcivescovo Mercieca

It-tweġiba mill-Vatikan

Vivamente apprezzando devoto messaggio inviatogli dall'Eccellenza Vostra Reverendissima a nome Clero et fedeli codesta Arcidiocesi in occasione inizio Anno Santo della Redenzione sommo Pontefice invoca dovizia doni et grazie del Sĭgnore mentre grato per delicato pensiero imparte di cuore propiziatrice Benedizione Apostolica

Card. Casaroli.

WORLD COMMUNICATIONS DAY

Sunday 15th May 1983

Theme: Social Communications and the promotion of peace

Pope John Paul II's teaching for 1983 began with his peace message. "On the threshold of the new year" he addressed "to those who are in any way responsible for peace; to those who preside over the destinies of peoples, to international functionaries, to men of politics, to diplomats, but also to the ordinary citizens of each country" an appeal to preserve and cultivate peace, especially by attention to dialogue; for dialogue, true dialogue, said the Pope, is always urgent and necessary. (1)

Now it is well known that social dialogue on a very broad scale is made possible by the mass media which can reach all the social strata quickly and simultaneously, and which could and should be employed in a peace-making process.

So it is in no way surprising that for the theme of the 1983 World Communications Day, to be celebrated on the 15th May, the Holy Father has chosen: "Social Communications and the promotion of peace".

The omnipresent mass media go on increasing their penetration in every environment, and gaining access to more and more families. The Pope has repeatedly urged Society to take note of the mass media's impact on modern man and of their broad popular influence.

Hundreds of millions of individuals can receive the stimuli of the media at the same time, and it is not difficult to see what the good effects may be if those vast numbers of people are simultaneously urged in the direction of a free, personal, conscientious option for peace.

Since the arrival on the scene of the mass media, different Popes have pointed out what a great potential these media have, especially when Catholic, in favour of peace, backing the Popes' constant efforts to promote it, abstaining absolutely from propagating hatreds or aggravating social tensions and from fomenting divisions or mistrust, promoting fraternity among men, instead, and trying to unite them across all frontiers, putting information to work in the service of the free aspirations of the people.

Press, radio, TV, cinema, recordings, and the most modern technical advances, can contribute, at least in the beginning, to the prevention of wars, simply by doing propaganda for truth ad love, for honest values, for a sane dignity of living and of coexistence, thus giving support to the growing aversion of public opinion towards war. In other words, the mass media can make an essential contribution towards peace, between the nations, between social classes, between the races and generations.

The media of social communications can turn themselves into flag-bearers of hope, holding up for attention the beautiful things in the world, the "bright side" of the human reality, which is so well worth preserving, and which is under threat from war and from every type of disharmony. The media can assist towards peace considerably by abstaining from publishing events of a scandalous nature which are either uproven or sheer inventions.

Sadly, the year just past has seen explosions of violence of unusual

horror: in Lebanon, in Iran/Iraq, in the Falklands, etc. Violence which was sometimes deliberately applied through political, religious, or racial persecution ..., and all this constitutes a recall to a more Christian attitude and behaviour, to the penance and reconciliation for which the Pope and the whole Church are appealing, particularly during this Holy Year.

From the first appearance of the new communications media the Popes have been consistently calling upon all those who work in social communications to make real efforts to create a public conscience about harmonious living: "... the sad events which the world has known in the most recent times have confirmed the importance of an illuminated public opinion to prevent conflicts degenerating into wars. Public opinion, in fact, can put a brake on bellicose tendencies, or, can support them to the point of recklessness... Now, as workers in radio, television and print you have got an ever more preponderant role in this field". The Pope insists that those with responsibility in communications must weigh seriously the obligation this puts upon them "to set out with fullest objectivity the rights, problems and point of view of each of the parties, so as to promote understanding, and dialogue between groups, countries and cultures". (2)

Such a dialogue will lead to an active affirmation of **fundamental rights,** of dialogue towards justice, which will be open and accepting, searching for the good and the true and the just, taking account of all human groups, assessing the regulations proposed for economic life, slowing down the ill-omened arms race, that nightmare of all men of good will.

This peace-effort has to involve both the managers and the users of the mass media, and it will achieve its best results only if it is supported adequately by an education which only the media themselves can provide. From this arises the necessity that information, entertainment and cultural activities directed to the great public shall be entrusted to persons who not only possess a high professional level but also are disposed to respect the code of true human values, recognising that man is truly man precisely because of his vocation to transcendence. The survival of religious values is not purely accidental, so it is indispensable that the media known how to treat the religious theme with the necessary delicacy, because it is right within man's religious sense that the seed of a true and lasting peace must germinate. It is therefore also necessary that the Church and its institutions should be treated with delicacy and objectivity, and not as if they were political or profane departments of civil society.

Now, with the Holy Year of our Redemption, once again a Church initiative becomes news, like a new echo of the Good News of the Gospel. To say "Jubilee Year" is the same as to say "Blessed are the peacemakers". To commemorate Jesus Christ with a year of jubilee signifies above all that the Church is conscious that everyday life is upset by too many ruptures, too much discord, too many disorders, to achieve the good it was intended to achieve. Man is being given, therefore, a new possibility of reflecting seriously on the necessity of authentic relationships, which will also be vital and happy, between himself and God, himself and his fellow men.

In this context it is more than obvious that the communications madia are invited to collaboration and that the Church for its part has done everything possible to facilitate and bring about this collaboration. In these last years the Pontifical Commission for Social Communications has brought the work of sensiblization to quite an advanced point, and mobilized the episco-

pate itself in a fundamental way. Episcopal Commissions for Social Communications have been established in each country (or at least an Episcopal Delegate appointed) within the Episcopal Conference, so that the numerous pastoral communications problems could be faced and resolved within maximum urgency, taking due account of the differing national, regional and continental realities. With this object, regional and continental meetings of the bishops in charge of communications have been held, and this series is just about to be completed with a continental meeting for Europe.

It would be wrong not to mention here the annual organisation of World Communications Day, which gives such an important stimulus to the pro motion of the Church's media apostolate. The occasion is used to draw the attention of the episcopate, of communications professionals, and of the man in the street to the relationships existing between the subjects of the various themes and the social communications media. The ecumenical initiatives taken worldwide in connection with World Communications Day have occasioned a good deal of the kind of dialogue which is one of the essential conditions of peace.

Even the non-confessional world is sensitive to the peace ideal. There is need to offer to all men and women, in the most suitable and efficacious form, the possibility to take part in a global effort at reflection and collective dialogue; the more solidarity there is in this, the more demanding will be the cry for peace. All this requires a more just international order. The Pope makes reference to this fact, stating that it demands "consensus on the equitable sharing out of goods, of services, of knowledge, of information, and a firm willingness to regulate these demands in accordance with the common good. I know — says the Pope — that such a dialogue, or which the North-South dialogue is a part, is very complex; it ought to be resolutely followed up in order to prepare the conditions of a true peace, as we approach the third millennium." (3)

The professionals of information have — the Holy Father said in another recent statement — an enormous responsibility hanging over them. "Information and culture have created a necessity for a new impulse of strengthening (the Pope said to the professionals), and you are dedicating yourselves to this fascinating work. A work of incalculable transcendence, because of the enormous possibilities it contains and of the necessity of not limiting oneself to merely informing, but promoting also the benefits of intelligence, of culture and of living together, creating in its own time a public opinion... The Council used a carefully-selected word: service".

A sarvice of man in his fullness; body and spirit, nourished by culture and by moral criteria for individual and social life. A most noble mission which the Holy Father does not hesitate to compare to his own: "in reflecting on these things with you, I cannot help thinking that there is much in common between your mission and mine, in that we are both servants of communication among men", in an effort to realize a more united world a more human world, in which truth ad morality will shine forth: a more peaceful world. In other words, to put the communications media at the service of peace among men is a most human task which ennobles anyone who dedicates himself to it. (4) Social communications in its effort at dialogue which is identified with peace could not have had a better or more exalting illustration.

By way of conclusion, it will be good to quote a piece from the teaching

of the Pastoral Instruction **Communio et Progressio** which goes as follows:-

" 'Among the wonderful technical inventions' which foster communication among human beings, Christians find means that have been devised under God's Providence for the encouragement of social relations during their pilgrimage on earth. These means ... fashion a new language which permits men to know themselves better and to understand one another more easily. By this, men are led to a mutual understanding and shared ambition. And this, in turn, inclines them to justice and peace, to good will and active charity, to mutual help, to love and, in the end, to communion". (5).

(1) Pope John Paul II, Message for World Peace Day, 8-12-82.
(2) ibid.
(3) ibid.
(4) Pope John Paul II, Spanish Visit, message to journalists afterwards, 3-11-82.
(5) Communio et Progressio, 12.

IL-MESSAĠĠ TAL-PAPA GĦAL JUM IL-KOMUNIKAZZJONIJIET SOĊJALI

Informazzjoni imparzjali mogħtija bil-kalma kollha tista' tkun kontribut mill-aqwa għall-paċi

Ħuti egħżież,

1. "Inġibu 'l quddiem il-paċi". Dan huwa s-suġġett li fuqu qiegħda tistedinkom taħsbu din is-sena l-Ġurnata Dinjija tal-Komunikazzjonijiet Soċjali. Hu suġġett importanti ħafna u tassew f'waqtu.

F'dinja fejn, minħabba l-progress tassew ta' l-għaġeb u t-tixrid b'tant ħeffa tal-*mass media* kulħadd dejjem aktar qiegħed ikun jiddependi millohrajn; il-komunikazzjoni u l-informazzjoni llum għandhom qawwa tassew kbira biex bihom wieħed jinqeda tajjeb ħafna ħa jġib 'il quddiem il-kawża hekk kbira u nobbli tal-paċi; iżda mbagħad il-komunikazzjoni u l-informazzjoni jistgħu wkoll ikabbru t-tensjonijiet li jkun hemm u jgħinu u jġibu 'l quddiem suriet ġodda ta' inġustizzji u ta' tkasbir tad-drittijiet tal-bnedmin.

Jiena, għaliex nifhem tajjeb ħafna x'jistgħu jagħmlu dawk li jaħdmu fil-komunikazzjoni soċjali, fil-messaġġ tiegħi għall-Jum Dinji tal-Paċi tal-1 ta' Jannar 1983, messaġġ li kellu bħala suġġett "Id-djalogu għall-paċi — sfida għal żmienna", ħassejt li għandi nagħmel appell speċjali lil dawk kollha li jaħdmu fil-*mass media* biex inqawwilhom qalbhom ħa jqisu sewwa x'inhuma r-responsabbiltajiet tagħhom u juru sewwa, bla ma jżommu ma' ħadd, x'inhuma d-drittijiet, il-problemi u l-mentalità ta' kull naħa biex hekk igħinu ħalli l-gruppi, il-pajjiżi u ċ-ċiviltajiet jifhmu lil xulxin u jitkellmu bejniethom (ara n. 11).

B'liema mod il-komunikazzjo-

nijiet soċjali jistgħu jgħinu biex iġibu 'l quddiem il-paċi?

2. L-ewwelnett billi jkun hemm sura ta' komunikazzjoni li tagħti garanzija li kull informazzjoni li tingħata tkun vera, ġusta u kostruttiva, billi twarrab fil-ġenb kull abbuż u kull diskriminazzjoni li jkunu ġejjin minn qawwa politika, ekonomika u ideoloġika. Mhux problema dan li taħseb qabel xejn għall-mezzi ġodda ta' teknoloġija, iżda li terġa' tara x'inhuma l-prinċipji fundamentali u x'inhuma l-għaniet li għandu jkollhom il-komunikazzjonijiet soċjali f'dinja li saret qisha familja waħda, u fejn pluraliżmu xieraq għandu jkun żgurat bi qbil bejn kulħadd dwar dawk li huma l-valuri essenzjali għallgħajxien flimkien tal-bnedmin. Biex jintlaħaq dan il-għan jeħtieġ li jiffurmaw bil-għerf u l-għaqal kollu l-kuxjenza tagħhom, kemm dawk li jaħdmu fil-komunikazzjonijiet soċjali u kemm dawk li jirċevuhom, waqt li jkunu wkoll meħtieġa għażliet għaqlin, ġusti u kuraġġużi min-naħa tal-gvernijiet, tassoċjetà u tal-istituzzjonijiet internazzjonali. Meta jkun hemm ordni xieraq fil-komunikazzjonijiet soċjali u kulħadd igawdi skond is-sewwa mill-benefiċċji li jagħtu, jinħoloq ambjent u kundizzjonijiet mill-aħjar għal djalogu bejn kull naħa, djalogu li bih jistagħnu ċ-ċittadini, il-popli, u l-kulturi kollha, waqt li l-inġustizzji u t-taħwid f'dan il-qasam ma jġibx ħlief qagħdiet ta ġlied. L-informazzjoni min-naħa waħda biss, imposta bla raġuni minn min qiegħed fil-għoli, jew minn dak li jkun qiegħed jitlob is-suq u l-pubblicità; il-monopolju fl-informazzjoni; it-tagħwiġ, hu ta' liema sura hu, m'humiex biss theddida għall-ordni xieraq li għandu jkun hemm fil-komunikazzjonijiet soċjali, imma jaslu wkoll biex idgħajjfu d-dritt għall-informazzjoni responsabbli u jkunu ta' periklu għall-paċi.

3. Il-komunikazzjoni, imbagħad, iġġib 'il quddiem il-paċi meta, b'dak li tagħti, tgħin għall-bini ta' spirtu ta' paċi. L-informazzjoni, jekk inqisu sewwa l-ħaġa, qatt ma hi newtrali, u, almenu implicitament, fil-fehma ta' dak li jkun, hi dejjem tweġiba għal għażliet fundamentali. Hemm rabta sħiħa bejn komunikazzjoni u edukazzjoni fil-valuri. Fil-qasam tal-komunikazzjoni, l-enfasi magħmula bil-għaqal kollu, kif ukoll isskiet meqjus, għandhom tifsir għoli ħafna. Għalhekk il-mod u s-sura kif jiġu preżentati l-qagħdiet li hawn fid-dinja u l-problemi tal-progress, tad-drittijiet tal-bniedem, tar-relazzjonijiet bejn il-popli, tal-ġlied ideoloġiku, soċjali u politiku, tal-ġiri għall-armi qerrieda talgwerra, biex insemmu xi eżempji, għandhom influwenza kbira, direttament u indirettament, fil-formazzjoni ta' l-opinjoni tan-nies u fit-tiswir ta mentalità favur il-paċi jew ta' mentalità favur il-forza.

Il-komunikazzjoni soċjali, biex tkun strument għall-paċi, trid tegħleb kull konsiderazzjoni favur naħa waħda, trid twarrab kull preġudizzju u toħloq spirtu ta' ftehim bejn kulħadd

u solidarjetà ma' xulxin. Jekk wieħed irid li kulħadd igħix flimkien fis-sliem minkejja l-fehmiet diversi ta' kull wieħed, jeħtieġ li jkun hemm kontinwament djalogu li, waqt li jagħraf id-dritt ta' kulħadd għall-eżistenza u għall-fehmiet tiegħu, juri li kull wieħed għandu d-dmir li jingħaqad ma' l-oħrajn kollha ħa jinkiseb l-ogħla ġid, li hu l-paċi: jekk dan ma jseħħx ma hemmx ħlief it-theddida ta' qerda atomika tar-razza kollha tal-bnedmin.

Bħala konsegwenza ta' dan tidher dejjem aktar meħtieġa li mill-aktar fis jiġu 'l quddiem il-valuri ta' umanezmu sħiħ, mibni fuq l-għarfien tad-dinjità vera u tad-drittijiet tal-bniedem, miftuħ għal solidarjetà sħiħa fil-kultura, fis-soċjetà u fl-ekonomija bejn individwi, gruppi u nazzjonijiet, fl-għarfien sħiħ tal-vokazzjoni waħda tal-bnedmin kollha.

4. Il-komunikazzjoni soċjali fl-aħħarnett iġġib 'il quddiem il-paċi jekk il-professjonisti tal-informazzjoni jaħdmu għall-paċi.

Ir-responsabbiltà speċjali ta' dawk li jaħdmu fil-komunikazzjoni soċjali u l-ħidma tagħhom għall-paċi, li ebda ħadd ieħor ma jista' jagħmilha, nifhmuhom sewwa meta nqisu x'ħila u x'qawwa għandhom biex jinfluwenzaw, xi kull tant b'mod deċiżiv, l-opinjoni tan-nies u wkoll l-opinjoni ta' dawk li jmexxu l-pajjiżi.

Dawk li jaħdmu fil-komunikazzjoni soċjali, biex jaqdu l-ħidma tagħhom hekk importanti, għandu jkollhom imħarsa d-drittijiet fundamentali tagħhom, bħalma hu d-dritt li huma stess jiksbu l-informazzjoni mill-għajn u s-setgħa li jagħtu l-informazzjoni kif inhi fiha nfisha.

Iżda, min-naħa l-oħra, hu wkoll meħtieġ li dawk li jaħdmu fil-komunikazzjoni soċjali jintrefgħu 'l fuq minn dak li titlob morali individwalistika, u aktar u aktar jeħtieġ li ma jkunux imjassrin bid-dieher jew bil-moħbi, minn min għandu xi setgħa. Huma għandhom iżommu dejjem quddiem għajnejhom li, 'l hemm u 'il fuq fuq mir-responsabbiltajiet li għandhom minħabba xi kuntratt malġurnali jew ir-radju jew it-TV u mir-responsabbiltajiet li għandhom skond il-liġi, huma għandhom ukoll dmirijiet lejn il-verità, lejn il-pubbliku u lejn il-ġid komuni tas-soċjetà.

Jekk huma u jaqdu dmirijiethom, — u din tagħhom hi missjoni — jirnexxilhom iwasslu informazzjonijiet imparzjali bil-kalma kollha, iġibu 'l quddiem il-ftehim u d-djalogu, isaħħu s-solidarjetà u jgħinu lill-bnedmin ħa jifhmu 'l xulxin, huma jkunu taw kontribut mill-aqwa għall-kawża tal-paċi.

Ħuti eghżież, nafdalkom dawn il-ħsibijiet tiegħi proprju fil-bidu ta' din is-Sena Mqaddsa straordinarja, li biha rridu niċċelebraw l-1950 anniversarju tal-Fidwa tal-bniedem, imwettqa minn Ġesù Kristu, "il-Prinċep tas-sliem" (ara Is 9,6), dak li hu "il-paċi tagħna" u li ġie jħabbar is-sliem (ara Ef 2,14. 17).

Waqt li itlob għalikom u għal

dawk kollha li jaħdmu fil-komunikazzjoni soċjali d-don talpaċi minn għand Alla, don li hu "frott ta' l-Ispirtu" (ara Gal 5,23) minn qalbi nagħtikom ilbarka appostolika.

Mill-Vatikan 25 ta' Marzu, 1983, il-ħames sena tal-pontifikat.

Ioannes Paulus pp II.

Talba ta' Fidili

JUM IL-KOMUNIKAZZJONIJIET SOĊJALI

15 ta' Mejju 1983

F'dan il-Jum għall-Komunikazzjonijiet Soċjali, fis-sena li fiha qegħdin niċċelebraw il-Ġublew tal-Fidwa, ejjew nitolbu lil Missierna tas-sema jagħtina spirtu ta' rikonċiljazzjoni biex inkunu nistgħu nitħaddtu ma' xulxin. Ngħidu għalhekk:

Mulej, agħti s-sliem lill-poplu tiegħek.

Agħmel, Mulej, li l-ħajja tar-ragħajja tal-Knisja u tal-poplu tiegħek kollu tkun xhieda tas-sliem u l-imħabba li jfawwrulhom qalbhom.

Mulej, agħti s-sliem lill-poplu tiegħek.

Dawwal il-fehma tas-setgħanin u l-mexxejja tad-dinja biex iħabirku għar-rikonċiljazzjoni u l-paċi fost il-ġnus.

Mulej, agħti s-sliem lill-poplu tiegħek.

Qanqal qlub il-membri tal-familji tagħna biex fosthom ikun hemm spirtu qawwi ta' maħfra u ftehim, ħa jkunu ta' eżempju għall-oħrajn.

Mulej, agħti s-sliem lill-poplu tiegħek.

Saħħaħ ir-rieda ta' kull min jaħdem fil-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali biex bil-kitba u l-programmi tagħhom iħeġġu 'l kulħadd għall-egħmejjel ta' tjieba, maħfra u ġustizzja.

Mulej, agħti s-sliem lill-poplu tiegħek.

Għin lil dawk kollha li jagħmlu użu mill-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali biex jagħarfu jagħżlu programmi tajba u jħeġġu għall-programmi u pubblikazzjonijiet li jġibu 'l quddiem l-imħabba u s-sliem u jikkundannaw kull xorta ta' vjolenza.

Mulej, agħti s-sliem lill-poplu tiegħek.

Mulej Alla li tista' kollox, Ibnek, bl-Ispirtu s-Santu, għarrafna bl-imħabba u s-sliem tiegħek għalina. Agħtina li nħaddnu t-tagħlim tiegħu u nħabirku għall-paċi, f'għaqda ta' mħabba ma' ħutna. Bi Kristu Sidna.

SOLENNITA' TAL-ĠISEM U D-DEMM GĦAŻIŻ TA' KRISTU

L-Evanġelju li smajna qed iseħħ issa stess

Dak li għadu kemm tħabbrilna fl-Evanġelju tal-lum qiegħed iseħħ f'dan il-ħin u f'dan il-waqt.

X'ħabbrilna l-Evanġelju tal-lum? Ġesu' qagħad ikellem il-folol fuq is-saltna ta' Alla u fejjaq 'il dawk li kienu jeħtieġu l-fejqan u mbagħad ġiegħel lill-Appostli jagħtu x'jieklu lil dik il-folla ta' nies, u biex jagħmlu dan huwa kattar il-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet li kellhom, u ħekk xebbgħu 'l fuq minn ħamest elef ruħ, u mill-bċejjeċ tal-ħobż li kien fadal imlew tnax-il qoffa.

Issa u f'dan il-waqt Ġesu' qiegħed ikellimna fuq is-Saltna ta' Alla, u bil-kelma tiegħu qiegħed ifejjaq il-ġerħat li d-dnub għamel f'ruħna, biex ħekk iħejjina għall-ikla li hu ħejjielna, il-ħobż tassema ħaj li se jqassmilna permezz tal-ministru tiegħu, ta' dak li hu sejjaħ minn fost il-poplu tiegħu biex ikompli fid-dinja l-missjoni tal-Appostli.

L-ikla tal-Mulej

X'qalilna Ġesu' llum? Fakkarna f'dak li għamel fl-aħħar ikla mad-dixxipli tiegħu qabel bata għalina, fil-lejl li fih kien ittradut: ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr, kisru u taħ lid-dixxipli tiegħu huwa u jgħidilhom: "Dan hu ġismi li jingħata għalkom." Imbagħad, wara li kielu, ħa l-kalċi bl-inbid, reġa' radd il-ħajr, u qal: "Ħudu u ixorbu minnu lkoll, għax dan huwa l-kalċi ta' demmi, tal-patt il-ġdid u għal dejjem, id-demm li jixxerred għalikom, għall-maħfra tad-dnubiet". U żied igħidilhom: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi". U Ġesu' stess, bi kliem l-Appostlu tiegħu San Pawl, igħidilna, li b'dan il-kliem hu ried jagħti lid-dixxipli tiegħu s-setgħa li matul iż-żminijiet, sa l-aħħar tad-dinja, iġeddu s-sagrifiċċju li hu kien se joffri fuq is-Salib għas-salvazzjoni tad-dinja. Dan ried ifisser San Pawl meta qalilna: kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi. Għalhekk aħna kull darba li niehdu sehem fil-Quddiesa, wara li s-saċerdot bil-kliem: DAN HU L-MISTERU TAL-FIDI, iħabbrilna li qed jiġġedded is-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-salib, aħna nwieġbu, "Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej, inxandru l-qawmien tiegħek, u nistennewk tiġi fil-glorja."

Is-sagrifiċċju tas-salib imġedded fil-Quddiesa

Il-Quddiesa hija għalhekk l-ikla tal-Mulej li fiha jiġġedded is-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-Salib.

Kristu fuq is-salib kien fl-istess waqt is-Saċerdot il-kbir u l-Vittma tas-sagrifiċċju, għaliex Kristu fuq is-Salib offra lilu nnifsu bħala vittma għall-maħfra tad-dnubiet tad-dinja. Kristu biss seta'

jagħmel dan: għaliex bniedem bħalna seta' jidħer għalina u jpatti għall-ħtijiet tagħna kollha; għaliex Alla, it-tpattija tiegħu għall-dnubietna kienet tpattija xierqa: ebda bniedem ieħor ma seta' qatt jagħmel tpattija għad-dnubiet kif għamel Kristu. U Kristu ried li t-tpattija li hu għamel, is-sagrifiċċju li hu offra darba għal dejjem fuq is-salib, jiġġedded matul iż-żminijiet, mhux kif seħħ fuq il-Kalvarju, imma b'mod mistiku, taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid, waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa. Kristu glorjuż, fuq il-leminija tal-Missier, dejjem ħaj biex ijdħol għalina, mis-sema jissieħeb ma' l-Għarusa tiegħu, il-Knisja, bħala r-Ras tagħha, biex magħha jġedded l-offerta tiegħu nnifsu għall-maħfra tad-dnubiet. Kristu ħaj, jiġifieri Kristu r-Ras flimkien mal-ġisem tiegħu li hu l-Knisja joffri s-sagrifiċċju tat-tpattija għad-dnubiet waqt ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, u aħna lkoll li, bħala Knisja, ninsabu magħqudin flimkien fi Kristu, niksbu l-frott tas-salvazzjoni b'dan it-tiħib tagħna fil-Quddiesa.

Sagrifiċċju ta' radd il-ħajr

Is-sagrifiċċju li Kristu jġedded flimkien mal-Knisja tiegħu fil-Quddiesa huwa wkoll sagrifiċċju ta' radd il-ħajr lil Alla għaliex bih aħna ħlisna mill-jasar tal-għadu l-kbir ta' ruħna, ix-xitan. Dan Ġesu' stess ifakkarhulna llum, fl-ewwel qari mill-Ktieb tal-Ġenesi, meta jfakkarna f'dak li għamel Melkisedek, is-sultan ta' Salem. Melkisedek bħala qassis t'Alla l-għoli offra sagrifiċċju ta' ħobż u nbid b'radd ta' ħajr lil Alla għar-rebħa li Abraham kien kiseb fuq l-egħdewwa tiegħu. Melkisedek huwa xbieha ta' Kristu, il-Qassis il-kbir tagħna, il-Qassis tal-Patt il-ġdid, qassis mhux għax minn nisel ta' Levi kif kienu l-qassisin tal-Lhud, imma għalex imsejjaħ minn Alla stess, kif ifakkarna l-kittieb ta' l-ittra lil-Lhud: Ħadd ma għandu jieħu għalih il-ġieh tas-saċerdozju, jekk ma jkunx imsejjaħ minn Alla; u għas-sejħa ta' Alla, min ikun imsejjaħ għandu jwieġeb, kif wieġeb Ġesu': "Hawn jien ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla."

Dawn il-ħsibijiet għandhom juruna kemm għandha tkun għażiża għalina l-festa tal-lum, il-festa ta' Corpus, kif imdorrijin insejħulha. Il-festa tal-lum tfakkarna fil-kobor bla qijes tal-imħabba ta' Alla għalina, li mhux biss ried li Ibnu stess isir bniedem bħalna ħalli joffri lilu nnifsu għalina bħala vittma tas-sagrifiċċju għall-maħfra tad-dnubiet, imma ried ukoll li dak li għamel Kristu fuq il-Kalvarju jiġġedded tul iż-żminijiet fl-ikla sagrifiċjali, fil-Quddiesa, b'tifkira tiegħu. Minn fost il-poplu tiegħu, il-Mulej isejjaħ dejjem lil dawk li jagħżel biex ikunu l-ministri tegħu ħa jkellmu l-folol fuq is-saltna ta' Alla u jqassmulhom i-ħobż ħaj li niżel mis-sema minn fuq il-mejda tal-Mulej, huma u jxandru l-mewt tiegħu sa ma jiġi. Għandniex għalfejn illum inroddu fuq li nroddu ħajr lil Alla għal dan is-sinjal ta' l-imħabba tiegħu ta' l-għageb għalina!

TALBA TAL-FIDILI

Sidna Ġesù Kristu ħejjielna ikla u għaliha jistieden lil kulħadd: fiha jagħtina ġismu bħala ikel u demmu bħala xorb li jagħtu l-ħajja lid-dinja. Nitolbuh għalhekk u ngħidulu:

Kristu ħobż tas-sema ħaj, agħtina l-ħajja ta' dejjem.

Kristu, Bin Alla l-ħaj, int ordnajtilna biex nagħmlu l-ikla ewkaristika bħala tifkira tiegħek: agħmel li l-Knisja tiegħek tiċċelebra dan il-misteru ħalli tistagħna bil-ġid tiegħu:

Kristu ħobż tas-sema ħaj, agħtina l-ħajja ta' dejjem.

Kristu, ħobż ħaj li niżel mis-sema, int tagħmel ġisem wieħed flimkien lil dawk kollha li jaqsmu bejniethom ħobża waħda: kattar is-sliem u saħħaħ l-għaqda ta' dawk kollha li jemmnu fik:

Kristu ħobż tas-sema ħaj, agħtina l-ħajja ta' dejjem.

Kristu, tabib tagħna tas-sema, int tagħtina l-ħobż tiegħek bħala mezz għall-ħajja ta' dejjem u rahan tal-qawmien mill-imwiet: rodd is-saħħa lill-morda u tama ħajja lill-midinbin:

Kristu ħobż tas-sema ħaj, agħtina l-ħajja ta' dejjem.

Kristu, int il-ħabib l-aktar fidil li tgħix għalina fuq l-altar biex dejjem insibuk: mit-tabernakli mqaddsa mxerrda ma' art twelidna, ibqa saltan fuq il-bliet u l-irħula tagħna li dejjem ħabbewk:

Kristu ħobż tas-sema ħaj, agħtina l-ħajja ta' dejjem.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, inti l-Qassis tagħna talpatt il-ġdid u għal dejjem, li fuq is-salib offrejt sagrifiċċju perfett lill-Missier: għallimna noffruh flimkien miegħek, u noffru lilna nfusna lilek bħala vittmi ta' mħabba għalik, Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

Talba tal-fidili

QALB TA' ĠESU'

Nersqu llum lejn Ġesù, li hu l-mistrieħ ta' ruħna u bl-umiltà kollha nitolbuh u ngħidulu:

Mulej Ġesù, sultan ta' mħabba bla qjies, ħenn għalina.

Mulej Ġesù, int ridt li qalbek tkun minfuda b'lanza u joħroġ minnha demm u ilma, biex minnha tnissel il-Knisja l-Għarusa tiegħek: naddaf il-Knisja tiegħek minn kull tebgħa u kull tingis, u qaddisha.

Mulej Ġesù, sultan ta' mħabba bla qjies, ħenn għalina.

Ġesù, int is-sultan u l-għaxqa tal-qlub kollha, li ħabbejtna b'imħabba ta' dejjem u fit-tjieba tiegħek ġbidtna lejk: orbot miegħek qlub il-bnedmin kollha bis-saħħa tal-patt il-ġdid.

Mulej Ġesù, sultan ta' mħabba bla qjies, ħenn għalina.

Ġesù int il-ħajja u l-qawmien tagħna, li sserraħ lil kull min hu mtaqqal u tagħti l-mistrieħ lil min hu mħabbat: iġbed lejn il-qalb ħanina tiegħek il-midinbin kollha.

Mulej Ġesù, sultan ta' mħabba bla qjies, ħenn għalina.

Mulej Ġesù, int l-għajn tal-ħajja u tal-qdusija: agħmel li nkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemek fl-imħabba.

Mulej Ġesù, sultan ta' mħabba bla qjies, ħenn għalina.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, fik jinsabu t-teżori kollha tas-sapjenza u ta' l-għerf, permezz tal-Knisja tiegħek għallimna l-għerf ta' Alla, li hu għerf ta' kull xorta ta' mezzi u xerred fuqna bil-kotra l-grazzja u l-verità tal-Missier, Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

IL-MAĦFRA TAD-DNUBIET

Żewġ ġrajjiet

"Jiena dnibt kontra l-Mulej". Hekk qal is-sultan David malli ntebaħ b'liema mod kien dineb meta ordna li jinqatel fit-taqbida Urija l-Ħitti, ħalli hu jkun jista' jeħodlu l-martu. Kien il-kliem tal-profeta Natan li wassal lil David jintebaħ b'dak li kien għamel u hekk jistqarr il-ħtija tiegħu quddiem Alla. U għaliex David għaraf il-ħtija tiegħu u sogħob bih għaliha, Alla ħafirlu. "Int ma tmutx", qallu l-profeta, "għax il-Mulej ħafirlek il-ħtija tiegħek.

"Dnubietha, li kienu ħafna, inħafrulha għaliex ħabbet ħafna". Hekk qal Ġesu' lill-Fariżew li stiednu għandu għall-ikel u tkaża għax Ġesu' ħalla mara midinba xxarrablu riġlejh bi dmugħa u tixxottahomlu b'xagħra, tbushomlu u tidlikhomlu b'żejt ifuh. B'dawn iż-żewġ ġrajjiet li għadhom kemm thabbrulna llum, il-Mulej Ġesu' jurina x'inhu meħtieġ biex niksbu l-maħfra ta' dnubietna.

Mhux biżżejjed il-qrara tad-dnubiet

Ħafna minna forsi jaħsbu li biex jinħafrulna dnubietna biżżejjed ngħiduhom lis-saċerdot — biżżejjed inqerruhom — biex jinħafrulna. Il-qrara tad-dnubiet hija meħtieġa, imma m'hijiex biżżejjed; il-qrara tad-dnubiet hija meħtieġa, iżda m'hijiex kollox. Jekk hi nieqsa l-*konversjoni*, il-qrara tad-dnubiet hija kollha kemm hi għalxejn. U dan jeħtieġ inżommuh dejjem quddiem għajnejna f'din is-Sena Mqaddsa straordinarja li tfakkarna fil-fidwa tagħna mill-jasar tad-dnub u l-mewt.

Kristu miet għalina biex isalvana; xerred demmu għall-maħfra tad-dnubiet. Imma Kristu jkun miet għalxejn għalina jekk qalbna tibqa' marbuta mad-dnub; il-fidwa li kisbilna Kristu lilna ma tkun tiswielha xejn jekk ma nikkonvertux, jiġifieri jekk ma ninħallux għal kollox mill-irbit tad-dnub u nibdew ngħixu ħajja ġdida.

Meħtieġa l-konversjoni

Għaliex din hi l-konverżjoni li neħtieġu biex jinħafrulna dnubietna: bidla mill-egħruq fl-imġiba kollha ta' ħajjitna. Dan x'ifisser? Nagħarfu l-ewwelnett f'liema qagħda sibna ruħna bid-dnub tagħna, nintebħu bil-ħsara li bid-dnub għamilna, mhux biss lilna nfusna, imma wkoll lill-komunità tagħna, u bħal David ngħidu: "Jiena dnibt kontra l-Mulej".

Kull dnub l nagħmlu huwa ċaħda ta' l-imħabba ta' Alla; lil Alla nwarrbuh fil-ġenb, u nkasbru l-liġi mqaddsa tiegħu, u nagħmlu allat tagħna l-ħlejjaq ta' Alla; id-dnub huwa wkoll ċaħda ta-imħabba ta' għajrna, għax bid-dnub tagħna, ukol jekk moħbi, nagħmlu ħsara bih lil għajrna. Hekk kien id-dnub ta' David, mhux biss kiser il-liġi ta' Alla, imma kien ukoll il-kawża tal-mewt ta' Urija l-Ħitti — il-mewt taa' Urija, David stess riedha biex mart Urija jeħodha b'martu.

Meta aħna nagħarfu li bid-dnub tagħna offendejna lil Alla u ġibna fix-xejn ir-rabta tal-imħabba li għandu jkun hemm bejn dawk kollha li huma ta' Kristu, inkunu għamilna l-ewwel pass għall-

konversjoni sħiħa ta' ruħna. Rajna l-kruha tad-dnub, u din il-kruha tant stkerraħniha li żgur ma rridux nidinbu aktar u flimkien ma' David nitolbu l-maħfra ta' Alla aħna u nweġħduh li m'aħniex se noffenduh qatt u qatt iżjed u lanqas se nfittxu aktar kull ma jista' jwaqqagħna fid-dnub.

Iżda biex is-sogħba tagħna tkun tassew sħiħa, biex il-konversjoni tkun tassew konversjoni ħierġa mill-qalb, jeħtieġ li nwettquha b'eġħmejjel ta' mħabba, b'eġħmejjel li jkunu proprju ċaħda tal-istess dnub tagħna. Dan ried jurina l-Mulej Ġesu', meta għall-midinba magħrufa, li ħaslitlu riġlejh bi dmugħa u xxottathomlu b'xagħra, qal: "Dnubietha, li kienu ħafna, inħafrulha, għax ħabbet ħafna".

Eġħmejjel ta' mħabba bi tpattija għad-dnub

"L-imħabba", igħidilna Ġesu', "tostor kotra ta' dnubiet"; bl-eġħmejjel ta' mħabba li nagħmlu ma' ħutna fil-bżonn, aħna nsewwu l-ħsara li, bid-dnub tagħna, inkunu għamilna lix-*xirka waħda ta' mħabba* li hi l-Knisja, li tagħha aħna membri. It-tewba, jew penitenza, li s-saċerdot jagħtina wara li nqerru, għandna nqisuha bħala dak l-eġħmil ta' mħabba li rridu nagħmlu biex inpattu għal ħtijietna: lill-mara midinba inħafrulha l-ħafna dnubiet tagħha, għax ħabbet ħafna. Għalhekk il-Knisja trid li l-penitenza li jagħtina s-saċerdot, u l-penitenza li jmissna nagħżlu aħna minn rajna ħa npattu għal dnubietna — kif għamlet il-mara midinba — għandhom ikunu eġħmejjel ta' mħabba, anzi eġħmejjel li jmorru kontra l-istess dnub li nkunu għamilna, biex iservu ta' duwa u fejqan għalih. Din it-tpattija xierqa ta' dnubietna hi wkoll meħtieġa għall-maħfra tad-dnubiet, għaliex is-sinċerità tal-konversjoni tagħna, il-bidla sħiħa f'ħajjitna nuruha proprju b'dawn l-eġħmejjel ta' tpattija, ta' tjieba u ta' ħniena mal-proxxmu tagħna, qisna qed nagħmluhom ma' Ġesu' stess, qisna qed nagħmlu ma' Ġesu' dak li għamlitlu l-mara midinba. Dawn l-eġħmejjel ta' tpattija u ta' mħabba jridu jkunu wkoll imseħbin mat-talb lil Alla biex iħenn għalina u jħarisna minn kull taħbit.

Nissallbu ma' Kristu

Fi kliem ieħor il-konversjoni taʼ qalb li Alla jistenna minna biex jaħfrilna dnubietna, m'hijiex ħaġ'oħra ħlief li ma' Kristu nsallbu lill-ġisimna bil-ġibdiet u l-ħajriet kollha tiegħu. Dan ifisser iċ-ċaħda tagħna nfusna, biex inkunu kollna kemm aħna ta' Kristu. Fil-Magħmudija aħna mitna għad-dnub biex ngħixu ħajja ġdida fi Kristu; iżda kemm-il darba aħna nerġgħu lura għall-ħajja tad-dnub u neqirdu fina l-ħajja ta' Kristu. Iżda meta jisgħobina bħal David u nuru mħabba kbira għall-mara midinba, il-Mulej jerġa' jħabbibna miegħu u jagħtina li ngħixu mill-ġdid il-ħajja tiegħu li tlifna bid-dnub. Iżda biex nerġgħu niksbuha mill-ġdid, neħtieġ nagħarfu xi tlifna biex il-fehma tagħna li qatt u qatt aktar m'aħna sejrin nerġgħu nitilfuha, tkun tassew soda u sħiħa. Imbagħad, iva, inkunu nistgħu ngħidu ma' San Pawl: "Ngħix, imma mhux jien, iżda Kristu jgħix fija, għaliex il-ħajja li qiegħed ngħix f'din id-dinja, qiegħed ngħixha qawwi fil-fidi fi Kristu Ġesu' li ħabbni u bata u miet għalija..."

TALBA TAL-FIDILI

Sogħbenin għall-ħtijiet ta' l-imgħoddi, nitolbu llum ħniena u maħfra lil Alla, aħna u ngħidulu:

Ħenn għalina, Mulej, għaliex dnibna.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek li f'din is-Sena Mqaddsa tal-Fidwa tagħna, qiegħda tistieden il-bnedmin kollha tad-dinja ħa jinħabbu mill-ġdid ma' Alla.

Ħenn għalina, Mulej, għaliex dnibna.

Agħmel li l-bnedmin kollha f'din is-Sena Mqaddsa tal-Fidwa jilqgħu bil-ħlewwa l-kelma tiegħek li titħabbrilhom biex tkun lilhom ta' salvazzjoni.

Ħenn għalina, Mulej, għaliex dnibna.

Qanqal fi qlub il-midinbin kollha s-sogħba li wera David wara li dineb, u mbuttahim biex jagħmlu egħmejjel kbar ta' mħabba ħalli jinħafrulhom il-kotra tad-dnubiet tagħhom.

Ħenn għalina, Mulej, għaliex dnibna.

Agħtina l-grazzja li ma' Kristu nsallbu lil ġisimna bix-xewqat u l-ġibdiet kollha tiegħu, ħalli bħal San Pawl inkunu nistgħu ngħidu: Ngħix jien imma mhux jien, iżda Kristu jgħix fija.

Ħenn għalina, Mulej, għaliex dnibna.

Mulej Alla li tista' kollox, int għani bil-ħniena, int ma tridx il-mewt tal-midneb, imma li jindem u jgħix; ilqa' t-talb li qegħdin nagħmlulek illum u wassalna lkoll għall-konverżjoni sħiħa ta' qlubna, biex ingawdu bil-kotra l-frott tal-Fidwa li bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet, kisbilna l-Mulej Ġesù li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

IĊ-ĊAĦDA TAGĦNA NFUSNA BIEX NILBSU 'L KRISTU

Jum il-Ħadd għalina

Kull nhar ta' Ħadd, f'Jum il-Mulej, il-Knisja tistedinna ningabru flimkien bħala l-Poplu ġdid ta' Alla, bħala l-poplu li Alla kiseb għaih, biex qalb waħda u ruħ waħda, aħna nxandru l-mewt tal-Mulej, inħabbru l-qawmien tiegħu mill-imwiet, u nistennewh jerġa' jiġi fil-glorja. Dan aħna nagħmluh billi nissieħbu fil-Quddiesa tal-Ħadd biex, bħala membri tal-Knisja ta' Kristu, naqdu d-dmirijiet tagħna lejn Alla u noffrulu s-sagrifiċċju tagħna ta' tifħir u radd il-ħajr.

Id-dmir li mmorru għall-Quddiesa kull nhar ta' Ħadd għandna nqisuh bħala okkażjoni mill-isbaħ li tagħtina l-Knisja biex flimkien ma' ħutna fil-fidi, niltaqgħu mal-Mulej Ġesu' biex fih, bih u miegħu nagħtu lil Alla l-Missier il-qima li tixraqlu u tistħoqqlu, u fl-istess ħin nistqarru l-fidi tagħna fih u nitwettqu b'qawwa missema ħalli nkunu nistgħu ngħilbu t-tfixkil kollu li miegħu niltaqgħu fid-dinja ħa ngħixu ħajja nisranija u nwasslu lid-dinja s-sliem ta' Kristu li ebda moħħ tal-bniedem ma jista' qatt jasal biex jifhem.

Nilbsu 'l Kristu

Dan kollu trid tgħidulna l-Knisja bil-qari li għadna kemm smajna llum.

Bi kliem San Pawl lill-Galatin, il-Knisja fakkritna li aħna lkoll, permezz tal-Magħmudija, ilbisna 'l Kristu, li aħna lkoll, permezz tal-fidi tagħna fi Kristu Ġesu, sirna wlied Alla u ħaġa waħda fi Kristu.

Fil-Magħmudija aħna mitna għad-dnub, u ndfinna flimkien ma' Kristu fil-mewt tiegħu, biex flimkien miegħu nqumu għall-ħajja ġdida. Ċħadna d-dnub, ċħadna l-qerq tal-ħażen. Ċħadna l-frugħat tad-dinja, u għażilna li jkollna l-istess sentimenti li kellu Kristu Ġesu': sentimenti ta' sabar, ħniena, mogħdrija, tjieba, u fuq kollox imħabba. Inżajna l-bniedem il-qadim tad-dnub; għażilna li nwarrbu minn qalbna kull xorta ta' mibegħda, ta' għira, ta' ġlied, ta' vjolenza, ta' regħba, ta' żina, ta' moħqrija, ta' tpattija; ridna li nkunu bħal Kristu — nilbsu 'l Kristu, igħidilna San Pawl u nħobbu 'l kulħadd b'imħabba spiritwali, inqisu kull bniedem ħuna, hu min hu, hu min fejn hu, hu x'inhu: Grieg jew Lhudi, ilsir jew ħieles, raġel jew mara, kif ifisser ruħu San Pawl.

Miġburin flimkien madwar l-altar ta' Alla, ma hemmx ebda għażla bejnietna: għonja jew fqar, għorrief jew le, kbar jew żgħar, xjuħ jew żgħażagħ, hawn quddiem l-altar aħna lkoll l-istess, ilkoll ulied Alla, ilkoll aħwa fi Kristu, ilkoll membri tal-Knisja ta' Kristu miġburin flimkien għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa.

L-istqarrija tal-fidi tagħna

Din l-għaqda ta' bejnietna hawn madwar l-altar għandha tidher fil-ħajja tagħna ta' kuljum fid-dinja, għaliex bħala nsara, bħala

dawk li "libsu 'l Kristu", irridu nagħtu xhieda ta' Kristu fil-ħajja tagħna ta' kuljum, fid-dinja li fiha qegħdin ngħixu. Dan nagħmluh bl-istqarrija tal-fidi tagħna fi Kristu Ġesu'.

Bħalma San Pietru, f'isem l-Appostli l-oħra, għall-mistoqsija ta' Ġesu': "Min igħidu n-nies li jien?", wieġeb: "Inti l-Messija ta' Alla", hekk aħna wkoll fil-ħajja tagħna ta' kuljum fid-dinja, bl-imġiba kollha tagħna, irridu nistqarru kontinwament quddiem kulħadd il-fidi tagħna fi Kristu. Kif se nagħmluh dan?

Mhux bil-kliem, imma bl-eġħmil, bl-imġiba kollha tagħna. U dan igħidulna Kristu stess: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum, u jiġi warajja". Dan il-kliem, Ġesu' qalu mhux lill-Appostli biss, imma lin-nies kollha, u għalhekk huwa kliem li jorbot mhux biss lis-saċerdoti u lis-sorijiet, imma ill-insara kollha; b'dan il-kliem Ġesu' jrid igħidilna li biex nagħtu xhieda tal-fidi tagħna fih, f'nofs dinja li ma temminx u twaqqa' għaċ-ċajt lil min jemmen, biex nibqgħu sħaħ fil-fidi u ngħixuha fil-ħajja tagħna ta' kuljum, jeħtieġ immorru kontra l-kurrent tad-dinja, jeħtieġ niċċaħħdu minn dak kollu li tagħti u li trid id-dinja tad-dnub. Bħala nsara ma nistgħux naħsbu, kif jaħsbu n-nies tad-dinja; bħala nsara ma nistgħux naċċettaw li kollox igħodd, tajjeb jew ħażin li hu; bħala nsara, ma nistgħux nagħlqu għajnejna għall-ħażen u għad-dnub, u naħsbu li xejn ma hu dnub; bħala nsara, ma nistgħux naċċettaw il-mibgħeda, l-għira, il-piki, il-vjolenza, il-gideb; bħala nsara, ma nistgħux naċċettaw il-kontraċettivi, l-abort u d-divorzju; bħala nsara, ma nistgħux inġibu l-iskuża li kulħadd illum qed jagħmel hekk, u aħna ma nistgħux ma nagħmlux bħal ħaddieħor. Ġesu' qiegħed iwissina llum u jgħidilna li jekk irridu nsalvaw ħajjitna għall-ħajja ta' dejjem, jeħtieġ immorru kontra l-kurrent tad-dinja, jeħtieġ iċ-ċaħda tagħna nfusna. Ħaġa iebsa, iva, imma għandu jqawwina l-ħsieb ta' dak kollu li bata Ġesu' għalina għall-imħabba tagħna.

Bħalma l-Lhud, fi żmien il-profeta Żakkarija, kif smajna fl-ewwel qari tal-lum, imqanqlin mill-Ispirtu ta' Alla, bkew u sogħob bihom għal wieħed li ġie maqtul fosthom, f'Ġerusalem, hekk aħna, mimlijin bl-Ispirtu ta' Alla, miġburin madwar l-altar imqaddes, se nxandru l-kobor bla qjies tal-imħabba ta' Alla għalina, li tana lil Ibnu stess, biex minfud fuq is-salib għal dnubietna jeħlisna mill-jasar tad-dnub u tal-mewt.

Din il-laqgħa tagħna ta' kull nhar ta' Ħadd biex inħabbru l-mewt tal-Mulej u nxandru l-qawmien tiegħu mill-imwiet, għandha timliena b'xewqa kbira ta' Alla, li qatt ma jieqaf igħinna u jqawwina biex ma nħallu qatt tbegħedna minnu d-dinja bil-frugħat u l-ħajriet kollha tagħha.

TALBA TAL-FIDILI

Aħna u niċċelebraw illum il-misteri qaddisa tas-salvazzjoni tagħna, nitolbu 'l Alla jieqaf magħna u jwettaqna bil-grazzji tiegħu billi ma nitbiegħdu qatt mit-triq li għażilna fil-Magħmudija tagħna.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek, hija u tħabbar il-mewt tiegħek, ixandar il-qawmien tiegħek, u tistennik sa ma tiġi fil-glorja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Wettaq 'il dawk kollha li huma tiegħek bl-Ispirtu qaddis tiegħek ħa jkunu lkoll ħaġa waħda fik u fehma waħda bejniethom.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Biegħed mid-dinja kull tingis tal-ħażen u kull frugħa, biex il-bnedin kollha jaslu biex jagħmlu dak li hu ġust u sewwa quddiemek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Ieqaf magħna bil-grazzji tiegħek, biex nagħarfu niċħdu lilna nfusna, u nerfgħu kuljum salibna warajk, ħa nsalvaw ħajjitna għall-ħajja ta' dejjem.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, f'ġieħ il-passjoni li int ġarrabt għalina, kun magħna dejjem tul il-ħajja tagħna f'din iddinja biex imqawwijin minnek, nagħarfu negħilbu kull ma hu ta' tfixkil għalina biex nagħtu xhieda sħiħa tiegħek quddiem iddinja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

IS-SEJĦA TA' ĠESU'

Il-Ħadd li għadda, il-Mulej Ġesu' qalilna li jekk irridu mmorru warajh, jeħtiġilna niċħdu lilna nfusna, nerfgħu salibna kuljum u mmorru warajh. Illum, il-Mulej Ġesu' jkompli jgħidilna x'jiġifieri mmorru warajh, u dan jagħmlu llum bl-Evanġelju li għadna kemm smajna.

Huwa u sejjer lejn Ġerusalem, fuq Ġesu' marru tlieta min-nies, u t-tlieta wrew ix-xewqa li jmorru warajh; mit-tweġiba li Ġesu' ta lil kull wieħed minn dawn it-tlieta min-nies, nistgħu nifhmu sewwa xi tfisser is-sejħa ta' Ġesu'.

Niċħdu lilna nfusna biex immorru wara Ġesu'

L-ewwel wieħed li resaq lejn Ġesu', lil Ġesu' qallu: "Tmur fejn tmur niġi warajk". Imma x'wieġbu Ġesu'? "Bin il-bniedem ma għandux fejn imidd rasu". Dan ir-raġel, milli jidher, tant kien milqut bil-kliem ta' Ġesu', li mtela kollu ħeġġa għalih, u fl-entużjażmu tiegħu għal Ġesu' kien lest biex iħalli kollox u jmur wara Ġesu' f'kull imkien. Bħalu jista' jiġri 'l ħafna minna: imqanqlin minn xi omelija, minn ix fatt li ġralna jew smajna bih, b'ħeġġa kbira u ħerqa li nibdew ngħixu ħajja ġdida, ħajja aktar qaddisa. Iżda jeħtieġ ngħarblu sewwa din il-ħeġġa tagħna u naraw jekk hijiex ħierġa mill-qiegħ ta' qalbna jew hija biss nar tat-tiben. U Ġesu' stess jurina kif għandna ngħarblu din il-ħeġġa tagħna. Jekk irridu tassew immorru wara Ġesu', kull fejn imur hu, għandna nkunu lesti nħallu kollox, niċċaħħdu minn kollox, ma jkollna xejn tagħna: "Bin il-bniedem ma għandux fejn imidd rasu". Kapaċi nagħmluh sagrifiċċju bħal dan? Iżda qabel inwieġbu, hemm bżonn niftakru li dan is-sagrifiċċju Ġesu' jitolbu minn kull nisrani, għalkemm ma jitolbux bl-istess mod minn għand kulħadd. Iċ-ċaħda tagħna nfusna, għalih, Ġesu' jitlobha minghand kulħadd, imma hemm ċaħda u ċaħda: iċ-ċaħda tagħhom infushom li jagħmlu dawk li jħallu d-dinja biex igħixu 'l boghod mid-dinja ħajja ta' talb u ta' penitenza, m'hijiex iċ-ċaħda li jridu jagħmlu dawk li l-Mulej isejjaħ sabiex ikunu ministri tiegħu, u ċ-ċaħda li jagħmlu dawk li l-Mulej isejjaħ biex jaqduh f'ħuthom fil-bżonn marbutin mill-voti tal-faqar, is-safa u l-ubbidjenza, m'hijiex l-istess ċaħda li jridu jagħmlu l-miżżewġin insara li jgħixu l-ħajja ta' kuljum fid-dinja... imma hi x'inhi ċ-ċaħda li jridu jagħmlu, hi dejjem ċaħda tagħhom infushom, biex jagħmlu dak li Alla jrid minnhom.

Tweġiba bla kondizzjoni għas-sejħa ta' Alla

It-tieni raġel, is-sejħa saritlu minn Ġesu' stess; qallu: "Imxi warajja", iżda dan talab ftit taż-żmien ħa jidfen 'il missieru; imma Ġesu' ma setax jistenna, u qallu: "Int mur u xandar is-Saltna ta' Alla". Il-kliem ta' Ġesu' ma għandniex nifhmuh bħallikieku ma għandniex nuru rispett lejn l-egħżież tagħna u nkunu qrib tagħhom fl-aħħar waqtiet ta' ħajjithom fid-dinja. Ġesu' jrid ifissrilna li ma għandniex inħallu l-ħsibijiet u t-tħassib kollu tagħna jkun ta' tfixkil għalina fil-qadi tad-dmirijiet tagħna bħala nsara. Il-Mulej Ġesu' jsejjaħ 'il kulħadd għal warajh għalkemm mhux lil kulħadd

jagħti l-istess sejħa, u aktar ma tkun għoija s-sejħa li ssir; aktar wieħed irid jinfatam mir-rabtiet tad-dinja u tal-familja. Il-Mulej ma jisfurzaniex biex nilqgħu s-sejħa tiegħu, imma la darba nkunu lqajnieha, hu jistenna li ma nerġgħux lura minnha. Għalhekk lit-tielet raġel li mar fuqu qallu: "Min iqiegħed idu għall-moħriet u jħares lura mhux tajjeb għas-saltna ta' Alla". Jekk Alla jsejħilna u jridna ninfatmu għal kollox mir-rabtiet tal-familja biex naqduh f'ħutna l-bnedmin fil-bżonn f'pajjiżi 'l bogħod minn art twelidna u minn qrabatna, jew biex ngħaddu ħajjitna 'l bogħod mid-dinja f' ħajja ta' talb u penitenza u ninsew għal kollox kull rabta mad-dinja, jekk aħna aktar tard se jisgħob bina li għamilna pass bħal dan, it-tweġiba tagħna għas-sejħa ta' Alla ma tkunx sħiħa.

Ġesu' minn kull nisrani jrid tweġiba sħiħa għas-sejħa li jagħmillu, bla ebda kondizzjoni. Fi kliem ieħor, minna l-insara Ġesu' ma jridx ħaġ'oħra ħlief li bħala dixxipli tiegħu, inkunu lesti biex nissagrifikaw kollox, kull ma għandna u kull ma aħna, biex nibqgħu fidili lejh u lejn l-Evanġelju tiegħu, u lejn il-Knisja tiegħu, u dan dejjem skond il-ħajja li bħala nsara qiegħed isejħilna ngħixu f'din id-dinja, kemm bħala saċerdoti, kemm bħala reliġjużi u kemm bħala lajċi.

Din is-sejħa tagħna bħala nsara minn naħa ma tfissirx li għandna neqirdu minna nfusna kull sentiment ta' rispett u mħabba lejn l-eghżież tagħna — dan tgħidulna ċar il-Knisja fl-ewwel qari tallum: il-profeta Elija ried li Eliżew imur ibus lil missieru u 'l ommu qabel jitlaqhom u jmur miegħu; it-tislima ta' Eliżew ma kinitx tfisser li kien għadu bejn ħaltejn għandux iwieġeb għas-sejħa ta' Elija, kif kien bejn ħaltejn it-tielet raġel li mar fuq Ġesu' u qallu li lest imur warajh imma wara li jsellem lil tad-dar. Kien għalhekk li Ġesu' qallu li min imidd idejh għall-moħriet u jħares ura mhux tajjeb għas-saltna tas-smewwiet.

Ma nikkundannaw lil ħadd

Min-naħa l-oħra ma għandniex naslu biex nikkundannaw lil dawk li għax dgħajfin ma jweġbux bil-ħeġġa għas-sejħa ta' Alla. Jekk Ġesu' ma kkundannax liż-żagħżugħ għani li ma weġibx għas-sejħa tiegħu biex ibigħ kull ma kellu u jmur warajh, imma biss wera dispjaċir kbir għalih, kif nistgħu aħna nikkundannaw 'il min Ġesu' stess ma jikkundannax? Jekk nikkundannaw lil min għax dgħajjef ma jweġibx bil-ħeġġa għas-sejħat ta' Ġesu', jew, wara li jkun wieġeb, jerġa' jħares lura, aħna jkun jistħoqqilna ċ-ċanfira li għamel Ġesu' lil Ġakbu u 'l Ġwanni li riedu jinżel nar mis-sema biex jeqred is-Samaritani li ma laqgħux 'il Ġesu' fir-raħal tagħhom.

Jalla s-sejħat li jagħmlilna l-Mulej aħna nilqgħuhom dejjem bil-ħeġġa kollha u ma naqtgħux qalbna u nerġgħu lura, għaliex kull sejħa ta' Alla, hi sejħa li għalina tfisser ħelsien minn kull xorta ta' jasar, mill-jasar tal-passjonijiet tagħna, mill-jasar tal-ġibdiet tal-ġisem. Kull sejħa li jagħmlilna l-Mulej hi sejħa għal ħajja ta' mħabba, hi sejħa biex neħilsu minn kull rabta li tfixkel il-mixi tagħna lejn Alla fl-imħabba. Kull sejħa ta' Alla titlob minna ċ-ċaħda tagħna nfusna, titlob li flok inħobbu lilna nfusna, inħobbu 'l Alla. Mhux ħaġa ħafifa għalina din, imma meta l-Mulej isejħilna, jagħtina l-għajnuna tal-Ispirtu tiegħu biex imexxina. Jalla ma nxekklu qatt

il-ħidma tal-Ispirtu ta' Alla fina, biex inwieġbu dejjem bil-ħeġġa kollha għas-sejħat ta' Alla u ma nħarsu aqtt lura.

TALBA TAL-FIDILI

Aħnau nroddu ħajr lil Alla Ilum biex fil-kobor ta' mħabbtu jogħġbu jsejħilna biex inkunu dixxipli tiegħu u nimxu warajh, nitolbuh l-għajnuna tiegħu biex inwieġbu bil-ħeġġa għas-sejħat tiegħu mingħajr qatt ma nħarsu lura. Ngħidulu għalhekk:

Mulej, int is-sehem ta' wirtna u ta' xortina.

Mulej Ġesù, ilqa' t-talb li qegħdin nagħmlulek illum għall-Knisja tiegħek biex qatt ma tkun nieqsa minn għadd sabiħ ta' saċerdoti, ta' reliġjużi u ta' ministri oħra li jkunu ta' għajnuna għalina fil-mixi tagħna lejn is-sema għax . . .

Mulej, int is-sehem ta' wirtna u ta' xortina.

Mulej Ġesù, ilqa' t-talb li qegħdin nagħmlulek biex il-bnedmin kollha jagħarfu xi trid minnhom għall-bini ta' dinja aħjar biex fid-dinja jinxtered dejjem aktar l-ispirtu tal-Evanġelju, għax . . .

Mulej, int is-sehem ta' wirtna u ta' xortina.

Mulej Ġesù, qawwi qalb l-insara kollha biex iwieġbu bil-ħeġġa kollha ta' qalbhom għas-sejħat li int tagħmlilhom ħa jagħtu xhieda tiegħek quddiem id-dinja u ismek ikun imsebbaħ f'kull imkien, għax . . .

Mulej, int is-sehem ta' wirtna u ta' xortina.

Mulej Ġesù, wettaqna bil-grazzja tiegħek biex tul ħajjitna kollha nkunu dejjem fidili għas-sejħa li għamiltilna u ma nħarsu qatt lura, għax . . .

Mulej, int is-sehem ta' wirtna u ta' xortina.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, int is-sehem ta' wirtna u ta' xortina; int turina t-triq tal-ħajja, u qalbna tifraħ u tithenna fik: tħallina qatt nitħassru mit-tinġis tad-dinja, tħalli qatt il-ħażen iqarraq bina, ħa nibqgħu dejjem fidili lejk, u meta jasal il-waqt niksbu l-milja tal-ferħ quddiemek fis-saltna tas-sema. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

L-erbatax-il Ħadd tas-sena

IS-SLIEM TA' KRISTU

Inwasslu l-paċi ta' Kristu lid-dinja

"Morru fil-paċi ta' Kristu" se jgħidilna s-saċerdot fi tmiem din il-Quddiesa; "Morru fil-paċi ta' Kristu" igħid kull saċerdot fi tmiem il-Quddiesa hu fejn hu l-imkien fejn qiegħda tiġi ċelebrata. Dan għaliex kull Quddiesa aħna għandna nqisuha bħala laqgħa mal-Mulej Ġesu' biex iwettaqna bl-ikel tal-Kelma tiegħu u jsaħħaħna bl-ikel tal-Ġisem ewkaristiku tiegħu, ħalli mbagħad bħat-tnejn u sebgħin dixxiplu tal-Evanġelju tal-lum immorru fid-dinja nwasslu l-paċi u s-sliem ta' Kristu lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba. Il-missjoni tagħna, bħala nsara fid-dinja tal-lum, tixbah il-missjoni li l-Mulej bagħat jagħmlu t-tnejn u sebgħin dixxiplu tiegħu f'kull belt u post fejn kellu jmur Hu.

X'inhu s-sliem ta' Kristu

X'kienet il-missjoni ta' dawn it-tnejn u sebgħin dixxiplu tal-Mulej? F'kull dar fejn tidħlu, qalilhom Ġesu', għidu "Sliem lil din id-dar". Mela l-missjoni ta' dawn id-dixxipli kienet li jwasslu s-sliem. U liema sliem? Is-sliem ta' Kristu, sliem li ebda moħħ tal-bniedem ma jista jifhem, sliem li l-bnedmin kollha għandhom ħerqa kbira għalih, imma ma jistgħu jsibuh imkien, għax ma jafux x'inhu, u ma jitolbux lil min biss jista' jagħtihulhom. Il-bnedmin kollha kieku jixtiequ li ħajjithom tkun imseddqa fis-sliem u jgħixu fil-paċi l-jiem kollha ta' ħajjithom fid-dinja; jisimgħu b'ħafna diskorsi ta' sliem u ta' paċi; jisimgħu b'ħafna tħabrik għall-paċi; iżda, flok fuq sliem u paċi, l-ġurnali, ir-radju u t-TV ma jitkellmux ħlief fuq gwerer u ġlied, u vjolenza, u tiġrif u ħerba. U sakemm in-nies tad-dinja ma jintebħux li biex ikollhom is-sliem u l-paċi jeħtieġ li jkunu l-ewwel sinċieri ma' xulxin, inħabirku għall-ġustizzja bejniethom, jafdaw wieħed fl-ieħor, u ma jifhmux ħaġa u jgħidu oħra, sliem u paċi ma jkunx hawn fid-dinja. Ikun hawn sliem kotran fid-dinja meta fost il-bnedmin tħaddar il-ġustizzja, u dan iseħħ biss meta l-ispirtu tal-Evanġelju ta' Kristu jiġi milqugħ minn kulħadd fid-dinja.

Dmirna bħala nsara

U hawn dmirna bħala nsara. Aħna rridu nkunu li nwasslu l-ispirtu tal-Evanġelju fid-dinja; għal dan jibgħatna kull nhar ta' Ħadd il-Mulej Ġesu' wara l-laqgħa tagħna miegħu fil-Quddiesa, meta permezz tal-ministru tiegħu jgħidilna: "Morru fil-paċi ta' Kristu".

Iżda biex aħna nwasslu l-ispirtu ta' Kristu fid-dinja, jeħtieġ li aħna stess inkunu mimlijin bl-ispirtu tal-Evanġelju ta' Kristu. Imbagħad iva jkun jista' jseħħ ma' kull imkien fid-dinja dak li ħabbar il-profeta Isaija għal Ġerusalem fl-ewwel qari tal-lum, li fuqha l-Mulej se jifrex is-sliem bħal xmara. Fid-dinja ma jkunx hemm aktar swied il-qalb u niket, imma ġid u hena, farag u ferħ.

Il-ħsieb li rridu nkunu aħna li nwasslu dan il-hena lid-dinja,

għandu jimliena b'ferħ u ħeġġa kbira, u jgagħalna nistaqsu lilna nfusna x'għandna nagħmlu biex inkunu mimlijin bl-Ispirtu tal-Evanġelju ħa nwasslu s-sliem ta' Kristu lid-dinja.

It-tweġiba jagħtihielna Ġesu' stess.

Ma naqtgħux qalbna

L-ewwelnett igħidilna biex ma naqtgħux qalbna, għalkemm fost il-kotra bla qjies ta' bnedmin fid-dinja, ftit huma dawk li qegħdin igħixu verament bl-ispirtu tal-Evanġelju. Ma naqtgħux qalbna, imma nitolbu l-Mulej ikattar dejjem aktar l-għadd ta' dawk li huma mimlijin bl-ispirtu tal-Evanġelju. "Il-ħaddiema huma ftit", igħidilna Ġesu': ftit huma dawk li lesti biex bil-ħerqa kollha ta' qalbhom iħabirku ħa jwasslu l-ispirtu tal-Evanġelju fl-ambjent fejn igħixu u jaħdmu. Imma, ma ġara xejn: "Itolbu l-sid il-ħsad", ikompli jgħidilna Ġesu', "biex jibgħat ħafna ħaddiema fil-ħsad tiegħu": itolbu 'l Alla jkattar dejjem iżjed l-għadd ta' l-insara li dejjem aktar jintebħu x'inhi s-sejħa tagħhom ta' nsara, u ma jibżgħux jagħtu xhieda tal-fidi tagħhom f'kull imkien fejn ikunu jinsabu.

L-insara li jifhmu x'inhu l-impenn tagħhom fid-dinja bħala nsara, se jsibu ruħhom bħal ħrief qalb l-ilpup: se jġarrbu tfixkil, tiġrib, forsi stmerrija u persekuzzjoni wkoll, għaliex id-dinja ma taħmilx il min bl-imġiba tiegħu tajba jkun ta' ċanfira għaliha. L-insara biex jegħilbu dan it-tiġrib kollu jeħtieġ li ma jkollhomx qalbhom marbuta żżejjed mal-ġid ta' l-art; iridu jkunu qishom marru fid-dinja, bħat-tnejn u sebgħin dixxiplu, bla but, bla ħorġa, bla qrieq: mehdijin biss li jwasslu s-sliem ta' Kristu kull fejn jidħlu, kull fejn isibu ruħhom. U s-sliem ta' Kristu żgur iwassalhom li jagħmlu kotra ta' ġid għax il-Mulej ikun magħhom. Huma stess għad jistagħġbu bil-ħwejjeġ kbar li l-Mulej jagħmel magħhom, bħalma stagħġbu d-dixxipli meta reġgħu lura mill-missjoni tagħhom.

Imsallbin għad-dinja

Iżda, jalla jiftaħru mhux bil-ġid li jagħmlu, imma li dak li għamluh, għamluh għas-saltna tas-smewwiet. U dan iseħħilhom jagħmlu jekk bħal San Pawl ma jiftaħrux jekk mhux bis-salib ta' Kristu li bih id-dinja tkun imsallba għalihom u huma għad-dinja. U dan iseħħilhom jagħmluh jekk, kif smajna ħmistax ilu, huma lesti biex jiċħdu lilhom infushom, u jerfgħu salibhom ħa jmorru wara Ġesu'. In-nisrani li jagħraf jissallab ma' Kristu, li jsallab 'il ġismu bil-ġibdiet u l-passjonijiet kollha tiegħu; in-nisrani li jagħraf kull tiġrib li jiġi fuqu joffrih 'l Alla, ikun jista' jgħid bħal San Pawl li hu jġib f'ġismu l-marki ta' Ġesu' u f'ġismu jkun qiegħed itemm dak li hemm nieqes mill-Passjoni ta' Kristu għall-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja — bil-ħidma tiegħu, bis-sagrifiċċji li hu jagħmel għal Alla jkun qed jibni l-Knisja ta' Kristu fuq l-art, ikun qiegħed iwassal sa truf l-art kollha s-saltna ta' Kristu li hi saltna ta' sliem u ta' paċi, saltna ta' ġustizzja, qdusija u grazzja.

TALBA TAL-FIDILI

Miġbura flimkien f'dar Missierna llum għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, nitolbuh iseddaq ħajjitna fis-sliem u jeħlisna mit-telfien ta' dejjem.

Wettaq, Mulej, il-Knisja tiegħek, fil-ħidma tagħha biex twassal is-sliem ta' Kristu sa tul l-art kollha.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma tas-setgħanin ta' l-art biex iħabirku għall-paċi fid-dinja mmexxijin mid-dawl ta' l-Evanġelju tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Xerred fuq id-dinja s-sliem tiegħek bħal xmara biex fid-dinja ma jkunx hemm aktar swied il-qalb u niket, imma ġid u hena, ferħ u sliem.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Qawwi qalbna biex bil-ħeġġa kollha nħabirku ħa nwasslu s-sliem tiegħek lil dawk kollha li magħhom niltaqgħu fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla li tista' kollox, ara kemm jixtiequ l-bnedmin igħixu fis-sliem u l-paċi l-jiem kollha ta' ħajjithom: ibgħat fosthom il-ħaddiema tiegħek biex juruhom fejn tinsab il-paċi vera li tant jixtiequ u tant għadhom għatx għaliha. Bi Kristu Sidna.

Il-ħmistax-il Ħadd

MIN HU L-PROXXMU TIEGĦI

Mhijiex ħaġa iebsa tħares il-kmandamenti

Il-mistoqsija li wieħed għaref fil-liġi għamel lill-Mulej Ġesu' kif smajna fl-Evanġelju tal-lum, hi mistoqsija li aħna lkoll xi darba għamilnieha lil Alla: "X'għandi nagħmel biex ikolli l-ħajja ta' dejjem?" U llum Ġesu' stess mhux biss igħidilna x'għandna nagħmlu biex ikollna l-ħajja ta' dejjem, imma jgħidilna wkoll li m'hijiex xi ħaġa tqila għalina biex inkunu nafu x'għandna nagħmlu u hu stess jurina kif għandna nagħmluh.

Mela, x'għandna nagħmlu biex niksbu l-ħajja ta' dejjem? Iwieġeb Ġesu': "Ħobb il-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, bil-qawwa tiegħek kollha, b'moħħok kollu, u lil għajrek bħalek innifsek."

U l-Mulej Ġesu' jkompli jgħidilna, bi kliem Mose', fl-ewwel qari tal-lum, li din il-kelma tiegħu, dan il-kmandament tiegħu, m'huwiex xi ħaġa iebsa għalina, m'huwiex xi ħaġa li ma nistgħux nagħmluha, m'huwiex xi ħaġa li ma nistgħux nifhmuha. Ma għandux għalfejn jiġi xi anġlu mis-sema biex igħallimna dan, ma hemmx għalfejn naqsmu l-ibħra jew nixxabbtu mal-muntanji biex immorru nsibu lil xi ħadd 'il bogħod biex ifissrilna din il-kelma, għaliex din il-kelma ta' Alla tinsab ħdejna, tinsab fina, hi minquxa fi qlubna.

Kull bniedem, malli jibda jagħraf it-tajjeb mill-ħażin, malli jintebaħ bil-ġmiel tal-ħolqien, iħoss li għandu jagħti qima u jħobb lil Dak li għamel il-firxa tas-smewwiet u ħalaq l-art u kull ma fiha; kull bniedem malli jasal biex jagħraf jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin, jifhem li għandu jagħmel dak li hu tajjeb u jżomm ruħu 'il bogħod minn dak li hu ħażin; kull bniedem malli jasal biex jagħraf it-tajjeb u l-ħażin jibda bil-mod il-mod jifhem li l-bnedmin jeħtieġu 'l xulxin u huma ta' għajnuna għal xulxin biex iħarsu ruħhom mit-tigrib tal-ħajja fid-dinja.

Ma hemmx ġens fid-dinja, lura kemm hu lura, ma hemmx poplu, hu fejn hu, li ma jħossx li għandu jqim 'il Dak li ħalaq id-dinja u jħobb lill-bnedmin ħutu. Imma għax il-bniedem, midrub mid-dnub, jasal biex ma jismax aktar il-kelma ta' Alla minquxa f'qalbu, Alla ried li l-kelma tiegħu tasal lill-bnedmin ukoll permezz ta' nies li hu għażel għalih, permezz tal-patrijarki u l-profeti, sakemm wasal iżżmien li fih, Alla kellem il-bniedem permezz ta' Ibnu stess. U llum huwa l-Iben ta' Alla stess li qiegħed f'dan il-ħin u f'dan il-waqt iwasslilna l-Kelma ta' Alla u jgħidilna li għandna nħobbu 'l Alla fuq kollox u l-proxxmu tagħna, bħalna nfusna.

Min hu għajrna?

M'hijiex ħaġa tqila għall-bniedem jifhem li għandu jħobb lil Alla meta jagħraf li Alla hu l-ħallieq ta' kollox, meta jagħraf li Alla tant ħabb lill-bniedem li tah lil Ibnu stess għas-salvazzjoni tad-dinja. Imma meta niġu għall-imħabba tal-proxxmu tagħna, jibdew ġejjin id-diffikultajiet. Min hu l-proxxmu tagħna? Min jagħmlilna l-ġid? Qrabatna? Ħbiebna? In-nies ta' ġensna? Il-barrani hu proxxmu tagħna? L-egħdewwa huma proxxmu tagħna?

Il-bnedmin mhux dejjem għarfu jwieġbu tajjeb għal dawn il-mistoqsijiet u ħafna jaħsbu li l-proxxmu hu ħabibek, huwa dak li jagħmillek il-ġid, hu wieħed minn qrabatek; — il-barrani, l-għadu mhux proxxmu, għax barrani għalik.

Imma x'jgħidilna Ġesu'? Għan-nisrani l-proxxmu huwa kull bniedem, u l-aktar kull bniedem li hu fil-bżonn, hu min hu, hu minn fejn hu. Għax, ikompli jgħidilna Ġesu', jekk inħobbu biss lil min jagħmlilna l-ġid, jekk inħobbu biss 'il ħbiebna, x'aħna aħjar minn dawk li ma jemmnux. Il-veru nisrani għandu jħobb ukoll lil min jagħmillu d-deni, għax ikun tassew jixbah lil Alla li jtella x-xemx tiegħu għal min iħobbu u għal min joboġħdu, u jniżżel ix-xita għat-tajbin u għall-ħżiena.

Kif ngħinu lil għajrna

Permezz tal-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb Ġesu' mhux biss igħidilna min hu l-proxxmu tagħna, imma jgħidilna wkoll kif

għandna nuruh imħabbitna. Ngħarblu ftit il-parabbola.

Ir-raġel imbiċċer mill-ħallelin kien Lhudi; dak li tħassru u qabeż għalih kien Samaritan; issa l-Lhud u s-Samaritani ma kienu jaħmlu lil xulxin, kienu egħdewwa ta' xulxin. U hawn l-ewwel tagħlima ta' Ġesu': l-imħabba ta' l-eġħdewwa. Min jagħmillek iddeni, min hu għadu tiegħek, huwa wkoll hu bniedem bħalek, huwa ħuk fi Kristu, u għalhekk għandek tħobbu, u tpatti bil-ġid id-deni li jagħmillek, u meta jinsab fil-bżonn għandek tgħinu minn qalbek.

Lill-midrub, is-Samaritan dewwih, ħadu f'lukanda, ħallaslu l-lukanda, u żammu fi ħsiebu, tant li lil tal-lukanda qallu li meta jerġa' jgħaddi jroddlu kull ma l-lukandier ikun nefaq aktar għall-midrub. U hawn it-tieni tagħlima ta' Ġesu': l-imħabba għall-proxxmu ma għandux ikollha limiti: sa hawn u xejn aktar; min tassew iħobb hu ġeneruż fuq li ġeneruż, ma jqis xejn, mhux għajjur, mhux kburi, ma jfittixx dak li jaqbillu, jistabar b'kollox, ma jżommx f'qalbu, jibqa' dejjem iħobb, jiġri x'jiġri.

Xebh ma' Kristu

Imħabba bħal din għall-proxxmu twassalna għal xebh sħiħ ma' Kristu. Ma hemmx imħabba akbar minn dik li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu, qal darba Ġesu', u hu stess tana eżempju ta' dan, għax ta ħajtu, mhux għal ħbiebu, imma għalina, meta konna għadna eġħdewwa ta' Alla. Il-Mulej Ġesu' li bih sar kollox, sar bniedem bħalna biex bid-demm li xerred fuq is-salib, jerġa' jħabbeb ma' Alla bnedmin li bid-dnub kienu saru eġħdewwa tiegħu, u hekk iġib issliem bejn is-sema u l-art. Hemmx imħabba aqwa minn dik li wera magħna l-Mulej Ġesu'? Jekk aħna rridu nkunu tassew insara, bilfatti u mhux bil-kliem biss, l-imħabba tagħna għall-proxxmu trid tkun bħal dik ta' Kristu għalina. Inħobbu 'l kulħadd, inħobbu l-eġħdewwa tagħna wkoll: inħobbu lil min jagħmlilna d-deni, 'il min ma jaħmilniex, 'il min ma naħmlux, għax aħna lkoll ulied l-istess Missier tas-sema, ilkoll mifdijin mid-Demm għażiż ta' ħuna l-kbir, il-kbir fost il-ħlejjaq kollha, Kristu Ġesu'.

TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nroddu ħajr lil Alla llum għaliex qiegħed isemmagħlna l-Kelma setgħana tiegħu, nitolbuh il-grazzja li l-Kelma tiegħu dejjem nilqgħuha mhux bħala kelma ta' bniedem imma bħala l-Kelma ta' Alla, kif tassew hi.

Kun dejjem mal-Knisja tiegħek, Mulej, hija u xxandar liddinja l-Kelma tiegħek ta' salvazzjoni.

Ismagħna, nitilbuk, Mulej.

Agħmel li l-bnedmin kollha jilqgħu l-kelma li taslilhom millministri tiegħek, mhux bħala kelma ta' bniedem, imma bħala kelma ta' Alla kif tassew hi.

Ismagħna, nitilbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma tal-bnedmin kollha biex jagħarfu li huma lkoll uliedek, ilkoll mifdijin bid-Demm ta' Kristu.

Ismagħna, nitilbuk, Mulej.

Nissel fi qlubna mħabba veru għall-proxxmu tagħna u għinna nħobbu wkoll lil min jagħmlilna d-deni.

Ismagħna, nitilbuk, Mulej.

Mulej Alla li tista' kollox, agħti widen għat-talb li qegħdin nagħmlulek illum u wettaqna bil-grazzja tiegħek, ħalli dejjem nilqgħu bil-qalb il-Kelma li tħabbrilna u ngħożżuha b'qalbna kollha. Bi Kristu Sidna.

Is-sittax-il Ħadd tas-sema

ID-DJALOGU MA' ALLA

Alla jkellem lil Abraham

Alla bosta drabi u b'ħafna manjieri kellem lill-bniedem matul iż-żminijiet, permezz tal-patrijarki u tal-profeti, u, fl-aħħarnett, f' dan iż-żmien, kif igħidilna l-kittieb tal-ittra lil-Lhud kellimna permezz ta' ibnu stess, li ġie fid-dinja biex isalvana mill-jasar tad-dnub u jirrivelalna l-misteru li kien moħbi sa miż-żminijiet kollha, jiġifieri jurina min hu l-Missier tagħna tas-sema u jgħidilna li hu jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu għall-hena ta' dejjem.

Dan tgħidulna l-Knisja llum, u fl-ewwel qari tkellimna fuq iż-żjara ta' Alla lil Abraham ħdejn il-balluta ta' Mambre. Din ma kinitx l-ewwel darba li Alla kellem lil Abraham, għax Alla lil Abraham kien ġà kellmu meta stiednu biex iħalli pajjiżu, Ur tal-Qaxdin, iħalli 'l ġensu, iħalli kull ma kellu u jitlaq għal għonq it-triq lejn art li l-Mulej kien għad irid jurih u li kien se jagħtiha lil nislu għal dejjem. Abraham sama' l-kelma ta' Alla u għamel dak li Alla stiednu jagħmel, u għalhekk wegħdu li se jagħmlu missier ta' kotra kbira ta' ġnus. Minħabba l-fedeltà tiegħu Abraham kien maħbub minn Alla, sar midħla ta' Alla, li kien jinżel ikellmu u jurih b'liema mod kienet se ssehħ il-wegħda li kien għamillu u hekk jitwettaq i-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tal-bniedem mill-jasar tad-dnub li fih kien waqa' permezz ta' Adam.

Kif Alla kellem lil Abraham, hekk kien kellem lil Adam u lil Eva wara li dinbu u wegħedhom feddej; hekk kien kellem lil Noe u wegħdu li mhux se jeqred aktar l-art b'dilluvju; hekk kellem lil Isakk, lil Ġakob, lil Mose' u, imbagħad, permezz tal-profeti tiegħu, lill-poplu li kien għażel għalih, il-poplu Lhudi, nisel Abraham skond il-ġisem.

Il-misteru tas-salvazzjoni

Min-nisel Abraham skond il-ġisem, twieled Ġesu', l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għalina li ġie fid-dinja biex jirrivelalna l-kobor tal-misteru tas-salvazzjoni, misteru moħbi sa miż-żminijiet kollha, li ġie rivelat lilna, fis-sħuħija kollha tiegħu, biss bil-miġja ta' Kristu fid-dinja. Il-misteru tas-salvazzjoni huwa Kristu stess, għaliex ma hemmx isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih jistgħu jiksbu s-salvazzjoni. Għaliex fl-aħħar mill-aħħar x'inhi s-salvazzjoni jekk mhux xebh sħiħ ma' Kristu? Fil-Magħmudija aħna nilbsu 'l Kristu u nibdew il-mixi tagħna biex dejjem aktar inkunu nixbhu 'l Kristu billi nsaħħu l-għaqda tagħna ma' Kristu fl-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni.

Dan aħna nagħmluh billi, bil-ħeġġa kollha ta' qalbna, aħna nisimgħu 'l Kristu u naqduh b'qalbna kollha. L-istorja ta' Marta u ta' Marija li ħabbrilna l-Evanġelju tal-lum, hija ta' eżempju għalina kif nisimgħu 'l Alla u naqduh u hekk nimxu 'l quddiem fit-triq tal-perfezzjoni.

Id-djalogu tal-Knisja ma' Alla

Kemm Marta u kemm Marija kienu jħobbuh 'il Ġesu', u kienu jilqgħuh f'darhom b'ferħ liema bħalu; imma mħabbithom għal Ġesu' ma kinux juruha bl-istess mod. Marta kienet titħabat ħafna u tinkwieta mhux ftit biex tara li Ġesu' ma jkun jonqsu xejn, waqt li Marija kienet tinxteħet f'riġlejn Ġesu' tisma' minn fommu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem.

F'Marta u f'Marija nistgħu naraw xbieha tal-Knisja f'din id-dinja fid-djalogu tagħha ma' Alla, għaliex il-Knisja, il-Għarusa ta' Kristu, mill-ewwel mument tal-bidu tagħha, ma waqfet qatt titkellem ma' l-Għarus tagħha u tagħti sebħ, tifħir, radd il-ħajr u glorja lil Alla l-Missier, bi Kristu, fl-Ispirtu s-Santu.

Dan il-Knisja tagħmlu kemm permezz ta' dawk li l-Mulej isejjaħ biex jinqatgħu għal kollox mid-dinja u jgħaddu ħajjithom kollha jlissnu għana ta' tifħir u radd il-ħajr lil Alla "għaliex hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu", huma u jgħixu ħajja kontemplattiva, mehdijin biss bit-talb u l-meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla: huma nies li bħal Marija għażlu s-sehem it-tajjeb, li għalih Alla sejħilhom, u mixħutin f'riġlejn Ġesu', ma għandhom ebda ħsieb ieħor ħlief li jisimgħu l-Kelma setgħana tiegħu, ħsibijiethom dejjem fil-ħwejjeġ tas-sema. Alla biss jaf kemm huma ta' ġid u ta' barka t-talb u s-sagrifiċċji ta' dawn in-nies, kemm kastigi u tiġrib iżommu 'l bogħod mid-dinja!

Iżda mhux kulħadd hu msejjaħ għall-ħajja ta' kontemplazzjoni. Il-kotra l-kbira tal-bnedmin huma msejħin biex bħal Marta jkunu moħħhom fuq il-ħafna xogħol tad-dinja.

Djalogu ma' Alla waqt il-ħidma tad-dinja

Il-ħafna xogħol tad-dinja, jekk nagħarfu nagħmluh sewwa, mhux se tkun ta' tfixkil għalina fl-imħabba tagħna għal Alla, għaliex lil Alla nistgħu nuruh imħabbitna wkoll waqt li aħna mehdijin bix-xogħol tagħna fid-dinja. Jekk dan ix-xogħol tagħna nagħmluh għal Alla, jekk nagħmluh għax fih naraw ir-rieda ta' Alla għalina, jekk kull ma nagħmlu, nagħmluh mhux għal wiċċ il-bnedmin imma

għal Alla, aħna wkoll inkunu nuru mħabbitna għal Alla. Għal ħaġa waħda rridu nkunu attenti, u għaliha jwissina l-Mulej stess: ma nħallux it-taħbit żejjed u l-fixla fil-ħwejjeġ tad-dinja inessuna li ħaġa waħda biss hi tassew meħtieġa: li nagħmlu dak li Alla jrid minna.

Kif Alla bosta drabi kellem lil Abraham u wrieh x'ried minnu, kif il-Mulej Ġesu' fid-dar ta' Marta u Marija kien jitkellem magħhom u jurihom x'irid minnhom, hekk jitkellem magħna kull nhar ta' Ħadd waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa u jgħidilna x'irid minna permezz tal-qari li jitħabbrilna; jekk jitkellem magħna wkoll tul il-ġranet kollha ta' ħajjitna permezz ta' dak kollu li jseħħ fina u madwarna. Alla jkellimna u jurina x'irid minna; iżda biex ikun hemm djalogu veru, hi meħtieġa t-tweġiba tagħna. Kif se nwieġbu? Ingergru bħal Marta għax ohtha ħallietha waħedha bix-xogħol tad-dar, u ngħidu li Alla nsiena u għabbiena żżejjed bil-ħafna taħbit u tħassib ta' din id-dinja? jew se nagħmlu bħal Marija, naċċettaw kull ħaġa li tiġina minn Alla u nilqugħha bil-qalb, ukoll jekk tfisser ċaħda u sagrifiċċju għalina? It-tweġiba li nagħtu hi l-kejl tal-imħabba tagħna għal Alla.

TALBA TAL-FIDILI

Miġburin f'dar Missierna tas-sema nitolbu 'l Alla llum il-grazzja biex it-taħbit żejjed tal-ħajja tagħna fid-dinja ma jnessiniex il-ħaġa waħda li hi tassew meħtieġa: li nagħmlu r-rieda ta' Alla.

Ieqaf, Mulej mal-Knisja tiegħek hija u twissi u tgħallem lil kulħadd u tħabrex biex twassal lil kull bniedem għall-perfezzjoni ta' Kristu.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma ta' kull bniedem li hawn fid-dinja biex jimxi bla ħtija u jagħmel is-sewwa ħa jkollu l-barka tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Wassal il-ġnus kollha ta' l-art għall-għarfien sħiħ ta' Kristu biex jiksbu s-salvazzjoni u l-hena ta' dejjem.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Kun dejjem magħna bil-grazzji tiegħek biex l-inkwiet u t-taħbit kollu tal-ħajja tagħna kuljum fid-dinja ma jkunux ta' tfixkil għall-imħabba tagħna għalik.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla li tista' kollox, tieqaf qatt turina xi trid minna u qawwina bil-grazzja tiegħek ħalli nagħmluh, biex fost it-taqlib u t-taħwid kollu ta' din il-ħajja, qlubna isibu dejjem mistrieħ fik Bi Kristu Sidna.

IL-QAWWA TAT-TALB

Alla jisma' t-talb tagħna . . .

Il-Ħadd li għadda, il-Knisja ħabbritilna li Alla jkellimna kontinwament kemm waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, meta jitħabbrilna l-qari mill-Kotba mqaddsa, u kemm fil-ħajja tagħna ta' kuljum permezz ta' dak li jiġri fina u madwarna; ħabbritilna wkoll li Alla jistenna tweġiba minna għall-kliem li hu jgħidilna.

Il-Mulej Ġesu' stess qalilna x'inhi t-tweġiba li Alla jistenna minna meta lill-Appostli għallimhom jitolbu; u dan se jagħmlu llum magħna wkoll. Ħafna minna forsi qatgħu qalbhom mit-talb, għaliex, igħidulek: "Nitlob x'nitlob, qatt ma naqla' xejn." Jekk hawn xi ħadd fostna li qata' qalbu mit-talb, u ma għadux jitlob aktar, qatt staqsa lilu nnifsu għaliex it-talb tiegħu qatt ma ġie mismugħ? Għaliex il-Mulej Ġesu' kemm-il darba żgurana li dak li nitolbu 'l Alla żgur naqilgħuh; anzi Ġesu' jgħidilna — u qalulna llum stess fl-Evanġelju — "Itolbu u jingħatalkom, fittxu u ssibu, ħabbtu u jiftħulkom; għax kull min jitlob, jaqla'; min ifittex isib, u min iħabbat jiftħulu." U biex isaħħaħ dan il-kliem tiegħu Ġesu' jgħidilna parabbola, anzi żewġ parabboli, dik tar-raġel li f'nofs ta' lejl imur għand ħabibu jitolbu biċċa ħobż, u dan ikollu jqum jagħtihielu, mhux għax ħabibu, imma għax ma ħalliehx kwiet sakemm ikkuntentah; u l-parabbola l-oħra tal-missier, li, ħażin kemm hu ħażin, lil uliedu, meta jitolbuh biċċa ħobż, mhux sejjer ma jikkuntentahomx. U jkompli jgħidilna Ġesu': "Jekk il-bnedmin bil-ħażen kollu tagħhom, jaslu dejjem biex jisimgħu t-talb ta' min jitlobhom u jikkuntentawhom, kemm u kemm aktar Alla jilqa' t-talb li nagħmlulu."

Mela, għaliex dak li nitolbu kemm-il darba ma naqilgħuhx? It-tweġiba m'hijiex tqila.

. . . jekk aħna ħbieb ta' Alla . . .

Jekk aħna ħbieb ta' Alla, it-talb tagħna jkun milqugħ; dan tgħidulna l-Knisja bl-ewwel qari ta' llum. Alla ma felaħx aktar għall-ħażen tal-bliet ta' Sadoma u Gomorra u ried jeqridhom b'xita ta' nar u kubrit mis-sema, u għarraf lil Abraham b'dan il-ħsieb tiegħu. Abraham ħass għal dawk in-nies — forsi fosthom kien hemm min mhux ħati ta' dnub: għaliex l-innoċenti għandhom jinqerdu flimkien mal-ħżiena? U talab 'l Alla jħenn għaż-żewġt ibliet jekk fihom kien hemm ħamsin bla ħtija. Imma ma kienx hemm; u Abraham baqa' jitlob, u l-Mulej baqa' jagħti widen għat-talba ta' Abraham, u kien lest ibiegħed il-kastigi tiegħu minn fuq Sodoma u Gomorra jekk f'dawk iż-żewġt ibliet, fost il-mijiet ta' nies li kienu jgħammru fihom, kien hemm biss għaxra tajbin. Daqshekk jiswa t-talb talqaddisin quddiem Alla; daqshekk għandu qawwa t-talb ta' dawk li huma ħbieb ta' Alla.

Mela jekk aħna ħbieb ta' Alla, hu mhux sejjer ma jismax it-talb tagħna. Imma, kif nistgħu nkunu ħbieb ta' Alla? Aħna sirna ħbieb ta' Alla, anzi wlied adottivi tiegħu, permezz tal-Magħmudija, meta, kif smajna fit-tieni qari ta' llum, aħna, bil-Magħmudija, indfinna

ma' Kristu biex miegħu nqumu għall-ħajja ġdida; bil-mewt tiegħu fuq is-Salib Kristu qered id-dnub tagħna, b'demmu ħassar il-kont tad-dejn li kellna ma' Alla minħabba d-dnub, u tana ħajja ġdida: ħabbibna ma' Alla, u bħala ħbieb ta' Alla, minn għandu naqilgħu kull ma rridu. Iżda żgur li Alla dejjem jisma' t-talb tal-ħbieb tiegħu? għax kieku Alla jisma' dejjem it-talb ta' ħbiebu, kien jisma' t-talb li tagħmel il-Knisja, u jeħlisha minn kull tiġrib li jaqilgħulha l-eghdewwa tagħha.

Alla dejjem jisma' t-talb tal-Knisja, kif dejjem jisma' wkoll it-talb tagħna, jekk nitolbu kif imiss, kif titlob il-Knisja; iżda għaliex aħna bnedmin dgħajfa u naraw biss dak li hu qrib tagħna, ma nintebħux dejjem bit-tweġiba ta' Alla għat-talb tal-Knisja u għat-talb tagħna.

. . . jekk nitolbu kif titlob il-Knisja

Kif titlob il-Knisja? Kif għandna nitolbu aħna, biex nitolbu kif imiss u t-talb tagħna jkun mismugħ? Il-Mulej Ġesu' stess igħallimna kif għandna nitolbu. It-talba li l-Mulej stess għallimna għas-salvazzjoni tagħna, il-Missierna, turina kif titlob il-Knisja, kif għandu jkun it-talb tagħna biex ikun mismugħ.

Il-qofol tat-talba tal-Knisja, il-qofol tat-talba li għallimna l-Mulej hu s-saltna ta' Alla u l-ġustizzja tiegħu: meta aħna nfittxu dan, il-Mulej jagħtina kull ma neħtieġu. Għandna għalhekk nitolbu l-ewwelnett biex Alla jkun magħruf ma' kullimkien u l-bnedmin kollha jagħtu ġieħ till-isem qaddis tiegħu u jagħmlu r-rieda mqaddsa tiegħu; imbagħad, wara dan, għandna nitolbu wkoll għall-ħtiġijiet tagħna ta' kull jum, kemm għar-ruħ u kemm għall-ġisem.

X'għandna nitolbu

Dan kollu Alla jagħtihulna dejjem, għalkemm mhux dejjem nintebħu bih, għaliex mhux dejjem nagħarfu dak li hu ta' ġid tassew għalina fir-ruħ u fil-ġisem. Nitolbu l-ħelsien mit-tiġrib, min-niket, mill-hemm, mid-dwejjaq, u ma neħilsux minnhom: dan mhux għax Alla ma semgħax it-talba tagħna, imma għaliex l-hemm u t-tiġrib huwa grazzja li tana Alla biex intemmu f'ġisimna dak li hu nieqes mill-passjoni ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja, biex nagħarfu ninqatgħu mir-rabtiet tad-dinja ħa ningħaqdu b'ħegġa akbar ma' Alla. Nitolbu l-maħfra ta' dnubietna: Alla jaħfrilna żgur, imma jaħfrilna biss daqs kemm aħna lesti naħfru lil min hu ħati għalina. Nitolbu 'l Alla ħafna affarijiet, u kemm-il darba má naqilgħu xejn minn dak li nitolbu — għaliex? jew għax dak li qed nitolbu mhux se jkun ta' ġid għalina u għalhekk flok dak li qed nitolbu Alla jagħtina xi ħaġ'oħra li tkun aktar ta' ġid għalina, jew għaliex fit-talb tagħna aħna egoisti, ħsiebna biss fina nfusna, qisna ma hemmx ħadd ieħor magħna fid-dinja: mhux bħal Abraham li mhux għalih talab, imma għan-nies ta' Sodoma u Gomorra.

Għandna nitolbu mhux biss biex naqilgħu xi ħaġa għalina ta' din id-dinja, kif jagħmlu l-kotra l-kbira tal-bnedmin — dan mhux talb li jogħġob lil Alla, m'huwiex talb li Kristu jridna nagħmlu f'ismu biex ikun milqugħ. It-talb li għandna nagħmlu hu t-talb li bih

ngħollu ħsibijietna lejn is-sema ħa nagħtu glorja u tifħir lil Alla flimkien ma' l-Anġli kollha tiegħu għax il-Mulej tajjeb u ħanin; huwa t-talb għall-ġid tal-bnedmin kollha ta' l-art biex ikunu jafu x'inhu l-veru ġid tagħhom billi jagħarfu lil Alla wieħed veru u lil dak li bagħat Ġesu' Sidna; huwa t-talb għall-maħfra tad-dnubiet, għas-sliem u l-paċi fid-dinja kollha, għall-għaqda tal-qlub. Dan hu t-talb li Alla jisimgħu dejjem, u talb li dejjem naqilgħuh u miegħu naqilgħu wkoll kull ma neħtieġu biex ngħaddu ħajjitna fis-sliem u l-hena fuq din l-art sa ma jasal il-waqt li nidħlu fis-sema pajjiżna.

TALBA TAL-FIDILI

Illum li għadna kemm smajna lill-Mulej Ġesù stess igħallimna kif għandna nitolbu, f'xirka waħda ta' mħabba bejnietna, ma' Kristu, fi Kristu, u bi Kristu ngħollu t-talb tagħna biex bħala inċens ifuħ jitla' quddiem it-tron ta' Alla fis-sema, u mingħand il-Missier jaqlalna kull xorta ta' barka u ġid għad-dinja kollha.

Missierna li inti fis-smewwiet, agħmel li l-isem qaddis tiegħek ikun imbierek fl-art kollha u l-bnedmin kollha jagħarfu l-ġmiel glorjuż tas-saltna tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Missierna li inti fis-smewwiet, għarraf lill-bnedmin kollha ta' l-art bir-rieda mqaddsa tiegħek, biex dejjem u f'kull imkien ikun dak li trid int kif fis-sema, hekk ukoll fl-art.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Missierna li inti fis-smewwiet, agħmel li minn tlugħ sa nżul x-xemx, minn tarf għall-ieħor tad-dinja, f'kull imkien titla' quddiemek kuljum l-offerta qaddisa tal-Knisja hija u ġġedded is-sagrifiċċju tas-salvazzjoni tagħna.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Missierna li inti fis-smewwiet, tħallix nieqsa mill-ikel ta' kuljum u minn kull ma hu meħtieġ għall-ħajja xierqa fuq l-art, lill-bnedmin kollha li qegħdin igħixu llum fid-dinja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Missierna li inti fis-smewwiet, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina, la ddaħħalniex fit-tigrib, iżda eħlisna mid-deni.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla li tista' kollox, ilqa' t-talba li għadna kemm għamilnilek illum, it-talba li lbnek stess għallimna għas-salvazzjoni tagħna; u agħmel li jseħħu dawn ix-xewqat tajba tagħna. Dan aħna nitolbuhulek illum, flimkien ma' Kristu, fi Kristu u bi Kristu li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

NAĦŻNU TEŻORI FIS-SEMA

Il-Ħadd li għadda l-Knisja qaltilna li Alla dejjem jisma' t-talb tagħna jekk aħna ħbiebu u nitolbu kif titlob il-Knisja, u qaltilna x'għandna nitolbu 'l Alla biex it-talb tagħna jkun mismugħ. Qaltilna nitolbu fuq kollox mhux għall-ġid li jgħaddi ta' din id-dinja, imma għall-ġid li jibqa' għal dejjem, u żguratna li jekk aħna nitolbu biex tiġi s-saltna u l-ġustizzja ta' Alla f'din id-dinja, Alla stess jagħtina l-ġid kollu ta' din l-art li jeħtieġu biex ngħixu ħajja xierqa fid-dinja.

Illum il-Knisja trid tfissrilna aħjar dan il-ħsieb tagħna. Il-ġid kollu ta' l-art, l-għana tad-dinja ħalqu kollu l-Mulej għalina, għall-użu tagħna, biex il-bniedem isibu u jaħdmu u jtejbu ħalli bih il-qagħda tiegħu fid-dinja tkun dejjem aħjar u huwa jkun dejjem aktar bniedem, jiġifieri jġib dejjem aktar 'il quddiem id-dinjità tiegħu ta' bniedem, li hu, maħluq xbieha ta' Alla u mqiegħed fuq l-egħmejjel kollha ta' idejn Alla. Iżda l-ġrajja kollha tal-bniedem tgħallimna, li l-bnedmin tant jorbtu qalbhom mal-ġid u l-għana tad-dinja li huma jiksbu bil-ħidma tagħhom li dan il-ġid jagħmluh l-alla tagħhom.

Kollox frugħa!

Qoħelet, kif smajna fl-ewwel qari ta' llum, meta ħares madwaru u ra kemm jitħabtu l-bnedmin fuq ix-xogħol, u qies imbagħad li wara dan it-taħbit kollu, meta jaslu biex iħallu din id-dinja, se jħallu warajhom kull ma jkunu għamlu, ħareġ minn fommu din l-għajta: "O frugħa tal-frugħat! Kollox hu frugħa!" Hu ra xi bnedmin jaħdmu bil-għaqal, bil-għerf u bis-sengħa biex jagħmlu xi ħaġa li togħġob, ħaġa li teħdilhom iż-żmien; imma mbagħad, igħid Qoħelet, kemm se jdumu jgawduha? Il-mewt tiġi fuqhom u se jgawdiha xi ħadd ieħor li ma ħadem xejn fiha.

Meta bniedem jaħdem għax għandu n-namra tax-xogħol, meta l-bniedem jaħdem bis-sengħa u bil-għaqal, ikun qiegħed jissieheb ma' Alla, li ħalaq kollox, għaliex ikun iġib 'il quddiem l-istess ħolqien, kif irid Alla, billi jkun qiegħed iwieġeb għas-sejħa li Alla għamel lill-bniedem fil-ħolqien biex jaħkem fuq l-art. Ix-xogħol stess li jkun għamel hu l-premju tiegħu għax jagħtih sodisfazzjon; jifraħ bix-xogħol li jkun jagħmel u jifraħ ukoll li se jgawdu x-xogħol tiegħu dawk li jiġu warajh.

Jekk dan hu frugħa u deni kbir għal Qoħelet, kemm u kemm aktar hu frugħa u deni kbir ix-xogħol ta' min jaħdem bla nifs lejl u nhar, jitbaqbaq u jitmaħan bla heda, u jinfena taħt il-kappa tax-xemx biex ikattar dejjem aktar ġidu u jaħżen flus u deheb u fidda kemm jiflaħ, u mbagħad igħaddi l-ljieli mqajjem, u dejjem qalbu ttaqtaq bil-biża' li jista' jitlef ġidu kollu b'xi diżgrazzja jew għax jisirquhulu l-ħallelin! Kemm hemm in-nies li huma hekk mehdijin bil-ġid ta' l-art, u ma għandhomx ħsieb ieħor ħlief il-ħsieb ta' dak l-għani li fuqu jitkellem l-Evanġelju ta' llum, li jaħżen ħażna kbira ta' ġid u jifraħ bih innifsu għaliex għandu biex jixxala u jiddeverti għal bosta snin, u ma jqisx meta se jsejjaħlu Alla biex jagħti kont ta' egħmilu fid-dinja!

Il-kruha tar-rebgħa

Il-parabbola qalilna Ġesu' llum proprju biex ma norbtux qalbna mal-ġid ta' l-art u naħżnu ġid bir-radam, moħħna mistrieħ li qatt ma hu se jonqosna xejn.

Jekk aħna insara tassew, jekk tassew fil-Magħmudija tagħna rxoxtajna għall-ħajja ġdida flimkien ma' Kristu, aħna ma jistax ikun li nkunu nixbħu l-għani tal-parabbola, li fir-rebgħa tiegħu għall-għana tad-dinja, għamel dan il-għana l-alla tiegħu.

Min hu rgħib, min moħħu biss biex jaħżen ġid bir-radam, ma jimpurtah minn xejn, kollox igħodd għalih, għaliex biex ikabbar ġidu jasal biex jagħmel kollox, jigdeb, iqarraq, igħir, jagħmel ħsara, jinfama lin-nies: kollox leċtu għalih, basta jkabbar ġidu. U l-Knisja tfakkarna, bi kliem Missierna San Pawl, li aħna bħala nsara, fil-Magħmudija tagħna ċħadna dan kollu; fil-Magħmudija tagħna aħna nżajna l-bniedem il-qadim bl-egħmil kollu tiegħu u lbisna l-ġdid li jiġġedded dejjem skond ix-xbieha ta' dak li ħalqu u jikber fil-għerf. Jiġifieri ċħadna d-dnub u l-qerq tal-ħażen u kull xorta ta' frugħa, biex ngħixu skond ir-rieda ta' Alla, biex dejjem aktar insiru nixbħu lil Alla li ħalaqna, biex nikbru dejjem aktar fl-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema. Għalhekk għandna nmewtu fina l-ħażen kollu, il-gideb, iżżina, il-faħx, ir-regħba, ix-xewqat ħżiena, biex inkunu nistgħu naħsbu fuq il-ħwejjeġ tas-sema u nużaw il-ġid ta' l-art b'mod li ma jtelfilniex il-ġid ta' dejjem.

Kif naħżnu teżori fis-sema

Dan inkunu nagħmluh meta l-ġid u l-għana tad-dinja aħna nużawh għall-ġid ta' kulħadd, biex ngħinu 'l ħutna fil-bżonn. Bħala nsara, aħna għandna nqisu lil kull bniedem ħuna, f'kull bniedem għandna naraw 'il Kristu stess. Aħna bħala nsara ma għandniex nagħżlu bejn bniedem u ieħor, bejn min hu qarib tagħna jew le, bejn min hu barrani jew le, bejn min hu għani jew fqir: għax aħna lkoll aħwa fi Kristu, lkoll ulied Alla, u għalhekk għandna naqbżu għal xulxin u ngħinu 'l xulxin bħal aħwa, u f'kull wieħed minn ħutna fil-bżonn, f'kull bniedem li jeħtieġlu xi ħaġa biex igħix ta' bniedem, għandna naraw 'il Kristu stess — dak li nagħmlu ma' xi wieħed minn ħutna fil-bżonn, Kristu jqisu magħmul lilu, u ta' dan jagħtina l-ħajja ta' dejjem. Naħżnu mela teżori ta' ġid spiritwali fis-sema bl-egħmejjel tal-ħniena li nagħmlu, u żgur li jkollna moħħna mistrieħ, għax hemm fis-sema ġidna ħadd ma se jisraqulna, għax ġidna fis-sema ma hu se jitmermer qatt!

TALBA TAL-FIDILI

Illum li qegħdin nisimgħu leħen il-Mulej jistedinna nagħmlu użu tajjeb mill-ġid ta' l-art, ma nwebbsux qalbna imma nitolbu 'l Alla l-grazzja li nużawh tajjeb biex ma nitilfux il-ġid li jibqa' għal dejjem.

Wettaq, Mulej, il-ħidma tal-Knisja tiegħek, hija u twasslilna l-kelma tiegħek, li hi kollha spirtu u ħajja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Qanqal is-setgħanin u l-għonja ta' l-art biex il-ġid kollu li għandhom jużawh ħa jtejbu l-qagħda ta' kull bniedem li hawn fid-dinja ħalli ħadd ma jbati l-ġuħ u kulħadd igħix skond id-dinjità tiegħu ta' bniedem li hu.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma ta' dawk li moħħhom biss biex jaħżnu ġid u għana fid-dinja, ħa jiftakru li l-aqwa ġid u għana huwa dak li naħżnu fis-sema permezz tal-egħmejjel ta' ħniena li nagħmlu ma' ħutna fil-bżonn.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħtina li mmewtu fina kull ma hu ta' l-art, u nżommu ruħna 'l bogħod minn kull regħba, biex ħajjitna tkun tassew moħbija ma' Kristu f'Alla.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla li tista' kollox, fil-Magħmudija tagħna, int tajtna li nqumu ma' Kristu għal ħajja ġdida u nkunu xebħ ħaj ma' Ġesù: agħtina li nikbru dejjem aktar fil-għerf tal-ħwejjeġ tassema u nkunu dejjem aktar xebħ aqwa ma' Kristu, li miegħek igħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

Id-dsatax-il Ħadd tas-sena

INHEJJU RUĦNA GĦALL-ĦAJJA TA' DEJJEM

Aħżnu teżori fis-sema

Il-Ħadd li għadda l-Knisja wissietna biex ma norbtux qalbna mal-ġid ta' l-art b'mod li nitilfu l-ġid li jibqa' għal dejjem. Ħadd minna kieku ma jrid jitlef il-ġid li jibqa' għal dejjem, ħadd minna ma jrid li wara li ntemmu ħajjitna fuq l-art, ma mmorrux fis-sema pajjiżna. Iżda ħafna minna forsi huma tant medhijin bil-ħajja ta' din l-art, li ftit jaħsbu fil-ħajja ta' dejjem u jhejju ruħhom għaliha, qishom jaħsbu li għad fadlilhom ħafna żmien f'din id-dinja, u għalhekk ma hemmx għaġla għal dan. Huma bħal dak l-għani li fuqu smajna fil-parabbola tal-Evanġelju tal-Ħadd li għadda li, wara li ħażen ħafna ġid, beda jħott l-imħażen tiegħu ħa jibni mħażen akbar fejn jaħżen ġidu, moħħu mistrieħ li se jkollu biex igawdi għal ħafna snin, u ma ntebaħx li kien wasallu ż-żmien li jħalli din iddinja biex imur għand Alla.

Dan qiegħed igħidilna l-Mulej Ġesu' llum: "Jekk tridu thejju

ruħkom għas-sema, torbtux qalbkom mal-ġid tad-dinja; il-ġid ta' l-art taħżnuhx, imma użawh ħalli tgħinu lil min hu fil-bżonn, billi tagħmlu karità. U meta tkunu tagħmlu dan, tkunu taħżnu teżori fis-sema, wisq aqwa mit-teżori kollha tad-dinja, u t-teżori fis-sema mhux se jintemmu qatt u ħadd qatt ma hu se jeħodhomlkom."

Inkunu mħejjija

Fi kliem ieħor il-Mulej Ġesu' llum qiegħed igħidilna nkunu dejjem lesti għal meta jiġi l-Mulej biex isejħilna għal għandu. Kif fil-lejl li fih l-anġlu tal-Mulej niżel fl-art ta' l-Eġittu u qered l-ewwel imwieled tal-Eġizzjani, il-Lhud kienu qegħdin jistennew din il-miġja tal-Mulej imħejjin biex jitilqu mill-Eġittu u hekk jeħilsu mill-jasar li fih għexu għall-erba' mitt sena, hekk aħna għandna nkunu mħejjin għall-miġja tal-Mulej biex neħilsu mill-jasar tat-taħsir li hu sehemna f'din id-dinja. Il-Lhud, fil-lejl li l-anġlu tal-Mulej, niżel biex jeħlishom mill-jasar tal-Eġittu, kielu l-ikla ta' l-Għid u hekk ilkoll qalb waħda qagħdu għal-liġi ta' Alla u lissnu għana ta' tifħir lil Alla li ħelishom; hekk aħna, tul ħajjitna f'din id-dinja, aħna u nistennew il-miġja tal-Mulej fil-glorja, nieħdu sehem fl-ikla ta' l-Għid tal-Mulej, aħna u niċċelebraw il-misteri qaddisa u nlissnu salmi, kantiċi u innijiet lil Alla għax hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Il-Mulej Ġesu' jwissina għal dan permezz tal-parabbola tal-qaddejja li bl-imsiebaħ mixgħula f'idejhom joqogħdu jistennew lil Sidhom ġej mill-festa tat-tieġ, u, jiġi x'ħin jiġi, jsibhom dejjem qegħdin jistennewh, u għalhekk, meta jiġi jdaħħalhom għall-ikla tat-tieġ tiegħu. Il-qaddejja huma aħna li bl-imsiebaħ tal-egħmejjel tajba mixgħulin f'idejna, inħabbru l-mewt tal-Mulej u nxandru l-qawmien tiegħu waqt li qegħdin nistennewh jiġi fil-glorja: u dan aħna nagħmluh waqt li qegħdin nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa li tintemm bl-istedina għall-ikla tat-tieġ tal-Ħaruf, ikla li sseħħ fil-milja tagħha biss fis-saltna tas-sema.

Kif inhejju ruħna

Jekk aħna tul ħajjitna fuq l-art ngħixu tassew ta' nsara u ma nkunux insara tal-isem biss; jekk aħna nħabirku biex dejjem aktar inġibu 'l quddiem ix-xirka waħda ta' mħabba li hi l-Knisja, billi ngħixu fl-imħabba ta' xulxin; jekk l-għaqda tagħna bejnietna waqt iċ-ċelebralzjoni tal-misteri qaddisa, tkun xbieha ħajja tal-għaqda ta' bejnietna li jkun hemm fil-ħajja tagħna ta' kull jum tad-dinja; ma għandniex għax nibżgħu li se jigrilna bħalma ġralu l-qaddej li ma qediex dmiru meta sidu kien 'il bogħod.

Iżda aħna, kemm-il darba ngħibu ruħna bħal dan il-qaddej, għax naħsbu li l-Mulej se jdum ma jsejħilna għal għandu, għax għadna fl-aħjar ta' saħħitna, għax għadna żgħar fil-għomor, u naħsbu li għadu 'l bogħod it-tmiem ta' ħajjitna fid-dinja. Naħsbu hekk għax neqsin mill-fidi. Jekk il-fidi tagħna fil-ħajja ta' dejjem hi sħiħa tasal biex tqanqalna ħalli f'din id-dinja nkunu dejjem imħejjija għall-miġja tal-Mulej, meta jiġi jsejħilna għal għandu. Inħejju ruħna għall-miġja tiegħu, billi żżomm ruħna dejjem 'il bogħod mid-dnub,

ngħixu ħajja ta' rażan, ta' ċaħda u ta' sagrifiċċju, ma mmorrux mal-kurrent tad-dinja. U dan, biex nagħmluh, jeħtiġilna fidi qawwija, fidi bħal dik li kellu Abraham li obda s-sejħa ta' Alla meta qallu biex imur f'art li kien se jagħtih b'wirt u telaq mingħajr ma kien jaf fejn sejjer; bħal Abraham li emmen li martu Sara kienet se ssir omm għalkemm imdaħħla fiż-żmien, għax hekk kien ħabbarlu l-Mulej; bħal Abraham li ma beżax joffri 'l ibnu li miegħu kienu marbuta l-wegħdiet kollha li għamillu Alla li jkun missier ta' kotra kbira ta' ġnus, għax emmen li Alla kellu s-setgħa mqar li jqajjem mill-mewt.

Hija din il-fidi li żżomm qawwija fina t-tama li għad niksbu l-glorja ta' dejjem, dik il-glorja li issa ma narawx, imma li qiegħed iwegħdilna l-Mulej, jekk aħna nkunu qaddejja fidili u għaqlin tiegħu: aħna nemmnu li Alla din il-glorja jagħtihielna żgur, u t-tama ta' din il-glorja li qiegħda tistennina, imqawwija mill-fidi tagħna fil-kelma ta' Alla, tgħinna biex nagħmlu kull ma Alla jrid minna biex l-imsiebaħ tagħna jkunu jiddu b'kotra ta' egħmejjel tajba, ħalli meta jiġi l-Mulej isibna lesti u jdaħħalna miegħu għall-festa tat-tieġ tiegħu fis-sema.

TALBA TAL-FIDILI

Sħaħ fil-fidi u qawwijin fit-tama, nitolbu 'l Alla llum il-grazzja li meta jiġi biex isejħilna għal għandu jsibna lesti ħa nilqgħuh bl-imsiebaħ tal-egħmejjel tajba mixgħula f'idejna.

Mulej Ġesù, kun mal-Knisja tiegħek hija u tishar u titlob tistenna l-miġja tiegħek fil-glorja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, nissel fil-bnedmin kollha tama qawwija fit-tjieba tiegħek biex jeħilsu ħajjithom mill-mewt ta' dejjem.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, saħħaħ il-fidi, qawwi t-tama u ħeġġeġ bl-imħabba lil dawk kollha li int qiegħed issejjaħ biex fid-dinja jkunu qaddejja fidili u għaqlin tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, qawwilna qalbna biex nagħmlu kotra ta' egħmejjel ta' tjieba f'din id-dinja ħalli naħżnu teżori kbar fis-sema.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, f'din id-dinja niltaqgħu ma' ħafna ħwejjeġ li jistgħu jfixkluna fil-qadi tagħna lejk: qawwilna qalbna biex inżommu sħaħ fil-fidi u fit-tama li meta terġa tiġi b'qawwa u glorja kbira, int iddaħħalna miegħek fis-saltna ta' dejjem. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

L-għoxrin Ħadd tas-sena

PAĊI U FIRDA FI KRISTU

Kliem il-Mulej Ġesu' llum huwa kliem li jixxukkjana. Ġesu', li fit-twelid tiegħu l-Anġli ħabbru "sliem fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba", ilum qiegħed igħidilna li mhux paċi u sliem hu ġab fid-dinja, imma firda, u firda wkoll bejn dawk li min-natura tagħhom stess għandhom ikunu magħqudin flimkien b'rabta ta' mħabba liema bħalha, firda bejn il-ġenituri u l-ulied, bejn in-nies ta' l-istess familja! X'irid igħidilna Ġesù b'dan il-kliem tiegħu llum? X'inhi l-firda li fuqha qiegħed ikellimna, hu li ġie fid-dinja jxandar l-imħabba u jħabbeb mill-ġdid il-bnedmin bejniethom u ma' Alla?

Jekk inqisu sewwa l-qari kollu li tħabbrilna l-Knisja llum, naslu biex nifhmu x'inhi l-firda li fuqha l-Mulej Ġesu' qiegħed ikellimna.

In-nar ta' l-imħabba

Qabel ma kellimna fuq il-firda li ġab fid-dinja, Ġesu' qalilna li ġie fid-dinja biex iqabbad nar fuq l-art, u jixtieq li dan in-nar ikun qabad sewwa.

X'inhu dan in-nar li fuqu jitkellem Ġesu', dan in-nar li jixtiequ ġà ħuġġieġa kbira? Huwa n-nar tal-imħabba li biha kienet imkebbsa qalbu, imħabba li waslitu biex jitgħammed bil-magħmudija li biha tgħammed, u li b'tant ħerqa kien qiegħed jistenna li sseħħ.

X'inhi din il-magħmudija li fuqha qiegħed jitkellem Ġesu? Hija l-magħmudija tad-demm, is-sagrifiċċju li hu offra għalina fuq is-salib għas-salvazzjoni tagħna.

Ġesu' ġie fid-dinja biex bil-mewt tiegħu jeqred il-mewt tagħna, u jagħtina ħajja ġdida bil-qawmien tiegħu mill-imwiet. Fil-kobor ta' mħabbtu għalina, Alla tana lil Ibnu stess biex imut għas-salvazzjoni tagħna. Il-mewt ta' Kristu għalina, is-sagrifiċċju tiegħu fuq is-salib, hu l-isbaħ u l-aqwa sinjal ta' mħabba li seta' jagħtina. Jekk ma hemmx imħabba aqwa minn dik ta' dak li jagħti ħajtu għal ħbiebu, kemm hi aqwa l-imħabba ta' Kristu li ta ħajtu għalina meta konna għadewwa tiegħu minħabba d-dnub?

Ġesu' tana eżempju kbir ta' mħabba biex iqanqalna għall-imħabba tiegħu, biex għall-imħabba bla qjies li hu wera għalina, aħna nwieġbu bl-imħabba tagħna li, dgħajfa kemm hi dgħajfa, dejjem togħġob lil Alla jekk tkun ħierġa minn qalb sinċiera.

Tkun imħabba ħierġa minn qalb sinċiera jekk twassalna biex għal Kristu u għal Alla nkunu lesti nixorbu l-kalċi tal-imrar li xorob hu fil-passjoni tiegħu, u nitgħammdu bil-magħmudija li tgħammed hu fuq is-salib. Fi kliem ieħor, inkunu nwieġbu tassew għall-imħabba ta' Alla, b'imħabba sinċiera ħierġa mill-qalb, jekk għal Alla nkunu lesti nissagrifikaw kollox, jekk 'l Alla nqiegħduh fuq kollox u qabel kollox. Dan ifisser li għall-imħabba ta' Alla għandna nkunu lesti mhux biss nissagrifikaw ir-rabtiet egħżież tad-demm u l-laħam, imma l-istess ħajja tagħna.

Il-firda li jitlob Kristu

Għal Kristu għandna nkunu lesti nissagrifikaw kollox, ninfirdu mill-ġenituri tagħna, minn ħutna, minn qrabatna, minn ħbieb-

na, jekk dawn se jkunu ta' tfixkil għall-imħabba sħiħa tagħna għal Alla. Din hi l-firda li Ġesu' ġab fid-dinja, biex iqabbad fi qlub il-bnedmin ħuġġieġa ta' nar ta' mħabba għalih!

Għandna nħobbu l-ġenituri tagħna, lil qrabatna, lil ħbiebna, imma fi Kristu, għal Kristu u ma' Kristu. U f'dan għandna nħarsu lejn il-profeta Ġeremija li għall-imħabba ta' Alla, biex jibqa' fidil lejh u lejn il-missjoni fdata lilu, sofra kull xorta ta' tiġrib, ġie mitfugħ il-ħabs u mfittex għall-mewt. Ġeremija xtaq kieku jeħles mill-missjoni li Alla bagħtu jaqdi f'Ġerusalem biex igħid lill-poplu jċedi lill-egħdewwa li kienu qed jaħbtu għall-belt: sogħob bih li jkun ħabbâr ta' ħsara u tiġrib għall-poplu, imma din kienet il-missjoni li Alla ried jafdalu, u Ġeremija kien iħoss fih nar iħeġġeġ f'qalbu li kien iwasslu biex jagħmel, kważi kontra qalbu, dak li Alla ried minnu — l-imħabba li kellu Ġeremija għal Alla wassitu għal dan. U jekk ikollna mħabba vera għal Alla u għal Kristu, aħna wkoll naslu għal dik il-firda meħtieġa mill-egħżież tagħna li forsi mingħajr ma jafu u jridu, ikunu qegħdin ifixklu l-imħabba tagħna għal Alla.

Hija sagrifiċċju kbir għalina din il-firda, imma naslu biex nagħmluha u, qalbna qawwija, niġru t-triq li għandna quddiemna. Quddiemna għandna dejjem il-Mulej Ġesù, fih it-tama kollha tagħna, hu dak li jqawwilna qalbna. Meta aħna niftakru x'għamel għalina, meta niftakru li qagħad għas-salib mingħajr ma qagħad iqis l-għajb tiegħu, meta niftakru fil-kobor bla qjies ta' mħabbtu għalina, meta niftakru li issa qiegħed fis-sema, fil-lemin tal-Missier, fejn ħejjilna post ħa nkunu miegħu għal dejjem, aħna mhux se naqtgħu qalbna mit-tiġrib kollu li miegħu nistgħu niltaqgħu, mhux se nibżgħu mis-sagrifiċċji kollha li rridu nagħmlu, mhux se nħallu ebda xkiel ifixkilna. Ħsiebna dejjem fi Kristu u fl-imħabba tiegħu għalina, aħna kapaċi nirbħu kull tfixkil mingħajr ma negħjew u naqtgħu qalbna, kapaċi niġġieldu l-ġlieda, u ntemmu l-ġirja tagħna biex imbagħad niksbu l-kuruna tal-glorja li l-Mulej għandu mħejjija għal dawk kollha li fuq l-art għamlu dejjem ir-rieda tiegħu.

TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu llum lill-Mulej Alla li jista' kollox biex iqawwilna qalbna ħa niġru t-triq li għandna quddiemna, sa ma naslu quddiem it-tron ta' Alla biex miegħu nsaltnu għal dejjem.

Mulej Ġesù ieqaf mal-Knisja tiegħek fit-taqbida tagħha kontra d-dnub u oħroġha rebbieħa fuq l-egħdewwa kollha tassalib tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, warrab minn fost il-bnedmin kull xkiel li jista' jkun ta' tfixkil għalihom biex jitkebbsu bin-nar ta' mħabbtek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, tħalli qatt li ebda rabta ta' din id-dinja, hi kemm hi għażiża, tkun ta' tfixkil għal dawk li int issejjaħ biex jiġu warajk kull fejn tmur int.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, żomm ħsibijietna dejjem merfugħin lejk, biex ma negħjewx u ma naqtgħux qalbna mit-tiġrib tal-midinbin, imma noħorġu dejjem rebbieħa fit-taqbida tagħna kontra d-dnub.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, int ġejt fid-dinja biex tkebbisna bi-nar ta' mħabbtek: agħtina li nwieġbu għall-imħabba bl-imħabba tagħna li, għalkemm dgħajfa, hi ħierġa minn qalb sinċiera; saffiha minn kull tingis tad-dinja u agħmilha safja u bla tebgħa quddiemek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

IT-TLUGH FIS-SEMA TAL-VERĠNI MARIJA

L-Arka tal-Patt il-Ġdid

Nifirħu lkoll fil-Mulej illum, flimkien mal-Knisja kollha, aħna u nagħmlu festa kbira f'ġieh il-Verġni Marija, għaliex illum hi ġiet imtellgħa 'l fuq mill-qtajja' kollha tas-sema, 'il fuq mill-anġli kollha, u issa qiegħda fuq tron għoli maġenb Binha, l-Iben ta' Alla, sultana tas-sema u ta' l-art.

Fiha naraw il-mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha, mhedda mid-Dragun il-kbir, id-dragun tal-infern, ix-xbieha tal-Knisja ta' Kristu li tul iż-żminijiet, fil-ġrajja tagħha f'din id-dinja, hi bla heda mħabbta missetgħat tal-ħażen, li jagħmlu x'jagħmlu ma jistgħux jegħelbuha għax il-Mulej Ġesu' bniha fuq blata soda.

Fiha naraw l-Arka tal-Patt il-ġdid li tagħha l-Arka tal-Patt il-Qadim magħmula mill-injam ma jitħassarx tal-grazzi li fit-Tempju kienet sinjal tal-presenza ta' Alla fost il-poplu tiegħu. Marija hi l-Arka tal-Patt il-ġdid għaliex biha, b'Marija, Alla ġie fostna u hu fostna, fost il-poplu ġdid li hu kiseb għalih, wisq aktar milli qatt kien fl-imgħoddi; biha Alla hu verament għalina l-Għimmanu-el — Alla magħna, kif ħabbar il-profeta Isaija meta qal li xebba ssir omm, u jkollha iben u ssemmih Għimmanu-el, jiġifieri Alla magħna.

Marija hi l-Arka tal-Patt il-ġdid għaliex ġisimha ma rax it-taħsir tal-qabar. Marija hi dak li tixtieq u tittama li tkun il-Knisja fil-glorja meta tilbes in-nuqqas ta' taħsir u l-immortalità, għaliex Marija għaddiet mill-bieb tal-mewt u daħlet fil-glorja, bir-ruħ u l-ġisem, mingħajr ma rat it-taħsir tal-qabar, kif aħna wkoll, il-Knisja kollha ta' Kristu, għad nidħlu fil-glorja bħalha, bir-ruħ u l-ġisem, wara li Kristu jerġa' jiġi u l-aħħar għadu, il-mewt, jinqered, u l-mewt timbela' fir-rebħa ta' Kristu.

Il-mara ġdida, omm u eżempju tagħna

Bil-ħarsa tagħna llum u dejjem, merfugħa 'l fuq, lejn Marija fil-glorja tas-smewwiet, aħna nimxu l-mixja tagħna f'din id-dinja, żguri li għad naslu fejn tinsab Marija llum, jekk aħna nżommu ruħna taħt il-ħarsien tagħha, hi l-imbierka fost in-nisa, il-mara ġdida, l-omm tagħna lkoll, eżempju mill-aqwa għalina fil-mixi tagħna f'din id-dinja.

Marija hi l-mara l-ġdida li fiha Alla ried juri liema hi l-vera dinjità u liema hi s-sejħa tal-mara fil-pjan tal-ħolqien u tas-salvazzjoni: jekk il-mara trid tkun tassew dak li hi, bħala mara, jekk trid timxi tassew 'il quddiem fil-ħajja spiritwali tagħha, għandha tħares dejjem lejn Marija f'Nazaret, f'Betlem, f'Kana, fuq il-Kalvarju; trid tħares lejn Marija fl-hena tagħha bħala omm, fin-niket tagħha taħt is-salib, fil-ferħ tagħha għall-qawmien ta' Binha mill-imwiet, u fil-glorja li issa qiegħda tgawdi fis-sema, l-ewwel waħda fost dawk li huma ta' Kristu li rat il-glorja tal-qawmien.

Marija hi l-omm tagħna lkoll jekk aħna lesti nilqgħu l-kelma li tgħidilna hija u turina 'l Binha Ġesu': "Agħmlu dak li jgħidilkom". kif qalet lill-qaddejja fit-tieġ ta' Kana. U x'igħidilna Ġesu' biex nagħmlu? Dak li għamlet Marija, tul ħajjitha kollha: nisimgħu l-kelma ta' Alla u nħarsuha.

Tul ħajjitha kollha, f'Nazaret, meta dehrilha l-Anġlu u ħabbrilha li kellha tkun omm Alla, fil-mixi tagħha għal Betlem u fit-twelid ta' Binha l-ewlieni f'għar barra l-belt, fil-ħarba lejn l-Eġittu meta Erodi kien ifittex joqtol it-tarbija, fid-dar ta' Nazaret fejn Ġesu' kiber fl-għerf u t-tul u l-għomor quddiem Alla u l-bnedmin, f'Ġerusalem meta tilfitu, fuq il-Kalvarju meta ratu msallab, Marija dejjem tenniet il-kelma: "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ikun minni skond kelmtek." Ħarset dejjem il-kelma ta' Alla. U jekk aħna tassew inħobbuha lil Marija, jekk aħna tassew devoti tagħha, għandna għalfha nagħmlu l-kelma ta' Alla ħa nkunu tassew uliedha.

Aħna u nsellmulha llum u dejjem bit-tislima ta' l-Anġlu, aħna u ngħidu r-Rużarju u nikkontemplaw il-misteri tal-ħajja u l-mewt u l-qawmien tal-Mulej, misteri li fihom Marija kellha sehem kbir, inħarsu lejha bħala eżempju għalina ta' l-omm l-aktar perfetta. Nitgħallmu minn għandha t-triq tal-Evanġelju. Nitolbuha turina l-frott tal-ġuf tagħha Ġesu' u tgħallimna nħobbu lilu u l-Knisja tiegħu. Nitolbuha tieqaf magħna fid-diffikultajiet kollha tagħna kif waqfet mal-Knisja fil-bidu tagħha. Ħa tkun għalina sinjal ta' tama sħiħa u ta' faraġ fil-mixi tagħna f'din id-dinja sakemm jasal il-waqt li meħlusin minn kull taħsir, nidħlu fil-hena fejn hi ġa tinsab ħalli ma' l-anġli u l-qaddisin tas-sema nfaħħruha aħna u nroddu ħajr lil Alla wieħed fi Tliet Persuni, is-Setgħani li f'Marija għamel ħwejjeġ kbar.

TALBA TAL-FIDILI mill-Lezzjonarju tal-Qaddisin paċna 766.

IS-SEJHA TAL-ĠNUS KOLLHA GĦAS-SALVAZZJONI

Huma ħafna dawk li jsalvaw?

"Mulej, ftit huma dawk li jsalvaw?" Din il-mistoqsija li wieħed għamel lil Ġesu' huwa u sejjer lejn Ġerusalem, spiss aħna wkoll nagħmluha f'qalbna. U din il-mistoqsija ma nagħmluhiex għax għandna fi ħsiebna s-salvazzjoni tal-bnedmin kollha, imma għax ħsiebna fis-salvazzjoni tagħna stess: jekk ħafna jsalvaw b'xi mod għandna biex inserrħu rasna għax żgur inkunu mal-kotra, imma jekk huma ftit dawk li jsalvaw għandna għalfejn nitħassbu.

Iżda Ġesu' ma jweġibhiex mistoqsija bħal din; minflok igħidilna li s-salvazzjoni tagħna hi f'idejna, u niksbuha jekk nitħabtu għaliha, billi nħabirku ħa nidħlu mill-bieb id-dejjaq li jwassal għall-ħajja ta' dejjem. Fl-istess ħin iwissina biex ma noqogħdux nitnikkru għax jekk il-bieb jingħalqilna, għalxejn inħabbtu, għalxejn ngħidu li konna midħla ta' Alla u smajna l-kelma tiegħu: la bqajna barra, il-Mulej ma jagħrafniex għaliex ma għamilniex dak li huwa sewwa quddiemu.

It-triq id-dejqa

X'ifisser dan il-kliem ta' Ġesu'? It-triq id-dejqa li twassal għassema, hija t-triq tas-salib, it-triq taċ-ċaħda tiegħek innifsek, it-triq tas-sagrifiċċju, għaliex biex inżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub, biex inżommu sħaħ il-weġħdiet li għamilna fil-Magħmudija li niċħdu d-dnub u l-qerq tal-ħażen, jeħtiġilna mmorru kontinwament kontra l-kurrent tad-dinja; u dan jitlob sagrifiċċju minna. Jekk aħna lesti nagħmlu dan is-sagrifiċċju, jekk aħna lesti li niċċaħħdu minn dak kollu li d-dnub jew li jwaqqagħna fid-dnub, jekk aħna lesti niċħdu saħansitra l-istess rabtiet tad-demm u l-laħam, meta jkunu ta' tfixkil għalina ħa nibqgħu fidili lejn Ġesu', allura aħna mexjin mit-triq id-dejqa li twassalna għall-ħajja ta' dejjem.

Iżda għaliex aħna bnedmin dgħajfa, kemm-il darba nistgħu jew naqtgħu qalbna jew inħallu l-frugħat tad-dinja jqarrqu bina u jħajruna nitbegħdu mit-triq it-tajba. Imma Alla fil-kobor tal-ħniena u ta' l-imħabba tiegħu għalina jċanfarna u jwiddibna biex nerġgħu lura lejh.

It-twiddib ta' Alla

Kif jagħmlu dan, Alla? Jista' jwiddina b'kelma ta' xi ħabib, jew b'xi omelija li nisimgħu; jista' jwiddibna b'xi tiġrib li jiġi fuqna jew xi disgrazzja li nisimgħu biha. Il-Mulej għandu ħafna mezzi biex dawk li hu jħobb jifthilhom għajnejhom ħalli ma jaqbdux it-triq tat-telfien. Veru li twiddib ta' Alla, l-aktar meta hu xi tiġrib li jiġi fuqna, ma jimliniex bil-ferħ, imma jnikkitna, imma fl-aħħar mill-aħħar se jisfa ta' ġid għal ruħna, għaliex it-tiġrib ikun għalina għajn ta' barka u ta' grazzja. Għallekk il-Mulej illum, bi kliem il-kittieb ta' l-ittra lil-Lhud, iħeġġiġna biex ma nintelqux u naqtgħu qalbna mit-tiġrib li jiġi fuqna: it-tiġrib hu sinjal tal-imħabba ta'

Alla għalina; bih aħna nkunu nissieħbu ma' Ġesu' fi tbatijiet; bih inkunu npattu għad-dnubiet tagħna u għall-ħtijiet ta' l-oħrajn li b'xi mod aħna nkunu naħtu għalihom.

Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw

Jalla t-twissijiet li jagħmlilna l-Mulej nilqgħuhom bil-qalb, biex ma jiġrilniex li nsibu ruħna barra mill-ħena ta' dejjem, u postna jittieħed minn oħrajn; "Jiġu nies mil-Lvant u mill-punent, mit-tramuntana u min-nofs in-nhar u jitqiegħdu għall-mejda fis-Saltna ta' Alla". Dan il-kliem tal-Mulej jurina ċar li l-bnedmin kollha huma msejħin għall-ikla tal-Mulej fis-saltna tiegħu ta' dejjem, għaliex Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu għall-għarfien sħiħ ta-verità.

Dan Alla ħabbru fi żmien il-patt il-qadim permezz tal-profeti tiegħu, kif rajna fl-ewwel qari tal-lum mill-profeta Isaija: il-ġnus kollha ta' l-art huma msejħin biex jagħtu qima lil Alla fl-ispirtu u l-verità, kollha msejħin biex joffrulu sagrifiċċji spiritwali.

U għalhekk Ġesu', qabel tela' s-sema, bagħat lill-Appostli tiegħu jxandru l-Bxara t-tajba fid-dinja kollha u jgħammdu 'il kull min jemmen u jistqarr li Kristu hu l-Mulej fil-glorja ta' Alla l-Missier.

Dmirna bħala nsara

Il-missjoni ta' l-Appostli hija l-missjoni wkoll ta' kull nisrani. Għalhekk ilkoll kemm aħna għandna d-dmir li nħabirku għat-tixrid tas-saltna ta' Alla fid-dinja, u dan aħna nagħmluh billi nagħtu xhieda ħajja tal-fidi tagħna. Fiż-żminijiet tal-lum hija ħaġa ħafifa ħafna li niltaqgħu ma' nies m'humiex insara, u l-imġieba tajba tagħna bħala nsara tista' tkun l-okkażjoni biex tqanqalhom ħalli jwieġbu għall-grazzja ta' Alla li permezz tal-imġieba tagħna qed isejħilhom lejh; kif tista' tkun ukoll l-eżempju ħażin li nagħtu bl-imġiba tagħna, li ma taqbel xejn mal-Evanġelju, li jneħħilhom kull ħajra li jkun jafu min hu Kristu għaliex l-imġiba ta' min jemmen fih imbuttathom lura. X'responsabbiltà tkun din tagħna jekk bl-eżempju ħażin tagħna ntellfu l-grazzja tal-fidi lil xi bniedem pagan ta' rieda tajba!

Infittxu għalhekk li ngħixu dejjem skond is-sejħa tagħna ta' nsara li aħna; nilqgħu t-twiddib tal-Mulej kull darba li jsejħilna biex nikkorreġġu l-imġiba tagħna; imbagħad aħna wkoll flimkien man-nies kollha li jiġu mil-lvant u mill-punent, mit-tramuntana u nofs in-nhar nitqiegħdu għall-mejda tal-Mulej fis-sema u jkollna sehem mill-festa tat-tieġ tal-Ħaruf, li għaliha huma mistednin il-bnedmin kollha, u li tagħha għandna ħjiel kull darba li nissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa u nersqu nitqarbnu.

TALBA TAL-FIDILI

Il-Mulej Ġesù ġie fid-dinja għas-salvazzjoni ta' kulħadd: nitolbuh għalhekk iwettaq il-ħidma ta' dawk kollha li hu jibgħat lid-dinja jxandru l-Bxara t-tajba tiegħu biex ma' kullimkien fid-dinja jingħata ġieħ lill-isem qaddis tiegħu.

Mulej Ġesù, Salvatur tad-dinja, wettaq il-ħidma tal-Knisja tiegħek hija u xxandar il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni sa truf l-art kollha.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, Feddej tal-bniedem, agħmel li l-bnedmin kollha jagħarfu u jagħtu qima fl-ispirtu u l-verità lil Alla wieħed veru biex minn tlugħ ix-xemx sa nżulha titla' quddiem it-tron ta' Alla offerta safja kollha fwieħa li tgħaxxaq.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, Iben Alla l-ħaj, sejjaħ għat-triq it-tajba li twassal għall-ħena ta' dejjem dawk kollha li tbegħdu minnha biex ma tkunx xerrdt għalxejn demmek għalihom.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, Bin il-Missier Etern, wettaqna bil-grazzja tiegħek, biex bl-imġiba tagħna ma nkunu qatt ta' tfixkil għal kull min qiegħed ifittxek b'qalb sinċiera.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, int ġejt fid-dinja biex il-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu għall-ħena ta' dejjem: agħmel li fid-dinja kollha tixxandar bla tfixkil il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni tiegħek, biex il-bnedmin kollha jemmnu u jsalvaw. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta dejjem.

It-22 Ħadd tas-sena

MA NITKABBRUX BINA NFUSNA

X'għamel Ġesu' għalina

Il-Mulej Ġesu' llum qiegħed iħeġġiġna biex inkunu umli u twajbin ma' kulħadd, u hekk nuru mħabbitna għall-oħrajn. Dan Ġesu' jagħmlu permezz tal-parabbola tal-Evanġelju tal-lum, parabbola li hu qal lill-mistednin ta' wieħed mill-kapijiet tal-Fariżej li stiednu għall-ikel għandu.

Lill-mistednin Ġesu' wissiehom biex ma jfittxux l-ewwel postijiet fuq il-mejda, imma jżommu ruħhom lura, waqt li lill-Fariżew li stiednu qallu biex jistieden għandu għall-ikel mhux lil ħbiebu u n-nies għonja li jistgħu jpattulu l-istedina tiegħu bi stedina oħra, imma jistieden lill-fqar u lill-imsejknin għax dawn ma għandhomx biex ipattulu għall-istedina tiegħu, u hekk il-ħlas tal-egħmil tajjeb tiegħu jirċevih mingħand Alla stess.

Dan il-kliem ta' Ġesu' għandu tagħlim kbir għalina, u jekk nilqgħuh bil-qalb u nagħmluh, inkunu 'tassew nixbhu 'l Ġesu' fil-kobor ta' mħabbtu għalina. Għaliex, x'għamel Ġesu' għalina? Hu,

li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, imma tneżża' minn kollox u sar jixbah lill-bnedmin: ċekken lilu nnifsu billi obda sal-mewt, sal-mewt tas-salib. U dan għamlu għall-imħabba tagħna, biex jeħlisna mill-jasar tad-dnub u tax-xitan, jerġa' jħabbibna ma' Alla, u jagħtina mill-ġdid id-dinjità ta' wlied Alla li konna tlifna bid-dnub. Għalhekk jekk aħna ma nfittxux dak li hu tagħna skond il-posizzjoni tagħna fid-dinja, jekk ma nitkabbrux bina nfusna u nippretendu li kulħadd isellmilna u jagħtina l-ewwel postijiet, inkunu fejn inkunu, aħna nkunu nixbhu lil Ġesu' fl-umiltà tiegħu, u jkollna ġieh kbir fis-sema. Bħal Ġesu' li, għax iċċekken Alla għollieh sas-smewwiet u tah l-isem li hu fuq kull isem, hekk aħna: meta ma nfittxux dak li hu tagħna quddiem il-bnedmin, niksbu kotra ta' barka mis-smewwiet u Alla jurina l-feħmiet moħbija tiegħu.

X'inhi l-umiltà vera

Imma rridu noqogħdu attenti u nifhmu sewwa x'jiġifieri ċċekken lilek innifsek quddiem il-bnedmin. Iċċekken lilek innifsek ma jfissirx taħbi u ma tużax id-doni li tak Alla, imma jfisser li dawk id-doni int tużahom kif trid Alla għall-ġid tal-oħrajn, u ma tiftaħarx bil-ġid il tagħmel qisu għamiltu bil-ħila tiegħek biss. F'dan tagħtina eżempju mill-aqwa l-Verġni Marija, li raddet ħajr lil Alla għaliex, kif qalet fl-innu li lissnet wara t-tislima ta' Elisabetta: "Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar: qaddis hu l-isem tiegħu".

Iċċekken lilek innifsek ma jfissirx li għandek tirrifjuta l-ġieh li jmissek minħabba l-uffiċċju li għandek fid-dinja, inti u taqdi dan l-uffiċċju; imma ċċekken lilek innifsek ifisser li ma għandekx tippretendi ġieh u unuri li ma humiex tiegħek minħabba l-uffiċċju li għandek u tqis ruħek aqwa mill-oħrajn li magħhom tiltaqa' fil-ħidma tiegħek ta' kuljum. Huwa din is-sura ta' kburija li l-Mulej ikkundanna meta għall-Fariżej qal li kull ma jagħmlu jagħmluh għal għajnejn in-nies,.... iħobbu l-postijiet ewlenin fl-imwejjed u s-siġġijiet ta' quddiem fis-sinagogi u jixtiequ min isellmilhom fil-pjazez u li n-nies isejħulhom rabbi. Ħa jagħtuhulna n-nies il-ġieh li jmissna, imma ma nkunux aħna li nippretenduh!

Naraw it-tjieba ta' Alla

Meta dan, jiġifieri, meta aħna nagħrfu x-xejn tagħna f'din id-dinja billi kull ma għandna nagħrfu li ġie lilna mingħand Alla, imbagħad lil Alla, li lill-kburin jiqfilhom u juri ħniena maċ-ċkejknin, ma narawhx tal-biża' kif rawh il-Lhud meta ħdejn is-Sinaj kellimhom u tahom il-liġi qaddisa tiegħu. Għaliex kienu poplu ta' ras iebsa — u min hu kburi hu rasu iebsa — Alla biex inissel fi qlubhom il-biża' tiegħu, kellimhom fost it-tkarwid tar-ragħad u l-leħħ tal-beraq u d-daqq tat-tromba dejjem aktar jitqawwa, hekk li l-Lhud tant beżgħu li talbu lil Mose' biex ma jkellimhomx aktar Alla, li ma jmutux bil-biża', imma jkellimhom hu flok Alla. Iżda jekk aħna niċċekknu, jekk nagħrfu x-xejn tagħna, nistgħu dejjem b'qalbna qawwija nersqu lejn it-tron tal-grazzja u nistennew mingħand Alla l-għajnuna kollha li neħtieġu f'waqtha: insibu mseħbin magħ-

na l-qtajja' ta' l-angli tas-sema f'ġemgħa ferħana, il-qaddisin u n-nies kollha ta' rieda tajba ta' din id-dinja li jagħmlu l-ġid mingħajr ma jfittxu l-ftaħir tal-bnedmin u bla heda jroddu ħajr lil Alla għaliex għoġbu jagħżilhom biex ikunu strument ħaj f'idejh għat-tixrid tas-saltna tiegħu fid-dinja; insibu lil Ġesu' stess, ħuna l-kbir, li jissieħeb magħna fir-radd ta' ħajr lill-Missier u li jdaħħalna miegħu ħa nirċievu l-premju fis-saltna tiegħu ta' dejjem: għaliex kull min jiċċekken f'din id-dinja u jagħraf ix-xejn tiegħu, jikseb kobor u ġieh fis-saltna tas-smewwiet.

TALBA TAL-FIDILI

Nifirħu Ilum u nithennew fil-Mulej aħna u nroddulu ħajr għall-ħwejjeġ kbar li hu jagħmel magħna u nitolbuh il-grazzja li nagħarfu dejjem li bil-ħila tagħna biss ma niswew għalxejn, imma kollox nistgħu bl-għajnuna tiegħu li ma tonqosna qatt.

Saħħaħ, Mulej, l-ispirtu ta' l-umiltà fil-Knisja tiegħek biex titkabbar quddiemek hija u tiċċekken quddiem id-dinja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma ta' kull min għandu xi setgħa fid-dinja, biex jagħraf li s-setgħa li għandu ġejja mingħandek u għalhekk ma jitkabbarx biha imma jużaha għall-ġid ta' kulħadd.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Ġib fix-xejn il-fehmiet ta' dawk li huma mkabbrin f'qalbhom ħa jagħarfu x-xejn tagħhom u jiċċekknu quddiemek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Nissel fina spirtu qawwi ta' umiltà biex ma niftaħrux bina nfusna imma nagħarfu li kull ma għandna u kull ma aħna kollu ġej minnek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù Kristu Iben Alla l-ħaj, int iċċekkint sal-mewt tas-salib għall-imħabba tagħna: agħtina li nkunu nixbħuk fiċ-ċokon tiegħek, biex meta jasal il-waqt insaltnu miegħek għal dejjem fis-sema. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

IR-RIEDA TA' ALLA GHALINA

Nistgħu nafu x'irid Alla?

"Min jista' jifhem xi jrid Alla? Min jista' jkun jaf il-ħsieb tal-Mulej?" Dan staqsa min kiteb Ktieb il-Għerf. X'għiegħel dan il-kittieb jagħmel dawn il-mistoqsijiet? Hu stess igħidulna fl-ewwel qari tal-lum.

"Il-bniedem," igħidilna min kiteb Ktieb il-Għerf, "bilkemm jaf u jifhem x'qiegħed jiġri madwaru, jaqta' qalbu malajr għaliex kull ma jfassal li jagħmel aktarx jisfalu fix-xejn; għolja kemm huma għolja l-ħsibijiet tiegħu u l-fehmiet tiegħu, iħoss ruħu mtaqqal u mfixkel mill-passjonijiet u l-ġibdiet fiergħa tal-ġisem tiegħu li jmut; jixtieq jagħmel it-tajjeb u jħossu hu miġbud għall-ħażin." Issa jekk hu iebes għall-bniedem li jkun jaf x'qed isir madwaru, kemm u kemm aktar hu iebes għalih li jkun jaf x'qiegħed isir fis-sema? Kif jista' qatt jasal għalhekk biex jagħraf x'irid Alla? Iżda mbagħad dan il-kittieb stess iwieġeb għal dawn il-mistoqsijiet tiegħu. Il-bniedem isir jaf x'irid minnu Alla, għax Alla stess jurih xi jrid minnu; dan jagħmlu għax jagħtih l-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema, għax jagħtih l-Ispirtu qaddis tiegħu ħa jgħallmu x'għandu jagħmel biex jogħġob lil Alla u hekk, bis-saħħa tal-għerf li jagħtih, jikseb is-salvazzjoni.

Ġesù wriena x'irid Alla minna

Dan l-għerf tal-ħwejjeġ ta' Alla li jgħinna nifhmu sewwa x'inhi r-rieda ta' Alla għalina, il-Mulej Ġesu' wassalhulna fil-milja kollha tiegħu u wriena t-triq li minnha rridu ngħaddu biex naslu għand il-Missier.

Mhux l-ewwel darba tul din is-sena l-Mulej Ġesu' wriena x'irid minna l-Missier biex niksbu l-ħajja ta' dejjem, u llum jerġa' jtennilna dak li qalilna drabi oħra, għaliex huwa biss jekk inħobbu 'l Alla fuq kollox u qabel kollox u nħobbu 'l-għajrna għal Alla, aħna nkunu nagħmlu dak li Alla jrid minna u hekk niksbu s-salvazzjoni.

In-nies bil-għaqal, igħidilna Ġesu', qabel jagħmlu xi ħaġa, jaħsbuha darbtejn qabel imiddu jdejhom għax-xogħol, u jħejju kollox, biex dak li jagħmlu jirnexxi. Dan ried ifisser Ġesu' bl-eżempju tar-raġel li ried jibni torri imma qabel beda jibni ried iqis sewwa n-nefqa kollha biex jara għandux biżżejjed flus ħa jtemm il-ħsieb tiegħu; u bl-eżempju ta' sultan li ried jagħmel gwerra lil sultan ieħor, u qabel jiddikjaraha, ried jara għandux suldati biżżejjed biex jirbaħ, inkella jfittex li jkun fil-paċi mas-sultan l-ieħor. Hekk għandna nkunu aħna: għaqlin f'dak li għandu x'jaqsam mas-salvazzjoni ta' dejjem tagħna; għadna nqisu sewwa dak kollu li jmissna nagħmlu għas-salvazzjoni tagħna tul ħajjitna kollha u mhux inħallu kollox għall-aħħar mument meta forsi mbagħad ma jkonna żmien ta' xejn biex naħsbu fis-salvazzjoni tagħna.

Għalhekk Ġesu' llum igħidilna: "Min ma jerfgħax salibu u jiġi warajja, ma jistax ikun dixxiplu tiegħi; min ma jiċħadx għal ġidu

kollu ma jistax ikun dixxiplu tiegħi; min ma jkunx jobgħod 'il missieru u 'l ommu ma jistax ikun dixxiplu tiegħi".

Inħobbu 'l Alla fuq kollox

Fi kliem ieħor Ġesu' jgħidilna li 'l Alla jridu nħobbuh fuq kollox u qabel kollox, irridu nħobbuh aktar mill-ġenituri tagħna, minn ħutna u minn uliedna; irridu nħobbuh aktar mill-ġid kollu ta' l-art, aktar mill-istess ħajja tagħna; għall-imħabba tiegħu għandna nkunu lesti naċċettaw tigrib, persekuzzjoni, tgħajjir, u kull xorta ta' deni. Għandna nħobbuhom il-ġenituri tagħna u 'l ħutna u 'l uliedna u 'l qrabatna kollha, anzi għandna nħobbu l-bnedmin kollha, ukoll lil dawk li jagħmlulna d-deni, imma nħobbuhom għal Alla, b'mod li meta jkunu ta' tfixkil għall-imħabba tagħna għal Alla, aħna nwarrbuhom minna. Dan huwa s-salib li rridu nerfgħu biex immorru wara Ġesu': huwa salib għaliex biex niċħdu r-rabtiet tad-demm u l-laħam, biex niċċaħdu mill-ġid ta' l-art, irridu nagħmlu sforz kbir fuqna nfusna, sforz li nistgħu dejjem nagħmluh bl-għajnuna ta' Alla, għax Alla jagħtina l-għerf u d-dehen kollu u l-qawwa tal-Ispirtu qaddis tiegħu biex dan nagħmluh.

L-eżempju ta' Filemon

Eżempju prattiku ta' kif negħilbu lilna nfusna biex nagħmlu dak li Alla jrid minna jagħtina San Pawl fit-tieni qari ta' llum. San Pawl kiteb lil wieħed ħabib tiegħu Filemon dwar ilsir tiegħu li kien seraqlu xi flus u ħarab minn għandu. Lil dan l-ilsir San Pawl laqgħu għandu, għamlu nisrani u baptizzatu lura għand sidu b'ittra f'idu, ittra li smajna fit-tieni qari ta' llum. Filemon seta' juri l-qilla kollu tiegħu u jikkastiga bl-aħrax l-ilsir li serqu u ħarab minn għandu; imma x'talbu San Pawl? Mhux biss li jinsa l-ħtija li saritlu, imma lil Onesimu — hekk kien jismu l-ilsir — jerġa' jilqgħu għandu mhux aktar bħala lsir, imma bħala ħuh fi Kristu. San Pawl talab lil Filemon jirbaħ lilu nnifsu u jagħmel mhux ir-rieda tiegħu, imma r-rieda ta' Alla, rieda li Alla kien qiegħed jurih permezz ta' San Pawl. Filemon għamel dak li ried minnu Alla u kien kapaċi jirbaħ lilu nnifsu, għax kien nisrani tajjeb — aħna kapaċi nagħmlu bħalu f'kull okkażjoni li jkollna biex nagħmlu dak li jrid Alla minna u nirbħu lilna nfusna u naħfru lil min hu ħati għalina?

TALBA TAL-FIDILI

Il-Mulej illum qiegħed jistedinna biex nagħmlu dejjem dak li jrid minna: nitolbuh igħinna biex nagħmlu dan, aħna u ntennu dak li l-Mulej stess għallimna ngħidu għas-salvazzjoni tagħna:

Ikun li trid int kif fis-sema hekkda fl-art.

Missier qaddis, ieqaf mal-Knisja tiegħek hija u tħabbrek biex tgħarraf lill-bnedmin kollha tad-dinja x'inhi r-rieda tiegħek ħalli:

ikun li trid int kif fis-sema hekkda fl-art.

Missier ħanin, agħmel li l-bnedmin kollha ta' rieda tajba jilqgħu l-kelma tiegħek li titħabbrilhom għas-salvazzjoni tagħhom, biex igħożżuha u jagħmlu dak li titlob minnhom, ħalli:
ikun li trid int kif fis-sema hekkda fl-art.

Missier it-tjieba, sejjaħ il-midinbin għall-indiema, agħti ssabar lill-morda, farraġ lil min hu mnikket biex kulħadd jagħmel ir-rieda tiegħek u dejjem u kullimkien, ħalli:
ikun li trid int kif fis-sema hekkda fl-art.

Missierna li inti fis-smewwiet wettaqna bil-grazzja tiegħek ħa nqaddsu ismek u nħabirku għas-saltna tiegħek biex:
ikun li trid int kif fis-sema hekkda fl-art.

Mulej, Missier qaddis, Alla ta' dejjem li tista' kollox, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid int kif fis-sema hekkda fl-art. Bi Kristu Sidna.

L-24 Ħadd tas-sena

MARIJA OMM IL-ĦNIENA U R-RIKONĊILJAZZJONI

Fl-okkażjoni tal-Kungress Marjoloġiku-Marjan li qiegħed isir f'pajjiżna, fil-knejjes kollha, illum għandha titqaddes il-Quddiesa votiva ta' Marija Omm il-Knisja (Sagramentarju Malti p. 951), bil-qari li hemm indikat fl-ORDNI GĦAĊ-ĊELEBRAZZJONI TAS-SENA MQADDSA tal-1975, p. 83-86.

Il-Kungress Marjan

F'dawn il-ġranet f'pajjiżna jinsabu miġburin għadd ta' għorrief minn ħafna pajjiżi li ġew hawn fostna biex ħejniethom jistudjaw il-ħwejjeġ kbar li s-Setgħani għamel ma' Marija, l-aktar matul dawn l-aħħar tliet mitt sena, li fihom il-poplu nisrani kollu, f'kull imkien, sejħilha hienja u lissen it-tifħir tal-glorji tagħha.

Magħhom se nissieħbu aħna lkoll, il-poplu kollu ta' Malta u Għawdex, biex ninsġu innu ta' tifħir lill-Verġni Marija, aħna u nitolbuha tidħol għalina u għad-dinja kollha biex minn kull imkien fid-dinja titwarrab il-mibgħeda, l-għira, l-ġlied, il-vjolenza u t-tixrid ta' fehmiet u ideoloġiji li jbaxxu d-dinjità tal-bniedem, u jsaltnu l-imħabba, l-għajnuna għal xulxin, ir-rispett għall-ħajja sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha fil-ġuf, u solidarjetà sħiħa ma' kull min qiegħed ibati u ġie mwarrab fil-ġenb. F'kelma waħda aħna qegħdin nitolbu lill-Madonna biex tidħol għalina ħalli fejn hemm il-mibgħeda tħeġġeġ l-imħabba, fejn hemm il-ħtija tinfirex il-maħfra, fejn hemm id-dlam jiddi d-dawl, biex dawk li huma egħdewwa ta' xulxin jerġgħu jinħabbu bejniethom, u dawk li kienu wieħed kontra l-ieħor jerġgħu jsiru ħbieb, ħalli l-mibgħeda tintrebaħ bl-imħabba u d-deni jintrebaħ bil-ġid.

Il-ministeru tar-rikonċiljazzjoni

Dan ġie jagħmel Ġesu' fid-dinja dsatax-il mitt sena ilu. Hu, il-Paċi tagħna, ġie biex iġarraf il-ħitan li jifirdu lill-bnedmin minn xulxin u jerġa' jħabbibhom ma' xulxin bħal aħwa. Għaddew dsatax-il mitt sena u għad hemm firdiet fost il-bnedmin, firdiet li forsi fi żminijietna kibru u xterdu dejjem aktar minkejja l-appelli għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni tal-Papiet tul dawn l-aħħar sittax-il sena; firdiet li kibru u ssaħħu għaliex id-dinja tilfet is-sens tad-dnub għax tilfet is-sens ta' Alla, u l-bnedmin qed igħixu qisu ma hemmx Alla.

Hu għalhekk il-Papa x-xahar id-dieħel sejjaħ lill-isqfijiet tas-Sinodu biex flimkien magħhom jara kif il-Knisja tista' twassal fid-dinja ta' llum l-ispirtu tar-rikonċiljazzjoni bejn il-bnedmin u tal-penitenza għal ħtijiet. Hu għalhekk li l-Papa nieda Sena Mqaddsa straordinarja biex niċċelebraw l-1950 anniversarju tal-Fidwa li kisbilna l-Mulej, meta fuq is-salib ħabbeb mill-ġdid il-bnedmin bejniethom u ma' Alla.

U l-Papa f'din is-sena tal-Ġublew jistedinna biex inħarsu lejn "Marija, l-ewwel waħda fost il-mifdijin", li tat sehemha fl-opra tal-fidwa b'mod speċjali bl-obbedjenza tagħha, bil-fidi u l-imħabba mħeġġa tagħha, biex il-bnedmin jiġġeddu fil-ħajja tar-ruħ, għalhekk, bħala Omm il-bnedmin kollha, b'imħabba liema bħalha, tkompli tieħu ħsiebna fil-mixi tagħna qalb tant tigrib u perikoli sa ma naslu fis-sema pajjiżna.

Marija tgħinna nibnu l-Knisja

Fuq is-Salib, huwa u jtemm il-fidwa tagħna u jħabbeb mill-ġdid id-dinja ma' Alla, Ġesù tana lil Marija biex tkun Ommna u hi bil-qalb aċċettat li tkun Ommna, omm dawk kollha li jimxu wara Ġesu', omm id-dixxipli tiegħu kollha. U mill-bidu stess tal-Knisja, nhar l-ewwel Għid il-Ħamsin, kienet mad-dixxipli taqdi d-dmir tagħha biex tagħmilhom qalb waħda u ruħ waħda bejniethom u ssaħħaħhom fit-tama biex jilqgħu l-qawwa li sawbet fuqhom mill-għoli, l-Ispirtu tal-Mulej, li jagħti l-ħajja u jwettaq il-Knisja ta' Kristu. Hekk Marija hi, wisq aktar minn Eva, omm il-ħajjin kollha, omm dawk li ħadu ħajja ġdida fi Kristu.

Hi, bħala Omm kollha mħabba għalina, tieqaf magħna ħa nibnu fid-dinja l-Knisja ta' Kristu u nwasslu s-sliem u l-paċi tiegħu sa truf l-art kollha.

Bl-għajnuna ta' Marija nibnu l-Knisja jekk ngħixu l-weġħdiet li għamilna fil-Magħmudija tagħna, niċħdu d-dnub u l-qerq tal-ħażen, u ngħixu fl-imħabba ta' xulxin.

Nibnu l-Knisja ma' Marija, jekk djarna jkunu bħad-dar ta' Marija f'Nazaret, fejn kienet tgħammar ma' Binha Ġesu' u ma' San Ġużepp l-għaruś safi tagħha: jekk djarna jkunu jixbħu dar Marija f'Nazaret fihom tkun issaltan l-imħabba, l-għaqda tal-qlub, it-talb flimkien, ir-rispett għall-ħajja sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha u r-rispett għall-qdusija taż-żwieġ.

Nibnu l-Knisja ma' Marija jekk qalbna miftuħa għall-ħtiġijiet tal-foqra, tal-imwarrbin, tal-imsejknin u tal-abbandunati; jekk in-

ħabirku biex intejbu jew inbiddlu kull ma qiegħed ifixkel jew joħnoq l-isvilupp sħiħ ta' kull bniedem; jekk bil-ħeġġa kollha tagħna u b'safa ta' qalb nfittxu li naqdu lill-oħrajn u nkunu ħmira fis-soċjetà ħa titjieb u tiġġedded.

Nibnu l-Knisja ma' Marija jekk bl-imġiba kollha tagħna bħala nsara f'kull ħin u f'kull imkien, nuru li l-Knisja li tagħha aħna membri ħajjin, hi tassew sagrament, jiġifieri sinjal u strument tar-rabta sħiħa tal-bnedmin ma' Alla u ta' għaqda sħiħa tal-bnedmin kollha bejniethom.

Jalla dawn il-ġranet tal-Kungress li fihom se nagħtu ġieħ, glorja u tifħir lill-Mulej Alla tagħna għall-ħwejjeġ kbar li għamel f'Marija, ikunu għalina ta' ġid u ta' barka, biex iġeddu fil-fehmiet kollha tagħna, nissaħħu fil-fidi, nitqawwew fit-tama, u nitħeġġu fl-imħabba vera ħa nkunu nistgħu nħarsu bil-kuraġġ kollu lejn il-ġejjieni qrib meta fuq xefaq id-dinja tfeġġ it-tielet elf sena wara Kristu.

TALBA TAL-FIDILI

Nifirħu Ilum fil-Mulej aħna u nagħtu ġieħ lill-Verġni Marija, Omm il-ħniena u r-rikonċiljazzjoni, waqt li nitolbuha tidħol għalina u taqla' għalina u għad-dinja kollha mingħand Binha Ġesù l-għaqda u s-sliem li tant nixtiequ. Ngħidu għalhekk:

Tidħol għalina quddiemek, Marija, l-Omm qaddisa tiegħek.

Salvatur tad-dinja, int fuq is-Salib tajtna lil Ommok Marija biex tkun Ommna u tieħu ħsieb il-Knisja tiegħek fil-mixi tagħha f din id-dinja: għat-talba tagħha ta' Omm agħti s-sliem lill-Knisja tiegħek, wettaqha, ħarisha u mexxiha mad-dinja kollha:

Tidħol għalina quddiemek, Marija, l-Omm qaddisa tiegħek.

Iben Alla l-ħaj, int ġejt fid-dinja biex iġġarraf il-ħitan li jifirdu l-bnedmin minn xulxin ħa tħabbibhom bejniethom u ma' Alla, qanqal qlub il-bnedmin kollha biex dawk li kienu egħdewwa ta' xulxin, jinħabbu bejniethom, u dawk li huma miġġieldin jerġgħu jsiru ħbieb ta' xulxin, biex id-deni jintrebaħ bil-ġid:

Tidħol għalina quddiemek, Marija, l-Omm qaddisa tiegħek.

Feddej tad-dinja, int ridt li Ommok Marija tieqaf mal-Knisja fil-bidu tagħha u twettaq l-Appostli fit-tama waqt li kienu jistennew il-miġja ta' l-Ispirtu qaddis tiegħek: kun magħna fil-mixi tagħna lejn is-sema u wettaqna bil-qawwa ta' l-Ispirtu qaddis tiegħek ħa nirbħu kull ma jfixkilna fil-mixi tagħna lejk:

Tidħol għalina quddiemek, Marija, l-Omm qaddisa tiegħek.

Tabib ta' ruħna, int ġejt fid-dinja biex tfejjaqna mill-mard kollu tagħna, bit-talb ta' ommok Marija farrag lill-imnikktin, fejjaq lill-morda, agħti l-maħfra lill-midinbin, ħu ħsieb il-foqra u l-imwarrbin u l-abbandunati, u agħti l-mistrieħ ta' dejjem lil ħutna l-mejtin.

Tidħol għalina quddiemek, Marija, l-Omm qaddisa tiegħek.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, ħares b'ħarsa ta' tjieba u ħniena lejn dan il-poplu tiegħek li jinsab miġbur hawn illum: hu dejjem kellu tama kbira fil-ħarsien ta' Ommok Marija, ħarsien li qatt ma naqaslu fil-ġrajja mqallba tiegħu tul iż-żminijiet; għattalb tagħha ta' Omm agħmel li dan il-poplu jibqa jgħożż il-wirt għażiż tal-fidi nisranija biex din l-art ħelwa li tatna isimha qatt ma tiċħad is-sejħa tagħha ta' pajjiż nisrani. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

Il-25 Ħadd tas-sena

L-UŻU TAL-ĠID TAD-DINJA

Kliem li jħawwadna

Il-parabbola li semmagħlna Ġesu' llum fl-Evanġelju u l-kliem li qalilna wara, jistgħu jħawduna xi ftit, għax ma nifhmux ma' l-ewwel x'irid igħidilna.

Fil-parabbola s-sid li ġie misruq mill-amministratur diżonest tiegħu ifaħħar lil dan l-amministratur għax ħadem b'rasu meta sab ruħu mkeċċi mill-post; imbagħad Ġesu' jitkellem ukoll dwar nuqqas ta' fedeltà fi qligħ diżonest: "Jekk ma wrejtux ruħkom fidili fi qligħ diżonest, min se jafdalkom il-ġid veru?".

Iżda la dan il-kliem ta' Ġesu' u l-anqas il-parabbola ma għandhom iħawduna, jekk noqogħdu attenti għal dak li jrid igħidilna Ġesu'.

X'irid igħidilna Ġesù

Il-parabbola Ġesu' qalhilna biex iqanqalna ħa nagħmlu dak li hu tajjeb quddiemu; dan jagħmlu billi jgħidilna: "Ħarsu ħarsa madwarkom; araw kif iġibu ruħhom il-ħżiena, kif iġibu ruħhom dawk li huma mexjin fid-dlamijiet tad-dnub; araw b'liema għaqal u b'liema attenzjoni jfasslu l-ħsibijiet tagħhom biex jagħmlu l-ħażen, biex jisirqu, biex jistagħnu bil-qerq, biex iqarrqu b'min hu onest. Ma jagħmlu xejn addoċċ; jagħmlu kollox bil-ħsieb; għalhekk jirnexxu fil-ħażen li jagħmlu. U issa, ħarsu ħarsa oħra madwarkom, u araw kif iġibu ruħhom dawk li jridu jagħmlu t-tajjeb: kemm għaqal juru biex jagħmlu t-tajjeb? jippruvaw jiftiehmu bejniethom biex jirnexxu f'dak li jagħmlu jew kull wieħed irid jaħdem għal rasu biex jidher hu? Għaliex kemm-il darba l-egħmil tat-tajbin ma jirnexxix u ħafna jaqtgħu qalbhom, waqt il-ħżiena dejjem tiġihom tajba?"

U Ġesu' stess iweġibna u jgħidilna li l-ħżiena jirnexxu fil-ħażen tagħhom u t-tajbin ma jirnexxux jagħmlu t-tajjeb, għaliex il-ħżiena juru wisq aktar għaqal biex jagħmlu l-ħażen, milli t-tajbin biex jagħmlu t-tajjeb.

X'għandna nagħmlu aħna

U allura, nistaqsu aħna, x'għandna nagħmlu biex ikollna għat-tajjeb, l-istess għaqal li għandhom il-ħżiena fil-ħażen tagħhom?

Jerġa' Ġesu' u jgħidilna: "Agħmlu għalikom infuskom ħbieb bissaħħa tal-qligħ dižonest, ħalli meta jonqoskom jilqgħukom fl-egħrejjex ta' dejjem. Għaliex jekk ma wrejtux ruħkom fidili fil-qligħ dižonest min se jafdalkom il-ġid veru?" Dan il-kliem ta' Ġesu' nifhmuh aħjar jekk nagħtu każ tal-aħħar kelmiet li qalilna illum fl-Evanġelju: "Ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus f'ħin wieħed". Dawn l-aħħar kelmiet ifissrulna sewwa x'irid igħidilna l-Mulej illum. Il-"qligħ dižonest" huwa l-flus, mhux għax il-flus fihom infushom huma ħaġa ħażina, imma għaliex minħabba l-flus, ħafna nies huma dižonesti, jagħmlu dak li hu ħażin, jisirqu, jqarrqu, joqtlu wkoll.

Għalhekk meta Ġesu' jgħidilna: "Agħmlu għalikom ħbieb bissaħħa tal-qligħ dižonest", hu jrid jgħidilna biex nużaw tajjeb flusna, jiġifieri nużaw il-flus li għandna biex bihom ngħinu lil ħaddieħor, biex ma nkunux bħal-Lhud li fuqhom jitkellem il-profeta Għamos fl-ewwel qari ta' llum, li ħalli jistagħnu dejjem aktar, kienu jqarrqu fl-użin, jaħqru u jisirqu l-foqra. "Jekk aħna," igħidilna Ġesu', "ma aħniex kapaċi nużaw tajjeb il-ġid ta' l-art li fdalna f'idejna l-Mulej f'din id-dinja, kif jista' jkun li Alla jagħtina l-ġid li jibqa' għal dejjem?" F'kelma waħda Ġesu' jrid igħidilna li għandna nużaw tajjeb il-ġid tad-dinja li għandna u ma norbtux qalbna miegħu u nagħmluh alla tagħna; ma ngħandniex inkunu bħall-amministratur dižonest tal-parabbola li qarraq b'sidu.

Aħna amministraturi tal-ġid ta' l-art

Aħna lkoll amministraturi tal-ġid tad-dinja: Alla fdalh f'idejna biex nagħmlu użu tajjeb minnu, u jekk nonqsu insibu ruħna mkeċċijin 'il barra mill-egħrejjex ta' dejjem, mis-sema, għaliex lil Alla nkunu warrabnih fil-ġemb u f'loku għamilna l-flus alla tagħna. "Ma tistgħux taqdu żewġ sidien," igħidilna Ġesu': jekk norbtu qalbna malflus, insiru nobgħodu lil Alla, għax għall-flus nagħmlu kull ma hu ħażin quddiem Alla: iżda jekk tassew inħobbu 'l Alla, il-flus nistmelluhom, jiġifieri nqisuhom biss bħala mezz li tana Alla ħa nagħmlu l-ġid lil min hu fil-bżonn.

Dawn it-twissijiet ta' Ġesu', jekk kellhom xi qawwa fi żmienu, meta qalhom għall-ewwel darba, illum għandhom qawwa wisq akbar, għaliex illum ir-regħba għall-flus u għall-ġid ta' l-art qed taħkem fi-kotra l-kbira tal-bnedmin, fostna wkoll. Kemm fostna l-ewwel ħsieb tagħhom m'huwiex Alla, imma l-flus, il-kumditajiet tal-ħajja, ix-xalar u d-divertimenti? kemm fostna lesti jiksru l-liġijiet u l-kmandamenti kollha ta' Alla basta jkollhom flus bir-radam? Għalhekk kiber ħafna fostna s-serq.

Nitolbu għal kulħadd

Quddiem qagħda bħal din, x'nistgħu nagħmlu aħna? Igħidulna San Pawl fit-tieni qari ta' llum: nitolbu fuq li nitolbu għall-bnedmin kollha, u b'mod speċjali għal dawk li għandhom xi setgħa fil-pajjiż biex ikollhom l-għajnuna kollha li jeħtieġu mingħand Alla ħa jaqdu dmirijiethom sewwa u jħabirku għas-sliem u l-paċi bejn kulħadd, billi kulħadd jaqdi dmirijietu skond il-ħaqq u s-sewwa u kulħadd ikollu mħarsa d-drittijiet tiegħu bħala bniedem u ma jiġix imċaħħad minn kull ma jeħtieġ biex tkunlu mħarsa d-dinjità tiegħu ta' bniedem li hu.

Dan li jrid Alla; għalhekk ġie Ġesu' fid-dinja u ta ħajtu għalina, għas-salvazzjoni tagħna; għalhekk aħna msejħin bħala nsara. Hu dmirna bħala nsara nagħtu eżempju tajjeb ta' ħajja nisranija billi nużaw tajjeb il-ġid li għandna, naħsbu f'min hu fil-bżonn, inkunu safja u bla tebgħa fl-imġiba kollha tagħna, u nevitaw il-ġlied u l-għadab u kull egħmil ieħor li jiġi mir-rebgħa tal-bniedem għall-ġid ta' l-art.

TALBA TAL-FIDILI

Nilqgħu llum l-istedina li qiegħed jagħmlilna l-Mulej Ġesù biex ma norbtux qalbna mal-ġid tad-dinja, imma nużaw dak li għandna biex ngħinu lil min hu fil-bżonn; nitolbuh igħinna nagħmlu dejjem dak li jrid minna.

Kun dejjem mal-poplu li int ksibt għalik biex jagħraf jagħmel użu tajjeb mill-ġid ta' l-art ħalli ma jitlifx il-ġid li jibqa' għal dejjem.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma tas-setgħanin ta' l-art biex il-ġid li għandhom f'idejhom jużawh mhux biex ikabbru l-ħażna tagħhom talarmi qerrieda tal-gwerra, imma biex jużawh ħa jġibu 'l quddiem is-saħħa u l-edukazzjoni tal-ġnus li fuqhom jaħkmu.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Qanqal qlub l-għonja tad-dinja biex ma jagħmlux il-flus u l-ġid ta' l-art l-allat tagħhom, imma jużawhom għall-progress talbnedmin.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Għallimna ngħinu lil min hu fil-bżonn mhux biss miż-żejjed li għandna, imma wkoll minn dak li b'xi mod neħtieġu għall-ħajja tagħna ta' kuljum.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj: int stedintna llum nagħmlu użu tajjeb mill-ġid ta' l-art billi ngħinu lil min hu fil-bżonn, ħalli jkollna min jidħol għalina quddiemek meta tiġi biex tagħmel ħaqq mid-dinja; għinna nifhmu li kull meta ngħinu lil xi ħadd minn ħutna fil-bżonn, inkunu ngħinu lilek stess. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta dejjem.

Is-26 Ħadd tas-sena

INĦARSU L-KMANDAMENTI

Il-parabbola ta' l-għani u ta' Lazzru

Il-Ħadd li għadda al-Mulej Ġesù stedinna nagħmlu użu tajjeb mill-ġid tad-dinja, biex meta jasal il-waqt inkunu nistgħu niksbu l-ġid li jibqa' għal dejjem. Illum ikompli jkellimna fuq din il-ħaġa u, permezz tal-parabbola ta' l-għani u ta' Lazzru, jurina b'liema mod għandna nużaw dan il-ġid ta' l-art ħa jkun jiswielna għall-ħajja ta' dejjem.

L-imġiba ta' l-għani tal-parabbola li kien jilbes il-porpra u għażel mill-ifjen u li l-hena tiegħu kienet ta' kuljum jagħmel ikla mill-aħjar, hija l-istess imġiba tal-Lhud li fuqhom jitkellem b'mod tassew iebes il-profeta Għamos fl-ewwel qari ta' llum: moħħhom biss li jixxalaw u jiddevertu, jieklu tajjeb u jgawdu, mingħajr ma jqisu xejn dak li qed jistennihom.

Il-profeta Għamos kien qed jitkellem fi żmien meta Israel kien mhedded mill-ġnus ta' madwar, imma l-għonja u s-setgħanin tal-pajjiż ma kienux qed jintebħu fuq il-ħerba li kienet ġejja fuqhom, tant kienu moħħhom biss fix-xalar u d-divertimenti! U meta pajjiżhom sar ħerba, l-ewwel li ttieħdu lsiera bogħod minn pajjiżhom kienu l-għonja u s-setgħanin tal-pajjiż.

Hekk ukoll l-għani tal-parabbola li medhi kif kien bl-ikliet kbar li kien jagħmel kuljum, ma kienx jimpurtah xejn mill-fqajjar Lazzru li kien jittallab il-karità fil-bieb ta' daru. U wasal għall-għani l-waqt li jħalli ġidu kollu, u għax ma għarafx jużah tajjeb tilef il-ġid li jibqa għal dejjem u sab ruħu fl-infern, waqt li Lazzru kiseb fil-ġenna, l-premju tat-tbatijiet kollha li bata meta kien fid-dinja.

U Ġesù fil-parabbola jgħidilna li l-għani fl-infern, meta ra lil Lazzru fit-tgawdija, talbu jinżel itaffilu ftit il-ħruq li kien qed iġarrab, u meta sar jaf li dan ma setax ikun, talab almenu li xi ħadd missema jmur iwissi lil ħutu biex ibiddlu ħajjithom. Imma t-tweġiba li kellu l-għani kienet li dan ma jistax ikun: ħut l-għani kellhom il-kmandamenti: jekk iħarsuhom ma jintilfux fin-nar ta' dejjem, u jekk ma jridux iħarsuhom lanqas anġlu mis-sema se jasal biex iġagħlhom ibiddlu fehmiethom.

X'igħidulna l-Kmandamenti

U dan hu li Ġesù jrid igħidilna llum. Għandna l-kmandamenti u l-kmandamenti Alla tahomlna biex jurina kif nużaw il-ġid ta' l-art b'mod li ma nitilfux il-ġid li jibqa' għal dejjem. Għaliex x'igħidulna l-kmandamenti? Weġġah 'il missierek u 'l ommok. La tisraqx, la toqtolx. La tiżnix. Tgħidx ħaġa b'oħra.

Issa min hu qalbu marbuta mal-ġid ta' l-art bħalma kien l-għani tal-parabbola tal-lum, kapaċi jagħmel kollox biex ikollu ġid bir-radam ħalli jixxala u jiddeverti u jiekol u jgawdi mingħajr ma jimpurtah minn ħadd ħlief minnu nnifsu: kapaċi jisraq, jinfama n-nies, iqarraq bihom, jonqos mir-rispett u l-imħabba lejn l-eġħżież tiegħu, jasal ukoll biex joqtol. Għalhekk jekk wieħed iħares il-kmandamenti ta' Alla, dan kollu mhux se jagħmlu, u ma jagħmlux għax qalbu mhux marbuta mal-ġid ta' l-art, ma għamilx il-flus l-alla tiegħu. Ħares il-liġi ta' Alla.

U għal dan theġġiġna l-Knisja llum fit-tieni qari tal-Quddiesa: inħarsu l-liġi ta' Alla sa l-iċken tikka tul ħajjitna kollha sal-mument li fih jiġi l-Mulej biex isejħilna ħa nagħtu kont ta' eġħmilna fid-dinja.

Kif inħarsuhom

X'għandna nagħmlu mela, jekk irridu nkunu nies ta' Alla, membri tal-familja tiegħu? Igħidilna San Pawl: Fittxu li jkollkom il-ġustizzja, it-tjieba, l-imħabba, is-sabar, il-ħlewwa; ħarsu l-liġi kollha ta' Alla bla tebgħa u bla ħtija sa ma jiġi Ġesù Kristu, b'setgħa u glorja kbira biex jagħmel ħaqq mad-dinja. Jekk aħna ngħixu skond dawn it-twissijiet ta' Missierna San Pawl inkunu qegħdin ngħixu skond ma nemmnu, inkunu qegħdin niġġieldu l-ġlieda tal-fidi tagħna, billi nkunu nagħtu xhieda quddiem id-dinja li aħna nemmnu mhux bil-kliem biss, imma li l-fidi tagħna qegħdin nuruha fl-imġiba kollha ta' ħajjitna.

Veru li mhux dejjem naslu biex nagħmlu dan, għaliex kulħadd iħobb ix-xalar u d-divertimenti, u li jiekol tajjeb u jgawdi; ħadd ma jrid ibati l-ġuħ u jgħix fil-miżerja. Imma jekk m'huwiex sewwa li hawn min fid-dinja qed ibati l-ġuħ u qed igħix fil-miżerja, lanqas hu sewwa li oħrajn jixxalaw u jiddevertu mingħajr ma jimpurtahom minn ħadd ieħor.

Alla jieħu ħsieb l-imsejken u l-fqajjar, imma jrid li nkunu aħna l-bnedmin ħutu li nerfgħuh mill-miżerja u l-faqar tiegħu, u jekk dan ma nagħmluhx meta l-Mulej jiġi biex jitlobna kont ta' eġħmilna jċanfarna ta' dan in-nuqqas tagħna, għax iqisu nuqqas magħmul lilu stess. Infittxu għalhekk nagħtu xhieda tajba tal-fidi tagħna, imqanqlin mill-eżempju ta' Ġesù stess li ta xhieda sabiħa quddiem Pilatu meta qal lil Pilatu li ġie fid-dinja biex jagħti xhieda tal-verità ta' Alla. Ma nagħmlux ix-xalar u d-divertimenti u l-ħajja komda l-għan ewlieni ta' ħajjitna fid-dinja, imma bħala għan ewlieni nfittxu li ngħixu fl-imħabba ta' xulxin billi nħarsu l-kmandament ta' l-imħabba, li huwa l-ewwel u l-aqwa kmandament tal-liġi ta' Alla u li min iħarsu jikseb il-ħajja ta' dejjem.

TALBA TAL-FIDILI

Il-preċetti tal-Mulej ta' min joqgħod fuqhom, qaltilna l-Knisja Ilum, u huma mwettqin għal dejjem ta' dejjem. Nitolbu għalhekk 'l Alla grazzja li nħarsuhom sewwa tul ħajjitna kollha.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek hija u tgħallimna l-kmandamenti u l-preċetti tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħmel li l-bnedmin kollha jagħtu widen għal-leħen talkuxjenza tagħhom li bla heda tħabbrilhom dak li hu tajjeb quddiemek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Erfa' mill-miżerja li fiha jinsabu l-kotra tal-bnedmin li fiddinja ta' Ilum qed igħixu f'miżerja kbira, u qanqal qlub il-għonja u s-setgħanin ta' l-art biex igħinuhom fil-ħtiġijiet tagħhom.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Qanqal qlubna biex quddiem il-miżerji li fihom jinsabu l-ġnus tat-tielet dinja, aħna nagħtu s-sehem tagħna biex ngħinu kif nistgħu 'l ħutna fil-bżonn.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla li tista' kollox, ara kemm eluf ta' eluf ta' bnedmin fid-dinja ta' Ilum huma bħall-fqajjar Lazzru li fuqu kellimtna fl-Evanġelju ta Ilum; qanqal qlub dawk il-ftit li għandhom f'idejhom il-ġid kollu tad-dinja biex ikun imqassam aħjar u kulħadd ikollu biex igħix ħajja xierqa bħala bniedem. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

Is-27 Ħadd tas-sena

IL-ĦTIEĠA TAL-FIDI

Il-fidi ta' min jemmen

"Kattar fina l-fidi", hekk talbu l-Appostli lil Ġesù, u hekk qegħdin nagħmlu llum aħna, wara li smajna lil Ġesù jgħidilna li jekk ikollna mqar fidi daqs żerriegħa ta' mustarda, nistgħu ngħidu lil din is-siġra tinqala' minn postha u titħawwel fil-baħar. Ġesù, b'dan il-kliem, ried igħidilna li jekk għandna l-fidi, żgħira kemm hi żgħira, nistgħu nagħmlu ħwejjeġ ta' l-għaġeb. U dan li qiegħed igħidilna Ġesù, jwettaqulna l-profeta Ħabaqquq fl-ewwel qari ta' llum.

Ħabaqquq kien igħix fi żmien li fuq Israel kien waqa' tiġrib kbir u kulħadd kien qisu qata' jiesu li xi darba se jeħilsu minn dak it-tiġrib kollu, mill-ħażen, u l-ġlied, u t-tilwim, u l-qerda li kienu dejjem aktar jiżdiedu hekk li kulħadd kien tilef it-tama ta' żminijiet aħjar. Kulħadd, iżda mhux Ħabaqquq, għaliex imnebbaħ minn Alla, mar ixandar lill-poplu li meta jasal il-waqt għad isseħħ id-dehra ta' żminijiet aħjar; forsi dawn iż-żminijiet idumu ma jaslu imma għad jaslu żgur, għaliex Alla qatt ma se jasal biex jinsa l-poplu tiegħu, il-poplu li hu kiseb għalih.

Kbir kemm hu kbir it-tiġrib, jekk aħna nafdaw f'Alla, nibqgħu nittamaw, għaliex aħna żguri li Alla jieħu ħsiebna, u mhux sejjer iħallina nkunu mġarrbin aktar milli nifilħu. Dan ifisser kliem il-profeta: "il-bniedem ġust igħix, għall-fedeltà li għandu." Min hu ġust, min jimxi sewwa quddiem Alla, u jaqdi dmirijietu mill-aħjar li jista' bħala qaddej fidil u għaqli tal-Mulej, min jafda ruħu f'idejn Alla, ma jaqtax qalbu, ma jħallix it-tiġrib u n-niket tal-ħajja, l-hemm u t-tilwim iġiblu fix-xejn ħajtu fid-dinja; dan għaliex hu mwieżen mill-fidi tiegħu f'Alla, għaliex għandu fiduċja kbira fl-għajnuna ta' Alla, u jemmen li Alla jista' kollox, saħansitra jagħti l-ħajja fejn tkun daħlet il-mewt.

Ħtieġa ta' fidi qawwija llum

Il-ħajja tagħna fid-dinja ta' llum titlob fidi kbira minna lkoll. Madwarna ma narawx ħlief inkwiet u ġlied, tilwim u piki; id-dinja m'hemmx li ssib il-paċi li tant tixtieq u, jekk mn-naħa jsir ħafna diskors ta' paċi u għaqda bejn il-ġnus, min-naħa l-oħra ma tismax ħlief bi gwerer u theddid ta' gwerer; u jekk min-naħa f'xi pajjiżi ħafna qed igħixu fil-hena u l-ġid, min-naħa l-oħra f'ħafna pajjiżi l-kotra l-kbira tan-nies qed tgħix bil-ġuħ u fil-miżerja. L-ewwel qari tal-profeta Ħabaqquq li għadna kemm smajna, igħodd ħafna għalina llum, għaliex minn fomm qtajjiet kbar ta' bnedmin fid-dinja qed titla' l-għajta: "Mulej kemm se ndum nokrob għall-għajnuna u ma tismax!" Iżda Alla, b'fomm il-Knisja tiegħu, iwieġeb li ma għandniex għax naqtgħu qalbna, għax aħna lkoll fi ħsiebu.

Alla jaħseb f'kulħadd, imma jrid ukoll li kull wieħed minna jagħmel sehmu biex igħin lil min hu fil-bżonn, u jqawwi l-fidi ta' min hu qalbu maqtugħa.

Kull nhar ta' Ħadd aħna ningabru hawn, f'dar Missierna tassema, biex inroddu ħajr lil Alla għall-ġid kollu li jagħmel magħna u nitolbuh l-għajnuna f'waqtha għall-ħtiġijiet kollha tagħna. Kieku aħna ma nemmnux f'Alla, kieku ma ġejniex hawn illum, għalkemm jista' jkun hawn xi wħud fostna li ġew għal wiċċ in-nies jew għax imġagħlin; imma hu x'inhu, la qegħdin hawn għandhom almenu tikka ta' fidi — fidi daqs żerriegħa ta' mustarda, igħid Ġesù. Ilkoll kemm aħna li ninsabu miġburin hawn, ftit tal-fidi għandna, imma hi fidi dgħajfa ħafna u quddiem it-tiġrib li naraw madwarna, jekk ma noqogħdux attenti, nistgħu mmewtuha fina. Għalhekk il-ħtieġa li, bħall-Appostli, lill-Mulej Ġesù ngħidulu llum: "Kattar fina l-fidi".

U l-Mulej Ġesù jweġibna bi kliem l-Appostlu Missierna u jħeġġiġna biex inkattru fina d-don ta' Alla li rċevejna fil-Magħmudija tagħna: il-fidi fih. Meta tgħammidna, Alla sawwab fina l-Ispirtu qaddis tiegħu, li huwa Spirtu ta' qawwa, ta' mħabba u ta' raġan. Imwettqin mill-Ispirtu ta' Alla aħna kapaċi negħelbu t-tiġrib kollu talħajja tagħna ta' kull jum fid-dinja ta' llum, kapaċi nrażżnu kull ġibda għall-ħażen, kapaċi nirbħu 'l kulħadd bl-imħabba. Bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, li jgħammar fina, aħna ngħixu ħajja ta' fidi u ta' mħabba: aħna nies ġusti quddiem Alla.

Jiġri x'jiġri madwarna, kbir kemm hu kbir it-tilwim u l-qtigħ il-qalb, aħna nibqgħu sħaħ fil-fidi f'Alla, u nibqgħu nittamaw ukoll meta ma jkunx hemm ebda tama; u għaliex nafu u nemmnu li l-Mulej Ġesù mhuwiex se jħallina qatt waħedna: "Ara, jiena magħkom sal-aħħar taż-żmien", qal Ġesù lid-dixxipli tiegħu, "Tibżgħux u titħawdux .... in-niket tagħkom ta' issa u t-tiġrib, għad jinbidel f'ferħ kbir, ferħ u hena li ħadd qatt ma jkun jista' jeħodulkom". Qawwijin bil-fidi f'dan il-kliem ta' Ġesù, għaliex nafu li fidil hu l-Mulej f'kull kelma tiegħu u twajjeb fl-egħmil kollu li jagħmel, naqduh bil-fedeltà kollha u l-imħabba kollha tagħna.

TALBA TAL-FIDILI

Quddiem it-tiġrib kollu li hawn fid-dinja llum, qalbna qawwija fl-għajnuna ta' Alla, bil-ħeġġa kollha ta' qalbna nitolbu 'l Alla u ngħidulu:

Mulej, kattar fina l-fidi.

Quddiem it-tiġrib kollu li minnu tinsab għaddejja l-Knisja tiegħek illum, minħabba l-ħażen li dejjem aktar qiegħed jinxtered fid-dinja, tħalliniex naqtgħu qalbna, imma:

Mulej, kattar fina l-fidi.

Quddiem l-imġiba ta' tant nies li moħħhom biss biex jistagħnu huma u ma jimpurtahomx mill-eluf ta' eluf li qegħdin jgħixu fil-ġuħ u l-miżerja, tħalliniex naqtgħu qalbna, imma:

Mulej, kattar fina l-fidi.

Quddiem l-imġiba ta' ħafna minn ħutna li bl-imġiba tagħhom qegħdin juru ruħhom egħdewwa tas-salib ta' Kristu u qegħdin iħabirku biex iġibu 'l quddiem dak li hu kontra l-liġi qaddisa tiegħek, tħalliniex naqtgħu qalbna, imma:

Mulej, kattar fina l-fidi.

Quddiem in-nuqqas ta' ħila tagħna biex inrażżnu l-ġibdiet ħżiena, u nżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub u l-qerq tal-ħażen, tħalliniex naqtgħu qalbna, imma:

Mulej, kattar fina l-fidi.

Mulej Ġesù Kristu, int qawwejt qalb id-dixxipli tiegħek, meta talbuk tkattar fihom il-fidi: ilqa' t-talb li qegħdin nagħmlulek illum, żommna qawwijin fil-fidi, sħaħ fit-tama, billi tkebbisna bin-nar ta mħabbtek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

It-28 Ħadd tas-sena
ID-DMIR TAR-RADD IL-ĦAJR

Radd ta' ħajr minn min hu barrani

"Ħadd minnhom ma nstab rieġa' lura biex jagħti glorja 'l Alla ħlief dan il-barrani!" B'dan il-kliem Ġesù wera s-sogħba tiegħu għaliex wara li kien fejjaq għaxar imġiddmin fi triqtu lejn Ġerusalem, ħadd minnhom, ħlief wieħed Samaritan, ma reġa' lura jroddlu ħajr għall-fejqan li kiseb.

Dan il-kliem ta' Ġesù għandu jħassibna ħafna, jekk naħsbu sewwa fuqu. L-imġiddem li reġa' lura jrodd ħajr lil Alla ma kienx Lhudi, kien Samaritan, u għalhekk wieħed barrani, wieħed li ma kienx mill-poplu ta' Alla. Iżda għalkemm ma kienx mill-poplu ta' Alla, għalkemm kien barrani, kien il-wieħed waħdu li radd ħajr lil Alla. U Ġesù bagħtu u qallu: "Mur, il-fidi tiegħek fejqitek".

L-istess ħaġa nistgħu ngħidu dwar Nagħman, li fuqu smajna fl-ewwel qari ta' llum. Nagħman kien mis-Sirja, kien barrani, ma kienx jemmen f'Alla, imma mar għand il-profeta Eliżew jitolbu l-fejqan mill-marda tal-ġdiem. Eliżew ordnalu jmur jinħasel seba' darbiet fix-xmara Ġordan jekk ried ifiq; għall-ewwel Nagħman ħa għalih, għax ma stenniex dik it-tweġiba tal-profeta, iżda mbagħad, imħeġġeġ mill-qaddejja tiegħu stess, għamel dak li qallu l-profeta u fieq. Malli kiseb il-fejqan ħass ruħu fid-dmir li jerġa' lura jrodd ħajr lil Eliżew u joffrilu rigal, waqt li stqar il-fidi tiegħu fil-veru Alla: "Ara issa, naf," qal lil Eliżew, "li ma hemmx Alla ieħor fl-art kollha ħlief f'Israel .... Il-qaddej tiegħek mhux se jagħmel iżjed sagrifiċċji ta' ħruq u offerti lil allat oħra jekk mhux lill-Mulej".

Kemm Nagħman tas-Sirja u kemm is-Samaritan li Ġesù fejjaq mill-ġdiem tiegħu kienu barranin, u t-tnejn kisbu l-fejqan minħabba l-fidi tagħhom, fidi żgħira kemm jista' jkun, fidi "daqs żer-

riegħa tal-mustarda," kif smajna lil Ġesù jgħid il-Ħadd li għadda, imma fidi li kisbet il-fejqan għal dawn iż-żewġ barranin.

X'nitgħallmu aħna minn dawn il-barranin

Quddiem l-imġiba ta' dawn il-barranin, x'se ngħidu aħna? Huma kienu barranin, mhux membri tal-poplu ta' Alla; aħna membri tal-poplu l-ġid ta' Alla, nies tad-dar ta' Alla. L-imġiba tagħna ma' Alla tixbaħ lil dik ta' dawn iż-żewġ barranin? Għandna almenu l-fidi li kellhom huma? inroddu qatt ħajr lil Alla għall-ġid kollu li jagħmel magħna, jew aħna bħad-disa' l-imġiddmin l-oħra li lanqas ġiehom il-ħsieb jerġgħu lura u jroddu ħajr lil Alla bħalma għamel is-Samaritan? Jew aħna hekk neqsin mill-fidi li ma nintebħux li kull ma għandna, u kull ma aħna, u kull ma nagħmlu — ħlief il-ħażen tagħna — kollu ġej minn Alla, u aħna m'aħniex ħlief qaddejja li ma jiswew għalxejn, kif qalilna Ġesù l-Ħadd li għadda?

Għandux għalhekk iħassibna l-Evanġelju ta' llum? X'għandna mela nagħmlu?

Inroddu ħajr lil Alla bħala komunità u individwi

L-ewwelnett għandna niftakru li kull darba li aħna niehdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, aħna nkunu nissiehbu f'ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr lil Alla. Il-kelma stess *Ewkaristija* tfisser radd il-ħajr u kull Quddiesa hija sagrifiċċju ta' tifħir u radd il-ħajr lil Alla għaliex għoġbu jgħarraf is-salvazzjoni tiegħu u juri l-ġustizzja tiegħu lill-ġnus kollha hekk li t-truf kollha ta' l-art raw is-salvazzjoni tiegħu. Kull Quddiesa hija r-radd il-ħajr tal-poplu kollu ta' Alla, u aħna nissiehbu fil-Quddiesa bħala l-poplu ta' Alla, f'xirka waħda ta' mħabba bejnietna ilkoll li aħna mgħammdin.

Imma aħna fid-dmir li nroddu ħajr lil Alla mhux biss bħala l-poplu tiegħu, imma wkoll fid-dmir li nroddulu ħajr meta aħna waħedna, bejn l-erba' ħitan ta' kamartna ta' ġewwa nett. Inroddu ħajr lil Alla bħala l-poplu tiegħu bit-tishib tagħna fil-Quddiesa u fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi l-oħra; u nroddu ħajr lil Alla, kull wieħed għalih waħdu, meta mmorru f'xi post imwarrab biex fis-skiet niftħu qalbna ma' Alla u nuruh il-ħajr kollu tagħna għall-ġid kollu li jagħmel magħna. Immorru f'post imwarrab, jiġifieri għal ftit żmien ma naħsbu xejn fuq id-dinja madwarna u f'dak li qed isir u qed nagħmlu fiha, imma naħsbu biss u naraw x'inhi l-qagħda tagħna ma' Alla u kemm aħna fidili għal dik ix-xirka ta' mħabba li hija l-Knisja u li tagħha aħna membri.

F'dawn il-waqtiet ta' djalogu fis-skiet ma' Alla, waqtiet ta' skiet li jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira għalina biex is-sehem tagħna fir-radd ta' ħajr lil Alla waqt il-misteri qaddisa, ikun aktar ħaj u aħjar, x'għandna nagħmlu biex inroddu tassew ħajr lil Alla, għaliex hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu?

Kif inroddu ħajr

Nisimgħu x'qalilna San Pawl fit-tieni qari ta' llum: "Ftakar f'Ġesù Kristu: ftakar f'kull ma għamel għalik, ftakar f'dak li bata għas-salvazzjoni tiegħek: u roddlu ħajr. Ftakar li fil-Magħmudija

tiegħek int mitt għad-dnub, biex ma' Kristu tqum għall-ħajja ġdida; ftakar fil-kelma li tajtu li tiċħad id-dnub u d-dinja bil-frugħat u t-tlellix tagħha, u jekk sa llum bqajt fidil għal dawn il-wegħdiet tiegħek, ma kienx mertu tiegħek, imma stajt tibqa' fidil biss għaliex kellek l-għajnuna tal-grazzja tiegħu; ftakar li jekk xi darba ċħadtu u warrabtu fil-ġenb biex tfittex l-allat ta' żminijietna, hu ċaħdek għax tlift il-ħbiberija tiegħu, imma ma abbandunakx: ġera warajk biex ireġġgħek lura għandu u jħabbek mill-ġdid miegħu: kien hu, bil-grazzja tiegħu, li ġagħlek tintebaħ bid-dnub tiegħek u kien hu li ġagħlek tgħid lilek innifsek: 'Inqum u nerġa' lura għand il-Missier'" — ta' dan kollu rodd ħajr lil Alla fis-skiet ta' kamartek, biex imbagħad tissieħeb ma' ħutek kollha fi Kristu, ħalli tgħaqqad ir-radd ta' ħajr tiegħek ma' dak tal-Knisja kollha għall-kobor bla qjies tat-tjieba u l-ħniena ta' Alla.

TALBA TAL-FIDILI

Miġburin flimkien illum f'dar Missierna tas-sema, aħna u niftakru fit-tjieba u l-ħniena tiegħu magħna, inroddulu ħajr għall-ġid kollu li għamel magħna, aħna u ngħidulu:

Inroddulek ħajr, Mulej.

Inroddulek ħajr, Mulej, għaliex ridt twaqqaf il-Knisja tiegħek fid-dinja biex tkun sinjal imwaqqaf fuq il-ġnus ħalli taħtu jinġabru l-ulied kollha ta' Alla.

Inroddulek ħajr, Mulej.

Inroddulek ħajr, Mulej, għaliex, għoġbok tgħarraf is-salvazzjoni tiegħek lill-ġnus kollha u ssejjaħ lill-bnedmin kollha għall-għarfien sħiħ tal-verità tiegħek.

Inroddulek ħajr, Mulej.

Inroddulek ħajr, Mulej, għax fil-kobor bla qjies tal-ħniena tiegħek, int taħfrilna ħtijietna u ma timxix magħna skond ħżunitna.

Inroddulek ħajr, Mulej.

Inroddulek ħajr, Mulej, għaliex illum tajtna l-grazzja li nissieħbu fil-misteri qaddisa tiegħek u stedintna għall-mejda tiegħek biex tagħtina l-ħobż ħaj li niżel mis-sema ħa jkun għal ruħna rahan tal-ħajja ta' dejjem.

Inroddulek ħajr, Mulej.

Mulej Alla li tista' kollox, inroddulek ħajr illum għall-ġid kollu li tagħmel magħna; jekk xi darba aħna nonqsu minn dan id-dmir tagħna li nroddulek ħajr għall-kobor tat-tjieba tiegħek magħna, agħdirna għaliex aħna bnedmin dgħajfa u għalhekk qawwina bil-grazzja tiegħek u għidilna xi trid minna. Bi Kristu Sidna.

Id-29 Hadd tas-sena

IL-QAWWA TAT-TALB

Nitgħallmu bil-parabboli

Il-Mulej Ġesù kien ikellem lin-nies bil-parabboli biex igħinhom jifhmu aħjar dak li ried igħidilhom. Il-bniedem, medhi kif inhu bil-ħwejjeġ tad-dinja, ma jasalx biex jifhem malajr il-ħwejjeġ ta' Alla; irid min igħinu ħalli mill-ħwejjeġ ta' dina l-art, minn dak li jara u jisma' ma' dwaru, ikun jista' jasal biex jifhem ħwejjeġ tas-sema. Dan jagħmel Ġesù permezz tal-parabboli, u dan qiegħed jagħmel magħna llum.

Ġesù kemm-il darba kellem lin-nies fuq il-ħtieġa tat-talb, kemm-il darba wera lin-nies li għandhom jitolbu, kemm-il darba bl-eżempju tiegħu stess urihom il-ħtieġa tat-talb, u tat-talb fit-tul mingħajr qatt ma jieqfu. Iżda biex dan it-tagħlim kollu jdaħħluh f'rashom u jagħmluh, kienu meħtieġa xi ħaġa oħra aktar milli jgħidulhom biss. U din ix-xi ħaġa oħra, kienet l-istorja ta l-imħallef ħażin li għamel ħaqq ma' l-armla, mhux għax ried jagħmel ħaqq magħha, imma għax dejqitu bit-talb tagħha.

Il-bniedem hekk magħmul: aktar jibqa' jiftakar it-tagħlim li trid tagħtih, jekk tagħtihulu permezz ta' xi storja li tgħidlu. Dan Ġesù kien jafu, u dan tafu l-Knisja wkoll, u għalhekk illum, biex turina kemm għandna nitolbu mingħajr qatt ma nintelqu, għaliex Alla huwa dejjem lest jismagħna, issemmilna l-ewwel fatt mill-ħajja ta' Mose', u mbagħad l-istess parabbola li qal Ġesù lin-nies biex igħidilhom li għandhom jitolbu dejjem bla ma jaqtgħu qatt.

It-talba ta' Mose'

X'nitgħallmu mill-fatt tal-ħajja ta' Mose'? Il-Lhud kienu qegħdin jiġġieldu kontra l-Għamalekin; Mose' ħalla 'l Ġożwe' jieħu ħsieb imexxi l-Lhud fil-ġlieda, waqt li hu ma' ħuh Aron u ma' Hur, tela' fuq muntanja jitlob l-għajnuna ta' Alla. B'idejh merfugħin 'il fuq b'sinjal ta' talb Mose' sejjaħ lil Alla biex jieqaf mal-poplu tiegħu: sakemm idejn Mose' kienu merfugħin 'il fuq f'talba lil Alla, il-Lhud kienu jirbħu, iżda meta, mirbuħ bil-għeja, Mose' kien jintelaq u idejh ma kienux jibqgħu merfugħin 'il fuq, kienu jirbħu l-Għamalekin. Għalhekk, tgħidilna l-istorja, Aron u Hur, żammew idejn Mose' merfugħin 'il fuq, sa nżul ix-xemx, sakemm l-Għamalekin kollha ġew meqruda.

B'din l-istorja ta' Mose', il-Knisja ma tridx tgħidilna li biex nitolbu 'l Alla rridu nżommu idejna mgħollijin 'il fuq, kif għamel Mose' waqt il-ġlieda kontra l-Għamalekin — din kienet il-qagħda għat-talb, fl-imgħoddi, u għadha l-qagħda tas-saċerdot huwa u jgħid it-talbiet tal-Quddiesa. Bl-istorja ta' Mose', il-Knisja trid tgħidilna biex nitolbu dejjem bla ma nintelqu qatt. Kif ried igħidilna wkoll Ġesù bil-parabbola tal-imħallef ħażin.

Jekk in-nies ħżiena, igħidilna Ġesù, jaslu biex jagħmlu dak li hu tajjeb, mhux għax ikunu jridu jagħmlu t-tajjeb, imma biex jeħilsu mill-ksir ir-ras tan-nies, kemm u kemm aktar Alla li hu t-tjieba fih

innifsu, jagħtina dak li hu tajjeb, meta nitolbuhulu. Anzi Ġesù jkompli jgħidilna li Alla ma joqgħodx itawwal magħna u ma jagħtix widen minnufih għat-talbiet tagħna: Alla jisma' minnufih il-magħżulin tiegħu li lejl u nhar jifthu qalbhom miegħu u jgħidulu xi jridu.

Għaliex it-talb tagħna mhux dejjem mismugħ

Hawn wieħed għandu mnejn jistaqsi: Jekk dan minnu, għaliex mela Alla mhux dejjem jisma t-talb tagħna? għax mhux dejjem naqilgħu minn għand Alla dak li nitolbuh?

L-ewwelnett irridu naraw x'qegħdin nitolbu lil Alla; jekk qegħdin nitolbuh dak li hu ta' ġid għalina, jekk qegħdin nitolbuhulu bilmod kif għallimna l-Mulej Ġesù għas-salvazzjoni tagħna, Alla żgur jismagħna u jagħtina dak li nitolbuh, kif rajna drabi oħra. Iżda qegħdin nitolbu biżżejjed? Dan li jrid igħidilna l-Mulej illum. Jeħtieġ nitolbu, u nkomplu nitolbu, mingħajr qatt ma nintelqu; għax jekk negħjew nitolbu, jekk wara ftit żmien ta' talb nintelqu, dan ikun sinjal li ma għandniex fidi f'Alla. Jekk inqallbu l-Evanġelju kollu, jekk inkunu midħla tal-Kotba Mqaddsa u ngħożżu t-tagħlim kollu li nsibu fihom, tagħlim imnebbaħ minn Alla għall-ħtiġijiet tagħna kollha, tagħlim li l-Knisja twassalhulna permezz tal-Liturġija tal-Kelma waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa u tas-Sagramenti.

Jekk tassew aħna għandna fidi qawwija fl-għajnuna ta' Alla, qatt ma aħna se nieqfu mit-talb tagħna, għax aħna nibqgħu nemmnu u nittamaw, meta wkoll qiesu ma hemm ebda tama, li Alla b'xi mod jew ieħor se jagħtina dak li neħtieġu, għaliex aħna l-maħbubin tiegħu; u jekk dan, għalina ma jkunx hemm din iċ-ċanfira ta' Ġesù li biha jagħlaq l-Evanġelju ta' llum: "Bin il-bniedem, meta jiġi, se jsib il-fidi fuq l-art?"

Nibqgħu sħaħ fil-fidi u ma jkunx jisthoqqilna din iċ-ċanfira ta' Ġesù jekk ma naqtgħu qatt qalbna minn Alla, jekk, kif igħid San Pawl lil Timotju fit-tieni qari ta' llum, ngħixu skond ma nemmnu, jekk inkunu midħla tal-Kotba Mqaddsa u għożżu t-tagħlim kollu li nsibu fihom, tagħlim imnebbaħ minn Alla għall-ħtiġijiet tagħna kollha, tagħlim li l-Knisja twassalhulna permezz tal-Liturġija tal-Kelma waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa u tas-Sagramenti.

Illum għandna ħafna għajnuna biex inkunu midħla tal-Kotba Mqaddsa. Għandna bil-Malti t-Testment il-ġdid tal-Għaqda Biblika u dak ta' Mons Saydon ippublikat mill-MUSEUM, għandna t-Testment il-qadim ta' Mons. Saydon ippublikat ukoll mill-MUSEUM u ma jdumx ma jkollna wkoll it-Testment il-Qadim tal-Għaqda Biblika. Għandna mbagħad il-ktejjeb KLIEM IL-ĦAJJA li joħroġ kull erba' xhur b'silta kuljum mill-Kotba Mqaddsa għall-meditazzjoni tagħna. Jekk nagħmlu użu tajjeb ta' din l-għajnuna kollha li għandna ħa nkunu midħla tal-Kotba Mqaddsa, nkunu sħaħ fil-fidi, mhux biss, imma nistgħu wkoll inkunu, kif imissna nkunu, dixxipli tal-Mulej ħa nxandru fid-dinja bl-imġiba tagħna l-fidi fil-Mulej.

TALBA TAL-FIDILI

Miġburin flimkien illum f'Jum il-Mulej biex bħala l-poplu li hu kiseb għalih, nagħtuh il-qima li tistħoqqlu, ntolbuh iqawwi fina l-fidi biex nitolbu dejjem mingħajr qatt ma nintelqu.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek hija u tfissrilna l-Kotba Mqaddsa u tħeġġiġna biex nitolbu mingħajr qatt ma nintelqu.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħti widen għat-talb li b'tant ħerqa qegħdin jagħmlulek dawk kollha li ikkonsagrawlek ħajjithom, u biegħed minn fuq id-dinja kull ħsara u kul tiġrib.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma ta' dawk ħutna li tilfu l-gost tat-talb u ma għadhomx aktar jitolbu, ħa jifhmu x'siwi kbir għandu t-talb magħmul skond ir-rieda tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħmilna midħla tal-Kotba Mqaddsa tiegħek, biex nitolbu kif trid int għas-salvazzjoni tagħna.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla tagħna, int tisma t-talb tal-magħżulin tiegħek li jgħajtulek lejl u nhar u malajr tagħmlilhom ħaqq: isma' t-talb tagħna llum, u agħmel li jseħħu dawn ix-xewqat tajba tagħna. Bi Kristu Sidna.

IT-TALB MAGĦMUL BL-UMILTÀ'

Il-fidi tgħinna nkunu umli

Il-Ħadd li għadda l-Mulej Ġesù qalilna li għandna dejjem nitolbu mingħajr qatt ma nintelqu, għaliex Alla lill-magħżulin tiegħu hu dejjem jismagħhom u ma joqgħodx itawwal magħhom imma minnufih jagħmlilhom ħaqq. U għalhekk nhar il-Ħadd rajna kemm jeħtieġ li nitolbu lil Alla b'fidi sħiħa, għax hija l-fidi u l-fiduċja f'Alla li żżommna nitolbu dejjem bla ma nintelqu qatt.

Illum il-Mulej igħidilna li, biex it-talb tagħna jiġi milqugħ minnu, barra l-fidi neħtieġu wkoll l-umiltà, jiġifieri aħna u nitolbu rridu nistqarru x-xejn tagħna. Dan twassalna għalih l-istess fidi tagħna.

Il-fidi tgħidilna li aħna bil-ħila tagħna biss ma nistgħu nagħmlu xejn, l-anqas għandna l-ħila nsemmu l-isem ta' Ġesù u dan ikun jiswielna għas-salvazzjoni tagħna; il-fidi tgħidilna wkoll li kollox nistgħu nagħmlu bl-għajnuna ta' Alla, għax jekk jara ċ-ċokon tagħna, magħna s-Setgħani jagħmel ħwejjeġ kbar, kif għamel mal-Verġni Marija.

L-umiltà, jiġifieri li nagħarfu x-xejn u ċ-ċokon tagħna, jeħtieġuha, jekk irridu li Alla jisma' t-talb tagħna. Dan tgħidulna l-Knisja llum bi kliem Bin Sirak: meta l-fqajjar isejjaħ lill-Mulej, il-Mulej jisimgħu, għaliex Alla ma jagħmilx bħall-bnedmin u jħares lejn l-uċuħ: Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd, u t-talb tal-fqar, tal-maħqurin, tar-romol u ta' l-iltiema jasal quddiem għax hu ma jaħmilx id-deni kollu li jsir lill-imsejknin u lill-imwarrbin tad-dinja, lil dawk li ma għandhom lil ħadd biex jidħol għalihom u jħarishom mir-reġħba u l-moħqrija ta' dawk moħħhom biss fl-interessi tagħhom, f'dak li jaqblilhom, u ma jimpurtahom minn ħadd, basta jgawdu huma.

It-talba tal-Fariżew u dik tal-publikan

Alla jisma' t-talb tal-fqir, it-talb ta' min jagħraf iċ-ċokon tiegħu, imma jistmell it-talb ta' min hu kburi u mimli bih innifsu. Dan igħidulna Ġesù bil-parabbola ta' llum, tal-Fariżew u l-pubblikan: it-tnejn marru fit-Tempju jitolbu, imma kemm kienet differenti l-ħajja li dawk it-tnejn kienu jgħixu. Il-Fariżew kien bniedem li kien iħares il-liġi ta' Alla bir-reqqa kollha, ma kien iħalli xejn minn dak kollu li kienet tordnalu, kien iżomm ruħu 'l bogħod min-nies ħżiena u ma kienx jagħmilha magħhom; il-publikan, għall-kuntrarju, kien bniedem jiġbor it-taxxi, u forsi xi drabi ħa minn għand in-nies, aktar milli kien imissu jew għamel rapporti foloz fuqhom: kien għalhekk bniedem midneb. Imma Alla, ta' min laqa' t-talba? tal-Fariżew li kien isum darbtejn fil-ġimgħa u jħallas l-egħxur ta' kull ma jdaħħal, jew tal-publikan li kien bniedem midneb? Ġesù jweġibna u jgħidilna li kien il-publikan, u mhux il-Fariżew, li ħareġ mit-Tempju ġustifikat, jiġifieri ħabib ma' Alla. Għaliex? Għaliex it-talba tal-Fariżew ma kenitx magħmula bl-umiltà, kif kienet dik tal-publikan. Il-Fari-

żew mar jiftaħar quddiem Alla bil-qdusija tiegħu, għax kien iħares il-liġi ta' Alla bir-reqqa kollha sa l-iċken tikka, u maqdar lill-publikan bħala midneb li miegħu ma riedx jitħallat; waqt li l-publikan kollu sogħbien minħabba dnubietu, bilkemm issogra jerfa' għajnejh lejn is-sema, talab ħniena u maħfra lil Alla. U Alla l-maħfra tahielu minħabba l-umiltà tiegħu, għaliex, iġġidilna Ġesù, kull min jitkabbar jiċċekken, u kull min jiċċekken jitkabbar.

It-talba tagħna

Alla ma jaħmilhomx il-kburin, ixerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom u jgħolli ċ-ċkejknin, u lill-umli u jimliehom b'kull ġid. Jekk irridu mela li Alla jisma' t-talb tagħna, għandna nkunu nixbħu lill-publikan u mhux lill-Fariżew; nixbħu lill-publikan mhux fiddnubiet li għamel, imma fis-sogħba u l-indiema tiegħu għal dnubietu; bħall-Fariżew għandna nħarsu l-liġi kollha ta' Alla sa l-aħħar tikka tagħha, imma ma għandniex nagħmlu bħalu u niftaħru bina nfusna għax qegħdin ngħixu ħajja tajba, u nkasbru u nistmellu lill-oħrajn li m'humiex iġġixu ħajja tajba bħalna, għaliex ma jmorrux kull jum il-quddies, kif immorru aħna, għaliex ma jitolbux daqskemm nitolbu aħna, għaliex ma humiex f'xi għaqda tal-Knisja, bħalma aħna.

Jekk aħna midinbin, bħall-pubblikan, nagħmlu bħalu u nafdaw fil-ħniena u t-tjieba ta' Alla; jekk aħna qegħdin ngħixu sewwa, ma noqogħdux nitkabbru bħall-Fariżew, imma nroddu ħajr lil Alla għaliex bl-għajnuna tiegħu qegħdin inżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub u qed nagħmlu dak li jogħġob lilu.

Hekk biss it-talb tagħna jkun milqugħ minn Alla, u meta jasal il-waqt biex inħallu din id-dinja biex nirċievu l-premju tal-ħajja ta' dejjem, inkunu nistgħu ngħidu dak li San Pawl qal lill-ħabib u dixxiplu tiegħu Timotju: Tqabadt it-taqbida tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi, jiġifieri għext skond ma emmint, għamilt dak li Alla stenna minni, kont fidil lejh u fdajt dejjem fl-għajnuna tiegħu. Issa ma fadallix ħaġ'oħra ħlief nistenna l-kuruna tal-ġustizzja, il-premju tal-ħajja ta' dejjem, li l-Mulej għandu lest fis-sema, għal kull min f'din id-dinja jagħmel dejjem ir-rieda tiegħu.

TALBA TAL-FIDILI

Imbierku l-Mulej kull ħin u nfaħħruh għaliex hu jisma' t-talb tal-fqajrin tiegħu u jeħlishom minn kull tiġrib: nafdaw ruħna lill-ħniena tiegħu u nitolbuh jieqaf magħna u jħenn għalina.

Ilqa', Mulej, it-talb tal-Knisja tiegħek, u eħlisha minn kull tiġrib biex twassal il-kelma tiegħek ta faraġ lill-imsejknin u lill-maħqurin kollha.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom biex jagħarfu x-xejn tagħhom u kollhom niedma jersqu lejk, u għolli ċ-ċkejknin u imliehom b'kull ġid.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Iddawwarx wiċċek mill-foqra, isma' t-talb tal-magħkusin u l-imsejknin; żomm fi ħsiebek lil min ma għandux biex igħix u ħares lil dawk li ma għandhom lil ħadd biex jidħol għalihom.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Għallimna nagħarfu ċ-ċokon u x-xejn tagħna, biex it-talb tagħna jkun jogħġbok u niksbu minn għandek il-maħfra ta' dnubietna.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla tagħna, ieqaf magħna fil-mixi tagħna f'din id-dinja; eħlisna minn kull deni u ħarisna; żommna sħaħ fil-fidi u fl-egħmil it-tajjeb, biex meta jasal il-waqt niksbu minn għandek il-kuruna tal-glorja li hemm lesta għalina fis-sema. Bi Kristu Sidna.

IL-KOBOR TAL-ĦNIENA TA' ALLA

"Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf". Hekk għadna kemm smajna jgħidilna l-Mulej Ġesù, fi tmiem il-ġrajja ta' Zakkew, il-publikan.

Dan kellu xewqa kbira li jara lil Ġesù u meta sar jaf li Ġesù kien għaddej mit-triqat ta' Ġeriko, mar jiġri, u, għax kien qasir, tela' ma' siġra biex żgur ikun jista' jara 'l Ġesù. Zakkew qatt ma stenna li Ġesù, malli jarah, igħidlu jinżel mis-siġra għax ried jiekol għandu. U feraħ fuq li feraħ Zakkew mhux biss għax laqa' 'l Ġesù għandu, imma wisq aktar għax dik il-laqgħa tiegħu Ġesù ġibitlu s-salvazzjoni.

Il-laqgħat tagħna ma' Ġesù

Aħna u nisimgħu din il-ġrajja ta' Zakkew, forsi f'qalbna nistgħu ngħidu x'xorti kbira kellu dan il-publikan li ltaqa' ma' Ġesù u kien il-mistieden għandu. Imma kif Zakkew iltaqa' ma' Ġesù, ħekk aħna wkoll nistgħu niltaqgħu ma' Ġesù, u kif il-laqgħa ta' Zakkew ma' Ġesù ġibitlu s-salvazzjoni f'daru, ħekk jista' jiġri lilna wkoll meta niltaqgħu mal-Mulej Ġesù.

Imma kif nistgħu niltaqgħu ma' Ġesù fiż-żminijiet ta' llum? Tgħidilna l-Knisja li kull darba li aħna nersqu lejn is-sagramenti mqaddsa, aħna nkunu niltaqgħu ma' Ġesù.

L-ewwel laqgħa tagħna ma' Ġesù seħħet fil-Magħmudija tagħna, u dak in-nhar il-Mulej stess daħħalna fix-xirka tal-magħżulin tiegħu u tana li ngħixu l-istess ħajja tiegħu. Erġajna ltqajna ma' Ġesù meta rabatna aktar mal-Knisja tiegħu bis-siġill tad-don tal-Ispirtu qaddis tiegħu fil-Griżma. Ħafna minna ltaqgħu ma' Ġesù dak in-nhar li berkilhom imħabbithom u rabathom flimkien b'rabta li ma tinħall qatt, u lkoll nittamaw li meta nkunu morda b'xi marda serja l-Mulej jiġi jżurna biex ifarraġna u jqawwina fit-tiġrib tal-marda tagħna. Iżda mbagħad niltaqgħu mal-Mulej b'mod speċjali fl-Ewkaristija fejn jinsab tassew preżenti taħt ix-xbihat imqaddsa biex iqarrabna dejjem aktar lejn dik l-imħabba li hi aktar qawwija mid-dnub u jgħaqqadna miegħu u bejnietna. Niltaqgħu miegħu fl-aħħarnett fis-Sagrament tal-Penitenza biex isaffina mit-tingis tad-dnub u jġeddidna fil-ħajja kollha tagħna, u, jekk ikun meħtieġ, jerġa' jagħtina s-salvazzjoni li konna tlifna meta nkunu warrabnih fil-ġenb u minfloku għamilna l-ħlejjaq l-allat tagħna.

Il-laqgħa tagħna ma' Ġesù fis-Sagrament tal-Penitenza

Il-laqgħa tagħna ma' Ġesù fis-sagrament tal-Penitenza hija l-laqgħa li l-aktar tixbah il-laqgħa ma' Zakkew. Dan kien bin Abraham, jiġifieri wieħed mill-poplu magħżul ta' Alla, imma kien midneb għax ma kienx iħares il-liġi tal-Mulej, medhi kif kien fil-ġbir tal-flus. Bħalu, u aktar minnu, aħna mill-Poplu ta' Alla, u bħalu nkunu mid-inbin jekk niksru l-liġi ta' Alla u norbtu qalbna mal-ġid ta' l-art. U kif Alla wera ħniena ma' Zekkew, ħekk juri ħniena magħna: isejħilna

biex niltaqgħu miegħu, meta, biex bix-xewqa li narawh, xewqa li hu stess iqanqal f'ruħna, aħna nintrefgħu mill-miżerja tagħna, kif Zakkew tela' ma' siġra, biex naraw il-Mulej: niltaqgħu miegħu fis-sagrament tal-Penitenza u noqogħdu mbagħad miegħu għall-ikla li hu jħejji għalina fl-Ewkaristija.

Il-kobor tal-ħniena ta' Alla

Fis-Sagrament tal-Penitenza għandna l-akbar xhieda tal-kobor tal-ħniena ta' Alla għalina, ta' dik il-ħniena li t-tifħir tagħha smajnih fl-ewwel qari ta' llum.

X'inhu l-bniedem quddiem Alla, jekk mhux xi traba li taqleb il-miżien jew qatra nida tal-għodwa, u b'dan kollu Alla jħenn għall-bniedem u jagħlaq għajnejh għal dnubietu kollha. U kieku ma kienx hekk, min kien jista' jżomm sħiħ? Inżommu sħiħ għax għand il-Mulej hemm it-tjieba u għandu l-fidwa bil-kotra. Għalhekk iwissina u jwiddibna meta nidinbu, biex nerġgħu lura mill-ħażen tagħna: iwissina u jwiddibna bil-kelma ta' xi ħabib, permezz ta' xi omelija li nisimgħu, jew xi ħaġa li tiġrilna u b'xi fatt li nisimgħu bih — b'kollox jinqeda Alla, biex juri magħna l-kobor bla qjies tal-ħniena tiegħu. Jinqeda wkoll bit-talb tal-qaddisin, bit-talb ta' tant nies twajba li hawn fid-dinja bla heda jitolbu 'l Alla ħa jħenn għad-dinja midinba u jbiegħed minnha l-kastigi li jistħoqqilha tal-ħażen tagħha. Kif San Pawl kien jitlob għat-Tessalonkin — kif smajna fit-tieni qari ta' llum — hekk ħafna erwieħ tajba jitolbu għalina biex ngħixu skond is-sejħa tagħna ta' nsara li aħna, biex jirnexxi kull ħsieb għall-ġid li jista' jkollna, biex ngħixu skond ma nemmnu u hekk nagħtu glorja lil Alla.

Dmirna

Għandna għax inroddu ħajr lil Alla għax hemm min qiegħed jitlob għalina, iżda mbagħad ma għandniex inserrħu rasna b'dan qisu li ma hemm ebda ħtieġa għalina li nagħmlu xi ħaġa oħra. Aħna wkoll irridu nitolbu għall-oħrajn, kif ħadd ieħor qiegħed jitlob għalina; aħna wkoll bħan-nies twajba kollha għandna nkunu dejjem lesti għall-aħħar laqgħa tagħna mal-Mulej f'din id-dinja, meta jiġi għandna biex ikun l-ikel li jwettaqna fil-waqt li nħallu din l-art biex nidħlu fis-sema pajjiżna. Ma għandniex nitħawdu u ninkwietaw, bħalma għamlu t-Tessalonkin bħallikieku t-tieni miġja tal-Mulej kienet qorbot, iżda l-anqas għandna nintelqu qisu li din il-miġja qatt ma se tasal. Ma jkollniex għalfejn nitħawdu u ninkwietaw, jekk tul ħajjitna kollha f'din id-dinja, il-laqgħat tagħna mal-Mulej fis-sagramenti mqaddsa tal-Ewkaristija u tal-Penitenza jkunu ta' spiss, għax dawn il-laqgħat iżommuna dejjem imħejjija u lesti.

TALBA TAL-FIDILI

Aħna u mbierku llum l-isem qaddis ta' Alla u nroddulu ħajr għall-kobor bla qjies tal-ħniena tiegħu, nitolbuh jieqaf magħna bl-għajnuna tal-grazzja tiegħu ħalli dejjem isseħħ kull rieda tajba tagħna għall-ġid.

Wettaq, Mulej, il-Knisja tiegħek, hija u tħabbrilna l-kobor bla qjies tal-ħniena tiegħek għalina.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Qanqal fi qlub dawk li jinsabu mbegħdin minnek, xewqa kbira li jiltaqgħu miegħek, biex jiksbu minn għandek is-salvazzjoni.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħti lil dawk kollha li jsejħu ruħhom insara, il-grazzja li jkunu denji ta' din is-sejħa tagħhom billi jsebbħu l-isem qaddis tiegħek bl-egħmejjel ta' tjieba li huma jagħmlu.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Stedinna biex ta' spiss niltaqgħu miegħek fis-sagramenti mqaddsa ħa nġarrbu t-tjieba u l-ħniena tiegħek u jkollna minn għandek is-sliem u l-barka.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla tagħna, aħna nroddulek ħajr minn qalbna għall-ħniena tiegħek, għax kieku int, Mulej, tagħti każ tal-ħtijiet tagħna, ħadd minna ma jista' jżomm sħiħ; imma int lest biex taħfrilna għax il-fidwa hi għandek bil-kotra; uri għalhekk magħna l-ħniena tiegħek billi twiddibna u twissina meta nidinbu, ħa nerġgħu lura mill-ħażen tagħna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

Il-32 Hadd tas-sena

IL-HAJJA TA' DEJJEM

Hsieb ta' fara

Fl-aħħar Ħdud tas-sema tagħha, il-Knisja tistedinna biex naħsbu fuq it-tmiem ta' din id-dinja, fuq iż-żmien li fih għad tgħaddi s-sura ta' din id-dinja, u jkun hemm art ġdida u smewwiet ġodda. Dan għaliex, matul is-sena tagħha, il-Knisja tridna ngħixu l-ġrajja kollha tas-salvazzjoni tagħna, ġrajja li tilħaq il-qofol tagħha biss meta tgħaddi s-sura ta' din id-dinja u Alla jkun kollox f'kulħadd.

F'dawn l-aħħar Ħdud tas-sena tagħha, għalhekk, il-Knisja tkellimna fuq il-ħajja ta' dejjem, tqawwilna qalbna fit-tiġrib tal-ħajja tagħna fid-dinja billi tgħidilna li meta tgħaddi din id-dinja ma jkunx hemm aktar niket u biki u hemm u dwejjaq imma hena u sliem bla qjies, u tfakkarna li jekk aħna nibqgħu fidili sa l-aħħar lejn il-Mulej għad niksbu dan l-hena ta' dejjem.

Dan it-tagħlim tal-Knisja jqawwi l-qalb ta' kull min jemmen għax jurih li t-tmiem tal-ħajja f'din id-dinja huwa bidu ta' ħajja oħra li ma tintemm qatt. Imma min ma jħaddanx dan it-tagħlim tal-Knisja, jara fi tmiem il-ħajja f'din id-dinja t-tmiem ta' kollox għaliex ma jemminx f'ħajja oħra 'l hemm minn din id-dinja: dawn innies bilfors jibżgħu mill-mewt u ma jridux jaħsbu fiha u ma jridux min isemmihilhom jew iwaqqgħu għaċ-ċajt il-ħsieb tal-mewt u ta' ħajja oħra bla tmiem.

Is-Sadduċej u n-nies ta' llum

Hekk għamlu s-Sadduċej, li kienu jiċħdu l-qawmien mill-imwiet, jiġifieri kienu jaħsbu li mal-mewt jispiċċa kollox u wara l-mewt ma hemmx ħajja oħra: tant kienu medhijin bil-ġid tad-dinja, li ma kellhomx żmien jaħsbu f'dinja oħra! Dawn in-nies tant kienu ħsibijiethom marbutin mad-dinja materjali ta' madwarna, li ħsibijiethom kollha kienu biss fuq is-sess — iżewġu u jiżżewġu — u fuq il-għana u l-flus — bħall-kotra l-kbira tan-nies ta' llum. Mhux għax in-nies ta' llum ma jemmnux fil-ħajja ta' dejjem, imma għaliex in-nies ta' llum bil-ħajja li qegħdin ngħixu, qishom jiċħdu l-ħajja ta' dejjem: nixxalaw u niddevertu llum, igħidulek, għax ma nafux għada x'se jkun.

L-aħwa Makkabej

Għalhekk il-Knisja llum, hija u tfakkarna fil-ħajja ta' dejjem, tridna nwasslu l-aħbar ta' din il-ħajja lill-kotra l-kbira tal-bnedmin tad-dinja, bl-imġiba tagħna ta' nsara li aħna, bħalma għamlu s-seba' aħwa Makkadej li fuqhom kellimna l-ewwel qari ta' llum. Dawn is-seba' aħwa, flimkien ma' ommhom, sofrew kull xorta ta' tbatija u moħqrija u fl-aħħar ġarrbu l-mewt, biex ma jiksrux il-liġi ta' Alla. Kieku, ukoll għal darba biss, kielu laħam il-majjal, is-sultan Antjokju kien fiawwarhom bil-ġid u l-unuri u jagħtihom kull ma qalbhom setgħet tixtieq; imma għażlu l-mewt flok l-għana u l-

ġieħ, X'wassalhom għal dan? Kien il-ħsieb tal-qawmien mill-imwiet, il-ħsieb tal-ħajja ta' dejjem. "Ngħożżu f'qalbna t-tama li Alla għad iqajjimna mill-ġdid" wieġeb ir-raba' wieħed mill-aħwa waqt li kienu jaħqruh.

Il-ħsieb tal-ħajja ta' dejjem iqawwi n-nisrani

Huwa dan il-ħsieb tal-ħajja ta' dejjem li ta qawwa lill-martri tul iż-żminijiet kollha tal-ġrajja tal-Knisja, u ma ċaħdux il-fidi tagħhom fi Kristu quddiem it-theddid tal-ħżiena u l-moħqrija li ġarrbu. Huwa dan il-ħsieb tal-qawmien mill-imwiet li wassal qtajja kbar ta' nies biex jiċħdu lilhom infushom u kull ġid ta' l-art biex jaqdu lil ħuthom il-bnedmin l-aktar imsejkna u abbandunati u mġarrbin mill-hemm tad-dinja, b'ħajja ta' talb u ta' penitenza u ta' servizz. Huwa dan il-ħsieb li għandu jqawwilna qalbna u jfarraġna u jwettaqna f'kull egħmil tajjeb u jżommna 'l bogħod minn kull ħażen u jagħtina li nilqgħu bis-sabar kollu kull tiġrib li miegħu niltaqgħu biex nibqgħu fidili għas-sejħa tagħna ta' dixxipli ta' Kristu.

Ix-xewqa għall-ħena u s-sliem

Kull bniedem għandu fih xewqa kbira ta' ħena u sliem. Dawk li jaħsbu li wara din il-ħajja ma hemmx ħajja oħra, jippruvaw jiksbu dan il-ħena fix-xalar u d-divertimenti, fl-ikel u x-xorb, u meta jaraw dak il-ħena li jkunu ġarrbu għal xi ftit taż-żmien, imbagħad jinbidlilhom fi mrar u niket liema bħalu, jaqtgħu qalbhom u jagħtuhom għas-sokor u, llum, għad-drogi wkoll, meta ma jaslux miex ineħħu ħajjithom b'idejhom stess għax ma jaraw ebda skop għall-ħajja. Imma min jemmen, jaf li f'din id-dinja qatt ma nistgħu niksbu l-ħena u s-sliem li tant nixtiequ, u dan proprju minħabba l-istess natura tad-dinja li fiha ngħixu, għax hi dinja li tinsab taħt il-liġi tat-taħsir: kollox għad irid jintemm. Imma meta tgħaddi s-sura ta' din id-dinja, dan il-ġisem imsejken tagħna għad jilbes in-nuqqas ta' taħsir filqawmien mill-imwiet. Imbagħad, kif qal Ġesù lis-Sadduċej, inkunu bħall-Anġli tas-sema u ma nkunux nistgħu mmutu iżjed, imma nghixu għal dejjem flimkien mal-ġemgħa glorjuża tal-Appostli, malgħadd sabiħ tal-profeti, u mal-qtajja tal-martri rebbieħa kollhom bjuda, biex flimkien magħhom infaħħru l-Missier ta' kobor bla qjies, l-Iben tiegħu meqjum, veru u waħdieni, u l-Ispirtu s-Santu d-Difensur, u nagħtuhom ġieħ, glorja u sebħ għal dejjem ta' dejjem.

TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu l-Mulej Alla li jista' kollox biex iżomm il-mixi tagħna fit-triqat tiegħu, ħalli meta tgħaddi għalina s-sura ta' din id-dinja jilqagħna ma' l-Anġli tiegħu fl-għamara ta' dejjem.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek, hija u tħabbar lill-bnedmin kollha li ma għandhomx għamara għal dejjem fuq din l-art, imma hemm imhejjija għalihom għamara oħra li tibqa' għal dejjem.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma tal-kotra l-kbira tan-nies tad-dinja biex ma jħallux il-ġid ta' l-art u x-xalar bla raġan idallam fihom il-ħsieb tal-ħajja ta' dejjem.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Qawwi qalb dawk kollha li jinsabu mġarrbin mill-ħżiena minħabba l-fidi tagħhom fik, bil-ħsieb tal-premju li qiegħed jistennihom fis-sema għall-fedeltà tagħhom.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Nissel fi qlubna xewqa kbira li, meta tgħaddi għalina s-sura ta' din id-dinja, nkunu mseħbin mal-ġemgħa tal-Appostli, malgħadd tal-profeti u mal-qtajja tal-martri u l-qassisin tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla tagħna, wettaqna fil-fidi u fl-egħmejjel tajba, biex ma nitbegħdu qatt mill-ħarsien tal-liġi qaddisa tiegħek, imma nkunu dejjem fidili lejk, biex tmexxi 'l qlubna lejn l-imħabba tiegħek u s-sabar ta' Kristu, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

IT-THEJJIJA GĦAL META L-MULEJ JAGĦMEL ĦAQQ MILL-POPLI IR-REQQA

Ġesù, huwa u sejjer lejn Ġerusalem, biex hemm itemm il-missjoni tiegħu għas-salvazzjoni tad-dinja bil-mewt fuq is-salib, meta wasal qrib il-belt ġietu ħasra minnha għaliex ma għarfitx is-sinjali taż-żminijiet: lill-Appostli, msaħħrin mill-ġmiel tal-belt, u mit-tiżjin tat-Tempju, Ġesù qalilhom: "Kull ma qegħdin taraw, għad jiġi żmien li ma tibqax ġebla fuq oħra minnu li ma tiġġarrafx". U meta l-Appostli staqsew meta kienet se sseħħ il-ħerba ta' Ġerusalem, Ġesù ma qalilhomx f'liema żmien dan kellu jseħħ, imma qalilhom x'kienu se jkunu s-sinjali li juru t-tmiem tal-belt qaddisa kien fil-qrib.

Is-sinjali tal-ħerba ta' Ġerusalem

X'sinjali semma' Ġesù X'qalilhom lill-Appostli li se jiġri fiddinja qabel tiġġarraf il-belt ta' Ġerusalem?

Qalilhom li jkun hemm ħafna li jgħidu li qegħdin jitkellmu f'isem il-Mulej, imma dawn ikunu nies qarrieqa, u għalhekk wieħed ma għandux jisma' minnhom. Qalilhom li se jisimgħu bi gwerer u taqlib fil-pajjiżi, u jkun hemm ġuħ u mard li jittieħed f'ħafna bnadi tad-dinja, u fis-sema jidhru ħwejjeġ tal-biża', imma dan ma jkunx għadu t-tmiem ta' Ġerusalem. Qalilhom ukoll li qabel dan kollu huma se jiġu persegwitati bl-aħrax minħabba t-twemmin tagħhom fih, u dan mill-istess qrabathom, mill-għeżież tagħhom, imma dan ma kellux jaqtagħlhom qalbhom, għax hu kien se jkun magħhom sa l-akkar taż-żmien. Dan kollu li ħabbar Ġesù seħħ qabel il-ħerba ta' Ġerusalem, xi erbgħin sena wara li Ġesù miet għalina fuq is-salib: kif naqraw fl-Atti ta' l-Appostli l-knisja f'Ġerusalem ġarrbet persekuzzjoni ħarxa. Ġakbu hu l-Mulej ġie maqtul, San Pietru ġie mitfugħ il-ħabs minn fejn ħarġu l-anġlu tal-Mulej, u l-insara xterrdu mal-Lhudija kollha; u fl-istorja tal-Lhudija naqraw dwar ħafna nies li qalu li huma l-Messija u xewxu n-nies kontra r-Rumani li kienu jaħkmu fuq il-pajjiż u ġiebu ħerbiet kbar, u ġuħ u mard, sakemm fis-sena 70, ir-Rumani ħatfu l-belt ta' Ġerusalem u għamluha ħerba.

Is-sinjali tat-tmiem tad-dinja

Iżda Ġesù meta ħabbar it-tmiem tal-belt ta' Ġerusalem, ma kellux fi ħsiebu biss dik il-belt: il-ħerba ta' Ġerusalem, fil-ħsieb ta' Ġes6 kellha tkun xbieha u simbolu tat-tmiem tad-dinja, u dak kollu li Ġesù ħabbar li kellu jseħħ qabel it-tiġrif ta' Ġerusalem, kellu jseħħ ukoll tul iż-żminijiet kollha sa l-aħħar tad-dinja, biex ikun sinjal għalina ħalli ma nintelqux, imma nibqgħu sħaħ sa l-aħħar fil-fedeltà tagħna lejh, kif baqgħu fidili lejn l-insara ta' Ġerusalem, minkejja t-tiġrib kollu li għaddew minnu.

. . . għalliema qarrieqa

X'irid mela jgħidilna Ġesù llum bil-kliem li għadna kemm smajna fil-qari tal-Evanġelju?

Ġesù qalilna li għad jiġu ħafna f'ismu u jgħidulna li se jwasslulna l-ħelsien tiegħu, imma Ġesù qalilna biex lil dawn ma nħalluhomx iqarrqu bina. Kontra min qiegħed iwissina Ġesà? Tul iż-żminijiet kollha kien hemm min xandar tagħlim qarrieqi, min għawweġ il-messaġġ tal-Evanġelju, min qal li hu għandu l-verità u mhux il-Knisja ta' Kristu. Dan qiegħed jiġri fi żmienna wkoll: fostna wkoll qed jixterdu ideoloġiji u fehmiet li huma kontra l-Evanġelju ta' Kristu, fostna wkoll hawn min qiegħed igħid li hu ma' Kristu imma kontra l-Knisja tiegħu, fostna wkoll hawn min irid jagħti tifsir lill-Evanġelju ta' Kristu li jmur kontra t-tifsir veru li tagħtih il-Knisja. Kontra dawn in-nies iwissina Ġesù llum, u jgħidilna noqogħdu attenti biex ma jqarrqux bina u jtellfulna l-fidi nisranija li writna mingħand missirijietna.

. . . gwerer u taqlib

Ġesù qalilna li jkun hawn gwerer u taqlib fil-pajjiżi u ġuħ u mard: il-ġrajja kollha tal-bniedem fid-dinja, f'kull żmien, hija ġrajja ta' gwerer u ta' taqlib, li jġibu magħhom ġuħ u mard u ħerbiet liema bħalhom, għaliex il-bnedmin tad-dinja, għalkemm għandhom fuq fommhom il-kelma "paċi", mhux il-vera paċi jridu, imma li jġibu 'l quddiem biss l-interessi tagħhom u ma jimportahom minn xejn iżjed; u biex dan jiksbuh, jaslu biex ikasbru d-drittijiet tal-oħrajn u saħansitra l-istess dinjità ta' ħuthom il-bnedmin.

. . . persekuzzjonijiet

Għalhekk il-persekuzzjonijiet. Il-ħżiena ma jaħmlux il-bniedem ġust li l-imġiba tiegħu hi fiha nfisha ċanfira iebsa għall-egħmejjel kollha tagħhom, u għalhekk jippersegwitawh. Għalhekk ġie msallab Ġesù; għalhekk il-Knisja tul iż-żminijiet kollha ġarrbet persekuzzjonijiet kbar, u għadha ġġarrabhom ukoll fiż-żminijiet ta' llum.

Imma x'jgħidilna l-Mulej?

Il-Mulej Ġesù jgħidilna biex ma naqtgħux qalbna mit-tiġrib kollu li jista' jiġi fuqna minħabba fih. Biex nibqgħu fidili lejn, għandna nkunu lesti nissagrifikaw kollox, sa l-istess ħajjitna.

Fedeltà lejn il-Mulej

Iżda x'jiġifieri nkunu fidili lejn il-Mulej? Il-fedeltà tagħna lejn il-Mulej nuruha permezz ta' konstitenza fil-ħajja tagħna, jiġifieri jekk dejjem u f'kull imkien aħna nġibu ruħna skond ma nemmnu. Jekk jien verament nisrani, egħmil kontra l-ġustizzja, kontra l-verità, egħmil fih innifsu ħażin, ma għandi qatt nagħmlu, u ma nfittix li nserraħ il-kuxjenza tiegħi billi ngħid li jien m'inix responsabbli għaliex ordnaħuli ħaddieħor! Jekk jien verament nisrani ma għandiex nitgħażżen u ninħela fix-xejn, għax kulħadd qiegħed jagħmel hekk, imma bħala nisrani veru għandi dejjem naqdi d-dmiri-

jiet kollha tiegħi bir-reqqa kollha skond il-verità u l-ġustizzja. Jekk jien verament nisrani ma għandix noqgħod nistrieħ fuq ħadd ieħor, u nistenna lil ħaddieħor jagħti hu xhieda ta' fidi nisranija quddiem id-dinja, u jiena noqgħod magħluq fiha nnifsi biex noqgħod fil-kwiet.

In-nisrani ma għandux jibża' li juri li hu nisrani quddiem id-dinja: ma għandux jibża' jistqarr il-fidi tiegħu fil-Mulej. Meta dan, għan-nisrani, fl-aħħar tad-dinja, kif ħabbar il-profeta Malakija, tfeġġ ix-xemx tal-ġustizzja, għaliex għalih it-tmiem tad-dinja jkun il-bidu ta' hena bla qjies, il-premju mhejji għalih, għall-fedeltà tiegħu; waqt li għall-oħrajn, għal dawk li ma wrewx konsistenza f'ħajjithom, li beżgħu jistqarru l-fidi tagħhom fi żmien it-tiġrib, għalihom il-Jum li fih Alla jiġi jagħmel ħaqq mill-popli bir-reqqa, ikun jum jaqbad qisu forn, jum ta' biża' u jum ta' qilla. Jalla dan ma jkunx għal ħadd minna! Jalla lkoll kemm aħna nkunu dejjem fidili lejn il-Mulej biex, meta jiġi, jilqagħna miegħu fl-għamajjar ta' dejjem.

TALBA TAL-FIDILI

Aħna u niftakru llum li l-Mulej għad irid jerġa' jiġi biex jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja, nitolbuh iwettaqna bil-grazzji tiegħu biex nibqgħu dejjem fidili lejh u ma nibżgħu nagħtu qatt xhieda tiegħu quddiem id-dinja.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek, u eħlisha minn kull tiġrib u minn kull persekuzzjoni tal-ħżiena.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Tħallix il-poplu li int ksibt għalik f dawn il-gżejjer jiġi mqarraq minn ideoloġiji u tagħlim li m'huwiex l-Evanġelju tiegħek, kif tgħallmu l-Knisja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Biegħed mid-dinja l-ġuħ, il-mard u l-gwerer, biex il-ġnus kollha ta' l-art ikollhom ħajjithom imwettqa fis-sliem.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Tħallina qatt nitgħażżnu u ninħlew fix-xejn, imma agħtina l-grazzja li bil-ħeġġa kollha ta' qalbna nħabirku għas-salvazzjoni ta' ruħna.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla tagħna, ilqa' t-talb li qegħdin nagħmlulek illum, u meta tiġi biex tagħmel ħaqq mill-popli bis-sewwa, agħmel li titla' għalina x-xemx tal-ġustizzja li bir-raġġi tagħha tagħtina s-saħħa. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

It-34 Ħadd tas-sena

KRISTU SULTAN TAL-ĦOLQIEN KOLLU

"Imbierek min ġej f'isem il-Mulej! Imbierka s-saltna ta' David missierna li ġejja!" Ħekk kantaw it-tfal tal-Lhud meta, bil-friegħi tal-palm u taż-żebbuġ, marru jilqgħu 'l Ġesù huwa u kien dieħel fil-belt ta' Ġerusalem. U ħekk għidna aħna wkoll illum, fuq stedina tal-Knisja, biex insellmu l-Mulej Ġesù u nistennewh isemmagħlna l-Kelma setgħana tiegħu fil-qari tal-Evanġelju.

It-tfal tal-Lhud, u magħhom l-Appostli u d-dixxipli tal-Mulej, fid-daħla ta' Ġesù f'Ġerusalem, raw it-tħabbira li kien wasal għalihom il-mument li jeħilsu mill-barrani li kien jaħkem f'pajjiżhom; ħasbu li kien wasal il-waqt li fih Ġesù kien se jwaqqaf mill-ġdid fuq l-art is-saltna ta' David, saltna li kienet intemmet xi mitejn sena qabel, meta l-Lhud kollha ġew imkaxkra fl-eżilju f'Babel.

Il-Lhud kienu jafu sewwa bil-weġħda li Alla, permezz tal-profeta Natan, kien għamel lil David li s-saltna tiegħu tibqa' għal dejjem, u għaliex kienu jafu u jemmnu li Alla qatt ma kien se jonqos mill-kelma tiegħu, minn żmien l-eżilju f'Babel dejjem ittamaw li għad jasal il-mument meta jerġa' jkollhom sultan tagħhom li, kif David f'Hebron għaqqad f'saltna waħda l-ulied kollha tat-tnax-il tribù ta' Israel, hekk jerġa' jiġbor f'saltna kbira u qawwija lill-ulied kollha ta' Israel.

Dan kien qiegħed jittama l-poplu dak in-nhar li Ġesù daħal Ġerusalem, imma l-kapijiet tal-Lhud kienu qed jaħsbu mod ieħor u f'Ġesù kienu qed jaraw theddida għas-setgħa tagħhom u għalhekk lil Ġesù xlewh quddiem Pilatu bħala wieħed li kien qiegħed ixewwex lin-nies biex jagħmluh sultan tagħhom. "Jekk int teħles lil dan il-bniedem", qalu lill-Pilatu l-kapijiet tal-Lhud, "int ma tkunx aktar ħabib ta' l-imperatur". Iżda, meta mbagħad Pilatu staqsa lil Ġesù, kienx tassew sultan, x'wieġbu Ġesù: "Is-saltna tiegħi m'hijiex ta' din id-dinja".

Saltna mhux ta' din id-dinja

Din ix-xhieda ta' Ġesù, li s-saltna tiegħu m'hijiex ta' din id-dinja, iwettaqha għalina llum l-Evanġelju ta' San Luqa, li għadna kemm smejna. Lill-ħalliel it-tajjeb li talab lil Ġesù u qallu: "Ftakar fija meta tiġi fis-saltna tiegħek", Ġesù wieġbu: "Tassew, ngħidlek, illum tkun miegħi fil-Ġenna".

Is-saltna ta' Ġesù hija l-Ġenna, imma tinsab fuq l-art ukoll, għalkemm m'għandha x'taqsam xejn u ma tixbah xejn is-saltniet ta' din l-art, saltniet li huma mibnija fuq il-qawwa ta' l-armi u li jitwaqqfu u jiġġarrfu tul il-ġrajja kollha tal-bniedem fuq l-art. Is-saltna ta' Kristu tibqa' għal dejjem u ebda setgħa ta' l-art ma tista' qatt teħlibha, għaliex hi saltna ta' verità u ta' ħajja, ta' qdusija u ta' grazzja, ta' ġustizzja, imħabba u sliem. Kristu jsaltan fil-qlub ta' kull bniedem ta' rieda tajba bil-ħajja tal-grazzja li ssawbet fina fil-Magħmudija tagħna, dik il-grazzja li tagħtina l-qawwa li nkunu qaddisin u bla tebgħa quddiem Alla fl-imħabba; Kristu jsaltan fil-fehmiet tal-bnedmin kollha ta' rieda tajba bil-verità sħiħa tiegħu li

huma jilqgħu kif ixxandarhilhom il-Knisja u jħaddnuha u jgħożżuha bħala ġawhra l-aktar għażiża; Kristu jsaltan fil-qlub tal-bnedmin bil-ġustizzja u l-imħabba u s-sliem tiegħu, tant li l-bnedmin kollha ta' rieda tajba meta jfittxu kull ma hu ġustizzja u verità ta' Alla jgawdu dejjem l-hena u s-sliem tal-qalb minkejja kull tiġrib u kull inkwiet li jkunu jġarrbu.

Aħna nistgħu nkunu fost dawn in-nies ta' rieda tajba, għax lilna Alla, fil-Magħmudija tagħna, ħelisna mill-ħakma tad-dlamijiet tad-dnub u tal-ħażen u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-għażiż, fis-saltna tal-ħena, d-dawl u s-sliem. Jekk aħna ngħixu skond ma wegħdna fil-Magħmudija tagħna li nżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub u l-qerq tal-ħażen u l-frugħat u ħajriet tad-dinja tad-dnub, aħna qegħdin ingawdu minn issa, f'din id-dinja stess, l-ħena u s-sliem tas-saltna ta' Kristu, għax Kristu qiegħed isaltan fi qlubna bil-grazzja u l-verità u l-qdusija tiegħu.

Inroddu ħajr

Nilqgħu mela l-istedina li qiegħda tagħmlilna l-Knisja llum biex inroddu ħajr lill-Missier Alla li jista' kollox, li tana l-grazzja li jkun jisthoqqilna nkunu membri tas-saltna ta' Kristu. Inroddu ħajr lil Kristu l-Mulej għaliex din il-grazzja aħna ksibniha bil-Passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet. Hu l-Iben il-Waħdieni tal-Missier, Alla minn Alla, Dawl minn Dawl, Alla veru minn Alla veru, imnissel mhux magħmul, natura waħda mal-Missier; bih sar kollox, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx, troni, ħakmiet, prinċipati u setgħat; għalih sar kollox u bih kollox qiegħed iożmm. Hu niżel mis-smewwiet għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna u ħa ġisem bil-qawwa tal- Ispirtu s-Santu minn Marija Verġni u sar bniedem. Bata u miet għalina u bid-demm li hu xerred għalina fuq issalib ġab mill-ġdid is-sliem bejn l-art u s-sema għax reġa' ħabbeb il-bnedmin bejniethom u ma' Alla, u hekk sar awtur tas-salvazzjoni għal dawk kollha li jemmnu fih li hu, permezz tal-Magħmudija, iseħħibhom miegħu u jagħmilhom membri tal-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja u hekk idaħħalhom fis-Saltna tiegħu ta' mħabba, ġustizzja u sliem.

U mar-radd ta' ħajr tagħna, nagħtuh ukoll il-qima tagħna aħna u nistennew il-waqt li fih is-saltna tiegħu tidher fil-ġmiel kollu tagħha, u hu jkun l-ewwel f'kollox, u Alla jkun kollox f'kulħadd.

Kristu hu s-sultan tal-ħolqien kollu: hu qabel kollox u kollox bih qiegħed iżomm. Nersqu quddiem il-kobor tiegħu bil-qima kollha u b'sentimenti ta' radd il-ħajr, aħna u ngħidulu:

Mulej Ġesù, tiġi saltnatek.

Mulej Ġesù, iġbor fil-Knisja tiegħek, is-saltna li tak il-Missier, il-bnedmin kollha ta' rieda tajba, ħalli jagħarfu fik ir-Ras tagħhom.

Mulej Ġesù, tiġi saltnatek.

Prinċep tal-paċi, eqred l-armi qerrieda tal-gwerra minn fuq wiċċ l-art, u tkellem fuq is-sliem mal-ġnus u l-popli kollha.

Mulej Ġesù, tiġi saltnatek.

Salvatur tad-dinja, ħu ħsieb il-poplu kollu tiegħek u salva l-qawwi u d-dgħajfa, l-imxerrda u l-mitlufin, l-imbiegħda u lil min tilef it-tama.

Mulej Ġesù, tiġi saltnatek.

O Ragħaj kbir tagħna, iġbor in-ngħaġ tiegħek mid-dinja kollha f'merħla waħda u qegħdhom fil-mergħat tiegħek ħa jsibu ikel kotran li jsalvahom.

Mulej Ġesù, tiġi saltnatek.

Mgħallem tagħna, int daħħaltna fis-saltna tiegħek: agħmel li ngħaddu din il-ġurnata u l-jiem kollha ta ħajjitna bil-qdusija u bla tebgħa quddiemek, fl-imħabba.

Mulej Ġesù, tiġi saltnatek.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, int il-kbir fost il-ħlejjaq kollha, fik tgħammar il-milja kollha tad-divinità, int il-bidu, il-kbir li qomt mill-imwiet: ġedded kollox bis-setgħa u l-qawwa tiegħek u mexxina int sa ma naslu fis-saltna li int ħejjejt għalina sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

XANDRU BIL-BERH DIN IS-SENA TA' GRAZZJA TAL-MULEJ

"Kull bniedem jeħtieġ is-salvazzjoni". Irid jew ma jridx, kull bniedem huwa wieħed mill-fqar, mill-għomja, mill-maħqurin, li fuqhom jitkellem il-profeta. Dan għaliex il-bniedem hu fqir minn natura tiegħu stess bħala maħluq, minħabba n-nuqqasijiet kollha li bihom hu mġarrab; hu wkoll miexi, mingħajr ma jaf fejn, fi dlamijiet li jfixklu l-mixi tal-intelliġenza tiegħu, kollha għatx għall-verità; u fuq kollox hu mgħobbi bil-piż tax-xkiel tqil tan-natura dgħajfa tiegħu li twasslu biex jaċċetta, fl-imġiba kollha tiegħu, kull xorta ta' kompromessi li jbaxxuh. Il-bniedem hu lsir tal-ħażen, u dan irridu nagħarfu mingħajr tlaqliq. Iżda fl-istess ħin aħna nagħtu xhieda quddiem id-dinja ta' llum tal-ġrajja ta' l-għaġeb li ġabet bidla sħiħa fl-istorja tal-bnedmin. "Kristu miet għall-dnubietna u ġie mqajjem mill-imwiet għall-ġustifikazzjoni tagħna" (Ara Rum 4,25). Fil-Mulej Ġesù, il-bniedem ġie meħlus mis-suriet kollha tal-jasar li fihom kien, u kiseb il-ħena tal-ħbiberija sħiħa ma' Alla.

Dan hu t-tifsir l-aktar għoli tal-Ġublew: egħluq l-1950 sena minn mindu seħħet il-ġrajja li tat mill-ġdid it-tama lid-dinja, kien jixraq li l-Knisja, b'sens ta' qima u ta' radd il-ħajr, tinxteħet f'riglejn il-Mulej u tikkontempla "l-marki ta' l-imsiemer", u l-"ferita ta' ġenbu" (Ara Ġw 20, 20,25,27) u tara fid-Demm li ħareġ minn dawk il-pjagi l-"ħasil" li "saffiha", u neħħielha "kull tebgħa u tikmixa u xejn minn dan", u għamilha "qaddisa u bla tmaqdir" (ara Ef 5,26 ss).

Fl-aħħar mill-aħħar kull Ġublew iwassal biex l-insara jagħarfu b'mod aktar ħaj il-fidwa li kiseb Kristu, u hekk jitkebbsu bix-xewqa li jimlew dejjem aktar l-ilmijiet mill-għajn safja tad-Demm li hu xerred fuq is-salib. Tul l-istorja, mill-ewwel Ġublew tas-sena 1300, iċ-ċelebrazzjonijiet imqaddsa li saru f'dawn l-okkażjonijiet għalkemm f'suriet mhux dejjem l-istess, dejjem kellhom dimensjoni li qatt ma tbiddlet: il-ħerqa għall-grazzja ta' maħfra sħiħa bissaħħa tal-merti tal-Fidwa mogħtijin b'mod aktar kotran. L-għerq ta' din il-ħerqa hija l-fidi qawwija fil-ħniena bla qjies li Alla wera fuq il-Kalvarju permezz tas-sagrifi..ju ta' Ibnu l-waħdieni. Hemm ukoll il-fiduċja fil-"ministeru tal-ħbiberija ma' Alla" (2 Kor 5,18), li Kristu ried jafda lill-Knisja għat-tiġdid spiritwali tal-bnedmin kollha. Il-qofol ta' kull Sena Mqaddsa hu proprju dan il-moviment spiritwali ta' fidi u ta' tama li jwassal lil dawk kollha li jemmnu biex, b'ħeġġa akbar, jersqu lejn Kristu l-Feddej li, permezz tal-Knisja, ikompli jħoll mill-irbit tad-dnub lil dawk li għadhom imjassrin minnu.

Dan mela għandu jkun it-tħassib ewlieni tagħkom tul dawn ix-xhur li ġejjin; ħabbru bil-ferħ lill-komunitajiet fdati lilkom din "is-sena ta' grazzja tal-Mulej" (Lq 4,19). Nerġgħu ntennu l-kelma li Kristu qal fis-sinagoga ta' Nazaret. In-nies ta' żmienna jeħtieġ jerġgħu jisimgħu, bil-qawwa li tiġi mill-Ispirtu, il-kelma profetika tal-akkuża u tal-weġħda, tas-sejħa u tat-tama. B'mod speċjali jeħtieġu jisimgħu b'qawwa akbar li fi Kristu "seħħet l-Iskrittura kollha" (Ara Lq 4,21) għaliex hu l-Feddej imħabbar mill-profeti ta' l-imgħoddi, il-mistenni, forsi wkoll mingħajr ma jafu, minn kull bniedem maħkum mid-dnub.

Tibżgħux tistiednu n-nies tal-lum ħa jagħarfu x'inhuma r-responsabiltajiet morali tagħhom. Fost id-deni kollu li qiegħda ġġarrab id-dinja tal-lum, l-aktar li jħassbek hu li ddgħajjef b'mod tal-biża' s-sens tal-ħażen. Għal xi whud il-kelma "dnub" hi kelma vojta li taħbi psikoloġija marida li trid titfejjaq b'kura medika xierqa. Għal oħrajn id-dnub mhux ħlief inġustizzja soċjali, ġejja minnuqqasijiet tas-"sistema" li, ħtija tagħha, huma dawk li qegħdin jgħinu biex is"sistema" tibqa'. Għal oħrajn imbagħad id-dnub hu xi ħaġa li ma tistax teħles minnha, li ġejja mill-ġibdiet tan-natura tagħna li ma nistgħux nikkontrollawhom, u għalhekk m'aħniex ħatja għax mhux responsabbli tagħhom. Fl-aħħarnett hemm dawk li, jafu iva x'inhu sewwa d-dnub, imma jfissru kif jogħġobhom il-liġi morali, jitbiegħu mit-tagħlim tal-Maġisteru tal-Knisja, u jħaddnu f'kull ħaġa l-mentalità permissiva tad-dinja ta' llum.

Meta nqisu dawn il-fehmiet kollha, nintebħu kemm hi ħaġa iebsa tasal li jkollok sens veru ta' x'inhu d-dnub, meta tagħlaq għajnejk għad-dawl li jiġi mill-Kelma ta' Alla. Meta wieħed jistrieħ biss fuq il-bniedem, bin-nuqqasijiet u preġudizzji tiegħu kollha, jasal biex jikseb suriet ta' "ħelsien" li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu biex iħejju suriet ġodda u wisq aktar iebsa ta' jasar morali.

Jeħtieġ nisimgħu mill-ġdid il-kelma li biha Alla jqiegħed quddiemna "il-ħajja u l-ġid, il-mewt u d-deni", u jistedinna biex "nimxu fi triqatu u nħarsu l-kmandamenti u l-liġijiet u l-preċetti tiegħu", ħalli hekk naslu għall-ħajja, aħna, u kull min jiġi warajna (Ara Dewt 30,15 ss).

Aħna u nistiednu 'l dawk li jemmnu biex jifhmu aktar x'inhu d-dnub, irridu wkoll inħabbrulhom il-ħniena li Alla tana xhieda tagħha meta ta lil Ibnu stess għalina. Dwar dan, għandna ninsistu fuq l-eżempju li tagħtina l-katekeżi ta' San Pietru fid-diskorsi tiegħu linnies ta' Ġerusalem u quddiem il-membri tas-Sanhedrin stess. Il-kap tal-kulleġġ tal-Appostli huwa u jfakkar lill-kbarat tal-Lhud fir-responsabbiltà tagħhom għall-mewt ta' Ġesù, igħidilhom: "Intom qtiltuh billi dendiltuh ma' għuda" (Ara Atti 5,30). Akkużahom ċar u tond bla tlaqliq; iżda t-tħabbira tal-maħfra li għamel minnufih kienet ukoll bla tlaqliq: "Alla għollieh bil-leminija tiegħu u għamlu kap u salvatur, biex jagħti lil Israel -indiema u -maħfra tad-dnubiet" (Atti 5,31).

F'din is-sena tal-Ġublew irridu nkunu ħabbara kollna ħeġġa biex nuru n-nuqqas ta' sabar ta' Alla li jrid jerġa' jħabbeb miegħu f'Ibnu l-waħdieni lil ulied adottivi tiegħu li tbiegħdu minnu. Għal dan, għandu jimbuttana s-Sinodu li jmiss ta' l-isqfijiet: ma' tulu l-Knisja se tieqaf taħseb proprju fuq ir-*Rikonċiljazzjoni u l-Penitenza* ħalli tagħraf liema huma l-aħjar triqat biex minnhom tersaq lejn il-bnedmin tal-lum ħa twasslilhom id-don hekk ta' siwi tal-maħfra ta' Alla, li tagħha għamilha ministru Kristu Rxoxt (ara Gw 20,21).

Ministri tal-ħniena ta' Alla — x'missjoni għolja din! u x'qadi liema bħalu għall-kobor tal-komunitajiet tagħna! Dawk li kapaċi jidħlu fihom infushom jaslu biex jagħarfu l-ħtieġa li jkunu maħfura biex jitgħallmu jaħfru, il-ħtieġa li jiksbu mill-ġdid il-ħajja ta' Alla biex iħarsu u jġibu 'l quddiem il-ħajja fis-suriet kollha li fihom tidher, u fl-aħħarnett il-ħtieġa li jerġgħu jitwasslu lura għax-xirka mal-Missier ħa jibnu għaqda veru li ma twarrab lil ħadd u ma tagħmel ebda kondizzjoni lil ħadd.

Bennejja ta' l-għaqda. Il-kliem ifakkarni fis-suġġett li studjajtu dawn il-ġranet: *Ewkaristija, għaqda, komunità.* Jien żgur li d-dokument li ħejjejtu jiġbor fih għana ta' tagħlim u ta' esperjenzi liema bħalhom u nittama li kull komunità u għaqda ekkleżjali jsibu fih kull ma jeħtieġu ħa jimbuttahom biex jiċċelebraw u jgħixu b'mod dejjem aktar xieraq il-misteru tal-Ewkaristija, li bit-tishib fih timbena dik ix-xirka ta' mħabba li hi r-ruħ tal-komunità nisranija.

Kif ma tiftakarx f'dik ir-rabta kbira li Missirijiet il-Knisja raw bejn il-ġisem ewkaristiku u l-ġisem mistiku ta' Kristu u waslu biex iqisuhom l-istess ħaġa? qiegħed naħseb bħalissa fil-kliem qawwi, mimli fehmiet teoloġiċi, li bihom Santu Wistin kien ikellem l-insara tiegħu: "Jekk intom il-ġisem ta' Kristu u membri tiegħu, il-misteru tagħkom jinsab fil-mejda tal-Mulej: ħudu l-misteru tagħkom.... Kunu dak li taraw u ħudu dak li intom" (Sermo 227).

Fuq il-*mejda tal-Mulej* issir l-offerta tas-sagrifiċċju, li bih Kristu fdiena. Meta l-insara ta' kull żmien u ta' kull imkien, jieħdu sehem fih, jafu li qed jintrabtu li jgħixu ħajja bla għajb, biex hekk jaslu għall-milja tiegħu, is-sebħ tal-Għid tal-qawmien.

Iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika jippresediha s-saċerdot "in persona Christi", huwa u jwettaq il-kmandament li Kristu ta lill-Appostli fl-aħħar ikla tiegħu magħhom: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (Lq 22,19); ara I Kor 11,25). Kif ma tarawx f'dan, rifless tal-istruttura ġerarkika tal-Knisja, mibnija minn Kristu fuq "is-sisien ta' l-Appostli" (Ef 3,20) u mżejna b'għadd ta' ministeri magħżulin minn xulxin, iżda kollha magħqudin f'ġisem wieħed (Ara I Kor 12)?

Fl-ikla ewkaristika il-ħobż *jinqasam u jingħata* biex kulħadd jiekol b'radd il-ħajr. Mgħallma minn San Pawl, (I Kor 10,6 ss) il-Knisja dejjem rat, f'dan il-misteru tal-għaqda, l-bidu u l-għajn tal-għaqda fid-dehra tagħha wkoll quddiem id-dinja, u għalhekk dejjem ħasset li ma tistax tkompli tissieħeb fil-qsim tal-ħobż ma' dawk li

kisru r-rabta sħiħa tal-għaqda tal-komunità. U meta fl-aħħarnett Ġesù ħabbar li mhux se jixrob aktar mill-frott tad-dielja sa dak innhar li jixorbu ġdid fis-saltna ta' Alla (ara Mk 14. 25), hu wera d-dimensjoni eskatoloġika tal-misteru tal-Ewkaristija, dimensjoni li l-Knisja taf sewwa li hi parti essenzjali tal-ħajja tagħha f'dan il-mument li jinsab bejn l-"issa" li fih seħħu l-weġdiet li saru, u il-"mhux għalissa" tal-veritajiet ta' dejjem. Il-Knisja għalhekk tiċċelebra l-Ewkaristija fost it-taqlib kollu ta' din id-dinja li tgħaddi (Ara I Kor 7,31) bħala "tħabbira tal-mewt tal-Mulej sa ma jiġi" (Ara I Kor 11,26) u tfarraġ lil dawk kollha li fil-mixi tagħhom jinsabu "imħabbtin u mtaqqlin" (Mt 11,28) billi tagħtihom "ir-rahan tal-ħajja ta' dejjem".

Miġburin f'din il-Bażilka fejn hawn il-fdal tal-Appostlu San Pietru, aħna wkoll "naqsmu l-ħobż" f'xirka waħda ta' mħabba bħal aħwa, bil-ħarsa tagħna lejn il-post fejn għad irridu mmorru u fejn ġa waslu tant ħutna, u nitolbu lill-Feddej tad-dinja biex "jiftakar fil-Knisja tiegħu, jeħlisha minn kull deni, isaħħaħha fl-imħabba u jiġborha mill-erbat irjieħ fis-saltna li ħejja għaliha" (Didake 10,5).

Nafu kemm aħna dgħajfa imma bi kliem il-Liturġija nistqarru: "Int,.Mulej, il-qawwa tagħna", u ma naqtgħux qalbna mid-diffikultajiet li jfixklu l-mixi tagħna, imma bil-qawwa kollha ntennu bla ma nieqfu: "Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej: hieni l-bniedem li jistkenn fih".

Dina hi x-xhieda li tridu tagħtu quddiem l-insara tagħkom. Il-poplu nisrani, qatt aktar milli f'din is-sena, se jara u jipprova kemm hu tajjeb il-Mulej. Intom u tiċċelebraw l-Ewkaristija fil-komunitajiet fdati f'idejkom, stiednu lil kulħadd jagħraf ħtijietu, biex tkunu tistgħu tagħtu lil kulħadd li jġarrab l-ħena tal-maħfra ta' Alla, intom hu tistidnuhom jissieħbu ma' l-aħwa madwar il-"mejda tal-Mulej" fejn, bit-tisħib fil-"qsim tal-ħobż" timbena l-Knisja ta' Kristu. Ħabbru lil kulħadd din "is-sena ta' grazzja tal-Mulej" billi tagħtu lil kull raġel u lil kull mara ta' rieda tajba l-okkażjoni li jiltaqgħu ma' Kristu u jaraw l-"issa" tal-ħajja tagħhom f'din id-dinja fil-preżenza fejjieda ta' Dak li fih seħħ dak kollu li hemm fl-Iskrittura. Amen.

DISKORS TAL-PAPA LILL-KUNSILL TA' L-GĦAQDA DINJIJA TAL-GĦALLIEMA KATTOLIĊI

Sur President,

Sinjuri,

Grazzi taż-żjara tagħkom. Nitlobkom tilqgħu x-xewqat tiegħi għall-Kunsill tagħkom ta' l-Għaqda dinjija tal-għalliema kattoliċi, kunsill li ġie mġedded f'Lulju li għadda waqt il-kungress li sar f'Innsbruck.

Intom tixtiequ tisimgħu l-kliem tiegħi ħa nħeġġiġkom. U jien dan nagħmlu bil-ferħ kollu, ukoll jekk jien magħfus biż-żmien u għalhekk se nkellimkom fil-qasir.

Hemm għalfejn noqgħod nuri x'inhu s-siwi u kif inhu mxerred mal-kontinenti kollha t-tagħlim kattoliku? u ngħid, bil-qawwa kollha, kemm dan it-tagħlim jagħti sodisfazzjon lill-familji li, bla xkiel, jistgħu jagħmlu din l-għażla għal uliedhom? Veru li hemm, bejn pajjiż u ieħor u wkoll fi ħdan l-istess nazzjon, varjazzjonijiet dwar il-qagħda ġuridika, dwar il-possibiltajiet li fil-fatt it-tagħlim kattoliku għandu biex jaqdi dmiru, u dwar kemm hu mxerred. Iżda qatt ma jista' jiġik f'moħħok li dan it-tagħlim jista' jiġi mwarrab millkostituzzjonijiet ta' popli ħielsa, bla ma jġib theddida tassew kbira għad-drittijiet l-aktar fondamentali tal-bniedem. Hu għalhekk li jistħoqqilhom kull tifħir u kull inkoraġġiment dawk il-gvernijiet li jaċċettaw li jkun hemm dan it-tagħlim u jagħtuh l-għajnuna tagħhom.

F'ċiviltà li xi kull tant tiġiha t-tentazzjoni u għandha l-mezzi tekniċi li tniżżel f'livell wieħed il-bniedem u s-soċjetà, hu meħtieġ ħafna — l-aktar għaż-żgħażagħ imxennqin li jkunu jafu għalfejn il-ħajja — li jkun hemm għadd mhux żgħir ta' spazji edukattivi, kemm jista' jkun mhux ċentralizzati, li jistgħu bla xkiel jippreżentaw ideal li jkun superjuri ħafna għal-livell kulturali aktarx dgħajjef ta' kulħadd. U proprju l-iskola kattolika, mingħajr ebda ħajra ta' setgħa u wisq anqas ta' trijonfaliżmu, trid fl-istess ħin tagħti tagħlim kemm jista' jkun wiesgħa u għoli, trawwem fil-ħelsien veru tal-bniedem b'mod esiġenti u perseveranti, u tħarreġ iż-żgħażagħ u t-tfal fdati lilha fl-ogħla ideal li jista' jkollhom: Ġesù Kristu u l-Bxara t-tajba tiegħu.

Nixtieq li, f'kull pajjiż li jgħid li hu marbut ma' l-ideal tad-demokrazija, u għalhekk għandu juri rispett sħiħ għall-kuxjenza ta' kull bniedem, il-pluraliżmu fl-iskejjel fl-aħħar isib it-triq ewlenija tiegħu, u jitwarrbu għal kollox it-triqat qodma ta' kontroversji barra minn żmienhom; dan ifisser li ċ-ċittadini jkollhom għażla ta' skejjel li tkun taqbel ma l-għażliet għoljin u qaddisa talkuxjenza tagħhom, u jkunu jistgħu jgħixu flimkien fis-sliem għall-

ġid tal-poplu kollu. L-istati moderni, ġeneralment organizzati tajjeb ħafna u setgħanin, m'għandhomx isawwru ċ-ċittadini tagħhom fuq sura waħda. Il-għan ta' kull stat — anzi l-veru ġieħ ta' kull stat — huwa l-qadi taċ-ċittadini b'qalb kbira u skond is-sewwa, waqt li jistenna bir-raġun kollu, minn kull ċittadin li jħares il-ġid komuni tannazzjon kollu.

F'kelma waħda, jiena qiegħed nitlob għall-pluraliżmu veru fl-iskola, organizzat tajjeb u mħares sewwa. U f'dak li għandu x'jaqsam mat-tagħlim kattoliku, nitlob li l-iskejjel kattoliċi ikunu dejjem aktar jixirqilhom dan l-isem, kull fejn jinsabu. Minn qalbi, nitlob li fuqkom, u fuq l-għalliema kattoliċi kollha tad-dinja u fuq l-istudenti tagħhom jissawbu d-doni ta' l-Ispirtu s-Santu.

NOMINI ĠODDA MILL-KURJA

Kan. VINCENZO AZZOPARDI — Kanoniku Teżorier tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfraġu, il-Belt.

Arċipriet Dun LAWRENZ MIFSUD, kanoniku onorarju tal-kolleġġjata ta' San Lawrenz Levita, Il-Birgu.

Il-Kappillan Dun ANTON GOUDER, kanoniku onorarju tal-kolleġġjata Tat-Twelid tal-Verġni Marija, l-Isla.

GHAQDA BIBLIKA

ĊIRKOLARI

GHAQDA BIBLIKA: **Il-Ktieb tas-Salmi.** Traduzzjoni bil-Malti u Kummenti minn Patri Donat Spiteri — it-tieni edizzjoni:

Prezz £M1.95

Il-Għaqda Biblika għandha l-pjaċir tħabbar it-tieni edizzjoni tal-**KTIEB TAS-SALMI** flimkien mal-**Klabb Kotba Maltin.**


Din hi t-tieni edizzjoni; l-ewwel waħda li kienet ħarġet fl-1973 spiċċat għal kollox.

Jinbigħ bil-prezz ta' £M1.95 il-wieħed; min jieħu 20 kopja f' daqqa jkollu skond ta' 20 fil-mija.

Il-Ktieb jinstab għall-bejgħ fl-uffiċċju tal-**Għaqda Biblika** — Istitut Kattoliku, il-Furjana u l-**Klabb Kotba Maltin,** 3a, Triq id-Dejqa, il-Belt, u l-ħwienet tal-Kotba.

"X'INHI L-LITURĠIJA"

• Pubblikazzjoni frott tletin sena ta' ħidma minn Mons. G. Lupi



• Il-Volum, l-ewwel wieħed minn erbgħa li beħsiebha tippubblika l-Kummissjoni Liturġika, juri x'inhi l-Liturġija u kif żviluppat ruħha tul iż-żmien.

• Il-ktieb jista' jiġi miksub mill-Media Centre, Kurja ta' l-Arċisqof u l-Istitut Kattoliku.